2 1 0 3 Informatika u telekomunikazzjonijiet: attivitajiet rikorrenti ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet ICT

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
18 920 365	18 380 809	16 841 575,41

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq ix-xiri, il-kiri, iż-żamma u l-manutenzjoni tal-ħardwer u tas-softwer u x-xogħol marbut magħhom, kif ukoll in-nefqa fuq l-assistenza ta' kumpaniji ta' servizzi u ta' konsulenti għall-attivitajiet rikorrenti ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet ICT fl-istituzzjoni. Dawn l-ispejjeż jirrigwardaw partikolarment l-applikazzjonijiet relatati mal-Membri, dawk relatati mal-komunikazzjoni, kif ukoll l-applikazzjonijiet amministrattivi u leġiżlattivi.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll l-ispejjeż rigward l-għodda tal-ICT ffinanzjati b'mod konġunt fil-qafas tal-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam tal-lingwi, wara d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 32 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 0 *(ikompli)*

2 1 0 4 Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fl-infrastrutturi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
21 824 135	21 173 000	19 352 736,86

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xiri ta' ta' hardware u ta' software u mal-assistenza esterna minn entitajiet ta' servizzi u konsulenti tal-informatika għall-investimenti relatati mal-infrastruttura tas-sistema tal-informatika u ta' telekomunikazzjonijiet tal-Parlament Ewropew. L-investimenti jirrigwardaw partikolarment is-sistemi taċ-ċentru tal-informatika u ta' telekomunikazzjonijiet, in-netwerks, il-kejbils, kif ukoll is-sistemi ta' vidjokonferenzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 30 000.

2 1 0 5 Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fil-proġetti

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
24 288 310	15 454 750	12 213 961,44

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xiri ta' hardware u ta' software kif ukoll l-ispejjeż ta' assistenza ta' kumpaniji ta' servizzi u ta' konsulenza għall-investimenti relatati mal-proġetti ICT eżistenti jew ġodda. L-investimenti jirrigwardaw partikolarment applikazzjonijiet relatati mal-Membri Parlamentari, l-applikazzjonijiet tal-qasam leġiżlattiv, amministrattiv u finanzjarju kif ukoll dawk relatati mal-governanza tal-ICT.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 2 000.

2 1 2 ***Għamara***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 014 000	3 007 000	3 168 096,49

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-kiri, iż-żamma u t-tiswija ta' għamara, b'mod partikulari x-xiri ta' għamara ergonomika tal-uffiċini, is-sostituzzjoni ta' għamara antikwata u bla użu kif ukoll magni tal-uffiċini. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż differenti ta' ġestjoni tal-beni mobbli tal-Parlament Ewropew.

Rigward ix-xogħlijiet tal-arti, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kemm in-nefqa għall-akkwist u n-nefqa għax-xiri ta' materjal speċifiku, kif ukoll l-ispejjeż kurrenti marbuta magħhom, bħall-ispejjeż għal konsulenza, konservazzjoni, gwarniċi, restawr, tindif u assikurazzjoni, kif ukoll spejjeż għat-trasport okkażjonali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 4 Materjal u installazzjonijiet tekniċi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
30 868 100	24 159 090	19 365 043,88

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba għax-xiri, il-kiri, iż-żamma u t-tiswija ta' materjal u ta' installazzjonijiet tekniċi kif ukoll għall-ġestjoni tagħhom, b'mod partikulari:

— bosta tipi ta' materjal u ta' installazzjonijiet tekniċi, fissi jew mobbli, marbuta mal-pubblikazzjoni, is-sigurtà (inkluż is-softwer), il-kantins, il-bini, eċċ.,

— tagħmir, b'mod partikulari tat-tipografija, tas-servizz tat-telefon, tal-kantins, tal-ħwienet, tas-sigurtà, tas-servizz tekniku tal-konferenzi, tas-settur awdjoviżiv, eċċ.,

— materjal speċjali (elettroniku, informatiku, elettriku) flimkien mas-servizzi esterni relatati,

— taż-żewġ linji tat-telefon supplimentari li, fuq talba, iridu jiġu installati fl-uffiċini tal-Membri.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-ispejjeż għar-riklamar għall-bejgħ mill-ġdid u għall-iskrappjar ta' oġġetti li m'għadhomx jaħdmu kif ukoll l-ispejjeż marbutin mal-assistenza teknika (konsultazzjoni) għal dossiers li jeħtieġu għarfien espert estern.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 135 000.

2 1 6 Trasport ta' Membri, persuni oħra u ta' beni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 682 000	6 989 000	4 961 174,18

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, iż-żamma, l-użu u t-tiswija ta' vetturi (il-flotta tal-karozzi u tarroti) u l-kiri ta' vetturi, taksis, kowċis u trakkijiet, b'sewwieq jew mingħajru, inkluża l-assikurazzjoni li tikkorrespondi ma' dawn u spejjeż oħra ta' ġestjoni. Meta tiġġedded il-flotta tal-karozzi u meta jinxtraw jew jinkrew il-vetturi, tingħata preferenza għall-vetturi li l-inqas iħammġu, bħall-vetturi ibridi.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100 000.

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI

Kummenti

Fil-qasam tas-akkwist pubbliku, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali miksuba minn kull istituzzjoni individwali.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI *(ikompli)*

2 3 0 Kanċellerija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 756 000	2 263 000	1 463 016,51

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri ta' karti, invilopps, għamara tal-uffiċini, prodotti għall-istamperija u għall-istudjows tar-riproduzzjoni, eċċ. kif ukoll l-ispejjeż ta' ġestjoni f'dan ir-rigward.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 2 500.

2 3 1 Tariffi finanzjarji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
40 000	40 000	19 598,46

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż bankarji (prijmjums, prijmjums ta' skambju, spejjeż diversi) u l-ispejjeż finanzjarji l-oħra, fosthom l-ispejjeż marbuta mal-iffinanzjar tal-bini.

2 3 2 Spejjeż legali u ħsarat

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 110 000	1 035 000	842 916,34

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż li l-Parlament Ewropew jista' jiġi obbligat iħallas mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Qorti Ġenerali, mit-Tribunal tas-Servizz Ċivili jew mill-qrati nazzjonali,

— in-nefqiet għas-servizzi ta' avukati esterni li jirrappreżentaw lill-Parlament Ewropew fit-Tribunali tal-Unjoni u nazzjonali, kif ukoll in-nefqiet għas-servizzi ta' konsulenti legali jew esperti biex jgħinu fis-servizz legali,

— ir-rifużjoni ta' nefqiet għas-servizzi ta' avukat fil-kuntest tal-proċeduri dixxiplinarji u simili,

— spejjeż ta' ħsarat u interessi,

— l-ammont ta' ħlasijiet approvati għal soluzzjoni ta' tilwimiet, skont l-applikazzjoni tal-Artikoli 91 u 92 (qabel 69 u 70) tar-Regoli ta' Proċedura tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili tal-Unjoni Ewropea.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI *(ikompli)*

2 3 6 Servizzi postali u ta' ġarr

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
303 000	355 000	297 523,89

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tariffi postali, l-ipproċessar u l-kunsinna ta' oġġetti permezz tas-servizzi postali nazzjonali jew permezz ta' kumpaniji privati tal-ġarr.

Hija wkoll maħsuba biex tkopri servizzi pprovduti fil-qasam tal-posta.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 25 000.

2 3 7 Rilokazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 440 000	1 160 000	1 512 597,25

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xogħol tar-rilokazzjoni u tal-manutenzjoni magħmula permezz ta' kumpaniji ta' rilokazzjoni jew minn persunal temporanju pprovdut minn aġenziji esterni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

2 3 8 Nefqiet amministrattivi oħra

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 093 750	946 000	688 938,55

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-assikurazzjonijiet li mhumiex stipulati b'mod speċifiku f'xi punt ieħor,

— ix-xiri u l-kura ta' uniformijiet għall-ushers, għax-xufiera, għar-receptionists, għall-ħaddiema tal-imħażen, għall-persuni li jaħdmu fil-ġarr u l-persunal impjegati fis-Servizz ta' Żjarat u Seminars, il-Parlamentarium, is-servizzi mediċi, is-servizzi ta' sigurtà, is-servizzi ta' manutenzjoni tal-bini u servizzi ta' manutenzjoni tal-bini u servizzi tekniċi differenti,

— spejjeż varji għall-operat u l-ġestjoni, xiri ta' proprjetà mobbli jew ta' servizzi mhux speċifikament previsti f'partita oħra,

— xiri varju marbut mal-attivitajiet tal-Iskema ta' Ġestjoni Ekoloġika u Verifika (EMAS) (kampanji promozzjonali, eċċ.).

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI *(ikompli)*

2 3 8 *(ikompli)*

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

2 3 9 ***L-attivitajiet tal-EMAS, inkluż il-promozzjoni, u l-iskema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
250 000	250 000	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża relatata mal-attivitajiet tal-EMAS li jfittxu li jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tal-Parlament Ewropew, inkluż il-promozzjoni ta' dawn l-attivitajiet, u għall-iskema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju.

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 3

IN-NEFQA ĠENERALI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI
KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	***Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	27 700 000	28 748 281	22 818 505,73	82,38
3 0 2	***Nefqiet għal riċevimenti u rappreżentazzjoni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 388 000	1 392 690	816 097,91	58,80
3 0 4	***Nefqiet varji għal laqgħat***				
3 0 4 0	Nefqiet varji għal laqgħat interni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 400 000	1 400 000	2 246 000,—	160,43
3 0 4 2	Laqgħat, kungressi u konferenzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 795 000	1 435 000	440 674,05	24,55
3 0 4 3	Nefqiet varji għall-organizzazzjoni ta' assemblej parlamentari, delegazzjonijiet interparlamentari u delegazzjonijiet oħra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 100 000	1 200 000	256 302,28	23,30
3 0 4 9	Nefqa għall-aġenziji tal-ivjaġġar				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 040 000	2 000 000	1 985 000,—	97,30
	Artikolu 3 0 4 — Total	6 335 000	6 035 000	4 927 976,33	77,79
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	35 423 000	36 175 971	28 562 579,97	80,63
	KAPITOLU 3 2				
3 2 0	***Akkwist tal-opinjoni tal-esperti***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	9 309 500	8 957 000	4 963 870,79	53,32
3 2 1	***Akkwist ta' appoġġ espert għas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, il-Bibljoteka u l-Arkivji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	8 829 000	9 107 200	5 876 203,82	66,56
3 2 2	***Akkwist tal-informazzjoni u arkivjar***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 217 000	2 308 000	2 464 212,10	111,15
3 2 3	***Appoġġ għad-demokrazija u l-bini ta' kapaċità għall-parlamenti ta' pajjiżi terzi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 100 000	1 340 000	512 925,74	46,63
3 2 4	***Produzzjoni u Tixrid***				
3 2 4 0	Il-Ġurnal Uffiċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 373 000	4 244 000	4 202 107,46	96,09
3 2 4 1	Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 771 000	3 705 000	3 496 946,08	92,73

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
3 2 4	*(ikompli)*				
3 2 4 2	Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	16 662 000	16 501 034	19 651 446,69	117,94
3 2 4 3	Parlamentarium — Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	6 030 000	4 150 000	4 748 380,08	78,75
3 2 4 4	L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stediniet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	30 723 500	31 739 039	27 249 058,55	88,69
3 2 4 5	L-organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 262 000	5 077 120	5 610 918,40	106,63
3 2 4 6	L-istazzjon televiżiv parlamentari (Web TV)				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 000 000	5 000 000	4 994 665,86	99,89
3 2 4 7	Id-Dar tal-Istorja Ewropea				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	6 500 000	10 000 000	9 571 045,83	147,25
3 2 4 8	In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	14 506 000	12 608 000	15 484 852,11	106,75
3 2 4 9	Skambji ta' informazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	250 000	250 000	65 334,15	26,13
	Artikolu 3 2 4 — Total	93 077 500	93 274 193	95 074 755,21	102,15
3 2 5	***In-Nefqa relatata mal-Uffiċċji tal-Informazzjoni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	900 000	700 000	980 570,90	108,95
	KAPITOLU 3 2 — TOTAL	115 433 000	115 686 393	109 872 538,56	95,18
	Titolu 3 — Total	**150 856 000**	**151 862 364**	**138 435 118,53**	**91,77**

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 3

IN-NEFQA ĠENERALI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI

3 0 0 Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
27 700 000	28 748 281	22 818 505,73

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mal-ivvjaġġar magħmul mill-persunal tal-istituzzjoni, mill-esperti nazzjonali sekondati, trainees u persunal ta' istituzzjonijiet Ewropej jew internazzjonali oħra mistiedna mill-istituzzjoni mill-post tal-impieg lejn xi wieħed mit-tliet postijiet ta' xogħol tal-Parlament Ewropew (Brussell, Lussemburgu u Strasburgu) u għal missjonijiet lejn kull post ieħor barra mit-tliet postijiet ta' xogħol. L-ispejjeż huma spejjeż tat-trasport, il-ħlas ta' allowances ta' kuljum, l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni u l-allowances ta' kumpens għal xogħol li jsir barra l-ħinijiet normali. Spejjeż supplimentari (fosthom il-kanċellazzjoni ta' biljetti tat-trasport u ta' riżervazzjonijiet ta' lukandi, l-ispejjeż marbuta mas-sistema ta' fatturazzjoni elettronika, l-ispejjeż marbuta mal-assikurazzjoni għall-missjonijiet) huma koperti wkoll.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq marbut mal-possibilità ta' kumpens għall-emissjoni tal-karbonju għall-missjonijiet u vjaġġar tal-istaff.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 240 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu u l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tiegħu.

3 0 2 Nefqiet għal riċevimenti u rappreżentazzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 388 000	1 392 690	816 097,91

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż marbuta mal-obbligi tal-istituzzjoni rigward riċevimenti, inklużi dawk tal-grupp ta' ħidma għall-Evalwazzjoni ta' Għażliet Xjentifiċi u Teknoloġiċi (il-grupp STOA), u spejjeż ta' rappreżentanza għall-Membri tal-istituzzjoni,

— l-ispejjeż ta' rappreżentanza tal-President fil-vjaġġi tiegħu barra mill-postijiet tax-xogħol,

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI *(ikompli)*

3 0 2 *(ikompli)*

— l-ispejjeż ta' rappreżentanza u kontribuzzjoni għall-infiq tas-segretarjat tal-uffiċċju tal-President,

— l-ispejjeż ta' riċeviment u ta' rappreżentanza tas-Segretarjat Ġenerali, fosthom ix-xiri ta' artikoli u ta' medalji għall-uffiċjali li laħqu l-ħmistax u/jew il-ħamsa u għoxrin sena ta' servizz,

— l-ispejjeż diversi tal-protokoll, bħal bnadar, apparat tal-wiri, kartolini ta' stedina, stampar ta' menus, eċċ.,

— spejjeż ta' vvjaġġar u sussistenza li jkollhom il-viżitaturi VIP tal-istituzzjoni,

— L-ispejjeż tal-viża tad-deputati u l-aġenti tal-Parlament Ewropew relatati mal-vjaġġi uffiċjali,

— l-ispejjeż għal riċevimenti u rappreżentazzjoni u l-ispejjeż l-oħra speċifiċi għall-Membri li għandhom funzjoni uffiċjali fi ħdan il-Parlament Ewropew.

3 0 4 ***Nefqiet varji għal laqgħat***

3 0 4 0 Nefqiet varji għal laqgħat interni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 400 000	1 400 000	2 246 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta ma' xarbiet, u kultant ikliet ħfief, servuti fil-laqgħat tal-istituzzjoni, kif ukoll il-ġestjoni ta' dawn is-servizzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

3 0 4 2 Laqgħat, kungressi u konferenzi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 795 000	1 435 000	440 674,05

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, fost l-oħrajn:

— l-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni ta' laqgħat barra mill-postijiet tax-xogħol (kumitati jew id-delegazzjonijiet tagħhom, gruppi politiċi), inklużi, fejn xieraq, spejjeż ta' rappreżentazzjoni.

— il-ħlas lill-organizzazzjonijiet internazzjonali fejn il-Parlament jew wieħed mill-organi tiegħu huwa membru (l-Unjoni Interparlamentari, l-Assoċjazzjoni tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlamenti, il-Grupp 12+ tal-Unjoni Interparlamentari).

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI *(ikompli)*

3 0 4 *(ikompli)*

3 0 4 2 *(ikompli)*

— ir-rimbors lill-Kummissjoni, abbażi ta' ftehim ta' servizz iffirmat bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, tassehem tal-Parlament mill-ispejjeż tal-produzzjoni tal-*laissez-passer* Komunitarju (tagħmir, persunal u provvisti), f'konformità mal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet (Artikolu 6), għall-Artikolu 23 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 11 u 81 tal-kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1417/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistipula l-għamla tal-*laissez-passer* maħruġ mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 26).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 20 000.

3 0 4 3 Nefqiet varji għall-organizzazzjoni ta' assemblej parlamentari, delegazzjonijiet interparlamentari u delegazzjonijiet oħra

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 100 000	1 200 000	256 302,28

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż, barra minn dawk koperti mill-Kapitolu 1 0 u l-Artikolu 3 0 0, marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat ta':

— Delegazzjonijiet lejn l-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, l-Assemblea Parlamentari EuroLat, l-Assemblea Parlamentari Euronest u l-korpi tagħhom,

— l-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran (APEM), il-kumitati u tal-Bureau tagħha, din in-nefqa tinkludi l-kontribuzzjoni tal-Parlament Ewropew għall-baġit tas-segretarjat awtonomu tal-APEM jew l-assunzjoni diretta tal-ispejjeż li tirrappreżenta l-kwota tal-Parlament Ewropew fil-baġit tal-APEM,

— id-delegazzjonijiet interparlamentari, id-delegazzjonijiet *ad hoc*, il-kumitati parlamentari mħallta, il-kumitati parlamentari ta' kooperazzjoni u d-delegazzjonijiet parlamentari għad-WTO, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-konferenza parlamentari dwar id-WTO u tal-kumitat ta' tmexxija tagħha.

3 0 4 9 Nefqa għall-aġenziji tal-ivjaġġar

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 040 000	2 000 000	1 985 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-operat tal-aġenzija tal-ivvjaġġar li għandhom kuntratt mal-Parlament Ewropew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI

3 2 0 Akkwist tal-opinjoni tal-esperti

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
9 309 500	8 957 000	4 963 870,79

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż ta' kuntratti ma' esperti kwalifikati u istituti ta' riċerka għall-istudji u l-attivitajiet l-oħra ta' riċerka (workshops, round tables, bordijiet u seduti ta' smigħ ma' esperti, konferenzi) magħmula mill-korpi tal-Parlament Ewropew, għall-kumitati parlamentari u għall-Amministrazzjoni,

— il-ksib jew il-kiri ta' sorsi ta' informazzjoni speċjalizzata, bħal databażijiet speċjalizzati, litteratura relatata jew appoġġ tekniku, meta tkun meħtieġa bħala komplement għall-kuntratti għal għarfien espert imsemmija hawn fuq,

— l-ispejjeż għall-ivvjaġġar, għas-soġġorn u nfiq ieħor tal-esperti u personalitajiet oħra — inklużi persuni li jressqu petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew — li jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fil-kumitati, fid-delegazzjonijiet u fil-gruppi ta' studju u ta' ħidma, kif ukoll fil-workshops,

— l-ispejjeż tat-tqassim ta' prodotti tar-riċerka parlamentari interna jew esterna u ta' prodotti rilevanti oħra, għall-benefiċċju tal-istituzzjoni u tal-pubbliku (b'mod partikolari permezz tal-pubblikazzjonijiet fuq l-internet, ta' bażijiet ta' data interni, fuljetti u pubblikazzjonijiet),

— l-ispejjeż sabiex jissejħu persuni esterni biex jieħdu sehem fix-xogħol ta' entitajiet bħall-Bord tad-Dixxiplina jew il-Bord Speċjalizzat dwar l-Irregolaritajiet Finanzjarji.

3 2 1 Akkwist ta' appoġġ espert għas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, il-Bibljoteka u l-Arkivji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
8 829 000	9 107 200	5 876 203,82

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq għal attivitajiet tad-DĠ EPRS, b'mod partikolari:

— l-akkwist tal-għarfien speċjalizzat u ta' sostenn għal attivitajiet ta' riċerka tal-Parlament Ewropew (inkluż artikli, studji, workshops, seminars, round tables, bordijiet ta' esperti u konferenzi), li jistgħu jsiru jekk meħtieġ flimkien ma' istituzzjonijiet oħra, organizzazzjonijiet internazzjonali, dipartimenti tar-riċerka u bibljoteki tal-parlamenti nazzjonali, gruppi ta' riflessjoni, korpi ta' riċerka u esperti kwalifikati oħra,

— l-akkwist tal-għarfien speċjalizzat fl-oqsma tal-istudju tal-impatt/valutazzjoni *ex ante u ex post*, tal-valur miżjud Ewropew, u tal-evalwazzjoni tal-Għażliet Xjentifiċi u Teknoloġiċi (STOA),

— l-akkwist jew il-kiri ta' kotba, rivisti, ġurnali, databases, prodotti tal-aġenziji tal-istamperiji u kwalunkwe appoġġ ta' informazzjoni mmirat għall-Bibljoteki f'formati differenti, inkluż l-ispejjeż tad-drittijiet tal-awtur, is-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità, il-materjali u x-xogħol tal-legatura tal-kotba u l-konservazzjoni, u ta' servizzi rilevanti oħra,

— l-ispiża tas-servizzi esterni tal-arkivjar (organizzazzjoni, għażla, deskrizzjoni, trasferiment għal midja differenti u għal forma mingħajr karta, l-akkwist ta' sorsi tal-arkivji primarji),

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 1 *(ikompli)*

— l-akkwist, l-iżvilupp, l-installazzjoni, l-operat u ż-żamma ta' dokumentazzjoni speċjali ta' bibljoteka u tal-arkivjar u ta' materjali speċjali medjatiċi, inkluż materjali u/jew sistemi elettroniċi u informatiċi, kif ukoll materjali għal-legatura u l-konservazzjoni,

— l-ispejjeż tat-tqassim ta' prodotti tar-riċerka parlamentari interna jew esterna u ta' prodotti rilevanti oħra, għall-benefiċċju tal-istituzzjoni u tal-pubbliku (b'mod partikolari permezz tal-pubblikazzjonijiet fuq l-internet, ta' databases interni, fuljetti u pubblikazzjonijiet),

— l-ispejjeż għall-ivjaġġar, is-soġġorn u aċċessorji tal-esperti u awturi mistiedna biex jipparteċipaw għall-preżentazzjonijiet, is-seminars, il-workshops jew attivitajiet oħra ta' dan it-tip organizzati minn DĠ EPRS;

— il-parteċipazzjoni tal-grupp tal-Valutazzjoni tal-Għażliet Xjentifiċi u Teknoloġiċi (il-grupp STOA) fl-attivitajiet ta' entitajiet xjentifiċi Ewropej u internazzjonali,

— l-obbligi tal-Parlament Ewropew skont il-ftehimiet ta' kooperazzjoni internazzjonali u/jew interistituzzjonali, inkluża l-kontribuzzjoni tal-Parlament Ewropew għall-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni tal-arkivji storiċi tal-Unjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 20 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83 tal-1 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tat-28 ta' Novembru 2001 dwar regoli li jirregolaw l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, kif emendata l-aħħar fit-22 ta' Ġunju 2011 (ĠU C 216, 22.7.2011, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar regoli li jirregolaw l-arkivji tal-Parlament Ewropew, kif ikkonsolidata fit-3 ta' Mejju 2004.

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-10 ta' Marzu 2014 dwar proċeduri li jirregolaw l-akkwist mill-Parlament Ewropew tal-arkivju privati ta' Membri u *ex* Membri.

3 2 2 ***Akkwist tal-informazzjoni u arkivjar***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 217 000	2 308 000	2 464 212,10

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-abbonamenti għall-ġurnali, perjodiċi u aġenziji tal-informazzjoni, għall-pubblikazzjonijiet u s-servizzi online tagħhom, inklużi l-ispejjeż tal-copyright għar-riproduzzjoni u d-disseminazzjoni bil-miktub u/jew b'mod elettoniku ta' dawn l-abbonamenti u l-kuntratti tas-servizz għall-analiżi tal-istampa u għall-siltiet mill-istampa,

— l-abbonamenti jew il-kuntratti ta' servizz għall-forniment ta' sommarji u analiżi tal-kontenut tal-perjodiċi jew il-ħażna ta' artikolu meħuda minn sorsi ta' dan it-tip fuq midja viżiva,

— l-ispejjeż marbuta mal-użu ta' bażijiet ta' dejta esterni tad-dokumentazzjoni u tal-istatistika, minbarra l-hardware, u l-infiq għat-telekomunikazzjoni,

— ix-xiri jew is-sostituzzjoni ta' dizzjunarji u glossarji ġodda ta' kull tip, anke għat-taqsimiet tal-lingwi l-ġodda, u xogħlijiet oħra għas-servizzi lingwistiċi u għall-Unità ta' Verifika tat-Testi Leġiżlattivi.

3 2 3 ***Appoġġ għad-demokrazija u l-bini ta' kapaċità għall-parlamenti ta' pajjiżi terzi***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 100 000	1 340 000	512 925,74

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqa fuq programmi għall-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, b'mod partikolari l-Balkani tal-Punent u t-Turkija,

— in-nefqa li ssir għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u parlamenti nazzjonali eletti demokratikament minn pajjiżi terzi (għajr dawk imsemmija fl-inċiż preċedenti) kif ukoll ma' organizzazzjonijiet parlamentari reġjonali korrispondenti. L-attivitajiet ikkonċernati huma partikolarment maħsuba għat-tisħiħ tal-kapaċità parlamentari f'demokraziji ġodda u emerġenti b'mod partikolari fil-Viċinat Ewropew (Nofsinhar u Lvant),

— in-nefqa fuq il-promozzjoni ta' attivitajiet b'appoġġ għall-medjazzjoni, u programmi għal mexxejja politiċi żgħażagħ mill-Unjoni Ewropea u minn pajjiżi fil-Viċinat Ewropew,

— l-ispejjeż magħmula għall-organizzazzjoni tal-premju Sakharov (b'mod partikolari l-ammont tal-premju, l-ispejjeż marbuta mal-ivvjaġġar tar-rebbieħ(a) u tal-akkoljenza tagħhom, l-ispejjeż tal-operat tan-netwerk ta' Sakharov u l-missjonijiet tal-membri tan-netwerk) u għal attivitajiet li għandhom l-għan li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem.

Dawn l-operazzjonijiet jinkludu ż-żjarat ta' informazzjoni fil-Parlament Ewropew fi Brussell, il-Lussemburgu jew Strasburgu, u l-approprjazzjonijiet ikopru l-ispejjeż totali jew parti minnhom tal-parteċipanti, partikolarment il-vjaġġi u n-nefqiet marbuta magħhom, l-akkomodazzjoni u l-allowance għas-sussistenza għal kull jum.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 3 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tat-12 ta' Diċembru 2011 li tistabbilixxi d-direttorat għall-appoġġ tad-demokrazija fid-DĠ EXPO.

3 2 4 ***Produzzjoni u Tixrid***

3 2 4 0 Il-Ġurnal Uffiċjali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
4 373 000	4 244 000	4 202 107,46

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri is-sehem tal-istituzzjoni mill-infiq tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għall-pubblikazzjoni u t-tixrid u ta' spejjeż oħra anċillari fir-rigward tat-testi li għandhom ikunu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3 2 4 1 Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 771 000	3 705 000	3 496 946,08

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqiet kollha għall-pubblikazzjoni b'mod diġitali (siti tal-Intranet) u tradizzjonali (dokumenti u materjal stampat varji maħruġa b'sottokuntratt), inkluża d-distribuzzjoni,

— l-aġġornament u l-manutenzjoni evoluttiva u ta' korrezzjoni tas-sistemi editorjali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 6 000.

3 2 4 2 Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
16 662 000	16 501 034	19 651 446,69

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 4 *(ikompli)*

3 2 4 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqiet għall-pubblikazzjonijiet ta' tagħrif, inklużi l-pubblikazzjonijiet elettroniċi, l-attivitajiet marbuta mat-tagħrif, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi, f'wirjiet u f'fieri fl-Istati Membri u fil-pajjiżi ta' adeżjoni kif ukoll fil-pajjiżi li fihom il-Parlament Ewropew għandu uffiċċju ta' kollegament, kif ukoll l-aġġornament tal-Osservatorju Istituzzjonali u Leġiżlattiv Ewropew (OEIL), u l-iżvilupp ta' għodod u istrumenti li jkollhom l-għan li jsaħħu u jiffaċilitaw l-aċċessibbiltà tiegħu għall-pubbliku permezz ta' tagħmir mobbli.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

3 2 4 3 Parlamentarium — Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 030 000	4 150 000	4 748 380,08

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-Parlamentarium — Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew fi Brussell kif ukoll l-installazzjonijiet, il-wirjiet u l-materjali adattati jew riprodotti għall-użu separat barra Brussell.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 9 300.

3 2 4 4 L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stediniet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
30 723 500	31 739 039	27 249 058,55

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sussidji mogħtija lill-gruppi ta' viżitaturi u l-ispejjeż ta' sorveljanza u ta' infrastruttura marbuta magħhom, il-finanzjament ta' korsijiet għall-multiplikaturi tal-opinjoni ta' pajjiżi terzi (EUVP) u l-ispejjeż għall-funzjonament tal-programmi Euroscola, Euromed-Scola u Euronest-Scola. Il-programmi Euromed-Scola u Euronest-Scola jsiru kull sena, alternattivament, f'postijiet tal-Parlament Ewropew fi Strasburgu jew fi Brussell, minbarra fis-snin elettorali.

Din l-approprjazzjoni għandha tiżdied kull sena fuq il-bażi ta' deflatur li jqis il-varjazzjonijiet tad-dħul nazzjonali gross u tal-prezzijiet.

Kull Membru tal-Parlament Ewropew għandu d-dritt jistieden, kull sena ta' kalendarju, massimu ta' ħames gruppi, għal total ta' 110 viżitaturi.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 4 *(ikompli)*

3 2 4 4 *(ikompli)*

Ammont xieraq huwa inkluż għall-viżitaturi b'diżabilità.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100 000.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar regoli li jirregolaw l-akkoljenza ta' gruppi ta' viżitaturi u l-programmi Euroscola, Euromed-Scola u Euronest-Scola, kif emendata l-aħħar fis-26 ta' Frar 2013.

3 2 4 5 L-organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
5 262 000	5 077 120	5 610 918,40

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqa jew is-sussidji marbuta mal-organizzazzjoni ta' symposia u seminars nazzjonali jew internazzjonali għall-multiplikaturi tal-opinjonijiet li ġejjin mill-Istati Membri, mill-pajjiżi fil-proċess ta' adeżjoni u mill-pajjiżi li fihom il-Parlament Ewropew għandu Uffiċċju ta' Kollegament, l-ispiża tal-organizzazzjoni ta' symposia u seminars parlamentari, u mal-finanzjament ta' proġetti kulturali ta' interess Ewropew, bħalma huma l-Premju LUX tal-Parlament Ewropew għaċ-Ċinema Ewropea,

— in-nefqiet marbuta ma' "avvenimenti speċjali fis-Swali tal-plenarja", fi Strasburgu u fi Brussell, skont il-programm annwali adottat mill-Bureau,

— miżuri u għodod ta' appoġġ għall-multilingwiżmu bħal seminars u konferenzi, laqgħat b'taħriġ ta' interpreti jew tradutturi, miżuri u azzjonijiet għas-sensibilizzazzjoni dwar il-multilingwiżmu u ssir promozzjoni tal-professjoni ta' interpretu jew ta' traduttur, inkluż programm ta' għotjiet għall-universitajiet, l-iskejjel u organizzazzjonijiet oħra li joffru korsijiet għall-interpretazzjoni jew it-traduzzjoni, soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni virtwali, kif ukoll parteċipazzjoni f'azzjonijiet u miżuri simili organizzati b'mod konġunt ma' servizzi oħra fil-kuntest ta' kooperazzjoni interistituzzjonali u internazzjonali.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-ispiża għall-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet, inklużi s-servizzi tal-forniment tal-ikel u l-ispejjeż tagħhom, l-infiq konness ma' stediniet lil ġurnalisti biex jirrappurtaw dwar l-attivitajiet.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 25 000.

3 2 4 6 L-istazzjon televiżiv parlamentari (Web TV)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
5 000 000	5 000 000	4 994 665,86

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 4 *(ikompli)*

3 2 4 6 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni u l-hosting min-naħa tal-Parlament Ewropew (EuroparlTV) tal-filmati għall-web u tal-materjal awdjoviżiv lest għax-xandir, skont l-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew.

3 2 4 7 Id-Dar tal-Istorja Ewropea

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 500 000	10 000 000	9 571 045,83

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-attivitajiet tad-Dar l-Istorja Ewropea, bħat-twettiq ta' xogħol ta' tagħmir intern speċifiku, l-akkwist tal-kollezzjonijiet, l-organizzazzjoni tal-wirjiet u l-ispejjeż operattivi inklużi l-ispejjeż relatati max-xiri ta' kotba, rivisti u pubblikazzjonijiet oħra marbuta mal-attività tad-Dar l-Istorja Ewropea.

Hija mmirata wkoll li tkopri l-ispejjeż ta' kuntratti ma' esperti kwalifikati u istituti ta' riċerka għall-istudji u l-attivitajiet l-oħra ta' riċerka (workshops, round tables, bordijiet ta' esperti, konferenzi) li jsiru għad-Dar l-Istorja Ewropea.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000 000.

3 2 4 8 In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
14 506 000	12 608 000	15 484 852,11

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-baġit tal-operat tas-settur awdjoviżiv (inklużi s-servizzi taħt il-kontroll proprju u assistenza esterna bħal servizzi tekniċi għal stazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni, tfassil, produzzjoni, koproduzzjoni u xandir ta' programmi awdjoviżivi, kiri ta' linji, tranżmissjoni ta' programmi tat-televiżjoni u tar-radju, azzjonijiet oħra ta' żvilupp ta' relazzjonijiet tal-istituzzjoni mal-entitajiet tax-xandir awdjoviżiv),

— l-ispejjeż marbuta max-xandir dirett, fuq l-internet, tas-seduti plenarji u tal-laqgħat tal-kumitati parlamentari,

— il-ħolqien ta' arkivji xierqa li jiżguraw l-aċċess permanenti tal-midja u ċ-ċittadini għal din l-informazzjoni.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 4 *(ikompli)*

3 2 4 8 *(ikompli)*

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 13 000.

Bażi ġuridika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2002 dwar il-linji ta' gwida dwar il-proċedura baġitarja 2003 (ĠU C 47 E, 27.2.2003, p. 72).

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2002 dwar l-istimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2003 (ĠU C 180 E, 31.7.2003, p. 150).

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2003 dwar l-istimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2004 (ĠU C 67 E, 17.3.2004, p. 179).

3 2 4 9 Skambji ta' informazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
250 000	250 000	65 334,15

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż imwieġħda għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali. Dawn huma marbuta mar-relazzjonijiet parlamentari minbarra dawk koperti mill-kapitoli 1 0 u 3 0, l-iskambji ta' informazzjoni u ta' dokumentazzjoni, l-għajnuna għall-analiżi u għall-ġestjoni ta' din l-informazzjoni, inklużi l-iskambji maċ-Ċentru Ewropew tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD),

— l-iffinanzjar ta' programmi ta' koperazzjoni u ta' skemi ta' formazzjoni għal uffiċjali tal-Parlamenti msemmija hawn fuq u, b'mod ġenerali, tal-attivitajiet sabiex isaħħu l-kapaċitajiet parlamentari tagħhom,

Skemi ta' taħriġ jinkludu żjarat ta' studju fil-Parlament Ewropew fi Brussell, il-Lussemburgu u Strasburgu; l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri n-nefqa kollha tal-parteċipanti jew parti minnha, b'mod partikolari l-vjaġġi u n-nefqiet marbuta magħhom, l-akkomodazzjoni u l-allowance għall-manteniment ta' kuljum,

— l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni, inklużi dawk marbuta mal-attività leġiżlattiva, kif ukoll l-azzjonijiet marbuta mal-attività ta' dokumentazzjoni, ta' analiżi u ta' informazzjoni, u dik tas-sigurtà tad-domain www.ipex.eu, inklużi l-azzjonijiet imwettqa mis-CERDP.

Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tiffinanzja l-kooperazjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali fl-iskrutinju parlamentari tal-PESK/PSDK, skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 4 *(ikompli)*

3 2 4 9 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Konferenzi tal-Presidenti tal-Assembleji Parlamentari Ewropej (Ġunju 1977) u tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (Settembru 2000, Marzu 2001).

3 2 5 ***In-Nefqa relatata mal-Uffiċċji tal-Informazzjoni***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
900 000	700 000	980 570,90

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ġenerali u spejjeż żgħar oħra relatati mal-uffiċċji tal-informazzjoni tal-Parlament Ewropew (b'mod partikolari provvisti għall-uffiċċju, it-telekomunikazzjonijiet, l-ispejjeż ta' spedizzjoni, il-manutenzjoni, it-trasport, il-ħżin, l-oġġetti promozzjonali ġeneriċi, il-bażijiet ta' data).

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 4

NEFQA LI TIRRIŻULTA MINN FUNZJONIJIET SPEĊJALI LI JSIRU MILL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 4 0 — NEFQA RELATATA MA' ĊERTI ISTITUZZJONIJIET U MA' ĊERTI KORPI
KAPITOLU 4 2 — NEFQA RELATATA MAL-ASSISTENZA PARLAMENTARI
KAPITOLU 4 4 — LAQGĦAT U ATTIVITAJIET OĦRA TAL-MEMBRI PARLAMENTARI ATTWALI U TAL-*EX* MEMBRI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	***Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	61 000 000	59 800 000	59 416 002,23	97,40
4 0 2	***Finanzjament tal-Partiti Politiċi Ewropej***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	31 400 000	28 350 084	27 713 795,20	88,26
4 0 3	***Finanzjament tal-fondazzjonijiet Politiċi Ewropej***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	18 700 000	16 668 000	13 393 988,80	71,63
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	111 100 000	104 818 084	100 523 786,23	90,48
	KAPITOLU 4 2				
4 2 2	***Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	202 140 000	192 113 500	181 048 836,81	89,57
	KAPITOLU 4 2 — TOTAL	202 140 000	192 113 500	181 048 836,81	89,57
	KAPITOLU 4 4				
4 4 0	***In-nefqa għal-laqgħat u għal attivitajiet oħra tal-eks Membri Parlamentari***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	210 000	200 000	200 000,—	95,24
4 4 2	***In-nefqa għal-laqgħat u attivitajiet oħra tal-Assoċjazzjoni Parlamentari Ewropea***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	210 000	200 000	200 000,—	95,24
	KAPITOLU 4 4 — TOTAL	420 000	400 000	400 000,—	95,24
	Titolu 4 — Total	**313 660 000**	**297 331 584**	**281 972 623,04**	**89,90**

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 4

NEFQA LI TIRRIŻULTA MINN FUNZJONIJIET SPEĊJALI LI JSIRU MILL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 4 0 — NEFQA RELATATA MA' ĊERTI ISTITUZZJONIJIET U MA' ĊERTI KORPI

4 0 0 ***Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
61 000 000	59 800 000	59 416 002,23

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-gruppi politiċi u għall-membri mhux affiljati:

— l-ispejjeż tas-segretarjat, amministrattivi u operattivi,

— l-ispejjeż marbuta ma l-attivitajiet politiċi u informattivi tagħhom fil-qafas tal-attivitajiet politiċi tal-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tat-30 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regolamentazzjoni li tirregola l-utilizzazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-linja baġitarja 400, kif emendata l-aħħar fis-27 ta' April 2015.

4 0 2 ***Finanzjament tal-Partiti Politiċi Ewropej***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
31 400 000	28 350 084	27 713 795,20

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-partiti politiċi fil-livell Ewropew.

Bażi ġuridika

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, Artikolu 10(4).

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 224.

Ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom (ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1).

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 4 0 — NEFQA RELATATA MA' ĊERTI ISTITUZZJONIJIET U MA' ĊERTI KORPI *(ikompli)*

4 0 2 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Marzu 2004 li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom (ĠU C 112, 9.4.2011, p. 1).

4 0 3 ***Finanzjament tal-fondazzjonijiet Politiċi Ewropej***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
18 700 000	16 668 000	13 393 988,80

Kummenti

Approprjazzjoni maħsuba biex tiffinanzja l- Fondazzjonijiet politiċi fil-livell Ewropew.

Bażi ġuridika

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, Artikolu 10(4).

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 224.

Ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom (ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Marzu 2004 li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom (ĠU C 112, 9.4.2011, p. 1).

KAPITOLU 4 2 — NEFQA RELATATA MAL-ASSISTENZA PARLAMENTARI

4 2 2 ***Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
202 140 000	192 113 500	181 048 836,81

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta mal-persunal u l-forniturи tas-servizz responsabbli għall-assistenza parlamentari għall-Membri tal-Parlament, kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-aġenti tal-ħlas.

Hija maħsuba biex tkopri t-telf mill-kambju miġarrab mill-Parlament Ewropew, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għar-rimbors tal-ispejjeż tal-assistenza parlamentari.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 775 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 4 2 — NEFQA RELATATA MAL-ASSISTENZA PARLAMENTARI *(ikompli)*

4 2 2 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

L-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu.

Miżuri ta' applikazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew u speċjalment l-Artikoli 33 sa 44 tiegħu.

Kundizzjonijiet applikabbli għall-uffiċjali l-oħra tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikoli 5a u 125 sa 139 tagħhom.

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' April 2014 dwar miżuri ta' implimentazzjoni għat-Titolu VII tal-Kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 4 4 — LAQGĦAT U ATTIVITAJIET OĦRA TAL-MEMBRI PARLAMENTARI ATTWALI U TAL-*EX* MEMBRI

4 4 0 ***In-nefqa għal-laqgħat u għal attivitajiet oħra tal-eks Membri Parlamentari***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
210 000	200 000	200 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-ispejjeż tal-laqgħat tal-Assoċjazzjoni tal-eks Membri tal-Parlament Ewropew u, skont il-każ, spejjeż oħra magħmula fl-istess kuntest.

4 4 2 ***In-nefqa għal-laqgħat u attivitajiet oħra tal-Assoċjazzjoni Parlamentari Ewropea***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
210 000	200 000	200 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-ispejjeż tal-laqgħat tal-Assoċjazzjoni Parlamentari Ewropea u, skont il-każ, spejjeż oħra magħmula fl-istess kuntest.

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 5

AWTORITÀ GĦALL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ U L-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ U L-KUMITAT TA' PERSUNI EMINENTI INDIPENDENTI

KAPITOLU 5 0 — IN-NEFQA TAL-AWTORITÀ GĦALL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ U L-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ U L-KUMITAT TA' PERSUNI EMINENTI INDIPENDENTI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 5 0				
5 0 0	***In-nefqa operattiva tal-Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.			
— il-ħlas tal-koeffiċjenti korrettivi applikati għall-pensjonijiet tal-irtirar tal-*ex* Segretarji-Ġenerali tal-istituzzjoni.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti ta' Prim' Istanza u tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

1 1 2 ***Approprjazzjoni Proviżorja***

1 1 2 0 Approprjazzjoni proviżorja (uffiċjali u persunal temporanju)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 653 000	2 476 000	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-effett ta' kwalunkwe aġġustament għas-salarji li jsir mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

Din hija proviżorja u tista' tintuża biss wara li tiġi trasferita għall-intestaturi xierqa ta' dan il-kapitolu.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 65 tagħhom u l-Anness XI tagħhom.

KAPITOLU 1 1 — UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI *(ikompli)*

1 1 2 *(ikompli)*

1 1 2 1 Approprjazzjoni proviżorja (persunal irtirat u persunal irtirat taħt arranġamenti speċjali)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 000	6 000	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-effett ta' kwalunkwe aġġustament għas-salarji li jsir mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

Din hija proviżorja u tista' tintuża biss wara li tiġi trasferita għall-intestaturi xierqa ta' dan il-kapitolu.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 65 tagħhom u l-Anness XI tagħhom.

KAPITOLU 1 2 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI

1 2 0 ***Persunal ieħor u servizzi esterni***

1 2 0 0 Persunal ieħor

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
9 189 000	9 259 000	7 455 499,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija primarjament maħsuba biex tkopri dan li ġej: ir-remunerazzjoni ta' persunal ieħor inkluż persunal awżiljarju, kuntrattwali u lokali u konsulenti speċjali (fit-tifsira tal-Kondizzjonijiet ta' impjieg ta' aġenti oħrajn tal-Unjoni Ewropea), il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għad-diversi skemi tas-sigurtà soċjali u l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi tas-salarji applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

KAPITOLU 1 2 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 2 0 *(ikompli)*

1 2 0 1 Esperti nazzjonali sekondati

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
953 000	953 000	862 795,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allowances u l-ispejjeż amministrattivi fir-rigward ta' esperti nazzjonali sekondati.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni 2007/829/KE tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar ir-regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali u għall-persunal militari nazzjonali sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (ĠU L 327, 13.12.2007, p. 10).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1027 tat-23 ta' Ġunju 2015 dwar ir-regoli applikabbli għall-esperti sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/829/KE (ĠU L 163, 30.6.2015, p. 40).

1 2 0 2 Apprendistati

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
650 000	607 000	575 190,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri għotja u l-ispejjeż għall-ivvjaġġar għall-istudju u għall-missjoni għall-apprendisti, kif ukoll għall-assikurazzjoni kontra l-inċidenti u l-mard matul l-apprendistati.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 2 0 3 Servizzi esterni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 215 000	2 075 000	2 046 409,—

KAPITOLU 1 2 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 2 0 *(ikompli)*

1 2 0 3 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-servizzi kollha mwettqa minn persuni mhux konnessi mal-istituzzjoni u b'mod partikolari:

— persunal temporanju għal servizzi varji,

— persunal supplimentari għal-laqgħat fil-Lussemburgu u Strasburgu,

— esperti fil-qasam ta' kondizzjonijiet tax-xogħol.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 2 0 4 Servizzi supplimentari għas-servizz ta' traduzzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
200 000	250 000	151 851,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq relatat mas-servizzi ta' traduzzjoni provduti minn aġenziji ta' traduzzjoni esterni biex jassorbu l-ammont eċċessiv ta' xogħol li okkażjonalment ikun hemm fis-Servizz tal-Lingwi tal-Kunsill, min-naħa l-waħda, u biex jivverifikaw it-traduzzjonijiet ta' ftehim, trattati u arranġamenti oħrajn ma' pajjiżi terzi f'lingwi mhux tal-Unjoni, min-naħa l-oħra.

L-infiq fuq kwalunkwe xogħol fdat liċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea huwa wkoll kopert minn din l-intestatura.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 2 2 ***Approprjazzjoni proviżorja***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
99 000	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-effett ta' kwalunkwe aġġustament għas-salarji li jsir mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

Din hija proviżorja u tista' tintuża biss wara li tiġi trasferita għall-intestaturi xierqa ta' dan il-kapitolu.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

KAPITOLU 1 2 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 2 2 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 1 3 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

1 3 0 ***Infiq relatat mal-amministrazzjoni tal-persunal***

1 3 0 0 Infiq varju għar-reklutaġġ

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
173 000	167 000	165 138,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-infiq għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/621/KE kif ukoll l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza għal kandidati msejjħa għal intervisti u eżamijiet mediċi,

— l-ispejjeż għall-organizzazzjoni ta' proċeduri għas-selezzjoni ta' persunal temporanju, awżiljarju u lokali,

— l-ispejjeż assoċjati mal-ħidma ta' bordijiet u panels tal-għażla, b'mod partikolari l-ispejjeż ta' testijiet speċjalizzati użati għall-evalwazzjoni tal-kompetenzi tal-kandidati. F'każijiet ġustifikati kif dovut mill-ħtiġiet tal-operat, u wara konsultazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal, din l-approprjazzjoni tista' tintuża għal kompetizzjonijiet organizzati mill-istituzzjoni nnifisha,

— l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta' tiftix għax-xogħol.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi l-Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53) u d-Deċiżjoni 2002/621/KE tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarjat Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, u r-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 dwar l-organizzazzjonijiet u l-ħidma tal-Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

KAPITOLU 1 3 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 3 0 *(ikompli)*

1 3 0 1 Aktar taħriġ

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 970 000	1 950 000	1 900 980,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-korsijiet għal aktar taħriġ u għal taħriġ mill-ġdid, inklużi korsijiet tal-lingwi, immexxija fuq bażi interistituzzjonali u fl-istituzzjoni, ittestjar tal-kompetenza,

— il-ħlasijiet għar-reġistrazzjoni tal-uffiċjali għal seminars u konferenzi.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.

Il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 3 1 ***Miżuri biex jgħinu l-persunal tal-istituzzjoni***

1 3 1 0 Għotjiet għal assistenza speċjali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
30 000	30 000	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri meħuda biex jgħinu lill-uffiċjali u lill-persunal ieħor f'sitwazzjonijiet partikolarment diffiċili.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tagħhom.

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

KAPITOLU 1 3 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 3 1 *(ikompli)*

1 3 1 1 Kuntatti soċjali bejn membri tal-persunal

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
117 000	117 000	109 724,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż konnessi ma' kuntatti soċjali bejn il-membri tal-persunal u l-kontribuzzjoni tal-Kunsill għall-attivitajiet taċ-Ċentru Interistituzzjonali Ewropew f'Overijse.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 3 1 2 Għajnuna supplimentari għad-diżabbli

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
210 000	200 000	145 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-kategoriji li ġejjin ta' persuni b'diżabbiltà bħala parti minn politika biex tgħin lid-diżabbli:

— uffiċjali fis-servizz,

— il-konjuġi ta' uffiċjali fis-servizz,

— it-tfal dipendenti kollha fit-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Din tippermetti r-rimborż tal-infiq mhux mediku li huwa meqjus neċessarju, li jirriżulta minn diżabbiltà u li huwa debitament sostanzjat, la darba kwalunkwe drittijiet nazzjonali mogħtija fil-pajjiż ta' residenza jew ta' oriġini jkunu intużaw kollha.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 10 000.

1 3 1 3 Infiq soċjali ieħor

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
66 000	66 000	79 600,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nfiq soċjali ieħor għall-persunal u l-familji tagħhom.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 1 3 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 3 2 Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni

1 3 2 0 Servizz mediku

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
450 000	517 000	418 154,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri b'mod partikolari:

— infiq mediku relatat mal-Kunsill Ewropew,

— spejjeż operattivi tal-ispiżeriji, konsum, kura u spejjeż tal-apparat għall-mediċini,

— spejjeż relatati mal-eżamijiet mediċi (reklutaġġ u annwali),

— spejjeż li għandhom jitpoġġew fit-titlu tal-kumitati tal-invalidità u tagħrif espert speċifiku,

— spejjeż relatati mal-ispettakli għal ħidma fuq l-iskrin.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Id-Direttiva Interna Nru 2/2010 adottata mis-Segretarjat Ġenerali dwar ir-rimborż ta' spejjeż relatati man-nuċċalijiet għall-ħidma fuq l-iskrin.

1 3 2 1 Ristoranti u kantins

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri r-remunerazzjoni għas-servizzi provduti mill-operatur tar-ristoranti u l-kantins.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 3 2 2 Skejjel materni u faċilitajiet li jieħdu ħsieb it-tfal

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 646 000	2 593 000	2 250 000,—

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

KAPITOLU 1 3 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 3 2 *(ikompli)*

1 3 2 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-kontribuzzjoni tal-Kunsill għall-ispiża taċ-Ċentru għal Tfal Żgħar u skejjel materni u faċilitajiet li jieħdu ħsieb it-tfal oħrajn (li għandha titħallas lill-Kummissjoni),

— l-ispiża għat-tmexxija tal-iskola materna tal-Kunsill.

Id-dħul mill-kontribuzzjoni tal-ġenituri u minn kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet li jimpjegaw lill-ġenituri tirriżulta fi dħul allokat.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 957 000.

1 3 3 ***Missjonijiet***

1 3 3 1 Spejjeż tal-missjonijiet tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 980 000	3 165 000	2 537 893,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-missjonijiet u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar relatat mal-impjieg tal-uffiċjali tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, flimkien mal-ispejjeż tat-trasport, il-ħlas ta' allowances għas-sussistenza ta' kuljum waqt il-missjoni u l-ispejjeż anċillari jew dawk speċjali konnessi mal-missjonijiet.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tagħhom.

1 3 3 2 Spejjeż għall-ivvjaġġar tal-persunal relatat mal-Kunsill Ewropew

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
600 000	600 000	420 044,—

KAPITOLU 1 3 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 3 3 *(ikompli)*

1 3 3 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għall-missjonijiet u l-ispejjeż għall-ivvjaġġar relatat mal-impjieg tal-uffiċjali tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, flimkien mal-ispejjeż għat-trasport, il-ħlas ta' allowances għas-sussistenza ta' kuljum waqt il-missjoni u l-ispejjeż anċillari jew dawk speċjali konnessi mal-missjonijiet.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tagħhom.

1 3 4 ***Kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej akkreditati (Tip 2)***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Kunsill lill-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej jew ir-rimborż tal-kontribuzzjoni mħallsa mill-Kummissjoni f'isem il-Kunsill għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej, bi qbil mal-ftehim ta' servizz iffirmat mal-Kummissjoni. Din tkopri il-kostijiet relatati ma' wlied tal-persunal tal-Kunsill li jaqaw taħt ir-Regolamenti tal-Persunal li huma miktubin f'dawn l-iskejjel.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 4886 tal-1 ta' Awwissu 2013 (ĠU C 222, 2.8.2013, p. 8).

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

TITOLU 2

BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV

KAPITOLU 2 0 — BINI U SPEJJEŻ RELATATI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 2 0				
2 0 0	***Bini***				
2 0 0 0	Kera				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 829 000	2 806 000	525 077,—	18,56
2 0 0 1	Ħlasijiet annwali ta' ċnus				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
2 0 0 2	Akkwist ta' proprjetà immobbli				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 000 000	1 000 000	10 000 000,—	1 000,00
2 0 0 3	Sistemazzjoni tal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	11 530 000	8 236 000	6 665 677,—	57,81
2 0 0 4	Xogħol biex il-bini jkun sigur				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 635 000	1 740 000	327 288,—	20,02
2 0 0 5	Infiq qabel l-akkwist, il-kostruzzjoni u s-sistemazzjoni tal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	649 000	552 000	489 065,—	75,36
	Artikolu 2 0 0 — Total	17 643 000	14 334 000	18 007 107,—	102,06
2 0 1	***Infiq relatat mal-bini***				
2 0 1 0	Tindif u manutenzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	19 100 000	17 647 500	13 155 906,—	68,88
2 0 1 1	Ilma, gass, elettriku u tisħin				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 990 000	5 316 000	3 222 509,—	64,58
2 0 1 2	Sigurtà u sorveljanza tal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	13 217 000	13 890 000	10 992 419,—	83,17
2 0 1 3	Assikurazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	214 000	300 000	164 920,—	77,07
2 0 1 4	Infiq ieħor relatat mal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	604 000	720 000	354 422,—	58,68
	Artikolu 2 0 1 — Total	38 125 000	37 873 500	27 890 176,—	73,15
	KAPITOLU 2 0 — TOTAL	55 768 000	52 207 500	45 897 283,—	82,30

KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA
KAPITOLU 2 2 — INFIQ OPERATTIV

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 2 1				
2 1 0	***Sistemi tal-kompjuter u telekomunikazzjonijiet***				
2 1 0 0	Akkwist ta' tagħmir u software				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	9 883 000	9 248 000	7 028 169,—	71,11
2 1 0 1	Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	21 053 000	20 010 000	22 445 215,—	106,61
2 1 0 2	Żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' tagħmir u software				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	7 384 000	6 005 000	5 940 920,—	80,46
2 1 0 3	Telekomunikazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 980 000	3 225 000	1 931 000,—	97,53
	Artikolu 2 1 0 — Total	40 300 000	38 488 000	37 345 304,—	92,67
2 1 1	***Għamara***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 016 000	2 664 000	707 802,—	69,67
2 1 2	***Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi***				
2 1 2 0	Xiri u sostituzzjoni ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 195 000	2 650 000	1 784 239,—	55,84
2 1 2 1	Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	90 000	100 000	60 303,—	67,00
2 1 2 2	Kiri, żamma fi stat tajjeb, manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	749 000	651 000	490 436,—	65,48
	Artikolu 2 1 2 — Total	4 034 000	3 401 000	2 334 978,—	57,88
2 1 3	***Trasport***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	854 000	1 868 000	1 479 282,—	173,22
	KAPITOLU 2 1 — TOTAL	46 204 000	46 421 000	41 867 366,—	90,61
	KAPITOLU 2 2				
2 2 0	***Laqgħat u konferenzi***				
2 2 0 0	Spejjeż ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	17 802 000	17 802 000	14 074 731,—	79,06
2 2 0 1	Spejjeż ta' vvjaġġar varji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	465 000	404 000	367 853,—	79,11

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

KAPITOLU 2 2 — INFIQ OPERATTIV *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
2 2 0	*(ikompli)*				
2 2 0 2	Spejjeż għall-interpretazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	82 739 000	83 900 000	64 953 834,—	78,50
2 2 0 3	Spejjeż tar-rappreżentanzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	281 000	3 265 000	2 104 480,—	748,93
2 2 0 4	Infiq varju għal laqgħat interni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 462 000	3 458 000	3 190 204,—	58,41
2 2 0 5	Organizzazzjoni ta' konferenzi, kungressi u laqgħat				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	275 000	511 000	404 286,—	147,01
	Artikolu 2 2 0 — Total	107 024 000	109 340 000	85 095 388,—	79,51
2 2 1	***Tagħrif***				
2 2 1 0	Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-librerija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 361 000	1 461 000	1 243 383,—	91,36
2 2 1 1	Il-Ġurnal Uffiċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 000 000	4 816 000	4 037 721,—	100,94
2 2 1 2	Pubblikazzjonijiet ġenerali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	330 000	380 000	277 881,—	84,21
2 2 1 3	Tagħrif u avvenimenti pubbliċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 560 000	2 190 000	1 962 477,—	76,66
	Artikolu 2 2 1 — Total	8 251 000	8 847 000	7 521 462,—	91,16
2 2 3	***Infiq varju***				
2 2 3 0	Provvisti għall-uffiċċji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	482 000	536 000	259 742,—	53,89
2 2 3 1	Ħlasijiet postali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	80 000	80 000	82 029,—	102,54
2 2 3 2	Infiq għal studji, sondaġġi u konsultazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	45 000	45 000	19 820,—	44,04
2 2 3 3	Kooperazzjoni interistituzzjonali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	3 455,—	
2 2 3 4	Rilokazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	370 000	20 000	0,—	

KAPITOLU 2 2 — INFIQ OPERATTIV *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
2 2 3	*(ikompli)*				
2 2 3 5	Ħlasijiet finanzjarji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	10 000	10 000	5 000,—	50,00
2 2 3 6	Infiq u spejjeż legali, danni u kumpens				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 250 000	1 250 000	1 450 000,—	116,00
2 2 3 7	Spejjeż operattivi oħra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	268 000	267 000	143 403,—	53,51
	Artikolu 2 2 3 — Total	2 505 000	2 208 000	1 963 449,—	78,38
	KAPITOLU 2 2 — TOTAL	117 780 000	120 395 000	94 580 299,—	80,30
	Titolu 2 — Total	**219 752 000**	**219 023 500**	**182 344 948,—**	**82,98**

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

TITOLU 2

BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV

KAPITOLU 2 0 — BINI U SPEJJEŻ RELATATI

2 0 0 ***Bini***

2 0 0 0 Kera

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 829 000	2 806 000	525 077,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kera u t-taxxi fuq il-bini okkupat mill-Kunsill Ewropew u l-Kunsill u l-kera għall-kmamar tal-laqgħat, maħżen u spazji għall-parkeġġ:

— il-bini okkupat fi Brussell,

— il-bini okkupat fil-Lussemburgu (Kirchberg).

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 147 000.

It-talbiet għal approprjazzjonijiet tnaqqsu billi ttieħed kont tad-dħul allokat stmat.

2 0 0 1 Ħlasijiet annwali ta' ċnus

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet annwali ta' ċnus għal bini jew partijiet tal-bini li diġà jitħallsu ċnus fuqhom jew kuntratti ta' ċens li qed jiġu preparati.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 0 2 Akkwist ta' proprjetà immobbli

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 000 000	1 000 000	10 000 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-akkwist ta' proprjetà immobbli.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 2 0 — BINI U SPEJJEŻ RELATATI *(ikompli)*

2 0 0 *(ikompli)*

2 0 0 3 Sistemazzjoni tal-bini

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
11 530 000	8 236 000	6 665 677,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri ħidma ta' sistemazzjoni, inklużi:

— is-sistemazzjoni u t-trasformazzjoni ta' bini skont ħtiġijiet operattivi,

— l-adattament ta' bini u installazzjonijiet tekniċi biex jissodisfa ħtiġijiet ta' saħħa u sigurtà u standards fis-seħħ.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 0 4 Xogħol biex il-bini jkun sigur

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 635 000	1 740 000	327 288,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xogħol fuq is-sistemazzjoni tal-bini għall-finijiet tas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 0 5 Infiq qabel l-akkwist, il-kostruzzjoni u s-sistemazzjoni tal-bini

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
649 000	552 000	489 065,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, fost l-oħrajn, il-kontributi tal-esperti għall-istudji dwar l-adattament u l-estensjoni tal-bini tal-istituzzjonijiet.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

KAPITOLU 2 0 — BINI U SPEJJEŻ RELATATI *(ikompli)*

2 0 1 ***Infiq relatat mal-bini***

2 0 1 0 Tindif u manutenzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
19 100 000	17 647 500	13 155 906,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' tindif u manutenzjoni li ġejjin:

— it-tindif tal-ispazji għall-bini,

— manutenzjoni u tiswijiet varji,

— provvisti tekniċi,

— kuntratti għall-manutenzjoni ta' tagħmir tekniku varju (arja kkondizzjonata, tisħin, rimi ta' skart, liftijiet, installazzjonijiet elettriċi u ta' sigurtà),

— manutenzjoni tal-ġonna u l-pjanti.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 1 1 Ilma, gass, elettriku u tisħin

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
4 990 000	5 316 000	3 222 509,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għall-ilma, il-gass, l-elettriku u t-tisħin.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 1 2 Sigurtà u sorveljanza tal-bini

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
13 217 000	13 890 000	10 992 419,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex essenzjalment tkopri l-ispejjeż għall-ħarsien u s-sorveljanza fir-rigward ta' bini okkupat mill-Kunsill Ewropew u l-Kunsill.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 2 0 — BINI U SPEJJEŻ RELATATI *(ikompli)*

2 0 1 *(ikompli)*

2 0 1 3 Assikurazzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
214 000	300 000	164 920,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-primjums fuq kuntratti konklużi ma' kumpanniji tal-assikurazzjoni għall-binjiet okkupati mill-Kunsill Ewropew u l-Kunsill.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 1 4 Infiq ieħor relatat mal-bini

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
604 000	720 000	354 422,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kwalunkwe nfiq attwali ieħor relatat ma' bini mhux previst fl-artikoli l-oħrajn ta' dan il-kapitolu, b'mod partikolari l-ispejjeż għat-tneħħija tal-iskart, sinjali, kontrolli minn korpi speċjalizzati, eċċ.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA

2 1 0 ***Sistemi tal-kompjuter u telekomunikazzjonijiet***

2 1 0 0 Akkwist ta' tagħmir u software

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
9 883 000	9 248 000	7 028 169,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq relatat max-xiri jew il-kiri ta' tagħmir jew software għal sistemi tal-kompjuter u applikazzjonijiet.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 0 1 Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
21 053 000	20 010 000	22 445 215,—

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 0 *(ikompli)*

2 1 0 1 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża għall-assistenza u t-taħriġ provdut minn kumpanniji ta' servizzi u konsulenza relatati mal-kompjuter għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter u applikazzjonijiet inkluż l-appoġġ għall-utenti.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 0 2 Żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' tagħmir u software

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
7 384 000	6 005 000	5 940 920,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq relatat maż-żamma fi stat tajjeb u l-manutenzjoni ta' tagħmir u sistemi tal-kompjuter u software għall-applikazzjonijiet.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 0 3 Telekomunikazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 980 000	3 225 000	1 931 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri abbonamenti u l-prezz ta' komunikazzjoni u l-ispejjeż tat-trasmissjoni tad-data.

Fi tfassil ta' dawn l-estimi, ittieħed kont tal-valur tal-użu mill-ġdid meta jiġu rkuprati l-ispejjeż ta' komunikazzjonijiet bit-telefon.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 1 ***Għamara***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 016 000	2 664 000	707 802,—

KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 1 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ix-xiri ta' għamara u għamara speċjalizzata,

— is-sostituzzjoni ta' xi ftit mill-għamara li nxtrat mill-anqas 15-il sena ilu u li ma tistax tintuża mill-ġdid,

— kiri ta' għamara,

— il-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 2 ***Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi***

2 1 2 0 Xiri u sostituzzjoni ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 195 000	2 650 000	1 784 239,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri jew is-sostituzzjoni ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi varji fissi u mobbli, partikolarment b'rabta mal-arkivjar, id-dipartiment tax-xiri, is-sigurtà, il-konferenzi, il-kantins u l-bini.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 2 1 Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
90 000	100 000	60 303,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq għall-assistenza teknika u s-sorveljanza, partikolarment b'rabta ma' konferenzi u kantins.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 2 *(ikompli)*

2 1 2 2 Kiri, żamma fi stat tajjeb, manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
749 000	651 000	490 436,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kiri ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi u l-ispiża taż-żamma fi stat tajjeb, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tali tagħmir u installazzjonijiet tekniċi.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 3 ***Trasport***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
854 000	1 868 000	1 479 282,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, fost l-oħrajn:

— l-akkwist, il-leasing u s-sostituzzjoni tal-flotta ta' vetturi,

— l-ispiża tal-kiri ta' karozzi,

— l-ispiża għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' karozzi tas-servizz (xiri ta' petrol, tajers, eċċ.),

— l-ispiża tal-politika dwar il-mobbiltà addottata mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 2 2 — INFIQ OPERATTIV

2 2 0 ***Laqgħat u konferenzi***

2 2 0 0 Spejjeż ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
17 802 000	17 802 000	14 074 731,—

KAPITOLU 2 2 — INFIQ OPERATTIV *(ikompli)*

2 2 0 *(ikompli)*

2 2 0 0 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegati tal-Istati Membri f'konformità mad-Deċiżjoni 30/2013 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Deċiżjoni Nru 30/2013 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill li tikkonċerna r-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegati tal-Istati Membri.

2 2 0 1 Spejjeż ta' vvjaġġar varji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
465 000	404 000	367 853,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri allowances ta' vvjaġġar u ta' sussistenza għal esperti mistiedna għal laqgħat jew mibgħuta fuq missjoni mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill jew mill-President tal-Kunsill Ewropew.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 21/2009 tad-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-missjonijiet ta' persuni minbarra l-membri tal-persunal tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

2 2 0 2 Spejjeż għall-interpretazzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
82 739 000	83 900 000	64 953 834,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-interpretazzjoni f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 111/2007 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

KAPITOLU 2 2 — INFIQ OPERATTIV *(ikompli)*

2 2 0 *(ikompli)*

2 2 0 2 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 111/2007 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill li tikkonċerna l-interpretazzjoni għall-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu.

2 2 0 3 Spejjeż tar-rappreżentanzi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
281 000	3 265 000	2 104 480,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-obbligi li għalihom l-istituzzjoni hija responsabbli fil-forma ta' spejjeż tar-rappreżentanzi u spejjeż varji apparti l-forniment tal-ikel.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 0 4 Infiq varju għal laqgħat interni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
5 462 000	3 458 000	3 190 204,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-obbligi tal-istituzzjoni fil-forma ta' catering (eż. ikliet, xorb, snacks), inklużi prodotti u servizzi li jistgħu jiġu assoċjati mal-kuntratti ta' catering (eż. servizzi ta' lavanderija, xiri ta' dvalji u akkwisti żgħar).

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 0 5 Organizzazzjoni ta' konferenzi, kungressi u laqgħat

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
275 000	511 000	404 286,—

Kummenti

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 2 2 — INFIQ OPERATTIV *(ikompli)*

2 2 1 Tagħrif

2 2 1 0 Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-librerija

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 361 000	1 461 000	1 243 383,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ix-xiri ta' kotba u xogħlijiet oħra f'forma stampata u/jew elettronika għal-librerija,

— l-abbonamenti għal gazzetti, perjodiċi, servizzi li jfornu analiżi tal-kontenut tagħhom u pubblikazzjonijiet oħra online (bl-eċċezzjoni ta' aġenziji tal-istampa); din l-approprjazzjoni tkopri wkoll kwalunkwe spejjeż ta' drittijiet tal-awtur li jirriżultaw mir-riproduzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni ta' tali pubblikazzjonijiet f'forma stampata u/jew elettronika,

— l-ispejjeż ta' aċċess għal *databases* esterni dokumentattivi u statistiċi,

— l-ispejjeż ta' abbonamenti għal aġenziji ta' aħbarijiet permezz tat-teleprinter,

— illegar ta' kotba u spejjeż oħra essenzjali għall-preservazzjoni ta' kotba u perjodiċi.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 1 1 Il-Ġurnal Uffiċjali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
4 000 000	4 816 000	4 037 721,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tat-tħejjija, il-pubblikazzjoni u t-tqassim tat-testi li l-Kunsill huwa mitlub jippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu 297 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u d-dħul fis-seħħ ta' atti legali tal-Unjoni).

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 1 2 Pubblikazzjonijiet ġenerali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
330 000	380 000	277 881,—

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

KAPITOLU 2 2 — INFIQ OPERATTIV *(ikompli)*

2 2 1 *(ikompli)*

2 2 1 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tat-tħejjija, il-pubblikazzjoni fil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, b'mezzi tradizzjonali (karta jew mikrofilm) jew metodi elettroniċi, u d-disseminazzjoni ta' pubblikazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew u l-Kunsill barra minn dawk ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 1 3 Tagħrif u avvenimenti pubbliċi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 560 000	2 190 000	1 962 477,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqa li tirriżulta, *inter alia*, minn laqgħat pubbliċi tal-Kunsill u assistenza għal media awdjoviżiva li tkun qed tirrapporta l-ħidma tal-istituzzjoni (kiri ta' tagħmir u kuntratti għas-servizz tar-radju/TV, ix-xiri, il-manteniment u t-tiswija ta' tagħmir meħtieġ għat-trasmissjonijiet bir-radju/TV, servizzi esterni ta' ritratti, eċċ.),

— l-ispiża ta' informazzjoni varja u attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi,

— in-nefqa fuq pubbliċità u l-promozzjoni ta' pubblikazzjonijiet u avvenimenti pubbliċi relatati mal-attivitajiet tal-istituzzjoni inkluż ġestjoni anċillari u spejjeż infrastrutturali.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 ***Infiq varju***

2 2 3 0 Provvisti għall-uffiċċji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
482 000	536 000	259 742,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ix-xiri ta' karti,

— fotokopji u miżati,

KAPITOLU 2 2 — INFIQ OPERATTIV *(ikompli)*

2 2 3 *(ikompli)*

2 2 3 0 *(ikompli)*

— karta speċifika u provvisti għall-uffiċċji (provvisti għall-ħidma ta' kuljum),

— materjal stampat,

— provvisti biex tintbagħat il-posta (invilopsijiet, karti għat-tgeżwir, pjanċi għall-magna li tiffranka l-ittri, timbri, frejms),

— provvisti għall-ħwienet tax-xogħol għar-riproduzzjoni ta' dokumenti (linka għall-istampaturi, pjanċi tal-offset, films u kimika għat-tħejjija tal-pjanċi).

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 1 Ħlasijiet postali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
80 000	80 000	82 029,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq ta' ħlasijiet postali.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 2 Infiq għal studji, sondaġġi u konsultazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
45 000	45 000	19 820,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża ta' studji u konsultazzjonijiet ikkummissjonati lil esperti kwalifikati sew.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 3 Kooperazzjoni interistituzzjonali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	3 455,—

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

KAPITOLU 2 2 — INFIQ OPERATTIV *(ikompli)*

2 2 3 *(ikompli)*

2 2 3 3 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal attivitajiet interistituzzjonali fil-qasam tal-lingwi.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 4 Rilokazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
370 000	20 000	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għar-rilokazzjoni u t-trasport ta' tagħmir.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 5 Ħlasijiet finanzjarji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
10 000	10 000	5 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet finanzjarji, inkluż ħlasijiet bankarji.

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 6 Infiq u spejjeż legali, danni u kumpens

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 250 000	1 250 000	1 450 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— spejjeż li l-Kunsill jista' jiġi obbligat iħallas minn xi waħda mit-tliet qrati li jiffurmaw il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (i.e. il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku),

KAPITOLU 2 2 — INFIQ OPERATTIV *(ikompli)*

2 2 3 *(ikompli)*

2 2 3 6 *(ikompli)*

— tariffi imposti minn avukati minn barra biex jirrappreżentaw lill-Kunsill fil-qorti jew biex jagħtu parir lill-Kunsill fi kwistjonijiet amministrattivi u kuntrattwali,

— danni u kumpens li għalihom il-Kunsill jista' jkun responsabbli .

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 7 Spejjeż operattivi oħra

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
268 000	267 000	143 403,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-assigurazzjoni, ħlief l-assigurazzjoni fuq bini, li taqa' taħt l-Artikolu 2 0 1 3,

— l-ispejjeż għax-xiri ta' uniformijiet tax-xogħol għall-persunal skont ir-regoli addottati mid-DGA, tagħmir tax-xogħol għall-persunal tal-workshop u persunal tas-servizzi interni u t-tiswija u l-manutenzjoni ta' uniformijiet tax-xogħol,

— il-kontribut tal-Kunsill lejn in-nefqa ta' xi assoċjazzjonijiet li l-attivitajiet tagħhom huma direttament relatati ma' dawk tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni,

— infiq operattiv ieħor mhux speċifikament previst taħt it-titoli preċedenti (bnadar, servizzi varji).

Ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

TITOLU 10

SPEJJEŻ OĦRAJN

KAPITOLU 10 0 — APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI
KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 10 0	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1	2 000 000	1 000 000	0,—	
	KAPITOLU 10 1 — TOTAL	2 000 000	1 000 000	0,—	
	Titolu 10 — Total	**2 000 000**	**1 000 000**	**0,—**	
	GRAN TOTAL	**545 054 000**	**541 791 500**	**484 574 968,—**	**88,90**

TITOLU 10

SPEJJEŻ OĦRAJN

KAPITOLU 10 0 — APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-approprjazzjonijiet mdaħħla f'dan il-kapitolu huma proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara li jkunu trasferiti għal kapitoli oħra skont ir-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 000 000	1 000 000	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tirriżulta mid-deċiżjonijiet baġitarji meħuda matul is-sena finanzjarja (nefqa li ma tistax tiġi stmata).

IL-KUNSILL EWROPEW U L-KUNSILL

PERSUNAL

Kunsill Ewropew u Kunsill

Grupp ta' funzjoni u grad	2015		
	Postijiet permanenti	Postijiet temporanji	
		President tal-Kunsill Ewropew	Oħrajn
Non-kategorija	1	—	—
AD 16	8	1	—
AD 15	33 (1)	1	—
AD 14	165 (2)	2	1
AD 13	151	3	—
AD 12	139	2	2
AD 11	89	—	—
AD 10	90	3	—
AD 9	128	1	—
AD 8	176	—	—
AD 7	166	1	—
AD 6	125	3	—
AD 5	130	—	—
Total AD	1 400	17	3
AST 11	30	—	—
AST 10	23	1	—
AST 9	96	—	—
AST 8	191	3	—
AST 7	170	—	—
AST 6	167	3	—
AST 5	205	4	—
AST 4	238	1	—
AST 3	257	3	—
AST 2	136	1	—
AST 1	67	—	—
Total AST	1 580	16	—
AST/SC 6	—	—	—
AST/SC 5	—	—	—
AST/SC 4	—	—	—
AST/SC 3	—	—	—
AST/SC 2	—	—	—
AST/SC 1	55	—	—
AST/SC total	55	—	—
Total	**3 036**	**33**	**3**
Total komplessiv	**3 072**		

(1) Li minnhom erbgħa AD 16 *ad personam*.
(2) Li minnhom sebgħa AD 15 *ad personam*.

Grupp ta' funzjoni u grad	2016		
	Postijiet permanenti	Postijiet temporanji	
		President tal-Kunsill Ewropew	Oħrajn
Non-kategorija	1	—	—
AD 16	8	1	—
AD 15	33 [1]	1	—
AD 14	152 [2]	2	1
AD 13	133	3	—
AD 12	160	2	2
AD 11	78	1	—
AD 10	97	5	—
AD 9	148	1	—
AD 8	192	—	—
AD 7	151	1	—
AD 6	139	3	—
AD 5	119	—	—
Total AD	1 410	20	3
AST 11	18	—	—
AST 10	22	—	—
AST 9	119	2	—
AST 8	182	1	—
AST 7	170	—	—
AST 6	161	3	—
AST 5	205	3	—
AST 4	220	1	—
AST 3	228	2	—
AST 2	131	1	—
AST 1	47	—	—
Total AST	1 503	13	—
AST/SC 6	—	—	—
AST/SC 5	—	—	—
AST/SC 4	—	—	—
AST/SC 3	—	—	—
AST/SC 2	—	—	—
AST/SC 1	90	—	—
AST/SC total	90	—	—
Total	**3 004**	**33**	**3**
Total komplessiv	**3 040**		

[1] Li minnhom erbgħa AD 16 *ad personam*.
[2] Li minnhom sebgħa AD 15 *ad personam*.

TAQSIMA III

KUMMISSJONI

KUMMISSJONI

DĦUL

KUMMISSJONI

TITOLU 4

DĦUL PROVENJENT MINN PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRA TAL-UNJONI

KAPITOLU 4 0 — TAXXI U DEDUZZJONIJIET MIXXELLANJI
KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI
KAPITOLU 4 2 — KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	***Rikavati mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u gratifiki ta' Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali, ħaddiema oħra u persuni li jirċievu pensjoni***	551 045 378	519 310 407	515 061 234,89	93,47
4 0 3	***Rikavati mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji ta' Membri tal-istituzzjoni, l-uffiċjali u ħaddiema oħra f'impjieg attiv***	p.m.	p.m.	358 763,32	
4 0 4	***Kontribut mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarji ta' Membri tal-istituzzjoni, l-uffiċjali u ta' aġenti oħra f'impjieg attiv.***	54 463 584	53 683 717	75 484 787,53	138,60
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	605 508 962	572 994 124	590 904 785,74	97,59
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	***Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni***	292 000 614	282 537 089	228 635 783,30	78,30
4 1 1	***Trasferiment jew akkwist tad-drittijiet tal-pensjoni mill-persunal***	91 492 938	94 796 621	90 058 008,66	98,43
4 1 2	***Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u tal-persunal temporanju fuq vaganza minħabba raġunijiet personali***	100 000	100 000	70 469,59	70,47
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	383 593 552	377 433 710	318 764 261,55	83,10
	KAPITOLU 4 2				
4 2 0	***Kontribuzzjonijiet tal-impjegatur minn aġenziji deċentralizzati u organizzazzjonijiet internazzjonali għall-iskema tal-pensjoni***	21 623 969	21 738 484	17 570 830,30	81,26
	KAPITOLU 4 2 — TOTAL	21 623 969	21 738 484	17 570 830,30	81,26
	Titolu 4 — Total	**1 010 726 483**	**972 166 318**	**927 239 877,59**	**91,74**

KUMMISSJONI

TITOLU 4

DĦUL PROVENJENT MINN PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRA TAL-UNJONI

KAPITOLU 4 0 — TAXXI U DEDUZZJONIJIET MIXXELLANJI

4 0 0 Rikavati mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u gratifiki ta' Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali, ħaddiema oħra u persuni li jirċievu pensjoni

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
551 045 378	519 310 407	515 061 234,89

Kummenti

Dan id-dħul jirrappreżenta t-taxxa kollha imposta fuq is-salarji, il-pagi u l-emolumenti ta' kull tip, minbarra l-benefiċċji ta' allowances tal-familja li thallsu lill-Membri tal-Kummissjoni, l-uffiċjali, aġenti u persuni oħra li rċevew ħlasijiet ta' kumpens wara t-terminazzjoni tal-impjieg imsemmija f'Kapitolu 01 ta' kull Titolu tad-dikjarazzjoni tan-nefqa u lil persuni li qed jirċievu pensjoni.

Id-dħul stmat jinkludi wkoll l-ammonti għall-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Il-protokoll fuq il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jiddetermina l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, u l-President, il-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal tal-Unjoni Ewropea għas-Servizz Pubbliku (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jwaqqaf il-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-ġid tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1860/76 tad-29 ta' Ġunju 1976 li jistipola l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Istaff tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u tal-Għajxien (ĠU L 214, 6.8.1976, p. 24).

4 0 3 Rikavati mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji ta' Membri tal-istituzzjoni, l-uffiċjali u ħaddiema oħra f'impjieg attiv

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	358 763,32

KUMMISSJONI

KAPITOLU 4 0 — TAXXI U DEDUZZJONIJIET MIXXELLANJI *(ikompli)*

4 0 3 *(ikompli)*

Kummenti

Id-dispożizzjonijiet rigward il-kontribuzzjoni temporanja kienu japplikaw sat-30 ta' Ġunju 2003. Għalhekk din il-linja se tkopri d-dħul kollu li jirriżulta mill-ammont li jifdal tal-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-Kummissjoni, l-uffiċjali u aġenti oħra li qegħdin f'impjieg attiv.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

4 0 4 ***Kontribut mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarji ta' Membri tal-istituzzjoni, l-uffiċjali u ta' aġenti oħra f'impjieg attiv.***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
54 463 584	53 683 717	75 484 787,53

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra d-dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarji ta' uffiċjali u aġenti oħra f'servizz attiv skont l-Artikolu 66a tar-Regolamenti tal-Persunal.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p 1).

KUMMISSJONI

KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI

4 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
292 000 614	282 537 089	228 635 783,30

Kummenti

Id-dħul jirrappreżenta l-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-finanzjament tal-iskema tal-pensjonijiet.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1860/76 tad-29 ta' Ġunju 1976 li jistipola l-kundizzjonijiet għall-istaff tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u tal-Għajxien (ĠU L 214, 6.8.1976, p. 24).

4 1 1 Trasferiment jew akkwist tad-drittijiet tal-pensjoni mill-persunal

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
91 492 938	94 796 621	90 058 008,66

Kummenti

Id-dħul jirrappreżenta l-ħlas lill-Unjoni tal-ekwivalenti attwarja jew il-valur tar-redenzjoni b'rata fissa tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba mill-uffiċjali mill-impjiegi preċedenti tagħhom.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

4 1 2 Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u tal-persunal temporanju fuq vaganza minħabba raġunijiet personali

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
100 000	100 000	70 469,59

Kummenti

Uffiċjali u aġenti oħra li jieħdu l-liv għal raġunijiet personali jistgħu jibqgħu jiksbu drittijiet tal-pensjoni sakemm jerfgħu ukoll il-kost tal-kontribuzzjoni ta' min iħaddem.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI *(ikompli)*

4 1 2 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 4 2 — KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI

4 2 0 ***Kontribuzzjonijiet tal-impjegatur minn aġenziji deċentralizzati u organizzazzjonijiet internazzjonali għall-iskema tal-pensjoni***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
21 623 969	21 738 484	17 570 830,30

Kummenti

Id-dħul jirrappreżenta l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem minn aġenziji deċentralizzati u organizzazzjonijiet internazzjonali għall-iskema tal-pensjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI

TITOLU 5

DĦUL PROVENJENT MILL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 5 0 — RIKAVATI MILL-BEJGĦ TA' BENI MOBBLI (PROVVISTA TA' OĠĠETTI) U BENI IMMOBBLI
KAPITOLU 5 1 — RIKAVATI MINN LOKAZZJONI U KIRI
KAPITOLU 5 2 — DĦUL MINN INVESTIMENTI JEW SELFIET MOGĦTIJA, IMGĦAX BANKARJI U IMGĦAX IEĦOR

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 5 0				
5 0 0	***Rikavati mill-bejgħ ta' beni mobbli (provvista ta' oġġetti)***				
5 0 0 0	Rikavat mill-bejgħ ta' vetturi — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	16 070,—	
5 0 0 1	Rikavati mill-bejgħ ta' beni mobbli oħra — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	80 563,23	
5 0 0 2	Rikavati mill-provvista ta' oġġetti lil istituzzjonijiet jew korpi oħra — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	661 233,62	
	Artikolu 5 0 0 — Total	p.m.	p.m.	757 866,85	
5 0 1	***Rikavati mill-bejgħ ta' beni immobbli***	p.m.	p.m.	0,—	
5 0 2	***Rikavati mill-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet, xogħlijiet stampati u films — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	220 985,04	
	KAPITOLU 5 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	978 851,89	
	KAPITOLU 5 1				
5 1 0	***Rikavati mill-kiri ta' għamara u apparat — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	649,34	
5 1 1	***Rikavati minn lokazzjoni u sullokazzjoni ta' beni immobbli u r-rimbors ta' debiti marbtura mal-lokazzjonijiet***				
5 1 1 0	Rikavati mil-lokazzjoni u sullokazzjoni ta' beni immobbli — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	11 461 316,16	
5 1 1 1	Rimbors ta' debiti b'rabta mal-lokazzjonijiet— Dħul assenjat	p.m.	p.m.	2 279 119,67	
	Artikolu 5 1 1 — Total	p.m.	p.m.	13 740 435,83	
	KAPITOLU 5 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	13 741 085,17	
	KAPITOLU 5 2				
5 2 0	***Dħul minn investimenti jew selfiet mogħtija, imgħax bankarju u imgħax ieħor fuq il-kontijiet tal-istituzzjoni***	p.m.	p.m.	1 242 137,25	
5 2 1	***Dħul minn investimenti jew selfiet mogħtija, imgħax bankarju jew imgħax ieħor fuq il-kontijiet tal-organizzazzjonijiet li jirċievu sussidji trasferiti lill-Kummissjoni***	10 000 000	50 000 000	15 550 692,95	155,51
5 2 2	***Imgħax rikavat minn prefinanzjament***	40 000 000	40 000 000	18 567 546,46	46,42
5 2 3	***Dħul iġġenerat mill-kontijiet fiduċjarji — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	123 434,10	
	KAPITOLU 5 2 — TOTAL	50 000 000	90 000 000	35 483 810,76	70,97

KUMMISSJONI

KAPITOLU 5 5 — DĦUL MILL-FORNIMENT TA' SERVIZZI U XOGĦLIJIET
KAPITOLU 5 7 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA B'RABTA MAL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI
KAPITOLU 5 8 — KUMPENS MIXXELLANJU
KAPITOLU 5 9 — DĦUL IEĦOR MILL-OPERAZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 5 5				
5 5 0	***Rikavati mill-provvista ta' servizzi u xogħlijiet magħmula għal istituzzjonijiet jew korpi oħra, inkluż rifużjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħra tal-gratifiki tal-missjoni mħallas f'isimhom — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	28 106 531,21	
5 5 1	***Dħul minn terzi fir-rigward ta' servizzi jew xogħlijiet fornuti fuq talba tagħhom — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	3 270 929,37	
	KAPITOLU 5 5 — TOTAL	p.m.	p.m.	31 377 460,58	
	KAPITOLU 5 7				
5 7 0	***Dħul provenjent mir-rimbors ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	7 597 218,18	
5 7 1	***Dħul individwat għal skop speċifiku, għal introjtu mill-fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati, inkluż id-dħul individwat speċifiku għal kull istituzzjoni — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
5 7 2	***Rimbors ta' nefqa fuq il-protezzjoni soċjali mġarrba f'isem istituzzjoni oħra***	p.m.	p.m.	0,—	
5 7 3	***Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra b'rabta mal-operat amministrattiv tal-istituzzjoni — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	159 983 344,34	
	KAPITOLU 5 7 — TOTAL	p.m.	p.m.	167 580 562,52	
	KAPITOLU 5 8				
5 8 0	***Dħul minn pagamenti b'rabta ma' lokazzjonijiet — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
5 8 1	***Dħul minn pagamenti tal-assigurazzjoni rċevuti — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	31 318,13	
	KAPITOLU 5 8 — TOTAL	p.m.	p.m.	31 318,13	
	KAPITOLU 5 9				
5 9 0	***Dħul ieħor mill-operazzjonijiet amministrattivi***	5 000 000	4 000 000	6 556 038,20	131,12
	KAPITOLU 5 9 — TOTAL	5 000 000	4 000 000	6 556 038,20	131,12
	Titolu 5 — Total	**55 000 000**	**94 000 000**	**255 749 127,25**	**465,00**

KUMMISSJONI

TITOLU 5

DĦUL PROVENJENT MILL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 5 0 — RIKAVATI MILL-BEJGĦ TA' BENI MOBBLI (PROVVISTA TA' OĠĠETTI) U BENI IMMOBBLI

5 0 0 Rikavati mill-bejgħ ta' beni mobbli (provvista ta' oġġetti)

5 0 0 0 Rikavat mill-bejgħ ta' vetturi — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	16 070,—

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba biex tirreġistra d-dħul mill-bejgħ jew mill-xiri bi tpartit ta' vetturi tal-istituzzjonijiet. Iżżomm ukoll rekord tal-profitti mill-bejgħ ta' vetturi li qed jiġu mibdula jew mormija meta l-valur ikun deprezzat għal kollox.

Skont l-Artikolu 21(3)(a) u (b) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kkunsidrat bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li twassal għad-dħul korrispondenti.

5 0 0 1 Rikavati mill-bejgħ ta' beni mobbli oħra — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	80 563,23

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tirreġistra d-dħul mill-bejgħ jew mill-part-exchange ta' proprjetà mobbli, apparti ta' vetturi tal-istituzzjonijiet. Iżżomm ukoll rekord tal-profitti mill-bejgħ ta' tagħmir, stallazzjonijiet, materjali, u apparat xjentifiku u tekniku li qed jiġi mibdul jew mormi meta l-valur ikun deprezzat għal kollox.

Skont l-Artikolu 21(3)(a) u (b) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kkunsidrat bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li twassal għad-dħul korrispondenti.

5 0 0 2 Rikavati mill-provvista ta' oġġetti lil istituzzjonijiet jew korpi oħra — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	661 233,62

Kummenti

Skont l-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 5 0 — RIKAVATI MILL-BEJGĦ TA' BENI MOBBLI (PROVVISTA TA' OĠĠETTI) U BENI IMMOBBLI *(ikompli)*

5 0 1 Rikavati mill-bejgħ ta' beni immobbli

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra d-dħul mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli li hija tal-istituzzjoni.

5 0 2 Rikavati mill-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet, xogħlijiet stampati u films — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	220 985,04

Kummenti

Skont l-Artikolu 21(3)(h) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

Dan l-Artikolu għandu wkoll dħul mill-bejgħ ta' prodotti fuq mezz elettroniku.

KAPITOLU 5 1 — RIKAVATI MINN LOKAZZJONI U KIRI

5 1 0 Rikavati mill-kiri ta' għamara u apparat — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	649,34

Kummenti

Skont l-Artikolu 21(3)(a) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

5 1 1 Rikavati minn lokazzjoni u sullokazzjoni ta' beni immobbli u r-rimbors ta' debiti marbtura mal-lokazzjonijiet

5 1 1 0 Rikavati mil-lokazzjoni u sullokazzjoni ta' beni immobbli — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	11 461 316,16

Kummenti

Skont l-Artikolu 21(3)(a) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 5 1 — RIKAVATI MINN LOKAZZJONI U KIRI *(ikompli)*

5 1 1 *(ikompli)*

5 1 1 1 Rimbors ta' debiti b'rabta mal-lokazzjonijiet— Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	2 279 119,67

Kummenti

Skont l-Artikolu 21(3)(a) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 5 2 — DĦUL MINN INVESTIMENTI JEW SELFIET MOGĦTIJA, IMGĦAX BANKARJI U IMGĦAX IEĦOR

5 2 0 ***Dħul minn investimenti jew selfiet mogħtija, imgħax bankarju u imgħax ieħor fuq il-kontijiet tal-istituzzjoni***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	1 242 137,25

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra dħul minn investimenti jew self mogħti, imgħax bankarju u imgħax ieħor kreditat lil jew iddebitat mill-kontijiet tal-istituzzjonijiet.

5 2 1 ***Dħul minn investimenti jew selfiet mogħtija, imgħax bankarju jew imgħax ieħor fuq il-kontijiet tal-organizzazzjonijiet li jirċievu sussidji trasferiti lill-Kummissjoni***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
10 000 000	50 000 000	15 550 692,95

Kummenti

Dan l-artikolu fih id-dħul li nġema' mill-ħlas mill-ġdid tal-imgħax mill-organizzazzjonijiet issussidjati li poġġew ħlasijiet bil-quddiem li rċevew mill-Kummissjoni fuq kontijiet li jrendu l-interessi. Jekk jibqgħu mhux użati, dawn il-ħlasijiet bil-quddiem bl-imgħaxijiet tagħhom b'kollox għandhom jitħallsu lura lill-Kummissjoni.

5 2 2 ***Imgħax rikavat minn prefinanzjament***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
40 000 000	40 000 000	18 567 546,46

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra d-dħul minn imgħax ġej mill-prefinanzjament

KUMMISSJONI

KAPITOLU 5 2 — DĦUL MINN INVESTIMENTI JEW SELFIET MOGĦTIJA, IMGĦAX BANKARJI U IMGĦAX IEĦOR *(ikompli)*

5 2 2 *(ikompli)*

Skont l-Artikolu 21(3)(d) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul jista' jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li twassal għad-dħul korrispondenti.

L-imgħax iġġenerat minn pagamenti ta' prefinanzjament li jsiru mill-baġit ma għandux ikun dovut lill-Unjoni ħlief jekk ikun stipulat mod ieħor fil-ftehimiet ta' delega, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-ftehimiet konklużi ma' pajjiżi terzi jew il-korpi li huma jkunu nnominaw. Fil-każijiet li fihom ikun previst hekk, dan l-imgħax għandu jew jerġa' jintuża għall-azzjoni korrispondenti, jitnaqqas mit-talbiet għal pagamenti skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Finanzjarju jew jiġi rkuprat.

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 jistabbilixxi wkoll id-dispożizzjonijiet rigward il-kontabilità tal-imgħax iġġenerat fuq il-prefinanzjament.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 21(3)(d) tiegħu.

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

5 2 3 ***Dħul iġġenerat mill-kontijiet fiduċjarji — Dħul assenjat***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	123 434,10

Kummenti

Dan l-artikolu hu maħsub biex jirreġistra l-interessi u dħul ieħor iġġenerat mill-kontijiet fiduċjarji.

Il-kontijiet fiduċjarji jinżammu f'isem l-Unjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (il-Fond Ewropew tal-Investiment, il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa/ Kreditanstalt für Wiederaufbau, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp) li jamministraw programmi tal-Unjoni u l-ammonti mħallsa mill-Unjoni jibqgħu fuq il-kont sakemm isiru disponibbli għall-benefiċjarji taħt il-programm uniku, bħal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew istituzzjonijiet li jamministraw proġetti f'pajjiżi aderenti.

Skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju, l-interessi li jiġġeneraw mill-kontijiet fiduċjarji użati għall-programmi tal-Unjoni jintużaw sabiex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali abbażi ta' dak li kien juri n-nefqa inizjali li jwassal għad-dħul korrispondenti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(4) tiegħu.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 5 2 — DĦUL MINN INVESTIMENTI JEW SELFIET MOGĦTIJA, IMGĦAX BANKARJI U IMGĦAX IEĦOR *(ikompli)*

5 2 3 *(ikompli)*

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

KAPITOLU 5 5 — DĦUL MILL-FORNIMENT TA' SERVIZZI U XOGĦLIJIET

5 5 0 ***Rikavati mill-provvista ta' servizzi u xogħlijiet magħmula għal istituzzjonijiet jew korpi oħra, inkluż rifużjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħra tal-gratifiki tal-missjoni mħallas f'isimhom — Dħul assenjat***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	28 106 531,21

Kummenti

Skont l-Artikolu 21(3)(e) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

5 5 1 ***Dħul minn terzi fir-rigward ta' servizzi jew xogħlijiet fornuti fuq talba tagħhom — Dħul assenjat***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	3 270 929,37

Kummenti

Skont l-Artikolu 21(3)(a) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 5 7 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA B'RABTA MAL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

5 7 0 ***Dħul provenjent mir-rimbors ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu — Dħul assenjat***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	7 597 218,18

Kummenti

Skont l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 5 7 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA B'RABTA MAL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI
(ikompli)

5 7 1 Dħul individwat għal skop speċifiku, għal introjtu mill-fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati, inkluż id-dħul individwat speċifiku għal kull istituzzjoni — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Skont l-Artikolu 21(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

5 7 2 Rimbors ta' nefqa fuq il-protezzjoni soċjali mġarrba f'isem istituzzjoni oħra

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-Artikolu maħsub biex jirreġistra d-dħul mill-pagamenti tan-nefqa fuq il-*welfare* imġarrba f'isem istituzzjoni oħra.

5 7 3 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra b'rabta mal-operat amministrattiv tal-istituzzjoni — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	159 983 344,34

Kummenti

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li twassal għad-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 5 8 — KUMPENS MIXXELLANJU

5 8 0 Dħul minn pagamenti b'rabta ma' lokazzjonijiet — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Skont l-Artikolu 21(3)(g) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 5 8 — KUMPENS MIXXELLANJU *(ikompli)*

5 8 1 Dħul minn pagamenti tal-assigurazzjoni rċevuti — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	31 318,13

Kummenti

Skont l-Artikolu 21(3)(f) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 5 9 — DĦUL IEĦOR MILL-OPERAZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI

5 9 0 Dħul ieħor mill-operazzjonijiet amministrattivi

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
5 000 000	4 000 000	6 556 038,20

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra dħul ieħor minn operazzjonijiet amministrattivi

KUMMISSJONI

TITOLU 6

KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET MARBUTA MAL-FTEHIMIET U L-PROGRAMMI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 6 0				
6 0 1	***Programmi ta' riċerka mixxellanji***				
6 0 1 1	Ftehim ta' kooperazzjoni Żvizzera-Euratom fil-qasam tal-fużjoni termonukleari kontrollata u tal-fiżika tal-plażmi — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
6 0 1 2	Ftehim Ewropew dwar l-iżvilupp tal-fużjoni (EFDA) — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	1 916 000,—	
6 0 1 3	Ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-ambitu tal-programmi ta' riċerka tal-Unjoni — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	188 328 679,52	
6 0 1 5	Ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-istituti minn pajjiżi terzi b'rabta ma' proġetti xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess għall-Unjoni (Eureka u oħrajn) — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
6 0 1 6	Ftehimiet ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 6 0 1 — Total	p.m.	p.m.	190 244 679,52	
6 0 2	***Programmi oħra***				
6 0 2 1	Dħul mixxellanju b'rabta mal-għajnuna umanitarja — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	49 927 571,36	
	Artikolu 6 0 2 — Total	p.m.	p.m.	49 927 571,36	
6 0 3	***Ftehimiet ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi***				
6 0 3 1	Dħul provenjent mill-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent fi programmi tal-Unjoni — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	200 597 560,18	
6 0 3 2	Dħul provenjent mill-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, għajr il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati tal-Balkani tal-Punent fi ftehimiet ta' kooperazzjoni doganali — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	670 748,—	
6 0 3 3	Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi jew korpi esterni fl-attivitajiet tal-Unjoni — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	135 583 121,90	
	Artikolu 6 0 3 — Total	p.m.	p.m.	336 851 430,08	
	KAPITOLU 6 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	577 023 680,96	

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 1 — RIMBORS TA' NEFQA MIXXELLANJA

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 6 1				
6 1 1	***Rimbors ta' nefqa mġarrba f'isem Stat Membru wieħed jew aktar***				
6 1 1 3	Dħul mill-investimenti kif dispost fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2003/76/KE — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	53 081 071,04	
6 1 1 4	Dħul provenjent mill-ammonti rkuprati fl-ambitu tal-programm ta' riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 6 1 1 — Total	p.m.	p.m.	53 081 071,04	
6 1 2	***Rimbors tan-nefqa mġarrba speċifikament kawża ta' twettiq ta' xogħol fuq talba u bi ħlas— Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	1 937,74	
6 1 4	***Rimbors ta' sostenn mill-Unjoni għall-proġetti u attivitajiet ta' suċċess kummerċjali***				
6 1 4 3	Rimbors ta' sostenn mill-Unjoni għall-attivitajiet Ewropej ta' kapital ta' riskju bħala sostenn għall-intrapriżi żgħar u medji — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
6 1 4 4	Rimbors ta' sostenn mill-Unjoni għal strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskju mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 6 1 4 — Total	p.m.	p.m.	0,—	
6 1 5	***Ħlas lura ta' għajnuna mill-Unjoni mhux użata***				
6 1 5 0	Ir-rimborż ta' għajnuna mhux użata mill-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ISPA, IPA, FES, FEAD u l-FEMS u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	67 212 656,57	
6 1 5 1	Rimbors tas-sussidji ta' bilanċjar baġitarju mhux użati — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
6 1 5 2	Rimbors ta' sussidji ta' imgħax mhux użati — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
6 1 5 3	Rimbors tal-ammonti mhux użati fil-qafas tal-kuntratti maħruġa mill-istituzzjoni — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
6 1 5 7	Ir-rimborż ta' ħlasijiet akkont fil-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għas-Sajd, il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,30	
6 1 5 8	Rimbors ta' għajnuna mixxellanja mill-Unjoni mhux użata — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	582 627,32	
	Artikolu 6 1 5 — Total	p.m.	p.m.	67 795 284,19	

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 1 — RIMBORS TA' NEFQA MIXXELLANJA *(ikompli)*
KAPITOLU 6 2 — DĦUL MINN SERVIZZI LI TWETTQU BI ĦLAS

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
6 1 6	***Rimbors tan-nefqa mġarrba f'isem l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
6 1 7	***Rimbors ta' ammonti mħallsa b'rabta ma' għajnuna mill-Unjoni lill-pajjiżi terzi***				
6 1 7 0	Rimborsi fil-qafas tal-kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	1 754,84	
	Artikolu 6 1 7 — Total	p.m.	p.m.	1 754,84	
6 1 8	***Rimbors ta' ammonti mħallsa b'rabta ma' għajnuna alimentari***				
6 1 8 0	Rimborsi mill-offerenti jew riċeventi ta' sovrapagamenti mwettqa b'rabta ma' għajnuna alimentari — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	15 691,39	
6 1 8 1	Rimbors tal-kostijiet addizzjonali ikkawżati mir-riċeventi tal-għajnuna alimentari — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	10 000,—	
	Artikolu 6 1 8 — Total	p.m.	p.m.	25 691,39	
6 1 9	***Rimbors ta' nefqa oħra mġarrba f'isem korpi barranin***				
6 1 9 1	Rimbors ta' nefqa oħra mġarrba f'isem korpi barranin skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	84 113,—	
	Artikolu 6 1 9 — Total	p.m.	p.m.	84 113,—	
	KAPITOLU 6 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	120 989 852,20	
	KAPITOLU 6 2				
6 2 0	***Provvista bi ħlas ta' materji primi jew materjali fissili speċjali (l-Artikolu 6(b) tat-Trattat Euratom) — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
6 2 2	***Dħul minn servizzi fornuti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka lill-korpi barranin bi ħlas***				
6 2 2 1	Dħul mill-operat tar-reattur ta' fluss għoli (HFR) li jintuża biex ikunu disposti approprjazzjonijiet addizzjonali — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	7 994 736,64	
6 2 2 3	Dħul ieħor mis-servizzi fornuti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka lil korpi esterni bi ħlas li jintużaw biex jiddisponu approprjazzjonijiet addizzjonali — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	8 111 453,33	
6 2 2 4	Dħul minn liċenzji mogħtija mill-Kummissjoni fuq invenzjonijiet li jirriżultaw minn riċerka tal-Unjoni li ssir miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, irrispettivament minn jekk jistgħux ikunu protetti bi privattiva — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	268 933,15	

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 2 — DĦUL MINN SERVIZZI LI TWETTQU BI ĦLAS *(ikompli)*
KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
6 2 2	*(ikompli)*				
6 2 2 5	Dħul ieħor għall-benefiċċju taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
6 2 2 6	Dħul minn servizzi fornuti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka lil servizzi oħra tal-Kummissjoni fuq bażi kompetittiva, li jintuża biex ikunu disposti approprjazzjonijiet addizzjonali — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	61 421 661,54	
	Artikolu 6 2 2 — Total	p.m.	p.m.	77 796 784,66	
6 2 4	***Dħul minn liċenzji mogħtija mill-Kummissjoni għall-invenzjonijiet li jirriżultaw minn riċerka tal-Unjoni, irrispettivament jekk jistgħux ikunu protetti bi privattivi jew le (azzjoni indiretta) — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 6 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	77 796 784,66	
	KAPITOLU 6 3				
6 3 0	***Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) taħt il-Ftehim ta' Kooperazzjoni taż-Żona Ekonomika Ewropea — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	286 014 835,—	
6 3 1	***Kontribuzzjonijiet fil-qafas tal-acquis ta' Schengen***				
6 3 1 2	Kontribuzzjonijiet għall-iżvilupp, l-istabbiliment, l-operazzjoni u l-użu ta' sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira skont il-ftehim konkluż mal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	2 620 721,15	
6 3 1 3	Kontribuzzjonijiet oħra b'rabta mal-acquis ta' Schengen (l-Islanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein) — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	31 993,89	
	Artikolu 6 3 1 — Total	p.m.	p.m.	2 652 715,04	
6 3 2	***Kontribuzzjonijiet għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv komuni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	86 415 429,65	
6 3 3	***Kontribuzzjonijiet għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna***				
6 3 3 0	Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	11 557 494,80	
6 3 3 1	Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI *(ikompli)*
KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI
KAPITOLU 6 6 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
6 3 3	*(ikompli)*				
6 3 3 2	Kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 6 3 3 — Total	p.m.	p.m.	11 557 494,80	
6 3 4	***Kontribuzzjonijiet minn fondi fiduċjarji u strumenti finanzjarji — Dħul assenjat***				
6 3 4 0	Kontribuzzjonijiet minn fondi fiduċjarji għall-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-Kummissjoni — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
6 3 4 1	Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 6 3 4 — Total	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 6 3 — TOTAL	p.m.	p.m.	386 640 474,49	
	KAPITOLU 6 5				
6 5 0	***Korrezzjonijiet finanzjarji qabel l-2015 b'rabta mal-FEŻR, il-FSE, il-Gwida-FAEGG, is-SFGS, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FES, il-FEMS, is-SAPARD u l-IPA — Dħul assenjat***	—	—	118 383 863,98	
6 5 1	***Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodi ta' pprogrammar qabel is-sena 2000***	p.m.	p.m.		
6 5 2	***Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006 - Dħul assenjat***	p.m.	p.m.		
6 5 3	***Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 - Dħul assenjat***	p.m.	p.m.		
6 5 4	***Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020 - Dħul assenjat***	p.m.	p.m.		
	KAPITOLU 6 5 — TOTAL	p.m.	p.m.	118 383 863,98	
	KAPITOLU 6 6				
6 6 0	***Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra***				
6 6 0 0	Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra assenjati — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	839 804 777,25	
6 6 0 1	Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra nonassenjati	60 000 000	60 000 000	8 666 423,81	14,44
	Artikolu 6 6 0 — Total	60 000 000	60 000 000	848 471 201,06	1 414,12
	KAPITOLU 6 6 — TOTAL	60 000 000	60 000 000	848 471 201,06	1 414,12

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 6 7				
6 7 0	***Dħul b'rabta mal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija***				
6 7 0 1	Approvazzjoni ta' kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	815 588 600,63	
6 7 0 2	Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	150 305 663,70	
6 7 0 3	Superlevy minn produtturi tal-ħalib — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	48 284 110,03	
	Artikolu 6 7 0 — Total	p.m.	p.m.	1 014 178 374,36	
6 7 1	***Dħul b'rabta mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali***				
6 7 1 1	Approvazzjoni ta' kontijiet Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	69 413 810,83	
6 7 1 2	Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 6 7 1 — Total	p.m.	p.m.	69 413 810,83	
	KAPITOLU 6 7 — TOTAL	p.m.	p.m.	1 083 592 185,19	
	Titolu 6 — Total	**60 000 000**	**60 000 000**	**3 212 898 042,54**	**5 354,83**

KUMMISSJONI

TITOLU 6

KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET MARBUTA MAL-FTEHIMIET U L-PROGRAMMI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI

6 0 1 Programmi ta' riċerka mixxellanji

6 0 1 1 Ftehim ta' kooperazzjoni Żvizzera-Euratom fil-qasam tal-fużjoni termonukleari kontrollata u tal-fiżika tal-plażmi — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dħul li jirriżulta mill-ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Iżvizzera u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, b'mod partikolari dak tal-14 ta' Settembru 1978.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul għandu jintuża sabiex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 08 03 50 u l-Artikolu 08 04 50 (azzjonijiet indiretti) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, skont in-nefqa li għandha tiġi koperta.

6 0 1 2 Ftehim Ewropew dwar l-iżvilupp tal-fużjoni (EFDA) — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	1 916 000,—

Kummenti

Dħul li jirriżulta mill-ftehimiet multilaterali EFDA bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u s-26 assoċjati tal-fużjoni.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 08 03 50 (azzjoni indiretta) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, skont in-nefqa li għandha tiġi koperta.

6 0 1 3 Ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-ambitu tal-programmi ta' riċerka tal-Unjoni — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	188 328 679,52

Kummenti

Dħul li jirriżulta minn ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, partikolarment dawk li qed jipparteċipaw f'kooperazzjoni Ewropea fil-qasam ta' riċerka xjentifika u teknika (COST), biex ikunu assoċjati ma' programmi ta' riċerka tal-Unjoni.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI *(ikompli)*

6 0 1 *(ikompli)*

6 0 1 3 *(ikompli)*

Kwalunkwe kontribuzzjoni għandha tkopri l-kostijiet tal-laqgħat, kuntratti tal-esperti u nefqa tar-riċerka taħt il-programmi inkwistjoni.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 02 04 50, 05 09 50, 06 03 50, 08 02 50, 08 03 50, 08 04 50, 09 04 50, 15 03 50, 32 04 50 (azzjoni indiretta), 10 02 50 u 10 03 50 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, skont in-nefqa li għandha tiġi koperta.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/372/KE tat-12 ta' Frar 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' Iżrael dwar il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-parteċipazzjoni tal-Istat ta' Iżrael fil-programmi Komunitarji (ĠU L 129, 17.5.2008, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/28/UE tat-12 ta' Lulju 2010 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 14, 19.1.2011, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/777/UE tal-10 ta' Diċembru 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 340, 13.12.2012, p. 26).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 2089 tat-2 ta' April 2014 dwar l-approvazzjoni u l-firma tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat ta' Israel dwar il-parteċipazzjoni ta' Israel fil-programm tal-Unjoni "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)".

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/494/UE tas-16 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra (ĠU L 261, 30.8.2014, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4290 tat-30 ta' Ġunju 2014 dwar l-approvazzjoni u l-firma tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-parteċipazzjoni tal-Moldova fil-programm tal-Unjoni "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)".

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI *(ikompli)*

6 0 1 *(ikompli)*

6 0 1 3 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/691/UE tad-29 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/668/UE dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Ukraina min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-Titolu III (bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mat-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-Parti l-oħra) u t-Titoli IV, V, VI u VII tagħha, kif ukoll l-Annessi u l-Protokolli relatati (ĠU L 289, 3.10.2014, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/209 tal-10 ta' Novembru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) (ĠU L 35, 11.2.2015, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/953/UE tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/954/Euratom tal-4 ta' Diċembru 2014 li tapprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 9320 tal-5 ta' Diċembru 2014 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Żvizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/575 tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar l-iffirmar, fl-isem tal-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 96, 11.4.2015, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 1355 tat-3 ta' Marzu 2015 dwar l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar il-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-programm tal-Unjoni "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)".

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1795 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) (ĠU L 263, 8.10.2015, p. 6).

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI *(ikompli)*

6 0 1 *(ikompli)*

6 0 1 3 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1796 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Żvizzera ma' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-attivitajiet ITER imwettqa minn Fużjoni għall-Enerġija (ĠU L 263, 8.10.2015, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8195 tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programm tal-Unjoni "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" (il-Ftehim għadu mhuwiex iffirmat).

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(…) … ta' …. dwar l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar il-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programm tal-Unjoni "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" (COM(...) ... final).

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(…) … ta' …. dwar l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-programm tal-Unjoni "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" (COM(...) ... final).

6 0 1 5 Ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-istituti minn pajjiżi terzi b'rabta ma' proġetti xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess għall-Unjoni (Eureka u oħrajn) — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dħul li jirriżulta minn ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni u istituti minn pajjiżi terzi inkonnessjoni ma' proġetti xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess għall-Unjoni (Eureka u oħrajn).

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 02 04 50, 05 09 50, 06 03 50, 08 02 50, 09 04 50, 15 03 50 u 32 04 50 (azzjoni indiretta) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

6 0 1 6 Ftehimiet ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dħul minn Stati li qed jieħdu sehem f'kooperazzjoni Ewropea fil-qasam ta' riċerka xjentifika u teknika.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 02 04 50, 05 09 50, 06 03 50, 08 02 50, 09 04 50, 15 03 50 u 32 04 50 (azzjoni indiretta) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI *(ikompli)*

6 0 1 *(ikompli)*

6 0 1 6 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Ir-Riżoluzzjoni tal-Ministri tal-Istati li jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifka u teknika (COST) (iffirmata fi Vjenna fil-21 ta' Novembru 1991) (ĠU C 333, 24.12.1991, p. 1).

6 0 2 ***Programmi oħra***

6 0 2 1 Dħul mixxellanju b'rabta mal-għajnuna umanitarja — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	49 927 571,36

Kummenti

Kwalunkwe kontribuzzjoni minn korpi esterni dwar l-għajnuna umanitarja.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont it-Titolu 23 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja (ĠU L 122, 1.12 2014, p. 1).

6 0 3 ***Ftehimiet ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi***

6 0 3 1 Dħul provenjent mill-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent fi programmi tal-Unjoni — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	200 597 560,18

Kummenti

Dħul provenjent mill-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni konklużi bejn l-Unjoni u l-pajjiżi hawn taħt elenkati bħala riżultat tal-parteċipazzjoni tagħhom f'diversi programmi tal-Unjoni. Kwalunkwe dħul minn pajjiżi li huma diġà Stati Membri li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet tal-passat.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju kwalunkwe dħul ser jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI *(ikompli)*

6 0 3 *(ikompli)*

6 0 3 1 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-programmi tal-Komunità (ĠU L 61, 2.3.2002, p. 29).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Preparazzjoni tal-qafas finanzjarju multi-annwali dwar il-finanzjament tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej għall-perjodu mill-2014 sal-2020 (il-11-il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp) (COM(2011) 837 final).

6 3 3 ***Kontribuzzjonijiet għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna***

6 3 3 0 Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	11 557 494,80

Kummenti

Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet u persuni fiżiċi, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom.

F'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprazzjonijiet addizzjonali biex tiġi ffinanzjata n-nefqa li għaliha jkun assenjat dan id-dħul.

6 3 3 1 Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet u persuni fiżiċi, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom.

F'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali biex tiġi ffinanzjata n-nefqa li għaliha jkun assenjat dan id-dħul.

6 3 3 2 Kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI *(ikompli)*

6 3 3 *(ikompli)*

6 3 3 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni f'isimhom.

F'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali biex tiġi ffinanzjata n-nefqa li għaliha jkun assenjat dan id-dħul.

6 3 4 ***Kontribuzzjonijiet minn fondi fiduċjarji u strumenti finanzjarji — Dħul assenjat***

6 3 4 0 Kontribuzzjonijiet minn fondi fiduċjarji għall-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-Kummissjoni — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tirreġistra t-tariffi tal-immaniġġjar li l-Kummissjoni hija awtorizzata tiġbed sabiex tkopri l-ispejjeż tal-immaniġġjar tagħha mis-snin li fihom bdew jintużaw il-kontribuzzjonijiet għal kull fond fiduċjarju.

F'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju, dawn it-tariffi tal-immaniġġjar għandhom jiġu assimilati fid-dħul assenjat matul il-ħajja tal-fond fiduċjarju.

Bażi ġuridika

Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 187(7) tiegħu.

Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu.

6 3 4 1 Kontribuzzjonijiet mill-istrumenti finanzjarji — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIMIET SPEĊIFIĊI *(ikompli)*

6 3 4 *(ikompli)*

6 3 4 1 *(ikompli)*

Kummenti

Ir-rimborsi annwali, inklużi r-rimborsi kapitali, il-garanziji rilaxxati u rimborsi tal-kapital tas-self, imħallsin lura lill-Kummissjoni jew lill-kontijiet fiduċjarji miftuħin għall-istrumenti finanzjarji u attribwibbli għas-sostenn mill-baġit skont strument finanzjarju, għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jintużaw għall-istess strument finanzjarju, mingħajr preġudizju għall-Artikolu 140(9) ta' dak ir-Regolament, għal perjodu mhux itwal mill-perjodu tal-approprjazzjonijiet ta' impenn magħduda miegħu sentejn, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'att bażiku.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 140(6) tiegħu.

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI

6 5 0 ***Korrezzjonijiet finanzjarji qabel l-2015 b'rabta mal-FEŻR, il-FSE, il-Gwida-FAEGG, is-SFGS, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FES, il-FEMS, is-SAPARD u l-IPA — Dħul assenjat***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
—	—	118 383 863,98

Kummenti

Mis-sena baġitarja 2015 'il quddiem, l-ammonti rreġistrati fir-rigward tal-korrezzjonijiet finanzjarji li qabel kienu rreġistrati fil-Partita 6 5 0 0 huma mqassma skont il-perjodu ta' programmar fl-Artikoli minn 6 5 1 sa 6 5 4.

Il-Partita 6 5 0 0 kienet maħsuba sabiex tinkludi korrezzjonijiet finanzjarji marbutin mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG-Taqsima Gwida), l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), il-Programm Speċjali tal-Adeżjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (SAPARD), l-Istrument tal-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument Tranżitorju għall-Iżvilupp Rurali (STŻR) ffinanzjat mit-Taqsima Gwida tal-FAEGG.

L-ammonti allokati għal din il-partita, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, intużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI *(ikompli)*

6 5 0 *(ikompli)*

Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament Nru 1083/2006, dak ir-Regolament ma jaffettwax l-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluż it-tħassir totali jew parzjali, ta' għajnuna kofinanzjata mill-Fondi Strutturali jew ta' proġett kofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolamenti (KEE) Nru 2052/88, (KEE) Nru 4253/99, (KE) Nru 1164/94 u (KE) Nru 1260/1999 jew kull leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal din l-għajnuna fil-31 ta' Diċembru 2006, li b'ħekk għandha tapplika għal dik l-għajnuna jew il-proġetti kkonċernati sat-tmiem tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluża l-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kull leġiżlazzjoni li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effikaċja tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji eżistenti l-oħrajn (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 f'dak li għandu x'jaqsam mal-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Fondi Strutturali differenti bejniethom u mal-operat tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), u partikolarment l-Artikolu 39(2) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-għajnuna mill-Komunità għal miżuri ta' qabel l-Adeżjoni għal żvilupp agrikolu u rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa ċentrali u ta' lvant matul il-perjodu ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 87).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31,7.2006, p. 82).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI *(ikompli)*

6 5 0 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

Atti ta' referenza

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 dwar il-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji għal għajnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali (ĠU L 64, 6.3.2001, p. 13).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 27/2004 tal-5 ta' Jannar 2004 li jwaqqaf ir-regoli dettaljati għat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-iffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG tal-miżuri tal-iżvilupp rurali fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u s-Slovakkja (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 86).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2004 tat-28 ta' Jannar 2004 li jistipula r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 rigward il-miżuri ta' żvilupp rurali tranżitorji applikabbli għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja (GU L 24, 29.1.2004, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

6 5 1 ***Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodi ta' pprogrammar qabel is-sena 2000***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub sabiex jilqa' korrezzjonijiet finanzjarji marbutin mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) - Taqsima Gwida, l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIGF), u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), relatati mal-perjodi ta' pprogrammar ta' qabel is-sena 2000.

L-ammonti allokati għal dan l-Artikolu għandhom, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali fuq l-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI *(ikompli)*

6 5 1 *(ikompli)*

Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, dak ir-Regolament ma jaffettwax l-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluż it-tħassir totali jew parzjali, ta' għajnuna kofinanzjata mill-Fondi Strutturali jew ta' proġett kofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88, (KEE) Nru 4253/99, (KE) Nru 1164/94 u (KE) Nru 1260/1999 jew kull leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal din l-għajnuna fil-31 ta' Diċembru 2006, li b'ħekk għandha tapplika għal dik l-għajnuna jew il-proġetti kkonċernati sat-tmiem tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluża l-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kull leġiżlazzjoni li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977, applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 356, 31.12.1977, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effikaċja tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji eżistenti l-oħrajn (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 f'dak li għandu x'jaqsam mal-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Fondi Strutturali differenti bejniethom u mal-operat tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistabilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4256/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar it-Taqsima Gwida tal-EAGGF (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2080/93 tal-20 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-istrument finanzjarju tal-gwida tas-sajd (ĠU L 193, 31.07.1993, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), u partikolarment l-Artikolu 39(2) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI *(ikompli)*

6 5 2 Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006 - Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jinkludi korrezzjonijiet finanzjarji marbutin mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) — Taqsima Gwida, l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), u l-Programm Speċjali tal-Adeżjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (SAPARD) b'rabta mal-perjodu ta' programmar 2000-2006 u l-Istrument Tranżitorju għall-Iżvilupp Rurali (STŻR) ffinanzjat mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG.

L-ammonti allokati għal dan l-Artikolu għandhom, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali fuq l-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, dak ir-Regolament ma jaffettwax l-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluż it-tħassir totali jew parzjali, ta' għajnuna kofinanzjata mill-Fondi Strutturali jew ta' proġett kofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88, (KEE) Nru 4253/99, (KE) Nru 1164/94 u (KE) Nru 1260/1999 jew kull leġiżlazzjoni li kienet tapplika għal din l-għajnuna fil-31 ta' Diċembru 2006, li b'hekk għandha tapplika għal dik l-għajnuna jew il-proġetti kkonċernati sat-tmiem tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluża l-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kull leġiżlazzjoni li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), u partikolarment l-Artikolu 39(2) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-għajnuna mill-Komunità għal miżuri ta' qabel l-Adeżjoni għal żvilupp agrikolu u rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa ċentrali u ta' lvant matul il-perjodu ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 87).

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI *(ikompli)*

6 5 2 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Ġunju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13/08/1999, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13/08/1999, p. 5).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

Atti ta' referenza

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 dwar il-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji għal għajnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali (ĠU L 64, 6.3.2001, p. 13).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1386/2002 tad-29 ta' Lulju 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-għajnuna mogħtija taħt il-Fondi ta' Koeżjoni u l-proċedura sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 5).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 27/2004 tal-5 ta' Jannar 2004 li jwaqqaf ir-regoli dettaljati għat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-iffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG tal-miżuri tal-iżvilupp rurali fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u s-Slovakkja (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 86).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2004 tat-28 ta' Jannar 2004 li jistipula r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 rigward il-miżuri ta' żvilupp rurali tranżitorji applikabbli għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja (GU L 24, 29.1.2004, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

6 5 3 ***Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 - Dħul assenjat***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jakkomoda korrezzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES), u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI *(ikompli)*

6 5 3 *(ikompli)*

L-ammonti allokati għal dan l-Artikolu jistgħu, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali fuq l-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 05, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

F'konformità mal-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluża l-kanċellazzjoni totali jew parzjali, tal-proġetti konċernati, sat-tmiem tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew kull leġiżlazzjoni li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31,7.2006, p. 82).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

Atti ta' referenza

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1).

6 5 4 ***Korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020 - Dħul assenjat***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jakkomoda korrezzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Ewropew Marittimu u għas-Sajd (FEMS), il-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Aktar Foqra (FEAD) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), relatati mal-perjodu ta' programmar 2014-2020.

L-ammonti allokati għal dan l-Artikolu għandhom, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, jintużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi korrispondenti tat-Titoli 04, 11 u 13 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI *(ikompli)*

6 5 4 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.03.2014, p. 11).

KAPITOLU 6 6 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRA

6 6 0 ***Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra***

6 6 0 0 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra assenjati — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	839 804 777,25

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jintuża għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali biex tkun iffinanzjata n-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.

6 6 0 1 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra nonassenjati

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
60 000 000	60 000 000	8 666 423,81

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba sabiex takkomoda kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li ma jintużax, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI

6 7 0 Dħul b'rabta mal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija

6 7 0 1 Approvazzjoni ta' kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	815 588 600,63

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda l-ammonti li joħorġu minn deċiżjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni li jikkonċernaw in-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (Taqsima Garanzija) fl-Intestatura I tal-Perspettivi Finanzjarji 2000-2006 u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fl-Intestatura 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 u 2014-2020 skont l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Hija tinkludi korrezzjonijiet relatati man-nuqqas ta' konformità mal-iskadenzi tal-ħlasijiet skont l-Artikolu 40 ta' dak ir-Regolament.

Din il-partita hija maħsuba wkoll biex takkomoda ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet tal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika favur il-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tan-nefqa finanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità, stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 320/2006 li ntemm fit-30 ta' Settembru 2012.

F'konformità mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tali ammonti għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit tal-FAEG tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima.

Id-dħul taħt din il-partita kien stmat li huwa EUR 2 015 000 000, inkluż EUR 890 000 000 riportat mill-2015 għall-2016 f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Finanzjarju. Meta kien qed jiġi stabbilit il-baġit għall-2016, ġie kkunsidrat ammont ta' EUR 600 000 000 biex jiġu ffinanzjati l-ħtiġijiet tal-miżuri taħt l-Artikolu 05 02 08 (Partita 05 02 08 03) u ġie kkunsidrat l-ammont rimanenti ta' EUR 1 415 000 000 biex jiġu ffinanzjati l-ħtiġijiet tal-miżuri taħt l-Artikolu 05 03 01 (Partita 05 03 01 10).

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

6 7 0 *(ikompli)*

6 7 0 2 Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	150 305 663,70

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew negliġenza, inklużi l-interessi relatati, b'mod partikolari ammonti rkuprati f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u interessi riċevuti, kif ukoll titoli, depożiti jew garanziji miċħuda fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (Taqsima Gwida) fl-Intestatura 1 tal-Perspettivi Finanzjarji 2000-2006 u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), fl-Intestatura 2 tal-qafas pluriennali finanzjarju tal-2007-2013 u tal-2014-2020 skont l-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Din il-partita hi maħsuba wkoll biex takkomoda l-ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew żbalji, inklużi interessi, penali u titoli akkwistati, li jirriżultaw min-nefqa ffinanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 320/2006, li ntemmet fit-30 ta' Settembru 2012.

Din il-partita hija wkoll maħsuba biex takkamoda l-ammonti netti rkuprati li għalihom l-Istati Membri jistgħu jżommu 20 % kif stipulat fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

F'konformità mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 u l-Artikolu 43 u 55 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit tal-FAEG tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima.

Id-dħul taħt din il-partita kien stmat li huwa EUR 155 000 000. Meta kien qed jiġi stabbilit il-baġit għall-2016, dan l-ammont ġie kkunsidrat għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-miżuri taħt l-Artikolu 05 03 01 (Partita 05 03 01 10).

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

6 7 0 *(ikompli)*

6 7 0 3 Superlevy minn produtturi tal-ħalib — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	48 284 110,03

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti li jkunu relatati mal-imposta fuq l-ammont żejjed li tapplika għas-sistema tal-kwoti tal-ħalib li jinġabru jew jiġu rkuprati skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, b'mod partikolari l-Artikolu 78 tiegħu.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

Id-dħul taħt din il-partita kien stmat li huwa EUR 810 000 000. Meta kien qed jiġi stabbilit il-baġit għall-2016, dan l-ammont ġie kkunsidrat għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-miżuri taħt l-Artikolu 05 03 01 (Partita 05 03 01 10).

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

6 7 1 ***Dħul b'rabta mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali***

6 7 1 1 Approvazzjoni ta' kontijiet Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	69 413 810,83

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

6 7 1 *(ikompli)*

6 7 1 1 *(ikompli)*

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda l-ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet relatati mal-konformità u l-approvazzjoni kontabilistika tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni fil-kuntest tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) skont l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. L-ammonti marbuta mal-ħlas lura ta' ħlasijiet fuq il-kont skont il-FAEŻR huma wkoll irreġistrati f'din il-partita.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 177 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit fil-FAEŻR.

Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2016, l-ebda ammont speċifiku ma kien previst għall-Artikoli 05 04 05 u 05 04 60.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

6 7 1 2 Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew negliġenza, inklużi l-interessi relatati, b'mod partikolari ammonti rkuprati f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u interessi miġbura, kif ukoll titoli, depożiti jew garanziji ċeduti fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) skont l-Artikoli 54 u 56 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013, tali ammonti jitqiesu bħala dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikoli 21 u 177 tar-Regolament Finanzjarju. Kull dħul f'din il-partita se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali lil kwalunkwe partita tal-baġit fil-FAEŻR.

Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2016, l-ebda ammont speċifiku ma kien previst għall-Artikoli 05 04 05 u 05 04 60.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 6 7 — DĦUL B'RABTA MAL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA U L-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

6 7 1 *(ikompli)*

6 7 1 2 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

KUMMISSJONI

TITOLU 7

IMGĦAX DWAR ARRETRATI U MULTI

KAPITOLU 7 0 — IMGĦAX FUQ ARRETRATI
KAPITOLU 7 1 — MULTI
KAPITOLU 7 2 — IMGĦAX FUQ DEPOŻITI U MULTI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 7 0				
7 0 0	***Imgħax fuq arretrati***				
7 0 0 0	Imgħax dovut fuq arretrati fil-kontijiet miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri	5 000 000	10 000 000	62 832 700,78	1 256,65
7 0 0 1	Imgħax ieħor fuq arretrati	3 000 000	3 000 000	1 304 377,43	43,48
	Artikolu 7 0 0 — Total	8 000 000	13 000 000	64 137 078,21	801,71
7 0 1	***Imgħax fuq arretrati u mgħax ieħor fuq il-multi***	15 000 000	45 000 000	368 455 044,42	2 456,37
	KAPITOLU 7 0 — TOTAL	23 000 000	58 000 000	432 592 122,63	1 880,84
	KAPITOLU 7 1				
7 1 0	***Multi, pagamenti perjodiċi ta' penali u penali oħra***	100 000 000	1 415 000 000	4 124 682 904,05	4 124,68
7 1 1	***Primjums għall-emissjonijiet eċċessivi għal karozzi ġodda tal-passiġġieri***	p.m.	p.m.	0,—	
7 1 2	***Pagamenti ta' penali u pagamenti f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kawża tan-nuqqas tiegħu li jissodisfa obbligu skont it-Trattat***	p.m.	50 000 000	49 406 800,—	
	KAPITOLU 7 1 — TOTAL	100 000 000	1 465 000 000	4 174 089 704,05	4 174,09
	KAPITOLU 7 2				
7 2 0	***Imgħax fuq depożiti u multi***				
7 2 0 0	Imgħax fuq depożiti u multi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 7 2 0 — Total	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 7 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 7 — Total	**123 000 000**	**1 523 000 000**	**4 606 681 826,68**	**3 745,27**

KUMMISSJONI

TITOLU 7

IMGĦAX DWAR ARRETRATI U MULTI

KAPITOLU 7 0 — IMGĦAX FUQ ARRETRATI

7 0 0 Imgħax fuq arretrati

7 0 0 0 Imgħax dovut fuq arretrati fil-kontijiet miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
5 000 000	10 000 000	62 832 700,78

Kummenti

Kwalunkwe dewma minn xi Stat Membru biex jagħmel l-entrata fil-kont miftuħ f'isem il-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, iwassal għall-ħlas ta' imgħax mill-Istat Membru kkonċernat.

Fil-każ ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, ir-rata tal-imgħax għandha tkun l-istess bħar-rata kif ipuublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje C li l-Bank Ċentrali Ewropew applika għall-operazzjonijiet tiegħu ta' rifinanzjament, fl-ewwel jum tax-xahar li fih kienet id-data ta' skadenza, żdiedet b'żewġ punti perċentwali. Din ir-rata għandha tiżdied b'0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien. Ir-rata biż-żieda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewma.

Fil-każ ta' Stati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro, ir-rata għandha tkun daqs ir-rata applikata fl-ewwel jum tax-xahar in kwistjoni mill-Banek Ċentrali għall-operazzjonijiet prinċipali tagħhom ta' rifinanzjament, miżjuda b'żewġ punti perċentwali, jew, għall-Istati Membri li għalihom ir-rata tal-Bank Ċentrali mhix disponibbli, l-iktar rata ekwivalenti applikata fl-ewwel jum tax-xahar in kwistjoni fis-suq tal-flus tal-Istat Membru, miżjud b'żewġ punti perċentwali. Din ir-rata għandha tiżdied b'0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien. Ir-rata biż-żieda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewma.

Ir-rata tal-imgħax tapplika għall-entrati kollha tar-riżorsi proprji enumerati skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

7 0 0 1 Imgħax ieħor fuq arretrati

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
3 000 000	3 000 000	1 304 377,43

KAPITOLU 7 0 — IMGĦAX FUQ ARRETRATI *(ikompli)*

7 0 0 *(ikompli)*

7 0 0 1 *(ikompli)*

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex jiġi rreġistrat imgħax fuq il-pagamenti tardivi ta' intitolamenti għajr dawk tar-riżorsi proprji.

Bażi ġuridika

Ftehima dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5) tal-Protokoll 32 tagħha.

Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25), u b'mod partikolari l-Artikolu 102 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27,12,2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 83 tiegħu.

7 0 1 ***Imgħax fuq arretrati u mgħax ieħor fuq il-multi***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
15 000 000	45 000 000	368 455 044,42

Kummenti

Dan l-Artikolu hu maħsub biex jirreġistra l-imgħax provenjent fuq il-kontijiet speċjali għal multi u imgħax fuq pagamenti tardivi marbuta mal-multi.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

KUMMISSJONI

KAPITOLU 7 0 — IMGĦAX FUQ ARRETRATI *(ikompli)*

7 0 1 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(4) tiegħu.

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 83 tiegħu.

KAPITOLU 7 1 — MULTI

7 1 0 ***Multi, pagamenti perjodiċi ta' penali u penali oħra***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
100 000 000	1 415 000 000	4 124 682 904,05

Kummenti

Il-Kummissjoni tista' timponi multi, pagamenti perjodiċi ta' penali u penali oħra fuq impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi għaliex ma jkunux irrispettaw il-projbizzjonijiet jew ma jkunux wettqu l-obbligi tagħhom skont ir-Regolamenti numerati hawn taħt jew skont l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-multi għandhom normalment jitħallsu fi żmien tliet xhur minn meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni mhux se tiġbor l-ammont dovut meta l-impriża tkun ressqet appell mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; l-impriża għandha tifhem li għandu jitħallas l-imgħax fuq id-dejn wara d-data finali tal-ħlas u l-Kummissjoni tkun provduta b'garanzija bankarja li tkopri kemm il-kapital tad-dejn kif ukoll l-imgħax jew soprataxxa sad-data finali tal-ħlas.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

KAPITOLU 7 1 — MULTI *(ikompli)*

7 1 1 Primjums għall-emissjonijiet eċċessivi għal karozzi ġodda tal-passiġġieri

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kwalunkwe primjum għall-emissjonijiet eċċessivi imposti mill-Kummissjoni.

L-għan tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 huwa li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-Unjoni, għan li jifforma parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO_2 minn vetturi ħfief filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-suq intern.

Madankollu fir-rigward ta' kull sena kalendarja mill-2012 'il quddiem li għaliha l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO2 ta' manifattur jaqbżu l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi f'dik is-sena, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għall-emissjonijiet eċċessivi fuq il-manifattur, jew fil-każ ta' għaqda, il-maniġer tal-għaqda.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO2 minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/100/UE tas-17 ta' Frar 2012 dwar metodu għall-ġbir ta' primjums għal emissjonijiet eċċessivi ta' CO2 minn karozzi ġodda tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 47, 18.2.2012, p.71).

7 1 2 Pagamenti ta' penali u pagamenti f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kawża tan-nuqqas tiegħu li jissodisfa obbligu skont it-Trattat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	50 000 000	49 406 800,—

Bażi ġuridika

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 260(2) tiegħu.

KAPITOLU 7 2 — IMGĦAX FUQ DEPOŻITI U MULTI

7 2 0 Imgħax fuq depożiti u multi

7 2 0 0 Imgħax fuq depożiti u multi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI

KAPITOLU 7 2 — IMGĦAX FUQ DEPOŻITI U MULTI *(ikompli)*

7 2 0 *(ikompli)*

7 2 0 0 *(ikompli)*

Kummenti

Dħul ġej minn imgħax fuq depożiti u multi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' proċedura ta' żbilanċ eċċessiv.

Skont l-Artikolu 21(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6) u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

KUMMISSJONI

TITOLU 8

OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI

KAPITOLU 8 0 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-ISTATI MEMBRI
KAPITOLU 8 1 — SELFIET MOGĦTIJIN MILL-KUMMISSJONI
KAPITOLU 8 2 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-PAJJIŻI TERZI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 8 0				
8 0 0	***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal telħid b'self mill-Unjoni bħala sostenn għall-bilanċ tal-pagamenti***	p.m.	p.m.	0,—	
8 0 1	***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal telħid b'self mill-Euratom***	p.m.	p.m.	0,—	
8 0 2	***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni meħud biex tingħata assistenza finanzjarja skont il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja***	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 1				
8 1 0	***Rimborsi kapitali u mgħax fir-rigward ta' selfiet speċjali u kapital ta' riskju mogħti fil-qafas ta' kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi terzi Mediterranji***	p.m.	30 000 000	292 611 339,40	
8 1 3	***Rimborsi kapitali u interessi marbuta ma' self u kapital ta' riskju mogħtija mill-Kummissjoni lil pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-reġjun Mediterranju u l-Afrika t'Isfel taħt l-operazzjoni tas-Sħab ta' Investment tal-Komunità Ewropea***	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 1 — TOTAL	p.m.	30 000 000	292 611 339,40	
	KAPITOLU 8 2				
8 2 7	***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-programmi ta' telħid b'self ikkuntrattati mill-Unjoni sabiex tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi***	p.m.	p.m.	0,—	
8 2 8	***Garanzija għal telħid b'self mill-Euratom biex jittejjeb il-livell ta' effiċjenza u tas-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant u l-Commonwealth ta' Stati Indipendenti***	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	

KUMMISSJONI

KAPITOLU 8 3 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELFIET MOGĦTIJA MINN STABILIMENTI FINANZJARJI LILL-PAJJIŻI TERZI

KAPITOLU 8 5 — DĦUL MINN KONTRIBUZZJONIJIET MINN KORPI TA' GARANZIJA

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 8 3				
8 3 5	***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal selfiet mill-Bank Ewropew tal-Investiment lil pajjiżi terzi***	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 3 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 8 5				
8 5 0	***Dividendi mħallsa mill-Fond Ewropew tal-Investment***	5 217 537	6 890 000	4 698 000,—	90,04
	KAPITOLU 8 5 — TOTAL	5 217 537	6 890 000	4 698 000,—	90,04
	Titolu 8 — Total	**5 217 537**	**36 890 000**	**297 309 339,40**	**5 698,27**

KUMMISSJONI

TITOLU 8

OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI

KAPITOLU 8 0 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-ISTATI MEMBRI

8 0 0 Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal telħid b'self mill-Unjoni bħala sostenn għall-bilanċ tal-pagamenti

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Il-garanzija tal-Unjoni hija għal self li sar fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont ta' kapital ta' self li mbgħad jista' lill-Istati Membri huwa limitat għal EUR 50 000 000 000.

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet fir-rigward tal-garanzija skont l-Artikolu 01 02 02, iżda dan il-dħul m'għandux jitnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsima.

Bażi ġuridika

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 02 02 tal-istqarrija tan-nefqa f'din it-taqsima.

8 0 1 Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal telħid b'self mill-Euratom

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet fir-rigward tal-garanzija skont l-Artikolu 01 04 03, iżda dan il-dħul m'għandux jitnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsima.

Bażi ġuridika

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 04 03 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 8 0 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-ISTATI MEMBRI *(ikompli)*

8 0 2 ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni meħud biex tingħata assistenza finanzjarja skont il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Il-garanzija tal-Unjoni hija għal self li sar fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont pendenti ta' self jew ta' linji ta' kreditu li għandhom jingħataw lill-Istati Membri għandhom ikunu fil-limiti stipulati fil-bażi ġuridika.

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċitar ta' drittijiet fir-rigward ta' garanzija skont l-Artikolu 01 02 03, sakemm dan id-dħul ma tnaqqasx min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsima.

Bażi ġuridika

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 02 03 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

KAPITOLU 8 1 — SELFIET MOGĦTIJIN MILL-KUMMISSJONI

8 1 0 ***Rimborsi kapitali u mgħax fir-rigward ta' selfiet speċjali u kapital ta' riskju mogħti fil-qafas ta' kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi terzi Mediterranji***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	30 000 000	292 611 339,40

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra r-rimborżi kapitali u l-pagamenti ta' interessi fuq self speċjali u kapital ta' riskju mogħtija mill-approprjazzjonijiet fil-Kapitoli 22 02 u 22 04 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima lil pajjiżi terzi Mediterranji.

Tkopri wkoll rimborsi kapitali u pagamenti tal-imgħax fuq selfiet speċjali u kapital ta' riskju mogħtija lil ċerti Stati Membri Mediterranji li, madankollu, jirrappreżentaw proporzjon żgħir ħafna tal-ammont ġenerali. Is-selfiet/kapital tar-riskju ngħataw fi żmien meta l-pajjiżi kienu għadhom ma' ssieħbux fl-Unjoni.

Id-dħul miksub b'mod normali jeċċedi l-ammonti mbassra fil-baġit minħabba l-ħlas tal-interessi fuq self speċjali li jista' xorta waħda jinħareġ matul is-sena finanzjarja preċedenti kuf ukoll matul is-sena finanzjarja kurrenti. L-interessi fuq is-self speċjali u l-kapital tar-riskju jiġi ċċarġjat mill-mument li jinħareġ is-self, l-interessi fuq is-self speċjali jithallas bin-nifs kull sitt xhur u ġeneralment l-interessi fuq il-kapital tar-riskju kull sena.

Din il-partita tista' takkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju dħul assenjat li jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 8 1 — SELFIET MOGĦTIJIN MILL-KUMMISSJONI *(ikompli)*

8 1 0 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Għall-bażi ġuridika ara l-kummenti għall-Kapitoli 22 02 u 22 04 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

8 1 3 ***Rimborsi kapitali u interessi marbuta ma' self u kapital ta' riskju mogħtija mill-Kummissjoni lil pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-reġjun Mediterranju u l-Afrika t'Isfel taħt l-operazzjoni tas-Sħab ta' Investment tal-Komunità Ewropea***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra rimborżi u pagamenti ta' interessi fuq self u kapital ta' riskju mogħti mill-approprjazzjonijiet fl-Artikoli 21 02 51 u 22 04 51 skont l-operazzjoni tas-Sħab ta' Investiment tal-Komunità Ewropea.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Għall-bażi ġuridika, ara wkoll il-kummenti għall-Artikoli 21 02 51 u 22 04 51 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

KAPITOLU 8 2 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-PAJJIŻI TERZI

8 2 7 ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-programmi ta' teħid b'self ikkuntrattati mill-Unjoni sabiex tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet fir-rigward ta' garanzija skont l-Artikolu 01 03 03, iżda dan id-dħul m'għandux ikun imnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsima.

KUMMISSJONI

KAPITOLU 8 2 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-PAJJIŻI TERZI *(ikompli)*

8 2 7 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 03 03 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

8 2 8 ***Garanzija għal teħid b'self mill-Euratom biex jittejjeb il-livell ta' effiċjenza u tas-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant u l-Commonwealth ta' Stati Indipendenti***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul ġej mill-eżerċizzju ta' drittijiet fir-rigward ta' garanzija skont l-Artikolu 01 03 04, iżda dan id-dħul m'għandux ikun imnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsima.

Bażi ġuridika

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 03 04 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

KAPITOLU 8 3 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELFIET MOGĦTIJA MINN STABILIMENTI FINANZJARJI LILL-PAJJIŻI TERZI

8 3 5 ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal selfiet mill-Bank Ewropew tal-Investiment lil pajjiżi terzi***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu hu maħsub biex jirreġistra kull dħul li joħroġ mill-eżerċizzju tad-drittijiet f'rabta ma' garanzija skont l-Artikolu 01 03 05 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

Ġabra fil-qosor ta' operazzjonijiet ta' self u tislif, kif ukoll ta' ġestjoni tad-djun, f'kapital u f'imgħax, tinsab fl-Anness II tal-Parti B tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsima.

Bażi ġuridika

Għall-bażi ġuridika, ara n-nota dwar l-Artikolu 01 03 05 tal-istqarrija tan-nefqa f'din it-taqsima.

KAPITOLU 8 5 — DĦUL MINN KONTRIBUZZJONIJIET MINN KORPI TA' GARANZIJA

8 5 0 ***Dividendi mħallsa mill-Fond Ewropew tal-Investment***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
5 217 537	6 890 000	4 698 000,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirċievi kwalunkwe dividenti mħallsa mill-Fond Ewropew ta' Investiment fir-rigward ta' din il-kontribuzzjoni.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/375/EC tas-6 ta' Ġunju 1994 fuq sħubija Komunitarja fil-Fond Ewropew tal-Investiment (ĠU L 173, 7.7.1994, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/247/KE tad-19 ta' April 2007 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda kapitali fil-Fond Ewropew tal-Investiment (ĠU L 107, 25.4.2007, p. 5).

Id-Deċiżjoni Nru 562/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda tal-kapital tal-Fond Ewropew għall-Investiment (ĠU L 156, 24.5.2014, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 9

DĦUL MIXXELLANJU

KAPITOLU 9 0 — DĦUL MIXXELLANJU

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 9 0				
9 0 0	***Dħul mixxellanju***	25 000 000	30 000 000	13 750 288,44	55,00
	KAPITOLU 9 0 — TOTAL	25 000 000	30 000 000	13 750 288,44	55,00
	Titolu 9 — Total	**25 000 000**	**30 000 000**	**13 750 288,44**	**55,00**
	GRAN TOTAL	**1 278 944 020**	**2 716 056 318**	**9 313 628 501,90**	**728,23**

KUMMISSJONI

TITOLU 9

DĦUL MIXXELLANJU

KAPITOLU 9 0 — DĦUL MIXXELLANJU

9 0 0 Dħul mixxellanju

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
25 000 000	30 000 000	13 750 288,44

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra dħul mixxelanju.

KUMMISSJONI

RIASSUNT ĠENERALI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET (2016 U 2015) U EŻITU (2014)

KUMMISSJONI

Titolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
01	AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI	2 532 673 157	1 097 025 157	1 726 222 260	463 888 664	230 605 599,76	300 229 549,58
02	SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES	2 285 812 989	1 894 487 636	2 397 808 425	2 093 932 585	2 487 077 892,35	2 004 487 689,80
03	KOMPETIZZJONI	102 698 620	102 698 620	97 651 538	97 651 538	96 725 491,67	96 725 491,67
04	IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI	12 924 259 299	13 030 720 525	15 003 231 515	10 973 416 992	10 356 579 013,32	11 450 809 753,11
05	AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI	61 382 084 429	54 625 119 708	61 948 762 610	54 941 251 061	47 789 188 674,45	55 769 052 032,08
06	MOBILITÀ U TRASPORT	4 219 477 187	2 295 863 330	2 581 291 171	2 056 297 929	2 878 698 665,69	1 037 554 207,13
07	AMBJENT	448 266 445	397 061 087	425 317 926	391 226 413	415 534 290,15	353 767 552,65
08	RIĊERKA U INNOVAZZJONI	5 854 638 306	5 402 950 507	5 807 294 471	5 470 901 309	6 269 437 583,26	4 484 471 699,98
09	NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA	1 803 314 364	2 373 056 657	1 855 814 447	1 854 363 843	1 849 669 513,90	1 334 494 094,06
10	RIĊERKA DIRETTA	396 834 657	402 688 960	392 970 215	402 052 368	535 186 038,49	516 790 641,89
11	AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD	999 860 215	675 121 774	1 731 272 311	918 640 442	218 100 889,36	805 002 735,44
	Riżervi (40 02 41)	*83 345 750*	*83 345 750*	*74 090 991*	*69 190 991*		
		1 083 205 965	758 467 524	1 805 363 302	987 831 433	218 100 889,36	805 002 735,44
12	STABILITÀ FINANZJARJA, SERVIZZI FINANZJARJI, U UNJONI TAS-SWIEQ KAPITALI	84 986 304	85 662 304	85 296 380	83 489 504	89 046 778,31	87 630 783,56
13	POLITIKA REĠJONALI U URBANA	35 988 630 661	36 386 098 987	44 725 459 137	40 775 745 430	17 112 213 205,74	44 002 702 182,56
14	TASSAZZJONI U UNJONI DOGANALI	166 447 251	159 265 251	161 232 912	137 132 884	159 531 738,23	136 415 501,94
15	EDUKAZZJONI U KULTURA	2 889 262 253	3 030 752 053	2 745 176 038	2 523 359 667	3 068 349 697,56	2 512 424 939,01
16	KOMUNIKAZZJONI	203 694 896	196 759 396	199 892 227	192 074 269	199 290 902,65	205 438 063,84
17	SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI	570 625 060	571 327 060	573 819 742	537 902 207	595 372 141,87	546 521 698,95
18	MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI	3 225 091 730	2 323 443 097	1 736 875 609	1 202 221 437	708 899 643,59	1 088 957 601,55

KUMMISSJONI

Titolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
19	STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA	782 603 058	677 343 652	759 243 944	577 841 739	687 367 990,48	554 512 550,42
20	KUMMERĊ	107 216 392	105 566 392	115 119 115	123 790 917	119 712 032,48	117 987 056,62
21	KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP	3 161 973 792	3 345 883 780	2 958 618 918	2 649 645 152	2 960 444 482,15	2 362 051 966,60
22	VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR	3 835 177 683	3 565 517 946	3 854 486 972	2 611 644 410	3 798 152 499,83	2 659 070 811,10
23	GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI	1 202 303 141	1 560 487 834	1 018 951 102	1 054 277 483	1 187 339 476,55	1 428 943 158,70
24	ĠLIEDA KONTRA L-FRODI	80 226 300	85 655 000	78 734 800	75 357 901	75 772 533,09	74 237 520,52
25	KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA	206 099 587	205 749 587	191 983 721	191 983 721	198 336 843,34	199 289 183,98
26	AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI	1 013 314 325	1 012 769 705	997 048 573	991 791 094	1 070 481 868,68	1 069 648 408,44
	Riżervi (40 01 40)	*3 426 739*	*3 426 739*				
		1 016 741 064	1 016 196 444	997 048 573	991 791 094	1 070 481 868,68	1 069 648 408,44
27	BAĠIT	72 184 538	72 184 538	70 488 939	70 488 939	88 637 392,08	88 637 392,08
28	AWDITJAR	18 774 034	18 774 034	11 936 916	11 936 916	12 000 789,60	12 000 789,60
29	STATISTIKA	139 150 570	127 507 570	134 393 726	116 198 129	139 738 046,37	138 743 729,83
30	PENSJONIJIET U NEFQA RELATATA	1 647 355 000	1 647 355 000	1 567 119 435	1 567 119 435	1 493 058 835,73	1 493 058 835,73
31	SERVIZZI LINGWISTIĊI	398 824 459	398 824 459	389 488 765	389 488 765	443 756 554,45	443 756 554,45
32	ENERĠIJA	1 531 675 330	1 523 585 634	1 355 770 790	1 541 567 179	1 721 696 310,22	1 166 909 407,91
33	ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI	258 626 977	239 160 105	241 103 459	221 749 427	240 687 323,40	219 605 416,26
34	AZZJONI KLIMATIKA	137 514 278	81 944 278	127 447 895	84 247 010	121 531 870,16	51 335 444,96
40	RIŻERVI	561 384 489	395 772 489	539 455 991	219 190 991	0,—	0,—
	Total	**151 233 061 776**	**140 114 184 112**	**158 606 781 995**	**137 613 867 750**	**109 418 222 608,96**	**138 813 264 446,—**
	Li minnhom Riżervi (40 01 40, 40 02 41)	***86 772 489***	***86 772 489***	***74 090 991***	***69 190 991***		

TITOLU XX

NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

KUMMISSJONI
TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

TITOLU XX

NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
XX 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA				
XX 01 01	***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-oqsma ta' politika***				
XX 01 01 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jaħdmu mal-istituzzjonijiet				
XX 01 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki	5,2	1 913 010 000	1 847 039 000	1 890 276 455,78
XX 01 01 01 02	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti, u terminazzjoni tas-servizz	5,2	11 828 000	12 180 000	12 678 000,—
XX 01 01 01 03	Aġġustamenti għar-remunerazzjoni	5,2	17 279 000	15 760 000	0,—
	Subtotal		1 942 117 000	1 874 979 000	1 902 954 455,78
XX 01 01 02	Nefqa b'rabta mal-uffiċjali u l-persunal temporanju tal-Kummissjoni li jaħdmu fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 01 02 01	Remunerazzjoni u gratifiki	5,2	104 747 000	105 435 000	101 982 176,34
XX 01 01 02 02	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti, u terminazzjoni tas-servizz	5,2	7 188 000	5 676 000	8 486 742,41
XX 01 01 02 03	Approprjazzjonijiet biex ikopru kwalunkwe aġġustamenti fir-remunerazzjoni	5,2	912 000	860 000	0,—
	Subtotal		112 847 000	111 971 000	110 468 918,75
	Artikolu XX 01 01 — Subtotal		2 054 964 000	1 986 950 000	2 013 423 374,53
XX 01 02	***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra***				
XX 01 02 01	Persunal estern li jaħdem mal-istituzzjonijiet				
XX 01 02 01 01	Persunal b'kuntratt	5,2	65 206 000	62 714 000	68 218 939,88
XX 01 02 01 02	Persunal temporanju permezz ta' aġenzija u assistenza teknika b'sostenn ta' attivitajiet varji	5,2	21 900 000	23 700 000	22 581 130,06
XX 01 02 01 03	Ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali assenjati temporanjament mal-istituzzjoni	5,2	37 308 000	37 183 000	32 262 661,71
	Subtotal		124 414 000	123 597 000	123 062 731,65
XX 01 02 02	Persunal estern tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 02 02 01	Remunerazzjoni ta' persunal ieħor	5,2	8 945 000	8 869 000	8 482 552,74
XX 01 02 02 02	Taħriġ ta' esperti subalterni u esperti nazzjonali sekondati	5,2	1 828 000	1 810 000	1 752 000,—
XX 01 02 02 03	Spejjeż ta' persunal ieħor u ħlas għal servizzi oħra	5,2	343 000	340 000	337 000,—
	Subtotal		11 116 000	11 019 000	10 571 552,74

KUMMISSJONI

TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
XX 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra tal-istituzzjoni				
XX 01 02 11 01	Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet	5,2	57 067 000	56 654 500	56 525 682,91
XX 01 02 11 02	Spejjeż għall-konferenzi, laqgħat u gruppi ta' esperti	5,2	25 890 000	25 842 500	22 114 187,65
XX 01 02 11 03	Laqgħat tal-kumitati	5,2	12 215 000	12 215 000	11 854 058,94
XX 01 02 11 04	Studji u konsultazzjonijiet	5,2	6 090 000	6 394 000	5 004 088,38
XX 01 02 11 05	Sistemi informatiċi u maniġerjali	5,2	28 793 000	28 650 000	34 345 024,28
XX 01 02 11 06	Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali	5,2	11 900 000	12 400 000	12 992 053,14
	Subtotal		141 955 000	142 156 000	142 835 095,30
XX 01 02 12	Nefqa maniġerjali oħra relatata ma' persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 02 12 01	Spejjeż tal-missjonijiet, tal-konferenzi u tar-rappreżentazzjonijiet	5,2	5 587 000	5 657 000	5 796 000,—
XX 01 02 12 02	Taħriġ ulterjuri għall-persunal fid-delegazzjonijiet	5,2	699 000	274 000	330 000,—
	Subtotal		6 286 000	5 931 000	6 126 000,—
	Artikolu XX 01 02 — Subtotal		283 771 000	282 703 000	282 595 379,69
XX 01 03	***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u binjiet***				
XX 01 03 01	Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni				
XX 01 03 01 03	Apparat tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	61 113 000	56 169 000	63 583 563,10
XX 01 03 01 04	Servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	62 835 000	62 866 000	74 413 567,72
	Subtotal		123 948 000	119 035 000	137 997 130,82
XX 01 03 02	Binjiet u nefqa relatata b'rabta mal-persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 03 02 01	Akkwiżizzjoni, kiri u nefqa relatata	5,2	28 797 000	26 872 000	41 857 000,—
XX 01 03 02 02	Apparat, għamara, provvisti u servizzi	5,2	836 000	906 000	8 336 000,—
	Subtotal		29 633 000	27 778 000	50 193 000,—
	Artikolu XX 01 03 — Subtotal		153 581 000	146 813 000	188 190 130,82
	KAPITOLU XX 01 — TOTAL		2 492 316 000	2 416 466 000	2 484 208 885,04

KUMMISSJONI
TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

TITOLU XX

NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

XX 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-oqsma ta' politika

XX 01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jaħdmu mal-istituzzjonijiet

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
XX 01 01 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jaħdmu mal-istituzzjonijiet				
XX 01 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki	5,2	1 913 010 000	1 847 039 000	1 890 276 455,78
XX 01 01 01 02	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti, u terminazzjoni tas-servizz	5,2	11 828 000	12 180 000	12 678 000,—
XX 01 01 01 03	Aġġustamenti għar-remunerazzjoni	5,2	17 279 000	15 760 000	0,—
	Partita XX 01 01 01 — Total		1 942 117 000	1 874 979 000	1 902 954 455,78

Kummenti

Bl-eċċezzjoni ta' persunal li jservi f'terzi pajjiżi, din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri, fir-rigward għall-Uffiċjali u l-persunal temporanju li jkollhom kariga fuq il-pjan ta' stabbiliment:

— salarji, gratifiki u pagamenti oħra relatati mas-salarji,

— assigurazzjoni kontra l-aċċidenti u l-mard u debiti oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-persunal temporanju u pagamenti li għandhom isiru mill-Kummissjoni lill-persunal temporanju biex jinżammulhom id-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom,

— gratifiki u għotjiet mixxellanji,

— fir-rigward ta' uffiċjali u persunal temporanju, gratifiki għal xogħol bix-xift jew permanenza il-post tax-xogħol jew residenza tal-uffiċjal,

— gratifiki fil-każ ta' tkeċċija ta' uffiċjal fil-prova għall-nuqqasijiet ovvji,

— gratifiki fil-każ ta' kanċellament minn istituzzjoni tal-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju,

— rimborż tan-nefqa fuq miżuri ta' sigurtà fid-djar għall-Uffiċjali li jaħdmu f'uffiċċji tal-Unjoni u f'delegazzjonijiet tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni,

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 01 *(ikompli)*

XX 01 01 01 *(ikompli)*

— gratifika b'rata fissa u pagamenti bis-siegħa għal sahra maħduma mill-uffiċjali fil-kategorija AST li ma jistgħux ikunu kkumpensati, skont arranġamenti prestabbiliti, b'ħin liberu,

— il-kost tal-ponderazzjonijiet applikati għar-remunerazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għall-parti mill-emolumenti li tiġi ttrasferita lejn pajjiż għajr il-pajjiż tal-impjieg,

— spejjeż tal-ivjaġġar dovuti lil uffiċjali u persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jidħlu fil-kariga, meta jitilqu mill-istituzzjoni jew inkella fi trasferiment tal-post ta' impjieg ieħor,

— gratifiki ta' stallazzjoni jew ristabbiliment dovuti lill-uffiċjali u persunal temporanju obbligati li jbiddlu l-post ta' residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom, meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjieg u meta jħallu definittivament l-istituzzjoni u jirristabbilixxu ruħhom xi mkien ieħor,

— spejjeż tal-ġarr dovuti lil uffiċjali u persunal temporanju obbligati li jbiddlu l-post ta' residenza tagħhom meta jidħlu fil-kariga, meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjieg u meta jħallu definittivament l-istituzzjoni u jirristabbilixxu ruħhom xi mkien ieħor,

— gratifika ta' sussistenza ta' kuljum għal uffiċjali u persunal temporanju li jipprovdu evidenza li jkollhom ibiddlu l-post ta' residenza tagħhom meta jidħlu fil-kariga tagħhom jew meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjieg,

— kostijiet tranżitorji għall-uffiċjali assenjati f'postijiet fi Stati Membri ġodda qabel l-adeżjoni li jintalbu jibqgħu fis-servizz f'dawk l-Istati Membri wara d-data tal-adeżjoni, u li jkunu intitolati, eċċezzjonalment, għall-istess kundizzjonijiet finanzjarji u materjali applikati mill-Kummissjoni qabel l-adeżjoni, skont l-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Unjoni Ewropea,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġustament għar-remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 49 500 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 01 *(ikompli)*

XX 01 01 02 Nefqa b'rabta mal-uffiċjali u l-persunal temporanju tal-Kummissjoni li jaħdmu fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
XX 01 01 02	Nefqa b'rabta mal-uffiċjali u l-persunal temporanju tal-Kummissjoni li jaħdmu fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 01 02 01	Remunerazzjoni u gratifiki	5,2	104 747 000	105 435 000	101 982 176,34
XX 01 01 02 02	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti, u terminazzjoni tas-servizz	5,2	7 188 000	5 676 000	8 486 742,41
XX 01 01 02 03	Approprjazzjonijiet biex ikopru kwalunkwe aġġustamenti fir-remunerazzjoni	5,2	912 000	860 000	0,—
	Partita XX 01 01 02 — Total		112 847 000	111 971 000	110 468 918,75

Kummenti

Fir-rigward tal-Partiti 19 01 01 02, 20 01 01 02, 21 01 01 02 u 22 01 01 02, dwar delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri, fir-rigward ta' uffiċjali u persunal temporanju li jkollhom karigi fil-pjan ta' stabbiliment tal-persunal tal-Kummissjoni:

— salarji, gratifiki u pagamenti marbuta mas-salarji,

— assigurazzjoni kontra l-aċċidenti u l-mard u imposti oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-persunal temporanju u pagamenti biex iwaqqfu jew iżommu għalihom id-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,

— gratifiki u għotjiet mixxellanji,

— sahra,

— il-kost tal-ponderazzjonijiet applikat għar-remunerazzjoni ta' uffiċjali u persunal temporanju,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġustament għar-remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja,

— il-gratifiki ta' installazzjoni u ta' risistemizzazzjoni dovuti lill-persunal obbligat jibdel il-post ta' residenza tiegħu meta jidħol fl-inkarigu jew meta jittrasferixxi lejn post ieħor ta' impjieg, u meta jħalli definittivament l-istituzzjoni u jirrisistema ruħu xi mkien ieħor,

— l-spejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-persunal (inkluż il-familji tagħhom) meta jidħol fl-inkarigu tiegħu, iħalli l-istituzzjoni jew jittrasferixxi lejn post ieħor ta' impjieg,

— l-ispejjeż tal-ġarr dovuti lill-persunal obbligat li jibdel il-post ta' residenza meta jidħol fl-inkarigu jew meta jittrasferixxi lejn post ġdid ta' impjieg, u meta jħalli s-servizz u jirrisistema ruħu xi mkien ieħor.

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 01 *(ikompli)*

XX 01 01 02 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

XX 01 02 ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra***

XX 01 02 01 Persunal estern li jaħdem mal-istituzzjonijiet

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
XX 01 02 01	Persunal estern li jaħdem mal-istituzzjonijiet				
XX 01 02 01 01	Persunal b'kuntratt	5,2	65 206 000	62 714 000	68 218 939,88
XX 01 02 01 02	Persunal temporanju permezz ta' aġenzija u assistenza teknika b'sostenn ta' attivitajiet varji	5,2	21 900 000	23 700 000	22 581 130,06
XX 01 02 01 03	Ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali assenjati temporanjament mal-istituzzjoni	5,2	37 308 000	37 183 000	32 262 661,71
	Partita XX 01 02 01 — Total		124 414 000	123 597 000	123 062 731,65

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territorju tal-Unjoni:

— ir-remunerazzjoni ta' persunal b'kuntratt (fit-tifsira tal-Kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea), kontribuzzjonijiet tal-impjegatur għall-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persunal bil-kuntratt u l-impatt tal-applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,

— somma biex tkopri r-remunerazzjoni ta' persunal b'kuntratt li jaħdmu bħala gwidi għall-persuni b'diżabbiltà,

— l-impjieg tal-persunal tal-aġenzija, partikolarment persunal klerikali u tajpisti stenografiċi,

KUMMISSJONI
TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 02 *(ikompli)*

XX 01 02 01 *(ikompli)*

— nefqa fuq persunal inkluż fil-kuntratti tas-servizz għal xogħol tekniku u amministrattiv u l-provvista ta' servizzi intellettwali, u nefqa fuq binjiet u tagħmir u kostijiet operatorji dwar dan it-tip ta' persunal,

— il-kost ta' uffiċjali taċ-ċivil nazzjonali jew esperti sekondati oħra jew fuq ħidma temporanja mal-Kummissjoni jew mitluba għall-konsulti qosra, partikolarment biex jabbozzaw il-leġislazzjoni fuq l-armonizzazzjoni f'diversi oqsma; ikunu organizzati wkoll skambji biex ikun hemm applikazzjoni uniformi tal-leġislazzjoni tal-Unjoni mill-Istati Membri,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġustament għar-remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imniżżel fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Id-dħul minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA lejn il-kostijiet ġenerali tal-Unjoni skont l-Artikolu 82 tal-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet supplimentari li għandhom jiddaħħlu fil-linji tal-baġit konċernati skont ir-Regolament Finanzjarju. L-ammont ta' tali dħul hu stmat li hu EUR 202 932.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni tagħha fi programmi tal-Unjoni, imniżżel fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat ibbażat fuq dejta disponibbli skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 3 470 875.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas ta' kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

Kodiċi ta' prassi tajba għall-impjieg ta' persuni b'diżabilità, adottat bid-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ġunju 2005

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 02 *(ikompli)*

XX 01 02 02 Persunal estern tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
XX 01 02 02	Persunal estern tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 02 02 01	Remunerazzjoni ta' persunal ieħor	5,2	8 945 000	8 869 000	8 482 552,74
XX 01 02 02 02	Taħriġ ta' esperti subalterni u esperti nazzjonali sekondati	5,2	1 828 000	1 810 000	1 752 000,—
XX 01 02 02 03	Spejjeż ta' persunal ieħor u ħlas għal servizzi oħra	5,2	343 000	340 000	337 000,—
	Partita XX 01 02 02 — Total		11 116 000	11 019 000	10 571 552,74

Kummenti

Fir-rigward tal-Partiti 19 01 02 02, 20 01 02 02, 21 01 02 02 u 22 01 02 02, dwar persunal estern tal-Kummissjoni f'delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— ir-remunerazzjoni ta' persunal lokali u/jew b'kuntratt, u imposti tas-sigurtà soċjali u benefiċċji li jingarru minn min iħaddem,

— il-kontribuzzjonijiet tal-impjegatur għall-kopertura supplimentari tas-sigurtà soċjali għall-persunal lokali,

— is-servizzi ta' persunal ta' aġenzija u freelance.

Fir-rigward ta' esperti subalterni u esperti nazzjonali sekondati fit-taħriġ fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni, din l-approprjazzjoni hija maħsuba:

— biex tiffinanzja jew tikkofinanzja n-nefqa relatata mal-impjieg ta' esperti subalterni (gradwati mill-Università) f'delegazzjonijiet tal-Unjoni,

— biex tkopri l-kostijiet tas-seminars organizzati għad-diplomati subalterni mill-Istati Membri u pajjiżi terzi,

— biex tkopri n-nefqa dwar l-issekondar jew inkarigu temporanju ta' uffiċjali mill-Istati Membri lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq is-EUR 7 000.

Bażi ġuridika

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI
TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 02 *(ikompli)*

XX 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra tal-istituzzjoni

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
XX 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra tal-istituzzjoni				
XX 01 02 11 01	Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet	5,2	57 067 000	56 654 500	56 525 682,91
XX 01 02 11 02	Spejjeż għall-konferenzi, laqgħat u gruppi ta' esperti	5,2	25 890 000	25 842 500	22 114 187,65
XX 01 02 11 03	Laqgħat tal-kumitati	5,2	12 215 000	12 215 000	11 854 058,94
XX 01 02 11 04	Studji u konsultazzjonijiet	5,2	6 090 000	6 394 000	5 004 088,38
XX 01 02 11 05	Sistemi informatiċi u maniġerjali	5,2	28 793 000	28 650 000	34 345 024,28
XX 01 02 11 06	Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali	5,2	11 900 000	12 400 000	12 992 053,14
	Partita XX 01 02 11 — Total		141 955 000	142 156 000	142 835 095,30

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operatorja deċentralizzata li ġejja:

Missjonijiet:

— spejjeż tal-ivvjaġġar, inkluż kostijiet anċillari marbuta ma' biljetti u riżervazzjonijiet, allowances għas-sussistenza għal kuljum u nefqa eċċezzjonali addizzjonali li tinħoloq b'rabta ma' missjonijiet minn persunal tal-Kummissjoni koperti mir-Regolamenti tal-Persunal u minn esperti nazzjonali jew internazzjonali jew uffiċjali ssekondati ma' dipartimenti tal-Kummissjoni (rifużjonijiet ta' spejjeż tal-missjonijiet imħallsa akkont ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni u għal partijiet terzi jikkostitwixxu nefqa assenjata). Fejn ikun hemm l-opportunità, il-Kummissjoni għandha tuża linji tal-ajru koperti minn ftehimiet ta' negozjar kollettiv li jikkonformaw mal-konvenzjonijiet tal-ILO rilevanti.

Spejjeż ta' rappreżentanza:

— rimborż tal-kostijiet imġarrba minn persuni li jkunu qegħdin jirrappreżentaw uffiċjalment lill-Kummissjoni (ir-rimborż mhux possibbli għal spejjeż imġarrba waqt it-twettiq ta' dmirijiet ta' rappreżentanza fejn jidħol il-persunal tal-Kummissjoni jew ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni).

Laqgħat tal-esperti:

— ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba għall-funzjonament tal-gruppi ta' esperti stabiliti jew imsejħa mill-Kummissjoni: spejjeż għall-vjaġġi, is-sustinenza u l-ispejjeż inċidentali ta' esperti li jkunu qed jipparteċipaw fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż biex jiġu organizzati laqgħat bħal dawn meta ma jkunux koperti mill-infrastruttura eżistenti fil-kwartieri tal-istituzzjonijiet jew tal-uffiċċji esterni (l-esperti jingħataw rimborż abbażi tad-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kummissjoni).

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 02 *(ikompli)*

XX 01 02 11 *(ikompli)*

Konferenzi:

— nefqa relatata ma' konferenzi, kungressi u laqgħat organizzati mill-Kummissjoni bħala għajnuna għad-diversi politiki tagħha, u nefqa għat-treġija ta' netwerk għal organizzazzjonijiet u korpi ta' kontroll finanzjarju, inkluż laqgħa annwali bejn dawn l-organizzazzjonijiet u l-membri tal-Kumitat tal-Kontroll Baġitarju tal-Parlament Ewropew, kif mitlub fil-paragrafu 88 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2006 bil-kummenti li jifformaw parti integrali tad-deċiżjoni tal-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2004, Taqsima III — Kummissjoni (ĠU L 340, 6.12.2006, p. 5),

— nefqa dwar konferenzi, seminars, laqgħat, korsijiet u taħriġ intern prattiku għall-uffiċjali tal-Istati Membri li jimmaniġġaw jew jimmonitorjaw operazzjonijiet iffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni jew operazzjonijiet tal-ġbir tad-dħul li jikkostitwixxi r-riżorsi proprji tal-Unjoni jew jikkoperaw fis-sistema tal-istatistiki tal-Unjoni, u nefqa tal-istess tip għall-uffiċjali minn pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant li jimmaniġġaw jew jimmonitorjaw operazzjonijiet iffinanzjati mill-programmi tal-Unjoni,

— nefqa fuq it-taħriġ ta' uffiċjali ta' pajjiżi mhux membri li jwettqu dmirijiet maniġerjali jew ta' kontroll b'rilevanza diretta fuq il-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni,

— il-kost tal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni f'konferenzi, kungressi u laqgħat,

— tariffi ta' parteċipazzjoni fil-konferenzi, eskluż l-ispejjeż tat-taħriġ,

— abbonamenti f'assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u xjentifiċi,

— il-kost ta' ikel u xorb servut waqt okkażjonijiet speċjali waqt laqgħat interni.

Laqgħat tal-kumitati:

— il-vjaġġi, is-sussistenza u l-ispejjeż inċidentali ta' esperti li jkunu qed jipparteċipaw f'kumitati stabbiliti bit-Trattat u b'Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew Regolament tal-Kunsill, u l-kost tal-organizzazzjoni ta' laqgħat bħal dawn meta ma jkunux koperti mill-infrastruttura eżistenti (fil-kwartieri tal-istituzzjonijiet jew tal-uffiċċji esterni) (l-esperti jingħataw rimborż abbażi tad-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kummissjoni).

Studji u konsultazzjonijiet:

— nefqa fuq studji speċjalizzati u konsultazzjonijiet mogħtija b'kuntratt lill-esperti kkwalifikati ħafna (individwi jew ditti) jekk il-Kummissjoni ma jkollhiex persunal xieraq disponibbli biex jagħmel dawn l-istudji,

— ix-xiri ta' studji li jkunu diġà saru jew abbonamenti ma' istituzzjonijiet ta' riċerka speċjalizzata.

Sistemi informatiċi u maniġerjali:

— l-iżvilupp u l-manutenzjoni skont kuntratt ta' sistemi informatiċi u maniġerjali,

KUMMISSJONI

TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 02 *(ikompli)*

XX 01 02 11 *(ikompli)*

— l-akkwist u l-manutenzjoni ta' sistemi kompleti (turnkey) informatiċi u maniġerjali fil-qasam tal-ġestjoni amministrattiva (persunal, baġit, finanzi, kontabilità, eċċ.),

— studji, dokumentazzjoni u taħriġ marbut ma' dawk is-sistemi u mmaniġġar tal-proġett,

— il-kisba ta' ħiliet u kompetenza fil-qasam tat-teknoloġija informatika għad-dipartimenti kollha: kwalità, sigurtà, teknoloġija, żvilupp metodoloġiku, mmaniĠĠar tat-teknoloġija infromatika, eċċ.,

— appoġġ tekniku għal dawk is-sistemi, u xogħol tekniku meħtieġ biex ikun żgurat li joperaw b'mod sodisfaċenti.

Taħriġ ieħor u taħriġ maniġerjali:

— nefqa fuq taħriġ ġenerali maħsub biex itejjeb il-ħiliet tal-persunal u l-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-Kummissjoni:

— tariffi li jitħallsu lill-esperti imqabbda biex jidentifikaw il-bżonnijiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, kif ukoll biex jevalwaw u jimmonitorjaw ir-riżultati,

— tariffi għall-konsulenti f'diversi oqsma, partikolarment metodi organizzazzjonali, maniġment, strateġija, garanzija tal-kwalità u mmaniĠĠar tal-persunal,

— nefqa mġarrba fid-disinn, l-organizzazzjoni u l-evalwazzjoni tat-taħriġ organizzat mill-Kummissjoni fil-forma ta' korsijiet, seminars u konferenzi (l-ispejjeż tal-għalliema/kelliema fil-kors tal-ivvjaġġar u s-sussistenza tagħhom, u l-materjali tat-tagħlim),

— il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ estern u biex jingħaqad ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

— in-nefqa marbuta ma' aspetti prattiċi biex ikunu organizzati dawn il-korsijiet, u l-użu ta' bini u trasport u l-kost tal-ikel u akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa ta' taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, siti tal-internet relatati u x-xiri ta' tagħmir ta' tagħlim, l-abbonamenti u l-liċenzji għat-teleformazzjoni, kotba, prodotti stampati u ta' multimedja,

— l-iffinanzjar ta' apparat li jiffaċilita t-tagħlim.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imniżżel fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Id-dħul minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA lejn il-kostijiet ġenerali tal-Unjoni skont l-Artikolu 82 tal-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet supplimentari li għandhom jiddaħħlu fil-linji baġitarji konċernati skont ir-Regolament Finanzjarju. L-ammont ta' tali dħul hu stmat li hu EUR 727 500.

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 02 *(ikompli)*

XX 01 02 11 *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni tagħha fi programmi tal-Unjoni, imniżżel fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat ibbażat fuq dejta disponibbli skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 7 550 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

XX 01 02 12 Nefqa maniġerjali oħra relatata ma' persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
XX 01 02 12	Nefqa maniġerjali oħra relatata ma' persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 02 12 01	Spejjeż tal-missjonijiet, tal-konferenzi u tar-rappreżentazzjonijiet	5,2	5 587 000	5 657 000	5 796 000,—
XX 01 02 12 02	Taħriġ ulterjuri għall-persunal fid-delegazzjonijiet	5,2	699 000	274 000	330 000,—
	Partita XX 01 02 12 — Total		6 286 000	5 931 000	6 126 000,—

Kummenti

Fir-rigward tal-partiti 19 01 02 12, 20 01 02 12, 21 01 02 12 u 22 01 02 12 dwar persunal tal-Kummissjoni f'delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri:

— spejjeż u gratifiki mixxelanji dwar persunal ieħor, inklużi konsultazzjonijiet ġuridika,

— nefqa provenjenti minn proċeduri ta' reklutaġġ ta' uffiċjali, persunal b'kuntratt u persunal lokali, inklużi kostijiet ta' pubblikazzjoni, vjaġġar u kostijiet ta' sussistenza u assigurazzjoni għall-aċċidenti għal kandidati li jkunu msejħa għal eżamijiet u intervisti, kostijiet konnessi mal-organizzazzjoni ta' testijiet għal reklutaġġ ta' gruppi u eżamijiet mediċi ta' qabel ir-reklutaġġ,

— spejjeż relatati mal-kost ta' eżamijiet mediċi annwali ta' uffiċjali, persunal b'kuntratt u persunal lokali, inklużi analiżijiet u testijiet imwettqa bħala parti minn eżamijiet bħal dawn, attivitajiet kulturali u inizjattivi biex jitħeġġu l-kuntatti soċjali,

— l-ispejjeż relatati mal-kostijiet mediċi tal-persunal lokali impjegati taħt id-dritt kuntrattwali lokali, il-kost tal-konsulenti mediċi u dentisti u l-kostijiet fir-rigward tal-politika dwar l-AIDS fuq il-post tax-xogħol,

KUMMISSJONI
TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 02 *(ikompli)*

XX 01 02 12 *(ikompli)*

— il-gratifika fissa mogħtija lill-uffiċjali li regolarment iġarrbu spejjeż ta' rappreżentazzjoni minħabba l-inkarigi tagħhom, u r-rimborż ta' spejjeż imġarrba minn uffiċjali awtorizzati biex jirrappreżentaw il-Kummissjoni/l-Unjoni fl-interess tas-servizz u minħabba l-inkarigi tagħhom (fil-każ ta' delegazzjonijiet tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni, parti mill-ispejjeż tal-akkomodazzjoni jiġu koperti mill-gratifika fissa għar-rappreżentazzjoni),

— nefqa għall-ivvjaġġar, gratifika ta' sussistenza ta' kuljum għal missjonijiet u spejjeż inċidentali jew eċċezzjonali li jsiru b'konnessjoni ma' missjonijiet minn uffiċjali u aġenti oħrajn,

— nefqa għall-ivvjaġġar tat-trasport u gratifika ta' sussistenza ta' kuljum relatati ma' evakwazzjonijiet għal raġunijiet mediċi,

— nefqa ġejja minn sitwazzjonijiet ta' kriżi, fosthom l-ivvjaġar, akkomodazzjoni u gratifiki ta' sussistenza ta' kuljum,

— nefqa fuq taħriġ ġenerali kif ukoll lingwistiku maħsub biex itejjeb il-ħiliet tal-persunal u l-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-Kummissjoni:

  — tariffi għall-esperti mqabbda biex jidentifikaw bżonnijiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, kif ukoll biex jevalwaw u jimmonitorjaw ir-riżultati,

  — tariffi għall-konsulenti f'diversi oqsma, partikolarment metodi organizzazzjonali, maniġment, strateġija, garanzija tal-kwalità u immaniġġar tal-persunal,

  — nefqa mġarrba għat-tfassil, l-organizzazzjoni u l-evalwazzjoni tat-taħriġ organizzat mill-Kummissjoni jew SEAE fil-forma ta' korsijiet, seminars u konferenzi (l-ispejjeż tal-ivjaġġar tal-għalliema/kelliema fil-korsijiet u l-ispejjeż tas-sussistenza tagħhom, u l-materjali tat-tagħlim),

  — nefqa relatata mal-aspetti prattiċi u loġistiċi tal-organizzazzjoni ta' korsijiet, inkluż il-kiri tal-post, tat-trasport u tal-apparat għat-taħriġ u għal seminars lokali u reġjonali kif ukoll kostijiet mixellanji b'rabta ma' dan, bħal ma hu fuq xarbiet u ikel,

  — il-kost tal-parteċipazzjoni f'konferenzi u simpożja, u l-abbonament f'assoċjazzjonijiet professjonali u xjentifiċi,

  — nefqa ta' taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, siti tal-Internet relatati u x-xiri ta' tagħmir ta' tagħlim, l-abbonamenti u l-liċenzji għal teleformazzjoni, kotba, prodotti stampati u ta' multimedja,

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq it-EUR 18 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u binjiet

XX 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
XX 01 03 01	Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni				
XX 01 03 01 03	Apparat tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	61 113 000	56 169 000	63 583 563,10
XX 01 03 01 04	Servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	62 835 000	62 866 000	74 413 567,72
	Partita XX 01 03 01 — Total		123 948 000	119 035 000	137 997 130,82

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territoru tal-Unjoni:

— faċilitajiet tat-telekomunikazzjoni fil-bini tal-Kummissjoni, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefown, sistemi awdjo u vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari,

— netwerks ta' data (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniġġar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),

— ix-xiri, il-kiri jew lokazzjoni ta' kompjuters, terminals, minikompjuters, periferali, apparat ta' konnessjoni u s-softwer meħtieġ,

— ix-xiri, il-kiri jew kiri fit-tul ta' apparat għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'forma stampata, eżempju, magni tal-faks, fotokopjatriċi u skeners,

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' apparat elettroniku tal-uffiċċju,

— l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, iż-żamma, studji, dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan l-apparat,

— il-kost ta' abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi tal-informazzjoni elettronika u l-bażijiet tad-data esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi, it-taħriġ u l-appoġġ meħtieġ għall-aċċess għal din l-informazzjoni,

— it-tariffi ta' abbonament u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (it-telefonijiet fissi u ċellulari, it-televiżjoni, it-telekonferenzi u l-videokonferenzi), l-ispejjeż ta' netwerks dwar it-trażmissjoni tad-data, il-kost tal-links tat-telefon u tad-data bejn binjiet differenti tal-linji ta' trażmissjoni internazzjonali bejn is-siti tal-uffiċċji tal-Unjoni,

KUMMISSJONI
TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 03 *(ikompli)*

XX 01 03 01 *(ikompli)*

— appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' apparat tal-kompjuter u softwer, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għad-dokumentazzjoni teknika kemm jekk stampat jew f'forma elettronika, eċċ., persunal li jaħdem barra, servizzi tal-uffiċċju, abbonamenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq il-garanzija tas-sigurtà u l-kwalità dwar apparat tal-kompjuter u softwer,

— l-ispejjeż għaċ-Ċentru tad-Data:

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' kompjuters, apparat periferali u softwer għaċ-Ċentru tad-Data, u l-kostijiet ta' faċilitajiet ta' back-up,

— manutenzjoni, appoġġ, studji, dokumentazzjoni, taħriġ u provisti relatati ma' dan l-apparat u persunal estern,

— l-iżvilupp u l-manutenzjoni, taħt kuntratt, tas-softwer meħtieġ għall-ħidma taċ-Ċentru tad-Data.

L-approprjazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka jiddaħħlu taħt diversi Partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli konċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa magħmula fit-territorju tal-Unjoni, ħlief għall-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Unjoni li n-nefqa għalihom hija mdaħħla fil-Partita 16 01 03 03.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni tagħha fi programmi tal-Unjoni, imniżżel taħt il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 13 865 000.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU XX — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA

KAPITOLU XX 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA ALLOKATA SKONT L-OQSMA TA' POLITIKA *(ikompli)*

XX 01 03 *(ikompli)*

XX 01 03 02 Binjiet u nefqa relatata b'rabta mal-persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
XX 01 03 02	Binjiet u nefqa relatata b'rabta mal-persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni				
XX 01 03 02 01	Akkwiżizzjoni, kiri u nefqa relatata	5,2	28 797 000	26 872 000	41 857 000,—
XX 01 03 02 02	Apparat, għamara, provvisti u servizzi	5,2	836 000	906 000	8 336 000,—
	Partita XX 01 03 02 — Total		29 633 000	27 778 000	50 193 000,—

Kummenti

Fir-rigward tal-Partiti 19 01 03 02, 20 01 03 02, 21 01 03 02 u 22 01 03 02, dwar persunal tal-Kummissjoni f'delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, din l-approprjazzjoni maħsuba li tkopri:

— allokazzjonijiet għal akkomodazzjoni temporanja u sussistenza ta' kuljum,

— għall-bini kollu jew partijiet tal-bini għall-uffiċjali allokati barra mill-Unjoni: kirjiet (li jinkludu akkomodazzjoni temporanja) u taxxi, primjums ta' assigurazzjoni, nefqa tar-rinnovament u tiswijiet kbar, nefqa ta' rutina marbuta mas-sigurtà tal-persuni,

— għall-binjiet jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-uffiċjali fit-territorju tal-Unjoni: rimborż tan-nefqa dwar is-sigurtà tal-akkomodazzjoni,

— ix-xiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' materjal tekniku bħal ġeneraturi u tagħmir għall-arja kundizzjonata għall-bini għall-Uffiċjali,

— in-nefqa kollha għall-għamara u tagħmir għall-akkomodazzjoni disponibbli għall-uffiċjali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI

TITOLU 01

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

TITOLU 01

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
01 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI"	82 891 865	82 891 865	80 530 357	80 530 357	79 745 983,24	79 745 983,24
01 02	UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA	15 990 500	14 692 500	12 827 385	10 698 630	11 728 002,97	11 756 643,64
01 03	AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTER-NAZZJONALI	336 790 792	336 790 792	222 364 518	218 627 579	96 614 168,—	58 612 100,15
01 04	OPERAZZJONIJIET U STRUMENTI FINANZJARJI	2 097 000 000	662 650 000	1 410 500 000	154 032 098	42 517 445,55	150 114 822,55
	Titolu 01 — Total	**2 532 673 157**	**1 097 025 157**	**1 726 222 260**	**463 888 664**	**230 605 599,76**	**300 229 549,58**

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

TITOLU 01

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
01 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI"					
01 01 01	***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"***	5,2	65 698 945	62 357 038	61 680 284,84	93,88
01 01 02	***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"***					
01 01 02 01	Persunal estern	5,2	6 008 098	6 323 049	5 754 689,32	95,78
01 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	6 721 845	7 591 468	7 595 163,48	112,99
	Artikolu 01 01 02 — Subtotal		12 729 943	13 914 517	13 349 852,80	104,87
01 01 03	***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u nefqa relatata fil-qasam ta' politika "Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji"***					
01 01 03 01	Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-kommunikazzjoni, u nefqa speċifika	5,2	4 192 977	3 958 802	4 452 468,46	106,19
01 01 03 04	Nefqa b'rabta ma' bżonnijiet speċifiċi elettroniċi, ta' telekomunkazzjoni u informazzjoni	5,2	270 000	300 000	263 377,14	97,55
	Artikolu 01 01 03 — Subtotal		4 462 977	4 258 802	4 715 845,60	105,67
	Kapitolu 01 01 — Total		**82 891 865**	**80 530 357**	**79 745 983,24**	**96,20**

01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
65 698 945	62 357 038	61 680 284,84

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI" *(ikompli)*

01 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji"

01 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 008 098	6 323 049	5 754 689,32

01 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 721 845	7 591 468	7 595 163,48

01 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u nefqa relatata fil-qasam ta' politika "Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji"

01 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġjija tal-informazzjoni u l-kommunikazzjoni, u nefqa speċifika

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
4 192 977	3 958 802	4 452 468,46

01 01 03 04 Nefqa b'rabta ma' bżonnijiet speċifiċi elettroniċi, ta' telekomunkazzjoni u informazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
270 000	300 000	263 377,14

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— in-nefqa biex il-binjiet ikunu attrezzati b'telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari x-xiri, il-kera, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' swiċċbords u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo, vidjokonferenza, interfonija u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq netwerks ta' data (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniġġar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),

— ix-xiri, il-kiri, jew il-lokazzjoni, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' apparat elettroniku tal-uffiċċju, kompjuters, terminals, minikompjuters, periferali, apparat ta' konnessjoni u s-softwer neċessarju,

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-"AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI" *(ikompli)*

01 01 03 *(ikompli)*

01 01 03 04 *(ikompli)*

— il-kost tal-abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi tal-informazzjoni elettronika u d-databażijiet esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi (CD-ROMs, eċċ.),

— it-taħriġ u s-sostenn meħtieġa biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni bħal din,

— debiti ta' abbonamenti u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefoni fissi u ċellulari, telex, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), in-nefqa fuq in-networks tad-datatrażmissjoni, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,

— il-kost tal-konnessjoni man-netwerks tat-telekomunikazzjoni, pereżempju SWIFT (interbank) u CoreNet (netwerk sigur stabbilit mill-BĊE), u infrastruttura u servizzi relatati,

— l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, l-evalwazzjonijiet, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tip ta' apparat.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
01 02	UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA								
01 02 01	***Koordinazzjoni u sorveljanza ta', u komunikazzjoni dwar l-unjoni ekonomika u monetarja, inkluż l-euro***	1,1	11 952 000	11 700 000	11 802 585	10 001 744	10 849 485,65	11 007 550,83	94,08
01 02 02	***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal telħid b'self mill-Unjoni għal sostenn tal-bilanċi tal-pagamenti***	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
01 02 03	***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal telħid b'self mill-Unjoni għal assistenza finanzjarja fl-ambitu tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja***	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
01 02 04	***Protezzjoni ta' karti tal-flus u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u frodi relatat***	1,1	1 038 500	992 500	1 024 800	609 775	878 517,32	276 610,94	27,87
01 02 51	***Tlestija ta' Pericles***	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	87 111	0,—	472 481,87	
01 02 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
01 02 77 01	Azzjoni Preparatorja — Żvilupp ta' kapaċitajiet u bini ta' istituzzjonijiet b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' riformi ekonomiċi	1,2	3 000 000	2 000 000					
	Artikolu 01 02 77 — Subtotal		3 000 000	2 000 000					
	Kapitolu 01 02 — Total		**15 990 500**	**14 692 500**	**12 827 385**	**10 698 630**	**11 728 002,97**	**11 756 643,64**	**80,02**

01 02 01 Koordinazzjoni u sorveljanza ta', u komunikazzjoni dwar l-unjoni ekonomika u monetarja, inkluż l-euro

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 952 000	11 700 000	11 802 585	10 001 744	10 849 485,65	11 007 550,83

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA *(ikompli)*

01 02 01 *(ikompli)*

Kummenti

Ex *Artikolu 01 02 01 (parzjali)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tat-twettiq tal-Programm Konġunt Armonizzat tal-UE ta' Stħarriġiet fl-Impriżi u l-Konsumaturi fl-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati. Il-programm inbeda b'deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Novembru 1961 u ġie modifikat permezz ta' deċiżjonijiet sussegwenti tal-Kunsill u l-Kummissjoni. Huwa ġie approvat l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (97) 2241 tal-15 ta' Lulju 1997 u ppreżentat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2006) 379 final fit-12 ta' Lulju 2006 (ĠU C 245, 12.10.2006, p. 5).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kostijiet ta' studji, laqgħat ta' ħidma, konferenzi, analiżi, evalwazzjonijiet, pubblikazzjonijiet, assistenza teknika, ix-xiri u l-manutenzjoni ta' bażijiet ta' dejta u softwer u l-finanzjament parzjali u l-appoġġ għal miżuri relatati ma':

— politika fiskali inkluż il-monitoraġġ ta' pożizzjonijiet fiskali,

— valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni mill-Istati Membri tal-qafas ġdid ta' governanza fiskali tal-Unjoni li jappoġġja l-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja (UEM),

— monitoraġġ ekonomiku, analiżi tal-kombinament ta' miżuri u l-koordinament ta' politiki ekonomiċi,

— l-aspetti esterni tal-UEM,

— l-iżviluppi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro,

— il-monitoraġġ ta' riformi strutturali u titjib tal-operazzjoni tas-swieq fl-UEM u fl-Unjoni,

— koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji u analiżi u żvilupp tas-swieq finanzjarji, u operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self li jinvolvu lill-Istati Membri,

— il-faċilità li tipprovdi assistenza finanzjarja għall-bilanċ ta' pagamenti tal-Istati Membri u l-mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja,

— kooperazzjoni ma' operaturi ekonomiċi u min jieħu d-deċiżjonijiet fl-oqsma hawn fuq imsemmija,

— l-espansjoni tal-UEM,

— l-iżvilupp u manutenzjoni tas-softwer u taħriġ relatat għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar.

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata wkoll biex tkopri l-finanzjament ta' miżuri prijoritarji ta' informazzjoni dwar il-politika tal-Unjoni dwar l-aspetti kollha tar-regoli u l-funzjonament tal-UEM, kif ukoll dwar il-benefiċċji li jiġu minn koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politika u tar-riformi strutturali u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' partijiet interessati ewlenin u taċ-ċittadini, b'rabta mal-UEM.

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA *(ikompli)*

01 02 01 *(ikompli)*

Din il-miżura hija maħsuba biex tkun kanal effikaċi ta' komunikazzjoni u djalogu bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u biex jitqiesu l-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali speċifiċi, fejn ikun xieraq f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Istat Membru. Tingħata wkoll importanza lit-tħejjija taċ-ċittadini għall-introduzzjoni tal-euro fl-Istati Membri li jkunu qed iħejju għall-introduzzjoni tiegħu.

Din tinkludi:

— l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni fil-livell ċentrali (fuljetti, ktejbiet, bulettini, żvilupp u manutenzjoni ta' websajts, medja soċjali, wirjiet, stands, konferenzi, seminars, prodotti awdjoviżivi, stħarriġ tal-fehma pubblika, studji, materjal ta' promozzjoni, programmi ta' ġemellaġ, taħriġ, eċċ), u attivitajiet simili fil-livell nazzjonali u reġjonali implimentati f'kooperazzjoni mar-rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni,

— ftehimiet ta' sħubija mal-Istati Membri li jixtiequ jipprovdu informazzjoni dwar l-euro jew dwar l-UEM,

— kooperazzjoni u netwerking mal-Istati Membri fil-fora xierqa,

— inizjattivi ta' komunikazzjoni f'pajjiżi terzi, partikolarment biex jispjegaw ir-rwol internazzjonali tal-euro u l-utilità tal-integrazzjoni finanzjarja.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, għandha tqis sew l-eżiti tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

L-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni ssir f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew.

Il-Kummissjoni tadotta strateġija u pjan ta' ħidma annwali abbażi tal-orjentazzjonijiet imfissra fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Awwissu 2004 (COM(2004) 0552 final) u tħejji rapporti b'mod regolari lill-kumitat relevanti tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-programm u dwar l-ippjanar għas-sena ta' wara.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri jew biex tiffinanzja minn qabel b'mod temporanju l-kostijiet imġarrba mill-Unjoni għall-konklużjoni u t-twettiq tal-operazzjonijiet marbuta ma' operazzjonijiet ta' teħid u għoti ta' self għal għajnuna makro-finanzjarja, Euratom, bilanċ ta' ħlas u mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja.

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 5 5 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal biex jingħataw approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(3)(a) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Il-kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagamenti ta' l-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA *(ikompli)*

01 02 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

01 02 02 ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal sostenn tal-bilanċi tal-pagamenti***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Il-garanzija tal-Unjoni Ewropea hija għal self mogħti fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont f'kapital ta' self li mbagħad jista' jinħareġ lill-Istati Membri huwa limitat għal EUR 50 000 000 000.

Dan l-artikolu jikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandu jippermetti li l-Kummissjoni tagħmel tajjeb għad-dejn jekk id-debituri jonqsu mill-obbligi tagħhom.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tal-flus tagħha biex tagħmel proviżorjament tajjeb għad-dejn. F'dan il-każ japplika l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Anness speċifiku ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima jagħti sommarju tal-operazzjonijiet għoti u teħid ta' self garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż l-immaniġġar tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/102/KE tal-4 ta' Novembru 2008 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-UE lill-Ungerija għaż-żmien medju (ĠU L 37, 6.2.2009, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE tal-20 ta' Jannar 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja għal medda medja ta' żmien (ĠU L 79, 25.3.2009, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/459/KE tas- 6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta' żmien (ĠU L 150, 13.6.2009, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/288/UE tat-12 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja prekawzjonarja mill-UE fuq terminu ta' żmien medju lir-Rumanija (ĠU L 132, 19.5.2011, p. 15).

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA *(ikompli)*

01 02 03 Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal assistenza finanzjarja fl-ambitu tal-mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-Artikolu 122 (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi l-possibbiltà li tingħata assistenza finanzjarja mill-Unjoni lil Stat Membru li jsib ruħu f'diffikultajiet jew ikun mhedded minn diffikultajiet serji kkawżati minn ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jkollux kontroll fuqhom.

Il-garanzija mogħtija mill-Unjoni hija għal self mogħti fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji.

Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 407/2010, l-ammont ta' self jew linji ta' kreditu li għandhom jingħataw lil Stati Membri taħt dan ir-Regolament għandu jkun limitat għall-marġni disponibbli taħt il-limitu tar-riżorsi proprji tagħhom għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

Dan l-artikolu jikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandu jippermetti li l-Kummissjoni tagħmel tajjeb għad-dejn jekk id-debituri jonqsu mill-obbligi tagħhom.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tal-flus tagħha biex tagħmel tajjeb għad-dejn provviżorjament. Għandu japplika l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Anness speċifiku ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima jagħti sinteżi tal-operazzjonijiet ta' għoti u teħid ta' self garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż l-immaniġġar tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE tat-17 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/682/UE tal- 11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 31).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/683/UE tal-11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 32).

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA *(ikompli)*

01 02 03 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari l-Artikolu 122(2) tiegħu.

01 02 04 ***Protezzjoni ta' karti tal-flus u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u frodi relatat***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 038 500	992 500	1 024 800	609 775	878 517,32	276 610,94

Kummenti

Ex *Artikolu 24 03 01*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 331/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles 2020") u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/923/KE, 2001/924/KE, 2006/75/KE, 2006/76/KE, 2006/849/KE u 2006/850/KE (ĠU L 103, 5.4.2014, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/768 tal-11 ta' Mejju 2015 li jestendi lil Stati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 331/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles 2020") (ĠU L 121, 14.5.2015, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu.

01 02 51 ***Tlestija ta' Pericles***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	87 111	0,—	472 481,87

Kummenti

Ex *Artikolu 24 03 51*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tiffinanzja l-kostijiet ta' tlestija tal-programm Pericles għat-taħriġ, l-iskambju u l-għajnuna għall-ħarsien tal-euro kontra l-frodi.

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA *(ikompli)*

01 02 51 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles"), ĠU L 339, 21.12.2001, p. 50.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/924/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li testendi l-effetti tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi skambju, għajnuna u programm ta'taħriġ għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles") għall-Istati Membri li għadhom m'addottawx l-euro bħala munita unika (ĠU L 339, 21.12.2001, p. 55).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/75/KE tat-30 ta' Jannar 2006 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles") (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/76/KE tat-30 ta' Jannar 2006 li testendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/75/KE li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, għajnuna u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles") (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 42).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/849/KE tat-20 ta' Novembru 2006 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, għajnuna u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm Pericles) (ĠU L 330, 28.11.2006, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/850/KE tal-20 ta' Novembru 2006 li testendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/849/KE li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, għajnuna u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm Pericles) (ĠU L 330, 28.11.2006, p. 30).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 1998 lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Bank Ċentrali Ewropew bit-titolu, "Il-Protezzjoni tal-euro — Il-Ġlieda kontra l-iffalsifikar" (COM(98) 474 final).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Novembru 1998 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Bank Ċentrali Ewropew, "Il-Protezzjoni tal-euro — Il-Ġlieda kontra l-iffalsifikar" (ĠU C 379, 7.12.1998, p. 39).

01 02 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

01 02 77 01 Azzjoni Preparatorja — Żvilupp ta' kapaċitajiet u bini ta' istituzzjonijiet b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' riformi ekonomiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 000 000	2 000 000				

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 02 — UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA *(ikompli)*

01 02 77 *(ikompli)*

01 02 77 01 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja hija intenzjonata li tiffinanzja l-għoti ta' sostenn lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi ewlenin fl-oqsma ta' responsabiltà fiskali, l-amministrazzjoni pubblika li tgħin fit-tkabbir, u l-kompetittività.

Dan is-sostenn se jkollu l-għan li jtejjeb il-kapaċità tal-Istati Membri li jimplimentaw ir-riformi u biex isaħħaħ l-istituzzjonijiet pubbliċi tagħhom. Huwa għandu jkun iffokat b'mod partikolari fuq ir-riformi fiskali, strutturali u istituzzjonali li ġew identifikati bħala prijoritajiet matul iċ-ċiklu regolari tal-Unjoni ta' sorveljanza makroekonomika, matul programm ta' aġġustament ekonomiku; matul sorveljanza msaħħa, jew matul sorveljanza ta' wara l-programm. Se jiġi pprovdut mill-Kummissjoni fuq talba mill-Istat Membru kkonċernat, u huwa miftuħ għall-Istati Membri kollha.

L-approprjazzjoni tista' tintuża biex tkopri l-implimentazzjoni ta' programmi u proġetti ta' assistenza teknika minn organizzazzjonijiet pubbliċi nazzjonali u internazzjonali b'kompetenza esperta qawwija fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u l-bini tal-istituzzjonijiet kif ukoll minn atturi mis-settur privat. Tista' wkoll tintuża biex tkopri nefqa marbuta mal-fażijiet preparatorji ta' tali programmi u proġetti (programmar, identifikazzjoni u formulazzjoni) kif ukoll il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, l-awditjar u l-kontroll matul u wara l-implimentazzjoni. Tista' wkoll tkopri l-kosti ta' assistenza teknika fuq perjodu qasir, arranġamenti tat-tip ta' ġemellaġġ bejn l-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll nefqa ta' sostenn għat-tali attivitajiet (taħriġ, laqgħat, seminars, studji).

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 01 03 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
01 03	AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI								
01 03 01	***Partečipazzjoni fil-kapital ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali***								
01 03 01 01	Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Forniment ta' azzjonijiet totalment imħallsa ta' kapital sottoskritt	4	—	—	—	—	0,—	0,—	
01 03 01 02	Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Porzjon eżegwibbli tal-kapital sottoskritt	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu 01 03 01 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
01 03 02	***Assistenza makrofinanzjarja***	4	79 669 000	79 669 000	77 955 000	74 218 061	38 181 874,—	179 806,15	0,23
01 03 03	***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi***	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
01 03 04	***Garanzija għal teħid b'self mill-Euratom biex jittejjeb il-grad ta' effiċjenza u sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari f'pajjiżi terzi***	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
01 03 05	***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal selfiet u garanziji fuq self tal-Bank Ewropew ta' Investiment għal operazzjonijiet f'pajjiżi terzi***	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
01 03 06	***Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija***	4	257 121 792	257 121 792	144 409 518	144 409 518	58 432 294,—	58 432 294,—	22,73
	Kapitolu 01 03 — Total		**336 790 792**	**336 790 792**	**222 364 518**	**218 627 579**	**96 614 168,—**	**58 612 100,15**	**17,40**

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 03 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI *(ikompli)*

01 03 01 Parteċipazzjoni fil-kapital ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali

01 03 01 01 Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Forniment ta' azzjonijiet totalment imħallsa ta' kapital sottoskritt

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	—	0,—	0,—

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-kapital sottoskritt mill-Unjoni fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/674/KEE tad-19 ta' Novembru 1990 dwar l-ilħuq tal-Ftehim illi jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (ĠU L 372, 31.12.1990, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/135/KE tas-17 ta' Frar 1997 li tipprevedi li l-Komunità Ewropea għandha tissottoskrivi għal aktar ishma b'riżultat tad-deċiżjoni biex jirdoppja l-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 52, 22.2.1997, p. 15).

Id-Deċiżjoni Nru 1219/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar is-sottoskrizzjoni mill-Unjoni Ewropea f'ishma addizzjonali fil-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) bħala riżultat tad-deċiżjoni li jiżdied dan il-kapital (ĠU L 313, 26.11.2011, p. 1).

01 03 01 02 Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Porzjon eżegwibbli tal-kapital sottoskritt

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-kapital sottoskritt mill-Unjoni fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

Il-bażi kapitali sottoskritta kurrenti tal-BERŻ tammonta għal EUR 29 674 000 000, filwaqt li t-total tal-kapital tal-ishma sottoskritt mill-Unjoni jammonta għal EUR 900 440 000 (3 %). L-ishma mħallsa tal-kapital sottoskritt jammontaw għal EUR 187 810 000, u jħallu porzjon eżegwibbli tal-kapital sottoskritt li jammonta għal EUR 712 630 000.

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 03 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI *(ikompli)*

01 03 01 *(ikompli)*

01 03 01 02 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/674/KEE tad-19 ta' Novembru 1990 dwar l-ilħuq tal-Ftehim illi jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (ĠU L 372, 31.12.1990, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/135/KE tas-17 ta' Frar 1997 li tipprevedi li l-Komunità Ewropea għandha tissottoskrivi għal aktar ishma b'riżultat tad-deċiżjoni biex jirdoppja l-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvlupp [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 52, 22.2.1997, p. 15).

Id-Deċiżjoni Nru 1219/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Novembru 2011 dwar is-sottoskrizzjoni mill-Unjoni Ewropea f'ishma addizzjonali fil-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) bħala riżultat tad-deċiżjoni li jiżdied dan il-kapital (ĠU L 313, 26.11.2011 p. 1).

01 03 02 ***Assistenza makrofinanzjarja***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
79 669 000	79 669 000	77 955 000	74 218 061	38 181 874,—	179 806,15

Kummenti

L-Assistenza Makrofinanzjarja (AFM) hija forma ta' għajnuna finanzjarja estiża mill-Unjoni lil pajjiżi sħab li qed jesperjenzaw kriżi ta' bilanċ tal-pagamenti. L-AFM hija ddisinjata għall-pajjiżi ġeografikament, ekonomikament u politikament qrib tal-Unjoni. Dawn jinkludu pajjiżi kandidati u pajjiżi li huma kandidati potenzjali, pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u, f'ċerti ċirkostanzi, pajjiżi terzi oħra. Fil-prinċipju, l-AFM hija disponibbli biss għall-pajjiżi li jibbenefikaw minn programm tal-Fond Monetarju Internazzjonali.

L-AFM hija eċċezzjonali fix-xorta tagħha u tiġi mmobilizzata fuq bażi ta' każ b'każ sabiex tgħin lil pajjiżi li jinsabu f'diffikultajiet gravi ta' bilanċ ta' pagamenti. L-għan tagħha huwa li tirrestawra sitwazzjoni finanzjarja esterna sostenibbli, filwaqt li tinkoraġġixxi l-aġġustamenti ekonomiċi u r-riformi strutturali.

Filwaqt li l-AFM tista' tieħu l-forma ta' self jew għotjiet fuq perjodu medju/twil, jew taħlita ta' dawn, dan l-artikolu jkopri biss l-element ta' għotja tal-operazzjonijiet tal-AFM.

L-approprjazzjonijiet li jaqgħu taħt dan l-Artikolu jintużaw ukoll biex ikopru l-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-operazzjonijiet tal-AFM, u b'mod partikolari: (i) l-ispejjeż imġarrba biex jitwettqu valutazzjonijiet operattivi fil-pajjiżi benefiċjarji sabiex jinkisbu assigurazzjonijiet raġonevoli dwar il-funzjonament tal-proċeduri amministrattivi u taċ-ċirkwiti finanzjarji, (ii) l-ispejjeż għal evalwazzjonijiet ex-post tal-operazzjonijiet tal-AFM, u (iii) l-ispejjeż li jkopru r-rekwiżiti ta' komitoloġija.

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 03 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI *(ikompli)*

01 03 02 *(ikompli)*

Il-Kummissjoni se tgħarraf lill-awtorità tal-baġit regolarment dwar il-qagħda makrofinanzjarja tal-pajjiżi benefiċjarji u se tirrapporta estensivament dwar l-implimentazzjoni tal-AFM fuq bażi annwali.

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 5 5 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal biex jingħataw approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(3)(a) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/639/KE tat-12 ta' Lulju 2002 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplimentari lill-Ukrajina (ĠU L 209, 6.8.2002)

Id-Deċiżjoni Nru 388/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 li tipprovdi l-assistenza makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L 179, 14.7.2010, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 778/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 li tipprovdi assistenza makro-finanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 15).

Id-Deċiżjoni Nru 1025/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża (ĠU L 283, 25.10.2013, p. 1).

01 03 03 ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għal assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu jikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandu jippermetti, jekk meħtieġ, tagħmel tajjeb għad-dejn (rimborż tal-kapital, l-imgħax u spejjeż oħra) jekk debitur jonqos fuq selfiet maħruġa skont id-Deċiżjonijiet imsemmija isfel.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tal-flus tagħha biex tagħmel proviżorjament tajjeb għad-dejn. F'dan il-każ japplika l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni, 94/728/KE Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Anness speċifiku ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima jagħti sommarju tal-operazzjonijiet ta'għoti u teħid ta' self garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż l-immaniġġar tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/471/KE tat-22 ta' Lulju 1997 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lil dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ammont massimu ta' EUR 40 000 000 bħala kapital) (ĠU L 200, 29.7.1997, p. 59).

KAPITOLU 01 03 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI *(ikompli)*

01 03 03 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/325/KE tal-10 Mejju 1999 li tipprovdi għall-assistenza makrofinanzjarja lill-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 123, 13.5.1999, p. 57) (ammont massimu ta' EUR 30 000 000 bħala kapital f'forma ta' self għal 15-il sena).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/732/KE tat-8 ta' Novembru 1999 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplimentari lir-Rumanija (ammont massimu ta' EUR 200 000 000 bħala kapital) (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/733/KE tat-8 Novembru 1999 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplimentari lil dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 31) (ammont massimu ta' EUR 50 000 000 bħala kapital).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/244/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li temenda d-Deċiżjoni 97/787/KE li tipprovdi assistenza finanzjarja eċċezzjonali għall-Armenja u l-Ġeorġja biex din jestenduha għat-Taġikistan (ĠU L 77, 28.3.2000, p. 11) (ammont massimu ta' EUR 245 000 000 bħala prinċipju).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/549/KE tas-16 ta' Lulju 2001, li tipprovdi għall-assistenza makrofinanzjarja għar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 38).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/639/KE tat-12 ta' Lulju 2002, li tipprovdi għal assistenza makrofinanzjarja supplimentari għall-Ukraina (ĠU L 209, 6.8.2002, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/882/KE tal-5 ta' Novembru 2002 li tipprovdi aktar għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/883/KE tal-5 ta' Novembru 2002 li tipprovdi aktar għajnuna makrofinanzjarja lill-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/825/KE tal-25 ta' Novembru 2003 li temenda d-Deċiżjoni 2002/882/KE li tipprovdi aktar għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugosavja fir-rigward aktar għajnuna makrofinanzjarja lis-Serbja u l-Montenegro (ĠU L 311, 27.11.2003, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/580/KE tad-29 ta' April 2004 li tipprovdi assistenza makro-finanzjarja lill-Albanija u li tirrevoka id-Deċiżjoni 1999/282/KE (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 116).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/861/KE tas-7 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/883/KE li tipprovdi aktar assistenza makrofinanzjarja lill-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 370, 17.12.2004, p. 80).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/862/KE tas-7 ta' Diċembru 2004 dwar assistenza makrofinanzjarja lis-Serbja u l-Montenegro (ĠU L 370, 17.12.2004, p. 81).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/860/KE tal-10 ta' Diċembru 2007 li tipprovdi għal għajnuna makrofinanzjarja Komunitarja lil-Libanu (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 111).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/890/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi l-assistenza makrofinanzjarja lill-Armenja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 3).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/891/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lill-Bosnja-Ħerżegovina (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 6).

KUMMISSJONI
TITOLU 01 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

KAPITOLU 01 03 — AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI *(ikompli)*

01 03 03 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/892/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lis-Serbja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 9).

Id-Deċiżjoni Nru 388/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 li tipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L 179, 14.7.2010, p. 1).

02 02 77 08 Azzjoni preparatorja — Promozzjoni ta' prodotti Ewropej u transnazzjonali tat-turiżmu b'enfasi speċjali fuq prodotti kulturali u industrijali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	825 000	p.m.	1 252 000	2 000 000,—	1 345 772,87

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 08 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 09 Azzjoni preparatorja — Turiżmu u aċċessibilità għal kulħadd

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	490 600	p.m.	305 000	690 000,—	603 799,92

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 10 Azzjoni preparatorja — Innovazzjoni fl-Euromed: imprendituri għall-bidla

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	490 000	p.m.	1 310 000	0,—	1 178 145,49

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 10 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 11 Proġett pilota — Faċilitar tal-aċċess għall-assigurazzjoni mill-bennejja li jaħdmu għal rashom u kumpaniji żgħar tal-kostruzzjoni sabiex tiġi stimulata l-innovazzjoni u l-promozzjoni tal-ekoteknoloġiji fl-Unjoni Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	143 000	p.m.	374 000	0,—	285 738,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 12 Proġett pilota — Netwerk Ewropew ta' kompetenza dwar elementi terrestri rari

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	337 000	0,—	0,—

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 12 *(ikompli)*

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 13 Proġett pilota — Żvilupp tad-"distretti kreattivi" Ewropej

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	285 000	p.m.	350 000	0,—	148 021,53

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 14 Proġett pilota — Eżekuzzjoni rapida u effiċjenti ta' pretensjonijiet pendenti ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li joperaw lil hinn mill-fruntieri

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	563 581,42

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 14 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 16 Proġett pilota — Il-Futur tal-manifattura

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	800 000	1 000 000	500 000	1 000 000,—	0,—

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 17 Proġett pilota — Trasferiment ta' negozji għall-impjegati u mudell ta' kooperattivi: l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-SMEs

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	350 000	500 000	250 000		

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 17 *(ikompli)*

L-SMEs fl-Ewropa qed jaffaċċjaw l-isfida tat-tixjiħ tal-intraprendituri li, jekk ma jsibu l-ebda suċċessuri, jistgħu jispiċċaw bl-impriża tagħhom li tispiċċa. Minħabba l-ammont ta' fallimenti finanzjarji jew fallimenti ta' negozji li tal-inqas parti min-negozju tagħhom tagħmel profitt, il-potenzjal li jiġu salvati l-attivitajiet u l-impjiegi huwa konsiderevoli. Meta negozju jagħlaq, jintilfu l-impjiegi, kif ukoll l-għarfien, il-prodotti, is-servizzi li jipprovdu n-negozji, kif ukoll l-impjiegi indirett fost il-forniturі tas-servizzi lokali. L-SMEs b'mod partikolari isibuha diffiċli biex jippreparaw it-trasferiment tan-negozju minħabba nuqqas ta' żmien, flus u għarfien. Nuqqas preparatorja għat-trasferiment tan-negozju jwassal għal diffikultajiet biex jinsabu suċċessuri u fondi, kif ukoll biex jiġu riorganizzati n-negozji.

L-għan tal-proġett huwa li jiġu żviluppati u implimentati azzjonijiet konkreti li jgħinu l-ilħuq b'suċċess tat-trasferimenti ta' negozju permezz tal-involviment tal-impjegati. L-objettiv globali huwa li jiġi ffaċilitat it-trasferiment ta' negozji "b'saħħithom" għall-impjegati u akkwiżizzjonijiet maġġoritarji mill-impjegati ta' negozji li ma rnexxewx jew li fallew, bl-użu tal-mudell ta' kooperattiva fiż-żewġ każijiet. L-esperjenza fil-prattika wriet li l-mudell ta' kooperattiva huwa dak magħżul l-aktar spiss mill-impjegati matul il-proċessi ta' ristrutturar. Dan il-proġett pilota se jgħin irawwem sensibilizzazzjoni fost l-intraprendituri, l-impjegati, it-trejdjunjins, in-negozji u l-korpi kummerċjali, il-forniturі ta' servizzi ta' sostenn għall-intrapriżi u l-awtoritajiet pubbliċi dwar il-valur miżjud ta' din l-għażla għat-trasferimenti ta' negozju. Ħafna fallimenti jistgħu jiġu evitati jekk wieħed jippjana t-trasferimenti sew minn qabel u jkun ħa parir speċjalizzat. Il-ħidma lejn is-suċċess ta' trasferimenti ta' negozju għandhom għalhekk jitqiesu bħala investiment aktar milli kost. Il-proġett se jsostni wkoll attivitajiet biex is-sidien tan-negozji jsiru konxji tal-ħtieġa ta' preparazzjoni fil-ħin. L-esperjenza turi li aktar mat-trasferiment jiġi ppjanat minn qabel, aktar ma tkun għolja l-probabbiltà li jkollu suċċess. L-Istati Membri għandhom jippromwovu u jsostnu b'mod attiv l-iskemi ta' mentoring li jinvolvu t-trasferiment tal-għarfien u l-kompetenzi bażiċi essenzjali biex jittrasferixxu n-negozji lill-impjegati bħala kooperattivi. Il-gruppi ewlenin fil-mira għall-attivitajiet pilota huma l-intraprendituri u l-impjegati tal-SMEs.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 18 Proġett pilota — Investituri privati nisa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 200 000	900 000	1 000 000	250 000		

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-Ewropa mhijiex tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal intraprenditorjali tagħha u għadha lura fir-rigward ta' negozji ġodda u impjiegi indipendenti. In-nisa b'mod partikolari jsibuha bi tqila joħolqu n-negozji tagħhom stess. L-Unjoni rrikonoxxiet li l-imprenditorjat fost in-nisa jrid jiġi promoss u sostnut b'mod li tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 18 *(ikompli)*

Wieħed mill-ostakoli ewlenin għan-nisa b'mod ġenerali huwa n-nuqqas ta' aċċess li għandhom għall-finanzjament. L-istudji juru li meta mqabbla mas-sħab irġiel tagħhom, għall-imprendituri nisa huwa sinifikament aktar diffiċli jiksbu finanzjament tas-self. Fl-istess waqt huma għandhom ukoll nuqqas ta' aċċess għal netwerks tekniċi, xjentifiċi u dawk tan-negozju ġenerali. Dawk in-netwerks huma essenzjali għal bosta raġunijiet għall-ħolqien u l-espansjoni ta' negozju, b'mod partikolari sabiex jinstabu investituri, sħab tan-negozju u mentors.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 19 Proġett Pilota — Turiżmu li jgħaqqad id-dinja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	250 000	750 000	375 000		

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-Ewropa għandha tibbenefika mit-turiżmu li jgħaqqad id-dinja minħabba ż-żieda fis-sehem tal-PDG koprut mis-settur tat-turiżmu. Dan jista' joħloq tkabbir ekonomiku sinifikanti, inkluż il-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli. L-Ewropa għandha tħejji ruħha għad-diffikultajiet u l-isfidi li jinħolqu mal-wasla ta' aktar viżitaturi minn pajjiżi bi drawwiet kulturali differenti, bħaċ-Ċina. L-Ewropa għandha ssir l-ewwel ekonomija fil-konkorrenza mondjali fir-rigward tat-turiżmu.

Matul dawn l-aħħar deċennji, it-turiżmu sar wieħed mill-ikbar setturi ekonomiċi li fih it-tkabbir kien l-aktar rapidu fid-dinja. L-għadd ta' wasliet ta' turisti internazzjonali żdied minn 278 miljun fl-1980 għal 1 035 mijun fl-2012 u medjament mistenni jiżdied bi 3,3 % fis-sena sal-2030. L-Ewropa tibqa' l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja, peress li tirrappreżenta nofs il-wasliet ta' turisti internazzjonali kollha li jaslu minn madwar id-dinja – bi tliet kwarti minn dawk fl-Istati Membri. Madankollu, il-pożizzjoni tagħha qed tiġi kkontestata minn destinazzjonijiet turistiċi ġodda f'ekonomiji emerġenti.

It-turisti minn ekonomiji emerġenti bħall-Brażil, ir-Russja, iċ-Ċina u l-Indja żdiedu matul dawn l-aħħar snin. L-istatistika turi li ġew maħruġa 1 026 000 viżi fl-2011 lil turisti Ċiniżi , meta mqabbel ma' 560 000 fl-2008. Fl-2011, il-viżitaturi barranin nefqu aktar minn EUR 330 biljun u, skont estimi riċenti, dan l-ammont jista' jitla' għal madwar EUR 430 biljun fl-2022. Fl-2012 tnehdiet il-kampanja "Europe — Whenever you're ready" (L-Ewropa — Meta trid), li tenfasizza d-diversità tal-wirt kulturali u naturali tal-Ewropa u timmira għal turisti potenzjali, speċjalment dawk mill-Brażil, l-Indja u ċ-Ċina. Dan il-programm kien ta' suċċess kbir u kiseb riżultati pożittivi ħafna bis-saħħa tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika komuni dwar il-viża. Il-faċilitazzjoni tal-viża żiedet b'5 sa 25 % l-għadd ta' wasliet ta' turisti internazzjonali mis-swieq rilevanti. Iżda il-viżi mhuwmiex l-unika kwistjoni, peress li l-viżitaturi barranin kollha għandhom ħtiġijiet u aspettattivi differenti.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 19 *(ikompli)*

Fost l-ekonomiji emerġenti msemmija hawn fuq, l-attenzjoni għandha tkun fuq iċ-Ċina, li tirrappreżenta is-suq li huwa is-sors ta' turiżmu bi tkabbir l-aktar rapidu fid-dinja. Skont ir-rapport tal-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu dwar il-flussi turistiċi 'l barra miċ-Ċina (2013), il-propensità ta' turisti Ċiniżi li jivvjaġġaw barra minn pajjiżhom mistennija tkompli tiżdied fid-deċennji li ġejjin. Barra minn hekk, lil hinn mill-Asja u l-Paċifiku, l-Ewropa hija l-akbar destinazzjoni reġjonali għall-vjaġġaturi Ċiniżi. Billi l-Ewropa għandha post prominenti fil-lista ta' destinazzjoni taċ-Ċiniżi, huwa meħtieġ li naħsbu dwar kif l-Istati Membri jistgħu jilqgħu aħjar lit-turisti Ċiniżi. Din hija kwistjoni ta' fehim reċiproku kif ukoll ta' taħriġ kontinwu u sostenibbli tal-impjegati fis-settur tat-turiżmu fl-Ewropa kollha.

Barra minn hekk, l-Ewropa għandha tħejji ruħha għall-isfidi marbuta mal-wasla ta' ħafna turisti Ċiniżi, inklużi s-sigurtà pubblika, il-leġiżlazzjoni dwar iċ-ċittadini barranin, u l-possibbiltà ta' attitudnijiet razzisti u ksenofobiċi li jirriżultaw minn differenzi kulturali bejn is-soċjetajiet tagħna.

Dan il-proġett pilota għandu l-objettivi prinċipali li ġejjin:

— jiffaċilita l-iżvilupp ta' netwerks u ta' skambju tal-aħjar prattiki fost dawk responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet u rappreżentanti tal-industrija tat-turiżmu,

— jippromwovi opportunitajiet biex jinħolqu impjiegi ġodda u sostenibbli fis-settur tas-servizzi madwar l-Ewropa,

— jistabbilixxi djalogu professjonali u strutturat fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni,

— jidentifika l-aħjar prattiki rigward il-profil tal-vjaġġatur Ċiniż (kif jista' jiġi ospitat aħjar) u jippromwovihom fl-industrija Ewropea tat-turiżmu inklużi l-forniturи ta' servizz (lukandi, restoranti),

— itejjeb id-djalogu u l-kollaborazzjoni bejn l-operaturi turistiċi u l-aġenziji tal-ivvjaġġar Ċiniżi u Ewropej,

— jiffaċilita l-iżvilupp ta' taħriġ speċifiku għall-persunal (pereżempju t-titjib tal-ħiliet lingwistiċi u l-għarfien kulturali),

— ikabbar is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku permezz ta' kampanji dwar il-multikulturaliżmu f'kooperazzjoni mal-istituti kulturali Ċiniżi (Istituti Konfuċju),

— jinċentivizza l-adattazzjoni ta' prodotti u servizzi tat-turisti għall-ħtiġijiet tat-turisti Ċiniżi inklużi l-għodda ta' kummerċjalizzazzjoni(websajts u fuljetti biċ-Ċiniż) u l-promozzjoni tagħhom fuq netwerks soċjali Ċiniżi (Weibo),

— iżid il-kooperazzjoni transkonfinali biex isaħħaħ l-immaġini tal-Ewropa u l-identità Ewropea - dan il-proġett jista' jorbot mal-azzjoni preparatorja "Promozzjoni ta' prodotti Ewropej u transnazzjonali tat-turiżmu b'enfasi speċjali fuq prodotti kulturali u industrijali" — pereżempju bit-tħejjija ta' vidjow promozzjonali uniku biċ-Ċiniż dwar l-Unjoni.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 20 Proġett pilota — Lejn Konverġenza Ekonomika Reġjonali tal-UE (TREC)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	150 000	500 000	250 000		

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Sabiex tiffaċċja l-isfidi soċjetali ewlenin tagħha, l-Unjoni waqqfet programm ta' investiment fil-qasam tar-R&Ż tal-Orizzont 2020 għal Ewropa kompetittiva u sostenibbli; u sabiex tgħin lir-reġjuni tal-Unjoni jsegwu perkors tajjeb komuni, permezz ta' speċjalizzazzjoni reġjonali intelliġenti, l-Unjoni introduċiet l-Istrateġiji ta' Riċerka u Innovazzjoni tagħha għall-inizjattiva għal Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (RIS3).

Dan il-proġett pilota joħloq rabtiet eqreb bejn l-Orizzont 2020 u l-RIS3 sabiex jaċċelera kemm l-użu tar-riżultati tar-R&Ż kif ukoll il-konverġenza ekonomika reġjonali fl-istess ħin. Minkejja li l-Orizzont 2020 u l-RIS3 it-tnejn huma programmi mmirati sew, pont bejniethom li jiffoka fuq il-konverġenza soċjali u ekonomika bejn ir-reġjuni tal-Unjoni jgħin biex jippromwovi s-suċċess tagħhom.

Il-proġett pilota TREC jinkludi sejħa għall-offerti indirizzata liċ-ċentri tat-teknoloġija Ewropej u r-raggruppamenti industrijali relatati, skont dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

— ir-raggruppamenti rrappreżentanti għandhom ikunu magħżula fil-pjanijiet strateġiċi reġjonali RIS3 tagħhom,

— il-proposta komuni għandha tiġi ppreżentata minn raggruppamenti minn tal-anqas tliet Stati Membri,

— għanda tiġi ppreżentata stampa ekonomika komprensiva tar-raggruppamenti,

— għandu jkun hemm ir-rieda li jiġu kondiviżi l-informazzjoni u l-aħjar prattiki..

Fost il-kandidati għall-proġett, mill-anqas tlieta għandhom jintgħażlu biex jirċievu l-finanzjament għal proġett li jinvolvu:

— il-punt ta' riferiment komplut tar-raggruppamenti,

— id-detezzjoni tal-ostakoli u l-opportunitajiet għal titjib;

— it-tiftix ta' riżultati disponibbli tar-R&Ż u t-tfassil tal-pjan ta' applikazzjoni tagħhom,

— it-tfassil ta' pjan ta' investiment u taħriġ biex jiġu sodisfati l-ħtiġijiet misjuba,

— it-twettiq ta' investimenti tat-teknoloġija meħtieġa u l-implimentazzjoni tal-pjani ta' taħriġ definiti,

— il-valutazzjoni u t-tixrid tar-riżultati miksuba.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 20 *(ikompli)*

Minħabba d-diffikultajiet biex jiġu stmati d-dewmien u l-livelli ta' investimenti neċessarji, il-proġett pilota jikkonsisti f'żewġ fażijiet, l-ewwel wieħed ikopri l-ewwel erba' attivitajiet imsemmija hawn fuq, it-tieni wieħed ikopri l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni u t-tixrid.

L-ewwel fażi tista' ddum sa sena u l-finanzjament neċessarju tal-Unjoni jista' jkun madwar EUR 500 000. It-tieni fażi tista' ddum sa tliet snien u tirrikjedi sa EUR 4 000 000 u tkun kofinanzjata minn kumpaniji u/jew pajjiżi parteċipanti.

Fir-rigward tal-prestazzjoni, il-proġetti magħżula jridu juru żieda tal-produttività tar-raggruppament ta' mill-anqas 10% u tixrid ta' madwar +/- 3% fost ir-raggruppamenti.

L-għan aħħari huwa li janalizza l-impatt ta' politiki industrijali speċifiċi li jistgħu jitwettqu mill-Unjoni. Il-proġett pilota TREC jfittex li jiddetermina kif entità innovattiva tista' tapplika innovazzjoni eżistenti bl-aqwa mod biex jitjieb l-isfruttar tar-riżultati tal-R&D u jitnaqqas il-qgħad, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tkabbir u għal aktar impjiegi fl-Unjoni.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 21 Azzjoni Preparatorja — Prodott tat-turiżmu Ewropew transnazzjonali marbut mal-kultura

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	600 000	1 500 000	750 000		

Kummenti

L-azzjoni preparatorja jkollha l-objettivi ewlenin li ġejjin:

— id-diversifikazzjoni ta' dak li għandu x'joffri t-turiżmu Ewropew,

— it-tnaqqis tal-impatt tal-istaġunalità fid-destinazzjonijiet Ewropej,

— it-tisħiħ tal-profil tal-Ewropa bħala destinazzjoni unika ta' turiżmu.

Il-logo tal-Unesco huwa magħruf mad-dinja kollha; huwa garanzija tar-rilevanza kulturali speċjali ta' sit, iżda huwa wkoll mezz li bih jiġu attirati flussi ġodda ta' turiżmu. Kooperazzjoni mal-Unesco, organizzazzjoni speċjalizzata tan-NU, tista' tkun essenzjali għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali man-NU u l-iżvilupp ta' strateġija reġjonali għall-promozzjoni ta' siti Ewropej fil-lista tal-Unesco. Mappa ta' siti emblematiċi tal-Unesco miġbura flimkien skont it-tema (pereżempju bliet medjevali, wirt ta' taħt l-ilma, siti arkeoloġiċi Griegi/Rumani) jew ir-rakkuntar ta' storja li tgħaqqad flimkien l-elementi komuni tagħhom tgħin il-promozzjoni tat-turiżmu kulturali kemm fis-suq domestiku kif ukoll f'dawk aktar imbiegħda. Għodod ta' komunikazzjoni differenti jistgħu jiġu żviluppati fuq il-bażi ta' mappa Ewropea tas-siti Unesco. Din l-azzjoni preparatorja tesplora aktar ir-relazzjoni bejn it-turiżmu u l-kultura.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 21 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Azzjonijiet preparatorji skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 22 Proġett pilota — Lejn ekonomija kollaborattiva għall-manifatturi tal-Ewropa: tnaqqis fil-kapital operatorju u fl-ispejjeż permezz ta' pjattaformi bbażati fuq il-cloud, li jappoġġaw is-sinerġiji u l-integrazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

Kummenti

Dan il-proġett pilota se jesplora l-implimentazzjoni ta' pjattaforma ta' integrazzjoni u sinerġija bbażata fuq il-cloud għall-manifatturi tal-Ewropa. Implimentazzjoni inizjali se jkollha fil-mira l-livelli ta' inventarju għal riżorsi kritiċi u riżorsi mhux kritiċi.

Huwa fatt magħruf li l-ġbir u t-tqassim mill-ġdid dinamiku tal-inventarju għal riżorsi tal-manifattura kritiċi u mhux kritiċi jistgħu jnaqqsu drastikament il-kapital operatorju meħtieġ mill-manifatturi u jbaxxu l-kosti tagħhom. Il-proġett pilota għandu jinvestiga jekk pjattaforma trasparenti u intuwittiva bbażata fuq il-cloud tistax tibni l-fiduċja bejn il-manifatturi bil-għan li dawn jiġbru flimkien ir-riżorsi u joħolqu ekonomija kollaborattiva. It-tnaqqis ġenerali fil-kapital operatorju u fil-kosti taż-żamma tal-inventarju se jagħmel disponibbli riżorsi li jistgħu jiġu investiti f'kanal ta' innovazzjoni, biex b'hekk il-manifatturi jagħmlu aktar qligħ jew jiġi appoġġat it-tkabbir. L-objettiv huwa li tiġi ppreżentata l-ewwel pjattaforma kollaborattiva vijabbli li se twassal għal integrazzjoni u kooperazzjoni aħjar bejn il-manifatturi fl-Ewropa, u b'hekk jiġi xprunat it-tkabbir ekonomiku.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 23 Proġett pilota — Youth on the SPOT - Sħubija Speċjali dwar it-Turiżmu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 23 *(ikompli)*

Kummenti

Illum il-ġurnata l-Unjoni Ewropea qiegħda tiġi mġarrba minn varjetà ta' bidliet strutturali li jaffettwaw l-ekonomija sħiħa; għaldaqstant, it-turiżmu ma jistax jaħrab minnhom.

Waħda mill-problemi l-aktar urġenti li qed tiffaċċja l-Ewropa hija n-nuqqas ta' impjiegi u opportunitajiet għaż-żgħażagħ. F'Novembru 2014, fl-Ewropa kien hemm aktar minn 5 miljun żagħżugħ u żagħżugħa li kienu qiegħda. Dan ifisser li waħda minn kull erba' persuni taħt l-età ta' 25 sena qiegħda tfittex impjieg.

Is-settur tat-turiżmu ilu magħruf għall-fatt li jirrekluta ż-żgħażagħ. L-istatistika turi li fl-Unjoni Ewropea waħedha, it-turiżmu jipprovdi aktar minn 20 miljun impjieg permezz ta' aktar minn żewġ miljun kumpanija. Barra minn hekk, minħabba l-influwenza tiegħu fuq l-ekonomija, it-turiżmu għandu impatt kbir fuq it-tkabbir u l-impjiegi. Dawn huma preċiżament l-oqsma li jirrikjedu tisħiħ sostanzjali wara l-kriżi ekonomika fl-UE.

L-istituzzjonijiet tal-UE u l-gvernijiet nazzjonali jistgħu jiffaċilitaw u jappoġġjaw il-ħolqien tal-impjiegi, l-istess kif rajna bil-varar tal-Inizjattiva ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ. Madankollu, huma biss il-kumpaniji u l-atturi privati li jistgħu joħolqu opportunitajiet ta' xogħol jew taħriġ. L-industrija tat-turiżmu, li għandha ħafna atturi privati (lukandi, kafejiet, ristoranti, eċċ.), għandha rwol uniku billi tgħin biex tissolva l-kriżi Ewropea tal-impjiegi u tikkontribwixxi għall-irkupru tagħha.

Pereżempju, paradoss interessanti huwa li l-pajjiżi bl-ogħla rati ta' qgħad fost iż-żgħażagħ — il-Greċja, Spanja, l-Italja, u l-Portugall — huma fost l-aktar destinazzjonijiet turistiċi popolari fl-Ewropa. B'hekk, l-industrija tat-turiżmu tinsab f'pożizzjoni tajba ħafna biex tikkontribwixxi b'mod proattiv għall-isforzi tal-istituzzjonijiet biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-qgħad fost iż-żgħażagħ.

L-industrija tat-turiżmu għandha wkoll tkun involuta u tieħu responsabbiltà għall-indirizzar tal-problemi soċjali, f'dan il-każ il-qgħad fost iż-żgħażagħ, billi tappoġġa l-isforzi tas-settur pubbliku għall-ħolqien ta' opportunitajiet għaż-żgħażagħ. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, għandha tiġi stabbilita sħubija speċjali dwar it-turiżmu (SPOT) bejn il-korpi deċiżjonali fil-livell Ewropew u r-rappreżentanti tas-settur tat-turiżmu.

Taħt SPOT, għandha titfassal sħubija pubblika-privata ġdida biex tiġi ffaċilitata l-aċċettazzjoni ta' impjiegi ta' kwalità għolja, apprendistati u pożizzjonijiet ta' traineeship fl-industrija tat-turiżmu madwar l-UE kollha, b'enfasi partikolari fuq in-negozji żgħar u ta' daqs medju.

Din tkun tista' tinvolvi t-tipi kollha ta' kumpaniji; il-ktajjen tal-provvista tagħhom; it-trade unions; lil dawk li jipprovdu l-edukazzjoni; l-assoċjazzjonijiet, l-awtoritajiet u l-aġenziji tat-turiżmu Ewropej/nazzjonali/reġjonali; l-organizzazzjonijiet tan-negozji, u l-assoċjazzjonijiet taż-żgħażagħ.

Din l-inizjattiva tista' tqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tas-settur turistiku għall-ekonomija tal-UE. Tista' wkoll tagħti inċentiv lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-UE biex jirrikonoxxu l-potenzjal tiegħu, u jiżviluppaw fil-ġejjieni politika industrijali speċifika li tkun tappoġġa l-iżvilupp u t-tkabbir ulterjuri tas-settur.

Barra minn hekk, sħubija bħal din se toħroġ id-dinamiżmu taż-żgħażagħ Ewropej, u hekk iż-żgħażagħ ma jitħallewx mingħajr tama jew opportunità u jkunu jistgħu jħarsu b'kunfidenza lejn futur isbaħ billi jkollhom l-opportunità li jidħlu fis-suq tax-xogħol.

L-aħħar iżda mhux l-inqas, huwa importanti li jiġi enfasizzat li dan huwa wkoll fl-aħjar interessi tas-settur tat-turiżmu. Jekk l-Ewropa għandha tibqa' d-destinazzjoni turistika numru wieħed tad-dinja, l-industrija teħtieġ li tħejji l-ġenerazzjoni li jmiss billi tibni provvista sostenibbli ta' ħaddiema ta' kwalità għolja b'ħiliet avanzati fl-ITC u esperjenza fl-ospitalità tat-turisti bi stennijiet u prijoritajiet differenti, speċjalment minn pajjiżi li mhumiex tal-UE. Dan se jippermetti aktar tkabbir u jżomm is-settur attraenti.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 23 *(ikompli)*

Il-proġett pilota għandu l-objettivi prinċipali li ġejjin:

— li jmexxi riċerka dwar l-importanza tal-industrija tat-turiżmu għall-ekonomija Ewropea u l-livelli ta' okkupazzjoni tagħha (il-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta u li titqajjem kuxjenza pubblika);

— li jagħti spinta, issaħħaħ u tiżviluppa l-impjegabilità taż-żgħażagħ billi:

— jagħti pleġġ li toħloq pożizzjonijiet ġodda għaż-żgħażagħ (impjiegi, apprendistati u traineeships) fl-industrija tat-turiżmu;

— jgħinhom jakkwistaw ħiliet, għarfien u kompetenzi;

— jiżviluppa rotot ta' karrieri u jiffaċilita t-tranżizzjoni bejn l-iskola u l-impjieg (jorganizza gwida dwar karrieri, workshops dwar is-CV u taħriġ dwar l-intervisti b'koordinazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet edukattivi u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ).

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 24 Proġett pilota — Il-Marka Destinazzjoni Ewropa - Il-promozzjoni tal-Ewropa fis-settur tat-turiżmu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

Kummenti

L-Ewropa hija d-destinazzjoni turistika numru wieħed fid-dinja, b'sehem tas-suq ta' 52 %. Barra minn hekk, it-turiżmu huwa attività soċjoekonomika maġġuri fl-Unjoni Ewropea, b'impatt mifrux ħafna fuq it-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-iżvilupp soċjali u jista' jkun għodda b'saħħitha fil-ġlieda lit-tnaqqis ekonomiku u l-qgħad.

Madankollu, is-settur tat-turiżmu qed jiffaċċja serje ta' sfidi li jistgħu jiġu indirizzati kemm min-negozji tas-settur turistiku u kemm mill-partijiet ikkonċernati pubbliċi. Waħda minn dawk l-isfidi hija l-kompetizzjoni dejjem akbar minn destinazzjoni emerġenti.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 24 *(ikompli)*

Huwa għalhekk li hemm il-ħtieġa li l-Ewropa tiġi promossa bħala destinazzjoni turistika unika u li tiġi msaħħa l-immaġni kompetittiva tagħha fis-swieq imbiegħda. Għalhekk jeħtieġ li jittieħed approċċ olistiku inklussiv bil-għan li tiġi stabbilita immaġni ċara ta' marka.

Dan il-proġett pilota se jiżviluppa serje ta' azzjonijiet strateġikament ikkoordinati biextiġi stabbilita strateġija fit-tul għall-promozzjoni ta' Destinazzjoni Ewropa. Id-destinazzjonijiet tal-UE għandu jkollhom approċċ speċifiku għal kull suq bil-għan li l-marka Ewropea tiġi inkluża fil-pakketti globali bl-użu ta' għodod ta' komunikazzjoni ġodda.

Bil-għan li jiżdied il-għadd ta' turisti fl-UE u tinżamm kif inhi l-pożizzjoni tal-Ewropa bħala d-destinazzjoni turistika numru wieħed fid-dinja, il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi l-investiment fl-infrastrutturi turistiċi u l-iżvilupp reġjonali u żżid l-isforzi biex tikkummerċja "il-Marka Destinazzjoni Ewropa" b'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

Il-proġett pilota għandu l-objettivi prinċipali li ġejjin:

— tiddaħħal immaġni ċara ta' marka u tiġi żgurata l-viżibilità tal-Ewropa f'pajjiżi terzi maġġuri: pereżempju, jiġu organizzati erba' round tables tal-industrija fuq skala kbira fl-Ewropa (Londra u/jew Brussell), l-Asja, l-Amerika ta' Fuq u l-Amerika Latina;

— jissaħħu s-sħubijiet pubbliċi privati: dan isir billi nibnu fuq ir-relazzjonijiet tajba eżistenti ma' iġsma industrijali, u permezz ta' kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali maġġuri, bħalma huma l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, iċ-Chinese National Tourism Administration (CNTA), il-European Tourism Association (ETOA), il-US Travel Association, il-BRAZTOA, il-JATA, is-CEOs ta' kumpaniji maġġuri, eċċ.

— jinġabru l-kontributi u l-għarfien mill-industrija dwar firxa wiesgħa ta' temi: jitfassal mudell SWOT (Strengths, Weaknesses, Opportunities, Threats - Punti Qawwija, Punti Dgħajfa, Opportunitajiet, Theddidiet) tal-industrija tat-turiżmu Ewropea u jiġu ddefiniti l-fatturi ta' suċċess kritiku.

Punti qawwija – liema huma l-prodotti li verament imexxu r-riżervazzjonijiet għall-Ewropa u x'xejriet interessanti qegħdin jinfirxu?*Punti dgħajfa* – liema fatturi qed jillimitaw ir-riżervazzjonijiet tal-vaganzi Ewropej (perċezzjoni tal-konsumatur, tħassib dwar sikurezza, ċaqliq fil-munita, kapaċità tal-ħotels jew tal-ajruplani, prezz, viżi, eċċ.)?*Opportunitajiet* – biex tissaħħaħ jew titwessa' l-offerti ta' prodotti tal-Ewropa, b'mod partikolari biex jiġu appoġġjati offerta pan-Ewropea aktar b'saħħitha u l-għarfien tad-destinazzjonijiet u rotot kulturali li mhumiex daqshekk magħrufa.*Theddidiet* – analiżi tal-kompetituri bil-għan li jinkiseb għarfien fuq il-proposta ta' valur li għandhom destinazzjonijiet oħra fejn l-Ewropa għandha l-opportunità li tikkompeti direttament għan-negozju.*F-atturi ta' suċċess kritiku* – x'jeħtieġ li jagħmlu l-marka u l-istrateġija Destinazzjoni Ewropa biex jiksbu riżultati pożittivi għall-Ewropa fis-snin li ġejjin, u xi rwol tista' taqdi l-industrija fl-iżgurar li l-marka tiġi adottata u promossa, filwaqt li jiġi żgurat is-suċċess tal-istrateġija?

— jiġu żviluppati għodod u strateġiji tas-suq kooperattivi:

  — kampanji ta' kkummerċjar online u offline biex issir sensibilizzazzjoni dwar Destinazzjoni Ewropa, mibnija madwar ir-round tables tal-partijiet ikkonċernati (ikkummerċjar kooperattiv flimkien mal-kumpaniji tat-turiżmu privati prinċipali);

  — kollaborazzjoni ma' sħab tal-midja globali prinċipali (CNN, BBC, Financial Times, eċċ.);

  — parteċipazzjoni fil-fieri tat-turiżmu u f'avvenimenti maġġuri nazzjonali u internazzjonali oħra (festivals taż-żgħażagħ, avvenimenti sportivi, fieri tal-ikel).

— titqajjem kuxjenza politika tal-importanza tat-turiżmu li jiġi lejn l-Ewropa għall-ekonomija Ewropea u jinkiseb l-appoġġ ta' dawk li jfasslu l-politiki fil-livelli kollha bil-għan li jiġu megħluba l-iżvantaġġi li jaffettwaw lill-industrija tat-turiżmu Ewropea.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 24 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 02 77 25 Proġett pilota — Bini ta' kapaċitajiet intraprenditorjali għal migranti żgħażagħ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 200 000	1 100 000				

Kummenti

L-għarfien u l-ħiliet huma kruċjali mhux biss għall-benessri personali ta' kull ċittadin, iżda anke għall-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir ekonomiku. Huwa għalhekk importanti li tiġi offruta prospettiva lill-persuni li jkunu ġejjin minn pajjiżi fi kriżi ekonomika u soċjali, speċjalment iż-żgħażagħ, sabiex ikollhom opportunità li joħolqu valur miżjud mhux biss għalihom infushom, iżda wkoll għall-pubbliku ġenerali.

Huwa għalhekk importanti li l-migranti u r-rifuġjati żgħażagħ jingħataw il-kapaċità li jkollhom aċċess għall-għarfien u li jiżviluppaw ħiliet li jkunu jistgħu jużaw u jisfruttaw meta jmorru lura lejn pajjiżhom.

B'dan il-mod mhux biss ikunu jistgħu jibnu għajxien sod iżda possibilment jistgħu jsiru imprendituri, jibnu n-negozji tagħhom stess u joħolqu l-impjiegi.

Il-parti prinċipali ta' din l-inizjattiva se tkun programmi mmirati ta' mentoring minn organizzazzjonijiet differenti, bħalma huma s-servizzi tal-protezzjoni ċivili u s-servizzi komunitarji, kif ukoll il-kumpaniji (inklużi l-forniturі lokali). Elementi ta' sistema ta' taħriġ doppja jkunu jgħinu lill-benefiċjarji jidentifikaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' organizzazzjonijiet jew kumpaniji fil-prattika.

Is-sitwazzjoni ġuridika rigward il-perjodu ta' stennija biex wieħed jibda attività ekonomika hija konsiderevolment differenti minn Stat Membru għal ieħor. Biex il-proġett pilota jkun suċċess, ikun għalhekk neċessarju li jitwettaq rieżami tal-oqfsa ġuridiċi nazzjonali attwali u li jiġu identifikati l-aħjar prattiki li jistgħu jiġu promossi bil-għan li jitħaffu l-proċeduri, sabiex il-migranti żgħażagħ ikunu jistgħu jisfruttaw il-programmi proposti mill-aktar fis possibbli wara li jaslu.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 26 Proġett pilota — Inizjattiva għall-Impriżi Start-up fil-Qasam tal-Ekonomija Kollaborattiva — Finanzjament tal-futur tal-imprenditorija Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 500 000	1 250 000				

Kummenti

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li jiffinanzja l-impriżi start-up fl-ekonomija kollaborattiva. Dan jgħinhom jiżviluppaw l-ideat tagħhom li jkopru tal-inqas parti mill-ispejjeż inizjali u possibilment jipprovdi garanzija finanzjarja għall-proposti l-aktar ambizzjużi u riskjużi. Minħabba l-iskala żgħira tal-ispejjeż u l-ispejjeż iktar baxxi ta' dan it-tip ta' inizjattiva, anki b'ammont relattivament limitat ta' flus tal-UE il-proġett għandu jkun jista' jagħti bidu għal numru tajjeb ta' kumpaniji żgħar li, eventwalment, jistgħu jikbru biex jikkompetu f'dan is-settur.

Objettivi speċifiċi:

— identifikazzjoni ta' liem setturi se jibbenefikaw minn approċċ ta' ekonomija kollaborattiva;

— definizzjoni ta' strumenti leġiżlattivi ġodda biex jirregolaw l-ekonomija kollaborattiva u jevitaw dgħufija tal-potenzjal innovattiv tagħha;

— twettiq ta' ċensiment speċifiku tal-ekonomija kollaborattiva fl-Ewropa, l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet tan-negozji rilevanti;

— provvediment ta' appoġġ finanzjarju u ekonomiku jiggarantixxi lil kumpaniji promettenti, anke jekk il-proposti tagħhom ikunu riskjużi wisq biex jiġu ffinanzjati minn istituzzjonijiet bankarji regolari;

— definizzjoni ta' mudell ta' ekonomija kollaborattiva f'konformità mal-valuri Ewropej li tikkunsidra d-drittijiet tal-konsumaturi u tal-ħaddiema involuti;

Azzjonijiet proposti:

— ħidma ma' kumpaniji u assoċjazzjonijiet lokali sabiex jinħoloq netwerk Ewropew ta' kumpaniji tal-ekonomija komparattiva ;

— stabbiliment ta' borża ta' studju u forom ta' appoġġ finanzjarju speċifikament għal riċerkaturi u intraprendituri żgħażagħ li jixtiequ jiffokaw il-ħidma tagħhom fuq oqsma relatati mal-ekonomija kollaborattiva.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 27 Proġett pilota — Tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-istabbiliment ta' kooperattivi biex jissaħħu l-opportunitajiet ta' xogħol fl-UE

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

Kummenti

Fl-UE, żewġ gruppi li bħalissa huma milquta mill-qgħad għandhom potenzjal kbir: iż-żgħażagħ u l-gradwati. Dawn il-gruppi jistgħu joħolqu impjiegi fl-UE billi jaħdmu f'kooperattivi li jkunu wkoll ta' proprjetà tagħhom, iżda biex jagħmlu dan, huma jeħtieġu gwida u appoġġ fil-forma ta' taħriġ dwar is-suq tax-xogħol.

Il-kooperattivi tal-ħaddiema huma mod ekonomiku fattibbli biex wieħed jibda bħala imprenditur, u, minħabba l-komunalità u l-opportunitajiet u l-obbligi komuni tagħhom involuti, huma jikkostitwixxu mezz b'riskju baxx għall-parteċipanti biex jaħdmu f'kumpanija kif ukoll fl-istess waqt ikunu sidien ta' parti mill-kumpanija. Il-parteċipanti jistabbilixxu kooperattivi ġodda tal-ħaddiema, li jikkombinaw il-ħiliet u l-għarfien speċjali tal-individwi mal-benefiċċju u l-vantaġġ komuni tagħhom. Dawn il-kooperattivi għandhom probabbiltà tajba li joffru impjiegi sostenibbli lill-proprjetarji/impjegati tagħhom peress li għandhom vantaġġ kompetittiv fuq parti kbira ta' tipi oħra ta' kumpaniji minħabba l-ispejjeż kurrenti baxxi tagħhom. Il-proġett pilota għandu jitnieda fi tliet pajjiżi tal-UE bl-ikbar esperjenza f'dan il-qasam.

L-objettiv prinċipali huwa li jgħin biex jonqos il-qgħad fost iż-żgħażagħ bl-istabbiliment tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam għall-Ewropa kollha. Il-proġett pilota jinvolvi:

— azzjonijiet preliminari u stabbiliment fi tliet pajjiżi (l-ewwel sena);

— żvilupp u għoti ta' korsijiet ta' taħriġ (l-ewwel u t-tieni sena);

— segwitu u twaqqif ta' kooperattivi mal-gruppi fil-mira (it-tieni sena);

— evalwazzjoni minn esperti tal-ostakli ġuridiċi (it-tielet sena, jekk il-proġett pilota jkompli bħala azzjoni preparatorja);

— evalwazzjoni ta' eżiti (it-tielet sena, jekk il-proġett pilota jkompli bħala azzjoni preparatorja); u

— rapport dwar l-eżiti,li għandu jinkludi proposti għal kwalunkwe segwitu għal attivitajiet operattivi suċċessivi (it-tielet sena, jekk il-proġett pilota jkompli bħala azzjoni preparatorja);

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) *(ikompli)*

02 02 77 *(ikompli)*

02 02 77 28 Proġett pilota — "L-istrument tal-SMEs li jsaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

Kummenti

Dan il-proġett pilota jippermetti lill-SMEs li huma bbażati fl-UE jew li huma stabbiliti f'pajjiż ta' Orizzont 2020 sabiex jiksbu finanzjament u appoġġ tal-UE għal proġetti ta' innovazzjoni li jgħinuhom jikbru u jespandu l-attivitajiet tagħhom f'pajjiżi oħra – fl-Ewropa u lil hinn.

Il-coaching għall-iżvilupp tal-innovazzjoni u tan-negozju jiġi offrut b'mod parallel matul il-fażijiet 1 u 2 bħala għajnuna għall-SMEs. Il-proġett pilota se jistabbilixxi programm ta' coaching speċjali għall-imprendituri nisa, b'mod parallel mal-programm eżistenti.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 03	SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI								
02 03 01	***Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi***	1,1	22 693 000	18 500 000	21 885 000	16 742 549	22 473 877,89	18 777 440,64	101,50
02 03 02	***Standardizzazzjoni u approssimizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni***								
02 03 02 01	Sostenn għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mis-CEN, is-Cenelec u l-ETSI	1,1	17 970 000	18 100 000	17 843 714	16 100 331	18 011 319,26	18 304 054,96	101,13
02 03 02 02	Sostenn lil organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u partijiet soċjetali interessati fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni	1,1	3 843 000	3 700 000	3 816 286	2 175 774	3 054 559,94	2 001 606,26	54,10
	Artikolu 02 03 02 — Subtotal		21 813 000	21 800 000	21 660 000	18 276 105	21 065 879,20	20 305 661,22	93,15
02 03 03	***Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi***	1,1	72 805 000	72 805 000	7 800 000	7 800 000	0,—	0,—	0
02 03 04	***Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern***	1,1	3 650 000	3 500 000	4 000 000	3 394 146	3 986 424,54	2 956 425,34	84,47
02 03 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
02 03 77 01	Azzjoni preparatorja — RECAP: riċiklaġġ fuq skala lokali ta' skart ta' plastik intern maħluq minn reġjuni ewlenin tal-UE li jikkonvertu l-polimeri	2	p.m.	p.m.	p.m.	597 360	0,—	373 350,—	
02 03 77 02	Proġett pilota — Forum tas-Suq Uniku	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 374,52	
02 03 77 03	Azzjoni preparatorja — Forum tas-Suq Uniku	1,1	p.m.	1 200 000	1 200 000	1 015 000	1 079 236,59	471 443,87	39,29
02 03 77 04	Proġett pilota — Miżuri ta' sostenn għall-bejgħ bl-imnut tradizzjonali	1,1	p.m.	500 000	1 000 000	500 000			
	Artikolu 02 03 77 — Subtotal		p.m.	1 700 000	2 200 000	2 112 360	1 079 236,59	846 168,39	49,77
	Kapitolu 02 03 — Total		**120 961 000**	**118 305 000**	**57 545 000**	**48 325 160**	**48 605 418,22**	**42 885 695,59**	**36,25**

02 03 01 Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
22 693 000	18 500 000	21 885 000	16 742 549	22 473 877,89	18 777 440,64

Kummenti

Ex Artikoli 02 03 01 u 12 02 01 (parti)

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa li tirriżulta minn miżuri li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern u l-operazzjoni u l-iżvilupp tiegħu:

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 01 *(ikompli)*

— miżuri maħsuba li jagħmlu l-operat tas-suq intern aktar effettiv u biex jiżguraw li ċ-ċittadini u n-negozji għandhom aċċess għad-drittijiet u għall-opportunitajiet l-aktar estensivi li jirriżultaw mill-ftuħ u l-approfondiment tas-suq intern mingħajr fruntieri, u jistgħu jeżerċitaw dawk id-drittijiet u jieħdu vantaġġ ta' dawk l-opportunitajiet bis-shiħ; u miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni marbuta mal-eżerċizzju prattiku miċ-ċittadini u n-negozji tad-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom bil-ħsieb li tkun identifikata u ffaċilitata t-tneħħija ta' kwalunkwe ostakolu li jista' jkun qed ixekkilhom milli jeżerċitaw dawk id-drittijiet bis-shiħ,

— l-approssimazzjoni tal-istandards u l-introduzzjoni ta' sistema ta' informazzjoni għal standards u regolamenti tekniċi, l-eżami tar-regoli notifikati mill-Istati Membri, l-Istati tal-EFTA u t-Turkija u t-traduzzjoni tar-regolamenti tekniċi abbozzati,

— l-iffinanzjar ta' koordinazzjoni amministrattiva u teknika u ta' kooperazzjoni bejn korpi notifikati, għotjiet li jsostnu l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Approvazzjoni Teknika (EOTA), u tal-proġetti ta' interess tal-Unjoni li jsiru minn korpi esterni,

— l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fuq it-tagħmir mediku, il-kożmetiċi, l-oġġetti tal-ikel, il-prodotti tat-tessut, is-sustanzi kimiċi, il-klassifikazzjoni u t-tikkettar tas-sustanzi u t-taħlitiet, il-karozzi u s-sikurezza, il-ġugarelli, il-metroloġija legali, l-imballaġ minn qabel u l-kwalità tal-ambjent, id-dispensuri tal-ajrusols, u l-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità għall-aktar sensibilizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni,

— ir-rieżami komprensiv tar-regolamenti bil-ħsieb li jsiru l-bidliet meħtieġa u analiżi kumplessiva tal-effikaċja tal-miżuri meħuda, biex ikomplu l-operazzjoni tajba fis-suq intern u evalwazzjoni tal-impatt kumplessiv tas-suq intern fuq in-negozji u l-ekonomija, inkluż ix-xiri ta' data u l-aċċess mid-dipartimenti tal-Kummissjoni għal databażijiet esterni, kif ukoll azzjonijiet immirati għal titjib tal-fehim tal-funzjonament tas-suq intern u l-ippremjar tal-parteċipazzjoni attiva fit-trawwim tal-operat tiegħu,

— l-approssimizzazzjoni settorali akbar fl-oqsma tal-applikazzjoni tad-direttivi tal-"approċċ il-ġdid", speċjalment l-estensjoni tal-"approċċ il-ġdid" f'setturi oħra,

— l-implimentazzjoni tal-programm strateġiku dwar is-suq intern u l-monitoraġġ tas-suq, u miżuri li jimplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 765/2008, kemm għall-infrastrutturi u s-sorveljanza tas-suq, u r-Regolament (KE) Nru 764/2008, għall-proċeduri marbuta mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti mqegħdin fis-suq legalment fi Stat Membru ieħor,

— l-iżvilupp ta' qasam unifikat għas-sigurtà u d-difiża, b'miżuri li jimplimentaw id-Direttiva 2009/43/KE li jissimplifikaw t-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti marbuta mad-difiża fl-Unjoni u azzjonijiet li jaħdmu lejn il-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku għal dawn il-prodotti fil-livell tal-Unjoni; kif ukoll, fejn xieraq, it-tfassil tal-istudji u l-miżuri ta' trawwim ta' sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata,

— il-parteċipazzjoni fin-negozjati ta' ftehimiet fuq ir-rikonoxximent reċiproku u, fl-ambitu tal-ftehimiet Ewropej, sostenn għall-pajjiżi assoċjati biex jippermettilhom jadottaw l-acquis tal-Unjoni,

— il-miżuri ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, speċjalment dawk li jirriżultaw mir-reviżjoni tar-REACH (komunikazzjoni COM(2013) 49 final).

— l-azzjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/60/UE,

— l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw kuntratti pubbliċi bil-għan li jkunu żgurati l-operat ottimu tagħhom u li s-sejħiet għall-offerti jinfetħu b'mod ġenwin, inkluż is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ tal-partijiet diversi f'dawn il-kuntratti; l-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fid-diversi oqsma tal-operat ta' dawn il-kuntratti; l-adattament kontinwu tal-qafas leġiżlattiv u regolatorju fid-dawl tal-iżviluppi provenjenti minn dawn il-kuntratti, partikolarment il-globalizzazzjoni tas-swieq u l-ftehimiet internazzjonali eżistenti jew futuri,

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 01 *(ikompli)*

— it-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva permezz, fost l-oħrajn, tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), l-approfondiment tal-għarfien tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern fl-Istati Membri u l-applikazzjoni tajba ta' dik il-leġiżlazzjoni minnhom, u s-sostenn għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tas-suq intern, bil-għan li jintlaħqu l-miri tal-istrateġija ta' Lisbona kif stabbiliti fl-istrateġija politika annwali,

— il-garanzija tat-tlestija u l-ġestjoni tas-suq intern, speċjalment fl-oqsma tal-moviment liberu tas-servizzi, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, u l-proprjetà intellettwali u industrijali: b'mod partikolari l-iżvilupp ta' proposti biex tiġi stabbilita privattiva tal-Unjoni,

— l-analiżi tal-effetti tat-tneħħija tal-ostakli għas-suq intern għal servizzi u tal-effetti ta' miżuri fis-seħħ bħala parti mis-segwitu għal-liberalizzazzjoni progressiva tas-servizzi postali, il-koordinazzjoni tal-politiki tal-Unjoni dwar is-servizzi postali fir-rigward tas-sistemi internazzjonali u b'mod partikolari fir-rigward tal-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Unjoni Postali Universali (UPU), il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, kif ukoll l-analiżi tal-implikazzjonijiet prattiċi tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) għas-settur postali u t-trikkib mar-regolamenti tal-UPU.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa fuq konsultazzjonijiet, studji, evalwazzjonijiet, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, fil-forma ta' manutenzjoni, aġġornament u żvilupp ta' sistemi tal-informatika marbuta ma' regolamenti tekniċi jew marbuta mat-tqegħid fis-seħħ u politiki ta' monitoraġġ varati fi ħdan il-qafas tas-suq intern, u kwalunkwe nefqa oħra dwar assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 34 sa 36 (ĠU C 326, 26.10.2012).

Id-Direttiva tal-Kunsill 75/107/KEE tad-19 ta' Diċembru 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward ta' flexken użati bħala reċipjenti ta' kejl (ĠU L 42, 15.2.1975, p. 14).

Id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE tal-20 ta' Mejju 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-aerosol dispensers (ĠU L 147, 9.6.1975, p. 40).

Id-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE tal-20 ta' Jannar tal-1976 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti prodotti f'imballaġġ minn qabel (ĠU L 46, 21.2.1976, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 01 *(ikompli)*

Id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-Prodotti kosmetiċi (ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169).

Id-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE tal-20 ta' Diċembru 1979 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl u dwar l-irrevokar tad-Direttiva 71/354/KEE (ĠU L 39, 15.2.1980, p. 40).

Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-persuna u li jkunu parti mill-pjan ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa (ĠU L 040, 11.2.1989, p. 8).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem (ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17).

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (8300/92) tal-21 ta' Settembru 1992 li tawtorizza l-Kummissjoni biex tinnegozja ftehimiet bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi mhux membri dwar għarfien reċiproku.

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/5/KEE tal-25 ta' Frar 1993, dwar assistenza lill-Kummissjoni u koperazzjoni mill-Istati Membri fl-eżami xjentifiku ta' kwistjonijiet dwar l-ikel (ĠU L 52, 4.3.1993, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru (ĠU L 74, 27.3.1993, p. 74).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi għall-użu ċivili (ĠU L 121, 15.5.1993, p 20).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, tat-12.7.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni 93/465/KEE tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1993 dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità CE, li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika (ĠU L 220, 30.8.1993, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/358/KE tas-16 ta' Ġunju 1994 li taċċetta, għan nom tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni dwar l-elaborazzjoni ta' Pharmacopea Ewropea (ĠU L 158, 25.6.1994, p. 17).

Id-Direttiva 96/100/KE tal-parlament ewropew u tal-kunsill tas-17 ta' Frar 1997 li temenda l-Anness tad-Direttiva 93/7/KEE fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura imneħħija b'mod illegali mit-territorju ta' Stat Membru (ĠU L 60, 1.3.1997, p. 59).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 8453/97 li tikkonferma l-Artikolu 113 tal-interpretazzjoni tal-Kumitat tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 1992 li tagħti lill-Kummissjoni Id-Direttivi għall-innegozjar ta' ftehimiet Ewropej ta' valutazzjoni tal-konformita.

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 01 *(ikompli)*

Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37).

Id-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 1998 li temenda d-Direttiva 98/34/KE li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18).

Id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro (ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħidma tas-suq intern b'relazzjoni mal-moviment liberu tal-oġġetti fost l-Istati Membri (ĠU L 337, 12.12.1998, p. 8).

Id-Direttiva 1999/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 li għandha x'taqsam mal-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra (ĠU L 66, 13.3.1999, p. 26).

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE tad-29 ta' April 1999 dwar it-tagħmir tal-pressa trasportabbli (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 20).

Id-Direttiva 2000/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni (ĠU L 106, 3.5.2000, p. 21).

Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1).

Id-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 200, 8.8.2000, p. 35).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2000 tal-20 ta' Novembru 2000 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3448/93 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali li japplikaw għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli (ĠU L 298, 25.11.2000, p. 5).

Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19).

Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, tas-22.1.2000. p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 01 *(ikompli)*

Id-Direttiva 2003/102/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar il-protezzjoni ta' pedestrians u utenti vulnerabbli oħra tat-triq qabel u fil-każ ta' xi ħabta ma' vettura bil-mutur (ĠU L 321, 6.12.2003, p. 15).

Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursuri tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-ispezzjoni u verifika ta' prassi tajba ta' laboratorji ta' laboratorji (GLP) (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 28).

Id-Direttiva 2004/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattika tajba tal-laboratorju u l-verifikazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għal provi fuq sustanzi kimiċi (ĠU L 50, 20.2.2004, p. 44).

Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar diterġenti, (ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istrumenti tal-kejl (ĠU L 135, 30.4.2004, p. 1)..

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Id-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (ĠU L 154, 14.6.2007, p. 1).

Id-Direttiva 2007/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi regoli dwar kwantitajiet nominali għal prodotti mballati minn qabel, li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 75/106/KEE u 80/232/KEE, u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE (ĠU L 247, 21.9.2007, p. 17).

Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 21).

Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Id-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Id-Direttiva 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar strumenti tal-użin mhux awtomatiċi (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 6).

Id-Direttiva 2009/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-kejl kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku (ĠU L 106, 28.4.2009, p. 7).

Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1).

Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1).

Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessuti u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttiva 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1).

Id-Direttiva 2014/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' strumenti tal-użin mhux awtomatiċi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 107).

Id-Direttiva 2014/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2015 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' strumenti tal-kejl (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 149).

Id-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta ' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1).

Id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimentaw l-approċċ il-ġdid f'ċerti setturi, bħal dawk relatati mal-makkinarju, il-kompatibilità elettromanjetika, it-tagħmir tar-radju u t-tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjoni, it-tagħmir elettriku ta' vultaġġ baxx, it-tagħmir protettiv personali, il-liftijiet, l-atmosferi splussivi, it-tagħmir mediku, il-ġugarelli, it-tagħmir ta' pressjoni, l-oġġetti li jaħdmu bil-gass, il-bini, l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja, il-bċejjeċ tal-baħar rikreazzjonali, it-tajers, l-emissjonijiet tal-vetturi bil-mutur, l-isplussivi, l-oġġetti piroteknikiċi, l-installazzjonijiet fir-rotot b'kablaġġ, eċċ.

Id-Direttivi tal-Kunsill adottati biex jitneħħew l-ostakli tekniċi għall-kummerċ f'oqsma mhux koperti mill-"istrateġija l-ġdida".

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 02 Standardizzazzjoni u approssimizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni

02 03 02 01 Sostenn għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mis-CEN, is-Cenelec u l-ETSI

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 970 000	18 100 000	17 843 714	16 100 331	18 011 319,26	18 304 054,96

Kummenti

Skont l-għan ġenerali li jinżamm il-funzjonament xieraq tas-suq intern u l-kompetittività tal-industrija Ewropea, partikolarment permezz tar-rikonoxximent reċiproku ta' standards u t-twaqqif ta' standards Ewropej f'każijiet idonei, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— obbligazzjonijiet finanzjarji ġejjin mill-kuntratti li jkunu ffirmati mal-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej (bħal ETSI, CEN u Cenelec), għall-iżvilupp ta' standards,

— verifika u ċertifikazzjoni ta' konformità mal-istandards, u proġetti dimostrattivi,

— nefqa kuntrattwali għall-eżekuzzjoni tal-programm u proġetti indikati hawn fuq. Dawn il-kuntratti jkopru li ġej: riċerka, assoċjazzjoni, evalwazzjoni, operazzjonijiet tekniċi, koordinazzjoni, boroż ta' studju, għotjiet, taħriġ u mobilità ta' persunal xjentifiku, parteċipazzjoni fi ftehimiet internazzjonali u parteċipazzjoni fin-nefqa fuq apparat,

— titjib fil-prestazzjoni tal-kopi tal-istandards,

— promozzjoni tal-kwalità fl-istandardizzazzjoni, u l-verifika tagħhom,

— sostenn għat-traspożizzjoni ta' standards Ewropej fi standards nazzjonali, partikolarment permezz tat-traduzzjoni tagħhom,

— miżuri dwar l-informazzjoni, il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-istandardizzazzjoni u l-promozzjoni ta' interessi Ewropej fl-istandardizzazzjoni internazzjonali,

— servizzi segretarjali għall-kumitati tekniċi,

— proġetti tekniċi fil-qasam ta' testijiet għall-konformità mal-istandards,

— eżami tal-konformità tal-istandards abbozzati mal-mandati rilevanti,

— programmi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u assistenza lilhom,

— twettiq tax-xogħol meħtieġ biex ikunu applikati standards internazzjonali tat-teknoloġija tal-informazzjoni b'mod uniformi fl-Unjoni kollha,

— speċifikazzjoni ta' metodi għaċ-ċertifikazzjoni u l-istipular tal-metodi tekniċi ta' ċertifikazzjoni,

— tħeġġiġ tal-użu ta' dawn l-istandards fil-kuntratt tal-akkwist pubbliku,

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 02 *(ikompli)*

02 03 02 01 *(ikompli)*

— koordinazzjoni tad-diversi operazzjonijiet għall-preparazzjoni ta' standards u biex isir iżjed fl-implimentazzjoni tagħhom (gwidi għall-utenti, dimostrazzjonijiet, eċċ.). Waqt li jiġu ppreparati l-istandards, għandhom jitqiesu speċifiċitajiet possibbli relatati mas-sessi.

Il-finanzjament tal-Unjoni għandu jkun użat biex tiġi inkwadrata u implimentata l-operazzjoni ta' standardizzazzjoni f'konsultazzjoni mal-parteċipanti ewlenin: l-industrija, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema, il-konsumaturi, meta relevanti inklużi l-organizzazzjonijiet tan-nisa, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-istituzzjonijiet tal-istandardizzazzjoni nazzjonali u Ewropej, l-aġenziji tal-akkwist pubbliku fl-Istati Membri, l-utenti kollha u d-diriġenti tal-politika industrijali fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni.

B'appoġġ għall-interoperabilità, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi tal-ICT fl-akkwisti pubbliċi huma inklużi fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

02 03 02 02 Sostenn lil organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u partijiet soċjetali interessati fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 843 000	3 700 000	3 816 286	2 175 774	3 054 559,94	2 001 606,26

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kostijiet tal-funzjonament u l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej mhux governamentali u mingħajr skop ta' qligħ, li jirrappreżentaw l-interessi tal-SMEs u tal-konsumaturi, kif ukoll l-interessi ambjentali u soċjali, f'attivitajiet ta' standardizzazzjoni.

Tali rappreżentazzjoni fil-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell Ewropew jifforma parti mill-objettivi statutorji ta' tali organizzazzjonijiet, u ġew iddelegati minn organizzazzjonijiet nazzjonali bla skop ta' qligħ, f'tal-anqas żewġ terzi mill-Istati Membri, biex jirrappreżentaw tali interessi.

Il-kontribuzzjonijiet lil tali organizzazzjonijiet Ewropej qabel kienu koperti mill-Programm ta' Kompetittività u Innovazzjoni, il-politika tal-konsumaturi u l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent, LIFE+. Fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 l-azzjonijiet fil-qasam tal-istandardizzazzjoni ffinanzjati minn programmi speċifiċi nġabru f'daqqa f'att legali wieħed.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 02 *(ikompli)*

02 03 02 02 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

Id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 17).

Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

02 03 03 ***Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
72 805 000	72 805 000	7 800 000	7 800 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa fuq il-persunal u amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operattiva marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jiġi ddebitat mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 03 *(ikompli)*

Fl-2016, id-dħul minn tariffi u imposti tal-Aġenzija u l-eċċess riportat mis-sena preċedenti mhux ser ikun biżżejjed biex ikopri l-infiq mistenni, li jimplika l-ħtieġa ta' sussidju mill-Kummissjoni. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 72 805 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

02 03 04 ***Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 650 000	3 500 000	4 000 000	3 394 146	3 986 424,54	2 956 425,34

Kummenti

Ex Artikolu 12 02 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa marbuta mal-miżuri għall-immaniġġjar u l-iżvilupp ta' SOLVIT u għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tas-servizzi ta' assistenza dwar is-suq uniku.

Is-sistema SOLVIT uriet li hija waħda mill-aktar mekkaniżmi l-aktar effikaċi ta' solviment tat-tilwim barra l-qorti.

Tista' tittratta b'mod effikaċi u effiċjenti l-problemi li jaffaċċaw iċ-ċittadini jew in-negozji, li jirriżultaw minħabba l-applikazzjoni żbaljata tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern minn amministrazzjoni pubblika fi Stat Membru ieħor. Apparti dan, is-sistema SOLVIT hija kapaċi tipprovdi informazzjoni ta' rispons billi tintuża sistema ta' databażi online aċċessibbli għaċ-ċentri kollha ta' koordinament u li ċ-ċittadini u n-negozji jistgħu jużawha biex iressqu direttament l-problemi tagħhom.

Madankollu, SOLVIT bħal bosta servizzi ta' assistenza pubblika oħra marbuta ma' kwistjonijiet tal-Unjoni għandha mhijiex magħrufa ħafna fost l-utenti potenzjali tas-sistema. Fl-istess ħin iċ-ċittadini u n-negozji ta' spiss jitfixklu dwar l-indirizz it-tajjeb fejn iressqu t-talbiet tagħhom għal informazzjoni, assistenza u soluzzjoni tal-problemi. Biex din is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata, il-Kummissjoni ħabbret, bħala parti mir-reviżjoni tas-Suq Uniku, li se tagħmel ħilitha biex toħloq punt ta' aċċess wieħed ibbażat fuq l-internet li jiggwida liċ-ċittadini u lin-negozji lejn is-servizz it-tajjeb. F'Ottubru 2010, il-Kummissjoni varat sit web ġdid, L-Ewropa Tiegħek (Your Europe), li jipprovdi liċ-ċittadini u n-negozji b'informazzjoni, u jirreferihom direttament lejn is-servizzi relevanti bħal SOLVIT fil-każ li jkollhom bżonn għajnuna. L-Ewropa Tiegħek, flimkien maċ-ċentru telefoniku tal-Europe Direct, jirrapreżentaw il-punt ta' kuntatt waħdieni għas-sistema SOLVIT. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew f'rapport annwali dwar kemm jintuża ta' spiss il-punt ta' kuntatt u miżuri possibbli biex ikompli jittejjeb.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 04 *(ikompli)*

L-Istati Membri għandhom jitħeġġew sabiex jadottaw miżuri xierqa biex jinfurmaw liċ-ċittadini tagħhom dwar l-eżistenza tal-punt ta' kuntatt waħdieni.

Barra minn hekk, fil-pjan ta' azzjoni tat-8 ta' Mejju 2008 tal-Kummissjoni dwar approċċ integrat għall-forniment ta' Servizzi ta' Assistenza dwar is-Suq Uniku liċ-ċittadini u lin-negozji, ġew proposti firxa ta' azzjonijiet biex tiżdied il-kooperazzjoni fost is-servizzi eżistenti ta' assistenza sabiex ikunu jistgħu joffru servizz ġenerali aħjar, aktar rapidu u armonizzat liċ-ċittadini u n-negozji,

Il-promozzjoni ta' dawn is-servizzi kollha teħtieġ li ssehħ ukoll b'mod aktar koordinat biex ikun evitat li ċ-ċittadini u n-negozji jitfixklu minħabba li jkun hemm wisq ismijiet ta' marki.

Apparti dan, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew dwar miżuri konkreti li jkunu ttieħdu f'dan il-qasam.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 03 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

02 03 77 01 Azzjoni preparatorja — RECAP: riċiklaġġ fuq skala lokali ta' skart ta' plastik intern maħluq minn reġjuni ewlenin tal-UE li jikkonvertu l-polimeri

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	597 360	0,—	373 350,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 77 *(ikompli)*

02 03 77 02 Proġett pilota — Forum tas-Suq Uniku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 374,52

Kummenti

Ex Partita 12 02 77 01

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 03 77 03 Azzjoni preparatorja — Forum tas-Suq Uniku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 200 000	1 200 000	1 015 000	1 079 236,59	471 443,87

Kummenti

Ex Partita 12 02 77 03

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jkunu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

L-azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦAL OĠĠETTI U SERVIZZI *(ikompli)*

02 03 77 *(ikompli)*

02 03 77 04 Proġett pilota — Miżuri ta' sostenn għall-bejgħ bl-imnut tradizzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	500 000	1 000 000	500 000		

Kummenti

Ex Partita 12 02 77 06

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja miżuri ulterjuri ta' sostenn għall-bejgħ bl-imnut tradizzjonali, bil-ħsieb li jerġa' jingħata l-ħajja u jiġi modernizzat. Il-proġett pilota jgħin biex jiġu kkoordinati l-miżuri u jiġi ddireġut finanzjament minn diversi għejun bil-għan li l-problemi tas-settur jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv.

Il-proġett pilota jinvolvi:

(1) id-definizzjoni tal-karatteristiċi tas-settur kummerċjali tradizzjonali u l-identifikazzjoni tal-limitazzjonijiet u t-theddidiet li qed jiffaċċja bħalissa;

(2) il-propożizzjoni ta' soluzzjonijiet sabiex jinkoraġġixxi s-settur biex jerġa' jingħata l-ħajja u jiġi modernizzat;

(3) l-identifikazzjoni ta' strumenti u fondi tal-Unjoni li jkunu jistgħu jintużaw direttament jew indirettament mis-settur;

(4) l-istabbiliment ta' kif qed jiġu utilizzati l-istrumenti, l-azzjonijiet, il-miżuri u l-fondi disponibbli min-naħa tas-settur;

(5) l-analiżi ta' kemm l-istrumenti eżistenti jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-settur tal-bejgħ bl-imnut tradizzjonali u, abbażi ta' dik l-analiżi, il-propożizzjoni ta' kwalunkwe aġġustamenti li jistgħu jkunu neċessarji;

(6) l-implimentazzjoni tal-proposti msemmija fil-punt (2);

(7) l-analiżi tar-riżultati u l-valutazzjoni ta' kemm hija fattibbli l-possibilità ta' programm tal-Unjoni futur ta' sostenn għall-bejgħ bl-imnut tradizzjonali.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 04	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI								
02 04 02	***Rwol ta' tmexxija industrijali***								
02 04 02 01	Rwol ta' tmexxija fl-ispazju	1,1	159 792 893	147 533 544	165 847 152	113 594 175	172 706 335,43	48 624 466,14	32,96
02 04 02 02	Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
02 04 02 03	Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)	1,1	35 738 414	18 500 000	34 105 989	17 650 787	33 075 345,—	2 939 912,13	15,89
	Artikolu 02 04 02 — Subtotal		195 531 307	166 033 544	199 953 141	131 244 962	205 781 680,43	51 564 378,27	31,06
02 04 03	***Sfidi soċjetali***								
02 04 03 01	Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima	1,1	75 016 498	62 200 000	73 904 264	30 583 047	74 997 291,—	7 225 024,21	11,62
	Artikolu 02 04 03 — Subtotal		75 016 498	62 200 000	73 904 264	30 583 047	74 997 291,—	7 225 024,21	11,62
02 04 50	***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***								
02 04 50 01	Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	11 771 890,09	69 676,86	
02 04 50 02	Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	8 052,—	4 014 736,95	
	Artikolu 02 04 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	11 779 942,09	4 084 413,81	
02 04 51	***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)***	1,1	p.m.	85 800 000	p.m.	97 930 358	15 971,73	143 419 467,32	167,16

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 04 52	***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)***	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
02 04 53	***Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — il-Parti tal-innovazzjoni (2007 sa 2013)***	1,1	p.m.	27 600 000	p.m.	36 262 756	2 269,69	54 146 048,73	196,18
02 04 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
02 04 77 01	Proġett pilota — It-tfassil, l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' arkitettura teknika madwar l-UE kollha li tevalwa jekk il-112 PSAP humiex lesti li jmexxu l-lokalizzazzjoni GNSS u data ohra mill-112 emergency apps għall-PSAP Ewropej b'mod sikur u affidabbli	1,1	p.m.	500 000	1 000 000	500 000			
02 04 77 02	Proġett pilota — Riċerka fil-qasam tal-PSDK	1,1	500 000	500 000	1 000 000	500 000			
	Artikolu 02 04 77 — Subtotal		500 000	1 000 000	2 000 000	1 000 000			
	Kapitolu 02 04 — Total		**271 047 805**	**342 633 544**	**275 857 405**	**297 021 123**	**292 577 154,94**	**260 439 332,34**	**76,01**

Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi kollha tal-baġit f'dan il-Kapitolu.

Din l-approprjazzjoni se tintuża għal Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jkopri l-perjodu 2014-2020, u għat-tlestija tal-programmi tar-riċerka preċedenti (Is-Seba' Programm Kwadru u l-programmi kwadri preċedenti) u l-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP).

L-Orizzont 2020 għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija ta' Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħrajn, speċifikament "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda Diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni kollha billi jaġixxi bħala mezz għall-ingranaġġ suffiċjenti ta' riċerka addizzjonali, żvilupp u finanzjament għall-innovazzjoni. Dan se jitwettaq sabiex jinkisbu l-objettivi ġenerali deskritti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tishiħ tar-riżorsi umani tar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-involviment tal-intraprendituri nisa u r-riċerkaturi nisa sabiex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tagħhom fl-ekonomija bbażata fuq l-innovazzjoni u l-għarfien.

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

Taħt dawn l-Artikoli u Partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell ogħli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa f'isem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għal azzjoni mill-Unjoni, inter alia, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Din l-approprjazzjoni se tintuża f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan il-kapitolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Għal xi whud minn dawn il-proġetti hija prevista l-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jipparteċipaw fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika. Kull kontribuzzjoni finanzjarja mdaħħla fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul tista' tagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-Istati li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, imdaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn korpi esterni għall-attivitajiet tal-Unjoni mdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Approprjazzjonijiet addizzjonali se jiġu disposti mill-Partita 02 04 50 01.

L-approprjazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-kapitolu se jkunu previsti skont l-Artikolu 02 01 05.

02 04 02 Rwol ta' tmexxija industrijali

Kummenti

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 għandha l-għan li l-Ewropa ssir post aktar attraenti fejn wieħed jinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni billi tippromwovi attivitajiet fejn ikunu n-negozji li jfasslu l-aġenda, kif ukoll li taċċelera l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li jservu ta' bażi għan-negozji futuri u għat-tkabbir ekonomiku. Din se tipprovdi investiment kbir f'teknoloġiji industrijali ewlenin, timmassimizza l-potenzjal ta' tkabbir tal-kumpaniji Ewropej billi tipprovdilhom livelli xierqa ta' finanzi u tgħin lil SMEs innovattivi jiżviluppaw f'kumpaniji li jkunu fuq quddiem f'livell dinji.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

02 04 02 *(ikompli)*

02 04 02 01 Rwol ta' tmexxija fl-ispazju

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
159 792 893	147 533 544	165 847 152	113 594 175	172 706 335,43	48 624 466,14

Kummenti

L-iskop ta' din l-approprjazzjoni huwa:

— li trawwem industrija spazjali kompetittiva u innovattiva u komunità ta' riċerka biex tiġi żviluppata u sfruttata l-infrastruttura spazjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri politiċi u soċjetali tal-Unjoni. Il-linji tal-attivitajiet huma: li jippermettu l-kompetittività Ewropea, in-nondipendenza u l-innovazzjoni tas-settur spazjali Ewropew, li jippermettu l-avvanzi fit-teknoloġiji spazjali, li jippermettu l-esplojtazzjoni tad-dejta spazjali u li jippermettu r-riċerka Ewropea bħala sostenn għas-sħubijiet spazjali internazzjonali,

— li jitrawmu l-mezzi industrijali tal-produzzjoni tal-lum lejn manifattura u proċessar aktar sostenibbli u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju li jirriżultaw fi prodotti, proċessi u servizzi aktar innovattivi. B'mod partikolari, it-teknoloġiji sostenibbli u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju fl-industriji bi proċessi intensivi fl-enerġija se jkunu fil-mira biex tiżdied il-kompetittività tal-industriji tal-proċessi, billi jitjiebu drastikament l-effiċjenzi fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija u jitnaqqas l-impatt ambjentali ta' tali attivitajiet industrijali tul il-katina tal-valur kollha, filwaqt li tiġi promossa l-adozzjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(a)(vi) tiegħu.

02 04 02 02 Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

02 04 02 *(ikompli)*

02 04 02 02 *(ikompli)*

Kummenti

L-iskop ta' din l-approprjazzjoni huwa li tgħin biex tirrimedja għan-nuqqasijiet tas-suq fl-aċċess għall-finanzjament ta' riskju għar-riċerka u l-innovazzjoni. B'mod partikolari, il-faċilità ta' ekwità se tiffoka fuq l-investimenti f'fondi b'kapital ta' riskju li jagħmlu investimenti fi stadju bikri. Din għandha tippermetti l-investimenti ta' ekwità, fost l-oħrajn, f'fondi b'kapital inizjali, fondi inizjali transfruntiera, strumenti ta' investiment konġunt ta' investituri informali u fondi ta' kapital ta' riskju ta' stadju bikri. Il-faċilità ta' ekwità, li se topera skont id-domanda, għandha tuża approċċ tal-portafoll, fejn il-fondi b'kapital ta' riskju u intermedjarji komparabbli oħrajn jagħżlu d-ditti li għandu jsir investiment fihom. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex l-intraprendituri nisa jitħeġġu jipparteċipaw f'dawn l-iskemi.

Kwalunkwe rimborż mill-istrumenti finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 140 (6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi r-rimborżi kapitali, il-garanziji rilaxxati, u r-rimborż tas-self prinċipali, rimborżati lill-Kummissjoni u mdaħħla taħt il-Partita 6341 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 21(3)(i) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b) tiegħu.

02 04 02 03 Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
35 738 414	18 500 000	34 105 989	17 650 787	33 075 345,—	2 939 912,13

Kummenti

L-iskop ta' din l-approprjazzjoni huwa li:

— tipprovdi finanzjament għan-Netwerk Enterprise Europe stabbilit taħt il-programm Cosme għas-servizzi rinfurzati tagħhom marbutin ma' Orizzont 2020. Is-sostenn jista' jvarja minn titjib tas-servizzi ta' informazzjoni u konsulenza permezz ta' attivitajiet ta' tfittxija ta' sħab għall-SMEs li jkunu jixtiequ jiżviluppaw proġetti ta' innovazzjoni transfruntiera, għall-provvista ta' servizzi ta' sostenn għall-innovazzjoni,

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

02 04 02 *(ikompli)*

02 04 02 03 *(ikompli)*

— issostni l-implimentazzjoni u tikkumplimenta l-miżuri speċifiċi għal kull SME f'Orizzont 2020, speċifikament biex tittejjeb il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-SMEs. L-attivitajiet jistgħu jinkludu kampanji ta' għarfien, l-għoti tal-informazzjoni u d-disseminazzjoni tagħha, attivitajiet ta' taħriġ u ta' mobilità, netwerking u skambju tal-aħjar prattiki, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi u servizzi ta' kwalità għolja li jsostnu l-innovazzjoni b'valur miżjud kbir għall-SMEs (pereżempju proprjetà intellettwali u ġestjoni tal-innovazzjoni, trasferiment tal-għarfien), kif ukoll l-għoti ta' għajnuna lill-SMEs biex dawn jiltaqgħu ma' sħab fir-riċerka u fl-innovazzjoni minn madwar l-Unjoni, biex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fit-teknoloġija u jiżviluppaw il-kapaċità ta' innovazzjoni tagħhom. Għandhom jiġu inklużi fost l-attivitajiet kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex l-intraprendituri nisa jitħeġġu jieħdu sehem fil-proġetti. L-organizzazzjonijiet intermedjarji li jirrappreżentaw gruppi ta' SMEs innovattivi jiġu mistiedna jorganizzaw attivitajiet innovattivi transsettorjali u transreġjonali ma' SMEs b'kompetenzi rinforzanti reċiprokament, sabiex jiġu żviluppati ktajjen ta' valur industrijali ġodda,

— issostni l-innovazzjoni mmotivata mis-suq bl-għan li tittejjeb il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-impriżi billi jittejbu l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni, kif ukoll biex jiġu indirizzati l-ostakoli speċifiċi li jxekklu t-tkabbir ta' impriżi innovattivi, partikolarment l-SMEs u l-intrapriżi ta' daqs medju b'potenzjal ta' tkabbir rapidu. Jista' wkoll jingħata sostenn speċjalizzat għall-innovazzjoni (pereżempju b'rabta mal-esplojtazzjoni tal-IP, netwerks ta' akkwirenti, sostenn lill-uffiċċji tat-trasferiment tat-teknoloġija, tfassil strateġiku) u jistgħu jiġu sostnuti r-reviżjonijiet ta' politiki pubbliċi b'rabta mal-innovazzjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(c) tiegħu.

02 04 03 ***Sfidi soċjetali***

Kummenti

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 hija tweġiba diretta għall-prijoritajiet politiċi u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawk l-attivitajiet se jiġu implimentati bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jlaqqa' flimkien ir-riżorsi u l-għarfien minn oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, b'enfasi ġdida fuq l-attivitajiet marbutin mal-innovazzjoni bħal pereżempju l-proġetti pilota, id-dimostrazzjoni, il-banek tat-testijiet, is-sostenn tal-akkwisti pubbliċi, it-tfassil, l-innovazzjoni mmotivata mill-utenti finali, l-innovazzjoni soċjali u l-adozzjoni tal-innovazzjonijiet min-naħa tas-suq. L-attivitajiet se jsostnu b'mod dirett il-kompetenzi korrispondenti tal-politika settorjali fil-livell tal-Unjoni.

02 04 03 01 Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
75 016 498	62 200 000	73 904 264	30 583 047	74 997 291,—	7 225 024,21

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

02 04 03 *(ikompli)*

02 04 03 01 *(ikompli)*

Kummenti

L-għan ta' din l-approprjazzjoni se jkun is-sostenn ta' provvista sikura ta' materja prima sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ta' popolazzjoni globali li qed tikber fi ħdan limiti sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-pjaneta. L-attivitajiet se jimmiraw għat-titjib tal-bażi tal-għarfien dwar il-materja prima u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-esplorazzjoni, estrazzjoni, proċessar, riċiklaġġ u rkupru ta' materja prima kosteffettivi u ekoloġiċi u għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi ekonomikament attraenti.

Se jiġi pprovdut ukoll appoġġ biex jiġu ttrattati l-ostakli li jimpedixxu l-użu ta' mudelli ċirkolari ta' negozju ekonomiku, b'mod partikolari mill-SMEs, bħal pereżempju l-użu ta' materjali minn flussi ta' skart, l-iżvilupp ta' proċessi ta' simbjożi industrijali u l-bini ta' klusters tal-industrija ekoloġika.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(e) tiegħu.

02 04 50 ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***

02 04 50 01 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	11 771 890,09	69 676,86

Kummenti

Ex Partita 02 04 50 01 (parti)

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (li mhumex fiż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, mill-perjodu 2014 sal-2020.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

02 04 50 *(ikompli)*

02 04 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	8 052,—	4 014 736,95

Kummenti

Ex Partita 02 04 50 02 (parti)

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (li mhumex fiż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, mill-perjodu qabel l-2014.

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

02 04 51 ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — KE (2007 sa 2013)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	85 800 000	p.m.	97 930 358	15 971,73	143 419 467,32

Kummenti

Ex Artikolu 02 04 51 (parti)

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Din l-approprjazzjoni tkun tkopri wkoll in-nefqa li tikkorrispondi għad-dħul li jagħti lok għad-disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn (barra z-Żona Ekonomika Ewropea) partijiet terzi jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw f'proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-żvilupp teknoloġiku.

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

02 04 51 *(ikompli)*

Kull dħul imdaħħal taħt il-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

02 04 52 ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li saru aktar kmieni u li huma marbutin mal-programmi ta' qafas tar-riċerka qabel l-2013.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, (KEE) tat-28 ta' Settembru 1987 dwar programm ta' qafas ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987-1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, (KEE) tat-23 ta' April 1990 dwar programm ta' qafas ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

02 04 52 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, (KEE) tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221/Euratom, (KEE) dwar il-Programm ta' Qafas ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' programm ta' qafas tal-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm ta' qafas ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994-1998) wara d-dħul tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm ta' qafas ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm ta' qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-wiri (1998-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-Sitt Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp tekonoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sal-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/835/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li taddotta programm speċifiku għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni: Strutturar tal-Qasam tar-Riċerka Ewropea (2002–2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 44).

02 04 53 ***Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — il-Parti tal-innovazzjoni (2007 sa 2013)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	27 600 000	p.m.	36 262 756	2 269,69	54 146 048,73

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

02 04 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

02 04 77 01 Proġett pilota — It-tfassil, l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' arkitettura teknika madwar l-UE kollha li tevalwa jekk il-112 PSAP humiex lesti li jmexxu l-lokalizzazzjoni GNSS u data oħra mill-112 emergency apps għall-PSAP Ewropej b'mod sikur u affidabbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	500 000	1 000 000	500 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

In-nies jagħmlu użu minn smartphones u minn apps għall-attivitajiet ta' kuljum. Il-penetrazzjoni tal-ismartphone qed tikber malajr u, filwaqt li s-soċjetà tibbenefika mid-dinja diġitali, mhuwiex daqstant ċar kif se nagħmlu telefonati ta' emerġenza fil-futur, bl-użu tal-apps. Id-data ta' lokalizzazzjoni bbażata fuq GNSS preċiża u affidabbli qed tintuża għal skopijiet kummerċjali u oħrajn, iżda mhijiex aċċessibbli għas-servizzi ta' emerġenza meta ċ-ċittadini jagħmlu telefonata ta' emerġenza.

Minħabba f'hekk, inħolqu ħafna apps li għandhom x'jaqsmu mal-112 u huma disponibbli llum, iżda b'funzjonalità u aċċessibilità limitati. Reċentement, kważi s-servizzi tal-emerġenza Ewropea kollha ġew ikkuntattjati minn żviluppaturi tal-apps u li għamlu proposti biex jiżviluppaw apps tal-112 sabiex jistabbilixxu konnessjoni tal-vuċi u jitrażmettu data ta' lokalizzazzjoni u data oħra direttament lil ċentri tal-112.

Sfortunatament, dawn l-apps jistgħu jintużaw biss minn ċittadini li jgħixu f'żoni ġeografiċi partikolari u spiss ma jaħdmux l-istess jekk dawn jinsabu lil hinn mill-konfini ta' żona partikolari ta' Ċentri li Jirċievu t-Telefonati ta' Emerġenza (PSAP). Għalhekk in-norma hi li apps żviluppati f'reġjun/pajjiż ma jaħdmux f'reġjun/pajjiż ieħor, biex b'hekk isiru inutli barra mir-reġjuni/pajjiżi tagħhom.

Għaldaqstant, attwalment ma teżisti l-ebda arkitettura komuni fl-Unjoni kollha għall-użu ta' apps tal-112.

Il-Viċi Presidenti Kroes u Kallas iddeċidew li jaħdmu b'mod konġunt dwar din il-kwistjoni, u fl-2010 iddikjaraw li kellhom l-intenzjoni li jiżguraw li kull Ewropew ikun jista' jaċċedi għal app tal-ismartphone tal-112 fil-lingwa tal-użu tagħhom. Fis-snin reċenti ġew żviluppati bosta apps tal-mowbajl tal-112, iżda għad fadal ħafna xi jsir f'dan il-qasam.

Jidher ċar li ż-żewġ Viċi Presidenti identifikaw il-bżonn għal approċċ komuni għall-iżvilupp ta' arkitettura fl-Unjoni kollha għal apps tal-112.

Dan il-proġett għandu l-għan li jiżgura li l-PSAP jkun lest li jopera permezz tal-finanzjament tal-ħolqien ta' arkitettura komuni madwar l-Unjoni li tagħmilha possibbli li tintbagħat data, inkluż data ta' lokalizzazzjoni GNSS u informazzjoni essenzjali oħra bl-użu ta' apps tal-112 eżistenti lill-aktar PSAP adegwat. Dan jiżgura l-libertà tas-suq, li għandha toffri benefiċċji soċjetali diretti. Serje ta' testijiet ta' interoperabilità u kapaċità kemm tal-apps kif ukoll tal-pjattaformi li minnhom jitħaddmu jistgħu jitwettqu fuq il-livell nazzjonali u tal-Unjoni.

Il-benefiċċji għas-soċjetà jinkludu liċ-ċittadini kollha u għandu jkollhom impatt pożittiv dirett għaċ-ċittadini b'diżabilità.

Il-proġett pilota se jiġi implimentat b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti tal-Kummissjoni, li attwalment qegħdin jeżaminaw l-użu tad-data ta' lokalizzazzjoni GNSS għas-servizzi tal-112, bl-użu tal-EGNOS u Galileo. L-arkitettura teknika mfassla bħala parti mill-proġett għandha sseġwi b'mod strett ir-rekwiżiti ta' dawk il-partijiet interessati, u tiżgura l-parteċipaazjoni tal-PSAPs tal-112 u tħejji it-triq biex tintbagħat data addizzjoni b'mod armonizzat.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

02 04 77 *(ikompli)*

02 04 77 01 *(ikompli)*

Il-proġett:

— jidentifika r-rekwiżiti ewlenin tas-servizzi ta' emerġenza (l-aspett tat-talba), fuq il-perjodu ta' żmien medju, billi jibni fuq ir-riċerka estensiva li diġà twettqet kif ukoll it-twettiq ta' riċerka ulterjuri,

— jinvolvi t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' metodu biex iwettaq testijiet ta' interoperabilità fuq apps tal-112 u l-pjattaformi tagħhom f' numru ta' Stati Membri,

— jinvolvi testijiet ta' tħejjija u kompatibilità fuq numru ta' PSAPs madwar l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-proġett pilota,

— ikun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini, inklużi dawk b'diżabilità jew bżonnijiet speċjali, bil-ħolqien ta' ambjent u infrastruttura meħtieġa li jippermettu lill-fornituri ta' teknoloġija tal-apps u l-fornituri ta' soluzzjonijiet (min-naħa tal-provvista) biex jibgħatu data ta' lokalizzazzjoni GNSS u data oħra lill-aktar PSAP adegwat,

— ikompli fuq il-ħidma b'suċċess mwettqa fi ħdan il-proġett REACH112, li jidentifika r-rekwiżiti biex ikun żgurat li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess akbar għas-servizzi tal-112, u għall-proġett ta' riċerka PEACE, li eżamina l-applikazzjonijiet u s-servizzi ta' emerġenza bbażati fuq l-IP għan-netwerks tal-ġenerazzjoni li jmiss,

— igħaqqad fi sħubija l-awtoritajiet ta' protezzjoni tad-data Ewropej, il-fornituri tat-teknoloġija Ewropej, il-komunitajiet tal-free softwer, l-organizzazzjonijiet tas-servizzi tal-emerġenza, il-laboratorji ta' riċerka u żvilupp, l-iżviluppaturi tal-applikazzjonijiet, il-fornituri ta' netwerks ta' telekomunikazzjoni, il-fornituri ta' Voice Over IP u fornituri oħrajn ta' softwer biex jkomplu jsaħħu l-għarfien espert b'sens ta' kollaborazzjoni,

— ifasslu mappa tal-futur tal-apps tal-112 skont il-bżonnijiet u r-rekwiżiti taċ-ċittadini u tas-servizzi tal-emerġenza sabiex tinkiseb il-viżjoni ta' effiċjenzi akbar u servizzi ta' impatt u effiċjenza akbar għas-soċjetà tagħna.

Attwalment, il-maġġoranza tal-PSAPs tal-112 fl-Ewropa huma msejsa fuq teknoloġiji analogue antiki u fuq legacy-based netwerks. Minħabba f'hekk il-PSAPs għandhom kapaċità limitata ħafna biex jitrattaw komunikazzjonijiet ta' emerġenza li jmorru lil hinn mill-użu tal-vuċi u jinsabu ħafna lura meta mqabbel mal-ħeffa tas-sistemi ta' komunikazzjoni moderni. L-aspettativi taċ-ċittadini huma sinifikattivament ogħla mill-kapaċità tas-servizzi tal-emerġenza, u bosta miċ-ċittadini b'diżabilitajiet mhumiex qegħdin jirċievu servizz ekwivalenti. Ir-rapport COCOM 2014 jenfasizza ukoll in-nuqqas ta' aċċessibilità għaċ-ċittadini b'diżabilità u ukoll ta' informazzjoni ta' lokalizzazzjoni preċiża, affidabbli u fil-ħin ta' min qiegħed iċempel.

Bosta Stati Membri qegħdin jiffaċċjaw diffikultà biex jifhmu l-impatt u l-portata tas-servizzi abbażi tal-apps u, speċjalment, kif dawn is-servizzi jaċċedu u jinteraġixxu mal-112. L-awtoritajiet nazzjonali Ewropej għandhom tagħrif limitat dwar is-servizzi abbażi tal-apps u għandhom ħtieġa urġenti li jittestjaw il-limitazzjonijiet tagħhom biex ikunu jistgħu jirregolaw b'mod effikaċi u proporzjonat u biex jipproteġu l-konsumatur b'mod xieraq. Minħabba n-nuqqas ta' koeżjoni u koordinament mas-servizzi u mat-teknoloġiji tal-apps, hemm bżonn li tali servizzi jiġu żviluppati u ttestjati biex jaġġornaw il-kapaċità tagħhom ma' approċċ ta' standardizzazzjoni u regolamentazzjoni xieraq u effikaċi li jinkludi l-valutazzjoni tal-privatezza, is-serq tad-data u r-riskji ta' sorveljanza.

Minħabba f'hekk, il-partijiet interessati kollha jeħtieġu li jingħataw arkitettura newtrali, mhux diskriminatorja u innovativa li tiżgura l-interoperabilità u li tgħin fit-tfassil ta' soluzzjoni tal-apps li jippermettu servizz ta' 112 aktar effikaċi u effettiv għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej u tal-viżitaturi.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

02 04 77 *(ikompli)*

02 04 77 01 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

02 04 77 02 Proġett pilota — Riċerka fil-qasam tal-PSDK

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	500 000	1 000 000	500 000		

Kummenti

Il-proġett jinvolvi:

— it-tkomplija tal-iżvilupp ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) fir-rigward tal-implimentazzjoni mill-Aġenzija tal-objettivi tal-Unjoni u l-ġestjoni tagħha tal-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-Unjoni, kif previst mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/411/PESK tat-12 ta' Lulju 2011 li tiddefinixxi l-istatut, is-sede u r-regoli operattivi tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2004/551/PESK (ĠU L 183, 13.7.2011, p. 16),

— it-tkomplija tal-proġett pilota bl-għan li jiġu ffinanzjati jew kofinanzjati żewġ attivitajiet ta' riċerka u żvilupp relatati mad-difiża bi qbil mal-Artikoli 42(1) u 42(2) TUE:

  — attività ta' riċerka b'riskju għoli u b'rendiment għoli li r-riżultat tagħha jista' potenzjalment jagħti forma ġdida lill-operazzjonijiet futuri. Il-benefiċjarji għandhom jintgħażlu permezz ta' kompetizzjoni ta' ideat. L-EDA twettaq l-attività f'isem l-Unjoni. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-SEAE jżommu ħarsthom fuq l-attività f'funzjoni konsultattiva. Stati terzi u organizzazzjonijiet li kkonkludew arranġament amministrattiv mal-EDA jistgħu wkoll jiġu mistiedna jimmonitorjaw din l-attività,

  — attività ta' riċerka u żvilupp għaċ- ċertifikazzjoni skont rekwiżiti militari u - jekk applikabbli - ċivili. L-Istati Membri u stati terzi u organizzazzjonijiet li kkonkludew arranġament amministrattiv mal-EDA jiġu mistiedna jikkontribwixxu għall-attività. L-EDA tamministra l-attività f'isem l-Unjoni u membri kontribwenti oħra,

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 04 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA MARBUTA MAL-INTRAPRIŻI *(ikompli)*

02 04 77 *(ikompli)*

02 04 77 02 *(ikompli)*

— il-monitoraġġ taż-żewġ proċessi sabiex jinsiltu tagħlimiet għal azzjoni futura tal-Unjoni favur l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża rilevanti għall-PSDK u għall-Istati Membri. Il-Persunal Militari tal-Unjoni għandu jipparteċipa fit-tim ta' monitoraġġ.

Fejn xieraq, is-Segretarju Ġenerali tan-NATO għandu jiġi mistieden jibgħat osservatur għal-laqgħat li jsiru skont dan il-proġett pilota.

Il-ħidma fuq l-armi li, minħabba n-natura tagħhom stess, ma jkunux konformi mad-dritt umanitarju internazzjonali, ħidma fuq armi letali jew eċċessivament distruttivi u teknoloġiji tal-gwerra relatati, kif ukoll ħidma fuq diskriminazzjoni awtonoma mmirata u gwerra mingħajr interazzjoni umana, mhumiex se jiġu ffinanzjati taħt dan il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 05 — PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/ 2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 05	PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO)								
02 05 01	***Żvilupp u forniment ta' infrastrutturi u servizzi globali tar-radjunavigazzjoni bis-satelliti (Galileo) sal-2020***	1,1	588 169 000	297 000 000	817 199 000	580 847 661	1 130 136 636,—	783 481 256,20	263,80
02 05 02	***Forniment ta' servizzi b'bażi satellitari b'titjib tal-prestazzjoni tal-GPS biex gradwalment ikun kopert ir-reġjun kollu tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) sal-2020 (EGNOS)***	1,1	260 000 000	207 000 000	240 000 000	200 824 669	231 570 000,—	217 711 248,—	105,17
02 05 11	***Aġenzija Ewropea GNSS***	1,1	27 888 400	27 888 400	26 791 000	26 791 000	25 369 057,57	25 369 057,57	90,97
02 05 51	***Tlestija ta' programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)***	1,1	p.m.	16 000 000	p.m.	77 585 659	0,—	160 469 037,03	1 002,93
	Kapitolu 02 05 — Total		**876 057 400**	**547 888 400**	**1 083 990 000**	**886 048 989**	**1 387 075 693,57**	**1 187 030 598,80**	**216,66**

02 05 01 Żvilupp u forniment ta' infrastrutturi u servizzi globali tar-radjunavigazzjoni bis-satelliti (Galileo) sal-2020

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
588 169 000	297 000 000	817 199 000	580 847 661	1 130 136 636,—	783 481 256,20

Kummenti

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi Ewropej GNSS tingħata bl-għan li jiġu ffinanzjati attivitajiet marbutin ma':

— it-tlestija tal-fażi ta' varar tal-programm Galileo, li tikkonsisti mill-kostruzzjoni, l-istabbiliment, il-protezzjoni tal-infrastruttura tal-ispazju u tal-art, kif ukoll l-attivitajiet preparatorji għall-fażi ta' esplojtazzjoni inklużi l-attivitajiet marbutin mal-preparazzjoni għall-provvista tas-servizz,

— il-fażi ta' esplojtazzjoni tal-programm Galileo, li tikkonsisti mill-ġestjoni, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu, l-evoluzzjoni u l-harsien tal-infrastruttura spazjali u dik tal-art, l-iżvilupp ta' ġenerazzjonijiet futuri tas-sistema u l-evoluzzjoni tas-servizzi pprovduti mis-sistema, l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u ta' standardizzazzjoni, il-provvista u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi pprovduti mis-sistema, u l-attivitajiet l-oħra kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li l-programm jopera bla xkiel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) sa (d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 05 — PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO) *(ikompli)*

02 05 01 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjoni tal-Istati Membri għal elementi speċifiċi tal-programmi tista' tiżdied mal-approprjazzjonijiet mdaħħlin f'dan l-Artikolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) tiegħu.

02 05 02 ***Forniment ta' servizzi b'bażi satellitari b'titjib tal-prestazzjoni tal-GPS biex gradwalment ikun kopert ir-reġjun kollu tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) sal-2020 (EGNOS)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
260 000 000	207 000 000	240 000 000	200 824 669	231 570 000,—	217 711 248,—

Kummenti

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi tal-GNSS Ewropej tingħata bl-għan li jiġu ffinanzjati l-attivitajiet relatati mal-esplojtazzjoni tas-sistema EGNOS, inklużi l-elementi kollha li jiġġustifikaw l-affidabilità tas-sistema u l-esplojtazzjoni tagħha.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(b) sa (d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribuzzjoni tal-Istati Membri għal elementi speċifiċi tal-programmi tista' tiżdied mal-approprjazzjonijiet mdaħħlin f'dan l-Artikolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5) tiegħu.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 05 — PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO) *(ikompli)*

02 05 11 Aġenzija Ewropea GNSS

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
27 888 400	27 888 400	26 791 000	26 791 000	25 369 057,57	25 369 057,57

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa fuq il-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2) u n-nefqa operattiva marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti rimborżati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jiġi ddebitat mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Ewropea GNSS tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 28 350 000. Ammont ta' EUR 461 600, li ġej mir-riżerva tas-surplus, jiżdied mal-ammont ta' EUR 27 888 400 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 512/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 72).

Ir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 05 — PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (EGNOS U GALILEO) *(ikompli)*

02 05 51 Tlestija ta' programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	16 000 000	p.m.	77 585 659	0,—	160 469 037,03

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet marbutin ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li hija parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 06 — PROGRAMM EWROPEW TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 06	PROGRAMM EWROPEW TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA								
02 06 01	***It-twassil ta' servizzi operattivi li jistrieħu fuq osservazzjonijiet mill-ispazju u dejta in situ (Copernicus)***	1,1	122 353 000	121 000 000	113 650 000	81 952 171	44 721 236,93	25 796 807,72	21,32
02 06 02	***Il-bini ta' kapaċità awtonoma tal-osservazzjoni tad-Dinja mill-Unjoni (Copernicus)***	1,1	461 214 000	459 000 000	440 220 000	427 844 424	316 000 000,—	200 187 000,—	43,61
02 06 51	***Tlestija tal-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-Dinja (GMES)***	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	16 279 633,21	
02 06 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
02 06 77 01	Azzjoni preparatorja — servizzi operazzjonali tal-GMES	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 058 312,60	
	Artikolu 02 06 77 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 058 312,60	
	Kapitolu 02 06 — Total		**583 567 000**	**580 000 000**	**553 870 000**	**509 796 595**	**360 721 236,93**	**243 321 753,53**	**41,95**

02 06 01 It-twassil ta' servizzi operattivi li jistrieħu fuq osservazzjonijiet mill-ispazju u dejta in situ (Copernicus)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
122 353 000	121 000 000	113 650 000	81 952 171	44 721 236,93	25 796 807,72

Kummenti

L-iskop ta' din l-approprjazzjoni huwa li:

— tippermetti l-operat tas-servizzi Copernicus, imfasslin apposta għall-bżonnijiet tal-utenti,

— tikkontribwixxi biex tiżgura aċċess għad-data tal-infrastruttura tal-osservazzjoni neċessarja biex jiġu operati s-servizzi ta' Copernicus,

— toħloq opportunitajiet biex ikun hemm aktar użu tas-sorsi ta' tagħrif min-naħa tas-settur privat, biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni permezz tal-valur miżjud.

Din l-approprjazzjoni, b'mod partikolari, tiffinanzja l-istabbilment u l-operat tas-sitt sevizzi msemmija fir-Regolament (UE) Nru 377/2014 u l-attivitajiet relatati.

Din l-approprjazzjoni tista' tiffinanzja wkoll attivitajiet trażversali fost is-servizzi jew l-artikulazzjoni u l-koordinazzjoni tagħhom, kif ukoll għall-koordinazzjoni in situ, it-tnedija mill-utent u t-taħriġ u l-komunikazzjoni.

KUMMISSJONI
TITOLU 02 — SUQ INTERN, INDUSTRIJA, INTRAPRENDITORIJA U SMES

KAPITOLU 02 06 — PROGRAMM EWROPEW TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA *(ikompli)*

02 06 01 *(ikompli)*

Il-pakkett tal-baġit ikun amministrat direttament mis-servizzi tal-Kummissjoni jew indirettament permezz ta' ftehimiet ta' delega mal-aġenziji tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali, jew kwalunkwe entità eliġibbli skont l-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju.

Meta l-Kummissjoni tamministra l-baġit direttament, tista' tinkariga l-kompiti ta' sostenn xjentifiku u tekniku liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (ĊKR). Il-finanzjament ta' dawn il-kompiti jista' jiddaħħal fil-baġit indirett tal-JRC skont l-Artikolu 183(2)(c) u (6) tar-Regolament Finanzjarju.

Barra minn hekk, bħala sostenn tal-kompetittività u t-tkabbir, din l-approprjazzjoni tista' tiffinanzja wkoll d-disseminazzjoni tad-data u l-inkubazzjoni ta' negozji ġodda billi ssostni strutturi tal-IT aktar robusti u innovattivi fl-Ewropa.

Is-servizzi ta' Copernicus jiffaċilitaw l-aċċess għal data ewlenija meħtieġa fil-formulazzjoni tal-politika fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali f'oqsma bħall-agrikoltura, il-monitoraġġ tal-foresti, l-immaniġġjar tal-ilma, it-trasport, l-ippjanar urban, it-tibdil fil-klima u ħafna oħrajn. Din l-approprjazzjoni tkopri primarjament l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' delega għall-programm Copernicus, skont l-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti mill-baġit ġenerali. Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6031 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi, imdaħħal fil-Partita XX tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħti lok għall-istipular ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu f'din il-Partita f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-programm Copernicus u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 44).

02 06 02 ***Il-bini ta' kapaċità awtonoma tal-osservazzjoni tad-Dinja mill-Unjoni (Copernicus)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
461 214 000	459 000 000	440 220 000	427 844 424	316 000 000,—	200 187 000,—

Kummenti

L-iskop ta' din l-approprjazzjoni huwa li:

— tibni kapaċità awtonoma ta' osservazzjoni tad-Dinja tal-Unjoni billi tiffinanzja l-infrastruttura spazjali u tiffavorixxi l-industrija Ewropea f'dak ir-rigward, l-iktar fil-kostruzzjoni u l-varar ta' satelliti,

KAPITOLU 02 06 — PROGRAMM EWROPEW TA' OSSERVAZZJONI TAD-DINJA *(ikompli)*

02 06 02 *(ikompli)*

— tikkontribwixxi għad-disponibbiltà tal-kapaċita tal-osservazzjoni neċessarja biex tħaddem is-servizzi ta' Copernicus, b'mod partikolari permezz tal-operazzjonijiet tas-segment terrestri tal-infrastruttura spazjali,

— toħloq opportunitajiet biex ikun hemm aktar użu tas-sorsi ta' tagħrif min-naħa tas-settur privat, biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni permezz tal-valur miżjud.

L-iżvilupp ta' infrastruttura spazjali Ewropea għandha rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kompetittività u l-innovazzjoni, u tirrikjedi intervenzjoni pubblika konsistenti biex issostni l-isforz industrijali.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li tistipula l-linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membru huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li għandha x'taqsam l-iżvilupp tal-konfini, il-konfini min-naħa għall-oħra u netwerks magħżula tal-enerġija (Interreg II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 60).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tas-16 ta' Mejju 1995 li jistipula linji ta' gwida għal inizjattiva fil-qafas tal-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' fuq u l-pajjiżi fil-fruntieri tal-Irlanda (PEACE I) (ĠU C 186, 20.7.1995, p. 3).

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrgwarda żoni urbani (URBAN) (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 4).

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma misitenda jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja dwar l-addattament tal-ħaddiema għall-bidla industrijali (ADAPT) li għandha l-għan li tippromwovi l-impjieg u l-adattament tal-ħaddiema għall bidla industrijali (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 7).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW *(ikompli)*

04 02 09 *(ikompli)*

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja dwar l-impjieg u żvilupp tar-riżorsi umani, li għandha l-għan tippromwovi l-kobor tal-impjieg prinċipalment permezz tal-iżvilupp tar-riżorsi umani (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 13).

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inzijattiva Komunitarja Interreg li għandha x'taqsam kooperazzjoni transnazzjonali dwar l-iżvilupp tat-territorju (Interreg II C) (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 23).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 1997 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u fil-kontei konfinali tal-Irlanda (1995-1999) (PEACE I) (COM(97) 642 finali).

04 02 10 ***Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Azzjonijiet innovattivi u assistenza teknika (2000 sa 2006)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mill-FSE tal-impenji li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006 għal azzjonijiet innovattivi u assistenza teknika kif dispost fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999. L-azzjonijiet innovattivi inkludew studji, proġetti pilota u skambji ta' esperjenza. Huma kienu maħsuba b'mod partikolari biex iwasslu għal titjib kwalitattiv fil-miżuri tal-Fondi Strutturali. L-assistenza teknika kopriet miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, valutazzjoni, superviżjoni u tmexxija meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FSE. Din l-approprjazzjoni kienet, b'mod partikolari, użata biex tkopri:

— nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet),

— nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjonijiet,

— kuntratti għall-għoti ta' servizzi u studji,

— għotjiet.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jwaqqaf dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW *(ikompli)*

04 02 11 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Azzjonijiet innovattivi u assistenza teknika (ta' qabel l-2000)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	—	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' impenji tal-FSE minn perjodi ta' pprogrammar preċedenti għal azzjonijiet innovattivi jew għal miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, evalwazzjoni, superviżjoni u ġestjoni jew kull forma oħra simili ta' assistenza teknika kif dispost fir-Regolamenti rilevanti.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri l-*ex* miżuri pluriennali, b'mod partikolari dawk approvati u implimentati skont ir-Regolamenti l-oħra msemmija hawn taħt, li mhumiex koperti mill-objettivi prijoritarji tal-Fondi Strutturali.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 83/516/KEE tas-17 ta' Ottubru 1983 fuq l-impenji tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 289, 22.10.1983, p. 38).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2950/83 tas-17 ta' Ottubru 1983 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 83/516/KEE fuq l-impenji tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 289, 22.10.1983, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2088/85 tat-23 ta' Lulju 1985 dwar il-programmi Mediterranji integrati (ĠU L 197, 27.7.1985, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li tistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinament bejn l-attivitajiet tal-Fond Strutturali u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment u strumenti finanzjarji eżistenti oħra (ĠU L 374, 15.7.1988, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW *(ikompli)*

04 02 17 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Konverġenza (2007 sa 2013)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	3 470 000 000	p.m.	4 917 020 000	16 683 215,—	7 119 707 592,13

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu għal programmi skont l-objettiv ta' konverġenza tal-FSE fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Dan l-objettiv għandu l-għan li jħaffef il-konverġenza tal-Istati Membri u r-reġjuni l-anqas żviluppati u li jtejjeb il-kundizzjonijiet għat-tkabbir u l-impjiegi.

L-għan ta' din l-approprjazzjoni hu li tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali li nħolqu, b'mod partikolari f'pajjiżi u reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura, b'rabta mat-tħaffif tar-ristrutturar ekonomiku u soċjali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni.

F'konformità mal-Artikolu 105a, 1 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 kif modifikat bil-punt 7 għall-Anness III tat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti ewlenin li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, ikunu ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jitqiesu bħala li huma approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati skont il-komponenti msemmija fil-punti (a) u (e) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

04 02 18 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — PEACE (2007 sa 2013)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu għall-programm PEACE skont il-FSE għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013.

KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW *(ikompli)*

04 02 18 *(ikompli)*

Bħala rikonoxximent tal-isforz speċjali għall-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq, ġie allokat total ta' EUR 200 000 000 għall-programm PEACE għall-perjodu 2007-2013. Dan il-programm huwa implimentat f'konformità sħiħa mal-prinċipju ta' addizzjonalità ta' operazzjonijiet ta' fondi strutturali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Atti ta' referenza

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2005.

04 02 19 ***Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Kompetittività reġjonali u impjiegi (2007 sa 2013)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 109 595 811	p.m.	2 357 168 235	133 316 785,—	2 824 777 350,80

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu għall-programmi skont l-objettiv tal-kompetittività reġjonali u impjiegi waqt il-perjodu ta' pprogrammazzjoni 2007-2013. Dan l-objettiv, minbarra fir-rigward tar-reġjuni l-anqas żviluppati, għandu jkollu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività u tal-attrattività tar-reġjuni, kif ukoll l-impjiegi, billi jitqiesu l-miri stabbiliti fl-istrateġija Ewropa 2020.

Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali li nħolqu, b'mod partikolari f'pajjiżi u reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura, b'rabta mat-tħaffif tar-ristrutturar ekonomiku u soċjali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW *(ikompli)*

04 02 20 Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operazzjonali (2007 sa 2013)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 500 000	p.m.	5 752 675	0,—	8 499 766,51

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għal miżuri ta' assistenza teknika kif dispost fl-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Assistenza teknika tkopri miżuri preparatorji, monitoraġġ, evalwazzjoni, superviżjoni u maniġerjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FSE. Din l-approprjazzjoni tista', b'mod partikolari, tkun użata biex tkopri:

— nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat u missjonijiet),

— nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u telekomunikazzjonijiet,

— nefqa ta' sostenn għall-aċċessibilità għal persuni b'diżabilità fl-ambitu ta' miżuri ta' assistenza teknika,

— nefqa fi grupp ta' livell għoli sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni ta' prinċipji orizzontali bħall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità u l-iżvilupp sostenibbli,

— kuntratti għall-forniment ta' servizzi u studji,

— għotjiet.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa miżuri approvati mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tħejjija tal-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW *(ikompli)*

04 02 60 Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni anqas żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 904 001 096	3 420 000 000	7 381 001 397	1 029 000 000	3 932 722 061,—	324 392 427,94

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-FSE skont il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi f'reġjuni anqas żviluppati fil-perjodu ta' pprogrammar 2014 sa 2020. Il-proċess ta' rkupru għal dawn ir-reġjuni li għadhom lura ekonomikament u soċjalment jeħtieġ sforzi sostnuti fuq terminu twil. Din il-kategorija ta' reġjuni tikkonċerna lil dawk ir-reġjuni li l-PDG per capita tagħhom huwa inqas minn 75 % tal-PDG medju tal-EU-27.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470) u b'mod partikolari il-punt (c) tal-Artikolu 4(3) tiegħu.

04 02 61 Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni fi tranżizzjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 631 895 346	927 965 850	2 054 985 763	284 757 420	1 162 099 751,—	77 522 858,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-FSE skont il-mira tal-Investiment għat-Tkabbir u l-Impjiegi fil-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020 f'kategorija ġdida ta' reġjuni — "reġjuni fi tranżizzjoni" — li jissostitwixxi s-sistema ta' eliminazzjoni gradwali u ta' introduzzjoni progressiva għall-perjodu 2007-2013. Din il-kategorija ta' reġjuni tinkludi r-reġjuni kollha b'PDG medju per capita ta' bejn 75 % u 90 % tal-EU-27.

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW *(ikompli)*

04 02 61 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470) u b'mod partikolari il-punt (b) tal-Artikolu 4(3) tiegħu.

04 02 62 ***Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni aktar żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 479 119 793	2 178 091 258	3 174 368 240	583 896 529	2 604 015 528,—	176 415 545,90

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ tal-FSE skont il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi f'aktar reġjuni żviluppati fil-perjodu ta' pprogrammar mill-2014 sal-2020. Filwaqt li l-interventi fir-reġjuni anqas żviluppati se jibqgħu prijorità għall-politika ta' koeżjoni, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri sfidi importanti li jikkonċernaw l-Istati Membri kollha bħall-kompetizzjoni globali f'ekonomija tal-għarfien, il-bidla lejn l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-polarizzazzjoni soċjali ggravata mill-klima ekonomika attwali. Din il-kategorija ta' reġjuni tikkonċerna dawk ir-reġjuni li l-PDG per capita tagħhom huwa ogħla minn 90 % tal-PDG medju tal-EU-27.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470) u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 4(3) tiegħu.

KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW *(ikompli)*

04 02 63 Fond Soċjali Ewropew (FSE) — Assistenza teknika operazzjonali

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, assistenza amministrattiva u teknika, evalwazzjoni, verifika u kontroll meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 kif ipprovdut fl-Artikoli 58 u 118 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, din tista' tintuża biex tkopri: nefqa ta' appoġġ (spejjeż tar-rappreżentazzjonijiet, taħriġ, laqgħat u missjonijiet).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri t-tagħlim amministrattiv u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ma' msieħba soċjali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

04 02 63 01 Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
18 000 000	7 200 000	14 700 000	8 629 013	17 559 531,49	1 393 209,02

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, assistenza amministrattiva u teknika, evalwazzjoni, verifika u kontroll meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 kif ipprovdut fl-Artikoli 58 u 118 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, din tista' tintuża biex tkopri: nefqa ta' appoġġ (spejjeż tar-rappreżentazzjonijiet, taħriġ, laqgħat u missjonijiet).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri t-tagħlim amministrattiv u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ma' msieħba soċjali.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri, fost l-oħrajn l-iżvilupp ta':

— għodod għall-applikazzjonijiet ta' proġetti elettroniċi u għar-rappurtar, u l-istandardizzazzjoni tad-dokumenti u l-proċeduri għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi operattivi,

— reviżjoni minn pari tal-ġestjoni finanzjarja u tal-kwalità ta' prestazzjoni ta' kull Stat Membru,

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW *(ikompli)*

04 02 63 *(ikompli)*

04 02 63 01 *(ikompli)*

— dokumentazzjoni standard dwar il-proċeduri ta' akkwist pubbliku,

— sistema komuni ta' indikaturi ta' riżultati u impatti,

— manwal dwar l-aħjar prattiki li jottimizza l-użu tal-Fond u t-tnaqqis fir-rata tal-iżball.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

04 02 63 02 Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operattiva immaniġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	4 165 644,83	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri parti mill-pakkett nazzjonali għall-assistenza teknika trasferita lill-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru li qiegħed jiffaċċja diffikultajiet baġitarji temporanji. Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013,, hija maħsuba biex tkopri miżuri biex riformi strutturali u amministrattivi jiġu identifikati, ipprijoritizzati u implimentati b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali f'dak l-Istat Membru.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 02 — FOND SOĊJALI EWROPEW *(ikompli)*

04 02 64 Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	1 050 000 000	1 504 571 025	1 026 479 465	1 574 353 825,—	34 343 714,53

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tagħti appoġġ addizzjonali lill-miżuri kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ iffinanzjati mill-FSE. Hi tirrappreżenta l-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ skont il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi fir-reġjuni b'livell ta' qgħad fost iż-żgħażagħ li fl-2012 kien jaqbeż il-25 % jew għall-Istati Membri fejn ir-rata tal-qgħad telgħet b'iktar minn 30 % fl-2012, reġjuni li għandhom rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ta' iktar minn 20 % fl-2012 ("reġjuni eleġibbli"). It-EUR 3 000 000 000 addizzjonali allokati għal din l-linja għall-perjodu 2014-2020 huma maħsuba biex joffru kofinanzjament simmetriku lil interventi tal-FSE fir-reġjuni eleġibbli. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-holqien ta' impjiegi deċenti.

Filwaqt li titħeġġeġ l-ugwaljanza bejn is-sessi, għandha tingħata attenzjoni speċjali għas-sitwazzjoni tan-nisa żgħażagħ li jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' ostakoli dovuti għad-differenza fis-sessi biex jiksbu offerta ta' kwalità għolja ta' impjieg, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship;

Din l-approprjazzjoni għandha tintuża, fost affarijiet oħra, biex jiġi appoġġat it-twaqqif ta' strutturi edukattivi li jgħaqqdu l-edukazzjoni mhux formali, korsijiet tal-lingwa, is-sensibilizzazzjoni demokratika u t-taħriġ vokazzjonali fir-reġjuni l-aktar milquta mill-qgħad fost iż-żgħażagħ, kemm mill-atturi statali kif ukoll mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Il-marġini li baqgħu disponibbli taħt il-limiti tal-QFP għal approprjazzjonijiet ta' pagament għas-snin 2014-2017 għandhom jikkostitwixxu l-marġini globali tal-QFP għal impenji, li għandhom ikunu disponibbli minbarra l-limiti stabbiliti fil-QFP għas-snin 2016 sal-2020 għall-objettivi tal-politika relatati mat-tkabbir u l-impjieg, partikolarment l-impjieg taż-żgħażagħ kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
04 03	IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI								
04 03 01	***Prerogattivi u kompetenzi speċifiċi***								
04 03 01 01	Kost tal-laqgħat preliminari ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-għaqdiet tal-ħaddiema	1,1	452 800	350 000	444 800	315 402	434 927,86	308 764,36	88,22
04 03 01 03	Moviment liberu tal-ħaddiema, koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti inkluż migranti minn pajjiżi terzi	1,1	8 589 000	6 200 000	8 000 000	5 482 852	6 784 571,38	5 805 385,34	93,64
04 03 01 04	Analiżi u studji ta' sitwazzjoni soċjali, demografiji u l-familja	1,1	4 118 000	2 800 000	4 000 000	2 697 911	3 240 574,44	1 823 011,42	65,11
04 03 01 05	Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema	1,1	18 758 200	16 500 000	18 257 000	12 793 321	18 619 000,—	17 460 215,95	105,82
04 03 01 06	Tagħrif, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-impriżi	1,1	7 313 000	6 400 000	7 116 000	3 481 176	7 175 017,90	6 257 385,05	97,77
04 03 01 07	Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	74 410,—	
04 03 01 08	Ir-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali	1,1	15 775 000	12 300 000	15 641 000	8 876 998	17 381 319,83	12 582 989,26	102,30
	Artikolu 04 03 01 — Subtotal		55 006 000	44 550 000	53 458 800	33 647 660	53 635 411,41	44 312 161,38	99,47
04 03 02	***Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI)***								
04 03 02 01	PROGRESS — Sostenn tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali u l-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol	1,1	74 681 600	38 850 000	72 494 000	22 666 588	65 278 249,91	9 956 784,59	25,63
04 03 02 02	EURES - Promozzjoni tal-mobbiltà ġeografika volontarja tal-ħaddiema u t-tishiħ tal-opportunitajiet ta' impjieg	1,1	22 061 000	14 300 000	21 392 000	9 424 939	21 439 000,—	4 512 200,37	31,55

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/ 2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
04 03 02	*(ikompli)*								
04 03 02 03	Mikrofinazjament u Intraprenditorija Soċjali - Żieda fl-aċċess u d-disponibbiltà tal-finanzjament għal persuni legali u fiżiċi, speċjalemnt dawk li huma l-iktar distanti mis-suq tax-xogħol u l-intrapriżi soċjali	1,1	25 624 200	17 000 000	26 457 000	11 815 018	28 500 200,—	0,—	0
	Artikolu 04 03 02 — Subtotal		122 366 800	70 150 000	120 343 000	43 906 545	115 217 449,91	14 468 984,96	20,63
04 03 11	***Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol***	1,1	20 360 000	20 360 000	20 371 000	20 371 000	20 562 432,46	20 562 088,82	100,99
04 03 12	***Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol***	1,1	14 663 000	14 663 000	14 534 000	14 534 000	14 438 521,—	14 229 072,—	97,04
04 03 13	***Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP)***	1,1	17 051 000	17 051 000	17 224 000	17 224 000	17 434 633,39	16 933 900,—	99,31
04 03 14	***Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)***	4	19 956 000	19 956 000	19 945 000	19 945 000	20 143 868,66	20 143 500,01	100,94
04 03 51	***Tlestija ta' Progress***	1,1	p.m.	11 400 000	p.m.	24 802 431	94 214,86	47 872 724,12	419,94
04 03 52	***Tlestija ta' EURES***	1,1	p.m.	2 000 000	p.m.	8 579 394	0,—	17 694 831,36	884,74
04 03 53	***Tlestija ta' attivitajiet oħra***	1,1	p.m.	2 000 000	p.m.	8 180 353	67 056,65	1 138 318,15	56,92
04 03 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
04 03 77 02	Proġett pilota — Promozzjoni tal-ħarsien tad-dritt għall-akkomodazzjoni	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	523 430	0,—	199 866,—	
04 03 77 03	Proġett pilota — Kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja tal-ħaddiema pustjati	1,1	—	—	—	p.m.	0,—	0,—	
04 03 77 04	Proġett pilota — Miżuri għaż-żamma tal-impjiegi	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
04 03 77 05	Proġett pilota — Tishiħ tal-mobilità u l-integrazzjoni tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni	1,1	p.m.	p.m.	—	p.m.	0,—	0,—	

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/ 2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
04 03 77	*(ikompli)*								
04 03 77 06	Proġett pilota — Kooperazzjoni inkluživa bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-impriżi kummerċjali u l-intraprizi bla skop ta' profitt fir-rigward tal-integrazzjoni tal-persuni fis-soċjetà u fl-impjiegi	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	776 081,30	
04 03 77 07	Azzjoni preparatorja — L-ewwel Impjieg EURES tiegħek	1,1	p.m.	750 000	p.m.	1 308 576	0,—	3 434 258,97	457,90
04 03 77 08	Proġett pilota — Solidarjetà soċjali għall-integrazzjoni soċjali	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	348 954	0,—	499 736,—	
04 03 77 09	Azzjoni preparatorja — Ċentri ta' informazzjoni għal ħaddiema ppostjati u ħaddiema migranti	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	523 430	0,—	213 769,34	
04 03 77 10	Proġett pilota — Theġġiġ tal-konverżjoni ta' xogħol prekarju f'xogħol bid-drittijiet	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
04 03 77 11	Proġett pilota — Prevenzjoni tal-abbuż fuq l-anzjani	1,1	—	—	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
04 03 77 12	Proġett pilota — Saħħa u s-Sikurezza fuq ix-xogħol tal-ħaddiema aktar avvanzati fl-età	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	350 000,—	
04 03 77 13	Azzjoni preparatorja — Miżuri ta' attivazzjoni mmirati għaż-żgħażagħ — timplimenta l-inizjattiva "Żgħażagħ Attivi"	1,1	p.m.	500 000	p.m.	1 292 053	0,—	689 809,50	137,96
04 03 77 14	Azzjoni preparatorja — Innovazzjoni soċjali xprunata minn operat soċjali u mill-intraprenditorija żgħażugħa	1,1	p.m.	500 000	p.m.	697 907	887 251,98	661 906,48	132,38
04 03 77 15	Proġett pilota — Fattibilità u valur miżjud ta' skema ta' assikurazzjoni Ewropea jew benefiċċji għall-qgħad	1,1	p.m.	1 000 000	p.m.	523 430	1 838 620,—	0,—	0
04 03 77 16	Azzjoni preparatorja – Mikro kreditu sabiex ikun miġġieled l-impjieg fost iż-żgħażagħ b'mod speċifiku	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
04 03 77 17	Proġett pilota — Karta tas-sigurtà soċjali	1,1	700 000	350 000	500 000	250 000			

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/ 2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
04 03 77 18	Azzjoni preparatorja — Solidarjetà soċjali għall-integrazzjoni soċjali	1,1	p.m.	750 000	1 500 000	750 000			
04 03 77 19	Azzjoni preparatorja — Insostnu l-inklużjoni attiva tal-migranti żvantaġġati fl-Ewropa permezz tal-iżvilupp u l-ittestjar taċ-ċentri lokali għall-integrazzjoni soċjali u ekonomika	1,1	p.m.	250 000	500 000	250 000			
04 03 77 20	Proġett pilota — Konsegwenzi tat-tnaqqis fil-benefiċċji	1,1	p.m.	p.m.	1 000 000	500 000			
04 03 77 21	Proġett pilota — Applikazzjoni u Servizz tal-Lingwa tas-Sinjali f'Ħin Reali tal-Unjoni Ewropea	3	p.m.	p.m.	p.m.	360 525	0,—	292 907,60	
04 03 77 22	Azzjoni preparatorja — Programm tat-tip "Erasmus" għall-apprendisti	1,1	—	—	—	—	0,—	0,—	
04 03 77 23	Azzjoni preparatorja — Riatti-vazzjoni - Programm ta' mobbiltà intra-UE għall-persuni qiegħda li għandhom aktar minn 35 sena	1,1	3 000 000	1 500 000					
04 03 77 24	Proġett Pilota — Impjiegi ta' kwalità għal dawk li jkunu għadhom deħlin fis-suq tax-xogħol permezz tal-intra-prenditorija	1,1	700 000	350 000					
	Artikolu 04 03 77 — Subtotal		4 400 000	5 950 000	3 500 000	7 328 305	2 725 871,98	7 118 335,19	119,64
	Kapitolu 04 03 — Total		**253 802 800**	**208 080 000**	**249 375 800**	**198 518 688**	**244 319 460,32**	**204 473 915,99**	**98,27**

04 03 01 Prerogattivi u kompetenzi speċifiċi

04 03 01 01 Kost tal-laqgħat preliminari ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-għaqdiet tal-ħaddiema

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
452 800	350 000	444 800	315 402	434 927,86	308 764,36

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 01 *(ikompli)*

04 03 01 01 *(ikompli)*

Kummenti

Ex Partita 04 03 01 01 u l-Artikolu 01 02 01 (parti)

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa għal laqgħat konsultattivi preliminari bejn ir-rappreżentanti Ewropej tal-għaqdiet tal-ħaddiema biex jgħinuhom jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom u jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom rigward l-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni.

Din l-appropjazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri l-kost ta' studji, sessjonijiet ta' ħidma, konferenzi, analiżi, evalwazzjonijiet, pubblikazzjonijiet, assistenza teknika, ix-xiri u l-manutenzjoni ta' bażijiet tad-dejta u softwer u l-finanzjament parzjali u sostenn għal miżuri marbuta ma' monitoraġġ ekonomiku, analiżi tal-kombinazzjoni ta' miżuri u koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

04 03 01 03 Moviment liberu tal-ħaddiema, koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti inkluż migranti minn pajjiżi terzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
8 589 000	6 200 000	8 000 000	5 482 852	6 784 571,38	5 805 385,34

Kummenti

L-objettiv ta' din l-attività hu li tippromwovi l-mobilità ġeografika u professjonali (inkluża l-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali) tal-ħaddiema fl-Ewropa sabiex jingħelbu l-ostakoli għall-moviment liberu tal-ħaddiema, u li tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' suq tax-xogħol reali fil-livell Ewropew. Tista' tintuża wkoll biex tappoġġa l-integrazzjoni tal-ħaddiema migranti regolari, inklużi dawk li ġejjin minn pajjiżi terzi, fi ħdan swieq tax-xogħol Ewropej.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri azzjonijiet li jsostnu l-monitoraġġ tal-liġi tal-Unjoni permezz ta' finanzjament ta' netwerk ta' esperti dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema u s-sigurtà soċjali filwaqt li jsir rapportar b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni tal-atti legali tal-Unjoni fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, u biex jiġu analizzati u evalwati x-xejriet ewlenin fil-leġiżlazzjonijiet fl-Istati Membri fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll tkopri azzjonijiet li jagħtu sostenn lill-governanza tal-atti legali tal-Unjoni permezz ta' laqgħat tal-kumitati, azzjonijiet għas-sensibilizzazzjoni u l-implimentazzjoni u sostenn tekniku speċifiku ieħor kif ukoll l-iżvilupp ta' Skambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar Sigurtà Soċjali (EESSI) u l-implimentazzjoni tiegħu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri, b'mod partikolari:

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 01 *(ikompli)*

04 03 01 03 *(ikompli)*

— in-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*,

— l-analiżi u evalwazzjoni ta' xejriet maġġuri fil-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri fir-rigward tal-moviment liberu ta' ħaddiema, u koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali, kif ukoll il-finanzjament ta' netwerks ta' esperti f'dawk l-oqsma,

— l-analiżi u riċerka dwar żviluppi ta' politika ġdida fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema marbuta pereżempju mat-tmiem ta' perjodi tranżitorji u l-immodernizzar ta' dispożizzjonijiet tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali,

— l-iżgurar ta' mobilità ġusta permezz tal-istabbiliment ta' ċentri ta' informazzjoni addizzjonali,

— is-sostenn għall-ħidma tal-Kummissjoni Amministrattiva u s-sottogruppi tagħha u segwitu tad-deċiżjonijiet meħuda, kif ukoll is-sostenn għall-ħidma tal-Kumitati Tekniċi u Konsultattivi għall-moviment liberu tal-ħaddiema,

— is-sostenn għal Azzjoni preparatorja għall-applikazzjoni tar-regolamenti l-ġodda dwar is-sigurtà soċjali, inklużi skambji transnazzjonali ta' esperjenza u informazzjoni u inizjattivi ta' taħriġ żviluppati fil-livell nazzjonali,

— il-finanzjament ta' azzjonijiet maħsuba biex jipprovdu servizz aħjar u jżidu l-kuxjenza pubblika, inklużi miżuri maħsuba biex jidentifikaw problemi fl-oqsma tas-sigurtà soċjali u tal-impjegi ta' ħaddiema immigranti, u miżuri li jħaffu u jissemplifikaw il-proċeduri amministrattivi, analiżi sensittiva għal kwistjonijiet ta' ġener tal-ostakli għall-moviment liberu tal-ħaddiema u tan-nuqqas ta' koordinament tas-sistemi ta' sigurtà soċjali u l-impatt tagħhom fuq il-persuni b'diżabilità, inkluż l-adattament ta'proċeduri amministrattivi għal tekniki ġodda ta' pproċessar tal-informazzjoni, sabiex tittejjeb is-sistema għall-ksib tad-drittijiet u l-kalkolu u l-ħlas tal-benefiċċji skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71, (KEE) Nru 574/72, ir-Regolament (KE) Nru 859/2003 kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 883/2004, ir-Regolament ta' implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 987/2009, u r-Regolament (UE) Nru 1231/2010,

— il-ħolqien ta' informazzjoni u azzjonijiet sabiex il-membri tal-pubbliku jsiru konxji tad-drittijiet tagħhom rigward il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-koordinazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali,

— is-sostenn tal-iskambju elettroniku ta' informazzjoni dwar sigurtà soċjali bejn l-Istati Membri, bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament ta' implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 987/2009. Dan jinkludi ż-żamma tan-nodu ċentrali tas-sistema EESSI, l-ittestjar ta' komponenti tas-sistema, attivitajiet ta' uffiċċji ta' informazzjoni, sostenn għal żvilupp ulterjuri tas-sistema u taħriġ.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 45 u 48 tiegħu.

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 01 *(ikompli)*

04 03 01 03 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 74, 5.7.1971, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 209, 25.7.1998, p. 46).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 tal-14 ta' Mejju 2003 li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom (ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1)

04 03 01 04 Analiżi u studji ta' sitwazzjoni soċjali, demografiji u l-familja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
4 118 000	2 800 000	4 000 000	2 697 911	3 240 574,44	1 823 011,42

Kummenti

L-objettiv ta' din l-attività huwa li jippromwovi risposti politiċi aħjar fl-Istati Membri għal sfidi demografiċi u soċjali billi jipproduċi u jxerred informazzjoni komparattiva fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet futuri għal politiki soċjali, inklużi miżuri speċifiċi għall-ġeneru.

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 01 *(ikompli)*

04 03 01 04 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri azzjonijiet li jippromwovu l-iżvilupp ta' analiżi komparattiva u l-iskambju ta' fehmiet u esperjenza fil-livelli rilevanti kollha (reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni, internazzjonali) rigward is-sitwazzjoni soċjali u demografika u x-xejriet soċjoekonomiċi fl-Unjoni, kif ukoll id-differenzi fis-salarji bejn l-irġiel u n-nisa u d-diskriminazzjoni tan-nisa fil-post tax-xogħol. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri azzjonijiet li jippromwovu l-iżvilupp ta' analiżi komparattiva u l-iskambju ta' fehmiet u esperjenza fil-livelli rilevanti kollha (reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni, internazzjonali) rigward is-sitwazzjoni soċjali u demografika u x-xejriet soċjoekonomiċi fl-Unjoni, kif ukoll id-differenzi fis-salarji bejn l-irġiel u n-nisa u d-diskriminazzjoni tan-nisa fil-post tax-xogħol.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri b'mod partikolari n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri b'mod partikolari n-nefqa għal rapporti tal-Kummissjoni, inklużi r-rapport annwali dwar is-sitwazzjoni soċjali u rapport dwar il-bidla demografika u l-implikazzjonijiet tagħha kull sentejn, skont l-Artikolu 159 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll rapporti tal-Kummissjonidwar problemi li jirrigwardaw is-sitwazzjoni soċjali (li jistgħu jiġu mitluba mill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 161 tat-TFUE).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għal analiżi għar-rapportar imsemmi fit-TFUE, kif ukoll għad-disseminazzjoni tal-għarfien dwar l-isfidi soċjali u demografiċi ewlenin u l-modi kif għandhom jiġu indirizzati. B'mod partikolari, l-attivitajiet li ġejjin jistgħu jiġu segwiti b'kunsiderazzjoni dovuta tal-aspett tas-sessi:

— analiżi tal-impatt tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fil-kuntest ta' soċjetà għal kull età, f'termini ta' xejriet fil-kura u l-ħtiġijiet tal-protezzjoni soċjali, politiki ta' mġiba u sostenn, inkluża riċerka dwar minoranzi jew migranti anzjani u s-sitwazzjoni tal-persuni li jagħtu kura b'mod informali,

— analiżi tal-impatt tal-bidla demografika fuq il-politiki, il-miżuri u l-programmi tal-Unjoni u tal-Istati Membri u formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet għal aġġustamenti għall-politiki, il-miżuri u l-programmi ekonomiċi u ta' tip ieħor fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali sabiex jiġi evitat li t-tixjiħ tas-soċjetà jkollu impatt negattiv,

— analiżi tal-konnessjonijiet bejn l-unitajiet tal-familja u x-xejriet demografiċi,

— analiżi tax-xejriet tal-faqar, id-dħul u d-distribuzzjoni tal-ġid u l-impatt soċjali usa' tagħhom,

— identifikazzjoni tar-relazzjonijiet eżistenti bejn l-iżvilupp teknoloġiku (l-impatt fuq it-teknoloġiji tal-komunikazzjoni, u l-mobbiltà ġeografika u tax-xogħol) u l-konsegwenzi għall-familji u s-soċjetà b'mod ġenerali,

— analiżi tal-konnessjonijiet bejn xejriet tad-diżabbiltà u xejriet demografiċi, analiżi tas-sitwazzjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà u tal-familji tagħhom u l-bżonnijiet tat-tfal b'diżabbiltà fil-familji u l-komunitajiet tagħhom,

— analiżi tax-xejriet f'objettivi soċjali (f'termini tas-salvagwardja tad-drittijiet miksuba jew tal-estensjoni tagħhom), fir-rigward kemm tal-oġġetti kif ukoll tas-servizzi, fil-kunsiderazzjoni tal-isfidi soċjali kif ukoll tax-xejriet demografiċi l-ġodda u t-tibdil tar-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet,

— żvilupp ta' għodod metodoloġiċi xierqa (settijiet ta' indikaturi soċjali, tekniki ta' simulazzjoni, ġbir ta' dejta dwar inizjattivi ta' politika fil-livelli kollha, eċċ.), sabiex iseddqu r-rapporti dwar is-sitwazzjoni soċjali, dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali b'bażi kwantitattiva u xjentifika soda,

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 01 *(ikompli)*

04 03 01 04 *(ikompli)*

— sensibilizzazzjoni u organizzazzjoni ta' dibattiti dwar l-isfidi demografiċi u soċjali ewlenin bl-għan li jiġu promossi reazzjonijiet ta' politika aħjar,

— il-kunsiderazzjoni tax-xejriet demografiċi, tal-ħajja tal-familja u tat-tfulija fl-implimentazzjoni ta' politiki rilevanti tal-Unjoni, bħall-moviment ħieles tal-persuni u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Atti ta' referenza

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 159 u 161 tiegħu.

04 03 01 05 Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
18 758 200	16 500 000	18 257 000	12 793 321	18 619 000,—	17 460 215,95

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa fuq il-miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, inklużi rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema fil-pajjiżi kandidati, li joħorġu mill-azzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni. Dawk il-miżuri għandhom jgħinu biex ikunu indirizzati l-isfidi ġenerali li tiffaċċja l-politika Ewropea tal-impjiegi u soċjali kif stiupata fl-istrateġija Ewropa 020 u fi ħdan il-kuntest tal-inizjattivi tal-Unjoni biex ikunu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika. Tingħata attenzjoni speċjali lit-taħriġ dwar sfidi tal-ġeneru fil-post tax-xogħol.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri b'mod partikolari l-attivitajiet li ġejjin:

— is-sostenn għall-programmi ta' ħidma taż-żewġ istituti speċifiċi tat-trejdjunjins, l-Istitut Ewropew tat-Trejdjunjins u ċ-Ċentru Ewropew għall-Mistoqsijiet tal-Ħaddiema, li ġew stabbiliti biex jiffaċilitaw il-bini ta' kapaċitajiet permezz ta' taħriġ u riċerka fil-livell Ewropew, kif ukoll biex jitjieb il-grad ta' involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-governanza Ewropea,

— il-miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, inklużi rappreżentanti tal-ħaddiema fil-pajjiżi kandidati, li joħorġu mill-implimentazzjoni tal-azzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni,

— il-miżuri li jinvolvu r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali fil-pajjiżi kandidati bl-għan speċifiku li jiġi promoss id-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni. Hemm il-ħsieb ukoll li tiġi l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema.

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 01 *(ikompli)*

04 03 01 05 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni permezz tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 154.

Konvenzjoni ffirmata fl-1959 bejn l-Awtorità Għolja ECSC u ċ-Ċentru Internazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-post tax-xogħol (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol.

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1), u d-direttivi assoċjati u individwali.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

04 03 01 06 Tagħrif, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-impriżi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 313 000	6 400 000	7 116 000	3 481 176	7 175 017,90	6 257 385,05

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li b'mod partikolari tkopri l-attivitajiet li ġejjin:

— miżuri biex jiġu ffissati l-kondizzjonijiet għad-djalogu soċjali f'involviment bejn kumpaniji u impjegati kif provdut taħt id-Direttiva 2009/38/KE dwar il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħol, id-Direttivi 2001/86/KE u 2003/72/KE dwar l-involviment tal-ħaddiema fil-kumpaniji Ewropej u f'soċjetajiet ta' kooperattivi Ewropej, rispettivament, id-Direttiva 2002/14/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea, id-Direttiva 98/59/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi u l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2005/56/KE dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata,

— inizjattivi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transnazzjonali bejn ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u min iħaddem fir-rigward tal-informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'kumpaniji li joperaw f'iktar minn Stat Membru wieħed u azzjonijiet ta' korsijiet qosra għal negozjaturi u rappreżentanti f'korpi tranżitorji ta' informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati f'dak il-kuntest. Dan jista' jinvolvi msieħba soċjali minn pajjiżi kandidati,

— miżuri li jippermettu li l-imsieħba soċjali jeżerċitaw id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom fir-rigward tal-involviment tal-ħaddiema, speċjalment fi ħdan il-qafas tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħol, biex jiġu familjari mal-ftehimiet tal-kumpaniji transnazzjonali u tissaħħaħ il-kooperazzjoni fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni dwar l-involviment tal-impjegati,

— operazzjonijiet li jrawmu l-iżvilupp tal-involviment tal-ħaddiema fl-impriżi kif ukoll li jivvalutaw is-sejbiet tal-'Kontroll tal-idoneità' u l-impatt tiegħu fuq l-atti tal-Unjoni fil-qasam tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema,

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 01 *(ikompli)*

04 03 01 06 *(ikompli)*

— azzjonijiet innovattivi relatati mal-involviment tal-impjegati, bil-ħsieb li tkun sostnuta l-antiċipazzjoni tal-bidla u l-prevenzjoni u r-riżolviment ta' tilwim fil-kuntest tar-ristrutturar tal-kumpaniji, mergers, take-overs u rilokazzjoni tal-impriżi fuq skala tal-Unjoni u gruppi ta' impriżi fuq skala tal-Unjoni,

— miżuri li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-imsieħba soċjali għall-iżvilupp tal-involviment tal-impjegati fit-tfassil ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika, bħal sensji tal-massa, jew il-ħtieġa għal inklinazzjoni lejn ekonomija inklużiva, sostenibbli u b'livelli baxxi tal-karbonju,

— skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u prattika tajba fi kwistjonijiet relevanti għal djalogu soċjali fil-livell ta' kumpaniji.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni permezz tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 154 u 155.

Konvenzjoni ffirmata fl-1959 bejn l-Awtorità Għolja ECSC u ċ-Ċentru Internazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-post tax-xogħol (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol.

Id-Direttiva tal-Kunsill 97/74/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li testendi, għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' fuq, id-Direttiva 94/45/KE dwar l-Istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura f'impriżi ta' skala Komunitarja u fi gruppi ta' skala Komunitarja ta' impriżi għall-iskopijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-impjegati (ĠU L 10, 16.1.1998, p. 22).

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema (ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22).

Id-direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2003 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 25).

Id-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 1).

Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 01 *(ikompli)*

04 03 01 07 Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	74 410,—

Kummenti

Is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet kienet maħsuba li tqajjem il-kuxjenza ġenerali dwar il-valur tat-tixjiħ attiv, biex jiġi stimulat id-dibattitu, tiġi skambjata l-informazzjoni u jiġi żviluppat it-tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri u l-partijiet interessati fil-livelli kollha, jiġi offrut qafas għal impenn u azzjoni konkreta li jippermettu lill-Unjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati fil-livelli kollha jiżviluppaw soluzzjonijiet, politiki u strateġiji innovattivi fuq terminu twil permezz ta' attivitajiet speċifiċi u biex jiġu segwiti objettivi speċifiċi marbuta mat-tixjiħ attiv u mas-solidarjetà interġenerazzjonali, u biex jiġu promossi attivitajiet li fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri, fil-livell tal-Unjoni, attivitajiet f'konformità mal-objettivi tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet u tkopri l-ispejjeż relatati mal-organizzazzjoni tal-għeluq tal-konferenza tal-Unjoni mill-Presidenza attwali. Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-evalwazzjoni tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-apprprjazzjonijit imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv (2012) (COM(2010) 462 final).

04 03 01 08 Ir-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 775 000	12 300 000	15 641 000	8 876 998	17 381 319,83	12 582 989,26

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 01 *(ikompli)*

04 03 01 08 *(ikompli)*

Kummenti

L-għan ta' din l-attività hu li jissaħħaħ ir-rwol tad-djalogu soċjali u li jiġu promossi u adottati ftehimiet u azzjonijiet konġunti oħra bejn l-imsieħba soċjali fil-livell tal-Unjoni. L-azzjonijiet iffinanzjati għandhom jgħinu organizzazzjonijiet ta' msieħba soċjali jindirizzaw sfidi li tiffaċċja l-politika Ewropea dwar l-impjiegi u dik soċjali kif stipulata fl-istrateġija Ewropa 2020 u fi ħdan il-kuntest tal-inizjattivi tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u li tikkontribwixxi għat-titjib u t-tixrid ta' għarfien dwar l-istituzzjonijiet u l-prattiki tar-relazzjonijiet industrijali.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri b'mod partikolari l-attivitajiet li ġejjin:

— studji, konsultazzjonijiet, laqgħat tal-esperti, negozji, informazzjoni, pubblikazzjonijiet u operazzjonijiet oħra marbuta direttament mal-ksib tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li testernalizza l-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizzi *ad hoc*,

— azzjonijiet meħuda mill-imsieħba soċjali biex jippromwovu d-djalogu soċjali (inkluża l-kapaċità tal-imsieħba soċjali) fil-livell tal-industrija multiprofessjonali u intersettorjali,

— azzjonijiet biex jitjieb l-għarfien fuq istituzzjonijiet u prattiki tar-relazzjonijiet industrijali madwar l-Unjoni kollha u tixrid ta' riżultati,

— miżuri li jinvolvu r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali fil-pajjiżi kandidati bl-għan speċifiku li jiġi promoss id-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni. Hu maħsub ukoll li tkun promossa l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet kemm tat-trejdjunjins u kemm tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem,

— azzjonijiet biex isostnu l-miżuri tar-relazzjonijiet industrijali, b'mod partikolari dawk imfassla għall-iżvilupp ta' għarfien espert u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-Unjoni.

Bażi ġuridika

Il-kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 154 u 155.

04 03 02 ***Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI)***

04 03 02 01 PROGRESS — Sostenn tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali u l-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
74 681 600	38 850 000	72 494 000	22 666 588	65 278 249,91	9 956 784,59

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 02 *(ikompli)*

04 03 02 01 *(ikompli)*

Kummenti

L-objettiv ġenerali tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) huwa li jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 u għall-objettivi ewlenin relatati għall-impjiegi, l-edukazzjoni u l-faqar billi jipprovdi sostenn finanzjarju għall-objettivi tal-Unjoni Ewropea.

Sabiex jinkisbu l-objettivi ġenerali tal-EaSI f'termini tal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema, l-objettivi speċifiċi tal-assi tal-Progress għandhom:

— jiżviluppaw u jiddisseminaw għarfien analitiku komparattiv ta' kwalità għolja sabiex jiżgura li l-politika tal-impjiegi u soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol tal-Unjoni jkunu bbażati fuq evidenza soda u jkunu rilevanti għall-ħtiġijiet, l-isfidi u l-kundizzjonijiet fl-Istati Membri individwali u l-pajjiżi parteċipanti l-oħrajn,

— jiffaċilitaw il-kondiviżjoni effettiva u inklużiva tal-informazzjoni, it-tagħlim reċiproku u d-djalogu dwar il-politika tal-impjiegi u soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u internazzjonali sabiex jassistu lill-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti l-oħrajn fl-iżvilupp tal-politiki tagħhom u fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni,

— jipprovdu lil min ifassal il-politika b'sostenn finanzjarju biex jippromwovu r-riformi tal-politika soċjali u tas-suq tax-xogħol, jibnu l-kapaċità tal-atturi ewlenin li jiddisinjaw u jimplimentaw l-esperimentazzjoni soċjali, u jagħmlu aċċessibbli l-għarfien u l-kompetenza rilevanti,

— jimmonitorjaw u jevalwaw l-implimentazzjoni tal-Linji ta' Gwida u Rakkomandazzjonijiet Ewropej ta' Impjieg u l-impatt tagħhom, b'mod partikolari permezz tar-Rapport Konġunt ta' Impjieg, u tiġi analizzata l-interazzjoni bejn l-EES u l-politika ġenerali ekonomika u soċjali ta' politika,

— jipprovdu lill-Unjoni u l-organizzazzjonijiet nazzjonali b'sostenn finanzjarju biex jiżviluppaw, jippromwovu u jsostnu l-implimentazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol,

— jissensibilizzaw, iwettqu skambju ta' prattika tajba, iqassmu informazzjoni u jippromwovu d-dibattitu dwar l-isfidi ewlenin u l-kwistjonijiet politiċi b'rabta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-ugwaljanza bejn is-sessi, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja u soċjetà dejjem ixjeħ, inkluż fost is-sħab soċjali,

— iħeġġu l-ħolqien tal-impjiegi, jiġi promoss l-impjieg fost iż-żgħażagħ u jiġi miġġieled il-faqar billi tiġi promossa aktar konverġenza soċjali permezz tat-Tikketta Soċjali.

Barra minn hekk, jista' jiġi pprovdut sostenn għal azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet komuni tal-EaSI bħall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, id-disseminazzjoni tar-riżultati u l-komunikazzjoni. L-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1296/2013 jiddeskrivi t-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati.

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 02 *(ikompli)*

04 03 02 01 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u li jemenda d-Deċiżjoni 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238).

04 03 02 02 EURES - Promozzjoni tal-mobbiltà ġeografika volontarja tal-ħaddiema u t-tisħiħ tal-opportunitajiet ta' impjieg

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
22 061 000	14 300 000	21 392 000	9 424 939	21 439 000,—	4 512 200,37

Kummenti

L-objettiv ġenerali tal-programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) huwa li jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 u l-miri ewlenin relatati għall-impjiegi, l-edukazzjoni u l-faqar billi jipprovdi sostenn finanzjarju għall-objettivi tal-Unjoni.

L-EaSI huwa strutturat madwar tliet assi ta' kumplimentarjetà: Progress, EURES u Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali.

Biex jinkisbu l-objettivi ġenerali tal-EaSI, b'mod partikolari sabiex tiġi promossa l-mobbiltà ġeografika tal-ħaddiema u jiġu rinforzati l-opportunitajiet tax-xogħol billi jiġu żviluppati swieq tax-xogħol tal-Unjoni li huma miftuħin u aċċessibbli għal kulħadd, l-objettivi speċifiċi tal-assi "EURES" għandhom:

— jiżguraw li l-postijiet battala u l-applikazzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni relatata jkunu trasparenti għall-applikanti potenzjali u għall-impjegaturi; dan għandu jinkiseb permezz tal-iskambju u d-disseminazzjoni tagħhom fil-livell transnazzjonali, interreġjonali u transfruntier bl-użu ta' forom standard ta' interoperabilità,

— jgħinu biex jiżguraw li l-postijiet tal-impjiegi battala u għażliet ta' mobilità fil-livell Ewropew jiġu reklamati b'mod parallel ma' postijiet tal-impjieg battala u applikazzjonijiet nazzjonali u mhux biss wara li l-għażliet lokali jew nazzjonali jiġu eżawriti,

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 02 *(ikompli)*

04 03 02 02 *(ikompli)*

— jiżviluppaw servizzi għar-reklutaġġ u l-kollokament ta' ħaddiema f'impjieg permezz tal-ikklerjar ta' postijiet battala u applikazzjonijiet tax-xogħol fil-livell Ewropew; dan għandu jkopri l-fażijiet kollha tal-kollokament, li jvarjaw mit-tħejjija ta' qabel ir-reklutaġġ għal assistenza ta' wara l-kollokament, inkluż l-għażliet ta' żvilupp ta' ħiliet lingwistiċi, bil-ħsieb li l-applikant jiġi integrat b'suċċess fis-suq tax-xogħol; servizzi bħal dawn għandhom jinkludu skemi ta' mobilità mmirati sabiex jimtlew postijiet battala fejn ikunu ġew identifikati nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u/jew sabiex tingħata għajnuna lil gruppi partikolari ta' ħaddiema, bħal pereżempju ż-żgħażagħ,

— jagħtu assistenza għal attivitajiet ta' sostenn nazzjonali u transkonfinali organizzati mis-sħab tal-EURES,

— jagħtu taħriġ inizjali u addizzjonali tal-konsulenti tal-EURES fl-Istati Membri,

— joħolqu kuntatti bejn il-konsulenti tal-EURES u kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-impjiegi tal-gvern, fosthom dawk ta' pajjiżi kandidati,

— jippromwovu l-EURES fost id-ditti u l-pubbliku ġenerali,

— jiżviluppaw strutturi speċjali għall-kooperazzjoni u servizzi fir-reġjuni tal-fruntiera skont il-punt (b) tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68,

— joħolqu miżuri li jgħinu jeliminaw l-ostakli għall-mobbiltà, b'mod partikolari fil-kamp tas-sigurtà soċjali fl-ambitu tax-xogħol.

Dan il-programm għandu jiffaċilita wkoll it-tlaqqigħ u l-kollokament ta' apprendisti u persuni li jitħarrġu bħala element fundamentali biex tingħata għajnuna lit-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-iskola għax-xogħol, kif diġà nbeda fl-azzjoni preparatorja "l-Ewwel impjieg EURES tiegħek" u li ġiet ikkumplementata mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI). Kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs), se jiġu mħeġġa biex jirreklutaw aktar żgħażagħ, inkluż permezz ta' sostenn finanzjarju.

Gruppi fil-mira:

— iż-żgħażagħ sa tletin sena, irrispettivament mill-kwalifiki u l-esperjenza ta' xogħol tagħhom, minħabba li l-iskema mhijiex esklussivament maħsuba speċifikament għal persuni li qed jidħlu għall-ewwel darba fis-suq tax-xogħol,

— l-impriżi kollha legalment stabbiliti, b'mod partikolari l-SMEs, li se jassistu fit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-impjegar internazzjonali li jaffettwa l-aktar il-kumpaniji iżgħar.

L-impjiegi eliġibbli taħt din il-parti tal-programm se joffru liż-żgħażagħ apprendistati, l-ewwel esperjenza ta' xogħol jew impjiegi speċjalizzati. L-iskema mhux se ssostni sitwazzjonijiet ta' sostituzzjoni tax-xogħol jew impjiegi prekarji jew, f'ebda ċirkostanza, impjiegi li jiksru l-leġiżlazzjoni nazzjonali tax-xogħol.

Biex ikunu eliġibbli għal fondi, l-impjiegi għandhom jikkonformaw ukoll mal-kriterji li ġejjin:

— ikunu lokalizzati f'pajjiż membru EURES għajr dak tal-pajjiż ta' oriġini taż-żagħżugħ li jkun qed ifittex xogħol (offerti ta' xogħol transnazzjonali,

— jiżguraw kollokament għal perjodu minimu kuntrattwali ta' sitt xhur.

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 02 *(ikompli)*

04 03 02 02 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Barra minn hekk, jista' jiġi pprovdut sostenn għal azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet komuni tal-EaSI bħall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, id-disseminazzjoni tar-riżultati u l-komunikazzjoni. L-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1296/2013 jiddeskrivi t-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KKE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2002 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 fir-rigward tal-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg (ĠU L 5, 10.1.2003, p. 16).

Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1)

Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u li jemenda d-Deċiżjoni 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238-252).

04 03 02 03 Mikrofinazjament u Intraprenditorija Soċjali - Żieda fl-aċċess u d-disponibbiltà tal-finanzjament għal persuni legali u fiżiċi, speċjalemnt dawk li huma l-iktar distanti mis-suq tax-xogħol u l-intrapriżi soċjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
25 624 200	17 000 000	26 457 000	11 815 018	28 500 200,—	0,—

Kummenti

L-objettiv ġenerali tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) huwa li jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 u l-miri ewlenin relatati għall-impjiegi, l-edukazzjoni u l-faqar billi jipprovdi sostenn finanzjarju għall-objettivi tal-Unjoni.

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 02 *(ikompli)*

04 03 02 03 *(ikompli)*

L-EaSI huwa strutturat madwar tliet assi ta' kumplimentarjetà: Progress, EURES u Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali.

Biex jinkisbu l-objettivi ġenerali tal-EaSI, b'mod partikolari sabiex jiġu promossi l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali billi jiżdiedu d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-mikrofinanzjament għall-gruppi vulnerabbli u l-mikrointrapriżi, u billi jiżdied l-aċċess għall-finanzjament għal intrapriżi soċjali, l-objettivi speċifiċi tal-assi 'Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali' għandhom:

— iżidu d-disponibbiltà ta' mikrofinanzjament u l-aċċess għalih għal persuni li tilfu jew li qegħdin fir-riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom, jew li għandhom diffikultà sabiex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali u persuni vulnerabbli, inklużi nisa li jixtiequ jibdew karrieri intraprenditorjali li jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikrointrapriżi tagħhom stess; u għall-mikrointrapriżi, speċjalment dawk li jimpjegaw dawn il-persuni skont kif imsemmi,

— jibnu l-kapaċità istituzzjonali tal-forniturі tal-mikrokreditu,

— isostnu l-iżvilupp tal-intrapriżi soċjali.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull rimborż minn strumenti finanzjarji skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi rimborżi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimborż tas-somma kapitali tas-selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partita 6341 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punt (i) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Parti mill-approprjazzjonijiet se tintuża għall-appoġġ u l-assistenza teknika għar-riċevituri ta' mikrofinanzjament.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 11 Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 360 000	20 360 000	20 371 000	20 371 000	20 562 432,46	20 562 088,82

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali għall-programm ta' ħidma (Titolu 3).

Il-Eurofound teħtieġ tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 20 371 000. Ammont ta' EUR 11 000 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 20 360 000 imdaħħal fil-baġit.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-Ħidma taċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ tal-Bidla, deċiż mill-Kunsill Ewropew ta' Nizza tas-7 sad-9 ta' Diċembru 2000 bil-ħsieb li jkunu identifikati, antiċipati u ġestiti xejriet teknoloġiċi, soċjali, (b'mod partikolari demografiċi) u ekonomiċi. Għal dak il-għan, għandu jinġabar, jiġi pproċessat u analizzat tagħrif ta' kwalità għolja.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri wkoll ix-xogħol fuq tliet suġġetti ta' importanza fir-rigward tal-politiki tal-familja:

— politiki okkupazzjonali favorevoli għall-familja (bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u tal-familja, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, eċċ.),

— fatturi li jinfluwenzaw is-sitwazzjoni tal-familji fir-rigward tal-akkomodazzjoni soċjali (aċċess għal akkomodazzjoni diċenti għall-familji),

— sostenn għall-familji tul il-ħajja, pereżempju l-indukrar tat-tfal u kwistjonijiet oħra li koperti mill-mandat tal-Fondazzjoni.

Din l-approprjazzjoni se tkopri wkoll studji dwar l-impatt ta' teknoloġiji ġodda fil-post tax-xogħol u fuq mard relatat max-xogħol.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Fondazzjoni tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 12 Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 663 000	14 663 000	14 534 000	14 534 000	14 438 521,—	14 229 072,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali għall-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

L-objettiv tal-Aġenzija huwa li tipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati b'informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika rilevanti għall-użu fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol. Se tingħata attenzjoni speċjali lill-aspetti tal-ġeneru fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 14 679 000. Ammont ta' EUR 16 000 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 14 663 000 imdaħħal fil-baġit.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-miżuri meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-Aġenzija kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 2062/94, u b'mod partikolari:

— il-miżuri għall-konsolidament tas-sensibilizzazzjoni u l-antiċipazzjoni tar-riskji, b'enfażi speċjali fuq l-SMEs,

— l-operat tal-Osservatorju Ewropew tar-Riskju bbażat fuq eżempji ta' prattika tajba miġbura mill-kumpaniji jew fergħat speċifiċi tal-attività,

— it-tħejjija u l-forniment ta' għodod rilevanti għal kumpaniji iżgħar biex jamministraw is-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol,

— l-operat tan-netwerk li jinkludi l-elementi ewlenin tal-komponent tan-netwerks tal-informazzjoni nazzjonali, inkluż l-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-imsieħba soċjali, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali, kif ukoll il-punti fokali nazzjonali,

— jikkollaboraw ukoll mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, li jkunu qed jorganizzaw skambji ta' esperjenza, informazzjoni u prattiki tajbin,

— jintegraw il-pajjiżi kandidati f'dawn in-netwerks ta' informazzjoni u l-ħolqien ta' għodod operatorji mfassla għas-sitwazzjoni speċifiċi tagħhom,

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 12 *(ikompli)*

— jorganizzaw u jmexxu l-Kampanja Ewropea dwar Postijiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Periklu kif ukoll il-Ġimgħa Ewropea dwar is-Saħħa u s-Sikurezza, li tiffoka fuq riskji u ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti u l-benefiċjarji finali.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Fondazzjoni tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol (ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1).

04 03 13 ***Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 051 000	17 051 000	17 224 000	17 224 000	17 434 633,39	16 933 900,—

Kummenti

Ex Artikolu 15 02 11

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva taċ-Ċentru, u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma.

Iċ-Ċentru jeħtieġlu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva. Il-Kummissjoni, meta tintalab miċ-Ċentru, tieħu ħsieb tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni bit-trasferimenti magħmula bejn l-approprjazzjonijiet operazzjonali u amministrattivi.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 17 434 000. Ammont ta' EUR 383 000 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 17 051 000 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 14 Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
19 956 000	19 956 000	19 945 000	19 945 000	20 143 868,66	20 143 500,01

Kummenti

Ex Artikolu 15 02 12

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Fondazzjoni (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali rigward il-programm ta' ħidma tagħha (Titolu 3).

Hija maħsuba wkoll li tkopri s-sostenn tal-pajjiżi msieħba fir-reġjun tal-Mediterran fir-riforma tas-swieq tax-xogħol u s-sistemi tat-taħriġ vokazzjonali tagħhom, il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u s-sostenn għall-intraprenditorija.

Il-Fondazzjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni dwar trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Fondazzjoni tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 20 145 000. Ammont ta' EUR 189 000 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 19 956 000 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82).

04 03 51 Tlestija ta' Progress

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	11 400 000	p.m.	24 802 431	94 214,86	47 872 724,12

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji preċedenti skont il-Programm tal-Komunità għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali (PROGRESS).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 51 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1) emendata bid-Deċiżjoni Nru 284/2010/Unjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 6).

04 03 52 ***Tlestija ta' EURES***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	2 000 000	p.m.	8 579 394	0,—	17 694 831,36

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti fir-rigward tal-*ex* Artikolu 04 03 04.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2).

Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1).

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 52 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/8/KE tat-23 ta' Diċembru 2002 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1612/68 fir-rigward tal-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg (ĠU L 5, 10.1.2003, p. 16).

04 03 53 ***Tlestija ta' attivitajiet oħra***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	2 000 000	p.m.	8 180 353	67 056,65	1 138 318,15

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti fir-rigward tal-*ex* Artikoli 04 04 07, 04 04 12 u 04 04 15.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-linja baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jitnisslu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 1957 dwar it-termini ta' referenza u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Minjieri (ĠU 28, 31.8.1957, p. 487/57).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/325/KE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar it-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv dwar is-sigurtà, l-iġjene u l-ħarsien tas-saħħa fuq ix-xogħol (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/326/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar l-estensjoni tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni għas-Sigurtà u s-Saħħa fil-Minjieri lill-industriji kollha tal-estrazzjoni tal-minerali (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1) u d-direttivi individwali assoċjati.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/171/KE tat-23 ta' Frar 1998 dwar l-attivitajiet Komunitarji li għandhom x'jaqsmu mal-analiżi, ir-riċerka u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u s-suq tax-xogħol (ĠU L 63, 4.3.1998, p. 26).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill fis-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex tikkumbatti d-diskriminazzjoni (2001 sa 2006) (2000/750/KE) (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 23).

KUMMISSJONI
TITOLU 04 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI

KAPITOLU 04 03 — IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI *(ikompli)*

04 03 53 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 50/2002/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-esklużjoni (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1145/2002/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar il-miżuri Komunitarji ta' inċentivazzjoni fil-qasam tax-xogħol (ĠU L 170, 29.6.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2003/C 218/01) tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm relatat mal-qafas strateġiku tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni tal-Komunità biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 9).

Id-Deċiżjoni Nru 1098/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010) (ĠU L 298, 7.11.2008, p. 20).

Id- Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1).

Atti ta' referenza

05 04 60 03 L-assistenza teknika operattiva immaniġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri parti mill-pakkett nazzjonali għall-assistenza teknika trasferit lill-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru li qiegħed jaffaċċja diffikultajiet baġitarji temporanji. F'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, hija maħsuba li tkopri miżuri biex tidentifika, tipprijoritizza u timplimenta riformi strutturali u amministrattivi b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali f'dan l-Istat Membru.

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 05	STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI								
05 05 01	***Programm Speċjali tal-Adeżjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (Sapard) — Tlestija ta' miżuri preċedenti (ta' qabel l-2014)***								
05 05 01 01	Strument ta' qabel l-adeżjoni Sapard — Tlestija tal-programm (2000 sa 2006)	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 05 01 02	Strument ta' qabel l-adeżjoni Sapard — Tlestija tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni b'rabta ma' tmien pajjiżi kandidati	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu 05 05 01 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 05 02	***Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni għall-Iżvilupp Rurali (IPARD) — Tlestija tal-programm (2007 sa 2013)***	4	p.m.	375 000 000	p.m.	143 793 016	0,—	158 726 294,26	42,33
05 05 03	***Appoġġ lill-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo [1], il-Montenegro, is-Serbja u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja***								
05 05 03 01	Sostenn għal riformi politiċi u allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
05 05 03 02	Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni	4	43 000 000	9 000 000	25 000 000	7 917 659	0,—	0,—	0
	Artikolu 05 05 03 — Subtotal		43 000 000	9 000 000	25 000 000	7 917 659	0,—	0,—	0
05 05 04	***Sostenn lit-Turkija***								
05 05 04 01	Sostenn għal riformi politiċi u allinjament tal-progress relatat mal-*acquis* tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 05 04	*(ikompli)*								
05 05 04 02	Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni	4	69 000 000	41 400 000	69 000 000	25 458 317	0,—	0,—	0
	Artikolu 05 05 04 — Subtotal		69 000 000	41 400 000	69 000 000	25 458 317	0,—	0,—	0
	Kapitolu 05 05 — Total		**112 000 000**	**425 400 000**	**94 000 000**	**177 168 992**	**0,—**	**158 726 294,26**	**37,31**

(1) Din in-nomina hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet 1244 (1999) u l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja opinjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo.

05 05 01 Programm Speċjali tal-Adeżjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (Sapard) — Tlestija ta' miżuri preċedenti (ta' qabel l-2014)

Kummenti

Il-bażi ġuridika li ġejja tapplika għall-Partiti kollha ta' dan l-Artikolu, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-appoġġ Komunitarju għall-miżuri ta' qabel l-adeżjoni għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant waqt il-perijodu ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 87).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2257/2004 tal-20 ta' Diċembru li jemendaw ir-Regolamenti (KEE) Nru 3906/89, (KE) Nru 1267/1999, (KE) Nru 1268/1999 u (KE) Nru 2666/2000, biex jittieħed kont tal-istatus ta' kandidatura tal-Kroazja (ĠU L 389, 30.12.2004, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

05 05 01 01 Strument ta' qabel l-adeżjoni Sapard — Tlestija tal-programm (2000 sa 2006)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ikklerjar tal-impenji li saru sal-31 ta' Diċembru 2006 fil-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja għal miżuri ta' sostenn marbuta mal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali taħt Sapard.

Irrispettivament mill-benefiċjarju, mhix awtorizzata l-ebda nefqa amministrattiva f'din il-Partita.

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 05 01 *(ikompli)*

05 05 01 02 Strument ta' qabel l-adeżjoni Sapard — Tlestija tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni b'rabta ma' tmien pajjiżi kandidati

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-approvazzjoni ta' impenji li saru sal-31 ta' Diċembru 2003 għal miżuri ta' sostenn marbuta mal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali taħt Sapard fit-tmien pajjiżi kandidati li saru Stati Membri fl-2004.

Irrispettivament mill-benefiċjarju, mhi awtorizzata l-ebda nefqa amministrattiva f'din il-Partita.

05 05 02 Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni għall-Iżvilupp Rurali (IPARD) — Tlestija tal-programm (2007 sa 2013)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	375 000 000	p.m.	143 793 016	0,—	158 726 294,26

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti relatati ma' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

05 05 03 Appoġġ lill-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo [1], il-Montenegro, is-Serbja u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

05 05 03 01 Sostenn għal riformi politiċi u allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

[1] Din in-nomina hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet 1244 (1999) u l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja opinjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo.

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 05 03 *(ikompli)*

05 05 03 01 *(ikompli)*

Kummenti

Skont l-Istrument ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-approprjazzjoni se tindirizza l-objettivi speċifiċi li ġejjin fil-Balkani tal-Punent:

— sostenn għar-riformi politiċi,

— tisħiħ tal-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) No 231/2014 fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam tar-riformi politiċi billi jsostnu l-allinjament progressiv mal-acquis tal-Unjoni u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu determinati mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, permezz tal-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4% tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(a) u (c) tiegħu.

05 05 03 02 Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
43 000 000	9 000 000	25 000 000	7 917 659	0,—	0,—

Kummenti

Skont l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-approprjazzjoni se tindirizza l-objettivi speċifiċi li ġejjin fil-Balkani tal-Punent:

— Tipprovdi sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali, li jimmira għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

KAPITOLU 05 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 05 03 *(ikompli)*

05 05 03 02 *(ikompli)*

— Issaħħaħ l-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) No 231/2014 fil-livelli kollha biex tissodisfa l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali billi ssostni l-allinjament progressiv mal-acquis tal-Unjoni u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu, inkluż il-preparazzjoni għall-ġestjoni tal-Fondi Strutturali tal-Unjoni, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu determinati mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, permezz tal-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4% tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(b) u (c) tiegħu.

05 05 04 ***Sostenn lit-Turkija***

05 05 04 01 Sostenn għal riformi politiċi u allinjament tal-progress relatat mal-*acquis* tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Skont l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-approprjazzjoni se tindirizza l-objettivi speċifiċi li ġejjin fit-Turkija:

— is-sostenn għar-riformi politiċi,

— tisħiħ tal-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) No 231/2014 fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam tar-riformi politiċi billi jsostnu l-allinjament progressiv mal-acquis tal-Unjoni u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu determinati mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, permezz tal-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4% tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 05 04 *(ikompli)*

05 05 04 01 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11) u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(a) u (c) tiegħu.

05 05 04 02 Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
69 000 000	41 400 000	69 000 000	25 458 317	0,—	0,—

Kummenti

Skont l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-approprjazzjoni se tindirizza l-objettivi speċifiċi li ġejjin fit-Turkija:

— Tipprovdi sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali, li jimmira għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

— Issaħħaħ l-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) No 231/2014 fil-livelli kollha biex tissodisfa l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali billi ssostni l-allinjament progressiv mal-acquis tal-Unjoni u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tiegħu, inkluż il-preparazzjoni għall-ġestjoni tal-Fondi Strutturali tal-Unjoni, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew il-persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu determinati mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, permezz tal-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja ta' mhux iktar minn 4% tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014. p. 11) u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(a) u (c) tiegħu.

KAPITOLU 05 06 — ASPETTI INTERNAZZJONALI TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 06	ASPETTI INTERNAZZJONALI TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI"								
05 06 01	***Ftehimiet agrikoli internazzjonali***	4	6 966 518	6 966 518	4 675 000	4 201 456	1 806 025,54	1 806 025,54	25,92
	Kapitolu 05 06 — Total		**6 966 518**	**6 966 518**	**4 675 000**	**4 201 456**	**1 806 025,54**	**1 806 025,54**	**25,92**

05 06 01 Ftehimiet agrikoli internazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 966 518	6 966 518	4 675 000	4 201 456	1 806 025,54	1 806 025,54

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ftehimiet internazzjonali msemmija hawn taħt.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE tat-13 ta' Novembru 1992 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor 1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE tad-19 ta' Diċembru 1995 rigward l-approvazzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni dwar in-Negozju taż-Żrieragħ u l-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari, li tikkostitwixxi l-Ftehim taż-Żrieragħ Internazzjonali 1995 (ĠU L 21, 27.1.1996, p. 47).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/800/KE tal-14 ta' Novembru 2005 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, 2005 (ĠU L 302, 19.11.2005, p. 46)

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 54(2)(d).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/139/UE tat-18 ta' Marzu 2013 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 77, 20.03.2013, p. 2).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/138/UE tat-18 ta' Marzu 2013 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ tac-Ċereali tal-1995 (ĠU L 77, 20.03.2013, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 06 — ASPETTI INTERNAZZJONALI TAL-QASAM TA' POLITIKA "AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI" *(ikompli)*

05 06 01 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/664/UE tal-15 ta' Settembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ dwar l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2005 dwar iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda (ĠU L 275, 17.9.2014, p. 6).

Atti ta' referenza

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill, sottomessa mill-Kummissjoni fit-12 ta' Frar 2015, li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ b'rabta mal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 (COM(2015) 52).

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (COM(2015) 53).

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 07 — AWDITJAR TAN-NEFQA AGRIKOLA FFINANZJATA MILL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
05 07	AWDITJAR TAN-NEFQA AGRIKOLA FFINANZJATA MILL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)					
05 07 01	***Kontroll tan-nefqa agrikola***					
05 07 01 02	Miżuri ta' monitoraġġ u preventivi — Pagamenti diretti mill-Unjoni	2	9 130 000	6 800 000	6 799 667,58	74,48
05 07 01 06	Nefqa għal korrezzjonijiet favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-ikklerjar kontabilistiku tal-kontijiet tas-sena preċedenti fir-rigward tal-immaniġġar konġunt iddikjarati fl-ambitu tat-Taqsima Garanzija tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u fl-ambitu tal-FAEG	2	20 000 000	20 000 000	19 204 745,65	96,02
05 07 01 07	Nefqa għal korrezzjonijiet favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-ikklerjar ta' konformità tal-kontijiet tas-sena preċedenti fir-rigward tal-immaniġġar konġunt iddikjarati fl-ambitu tat-Taqsima Garanzija tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u fl-ambitu tal-FAEG	2	p.m.	p.m.	505 183,59	
	Artikolu 05 07 01 — Subtotal		29 130 000	26 800 000	26 509 596,82	91,00
05 07 02	***Solviment ta' tilwimiet***	2	29 500 000	60 500 000	92 327 649,50	312,98
	Kapitolu 05 07 — Total		**58 630 000**	**87 300 000**	**118 837 246,32**	**202,69**

Kummenti

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 6 7 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali għal kwalunkwe Partita f'dan il-kapitolu f'konformità mal-Artikolu 21 u l-Artikolu 174 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-bażi ġuridika li ġejja tapplika għall-artikoli u l-partiti kollha ta' dan il-kapitolu sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2, (EC) No 814/2000, (EC) No 1290/2005 and (EC) No 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 07 — AWDITJAR TAN-NEFQA AGRIKOLA FFINANZJATA MILL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)
(ikompli)

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/ and (EC) No 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

05 07 01 Kontroll tan-nefqa agrikola

05 07 01 02 Miżuri ta' monitoraġġ u preventivi — Pagamenti diretti mill-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
9 130 000	6 800 000	6 799 667,58

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri nefqa għat-twettiq ta' kontrolli sensorji remoti f'konformità mal-Artikoli 6 (b) u 21 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

05 07 01 06 Nefqa għal korrezzjonijiet favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-ikklerjar kontabilistiku tal-kontijiet tas-sena preċedenti fir-rigward tal-immaniġġar konġunt iddikjarati fl-ambitu tat-Taqsima Garanzija tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u fl-ambitu tal-FAEG

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
20 000 000	20 000 000	19 204 745,65

Kummenti

Din il-partita hija intenzjonata li tkopri r-riżultati tad-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-kontijiet skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 f'każ li dawn id-deċiżjonijiet ikunu favur l-Istati Membri.

Hija intenzjonata wkoll li tkopri r-riżultati tad-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-kontabbiltà marbuta mal-Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor meta dawn ikunu favur l-Istati Membri.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

KAPITOLU 05 07 — AWDITJAR TAN-NEFQA AGRIKOLA FFINANZJATA MILL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)
(ikompli)

05 07 01 *(ikompli)*

05 07 01 07 Nefqa għal korrezzjonijiet favur l-Istati Membri wara deċiżjonijiet dwar l-ikklerjar ta' konformità tal-kontijiet tas-sena preċedenti fir-rigward tal-immaniġġar konġunt iddikjarati fl-ambitu tat-Taqsima Garanzija tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u fl-ambitu tal-FAEG

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	505 183,59

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri r-riżultati tad-deċiżjonijiet tal-konformità mal-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fil-każ li dawn id-deċiżjonijiet ikunu favur l-Istati Membri.

Hija intenzjonata wkoll li tkopri r-riżultati tad-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità marbuta mal-Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor meta dawn ikunu favur l-Istati Membri.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

05 07 02 ***Solviment ta' tilwimiet***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
29 500 000	60 500 000	92 327 649,50

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex jakkomoda approprjazzjoni, jekk meħtieġ, biex tkopri nefqa li għaliha l-Kummissjoni tista' titqies responsabbli b'deċiżjoni ta' qorti, inkluż il-kost tal-ħlas tal-pretensjonijiet għad-danni u l-imgħax.

Hija maħsuba wkoll biex ikopri kull nefqa li l-Kummissjoni tista' twettaq skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 595/91 tal-4 ta' Marzu 1991 dwar l-irregolaritajiet u l-irkupru ta' somom ta' flus imħallsa ħażin b'konnessjoni mal-finanzjament tal-politika agrikola komuni u l-organizzazzjoni ta' sistema ta' tagħrif f'dan il-qasam (ĠU L 67, 14.3.1991, p. 11).

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 08	STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI								
05 08 01	***Netwerk tad-Data tal-Kontabilità Agrikola (FADN)***	2	15 119 325	17 487 116	15 009 325	11 783 396	14 516 206,40	13 732 660,66	78,53
05 08 02	***Stħarriġiet dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli***	2	250 000	1 500 000	19 450 000	16 070 098	249 073,94	175 242,04	11,68
05 08 03	***Ristrutturar tas-sistemi ta' stħarriġ agrikolu***	2	5 681 842	5 437 303	4 773 648	3 160 136	1 751 497,50	1 057 709,07	19,45
05 08 06	***Tisħiħ ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-politika agrikola komuni***	2	8 000 000	8 000 000	7 900 000	7 900 000	10 773 022,80	10 773 022,80	134,66
05 08 09	***Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (EAGF) — Assistenza Teknika operazzjonali***	2	4 382 000	4 382 000	2 895 000	2 895 000	1 669 972,01	1 669 972,01	38,11
05 08 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
05 08 77 01	Proġett pilota – Analiżi tal-kostijiet għall-utent aħħari tal-konformità ma' leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-ambjent, il-benesseri tal-annimali u sikurezza tal-ikel	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	675 359,12	
05 08 77 06	Azzjoni Preparatorja — Osservatorju Ewropew tal-prezzijiet u l-marġni tal-farms	2	p.m.	670 000	p.m.	300 000	86 234,04	387 670,37	57,86
05 08 77 08	Proġett pilota —— Programm ta' skambju għal bdiewa żgħażagħ	2	p.m.	299 969	p.m.	899 905	0,—	599 936,40	200,00

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/ 2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 08 77	*(ikompli)*								
05 08 77 09	Azzjoni preparatorja — Riżorsi ġenetiċi tal-UE tal-pjanti u tal-annimali	2	p.m.	1 144 230	p.m.	1 250 000	1 000 000,—	0,—	0
05 08 77 10	Proġett pilota — Agropol: żvilupp ta' Reġun Mudell ta' Negozju Agrikolu trans-konfinali Ewropew	2	p.m.	480 000	p.m.	600 000	1 200 000,—	0,—	0
05 08 77 11	Proġett pilota — Agro-forestrija	2	p.m.	500 000	p.m.	500 000	1 000 000,—	0,—	0
05 08 77 12	Proġett pilota — Irħula Eko-Soċjali	2	400 000	200 000					
05 08 77 13	Proġett pilota — Titjib fil-prevenzjoni tal-kriżijiet u tal-kriterji u l-istrateġiji ta' ġestjoni fis-settur agrikolu	2	300 000	150 000					
05 08 77 14	Proġett pilota — Ristrutturar tal-katina tan-naħal u l-programm ta' trobbija u selezzjoni reżistenti għall-Varroa	2	700 000	350 000					
05 08 77 15	Proġett pilota — Analiżi tal-aqwa modi kif l-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) jistgħu jiġu ffurmati, iwettqu l-attivitajiet tagħhom u jingħataw appoġġ	2	300 000	150 000					
	Artikolu 05 08 77 — Subtotal		1 700 000	3 944 199	p.m.	3 549 905	3 286 234,04	1 662 965,89	42,16
05 08 80	***Parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Wirja Universali 2015 "Ikel għall-Pjaneta: Enerġija għall-Ħajja" f'Milan***	2	300 000	805 000	5 303 400	5 108 405	8 030 000,—	2 973 552,20	369,39
	Kapitolu 05 08 — Total		**35 433 167**	**41 555 618**	**55 331 373**	**50 466 940**	**40 276 006,69**	**32 045 124,67**	**77,11**

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

Kummenti

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 6 7 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 21 u 174 tar-Regolament Finanzjarju.

Il-bażi ġuridika li ġejja tapplika għall-artikoli u l-partiti kollha ta' dan il-kapitolu sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

05 08 01 Netwerk tad-Data tal-Kontabilità Agrikola (FADN)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 119 325	17 487 116	15 009 325	11 783 396	14 516 206,40	13 732 660,66

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-iffinanzjar ta' tariffi standard u l-iżvilupp ta' faċilitajiet għall-ġbir, l-ipproċessar, l-analiżi, il-pubblikazzjoni u t-tqassim tad-dejta tal-kontabilità tal-irziezet u l-analiżi tar-riżultati.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea (verżjoni kodifikata) (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27).

05 08 02 Stħarriġiet dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
250 000	1 500 000	19 450 000	16 070 098	249 073,94	175 242,04

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjonijiet għall-iffinanzjar ta' stħarriġ statistiku meħtieġ biex jiġu sorveljati l-istrutturi tal-Unjoni, inkluża l-bażi tad-dejta Eurofarm.

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 08 02 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar stħarriġ dwar strutturi tal-irziezet u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14)

05 08 03 ***Ristrutturar tas-sistemi ta' stħarriġ agrikolu***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 681 842	5 437 303	4 773 648	3 160 136	1 751 497,50	1 057 709,07

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa għat-titjib ta' sistemi ta' statistika agrikola fl-Unjoni,

— sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi max-xiri u l-konsultazzjoni tal-bażijiet tad-dejta,

— sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi mal-immudellar tas-settur aġrikolu u previżjonijiet ta' terminu qasir u terminu medju tax-xejriet tas-suq u tal-istrutturi agrikoli, u mad-disseminazzjoni tar-riżultati,

— sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet għall-applikazzjoni tad-detezzjoni mill-boġhod, kampjunar skont l-erja u mudelli agrometeoroloġiċi għall-istatistika agrikola,

— sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi mat-twettiq tal-analiżijiet ekonomiċi u l-iżvilupp ta' indikaturi fil-qasam tal-politika agrikola,

— sussidji, nefqa kuntrattwali u nefqa li tinvolvi pagamenti għal servizzi konnessi ma' miżuri meħtieġa għall-analiżi, ġestjoni, monitoraġġ tar-riżorsi agrikoli u l-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni f'konformità mal-Artikoli 6(c) u 22 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Qafas Komuni tal-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni f'konformità mal-Artikoli 6(a) u 110 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

— impenji pendenti magħmula skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 78/2008 tal-21 ta' Jannar 2008.

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 08 03 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/411/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar it-titjib tal-istatistiċi agrikoli tal-Komunità (ĠU L 162, 1.7.1996, p. 14).

Id-Deċiżjoni Nru 1445/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2000 dwar l-appplikazzjoni ta' stħarriġ mill-ajru u metodi ta' teknika ta' remote-sensing għall-statistiċi agrikoli għal 1999 sa 2003 (ĠU L 163, 4.7.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 78/2008 tal-21 ta' Jannar 2008 dwar il-miżuri li l-Kummissjoni għandha twettaq għall-perjodu 2008-2013 bl-użu tal-applikazzjonijiet ta' telerilevament implimentati fil-qafas tal-politika agrikola komuni (ĠU L 25, 30.1.2008, p. 1).

05 08 06 ***Tisħiħ ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-politika agrikola komuni***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
8 000 000	7 900 000	10 773 022,80

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-finanzjament ta' miżuri ta' informazzjoni mill-Unjoni mmirati li jgħinu jispjegaw, jimplimentaw u jiżviluppaw il-politika agrikola komuni u biex irawmu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-kontenut u l-objettivi tagħha kif previst fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Il-miżuri jistgħu jkunu fil-forma ta' programmi ta' ħidma annwali jew miżuri speċifiċi oħrajn ippreżentati minn partijiet terzi u/jew huma attivitajiet implimentati fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

05 08 09 ***Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (EAGF) — Assistenza Teknika operazzjonali***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
4 382 000	2 895 000	1 669 972,01

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri n-nefqa f'konformità mal-Artikolu 6(a) u (d) sa (f) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 08 09 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tinkludi wkoll in-nefqa għall-istabbilment ta' bank tad-dejta analitiku għall-prodotti tal-inbid prevista fl-Artikolu 89(5)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

05 08 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

05 08 77 01 Proġett pilota – Analiżi tal-kostijiet għall-utent aħħari tal-konformità ma' leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-ambjent, il-benesseri tal-annimali u sikurezza tal-ikel

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	675 359,12

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Il-proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 06 Azzjoni Preparatorja — Osservatorju Ewropew tal-prezzijiet u l-marġni tal-farms

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	670 000	p.m.	300 000	86 234,04	387 670,37

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 08 77 *(ikompli)*

05 08 77 08 Proġett pilota —— Programm ta' skambju għal bdiewa żgħażagħ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	299 969	p.m.	899 905	0,—	599 936,40

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Il-proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 09 Azzjoni preparatorja — Riżorsi ġenetiċi tal-UE tal-pjanti u tal-annimali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 144 230	p.m.	1 250 000	1 000 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 08 77 *(ikompli)*

05 08 77 10 Proġett pilota — Agropol: żvilupp ta' Reġun Mudell ta' Negozju Agrikolu transkonfinali Ewropew

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	480 000	p.m.	600 000	1 200 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2), tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 11 Proġett pilota — Agroforestrija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	500 000	p.m.	500 000	1 000 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 08 77 *(ikompli)*

05 08 77 12 Proġett pilota — Irħula Eko-Soċjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
400 000	200 000				

Kummenti

Id-depopolazzjoni rurali toħloq sfidi komuni madwar l-Unjoni u hija partikolarment akuta fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Il-proġett tal-irħula eko-soċjali intelliġenti se jiżviluppa mudelli għal għadd ta' tipi differenti ta' "raħal intelliġenti" fl-Unjoni, b'enfasi partikolari fuq il-pajjiżi fil-grupp Visegrád.

Il-proġett joħloq mudelli replikabbli u soċjalment utli, se jaġixxi bħala inċentiv billi jidentifika prattiki li rnexxew, u jipprovdi appoġġ permezz ta' metodu ICT/online.

Il-proġett jiffoka fuq l-iżvilupp tat-tkabbir u l-impjiegi f'żoni rurali billi:

— jiġu analizzati karatteristiċi komuni ta' rħula rurali fl-Unjoni (b'enfasi partikolari fuq il-pajjiżi fil-grupp Visegrád): infrastruttura, diversi riżorsi, servizzi, aċċess għas-swieq, l-opportunitajiet tas-Suq Uniku Diġitali, konnessjonijiet urbani-rurali, rabtiet mal-bijoekonomija u l-ekonomija ċirkolari (innovazzjoni, biedja bi preċiżjoni, ġestjoni ambjentali, enerġiji rinnovabbli lokali, katina tal-provvista, servizzi, ikel lokali), opportunitajiet għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja u l-impjieg, filwaqt li titqies l-importanza tan-nisa u ż-żgħażagħ;

— jiġu identifikati u dokumentati l-aħjar prattiki u programmi effettivi fiż-żoni rurali fl-UE, tiġi analizzata l-ġestjoni ambjentali u tal-irħula sostenibbli bi qbil mal-karatteristiċi t'ħawn fuq. Il-proġett juża studji tal-każ reġjonali, iffilmjar, ICT u dokumentazzjoni u jidentifika l-aħjar prattiki;

— jiġu valutati l-istudji tal-każ bl-involviment tal-amministrazzjoni lokali, l-akkademiċi, il-komunitajiet lokali, is-settur privat u l-NGOs f'żoni rurali;

— jiġu żviluppati mudelli replikabbli u orjentati lejn l-element eko-soċjali għall-irħula intelliġenti, u jiġi pprovdut appoġġ fl-IT operattiv.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 08 77 *(ikompli)*

05 08 77 13 Proġett pilota — Titjib fil-prevenzjoni tal-kriżijiet u tal-kriterji u l-istrateġiji ta' ġestjoni fis-settur agrikolu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
300 000	150 000				

Kummenti

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli jipprovdi miżuri ta' prevenzjoni u ġestjoni ta' kriżijiet orizzontali u settorjali fl-agrikultura.

Madankollu, ir-Regolament lanqas jiddefinixxi jew jispeċifika xi tfisser "sitwazzjoni ta' kriżi". Għalhekk hu essenzjali li tiġi stabbilita tipoloġija ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Il-proġett pilota ser jistabbilixxi lista ta' parametri li jiċċaraw u jissimplifikaw l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni u ġestjoni tal-kriżijiet fl-agrikultura.

Jista' jivvaluta wkoll il-fattibilità li jiġu stabbiliti "osservaturi/osservatorji tas-suq" li r-rwol tagħhom ikun li jipprovdu bażi għall-indirizzar aħjar ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi u l-volatilità tas-suq billi jipprovdu twissija bikrija tal-ħtieġa li jittieħdu kontromiżuri.

L-għan ewlieni hu li jiċċara l-kriterji għall-attivazzjoni tal-istrumenti disponibbli lill-bdiewa Ewropej biex jaffrontaw l-esponiment kemm għad-diżastri naturali kif ukoll għall-flutwazzjonijiet tas-suq, li gradwalment saru iktar komuni f'dawn l-aħħar snin.

Jeħtieġ li l-Ewropa tgħammar lilha nnifisha bir-riżorsi meħtieġa biex tamministra l-kriżijiet fis-settur agrikolu b'mod iktar effettiv.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

05 08 77 14 Proġett pilota — Ristrutturar tal-katina tan-naħal u l-programm ta' trobbija u selezzjoni reżistenti għall-Varroa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
700 000	350 000				

KUMMISSJONI
TITOLU 05 — AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI

KAPITOLU 05 08 — STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI *(ikompli)*

05 08 77 *(ikompli)*

05 08 77 14 *(ikompli)*

Kummenti

L-għajbien tan-naħal iħalli impatt madwar l-Unjoni, filwaqt li jikkawża tnaqqis tad-dakkir u theddida għall-bijodiversità u s-saħħa pubblika. L-Unjoni għandha tkun kapaċi tindirizza din il-problema billi tiżviluppa strateġija ekonomika ġenwina mill-produzzjoni għall-konsum, li tiffoka fuq il-katina ta' produzzjoni sħiħa tal-għasel.

Dan il-proġett pilota se jgħaqqad id-diversi strateġiji tal-Unjoni dwar l-innovazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-ħolqien ta' impjiegi sabiex joħloq rabta bejniethom u l-l-Politika Agrikultura Komuni u jappoġġa t-tlestija ta' agrikoltura iktar lejn sostenibbiltà ikbar u riċerka prattika dwar it-trobbija ta' popolazzjoni ta' naħal reżistenti għall-Varroa b'mod partikolari.

Il-metodoloġija:

— l-implimentazzjoni ta' serje ta' azzjonijiet komplementarji u integrati, jiġifieri selezzjoni ġenetika (b'mod partikolari selezzjoni ta' reżistenza għall-Varroa), trobbija u konservazzjoni, taħriġ fl-apikultura/sanità (imġiba tan-naħal, tekniki veterinarji u sanitarji);

— appoġġ għall-irziezet lokali ta' riproduzzjoni/trobbija tal-friegħ u rġejjen tan-naħal;

— kooperazzjoni ma' xjentisti u istituzzjonijiet xjentifiki rilevanti, sabiex tinkiseb sinerġija massima (inkluż ma' Programmi ta' riċerka tal-Unjoni eżistenti dwar in-naħal).

Hemm ħtieġa kbira ta' riċerka applikata speċifikata, b'mod partikolari dwar is-selezzjoni reżistenti għall-Varroa, sabiex jiġi salvat in-naħal, kif ukoll għall-finanzjament ta' arranġamenti biex il-voluntiera jingħataw l-aċċess għar-riżultati ta' riċerka fundamentali minn proġetti ta' apikultura f'istituti xjentifiċi appoġġati mill-Unjoni.

Il-kondiviżjoni ta' għarfien u l-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' din il-metodoloġija u għall-għodod ta' komunikazzjoni rilevanti ma jistgħux jiġu ffinanzjati taħt il-programm eżistenti. Ċentru Ewropew għat-Taħriġ fl-Apikultura tal-ewwel xorta tiegħu jipprovdi bażi għall-interess fil-kwistjonijiet segwenti: riċerka, selezzjoni u konservazzjoni, ripopolament u bijodiversità.

06 02 02 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2) u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 328, L 7.12.2013, p. 42) jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 36 370 000. Ammont ta' EUR 1 551 450 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 34 818 550 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

Atti ta' referenza

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward tal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sikurezza ta' ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u l-ġestjoni tas-sistema tal-informazzjoni (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 16).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2008 tat-23 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 593/2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 46).

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 02 *(ikompli)*

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 628/2013 tat- 28 ta' Ġunju 2013 dwar metodi ta' operat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni u għal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-regoli fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 46).

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 319/2014 tas-27 ta' Marzu 2014 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 593/2007 (ĠU L 93, 28.3.2014, p. 58).

06 02 03 ***Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima***

06 02 03 01 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
29 549 032	29 523 073	30 282 323	30 282 323	31 708 322,15	31 708 322,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3) bl-eċċezzjoni tal-miżuri kontra t-tniġġis (ara l-partita 06 02 03 02).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 inklużi miżuri kontra t-tniġġis tammonta għal total ta' EUR 53 379 372. Ammont ta' EUR 2 230 340 li ġej mill-irkupru ta' eċċess, jiżdied mal-ammont ta' EUR 51 149 032 imdaħħal fil-baġit.

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 03 *(ikompli)*

06 02 03 01 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

06 02 03 02 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima— Miżuri kontra t-tniġġis

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 600 000	17 811 801	20 600 000	12 968 852	20 271 153,—	7 961 583,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri miżuri ta' kontra t-tniġġis kif provdut fir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Hija f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex testendi l-kompiti tal-EMSA biex jinkludu rispons għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat mill-installazzjonijiet lil hinn mill-kosta għall-isfruttar taż-żejt u l-gass.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 115).

06 02 04 ***Aġenzija Ferrovjarja Ewropea***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
25 213 000	25 213 000	24 659 000	24 659 000	25 721 664,40	25 715 600,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2) u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 04 *(ikompli)*

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 26 000 000. Ammont ta' EUR 787 000, li ġej mill-irkupru ta' eċċess, jiżdied mal-ammont ta' EUR 25 213 000 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Ir-Regolament tal-Aġenzija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1; rettifika: ĠU L 220, 21.6.2004, p. 3).

Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (Id-Direttiva tas-Sigurtà tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (COM(2013)0027).

06 02 05 ***Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tat-trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
12 705 000	15 621 386	12 363 000	17 405 878	17 339 491,42	15 434 883,84

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 05 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa għal studji u laqgħat ta' esperti marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, il-konferenzi u l-avvenimenti li jippromwovu attivitajiet fis-settur tat-trasport kif ukoll il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati li huma marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-politika tat-trasport, kif ukoll is-sikurezza u l-protezzjoni tal-utenti tat-trasport.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummmissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kwalunkwe tip li hija meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport tal-Unjoni, għal modi kollha tat-trasport (tat-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u minn passaġġi tal-ilma interni) u għas-setturi kollha tat-trasport (is-sikurezza tat-trasport, is-suq intern tat-trasport bir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, l-ottimizzazzjoni tan-netwerk tat-trasport, id-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport, l-użu ta' fjuwils alternattivi fil-modi kollha tat-trasport, l-akkwist ta' vetturi nodfa u l-mobilità urbana, id-dejta dwar l-impjiegi, kif ukoll għas-setturi l-oħrajn kollha relatati mat-trasport). L-azzjonijiet u l-objettivi prinċipali approvati huma maħsuba li jsostnu il-politika komuni tat-trasport tal-Unjoni, inkluż l-estensjoni għal pajjiżi terzi, l-assistenza teknika għall-modi u s-setturi kollha tat-trasport, it-taħriġ speċifiku, id-definizzjoni tar-regoli tas-sikurezza tat-trasport, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, l-użu ta' teknoloġiji tal-ICT, il-kontribuzzjoni għall-proċess ta' standardizzazzjoni, u l-promozzjoni ta' politika komuni tat-trasport inkluż l-istabiliment u l-implimentazzjoni tal-orjentazzjoni ta' netwerk trans-Ewropew approvat mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-tishiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport u biex jitjiebu l-applikazzjoni u l-infurzar tar-Regolamenti eżistenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet ta' trawwim ta' sensibilizzazzjoni dwar il-kontenut ta' dawk ir-Regolamenti, immirati kemm lejn l-industrija tat-trasport kif ukoll lejn il-pubbliku li jivvjaġġa.

It-trasport marittimu u l-loġistika

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija tat-trasport marittimu tal-Unjoni, f'konformità mal-objettivi definiti fil-White Paper dwar il-futur tat-trasport.

Din tinkludi analiżi tal-iżviluppi ekonomiċi u teknoloġiċi, sostenn għan-negozjati internazzjonali, żvilupp u interpretar tar-regoli tal-kabotaġġ, segwitu għall-ilmenti u l-ksur tal-proċeduri, żvilupp u implimentazzjoni ta' azzjonijiet għall-promozzjoni tat-Trasport Marittimu fuq Distanzi Qosra, simplifikazzjoni amministrattiva u użu ta' sistemi tal-ICT fis-settur tat-trasport fuq l-ilma u l-loġistika, kif ukoll sostenn għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur tat-trasport marittimu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija tal-Unjoni għal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija, inkluż l-aġenda diġitali tat-trasport u l-loġistika, tipprovdi qafas u azzjonijiet għal sistemi tal-informazzjoni u ġestjoni tat-trasport interoperabbli multimodali u kwistjonijiet ta' standardizzazzjoni relatati, Tieqa Unika (Ewropea) amminsitrattiva għat-trasport multimodali, dokument uniku tat-traspoet u reġim multimodali tar-responsabbiltà.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri wkoll l-iżvilupp ta' qafas ta' referenza dwar il-kalkolaturi tal-marka tal-karbonju, segwitu għal ċaqliqa modali (preċedentament magħruf bħala l-programm Marco Polo), li jsostni l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni tat-tagħmir u t-trasport ikkombinat.

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 05 *(ikompli)*

Sikurezza marittima

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni (valutazzjoni tal-impatt) tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima, li tipproteġi l-ambjent marittimu u tippromwovi l-kwalifiki u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-baħħara.

Drittijiet tal-passiġġieri

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa fuq l-azzjonijiet ta' monitoraġġ, evalwazzjoni, reviżjoni u sensibilizzazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri.

B'rabta mar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1), il-Kummissjoni jeħtieġ li tiżviluppa miżuri addizzjonali li jagħmlu l-infurzar ta' dak ir-Regolament iktar effiċjenti. L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobilità mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti (ĠU L 285, 17.10.1997, p. 1) ukoll iridu jiġu żgurati.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14) teħtieġ azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni minħabba rekwiżiti ta' rappurtar legali tal-Kummissjoni u minħabba l-interazzjoni kumplessa ta' strutturi amministrattivi reġjonali, nazzjonali u internazzjonali (COTIF) involuti fl-implimentazzjoni.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1) jirrikjedi azzjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni u l-infurzar korretti tiegħu fl-Istati Membri u l-konformità mal-obbligi ta' rappurtar legali li għandhom l-Istati Membri lejn il-Kummissjoni.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1), jirrikjedi azzjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni u l-infurzar korretti fl-Istati Membri u l-konformità mal-obbligi ta' rappurtar legali li għandhom l-Istati Membri lejn il-Kummissjoni.

Bħala miżura importanti ta' sostenn għall-implimentazzjoni, il-Kummissjoni twettaq azzjonijiet immirati li jkopru l-Istati Membri kollha jew uħud minnhom biex trawwem is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar id-drittijiet tal-passiġġieri. Kważi terz taċ-ċittadini tal-Unjoni huma konxji mid-drittijiet u l-obbligi tagħhom meta jixtru biljett biex jivjaġġaw (31%), għalkemm 59% qalu li mhumiex konxji minnhom (Ewrobarometru dwar id-drittijiet tal-passiġġieri 2014).

Dawn l-azzjonijiet u l-għanijiet jistgħu jiġu sostnuti fl-livelli differenti (lokali, reġjonali, nazzjonali Ewropew u internazzjonali), għal kwalunkwe mod ta" trasport u għal kwalunkwe settur relatat mat-trasport, kif ukoll fl-oqsma tekniċi, teknoloġiċi, regolatorji, informattivi, ambjentali, klimatiċi u politiċi u għall-iżvilupp sostenibbli.

It-trasport bl-ajru ilu għal żmien twil wieħed mis-setturi li l-awtoritajiet tal-konsumatur jirċievu l-iktar ilmenti dwaru fl-Unjoni. Iż-żieda fin-numru ta' tranżazzjonijiet kummerċjali mwettqa b'mod elettroniku (permezz tal-internet jew il-mowbajl) irriżultat biss f'iktar ksur tal-leġiżlazzjoni tal-konsumatur tal-Unjoni.

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 05 *(ikompli)*

Wieħed mill-ilmenti prinċipali tal-konsumaturi tal-Unjoni huwa li m'hemmx mezzi effettivi ta' rimedju fl-ajruporti nfushom, b'mod partikolari meta jinqalgħu kwistjonijiet minħabba nuqqas min-naħa tal-linji tal-ajru u min-naħa ta' fornituri ta' servizzi oħrajn li jissodisfaw l-obbligi tagħhom. Għalhekk, il-konsumaturi u l-awtoritajiet tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jiġi żgurat titjib immedjat fis-sostenn tal-passiġġieri u fil-faċilitajiet ta' informazzjoni fl-ajruporti u, fl-istess ħin, biex tiżdied il-koregolamentazzjoni f'dan is-settur.

Is-sikurezza tat-toroq

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2010 'Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020' (COM (2010) 389 finali) tippreżenta seba' objettivi: l-edukazzjoni tal-utenti tat-triq, l-infurzar tar-regoli tat-traffiku, infrastruttura sikura, vetturi sikuri, l-użu ta' teknoloġija moderna, ir-rispons tal-emerġenza ta' wara l-korrimenti u l-fokus speċjali fuq utenti vulnerabbli tat-triq. Il-ħidma tkompli fuq il-proposta tal-Kummissjoni, dwar il-liċenzji tas-sewqan ġodda tal-Unjoni, u dwar ir-reviżjoni tar-regoli dwar il-kwalifika u t-taħriġ tas-sewwieqa professjonisti, dwar is-segwitu tad-Direttivi 2014/45/UE, 2014/46/UE u 2014/47/UE, u l-ħidma lejn strateġija dwar korrimenti serji tat-traffiku tat-triq. Il-ħidma tal-Kummissjoni dwar is-sikurezza fit-toroq tinkludi wkoll il-ġestjoni tal-Karta Ewropea dwar is-Sikurezza fit-Toroq, il-ġestjoni ta' regoli relatati ma' oġġetti perikoluż, il-manutenzjoni ta' bażi tad-dejta Ewropea dwar inċidenti tat-triq (CARE), is-segwitu għad-direttivi tal-ġestjoni tal-infrastruttura u tas-sikurezza fil-mini u għal diversi aspetti tas-sikurezza ta' utenti tat-toroq vulnerabbli. L-implimentazzjoni tal-Orjentazzjonijiet ta' Politika 2011–2020 tkun tirrikjedi wkoll azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni għall-iskambju ta' prassi tajbin, kampanji dwar is-sikurezza fit-toroq, sejħiet għal proposti u l-iżvilupp ta' osservatorju tas-sikurezza fit-toroq; kif ukoll l-evalwazzjonijiet tal-għażliet biex il-ħidma tas-sikurezza fit-toroq tal-Unjoni issir iktar effettiva u effiċjenti fil-futur.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u għal avvenimenti pubbliċi bħall-Jum Ewropew tas-Sikurezza Stradali annwali u inizjattivi simili ta' trawwim ta' sensibilizzazzjoni u interazzjoni maċ-ċittadini.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll li tistabbilixxi kooperazzjoni transfruntiera effiċjenti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-infurzar ta' ksur tal-liġijiet tat-traffiku favur is-sikurezza fit-toroq.

It-Trasport bl-Art

L-attivitajiet ewlenin fil-qasam tat-trasport fuq l-art jikkonċernaw l-implimentazzjoni u r-reviżjoni ta' politiki eżistenti u l-ippjanar ta' inizjattivi ġodda. Fost l-oħrajn, dan jinkludi attivitajiet f'oqsma bħal imposti tat-toroq, l-aċċess għas-suq, ir-regoli soċjali (inkluż l-infurzar tagħhom), ir-regoli tekniċi u l-aspetti internazzjonali (relazzjonijiet tat-trasport fuq l-art ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali li jindirizzaw kwistjonijiet tat-trasport fuq l-art).

Ajru Uniku Ewropew

L-implimentazzjoni sħiħa tal-Ajru Uniku Ewropew (erba' regolamenti bażiċi, ir-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004, u aktar minn għoxrin regola ta' implementazzjoni) hija prijorità prinċipali biex titjieb il-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru f'termini ta' sikurezza, kosteffikaċja tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, tnaqqis tad-dewmien fil-flussi tat-traffiku tal-ajru u l-prestazzjoni ambjentali u għalhekk tat-trasport bl-ajru fl-Ewropa.

L-estensjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew għall-Istati tax-Xlokk permezz tal-Ftehim Multilaterali dwar l-Istabbiliment ta' Żona Ewropea ta' Avjazzjoni Komuni (ECAA) huwa pass importanti biex titwettaq il-politika tal-viċinat. Din l-azzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 05 *(ikompli)*

Sikurezza tal-avjazzjoni u l-ambjent

L-użi ta' diversi għodod leġiżlattivi huma importanti biex jiżguraw is-sikurezza tal-Avjazzjoni Ewropea u biex jiżguraw il-kisba ta' tkabbir ambjentalment sostenibbli.

Skont l-Artikoli 3 sa 5 tar-regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tista' timponi projbizzjonijiet totali jew restrizzjonijiet parzjali fuq trasportaturi tal-ajru minn pajjiżi terzi li jkun ġejjin lejn l-Unjoni. F'dak il-kuntest u f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006, il-Kummissjoni, l-EASA (Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni) u esperti mill-Istati Membri jistgħu jwettqu missjonijiet ta' valutazzjoni biex jivverifikaw fuq il-post u biex jidentifikaw defiċjenzi tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru u l-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tagħhom. Il-kost taż-żjajar ta' valutazzjoni fis-sit għall-esperti nazzjonali jiġi rimborżat mill-Unjoni jew joħroġ mill-baġit tagħhom stess.

Hemm ħtieġa ċara biex dawn il-missjonijiet jiġu kkumplimentati b'iktar azzjonijiet pożittivi u preventivi kif ukoll bil-kooperazzjoni teknika *ex post* biex tassisti lill-pajjiżi konċernati mill-projbizzjoni jew restrizzjonijiet biex jikkoreġu d-defiċjenzi. Minbarra dan, il-Kummissjoni u l-EASA għandhom bħala l-objettiv tagħhom il-promozzjoni tal-oġħla standards tas-sikurezza fl-avjazzjoni madwar id-dinja.

F'dan il-kuntest, il-proġetti tal-Unjoni fuq skala kbira fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-avjazzjoni ċivili ġestiti minn Direttorati Ġenerali oħrajn (ELARG u DEVCO), li jistgħu jiġu implimentati biss fuq bażi ta' terminu ta' żmien twil, ma jipprovdux tweġibiet immedjati għal ħtiġijiet tat-terminu ta' żmien qasir.

L-objettiv ta' din l-inizjattiva huwa għalhekk li tikkumplimenta l-istrumenti eżistenti billi tistabbilixxi għodda flessibbli biex timplimenta *ad hoc* azzjonijiet preventivi u ta' assistenza (korrettiva) favur l-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru effetwati mill-projbizzjoni tal-Unjoni, fl-Unjoni. L-azzjonijiet previsti huma attivitajiet fuq skala żgħira u għat-terminu ta' żmien qasir.

Peress li l-kuntratt tas-servizz qafas konkluż bejn l-EASA u l-MOVE fl-2009 ta prova li huwa għodda effettiva u effiċjenti biex titwettaq l-assistenza teknika, ġie konkluż kuntratt ġdid mal-EASA għall-perjodu 2013-2016.

Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili fih previst l-istabiliment ta' Netwerk Ewropew ta' Awtoritajiet tal-Investigazzjoni tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili (ENCASIA). ENCASIA huwa meħtieġ jiżviluppa azzjonijiet sabiex ikompli jtejjeb il-kwalità tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza u biex isaħħaħ il-prevezjoni tal-aċċidenti fl-Unjoni. Skont dak ir-Regolament, il-Kummissjoni hija assoċjata mal-ħidma ta' ENCASIA u tipprovdi lill-ENCASIA bis-sostenn meħtieġ.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ilha mill-2003 tikkoopera mal-Eurocontrol taħt il-Memorandum ta' Kooperazzjoni marbut mas-sostenn għall-Ajru Uniku Ewropew u politiki oħrajn tal-Unjoni. Fid-19 ta' Diċembru 2012 il-Kummissjoni adottat ftehim qafas MOVE/E2/2012/FV/397-3 ġdid. L-għan ta' dan il-ftehim qafas huwa li jassissti lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki ambjentali tal-Unjoni fl-avjazzjoni. Dawn il-politiki jkopru l-istorbju u l-emissjonijiet (CO2 jew NOx), fejn l-ICAO qed tiżviluppa standards għall-inġenji tal-ajru, li huma trasposti kważi awtomatikament fil-liġi tal-Unjoni bis-saħħa tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 216/2008. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jirrikjedu l-iżvilupp ta' dejta u metodi li jikkontribwixxu għall-kapaċità tal-valutazzjoni ambjentali Ewropea globali. Dan il-fiche ma jkoprix attivitajiet ġodda iżda attivitajiet li kienu ffinanzjati taħt il-pakkett ġenerali attribwit lill-Eurocontrol.

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 05 *(ikompli)*

Finalment, il-Memorandum ta' Kooperazzjoni jkopri oqsma tal-avjazzjoni li għalih għandhom responsabbiltajiet kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-ICAO (jiġifieri s-sikurezza, l-ambjent, il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u s-sigurtà tal-avjazzjoni). Din il-kooperazzjoni msaħħa se tiżgura l-parteċipazzjoni indispensabbli fl-inizjattivi tal-ICAO u l-kontribuzzjoni għaliha f'diversi oqsma ewlenin tal-politika tal-avjazzjoni li qed isiru fil-livell globali. Dan jinkludi l-inizjattiva biex tissaħħaħ is-sikurezza tal-avjazzjoni internazzjonali fuq bażi mifruxa mad-dinja kollha, jew il-konklużjoni ta' miżuri fir-rigward tal-impatt ambjentali tal-avjazzjoni li huma aċċettabbli fid-dinja kollha. Timmira li tiżgura li l-interessi Ewropew (inkluż ta' natura industrijali, pereżempju fil-qasam tad-definizzjoni tal-istandards tekniċi madwar id-dinja kollha) jitqiesu iktar mill-ICAO. Permezz tal-ftehim, l-ICAO se tkun tista' tinġieb taċċetta, issostni u ttejjeb ir-rwol li dejjem qed isir iktar importanti li l-Organizzazzjonijiet Reġjonali jeżerċitaw fl-iżvilupp preżenti u fil-futur tal-avjazzjoni internazzjonali.

Mobilità urbana

L-approprjazzjoni hija maħsuba li ssostni l-implimentazzjoni tal-Pakkett tal-Mobilità Urbana 2013. Dan il-pakkett jimmira biex jirrinforza s-sostenn għall-bliet Ewropew biex jindirizzaw l-isfidi tal-mobilità urbana. Għal din il-fini, il-Kummissjoni se, fost oħrajn, tippromwovi studji, konferenzi, azzjonijiet ta' kampanja (bħall-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità), l-istabiliment ta' pjattaformi għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prassi.

Użu ta' fjuwils alternattivi fit-trasport

L-approprjazzjoni hija maħsuba li ssostni l-implimentazzjoni tal-istrateġija definita fil-Pakkett tal-Enerġija Nadifa għat-Trasport (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitata Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Enerġija Nadifa għat-Trasport: Strateġija Ewropea għall-fjuwils alternattivi" (COM 2013/17 final)). L-approprjazzjoni se ssostni wkoll lill-Kummissjoni bil-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-oqfsa ta' politika nazzjonali li għandhom jiġu sottomessi mill-Istati membri biex jikkonformaw mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/94/UE dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi, kif ukoll mal-preparazzjoni tar-rapporti previsti mill-Artikolu 10 ta' dik id-Direttiva. Se jkunu koperti wkoll l-attivitajiet li jsostnu l-istrateġija ta' dekarbonizzazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Fjuwils Alternattivi li għandu jiġi adottat fl-2017.

Akkwist ta' vetturi nodfa

It-traspożizzjoni kompluta tad-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, tlestiet f'Novembru 2013. Ir-riżultati tal-ewwel rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva ġew ippubblikati fit-18 ta' April 2013. L-evalwazzjoni esterna mmirata li tipprovdi rakkomandazzjonijiet tal-politika saret. L-approprajzzjoni hija maħsuba li tkopri r-rekwiżiti ta' rapportar u reviżjoni stabbiliti permezz tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija kif ukoll azzjonijiet ta' sostenn oħra (eż. attivitajiet ta' komunikazzjoni).

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (KEE) Nru 4055/86 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4057/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar prattiċi ta' prezzijiet mhux ġusti fit-trasport marittimu (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 14).

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 05 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4058/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar azzjoni koordinata sabiex jiġi ssalvagwardjat l-aċċess liberu għal tagħbijiet ta' merkanzija f'kummerċ fuq l-oċeani (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992, li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7).

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbilment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/704/KE tat-30 ta' Novembru 1993 dwar il-ħolqien ta' database tal-Komunità dwar inċidenti tat-triq (ĠU L 329, 30.12.1993, p. 63).

Id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport bit-triq ta' merkanzija perikoluża bit-triq (ĠU L 249, 17.10.1995, p. 35).

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 302, 26.11.1996, p. 28).

Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42).

Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin taxxogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

Id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbilment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 85, 28.3.2002, p. 40).

Ir-Regolament (KE) Nru 889/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2002 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti (ĠU L 140, 30.5.2002, p. 2).

Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4).

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 05 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).

Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20).

Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (Ir-Regolament ta' interoperabilità) (ĠU L 096, 31/03/2004, p. 26).

Ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124).

Id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 39).

Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15).

Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82).

Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35).

Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armmonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali marbuta mat-trasport bit-triq (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fil-Komunità kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8).

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 05 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobilità mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1).

Id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1).

Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).

Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315/14, 3.12.2007, p. 4).

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluż (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 18).

Id-Direttiva 2004/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).

Ir-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89 (ĠU L 35, 4.2.2009, p. 47).

Id-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti (ĠU L 70, 14.3.2009, p. 11).

Ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 24).

Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

Id-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 05 *(ikompli)*

Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1).

Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22).

Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35).

Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/243/UE tat-8 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni ta' Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa, u li jistabbilixxi l-arranġamenti proċedurali relatati miegħu (ĠU L 121, 8.5.2012, p. 16).

Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18).

Id-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 9).

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 06 Sigurtà tat-trasport

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 200 000	1 700 000	2 582 000	1 701 948	1 356 401,17	1 770 244,64

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, u l-implimentazzjoni tar-regoli u l-miżuri meħtieġa biex itejbu s-sigurtà tat-trasport bl-art, bl-ajru u bil-baħar, inkluż estenzjoni lejn pajjiżi terzi, assistenza teknika u taħriġ speċifiku.

L-objettivi ewlenin huma għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' regoli ta' sigurtà fil-qasam tat-trasport u b'mod partikolari:

— miżuri biex jiġu evitati atti malizjużi fis-settur tat-trasport,

— approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni, standards tekniċi u prattiċi ta' monitoraġġ amministrattiv dwar is-sigurtà tat-trasport,

— definizzjoni ta' indikaturi komuni, metodi u objettivi ta' sigurtà għas-settur tat-trasport u l-ġbir tad-data meħtieġa għal din id-definizzjoni,

— monitoraġġ ta' miżuri meħuda fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport mill-Istati Membri, bil-modi kollha tat-trasport,

— koordinazzjoni internazzjonali fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport,

— promozzjoni tar-riċerka fis-sigurtà tat-trasport.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex, b'mod partikulari, tkopri n-nefqa fuq l-istabbiliment u l-operat ta' korpi ta' spetturi li jikkontrollaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-ajruporti, portijiet u faċilitajiet tal-portijiet fl-Istati Membri, inkluża l-estensjoni għal pajjiżi terzi, u l-vapuri li jtajru l-bandiera ta' xi Stat Membru. Din in-nefqa tinkludi kumpens għas-sussistenza għal kuljum u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-ispetturi tal-Kummissjoni u l-ispejjeż tal-ispetturi mill-Istati Membri, li jiġġarbu skont id-dispożizzjonijiet stipulati f'dik il-leġiżlazzjoni. L-ispiża għat-taħriġ tal-ispetturi, għal-laqgħat ta' tħejjija u għall-provvisti meħtieġa għall-ispezzjonijiet għandhom, b'mod partikolari, jiżdiedu ma' dik in-nefqa.

Din l-appropjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa fuq l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati li huma marbuta direttament mal-ilħiq tal-mira tal-politika tat-trasport, kif ukoll is-sikurezza u l-protezzjoni tal-utenti tat-trasport.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 06 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28)

Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluży (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

06 02 51 ***Tlestija tal-programm Netwerks Trans-Ewropej***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	630 340 000	p.m.	632 817 206	208 549,23	782 315 140,52

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitàrja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 tal-21 ta' Mejju 2002 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Galileo (ĠU L 138, 28.5.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitàrja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 3512 tat-23 ta' Lulju 2007, li tistabbilixxi l-programm ta' ħidma multiannwali għal għotjiet fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew għall-perjodu 2007-2013.

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 51 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 67/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 20).

Id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 204, 5.8.2010, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2001) 2654 tad-19 ta' Settembru 2001 li tistabbilixxi programm multiannwali indikattiv għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitàrja fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għall-perjodu 2001-2006.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 6382 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment fir-rigward tal-Istrument ta' Garanzija fuq is-Self għall-Proġetti TEN-T.

06 02 52 ***It-tlestija tal-programm Marco Polo***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	19 185 423	p.m.	17 463 073	0,—	17 253 824,95

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Programm Marco Polo) (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 52 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi t-tieni programm Marco Polo għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Komunità biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Marco Polo II) (ĠU L 328 tal-24.11.2006, p. 1).

06 02 53 ***Tlestija ta' miżuri kontra t-tniġġis***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	4 688 199	p.m.	6 185 145	0,—	12 357 908,67

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-ammonti rimborsati f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1) kif emendat.

06 02 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

06 02 77 01 Azzjoni preparatorja — Informazzjoni tat-trasport Ewropew u interfaċċja għall-ibbukkjar trasport intermodali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	790 000	p.m.	790 170	0,—	207 520,80

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 77 *(ikompli)*

06 02 77 01 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 03 Azzjoni preparatorja — Bastimenti li jaħdmu b'gass naturali likwifikat (LNG)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	436 192	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 05 Proġett pilota — Ir-rwol tal-vetturi ferrovjarji fl-interoperabilità Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	500 000	250 000	0,—	0,—

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 77 *(ikompli)*

06 02 77 05 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2), tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 rigward ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 06 Azzjoni preparatorja — Avjazzjoni ġenerali — Statistika u ċifri ewlenin

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	133 986	p.m.	87 238	191 280,—	0,—

Kummenti

Għalkemm il-Kummissjoni tiġbor u tippubblika volum kbir ta' ċifri relatati mat-trasport u l-istatistika rilevanti, l-avjazzjoni ġenerali għadha ma ġietx koperta. Din l-azzjoni ta' tħejjija tipproduċi data sinifikanti dwar l-avjazzjoni ġenerali fl-Ewropa, bħall-kilometri tal-passiġġieri, il-forza tax-xogħol, il-fatturat u l-produzzjoni ekonomika. Peress li l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni se tkompli tressaq regolamenti ġodda għal dan is-settur fis-snin li ġejjin, database kompluta tista' tipprovdi valur miżjud għal regolamentazzjoni aħjar.

Din l-azzjoni ta' tħejjija tikkonforma mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2009 dwar Aġenda għal Ġejjieni Sostenibbli għall-Avjazzjoni Ġenerali u Kummerċjali (ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 5), li tevidenzja "nuqqas ta' data u informazzjoni statistika dwar l-Avjazzjoni Ġenerali u Kummerċjali" (premessa C) u tistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta "approċċ sistematiku għall-ġbir u t-tqassim tad-data internazzjonali u Ewropea" (paragrafu 27).

L-azzjoni ta' tħejjija tikkunsidra wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Aġenda għal Ġejjieni Sostenibbli għall-Avjazzjoni Ġenerali u Kummerċjali (COM(2007)0869), li tappella għal "żvilupp, fuq livell Ewropew, tas-sett bażiku ta' data objettiva u koerenti".

L-azzjoni ta' tħejjija għandha l-għan li tiġbor l-aktar data importanti dwar l-avjazzjoni ġenerali fl-Ewropa, inklużi l-għadd ta' kilometri tal-passiġġieri (disponibili u li effettivament ittajru) l-għadd ta' titjiriet b'distanza anqas minn 500 km, il-forza tax-xogħol, il-fatturat, il-produzzjoni ekonomika (inkluża data dwar l-emissjonijiet li jaffettwaw il-klima), l-impatt dirett u indirett fuq l-industriji relatati, il-kwistjonijiet marbuta mas-sikurezza, it-tassazzjoni (inklużi n-numru u l-% ta' biljetti eżenti mill-VAT u l-kwantità u l-perċentwal ta' pitrolju eżenti mit-tassazzjoni) kif ukoll l-impatti soċjali u ekonomiċi. L-azzjoni ta' tħejjija għandha l-għan ukoll li tiġbor tagħrif dwar is-servizzi ta' groundhandling ipprovduti lill-avjazzjoni ġenerali u l-qafas legali (inkluż dak soċjali) marbut mal-forniment ta' dawn is-servizzi.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 77 *(ikompli)*

06 02 77 07 Proġett Pilota — Lil hinn mit-traffiku: soluzzjonijiet ta' trasport integrati u intelliġenti għall-infrastruttura stradali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	650 000	1 300 000	650 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri l-impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti taħt dan il-proġett pilota.

Dan il-Proġett pilota jiffoka fuq l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi maħsuba għal titjib fil-loġistika urbana, is-sikurezza fit-toroq, it-trasport pubbliku, il-ġestjoni tat-traffiku u l-ippjanar tal-mobilità.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 08 Proġett pilota — sistema ta' monitoraġġ GNSS għall-vetturi tqal

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
350 000	175 000				

Kummenti

Il-proġett pilota jinvolvi studju li jivvaluta l-ambitu għall-iżvilupp ta' sistema ta' monitoraġġ GNSS fl-Ewropa għall-vetturi tqal kummerċjali. L-għan huwa li titjieb is-sikurezza tat-trasport, it-traċċabilità u l-osservanza tar-regoli u l-liġijiet u biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta. L-istudju se jeżamina l-aħjar modi biex tintuża sistema ta' monitoraġġ GNSS bil-għan li tittejjeb l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport bit-triq. Permezz ta' monitoraġġ f'ħin reali jkun possibbli li jiġu kkumbattuti l-prattiki illegali fis-settur tat-trasport u t-traffikar illegali ta' merkanzija u skart b'mod aktar effettiv u biex tiġi ċċekkjata fil-ħin reali l-informazzjoni kollha rigward trakkijiet u sewwieqa.

Abbażi tar-regolamenti u s-sistemi eżistenti (takografi diġitali li jimmonitorjaw il-ħinijiet tax-xogħol u sistemi ta' wżin abbord li jimmonitorjaw l-osservanza tal-piżijiet permessi), l-istudju se jinvolvi, fi stadji:

(1) id-definizzjoni tal-objettivi permezz ta' rieżami tal-leġiżlazzjoni li għandha tiġi mmonitorjata mis-sistema (pereżempju l-insegwiment/it-traċċar ta' oġġetti perikoluż, ir-regoli dwar is-sabutaġġ), leġiżlazzjoni ġdida li possibilment se ssir dalwaqt għall-HOVs (eż. eCall, reġistraturi tad-data tal-avvenimenti), kunsiderazzjoni tar-riżultati tal-istudju "Benefit and Feasibility of a Range of New Technologies and Unregulated Measures in the fields of Vehicle Occupant Safety and Protection of Vulnerable Road Users" ippubblikat mill-Kummissjoni f'Marzu 2015,

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 77 *(ikompli)*

06 02 77 08 *(ikompli)*

(2) id-definizzjoni tar-rekwiżiti funzjonali għall-applikazzjonijiet elenkati fil-punt (1),

(3) l-istabbiliment tal-arkitettura ta' sistema li tinkorpora takografi diġitali u li tipprovdi r-rekwiżiti tekniċi għall-moduli kollha meħtieġa għas-sistema,

(4) il-valutazzjoni tal-mekkaniżmi ta' sigurtà biex jiġu evitati l-frodi u l-imblukkar,

(5) il-verifika tal-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni fis-suq,

(6) il-valutazzjoni tal-aċċettazzjoni tal-proġett mill-industrija tat-trasport bit-triq permezz ta' konsultazzjoni miftuħa mal-partijiet ikkonċernati fi grupp ta' tmexxija li jimmonitorja l-istadji kollha tal-proġett,

(7) il-valutazzjoni tal-impatti għal leġiżlazzjoni potenzjali bil-ħsieb li s-sistema ssir obbligatorja jew "rakkomandata bis-shiħ".

Diġa' saru studji mill-Kummissjoni dwar l-aspetti tekniċi ta' tali sistema abbord integrata (stadji 1 u 3 li jidhru hawn fuq). Dan l-istudju, għalhekk, se jiffoka essenzjalment fuq l-aspetti politiċi (stadji 5 sa 7) u jidħol aktar fil-fond dwar kwistjonijiet tekniċi (stadji 1 sa 4).

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 09 Proġett pilota — Nagħmlu s-settur tat-trasport tal-UE attraenti għall-ġenerazzjonijiet futuri

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

Kummenti

Sabiex ikun kompetittiv, is-settur tat-trasport jirrikjedi forza tax-xogħol b'ħiliet avvanzati, kompetittiva, kif ukoll imħarrġa u mħejjija sew. F'numru ta' oqsma llum il-ġurnata hemm ħtieġa ċara ta' ħaddiema speċjalizzati, peress li s-suq tax-xogħol mhux qiegħed jagħti inċentivi biżżejjed biex jimtlew uħud mill-postijiet vakanti speċjalizzati f'dan is-settur, filwaqt li fl-istess ħin huwa diffiċli li jimtlew ċerti pożizzjonijiet vakanti għal impjiegi li jirrikjedu livell baxx ta' ħiliet. Fis-settur marittimu qed jintilfu għadd dejjem akbar ta' impjiegi tal-baħħara, u sar aktar u aktar diffiċli li jiġu attirati ħaddiema tal-UE lejn dan is-settur, l-aktar minħabba standards tax-xogħol eżiġenti u kundizzjonijiet ħżiena. Fl-avjazzjoni, aktar ma jgħaddi żmien, aktar piloti u membri tal-ekwipaġġ tal-kabina qed jitilqu mill-UE filwaqt li għadd dejjem akbar qed jaċċettaw arranġamenti tax-xogħol fl-UE li huma ferm aktar baxxi mill-istandards stabbiliti tajjeb f'dan is-settur.

Barra minn hekk, hemm ħtieġa urġenti li nħejju ruħna għas-sostituzzjoni imminenti tal-ħaddiema li jirtiraw fis-settur tat-trasport.

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 77 *(ikompli)*

06 02 77 09 *(ikompli)*

Objettivi:

— it-tħejjija għal dan ix-xenarju u l-għoti ta' għodod li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jeħtieġu sabiex jidentifikaw l-azzjonijiet urġenti sabiex jiġi evitat impatt negattiv fuq is-suq tax-xogħol f'dan is-settur;

— sforzi biex il-professjonijiet tat-trasport isiru aktar attraenti, jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' taħriġ u ta' tagħlim tul il-ħajja fil-livell tal-Unjoni, l-ispejjeż u l-ostakli li jxekklu l-għażla ta' xogħol fis-settur tat-trasport, u proposti għal miżuri xierqa;

— il-forniment ta' stampa komprensiva tal-ħtiġijiet tas-settur tat-trasport f'dawk li huma impjiegi u taħriġ fis-snin li ġejjin.

Azzjonijiet proposti:

— biex isir rieżami tal-profili tal-impjiegi u ta' kwalifiki edukattivi u professjonali meħtieġa għall-pożizzjonijiet l-aktar imfittxija u identifikazzjoni tal-universitajiet prinċipali, iċ-ċentri ta' tagħlim u l-istituti li jagħtu taħriġ għal pożizzjonijiet tekniċi ta' speċjalizzazzjoni avvanzata f'dan is-settur;

— biex isir studju biex jiġu rieżaminati l-opportunitajiet ta' żvilupp tal-karrieri u perkorsi ta' karrieri għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda u l-identifikazzjoni, flimkien mal-awtoritajiet rilevanti u l-partijiet interessati, inklużi s-sħab soċjali, ta' inċentivi biex ħaddiema mill-UE jingħibdu lejn is-settur, u l-ambitu li ssir rabta ma' finanzjament tal-Unjoni jew programmi ta' appoġġ tal-Unjoni bħalma hija l-Inizjattiva tal-Ewropa għaż-Żgħażagħ;

— biex isir żvilupp tal-portal fuq l-internet għall-forza tax-xogħol tal-futur li jidentifika l-possibbiltajiet prinċipali ta' karrieri u l-opportunitajiet ta' żvilupp tal-karrieri u l-ispejjeż relevanti, inkluża taqsima bil-postijiet tax-xogħol vakanti. Il-pjattaforma se tkopri l-mezzi tat-trasport kollha u l-partijiet ikkonċernati kollha. Se tinkludi wkoll għodda għall-pooling tal-esperjenzi u l-iskambju tal-aħjar prattiki. Se tinkludi tagħrif dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-perkorsi professjonali, eċċ. għal kull mezz ta' trasport. Se tingħata attenzjoni speċjali lill-apprendistat. L-udjenza primarja fil-mira se jkunu ż-żgħażagħ.

Il-pjattaforma se tinkludi wkoll:

— module dwar "infurzar aħjar" li jelenka l-materjal ta' gwida eżistenti (kemm fil-livell nazzjonali u f'dak tal-Unjoni) kif ukoll tagħrif dwar il-"kultura ġusta" u l-"kultura ta' osservanza";

— module speċjali ta' bilanċ bejn il-ġeneri li jindirizza l-kwistjoni tal-proporzjon baxx ħafna ta' ħaddiema nisa fis-settur tat-trasport li jagħti attenzjoni speċjali lit-trasport urban;

— module speċjali dwar il-ħidma tas-sħab soċjali;

— rekord, fi ħdan l-għodda tal-pooling tal-aħjar prattika, ta' kampanji reċenti u dettalji tal-effikaċja tagħhom;

— appoġġ statistiku għall-analiżi tas-suq tax-xogħol fis-settur, inklużi analiżi komparattivi ma' reġjuni oħra u inventarju ta' studji u statistika rilevanti (data disponibbli millEurostat, l-OECD u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u sorsi oħra) kif ukoll xogħlijiet fil-qasam tal-ekonomija diġitali.

Il-proġett pilota se jidentifika l-għodod disponibbli (inkluż il-finanzjament) u l-azzjonijiet kosteffikaċi li jistgħu jittieħdu fil-futur għall-promozzjoni tal-impjiegi fil-qasam tat-trasport inkluża valutazzjoni tal-inċentivi effikaċi li jistgħu jinħolqu għal prattiki soċjali tajba fis-settur tat-trasport (eż. karta soċjali jew premji soċjali).

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 77 *(ikompli)*

06 02 77 09 *(ikompli)*

Il-proġett pilota jista' wkoll jinkorpora fil-pjattaforma azzjonijiet attwali tal-Kummissjoni bħalma huma:

— l-immappjar ta' professjonijiet ewlenin fis-settur tat-trasport tal-Unjoni fejn is-sostituzzjoni tal-ħaddiema se tkun problema fis-snin li ġejjin;

— l-identifikazzjoni tal-oqsma ta' tkabbir potenzjali u ta' nuqqas potenzjali ta' riżorsi umani/għarfien espert.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 10 Azzjoni preparatorja — Belt Portwarja Intelliġenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
700 000	350 000				

Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja se l-iskambji ta' prattiki tajba fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn il-bliet u l-portijiet u proġetti innovattivi ta' bliet portwarji intelliġenti. Il-proġett jista' jiġi kkoordinat mal-azzjonijiet ta' "Bliet Intelliġenti u Sostenibbli".

Il-bliet portwarji qed jiffaċċjaw sfidi enormi fir-rigward tal-konċiljazzjoni tal-kompetizzjoni u żvilupp urban sostenibbli. Dawn l-isfidi jinkludu r-rilokazzjoni tal-funzjonijiet tal-portijiet, it-trasport tal-kontejners, l-iżvilupp mill-ġdid tal-interfaċċji tal-ibliet u taż-żoni li jagħtu għal fuq l-ilma (waterfronts), kif ukoll id-djalogu mal-abitanti tal-ibliet. It-tensjonijiet bejn l-ibliet u l-portijiet, it-turiżmu u l-industrija, iż-żoni naturali u dawk mibnija jeħtieġ li jiġu indirizzati. L-ambizzjonijiet tal-Belt Intelliġenti u tal-Belt Portwarja Intelliġenti għandhom ikunu komplementari. Belt Portwarja Intelliġenti bbażata fuq l-għarfien u l-ICT tista' taħdem id f'id mal-interfaċċji interni tal-pajjiż biex tkompli żżid aktar l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi. Fid-dawl tal-kunċett tal-awtostradi tal-baħar din il-proposta hija konformi mal-istrateġija Ewropa 2020 u r-reviżjoni tal-White Paper dwar it-Trasport u t-TEN-T.

Il-bliet u l-portijiet qed jiffaċċjaw l-istess problemi u għandhom l-istess opportunitajiet, u għalhekk għandu jkun hemm soluzzjonijiet innovattivi għal: (a) it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-tbaħħir fuq l-oċeani kif wkoll mill-operazzjonijiet tal-portijiet (b) l-iżvilupp tal-konnessjoni mat-trasport (ferrovjarju, bit-triq, fl-intern tal-pajjiż) taż-żoni interni tal-pajjiż (c) it-tisħiħ tal-użu tal-enerġija rinnovabbli u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika (d) il-promozzjoni tal-użu tal-ICT u l-interoperabilità tagħha (e) it-tisħiħ tal-kompetizzjoni tal-bliet portwarji, fid-dawl tal-pożizzjoni strateġika tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-importanza tal-konnettività bejn il-gżejjer u (f) il-promozzjoni tas-sinerġiji bejn il-belt u l-port.

Dawn l-azzjonijiet innovattivi għandu jkollhom impatt ukoll fuq it-turiżmu marittimu u kostali. L-azzjonijiet għandhom jiffukaw ukoll fuq il-faċilitajiet portwarji u d-djalogu bejn l-awtoritajiet portwarji u dawk tal-belt għall-ippjanar urban u tal-port. It-turiżmu kostali u marittimu wkoll għandu rwol x'jaqdi fid-diversifikazzjoni tal-portijiet. Din l-azzjoni preparatorja se tidentifika l-benefiċċji tal-iżvilupp tal-Belt Portwarja Intelliġenti madwar l-Ewropa u tqis is-sinifikat sħiħ tal-portijiet. L-azzjoni se tinkludi wkoll inizjattivi biex jinħoloq netwerk Ewropew ta' Bliet Portwarji Intelliġenti.

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 77 *(ikompli)*

06 02 77 10 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 11 Proġett pilota — Studju ta' fattibbiltà biex jiġi ttestjat l-użu ta' impriża konġunta pubblika-privata biex jingħata appoġġ lill-applikazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku (ERTMS) fil-kurituri tan-netwerk ewlieni kollha

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
400 000	200 000				

Kummenti

L-Unjoni ilha ħafna snin tappoġġja, permezz ta' għotjiet, l-applikazzjoni tal-ERTMS fuq il-linji ferrovjarji u abbord il-vetturi ferrovjarji bil-għan li żżid l-interoperabbiltà fi ħdan iż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u bil-għan li timmassimizza s-sikurezza fl-operazzjoni tal-ferroviji. Skont il-valutazzjonijiet preliminarji, l-ERTMS jista' jkun kapaċi jżid il-kapaċità fuq il-linji ferrovjarji eżistenti. F'Diċembru 2014 il-Koordinatur tal-Unjoni għall-ERTMS ippreżenta l-pjan ta' ħidma għall-ERTMS fejn ġiet enfasizzata l-applikazzjoni attwali tal-ERTMS fuq in-netwerks ferrovjarji u l-ħtiġijiet tal-ġejjieni. Minn dak ir-rapport johroġ ċar li se jkunu meħtieġa 50 sena u riżorsi finanzjarji sostanzjali lil hinn mill-kapaċità tal-Unjoni u tal-baġits tal-Istati Membri biex titlesta għalkollox l-applikazzjoni tal-ERTMS tul il-kurituri tan-netwerk ewlieni. Il-politika attwali tal-Unjoni li biha tagħti appoġġ lill-ERTMS permezz ta' għotjiet mill-baġit tal-UE rriżultat bħala limitata fl-effikaċja u fl-ambitu tagħha. L-involviment ta' finanzjament mis-settur privat huwa alternattiva utli.

Wara li eżaminat il-limiti tal-iskema ta' finanzjament attwali, il-Kummissjoni Ewropea kkummissjonat studju biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet imfassla apposta għall-użu ta' finanzjament innovattiv biex jingħata appoġġ lill-applikazzjoni tal-ERTMS, b'mod partikolari tul disa' kurituri tan-netwerk ewlieni. Dan l-istudju qed jeżamina alternattivi varji għall-involviment tas-settur privat u se jitlesta fl-2015, iżda sabiex jiġi ttestjat il-benefiċċju kummerċjali għall-involviment ta' finanzjament innovattiv biex jingħata appoġġ lill-ERTMS, huwa meħtieġ proġett pilota Ewropew bħala segwitu għal dak l-istudju. Fid-dawl tal-analiżi preliminari u l-esperjenzi limitati tal-Kummissjoni u tal-BEI fir-rigward tal-involviment tas-settur privat fl-applikazzjoni tal-ERTMS, dan il-proġett pilota sejivvaluta l-fattibbiltà tat-twaqqif ta' impriża konġunta pubblika-privata biex jingħata appoġġ lill-applikazzjoni tal-ERTMS fil-kurituri kollha tan-netwerk ewlieni, jew f'tal-inqas tul kuritur wieħed, bl-użu tal-qafas tal-Unjoni jew dak tal-BEI. Il-proġett pilota se jivvaluta l-fattibbiltà regolatorja, ġuridika u finanzjarja attwali tat-twaqqif ta' tali impriżi konġunti fil-livell tal-kurituri, u għaldaqstanti ikopri lill-Istati Membri kollha li minnhom jgħaddu l-kurituri tan-Netwerk Ewlieni. Barra minn hekk, il-proġett pilota għandu jivvaluta l-interess, b'mod partikolari, il-predispożizzjoni tal-investituri privati għal tali impriża konġunta bis-sostenn tal-Unjoni, kif ukoll l-interess tal-manifatturi tal-ERTMS, il-maniġers tal-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji. Barra minn hekk, dan il-proġett pilota, jew azzjoni prijoritarja sussegwenti, jista' jappoġġja t-twaqqif ta' impriża konġunta responsabbli għall-għoti ta' appoġġ lill-applikazzjoni tal-ERTMS tul wieħed mill-kurituri tan-netwerk ewlieni. Jekk dan jirnexxi, jista' jiġi stabbilit programm ġdid tal-Unjoni li jkopri l-kurituri kollha. L-iskop tal-applikazzjoni tul kuritur wieħed huwa li jiġi ttestjat il-benefiċċju kummerċjali ta' impriża konġunta pubblika-privata li, filwaqt li taġixxi bħala entità bi skop speċjali, tipprovdi finanzjament lill-maniġers tal-infrastruttura tul il-kurituri magħżula għall-finanzjament tal-applikazzjoni tal-ERTMS. Ladarba l-applikazzjoni tkun kompluta jew kompluta fil-parti l-kbira tagħha, l-impriżi ferrovjarji jibbenefikaw minn interoperabbiltà shiha tul il-kuritur u jistgħu jintalbu jħallsu żieda fuq it-tariffi tagħhom għall-aċċess għall-binarji biex iħallsu lura l-impriża konġunta u lill-azzjonisti privati tagħha. L-impriżi ferrovjarji huma mistennija li jkunu jifilħu jħallsu ż-żieda, peress li l-offerti kummerċjali ta' trasport aktar veloċi għall-passiġġieri u t-trasportaturi tal-merkanzija jistgħu jżidu l-predispożizzjoni tas-suq lejn is-servizzi ferrovjarji tul il-kuritur. Is-servizzi ferrovjarji huma mistennija jkunu aktar veloċi u aktar faċli bis-saħħa tal-interoperabbiltà shiha mogħtija mill-ERTMS.

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 77 *(ikompli)*

06 02 77 11 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

06 02 77 12 Azzjoni preparatorja — L-integrazzjoni ta' Sistema ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod (RPAS) fl-ispazju tal-ajru Ewropew b'Servizz ta' Geofencing Attiv (AGS)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja turi AGS għall-RPAS (drones) li jittajru f'għoli ta' anqas minn 150 metru (500 pied) 'il fuq mill-art. Dan jiġi stabbilit billi l-Istazzjon ta' Ppilotar mill-Bogħod li jikkontrolla d-drones fuq l-art jiġi konness ma' pjattaforma bbażata fuq l-internet. Din il-pjattaforma bbażata fuq l-internet turi l-pożizzjoni tal-operazzjoni tal-RPAS u tivvalida l-konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali differenti, skont fejn tkun qed issir l-operazzjoni. Il-pjattaforma tista' tiġġenera żoni ta' divjet ta' titjiriet abbażi ta' standards tal-avjazzjoni.

Bil-konnessjoni ta' din il-pjattaforma bbażata fuq l-internet mal-RPAS, l-utenti ma jkunux jistgħu joperaw l-RPAS f'żoni ta' divjet ta' titjiriet. Żoni ta' divjet ta' titjiriet jistgħu jiġu ġġenerati, immonitorjati u kkontrollati mill-awtoritajiet responsabbli. L-informazzjoni ġġenerata mill-pjattaforma bbażata fuq l-internet tista' tiġi kondiviża wkoll mal-partijiet ikkonċernati kollha fin-netwerk Ewropew tal-avjazzjoni.

Din l-azzjoni tista' tipprovdi soluzzjoni għall-integrazzjoni sikura ta' drones żgħar fin-netwerk tal-avjazzjoni eżistenti, li tiggarantixxi livell ta' sikurezza ekwivalenti għal dak tal-avjazzjoni b'piloti, u dan jirriżulta f'sitwazzjoni li minnha jibbenefikaw il-partijiet ikkonċernati kollha tal-RPAS. Il-privatezza tista' tiġi ggarantita bl-użu ta' żoni ta' divjet ta' titjiriet għal operazzjonijiet RPAS; u, aktar importanti minn hekk, l-SMEs fl-industriji RPAS jiġu megħjuna joħolqu opportunitajiet ta' impjieg ġodda promettenti fl-Ewropa. Is-servizzi RPAS li ġejjin jistgħu jsiru bl-użu ta' pjattaforma bbażata fuq l-internet: AGS immonitorjat u kkontrollat mill-awtoritajiet responsabbli, u servizz ta' validazzjoni li jiċċekkja r-regolamenti applikabbli.

Din il-pjattaforma tista' tkun aċċessibbli għal diversi partijiet ikkonċernati, bħal utenti tal-RPAS, fornituri ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili, pulizija u servizzi tal-emerġenza, manifatturi tal-RPAS u entitajiet kwalifikati. Hija tuża standards tal-avjazzjoni eżistenti, tkun konformi mar-regoli tal-avjazzjoni b'piloti u twassal għal integrazzjoni aktar sikura u standardizzata fin-netwerk tal-avjazzjoni. Minbarra dawk l-istandards, il-pjattaforma trid tkun interoperabbli mal-RPAS kollha sabiex is-suq Ewropew jinfetaħ għall-manifatturi u l-utenti kollha tal-RPAS. Fl-aħħar nett, din il-pjattaforma RPAS tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għandha tkun skalabbli għall-Istati Membri kollha.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 06 02 — POLITIKA EWROPEA TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 02 77 *(ikompli)*

06 02 77 13 Proġett pilota — Modi innovattivi li bihom it-trasport pubbliku jista' jiġi ffinanzjat b'mod sostenibbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
125 000	62 500				

Kummenti

Il-proġett pilota jivvaluta modi ġodda li bihom it-trasport pubbliku jista' jiġi ffinanzjat b'mod sostenibbli li jkunu kompatibbli, b'mod partikolari, mal-ekosostenibbiltà, id-diġitizzazzjoni u l-aċċessibbiltà, bil-għan li tingħata spinta lill-ekonomija u jinħolqu impjiegi ġodda. L-objettiv tal-Kummissjoni huwa li tinkoraġġixxi l-użu tat-trasport pubbliku, biex b'hekk jitnaqqsu l-konġestjoni u l-emissjonijiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent u lis-saħħa fiż-żoni urbani, speċjalment permezz ta' fjuwils alternattivi, aktar nodfa. Ħafna studji juru li l-prezz tal-biljett jaffettwa parti żgħira mill-kosti totali tas-servizzi. Il-klijenti jħallsu ħafna flus f'dawk li huma taxxi u ħruġ ta' biljetti. Jeħtieġ li jinstabu modi ġodda li bihom it-trasport pubbliku jista' jiġi ffinanzjat, filwaqt li jiġu vvalutati mudelli ġodda li jkunu jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti jew ineħħu għalkollox it-tariffi għall-pubbliku, jiġu ffrankati l-fondi pubbliċi u jitnaqqsu l-emissjonijiet li jintefgħu fl-atmosfera. Barra minn hekk, mobilità urbana mtejba tgħin biex jiżdied l-għadd ta' passiġġieri. Mobilità aktar effiċjenti tgħin ukoll lin-negozji u toħloq aktar impjiegi. Eżempju tajjeb huwa Tallinn, fl-Estonja. L-għan tal-proġett hu li jiġu identifikati u skambjati l-aħjar prattiki, jiġu vvalutati metodi ta' finanzjament u tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jinħoloq uffiċċju uniku ta' kuntatt Ewropew biex jingħata appoġġ lill-muniċipalitajiet li jkunu jixtiequ jimplimentaw l-aħjar sistemi ta' finanzjament u proġetti sostenibbli.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 03	ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT								
06 03 03	***Sfidi soċjetali***								
06 03 03 01	Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika	1,1	110 916 737	127 796 246	138 764 242	52 428 081	190 298 913,—	691 467,—	0,54
	Artikolu 06 03 03 — Subtotal		110 916 737	127 796 246	138 764 242	52 428 081	190 298 913,—	691 467,—	0,54
06 03 07	***Impriżi Konġunti***								
06 03 07 31	Riċerka tal-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) Impriża Konġunta — Nefqa ta' sostenn	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
06 03 07 32	Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 2 (SESAR2) Impriża Konġunta	1,1	60 000 000	55 000 000	50 000 000	34 952 054	20 600 000,—	0,—	0
06 03 07 33	Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) -Nefqa ta' sostenn	1,1	1 577 618	1 577 618	1 313 592	1 310 445	494 400,—	18 046,72	1,14
06 03 07 34	Shift2Rail (S2R) Impriża Konġunta	1,1	44 046 382	24 227 092	44 039 408	43 690 067	0,—	0,—	0
	Artikolu 06 03 07 — Subtotal		105 624 000	80 804 710	95 353 000	79 952 566	21 094 400,—	18 046,72	0,02
06 03 50	***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***								
06 03 50 01	Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	7 894 780,66	382 592,95	
06 03 50 02	Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	440 848,72	4 968 038,64	
	Artikolu 06 03 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	8 335 629,38	5 350 631,59	
06 03 51	***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru – KE (2007 sa 2013)***	1,1	p.m.	106 595 589	p.m.	45 437 670	1 555,99	27 837 911,10	26,12
06 03 52	***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)***	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	131 512	0,—	772 977,76	
	Kapitolu 06 03 — Total		**216 540 737**	**315 196 545**	**234 117 242**	**177 949 829**	**219 730 498,37**	**34 671 034,17**	**11,00**

KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT *(ikompli)*

Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Dawn l-approprjazzjonijiet huma maħsuba li jintużaw għal Orizzont 2020 — il-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni, li jkopri l-perjodu 2014 sa 2020, u għat-tlestija tal-programmi ta' riċerka preċedenti (Is-Seba' Programm Qafas u l-programmi ta 'qafas ta' qabel).

L-Orizzont 2020 se jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħrajn, notevolment "Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka. Orizzont 2020 se jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-programm se jitwettaq sabiex jinkisbu l-objettivi ġenerali deskritti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani għar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom.

Taħt dawn l-Artikoli u l-partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat , konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa f'isem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall-azzjoni tal-Unjoni, *inter alia*, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Dawn l-approprjazzjonijiet huma maħsuba li jintużaw f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20/12/2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Il-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija prevista għal uħud minn dawn il-proġetti. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja se tiddaħħal fil-partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Dħul minn Stati li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika se jiddaħħal fil-partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni minn korpi barranin għall-attivitajiet tal-Unjoni se jiddaħħal fil-partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Approprjazzjonijiet addizzjonali se jkunu disponibbli taħt il-partita 06 03 50 01.

L-approprjazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-Kapitolu se jiġu pprovduti taħt il-Kapitolu 06 01 05.

06 03 03 Sfidi soċjetali

Kummenti

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 tirrispondi direttament għall-prijoritajiet tal-politiki u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawk l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jiġbor flimkien ir-riżorsi u l-għarfien f'oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, b'enfasi ġdida fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-pjattaformi tal-ittestjar, is-sostenn għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni mmexxija mill-utenti aħħarin, l-innovazzjoni soċjali u l-użu tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet se jagħtu sostenn dirett lill-kompetenzi fil-politiki settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni.

Il-finanzjar għandu jkun iffukat fuq l-isfidi li ġejjin:

— trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat,

— l-innovazzjoni u r-riċerka, l-aktar fl-oqsma tal-bidla fl-imġiba, iċ-ċaqliqa modali, l-aċċessibilità universali, l-integrazzjoni (l-interkonnettività, l-intermodalità u l-interoperabilità) u s-sostenibilità (it-tibdil fil-klima, ir-riduzzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet u tal-ħsejjes), li huma ta' importanza kruċjali għas-setturi tat-trasport u tat-turiżmu.

06 03 03 01 Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
110 916 737	127 796 246	138 764 242	52 428 081	190 298 913,—	691 467,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri azzjonijiet ta' Riċerka u Innovazzjoni li għandhom jikkontribwixxu b'mod sostanzjali biex idaħħlu t-trasport f'era ġdida ta' mobilità intelliġenti. L-azzjonijiet skont din id-dispożizzjoni għandhom isostnu l-iżvilupp u l-adozzjoni tas-soluzzjonijiet neċessarji għall-modi kollha tat-trasport, biex b'hekk inaqqsu drastikament l-emissjonijiet tat-trasport li jikkawżaw dannu għall-ambjent, inaqqsu d-dipendenza tat-trasport fuq il-fjuwils fossili, u għalhekk inaqqsu l-impatt tat-trasport fuq il-bijodiversità u jippreservaw ir-riżorsi naturali. Dan huwa mistenni li jinkiseb permezz ta' investiment f'attivitajiet speċifiċi, partikolarment fil-forma ta' sħubijiet pubbliċi privati kbar, bħal inġenji tal-ajru, ferroviji, vetturi u bastimenti li jsiru iktar nodfa u inqas storbjużi, l-iżvilupp ta' apparat, infrastruttura u servizzi intelliġenti u t-titjib tat-trasport u l-mobilità f'żoni urbani.

Ir-Riċerka u l-innovazzjoni mwettqa skont dan l-Artikolu huma mistennija li jagħtu kontribuzzjonijiet importanti biex tiġi ottimizzata l-prestazzjoni u l-effiċjenza fir-rigward tad-domandi li dejjem jikbru għall-mobilità. L-azzjonijiet skont din id-dispożizzjoni se jiffokaw ukoll fuq it-tnaqqis sostanzjali tal-konġestjoni tat-traffiku, it-titjib sostanzjali fil-mobilità tal-persuni u l-merkanzija, l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' kunċetti ġodda ta' trasport u loġistika tal-merkanzija u t-tnaqqis fir-rati tal-inċidenti u d-diżgrazzji fatali u t-titjib fis-sigurtà. L-azzjonijiet skont dawn id-dispożizzjonijiet huma maħsuba fil-fatt biex jikkontribwixxu biex jagħmlu l-Ewropa l-iktar reġjun sikur għall-avjazzjoni u biex nersqu lejn il-mira ta' żero fatalitajiet fit-trasport bit-triq sal-2050.

KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 03 03 *(ikompli)*

06 03 03 01 *(ikompli)*

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma mistennija li jkollhom rwol sinifikanti fil-kisba tat-tmexxija globali għall-industrija tat-trasport Ewropew u l-kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-intraprizi żgħar u ta' daqs medju, fejn jibqgħu fuq quddiem fit-teknoloġiji ġodda u jnaqqsu l-kostijiet tal-proċessi ta' manifattura eżistenti, u għalhekk jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u impjiegi b'ħiliet għolja fl-industrija Ewropea tat-trasport. F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet għall-iżvilupp tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-mezzi tat-trasport u għall-esplorazzjoni ta' kunċetti tat-trasport kompletament ġodda huma mistennija li jiġu żviluppati u koperti minn din l-approprjazzjoni.

Ir-riċerka soċjoekonomika u attivitajiet li jħarsu 'l quddiem għat-tfassil tal-politiki wkoll se jiġu koperti minn din id-dispożizzjoni: azzjonijiet li jagħtu sostenn lill-analiżi u l-iżvilupp tal-politika, inklużi l-aspetti soċjoekonomiċi tat-trasport, huma neċessarji għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u biex jiġu affrontati l-isfidi imposti mit-trasport.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 21.12.2013, p. 965) u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(d) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

06 03 07 ***Impriżi Konġunti***

06 03 07 31 Riċerka tal-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) Impriża Konġunta — Nefqa ta' sostenn

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) Impriża Konġunta se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-Isfida soċjetali "Il-kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u assjemi". Din se jkollha l-objettiv li tiżgura l-modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) billi tikkonċentra u tikkoordina l-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-ATM rilevanti kollha fl-Unjoni taħt il-programm ta' ħidma tagħha SESAR 2020 u f'konformità mal-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew.

KUMMISSJONI
TITOLU 06 — MOBILITÀ U TRASPORT

KAPITOLU 06 03 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI FIR-RIGWARD TAT-TRASPORT *(ikompli)*

06 03 07 *(ikompli)*

06 03 07 31 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir- rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1).

Sabiex tiġi sostnuta l-parteċipazzjoni tal-SMEs f'Orizzont 2020, ġie introdott strument iddedikat, orjentat lejn is-suq, li jimmira lejn it-tipi kollha ta' SMEs innovattivi li jixtiequ jiżviluppaw, jikbru u jinternazzjonalizzaw. Barra minn hekk, se jiġi pprovdut appoġġ lill-SMEs ta' riċerka intensiva fi proġetti ta' riċerka transnazzjonali u lil negozji ġodda mmexxija min-nisa. Se jiġu sostnuti wkoll l-attivitajiet li jtejbu l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-SMEs u jtejbu l-kundizzjonijiet qafas għall-innovazzjoni. L-inkubaturi Ewropej bi storja ta' suċċess ipprovat fl-aċċelerazzjoni tal-fażi inizjali ta' negozji fil-qasam tat-teknoloġija jistgħu jagħmlu użu mill-parti minn din l-approprjazzjoni li tiffoka fuq dawn in-negozji ġodda fl-istadji bikrin.

Skont ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013, għandu jingħata appoġġ lill-innovazzjoni fis-SMEs permezz tal-implimentazzjoni ta' strument tas-SMEs taħt sistema unika ta' ġestjoni, u dan l-appoġġ għandu jiġi implimentat minn isfel għal fuq. Skont l-Anness II ta' dak ir-Regolament, fi ħdan il-mira ta' allokazzjoni minima ta' 20% tal-baġits totali magħquda għall-objettiv speċifiku "Tmexxija fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali" u l-prijorità "Sfidi tas-Soċjetà" għas-SMEs, minimu ta' 5 % ta' dawk il-baġits magħqud inizjalment se jiġi allokat lill-istrument tas-SMEs iddedikat. Minimu ta' 7 % tal-baġits totali tal-objettiv speċifiku "Tmexxija fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali" u l-prijorità "Sfidi tas-Soċjetà" jiġi allokat lill-istrument iddedikat tal-SMEs fuq medja tat-tul ta' żmien tal-Orizzont 2020.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 03 ***Sfidi soċjetali***

Kummenti

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 twieġeb direttament għall-prijoritajiet tal-politika u l-isfidi soċjetali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020. Dawn l-attivitajiet se jiġu implimentati permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-isfidi li jiġbru flimkien ir-riżorsi u l-għarfien f'oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. L-attivitajiet se jkopru ċ-ċiklu sħiħ mir-riċerka sas-suq, b'enfasi ġdida fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-bażijiet sperimentali, is-sostenn għall-akkwist pubbliku, id-disinn, l-innovazzjoni mmexxija mill-utenti aħħarin, l-innovazzjoni soċjali u l-użu mis-suq tal-innovazzjonijiet. L-attivitajiet se jsostnu direttament il-kompetenzi tal-politika settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni u jieħdu approċċ sensittiv għall-ġeneru filwaqt li jimmiraw għal parteċipazzjoni bilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 03 *(ikompli)*

08 02 03 01 Titjib tas-saħħa u l-benessri matul il-ħajja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
524 745 272	299 890 040	540 954 714	271 316 606	554 198 409,03	41 977 597,41

Kummenti

L-għanijiet ta' din l-attività huma s-saħħa u l-benessri matul il-ħajja għal kulħadd, sistemi tas-saħħa u l-kura ta' kwalità għolja u ekonomikament sostenibbli, fejn il-kura tas-saħħa issir iktar personalizzata biex tkun iktar effettiva, u opportunitajiet ta' impjiegi ġodda u tkabbir fis-settur tas-saħħa u l-industriji relatati miegħu. F'dawk ir-rigward l-attivitajiet se jiffukaw fuq il-promozzjoni effettiva tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard (eż. il-fehim tad-determinanti tas-saħħa, l-iżvilupp ta ' vaċċini preventivi aħjar). Se tingħata attenzjoni partikolari lill-ispeċifitajiet tas-saħħa marbuta mal-ġeneru u mal-età. Barra minn hekk, se jkunu enfasizzati l-ġestjoni, it-trattament u l-kura tal-mard (notevolment permezz ta' iktar personalizzazzjoni tal-mediċina), id-diżabbiltà u l-funzjonalità ridotta (eż. permezz tat-trasferiment tal-għarfien għal azzjonijiet tal-prassi klinika u l-innovazzjoni skalabbli, użu aħjar tad-dejta dwar is-saħħa, għajxien indipendenti u assistit). Barra dan, se jsiru sforzi sabiex jitjieb it-teħid tad-deċiżjonijiet fil-forniment tal-prevenzjoni u t-trattament, tiġi identifikata u sostnuta d-disseminazzjoni tal-aħjar prassi fis-settur tal-kura tas-saħħa, u tiġi sostnuta l-kura integrata u l-adozzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi, organizzattivi u soċjali li jippermettu b'mod partikolari lill-persuni akbar fl-età kif ukoll persuni b'diżabbiltà biex jibqgħu attivi u indipendenti. Finalment, l-attivitajiet se jkunu bbażati fuq approċċ sensittiv għall-ġeneri li jirrikonoxxi, fost affarijiet oħra, il-pożizzjoni tan-nisa fis-settur tal-kura informali kif ukoll dik formali.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(a) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 03 02 Assikurazzjoni ta' provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur, tajjeb għas-saħħa u ta' kwalità għolja u prodotti b'bażi bijoloġika oħrajn

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
142 233 804	89 735 746	94 094 592	83 884 929	208 147 794,—	1 407 426,46

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 03 *(ikompli)*

08 02 03 02 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-attività se tiffoka fuq l-iżvilupp ta' sistemi ta' agrikoltura u foresterija aktar sostenibbli u produttivi, filwaqt li fl-istess ħin jiġu żviluppati servizzi, kunċetti u politiki għal għajxien rurali b'saħħtu. Barra minn hekk, se ssir enfasi fuq ikel tajjeb u sikur għal kulħadd kif ukoll metodi ta' pproċessar tal-ikel kompetittivi li jużaw inqas riżorsi u jipproduċu inqas prodotti sekondarji. B'mod parallel, se jsiru sforzi biex ir-riżorsi akkwatiċi ħajjin jiġu sfruttati b'mod sostenibbli (eż. sajd sostenibbli u favur l-ambjent). Se jiġu promossi wkoll industriji Ewropej b'bażi bijoloġika b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, effiċjenti fir-riżorsi, sostenibbli u kompetittivi.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(b) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 03 03 Twettiq tat-tranżizzjoni għal sistema enerġetika affidabbli, sostenibbli u kompetittiva

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
335 369 074	242 548 217	313 168 348	137 003 313	307 466 237,12	2 759 304,76

Kummenti

L-isforzi biex tiġi żgurata provvista tal-enerġija sikura, nadifa u effiċjenti se jiffokaw fuq it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija tal-Unjoni u l-impronta tal-karbonju (pereżempju permezz ta' sistemi u komponenti bi prezzijiet raġonevoli li jinkorporaw teknoloġiji intelliġenti) u billi jiżguraw provvista tal-elettriku b'karbonju baxx u bi prezz baxx (pereżempju permezz tar-riċerka, l-iżvilupp u dimostrazzjoni fuq skala kbira tar-rinnovabbli innovattivi u teknoloġiji tal-qabda u l-ħażna tal-karbonju). Se jkun hemm enfasi fuq fjuwils alternattivi u sorsi ta' enerġija mobbli u fuq l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku Ewropea unika u intelliġenti. L-attivitajiet se jiffukaw ukoll fuq ir-riċerka multidixxiplinari dwar teknoloġiji tal-enerġija u l-implimentazzjoni konġunta ta' programmi ta' riċerka pan-Ewropej u faċilitajiet mill-aqwa. Barra minn hekk, se jiġu żviluppati għodod, metodi u mudelli għal sostenn tal-politika soda u trasparenti filwaqt li se titħeġġeġ l-adozzjoni mis-suq tal-innovazzjoni tal-enerġija. 85% tal-approprjazzjonijiet tal-baġit se jiġu allokati għall-oqsma tal-politika tal-effiċjenza enerġetika rinnovabbli u tal-aħħar użu, inkluż grilji intelliġenti, ħażna tal-enerġija u Bliet u Komunitajiet Intelliġenti mill-2014 'il quddiem.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 03 *(ikompli)*

08 02 03 03 *(ikompli)*

Bħala rikonoxximent tar-rwol essenzjali tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fl-istadju tal-użu finali u tal-enerġija rinnovabbli għat-titjib tas-sigurtà tal-enerġija fl-Unjoni, il-miżuri tad-dħul fis-suq jiġu sostnuti permezz ta' programm tal-Enerġija Intelliġenti Ewropa III, sabiex jibnu l-kapaċità, itejbu l-governanza u jegħlbu l-ostakoli għas-suq biex jiġu introdotti s-soluzzjonijiet għall-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinovabbli. Parti mill-approprjazzjonijiet fil-baġit globali għall-isfida tal-enerġija jintefqu fuq attivitajiet ta' dħul fis-suq ta' teknoloġiji eżistenti tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fi ħdan il-programm, imwettaq minn struttura ta' ġestjoni ddedikata, u jinkludi sostenn għall-implimentazzjoni tal-politika tal-enerġija sostenibbli, il-bini tal-kapaċità u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-investiment, bi qbil ma li sar sal-lum.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(c) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 03 04 Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
331 555 393	174 476 315	159 469 104	288 354 444	387 411 556,—	5 122 790,02

Kummenti

L-enfasi taħt din l-attività se tkun fuq trasport effiċjenti fir-riżorsi (eż. billi jiġi aċċellerat l-iżvilupp u l-iskjerament ta' ġenerazzjoni ġdida ta' inġenji tal-ajru, vetturi u bastimenti elettriċi u oħrajn b'livell baxx ta' emissjonijiet jew mingħajr emissjonijiet) kif ukoll fuq mobbiltà aħjar b'inqas konġestjoni u aktar sikurezza u sigurtà (eż. billi jiġu promossi trasport u loġistika integrati minn bieb għal bieb). Il-fokus se jkun ukoll fuq ir-rinfurzar tal-kompetittività u l-prestazzjoni tal-industriji tal-manifattura tat-trasport Ewropej u s-servizzi relatati, billi, pereżempju, tiġi żviluppata l-ġenerazzjoni li jmiss ta' mezzi tat-trasport innovattivi u titħejja t-triq għal dik li jmiss. Jiġu sostnuti wkoll attivitajiet immirati sabiex itejbu l-fehim ta' xejriet u prospetti soċjoekonomiċi relatati mat-trasport, u li jagħtu lill-fassala tal-politika dejta u analiżi bbażati fuq l-evidenza.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(d) tagħha.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 03 *(ikompli)*

08 02 03 04 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 03 05 Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
284 530 369	150 855 696	297 719 374	131 157 582	274 486 195,22	1 688 156,41

Kummenti

Il-fokus prinċipali ta' din l-attività huwa l-kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' popolazzjoni globali li qed tikber fi ħdan il-limiti sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-pjaneta. Għal dak il-għan l-enfasi se tkun fuq il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, fuq il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-ekosistemi u fuq l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika permezz tal-ekoinnovazzjoni. Se jiġu żviluppati wkoll sistemi ta' osservazzjoni u informazzjoni ambjentali globali komprensivi u sostnuti.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li ħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(e) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 03 06 Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklussivi, innovattivi u riflettivi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
112 411 389	117 834 666	114 233 382	74 273 114	113 807 987,95	18 144 618,36

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 03 *(ikompli)*

08 02 03 06 *(ikompli)*

Kummenti

L-għan ta' din l-attività huwa li jikkontribwixxi biex is-soċjetajiet Ewropej isiru aktar inklussivi, innovattivi u riflessivi, billi jippromwovu tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. L-azzjonijiet se jsostnu l-koordinament tal-proċess ta' tfassil tal-politika permezz tal-iżvilupp ta' evidenza, strumenti, attivitajiet lungimiranti u proġetti pilota biex iżidu l-effiċjenza trasnazzjonali u l-impatt ekonomiku tal-politiki tar-riċerka u tal-innovazzjoni u jiksbu Żona Ewropea tar-Riċerka u Unjoni tal-Innovazzjoni li jiffunzjonaw sew. L-azzjonijiet jimmiraw ukoll li jneħħu d-diviżjoni fl-innovazzjoni, jiżguraw l-ingaġġ soċjetali fir-riċerka u l-innovazzjoni u jkattru l-bilanċ bejn is-sessi filwaqt li jippromwovu kooperazzjoni koerenti u effettiva ma ' pajjiżi terzi u jiżviluppaw fehim tal-bażi intelletwali tal-Ewropa: l-istorja tagħha u l-ħafna influwenzi Ewropej u mhux Ewropej, bħala ispirazzjoni għal ħajjitna llum.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(f) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 04 ***Tixrid tal-eċċellenza u firxa tal-parteċipazzjoni***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
105 470 711	47 808 292	93 183 570	62 039 896	70 413 152,—	19 802 584,40

Kummenti

L-għan ta' dawk l-attivitajiet huwa li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-għażla ta' talent fl-Ewropa u jiġi żgurat li l-benefiċċji ta' ekonomija mmexxija mill-innovazzjoni jiġu massimizzati kif ukoll imqassma b'mod mifrux madwar l-Unjoni skont il-prinċipju ta' eċċellenza. Permezz ta' trawwim u l-ikkonnettjar ta' gruppi ta' eċċellenza, l-attivitajiet proposti jikkontribwixxu għat-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

L-attivitajiet jiffokaw fuq it-tlaqqigħ flimkien ta' istituzzjonijiet tar-riċerka eċċellenti u reġjuni tar-RŻI bi prestazzjoni baxxa li jimmiraw li joħolqu ċentri ġodda (jew tiġdid sinifikanti ta' dawk eżistenti) tal-eċċellenza fl-Istati Membri u reġjuni li għandhom prestazzjoni tar-RŻI baxxa, l-ipparjar tal-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-istabbilment tal-"Presidenti tal-ERA", Faċilità ta' Sostenn tal-Politika biex ittejjeb id-disinn, l-implimentazzjoni, u l-evalwazzjoni ta' politiki nazzjonali/reġjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni, li jsostnu l-aċċess għal netwerks internazzjonali għal riċerkaturi u innovaturi eċċellenti li ma għandhomx involviment suffiċjenti fin-netwerks Ewropej u internazzjonali u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u operattiva tan-netwerks transnazzjonali tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, inkluż permezz tat-taħriġ.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 04 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 05 ***Attivitajiet orizzontali ta' Orizzont 2020***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
109 162 522	79 820 088	47 450 000	10 136 096	33 999 996,91	913 878,11

Kummenti

Din l-approprjazzjoni tkopri azzjonijiet ta' natura orizzontali, li jsostnu l-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020. Dan jinkludi, pereżempju, attivitajiet li jimmiraw li jsostnu l-komunikazzjoni u d-disseminazzjoni, kif ukoll li jagħmlu użu mir-riżultati biex isostnu l-innovazzjoni u l-kompetittività, u sostenn għal esperti indipendenti li jevalwaw il-proposti tal-proġetti. Dan jista' jinkludi wkoll attivitajiet trażversali li jinvolvu diversi prijoritajiet ta' Orizzont 2020.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 06 ***Xjenza mas-soċjetà u għaliha***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
53 497 266	40 461 390	54 853 984	25 322 763	51 062 663,05	3 448 223,28

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 06 *(ikompli)*

Kummenti

L-għan ta' din l-attività huwa l-bini ta' kooperazzjoni effettiva bejn ix-xjenza u s-soċjetà, jiġi reklutat talent ġdid għax-xjenza u l-eċċellenza xjentifika tiġi kkombinata mal-kuxjenza u r-responsabbiltà soċjali. Ikun hemm enfasi fuq l-attraenza tal-edukazzjoni u l-karrieri fix-xjenza għaż-żgħażagħ, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-integrazzjoni aħjar tal-interessi u l-valuri taċ-ċittadini fix-xjenza u l-innovazzjoni, u l-iżvilupp tal-amministrazzjoni għall-avvanz tar-riċerka u l-innovazzjoni responsabbli mill-partijiet interessati kollha (ir-riċerkaturi, l-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet tal-industrija u s-soċjetà ċivili).

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tagħha.

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

08 02 07 ***Impriżi Konġunti***

08 02 07 31 L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2) — Nefqa ta' Sostenn

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 200 000	1 200 000	670 585	668 978	504 700,—	490 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-ispejjeż amministrattivi u ta' tmexxija tal-Impriża Konġunta.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54).

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 07 *(ikompli)*

08 02 07 32 L-Impriża Konġunta Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
197 787 000	68 973 824	211 379 415	57 627 199	213 519 000,—	0,—

Kummenti

L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2), impriża konġunta (JU) bejn il-Kummissjoni u l-industrija bijofarmaċewtika, se tibni fuq ir-riżultati tal-predeċessur tagħha, IMI. L-objettiv ta' IMI 2 huwa li ttejjeb il-proċess tal-iżvilupp tal-mediċini billi ssostni riċerka iktar effiċjenti u tiżviluppa kooperazzjoni bejn id-dinja akkademika, l-intraprizi żgħar u ta' daqs medju u l-industrija bijofarmaċewtika, sabiex irendu mediċini aħjar u iktar sikuri għall-pazjenti.

L-Impriża Konġunta IMI2 tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020, u b'mod partikolari l-objettiv speċifiku "Saħħa, bidla demografika u benessri għal kulħadd" tal-prijorità "Sfidi soċjetali".

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54).

08 02 07 33 Impriża Konġunta tal-Industriji b'bażi bijoloġika (BBI) — Nefqa ta' sostenn

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 946 263	1 946 263	1 600 083	1 596 249	684 807,—	581 758,17

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-ispejjeż amministrattivi u ta' tmexxija tal-Impriża Konġunta.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 07 *(ikompli)*

08 02 07 33 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 130).

08 02 07 34 Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika (BBI)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
156 136 237	60 148 775	200 495 917	17 527 581	51 500 000,—	0,—

Kummenti

L-Impriża Konġunta (BBI) tal-Industriji b'bażi Bijoloġika hija impriża konġunta, bejn il-Kummissjoni u l-industriji b'bażi bijoloġika, li timmira li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Inizjattiva BBI ta' ekonomija b'karbonju baxx li hija iktar effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli u li żżid it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, billi tiżviluppa industriji b'bażi bijoloġika sostenibbli u kompetittivi fl-Ewropa bbażati fuq bijoraffineriji avvanzati li jissorsjaw il-bijomassa tagħhom b'mod sostenibbli.

L-Impriża Konġunta BBI tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 u b'mod partikolari l-objettiv speċifiku "Sigurtà tal-ikel, agrikoltura u forestrija sostenibbli, riċerka tal-baħar, marittima u tal-ilmijiet interni u l-bijoekonomija" tal-prijorità "Sfidi soċjetali" u l-komponent tat-"Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali" tal-objettiv speċifiku "Tmexxija f'teknoloġiji abilitanti u industrijali".

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 07 *(ikompli)*

08 02 07 34 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 130).

08 02 07 35 L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 — Nefqa ta' sostenn

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 625 785	2 625 785	1 864 218	1 859 751	1 262 093,—	1 262 093,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-ispejjeż amministrattivi u ta' tmexxija tal-Impriża Konġunta.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 77).

08 02 07 36 L-Impriża Konġunta Clean Sky 2

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
194 773 655	177 301 922	339 977 529	94 370 545	103 000 000,—	25 000 000,—

Kummenti

L-Impriża Konġunta Clean Sky 2, hija impriża konġunta (JU) bejn il-Kummissjoni u l-industrija ajrunawtika Ewropea, se tibni fuq ir-riżultati tal-predeċessur tagħha, Clean Sky. L-objettiv ta' Clean Sky 2 JU huwa li ttejjeb l-impatt ambjentali tat-teknoloġiji ajrunawtiċi Ewropej permezz ta' riċerka avvanzata u dimostrazzjoni fuq skala sħiħa f'teknoloġija ekoloġika għat-trasport bl-ajru, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-kompetittività internazzjonali futura tas-settur ajrunawtiku. L-attività teknika hija żviluppata permezz ta' oqsma tekniċi differenti u timmira li tibni dimostraturi fuq skala sħiħa fis-segmenti kollha tat-titjir.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 07 *(ikompli)*

08 02 07 36 *(ikompli)*

L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020, u b'mod partikolari l-objettiv speċifiku "Trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat" tal-prijorità "Sfidi soċjetali".

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 77).

08 02 07 37 L-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2) — Nefqa ta' sostenn

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
454 948	454 948	466 833	465 714	301 447,—	301 447,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-ispejjeż amministrattivi u ta' tmexxija tal-Impriża Konġunta.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108).

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 07 *(ikompli)*

08 02 07 38 L-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
102 166 319	47 344 982	109 114 167	29 060 885	96 154 620,—	0,—

Kummenti

L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH 2 JU), Sħubija Pubblika Privata bejn il-Kummissjoni, l-Industrija u l-Iggruppar tar-Riċerka, tibni fuq ir-riżultati tal-predeċessur tagħha, stabbilita taħt is-Seba' Programm Kwadru. L-objettiv ta' FCH 2 JU huwa li tindirizza serje ta' ostakli għall-kummerċjalizzazzjoni taċ-ċelloli tal-fjuwil u t-teknoloġiji tal-idroġenu billi tnaqqas l-ispiża tas-sistemi FCH, iżżid l-effiċjenza tagħha u turi l-fattibbiltà tagħhom, biex b'hekk twitti t-triq għal ċelloli tal-fjuwil u settur tal-idroġenu sostenibbli u globalment kompetittiv fl-Unjoni. Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata tkopri l-ispejjeż operazzjonali tal-FCH 2 JU.

L-Impriża Konġunta FCH 2 tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020, u b'mod partikolari l-objettivi speċifi "Ħidma biex issir it-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija affidabbli, għall-but ta' kulħadd, aċċettata mill-pubbliku, sostenibbli u kompetittiva" u "Il-kisba ta' sistema ta' trasport Ewropea li hija effiċjenti fir-riżorsi, tajba għall-ambjent, sikura u assjemi" tal-prijorità "Sfidi soċjetali".

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/K (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108).

08 02 50 ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***

08 02 50 01 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (mill-2014 sal-2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	168 585 829,12	25 988 509,85

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 50 *(ikompli)*

08 02 50 01 *(ikompli)*

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu mill-2014 sal-2020.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

Id-dħul li jirriżulta mill-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Isvizzera jew dak multilaterali tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni (EFDA) jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 1 u 6 0 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

08 02 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (mill-2014 sal-2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	3 986 042,26	172 659 703,46

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, mill-perjodu ta' qabel l-2014.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

Id-dħul li jirriżulta mill-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Isvizzera jew dak multilaterali tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni (EFDA) jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 1 u 6 0 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 51 Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru — Azzjonijiet indiretti KE (2007 sa 2013)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 867 645 867	p.m.	2 618 411 227	5 299 948,61	2 868 019 815,64

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Ideat" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 243).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky (ĠU L 30 4.2.2008, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 38).

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 51 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u tal-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1).

Atti ta' referenza

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-Ftehim TRIPS u l-aċċess għall-mediċini (ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 591).

08 02 52 Tlestija tal-programmi kwadru tar-riċerka preċedenti — Azzjonijiet indiretti (ta' qabel l-2007)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 272 856	p.m.	3 585 233	369 598,42	21 266 824,45

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li kienu għadhom ma thallsux missnin ta' qabel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn iwasslu għall-forniment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA huma esklużivament fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet mhux nukleari fil-programm kwadru.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru 1987 dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987-1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 117, 8.5.1990. p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta id-Deċiżjoni 90/221/Euratom, KEE dwar il-programm kwadru għall-attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 52 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' programm kwadru għall-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tal-iżvilupp ta' riċerka, u teknoloġija u ta' dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm kwadru għall-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tal-iżvilupp ta' riċerka u teknoloġija u ta' dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/ KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm ta' qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (1998-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju li tikkonċerna s-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp tekonoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sa l-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta program speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: L-Integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/835/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, l-żvilupp teknoloġiku u d-demostrazzjoni: Strutturar tal-Qasam tar-Riċerka Ewropea (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 44).

Id-Deċiżjoni Nru 1209/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 fuq il-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programm ta' riċerka u l-iżvilupp immirat għall-iżvilupp ta' interventi kliniċi ġodda biex ikunu misielta l-HIV/AIDS, il-malarja u t-tuberkuloži permezz ta' sħubija fit-tul bejn l-Ewropa u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, magħmul minn diversi Stati Membri (ĠU L 169, 8.7.2003, p. 1).

08 02 77 ***Proġetti pilola u azzjonijiet preparatorji***

08 02 77 01 Proġett pilota — Koordinazzjoni tar-riċerka dwar l-użu tal-omeopatija u fitoterapija fit-trobbija tal-annimali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	75 000	p.m.	p.m.	0,—	125 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 77 *(ikompli)*

08 02 77 01 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

08 02 77 02 Proġett pilota — Irkupru materjali primi kritiċi permezz tar-riċiklaġġ: opportunità għall-UE u l-Unjoni Afrikana

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

08 02 77 03 Proġett pilota — Riċerka u żvilupp għall-mard relatat mal-faqar u li ġie traskurat għall-kisba tal-kopertura tas-saħħa universali għal wara l-2015

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	750 000	375 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 77 *(ikompli)*

08 02 77 03 *(ikompli)*

Diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar il-qafas għall-iżvilupp globali għal wara l-2015 ikkunsidraw il-kopertura tas-saħħa universali (UHC) bħala faċilitatur fundamentali biex iwaqqaf il-faqar estrem sal-2030 u bħala fattur kruċjali biex titlesta l-aġenda mhux kompluta tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDG) relatati mas-saħħa — speċjalment MDG 4, 5 u 6 dwar it-titjib tas-saħħa materna, it-tnaqqis tal-mortalità tat-tfal u l-ġlieda kontra l-HIV u l-AIDS, il-malarja u t-tuberkuloż, rispettivament.

Huwa importanti wkoll li jiġi inkluż l-mard tropikali traskurat (NTDs) fil-qafas għall-iżvilupp il-ġdid, flimkien mal-mard ta' MDG 6 u f'konformità mal-pjan direzzjonali korrispondenti tad-WHO (http://whqlibdoc.who.int/hq/2012/WHO_HTM_NTD_2012.1_eng.pdf) u organizzazzjonijiet esperti prominenti oħra.

L-objettivi

Dan il-proġett jipproduċi studju li jikkwantifika r-rwol tar-R&Ż f'Mard Marbut mal-faqar u l-Mard li ġie Traskurat (PRND) fil-kontribuzzjoni għall-UHC u fit-titjib tas-sitwazzjoni tas-saħħa fil-pajjiżi bi dħul baxx u medju. L-istudju:

— jsegwi l-investiment tal-Unjoni fir-R&Ż f'PRND u jivvaluta kif teknoloġiji korrispondenti qed jinbidlu f'riżorsi għall-UHC,

— jeżamina kif il-korrelazzjoni bejn ir-R&Ż f'PRND u l-UHC tista' titjieb fir-rigward tal-qafas għall-iżvilupp globali għal wara l-2015 u jiżviluppa rakkomandazzjonijiet għall-indikaturi tar-R&Ż li jgħinu fl-avvanz tal-impatt tal-UHC.

L-iżvilupp ta' mediċini essenzjali għall-PRNDs li huma sikuri, effettivi, affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità assigurata jikkontribwixxi għall-kisba tal-UHC, filwaqt li l-investiment adegwat fil-UHC huwa mod effettiv biex jiġi garantit li s-servizzi u l-prodotti disponibbli jkunu wkoll aċċessibbli u ta' livell ta' kwalità adegwat. Din il-korrelazzjoni se jkollha rwol kruċjali fil-qafas għall-iżvilupp globali għal wara l-2015 mhux biss biex tiżgura ħajjiet b'saħħithom, iżda wkoll biex tgħin tnaqqas il-faqar.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

08 02 77 04 Azzjoni preparatorja — Lejn Sistema Unika u Innovattiva Ewropea tat-Trasport

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	1 250 000	1 000 000	500 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 77 *(ikompli)*

08 02 77 04 *(ikompli)*

L-għan ta' din l-azzjoni ta' tħejjija f'żewġ stadji huwa li tidentifika l-ostakli li jimpedixxu l-iżvilupp ta' sistema unika Ewropea tat-trasport verament ottimizzata u li tipproponi għadd ta' azzjonijiet li, kollettivament, jistgħu jgħinu biex jaċċeleraw il-progress. L-azzjoni tappoġġja bis-sħiħ l-inizjattivi tal-Unjoni u tal-Kummissjoni. Din:

— tinforma dwar il-ħolqien tal-politiki futuri u l-programmi għar-riċerka u l-innovazzjoni, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali,

— tindirizza waħda mis-seba' sfidi li l-programm Orizzont 2020 huwa bbażat fuqhom, jiġifieri dik ta' "Trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat",

— tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin ta' Ewropa 2020 bħaż-"Żieda fl-aċċessibbiltà u t-trasport nadif" u l-"Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-eċċellenza".

L-istadju tal-eżami:

— jidentifika l-partijiet interessati (industrija, riċerka, amministrazzjonijiet, regolaturi u soċjetà ċivili), u l-opinjonijiet, il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tagħhom,

— jiddeskrivi l-kundizzjoni attwali tas-sistema: politika pubblika (fil-livelli kollha); strutturi tal-industrija; kundizzjonijiet regolatorji u tas-suq; mekkaniżmi għall-kollaborazzjoni tal-partijiet interessati; programmi ta' trasport,

— jeżamina kwistjonijiet simili f'reġjuni oħra tad-dinja u jidentifika tagħlimiet li għandhom jinsiltu,

— jidentifika opportunitajiet biex tittejjeb is-sistema Ewropea tat-trasport kollha kemm hi, u l-ostakoli li qed jipprevjenu dan.

L-istadju tal-pjan direzzjonali jissuġġerixxi azzjonijiet, approvati minn grupp rappreżentattiv tal-partijiet interessati, li jistgħu jaċċeleraw il-progress lejn sistema ottimizzata tat-trasport. Jeżamina:

— liema organizzazzjoni(jiet), jekk hemm, tista' tgħin/jistgħu jgħinu, mingħajr ma sempliċement jiddupplikaw strutturi eżistenti;

— kif tiġi żviluppata attitudni aktar b'saħħitha favur "sistema sħiħa", fil-livelli kollha;

— modi kif jiġu inkuraġġiti inizjattivi eżistenti biex tingħata aktar attenzjoni lill-interazzjonijiet tagħhom mal-bqija tas-sistema;

— inizjattivi politiċi potenzjali fil-livell tal-Unjoni, tal-Istati Membri u 'dak lokali.

Ir-riżultat tal-aħħar se jkun analiżi fil-fond tal-opportunitajiet u l-ostakli biex tinkiseb sistema tat-trasport ottimizzata bis-sħiħ fl-Ewropa kollha, kif ukoll partijiet interessati impenjati mis-setturi kollha.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 77 *(ikompli)*

08 02 77 05 Proġett pilota – Immunizzazzjoni materna: nagħlqu l-lakuni fl-għarfien sabiex isir progress fl-immunizzazzjoni materna f'kuntesti fejn hemm riżorsi limitati

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
600 000	300 000				

Kummenti

Fl-isfond tal-aġenda MDG li għadha ma ntemmitx, iż-żieda fl-immunizzazzjoni materna għan-nisa tqal u t-trabi tagħhom, biex jitħarsu minn mard li jikkawża morbożità sostanzjali u mortalità, bħall-malarja, l-HIV, it-tuberkuloża, l-influwenza u t-tetnu, jirrappreżenta opportunità unika sabiex isir progress reali fis-saħħa tan-nisa u tat-tfal (MDG5 u MDG4) b'mod kosteffikaċi u ekwu. It-tilqim jgħodd fost l-għodod ta' prevenzjoni l-aktar effikaċi li jeżistu sal-lum sabiex jonqos il-mard li jittieħed, il-kumplikazzjonijiet relatati u s-sintomi ta' wara l-mard. Il-biċċa l-kbira tal-mard li jista' jiġi evitat permezz ta' tilqimiet matul it-tqala għandhom l-akbar impatt u l-impatt l-aktar serju fuq l-ommijiet u t-trabi f'pajjiżi b'introjtu baxx.

L-immunizzazzjoni materna tikkostitwixxi approċċ promettenti li fih in-nisa tqal jitlaqqmu sabiex jitħarsu t-trabi tat-twelid li jkunu għadhom ċkejknin wisq biex jingħataw it-tilqima huma stess. Il-mortalità fost it-trabi li għadhom jitwieldu tinkludi madwar 600 000 mewt relatata ma' infezzjoni kull sena, li proporzjon minnha jista' jiġi indirizzat permezz tal-immunizzazzjoni materna. Barra minn hekk, l-immunizzazzjoni materna tista' tindirizza proporzjon mill-madwar 965 000 fatalità kkawżata minn twelid prematur u tevita proporzjon mill-madwar 10 sa 50 % tal-każijiet ta' trabi li jitwieldu mejta minħabba mard li jittieħed.

Min-naħa l-oħra, l-evidenza disponibbli attwalment miż-żoni kkonċernati dwar l-ammont ta' mard li jista' jiġi evitat permezz tal-immunizzazzjoni materna u dwar is-sikurezza u l-effikaċja tat-tilqim fin-nisa tqal, mhix kompluta u hija fqira. Li tiġi ġġenerata data tajba u ta' evidenza b'saħħitha dwar l-ammont ta' mard li jista' jiġi evitat permezz ta' tilqima fit-tqala u fl-ewwel stadju tat-tfulija f'pajjiżi b'introjtu baxx huwa fundamentali u jikkostitwixxi prerekwiżit għad-definizzjoni futura ta' pjan direzzjonali għall-politiki dwar l-immunizzazzjoni materna f'dawk iż-żoni.

Mira: Li jiġi determinat l-ammont ta' mard li jista' jiġi evitat permezz ta' tilqima fuq in-nisa tqal u t-trabi tagħhom f'pajjiżi bi qligħ baxx u li jiġi vvalutat l-impatt ta' komorbożitajiet bħall-HIV, it-tuberkuloża u l-marda Chagas fuq dan l-ammont.

Objettivi: Biex jieħu vantaġġ mill-evidenza reċenti, il-proġett pilota jikkwantifika l-ammont ta' mard li jista' jiġi evitat permezz ta' tilqima (b'enfasi ewlenija fuq is-Sindrome ta' Guillain-Barré, ir-respiratory syncytial virus, is-sogħla konvulsiva, l-influwenza, it-tetnu u r-rubella) fuq in-nisa tqal u t-trabi tagħhom, u jistudja kif, fil-każ tan-nisa tqal, dan huwa modifikat minn komorbożitajiet bħall-infezzjoni mill-HIV, it-tuberkuloża jew infezzjoni konġunta tal-HIV u t-tuberkuloża f'siti rappreżentattivi fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Amerika Latina u fil-Karibew.

Il-proġett pilota jista' jgħin ukoll biex iħeġġeġ l-evalwazzjoni ta' tilqim liċenzjat u ta' tilqim li qed jiġi żviluppat għan-nisa tqal minn pajjiżi bi qligħ baxx, fejn dan it-tilqim huwa l-aktar bżonnjuż (jiġifieri jista' jgħin biex tinbena pjattaforma ta' immunizzazzjoni għall-influwenza materna li tinkludi kura matul it-tqala fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw), jindirizza l-ostakli għall-immunizzazzjoni materna, u jikkontribwixxi għad-definizzjoni ta' pjan direzzjonali dwar il-politiki għall-immunizzazzjoni materna u jissostanzja l-prijoritizzazzjoni f'dawn il-kuntesti. Barra minn hekk il-proġett huwa f'waqtu, hekk kif jeżisti impetu fost il-partijiet interessati fil-qasam tas-saħħa globali fir-rigward tal-impatt tal-immunizzazzjoni kif ukoll minħabba l-fatt li fid-deċennju li jmiss, il-pajjiżi b'introjtu baxx u medju se jkunu qed jintroduċu tilqimiet ġodda li jistgħu jsalvaw il-ħajja tan-nies fi ħdan il-programmi normali ta' immunizzazzjoni tagħhom. Il-proġett jista' jġib miegħu kollaborazzjoni pubblika-privata u kooperazzjoni fir-riċerka bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 77 *(ikompli)*

08 02 77 05 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

08 02 77 06 Azzjoni preparatorja — Il-parteċipazzjoni kodeċiżiva u ta' kodeterminazzjoni politika attiva tal-ġenerazzjonijiet aktar żagħżugħa u akbar fl-età fl-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
600 000	250 000				

Kummenti

Riċerka bażika fil-livell tal-UE dwar l-istatus quo fl-Istati Membri kollha biex jiġu identifikati oqsma għal azzjoni jew biex jitnisslu konklużjonijiet politiċi.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

08 02 77 07 Proġett Pilota — Ottimizzazzjoni tad-detezzjoni otto-akustika mhux invażiva ta' ħut taħt l-ilma in situ permezz tal-prototip preliminari UFO bl-għan li jiġi appoġġat il-monitoraġġ ibbażat fuq il-valutazzjonijiet tal-EEA tal-istokkijiet u implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
200 000	100 000				

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 77 *(ikompli)*

08 02 77 07 *(ikompli)*

Kummenti

Ir-riċerka proposta hija kompletament ġdida billi tgħaqqad b'mod sinkroniku immaġini HD akustika (medium field sa far field) u immaġni ottika (near field) (dawl baxx, frekwenzi għoljin) permezz ta' mekkaniżmu ta' blending u kalibrar biex l-informazzjoni min-near field tiġi tradotta f'far field u viċi versa. Dan sabiex jiġu kwantifikati l-abbundanza, il-bijomassa u d-diversità tal-ħut f'oqsma ewlenin kif ukoll indikaturi oħra tal-MSFD (permezz ta' sett ulterjuri ta' strumentazzjoni (ambjentali)). Minflok snapshots (bħal dawk ġenerati f'valutazzjonijiet regolari), se jiġu prodotti 'videos', fejn il-metodu ta' valutazzjoni se jkun qed isegwi standards internazzjonali (ICES). Is-sistema kompleta hija antiċipata li taħdem b'mod awtonomu, kontinwu u mhux inważiv fuq il-bażi ta' avveniment sabiex ma tinħeliex enerġija.

Bħala pjattaforma ta' riċerka, se jiġi pprovdut hardware otto-akustiku lander (osservatorju tal-ħut taħt l-ilma, UFO) mill-istitut ta' riċerka mingħajr spejjeż għall-proġett, għall-ottimizzar tal-algoritmi ta' rikonoxximent tat-tendenzi u riċerka relatata.

L-ammont indikat ikopri fost oħrajn l-ispejjeż għall-kejl bijometriku tal-ħut, l-immudellar tar-relazzjonijiet bejn l-età u t-tul tal-ħut, il-bijomassa, il-volum għal kull ritratt/video, il-kwantifikazzjoni tal-effett tal-qroll permezz ta' esperimenti ta' tagging, kalibrar (integrazzjoni) tar-riżultati bijoloġiċi ma' dawk mill-akustiċi u l-ottiċi, l-ottimizzazzjoni tad-disinn tal-istudju mill-perspettiva bijoloġika, il-migrazzjoni u s-separazzjoni tal-ħut uniku (traċċar tal-ħut medium field sa far field), kontroll skont l-avveniment tal-istrumentazzjoni kollha, stima tad-distanza (stereometriċi near field), separazzjoni tal-ħut, u kalibrar (integrazzjoni) ta' riżultati ottiċi ma' dawk akustiċi u bijoloġiċi.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

08 02 77 08 Proġett pilota — Żvilupp ta' sistema ta' firxa ta' testijiet UFO otto-akustiċi mhux inważivi bl-għan li jiġi appoġġat il-monitoraġġ tal- bijodiversità tal-ħut u ta' indikaturi oħra tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) f'żoni marittimi ewlenin

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 200 000	600 000				

Kummenti

Ir-riċerka proposta hija kompletament ġdida billi tgħaqqad b'mod sinkroniku immaġini HD akustika (medium field sa far field) u immaġni ottika (near field) (dawl baxx, frekwenzi għoljin) permezz ta' mekkaniżmu ta' blending u kalibrar biex l-informazzjoni min-near field tiġi tradotta f'far field u viċi versa. Dan huwa sabiex jiġu kwantifikati l-abbundanza, il-bijomassa u d-diversità tal-ħut f'oqsma ewlenin kif ukoll indikaturi oħra tal-MSFD (permezz ta' sett ulterjuri ta' strumentazzjoni (ambjentali)). Minflok snapshots (bħal dawk ġenerati f'valutazzjonijiet regolari), se jiġu prodotti "videos", fejn il-metodu ta' valutazzjoni se jkun qed isegwi standards internazzjonali (ICES). Is-sistema kompleta hija antiċipata li taħdem b'mod awtonomu, kontinwu u mhux inważiv meta jseħħ avveniment sabiex ikun hemm fdil tal-enerġija (Dak ħut jew xi ħaġa oħra? Jekk dak huwa ħut, allura ixgħel l-istrumentazzjoni kollha). Iż-żewġ osservatorji taħt l-ilma tal-ħut tal-firxa ta' testijiet se jiġu mħarrġa biex jitkellmu ma' xulxin u jiskambjaw informazzjoni rilevanti, b'rabta mal-effett tal-qroll).

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 02 — ORIZZONT 2020 — RIĊERKA *(ikompli)*

08 02 77 *(ikompli)*

08 02 77 08 *(ikompli)*

L-ammont indikat ikopri inter alia l-ispejjeż għall-kejl bijometriku tal-ħut, l-immudellar tar-relazzjonijiet bejn l-età u t-tul tal-ħut, il-volum għal kull ritratt/video, il-kwantifikazzjoni tal-effett tal-qroll permezz ta' esperimenti ta' tagging, kalibrar (integrazzjoni) tar-riżultati bijoloġiċi ma' dawk mill-akustiċi u l-ottiċi, l-ottimizzar tad-diżinn tal-inkjesta mill-perspettiva bijoloġika, migrazzjoni u separazzjoni tal-ħut uniku (traċċar tal-ħut medium field sa far field), kontroll skont l-avveniment tal-istrumentazzjoni kollha, stima tad-distanza (sterjometriċi near field), kalibrar (integrazzjoni) ta' riżultati ottiċi ma' dawk akustiċi u bijoloġiċi, interfaċċar tal-array hardware u tas-senser tekniku.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 03 — PROGRAMM TAL-EURATOM — AZZJONIJIET INDIRETTI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
08 03	PROGRAMM TAL-EURATOM — AZZJONIJIET INDIRETTI								
08 03 01	***Nefqa operazzjonali tal-Programm tal-Euratom***								
08 03 01 01	Euratom — Enerġija mill-fużjoni	1,1	132 239 003	132 233 979	122 147 186	146 941 084	112 579 654,61	97 841 864,61	73,99
08 03 01 02	Euratom — Fissjoni nukleari u ħarsien mir-radjazzjoni	1,1	59 135 715	p.m.	54 654 414	30 875 121	48 861 099,—	417 357,22	
	Artikolu 08 03 01 — Subtotal		191 374 718	132 233 979	176 801 600	177 816 205	161 440 753,61	98 259 221,83	74,31
08 03 50	***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***								
08 03 50 01	Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (mill-2014 sal-2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	34 406 584,72	33 548 036,36	
08 03 50 02	Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (mill-2014 sal-2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	6 831,01	13 653 880,91	
	Artikolu 08 03 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	34 413 415,73	47 201 917,27	
08 03 51	***Tlestija tal-programm kwadru ta' riċerka tal-Euratom preċedenti (2007 sa 2013)***	1,1	p.m.	16 387 468	p.m.	39 796 544	300 085,79	58 351 931,66	356,08
08 03 52	***Tlestija tal-programmi kwadru ta' riċerka tal-Euratom preċedenti (ta' qabel l-2007)***	1,1	p.m.	194 291	p.m.	394 545	3 217,43	148 044,18	76,20
	Kapitolu 08 03 — Total		**191 374 718**	**148 815 738**	**176 801 600**	**218 007 294**	**196 157 472,56**	**203 961 114,94**	**137,06**

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 03 — PROGRAMM TAL-EURATOM — AZZJONIJIET INDIRETTI *(ikompli)*

Kummenti

Il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom (2014-2018) ("il-Programm Euratom") jikkumplimenta Orizzont 2020 fil-qasam tar-riċerka u t-taħriġ nukleari. L-objettiv ġenerali tiegħu huwa li jiżvolġi attivitajiet ta' riċerka u taħriġ nukleari b'enfasi biex titjieb kontinwament is-sikurezza nukleari u r-radjuprotezzjoni, partikolarment biex tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni fit-terminu twil tas-sistema tal-enerġija f'manjiera sikura, effiċjenti u sigura. Il-Programm Euratom, billi jsostni din ir-riċerka, għandu jirrinforza l-eżiti skont it-tliet prijoritajiet ta' Orizzont 2020: xjenza eċċellenti, tmexxija industrijali u sfidi soċjetali.

L-azzjonijiet indiretti tal-Programm Euratom huma ffukati fuq żewġ oqsma: fiżjoni nukleari, sikuressa u radjuprotezzjoni, u l-programm tar-riċerka u l-iżvilupp tal-fużjoni.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, tal-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

08 03 01 Nefqa operazzjonali tal-Programm tal-Euratom

Kummenti

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm tal-Euratom għall-azzjonijiet indiretti jinkludi s-sigurtà tal-fissjoni nukleari kif ukoll ir-riċerka u l-iżvilupp tal-fużjoni li għandhom l-għan li jassiguraw is-suċċess tal-proġett ITER filwaqt li jippermettu lill-Ewropa li tieħu l-benefiċċji tiegħu. Huwa għandu jirrinforza r-riżultati taħt it-tliet prijoritajiet tal-programm qafas Orizzont 2020: xjenza eċċellenti, tmexxija industrijali, sfidi soċjetali.

08 03 01 01 Euratom — Enerġija mill-fużjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
132 239 003	132 233 979	122 147 186	146 941 084	112 579 654,61	97 841 864,61

Kummenti

L-attività tal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni se ssostni attivitajiet komuni ta' riċerka mwettqa mill-partijiet interessati tal-fużjoni fl-implimentazzjoni tal-kompiti li joħorġu mill-pjan direzzjonali tal-fużjoni. Barra minn hekk, hija se ssostni attivitajiet konġunti biex jiġu żviluppati u kkwalifikati materjali għal impjant tal-enerġija ta' dimostrazzjoni kif ukoll biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mal-operat tar-reattur u biex jiġu żviluppati u murija t-teknoloġiji rilevanti kollha għal impjant tal-enerġija ta' dimostrazzjoni tal-fużjoni. L-attività se timplimenta wkoll jew issostni il-ġestjoni tal-għarfien u t-trasferiment tat-teknoloġija mir-riċerka kofinanzjata minn dan il-programm għall-industrija, li tisfrutta l-aspetti innovattivi kollha tar-riċerka. Barra minn hekk, l-attività se ssostni l-kostruzzjoni, l-arranġament mill-ġdid, l-użu u d-disponibbiltà kontinwa ta' infrastrutturi tar-riċerka ewlenin taħt il-Programm tal-Euratom.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 948), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(e) sa (h) tiegħu.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 03 — PROGRAMM TAL-EURATOM — AZZJONIJIET INDIRETTI *(ikompli)*

08 03 01 *(ikompli)*

08 03 01 02 Euratom — Fissjoni nukleari u ħarsien mir-radjazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
59 135 715	p.m.	54 654 414	30 875 121	48 861 099,—	417 357,22

Kummenti

L-attività tal-Euratom fil-qasam tal-fissjoni nukleari se tipprovdi appoġġ għal attivitajiet konġunti ta' riċerka li jikkonċernaw l-operat sikur tas-sistemi tar-reatturi li qed jintużaw jew li jistgħu jintużaw fil-ġejjieni fl-Unjoni. Hija se tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-iskart nukleari aħħari. Barra minn hekk, l-attività se tappoġġa attivitajiet ta' riċerka konġunti u/jew ikkoordinati, b'mod partikolari dwar ir-riskji minn dożi baxxi minn esponiment industrijali, mediku jew ambjentali. Barra dan, l-attività tal-Euratom dwar il-fissjoni se tippromwovi attivitajiet ta' taħriġ u ta' mobbilità konġunti bejn ċentri tar-riċerka u l-industrija kif ukoll bejn Stati Membri u Stati Assoċjati differenti filwaqt li tipprovdi appoġġ għaż-żamma ta' kompetenzi nukleari multidixxiplinarji.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 948), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(a) sa (d) tiegħu.

08 03 50 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku

08 03 50 01 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (mill-2014 sal-2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	34 406 584,72	33 548 036,36

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu mill-2014 sal-2020.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 03 — PROGRAMM TAL-EURATOM — AZZJONIJIET INDIRETTI *(ikompli)*

08 03 50 *(ikompli)*

08 03 50 01 *(ikompli)*

Id-dħul li jirriżulta mill-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Isvizzera jew dak multilaterali tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni (EFDA) jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 1 u 6 0 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

08 03 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (mill-2014 sal-2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	6 831,01	13 653 880,91

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, mill-perjodu ta' qabel l-2014.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

Id-dħul li jirriżulta mill-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Isvizzera jew dak multilaterali tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni (EFDA) jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 1 u 6 0 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

08 03 51 ***Tlestija tal-programm kwadru ta' riċerka tal-Euratom preċedenti (2007 sa 2013)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	16 387 468	p.m.	39 796 544	300 085,79	58 351 931,66

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel.

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 03 — PROGRAMM TAL-EURATOM — AZZJONIJIET INDIRETTI *(ikompli)*

08 03 51 *(ikompli)*

Il-programm ikopri żewġ oqsma tematiċi:

Ir-riċerka tal-fużjoni, li tinkludi attivitajiet li jvarjaw minn riċerka bażika għall-iżvilupp tat-teknoloġija, il-kostruzzjoni ta' proġetti maġġuri u attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni. Din toffri l-prospett ta' provvista kważi mingħajr limiti ta' enerġija nadifa, fejn ITER ikun il-pass kruċjali li jmiss fil-progress lejn dan l-għan aħħari. It-twettiq tal-proġett ITER għalhekk huwa fil-qalba tal-istrateġija attwali tal-Unjoni. Għandu jkun akkumpanjat minn programm Ewropew ta' riċerka u żvilupp b'saħħtu u ffukat fuq il-fużjoni bħala preparazzjoni għall-esplojtazzjoni ta' ITER u biex jiżviluppa t-teknoloġiji u l-bażi ta' għarfien li jinħtieġu matul l-operazzjoni ta' ITER u lil hinn.

Ir-riċerka tal-fissjoni, li għandha l-għan li tistabbilixxi bażi xjentifika u teknika soda sabiex taċċellera l-iżviluppi prattiċi għall-ġestjoni iktar sikura ta' skart radjuattiv b'ħajja twila, għall-promozzjoni ta' enerġija nukleari iktar sikura, iktar effiċjenti fir-riżorsi u kosteffettiva u biex tkun żgurata sistema robusta u soċjalment aċċettabbli ta' protezzjoni tal-bniedem u l-ambjent mill-effetti tar-radjazzjoni.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/970/Euratom tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1908/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 1; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/976/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/93/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 139/2012 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet indiretti taħt il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/94/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-Programm Speċifiku, li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet indiretti, li jimplimenta l-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 33).

08 03 52 ***Tlestija tal-programmi kwadru ta' riċerka tal-Euratom preċedenti (ta' qabel l-2007)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	194 291	p.m.	394 545	3 217,43	148 044,18

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 03 — PROGRAMM TAL-EURATOM — AZZJONIJIET INDIRETTI *(ikompli)*

08 03 52 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li kienu għadhom ma tħallsux missnin ta' qabel.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/268/Euratom tas-26 ta' April 1994 dwar programm kwadru tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam ta' riċerka u taħriġ għall-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (1994-1998) (ĠU L 115, 6.5.1994, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/253/Euratom tal-4 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni 94/268/Euratom dwar il-programm kwadru tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam ta' riċerka u taħriġ għall-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (1994-1998), wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja għall-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 72).

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm kwadru għall-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tal-iżvilupp ta' riċerka u teknoloġija u ta' dimostrazzjoni (1994-1998) wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja għall-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/64/Euratom tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-Ħames Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka u attivitajiet ta' taħriġ (1998-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 34).

Id-Deċiżjoni 2002/668/Euratom tal-Kunsill tal-3 ta' Ġunju 2002 dwar is-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (Euratom), għal riċerka fuq l-enerġija nukleari u attivitajiet ta' taħriġ, u għal kontribuzzjoni fil-kreazzjoni ta' Żona ta' Riċerka Europea (2002-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 34).

Id-Deċiżjoni 2002/837/Euratom tal-Kunsill tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku (Euratom) għar-riċerka u t-taħriġ fuq l-enerġija nukleari (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 74).

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 05 — PROGRAMM TA' RIĊERKA TAL-FOND TAR-RIĊERKA GĦALL-FAĦAM U L-AZZAR

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
08 05	PROGRAMM TA' RIĊERKA TAL-FOND TAR-RIĊERKA GĦALL-FAĦAM U L-AZZAR								
08 05 01	***Programm ta' riċerka għall-azzar***	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	35 644 823,—	35 177 770,27	
08 05 02	***Programm ta'riċerka għall-faħam***	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	14 906 689,—	13 776 454,34	
	Kapitolu 08 05 — Total		**p.m.**	**p.m.**	**p.m.**	**p.m.**	**50 551 512,—**	**48 954 224,61**	

Kummenti

Il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar kull sena jiffinanzja proġetti innovattivi sabiex itejbu s-sigurtà, l-effiċjenza u l-vantaġġ kompetittiv tal-industriji tal-faħam u l-azzar tal-Unjoni. Huwa nħoloq fl-2002 biex jibni fuq is-suċċessi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. Id-distribuzzjoni tal-baġits bejn il-faħam (27,2 %) u l-azzar (72,8 %) hija definita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE tal-1 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li tistabbilixxi l-Komunità, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data ta' l-għeluq tat-Trattat KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar (ĠU L 29, 5.2.2003, p. 22).

08 05 01 Programm ta' riċerka għall-azzar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	35 644 823,—	35 177 770,27

Kummenti

L-attività tal-programm ta' riċerka għall-azzar għandha l-għan li ttejjeb il-proċessi ta' produzzjoni tal-azzar sabiex tittejjeb il-kwalità tal-prodott u tiżdied il-produttività. It-tnaqqis tal-emissjonijiet, il-konsum tal-enerġija u l-impatt ambjentali kif ukoll it-titjib fl-użu tal-materja prima u l-konservazzjoni tar-riżorsi għandhom jiffurmaw parti integrali mit-titjib li qed jiġi mfittex.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (ĠU L 130, 20.05.2008, p.7).

08 05 02 Programm ta'riċerka għall-faħam

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	14 906 689,—	13 776 454,34

KUMMISSJONI
TITOLU 08 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 08 05 — PROGRAMM TA' RIĊERKA TAL-FOND TAR-RIĊERKA GĦALL-FAĦAM U L-AZZAR *(ikompli)*

08 05 02 *(ikompli)*

Kummenti

L-attività tal-programm ta' riċerka għall-faħam għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet totali tal-produzzjoni tal-faħam mill-mini tat-tħaffir, ittejjeb il-kwalità tal-prodotti u tnaqqas il-kostijiet tal-użu tal-faħam. Il-proġetti ta' riċerka għandhom ikollhom l-għan ukoll li jilħqu progress xjentifiku u teknoloġiku sabiex jinkiseb fehim aħjar tal-imġiba u l-kontroll tad-depożiti fir-rigward tal-pressjoni tal-blat, l-emissjonijiet ta' gassijiet, ir-riskju ta' splużjoni, il-ventilazzjoni u l-fatturi l-oħra kollha li jaffettwaw l-operazzjonijiet tat-tħaffir fil-minjieri. Il-proġetti ta' riċerka li jkollhom dawn l-objettivi għandhom jippreżentaw il-prospett ta' riżultati applikabbli fil-perjodu qasir jew medju għal parti sostanzjali tal-produzzjoni tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (ĠU L 130, 20.05.2008, p.7).

TITOLU 09

NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

TITOLU 09

NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA"	117 303 475	117 303 475	115 875 353	115 875 353	133 662 500,79	133 662 500,79
09 02	SUQ UNIKU DIĠITALI	19 583 000	20 817 000	18 396 755	19 230 445	18 955 811,10	17 047 935,97
09 03	FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (CEF) — NETWERKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI	140 417 661	79 544 909	91 642 770	72 471 741	86 634 073,06	5 706 591,58
09 04	ORIZZONT 2020	1 396 861 728	2 027 749 775	1 506 779 569	1 525 102 580	1 474 801 963,88	1 035 193 554,99
09 05	EWROPA KREATTIVA	129 148 500	127 641 498	123 120 000	121 683 724	135 615 165,07	142 883 510,73
	Titolu 09 — Total	**1 803 314 364**	**2 373 056 657**	**1 855 814 447**	**1 854 363 843**	**1 849 669 513,90**	**1 334 494 094,06**

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

TITOLU 09

NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
09 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA"					
09 01 01	***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Netwerks tal-komunikazzjoni, kontenut u teknoloġija"***	5,2	43 222 990	42 390 372	43 558 797,68	100,78
09 01 02	***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Netwerks tal-komunikazzjoni, kontenut u teknoloġija"***					
09 01 02 01	Persunal estern	5,2	2 536 752	2 100 737	2 020 819,66	79,66
09 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	1 891 695	1 682 837	1 837 401,—	97,13
	Artikolu 09 01 02 — Subtotal		4 428 447	3 783 574	3 858 220,66	87,12
09 01 03	***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Netwerks tal-komunikazzjoni, kontenut u teknoloġija"***	5,2	2 758 538	2 691 197	3 145 807,19	114,04
09 01 04	***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Netwerks tal-komunikazzjoni, kontenut u teknoloġija"***					
09 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT)	1,1	497 000	323 000	193 643,—	38,96
09 01 04 02	Nefqa ta' sostenn għall-programm Ewropa Kreattiva — sottoprogramm tal-midja	3	1 414 980	1 374 030	1 427 720,26	100,90
	Artikolu 09 01 04 — Subtotal		1 911 980	1 697 030	1 621 363,26	84,80
09 01 05	***Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Netwerks tal-komunikazzjoni, kontenut u teknoloġija"***					
09 01 05 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	43 255 948	43 000 000	48 584 372,—	112,32

KUMMISSJONI

TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA" *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
09 01 05	*(ikompli)*					
09 01 05 02	Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	11 242 239	11 423 259	12 312 717,—	109,52
09 01 05 03	Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	10 483 333	10 889 921	20 581 223,—	196,32
	Artikolu 09 01 05 — Subtotal		64 981 520	65 313 180	81 478 312,—	125,39
	Kapitolu 09 01 — Total		**117 303 475**	**115 875 353**	**133 662 500,79**	**113,95**

09 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Netwerks tal-komunikazzjoni, kontenut u teknoloġija"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
43 222 990	42 390 372	43 558 797,68

09 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Netwerks tal-komunikazzjoni, kontenut u teknoloġija"

09 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 536 752	2 100 737	2 020 819,66

09 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 891 695	1 682 837	1 837 401,—

09 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Netwerks tal-komunikazzjoni, kontenut u teknoloġija"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 758 538	2 691 197	3 145 807,19

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA" *(ikompli)*

09 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Netwerks tal-komunikazzjoni, kontenut u teknoloġija"

09 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
497 000	323 000	193 643,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri nefqa fuq assistenza teknika u/jew amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, tħejjija, ġestjoni, monitoraġġ, awditjar u superviżjoni tal-programm jew l-azzjonijiet.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ara l-Artikoli 09 03 01, 09 03 02 u 09 03 03.

09 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għall-programm Ewropa Kreattiva — sottoprogramm tal-midja

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 414 980	1 374 030	1 427 720,26

Kummenti

Ex *partita 15 01 04 02 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri spejjeż marbuta mal-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u promozzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm Ewropa Kreattiva u l-ilħuq tal-objettivi tiegħu; b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż il-komunikazzjoni istituzzjonali tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sa fejn huma marbuta mal-objettivi ġenerali ta' din il-partita, u l-ispejjeż konnessi man-netwerks tal-IT li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż l-oħra kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA" *(ikompli)*

09 01 04 *(ikompli)*

09 01 04 02 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati taż-żona tal-viċinat Ewropew, skont il-proċeduri ddefiniti f'dawk il-pajjiżi wara l-Ftehimiet ta' Qafas li jipprovdu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni, kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm, skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonjiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet mdaħħla għall-programm, skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 15 04.

09 01 05 ***Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam ta' politika "Netwerks tal-komunikazzjoni, kontenut u teknoloġija"***

09 01 05 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
43 255 948	43 000 000	48 584 372,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, li jokkupaw karigi fuq il-pjanijiet ta' stabbiliment awtorizzati impenjati f'azzjoni indiretta fl-ambitu tal-programmi nonnukleari, inklużi uffiċjali u persunal temporanju f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA" *(ikompli)*

09 01 05 *(ikompli)*

09 01 05 01 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu d-dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 09 04.

09 01 05 02 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
11 242 239	11 423 259	12 312 717,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa fuq persunal estern fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 fil-forma ta' azzjoni indiretta fl-ambitu tal-programmi nonnukleari, inkluż il-persunal estern ippostjat f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 09 04.

09 01 05 03 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
10 483 333	10 889 921	20 581 223,—

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA" *(ikompli)*

09 01 05 *(ikompli)*

09 01 05 03 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-ġestjoni kollha tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020 fil-forma ta' azzjoni indiretta fl-ambitu tal-programmi nonnukleari, inkluża nefqa oħra amministrattiva mġarrba mill-persunal estern ippostjat f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, il-preparazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditu u s-superviżjoni tal-programm jew tal-proġetti, bħal konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT, missjonijiet, taħriġ u spejjeż tar-rappreżentanzi.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 09 04.

KAPITOLU 09 02 — SUQ UNIKU DIĠITALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 02	SUQ UNIKU DIĠITALI								
09 02 01	***Definizzjoni u implimentazzjoni tal-politka tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika***	1,1	3 530 000	4 100 000	3 258 000	3 702 485	3 188 254,46	2 817 710,61	68,72
09 02 03	***Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA)***	1,1	10 070 000	10 070 000	9 100 612	9 100 612	9 085 457,86	9 085 457,86	90,22
09 02 04	***Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) — Uffiċċju***	1,1	4 072 000	4 072 000	3 498 143	3 498 143	4 162 873,64	4 162 792,—	102,23
09 02 05	***Miżuri dwar il-kontenut diġitali u industriji awdjoviżivi u ta' mezzi oħra***	3	1 061 000	1 200 000	1 040 000	1 087 338	1 019 225,14	150 215,14	12,52
09 02 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
09 02 77 02	Proġett pilota — Implimentazzjoni tal-Għodda għall-Monitoraġġ għall-Pluraliżmu tal-Midja	3	p.m.	p.m.	p.m.	326 889	500 000,—	426 079,92	
09 02 77 03	Proġett pilota — Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Midja	3	p.m.	400 000	p.m.	764 978	1 000 000,—	405 680,44	101,42
09 02 77 04	Azzjoni preparatorja — Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Midja	3	500 000	600 000	1 000 000	500 000			
09 02 77 05	Azzjoni preparatorja — L-Implimentazzjoni tal-Għodda għall-Monitoraġġ għall-Pluraliżmu tal-Midja	3	350 000	375 000	500 000	250 000			
	Artikolu 09 02 77 — Subtotal		850 000	1 375 000	1 500 000	1 841 867	1 500 000,—	831 760,36	60,49
	Kapitolu 09 02 — Total		**19 583 000**	**20 817 000**	**18 396 755**	**19 230 445**	**18 955 811,10**	**17 047 935,97**	**81,89**

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 02 — SUQ UNIKU DIĠITALI *(ikompli)*

09 02 01 Definizzjoni u implimentazzjoni tal-politka tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 530 000	4 100 000	3 258 000	3 702 485	3 188 254,46	2 817 710,61

Kummenti

Ex *Artikoli 09 02 01 u 12 02 01 (parti)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa għal sett ta' miżuri maħsuba li:

— jikkoordinaw qafas regolatorju aħjar għall-kompetizzjoni, l-investiment u t-tkabbir fuq il-firxa sħiħa ta' kwistjonijiet fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi: analiżi ekonomika, valutazzjoni tal-impatt, żvilupp tal-politika, konformità regolatorja,

— iwettqu u jirrevedu l-politika tal-Unjoni dwar netwerks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika bil-ħsieb li jitniedu inizjattivi mfassla biex jilqgħu l-isfidi f'dan is-settur li qed jevolvi b'mod dinamiku (konverġenza ta' komunikazzjoni elettronika bi twassil awdjoviżiv u ta' kontenut),

— jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tas-Suq Uniku Diġitali, f'azzjonijiet marbuta mal-miri tal-broadband permezz ta' regolamentazzjoni, assistenza għal politika u l-finanzjament pubbliku, inkluż il-koordinazzjoni mal-politika ta' koeżjoni fl-oqsma rilevanti għal netwerks u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi,

— jiżviluppaw politiki u miżuri ta' koordinazzjoni li jiżguraw li l-Istati Membri jimplimentaw il-Pjani Nazzjonali tal-Broadband tagħhom b'referenza għall-infrastruttura fissa u mobbli u l-konverġenza possibbli tagħhom, inkluż il-koerenza u l-effiċjenza ekonomika tal-intervenzjonijiet pubbliċi fil-livelli tal-Unjoni u tal-Istati Membri,

— jiżviluppaw politika u leġiżlazzjoni b'fokus partikolari fuq kwistjonijiet marbuta mal-aċċess u l-awtorizzazzjoni ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, notevolment l-interoperabbiltà, l-interkonnessjoni, ix-xogħlijiet ċivili, l-indipendenza tar-regolaturi u miżuri ġodda biex isaħħu s-suq uniku,

— jiffaċilitaw il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti fl-Istati Membri kollha,

— jipprovdu koordinazzjoni tal-proċeduri tal-ksur, u input għal kwistjonijiet rilevanti għall-għajnuna mill-Istat,

— jiżviluppaw politika u leġiżlazzjoni b'fokus partikolari fuq kwistjonijiet marbuta ma' kwistjonijiet ta' bejgħ bl-imnut u l-konsumaturi, notevolment in-newtralità tan-net, l-iswitching, ir-roaming, l-istimulu tad-domanda u l-użu u s-servizz universali,

— jiżviluppaw u jimplimentaw regolamenti konsistenti bbażata fuq is-suq li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u li jwieġbu għal notifiki individwali minn dawk l-awtoritajiet notevolment fir-rigward ta' swieq rilevanti, kompetizzjoni u interventi regolatorji xierqa, b'mod partikulari għal netwerks ta' aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss,

— jiżviluppaw politiki fil-kategoriji kollha li jiżguraw li l-Istati Membri jimmaniġġaw l-użi kollha tal-ispettru, inklużi l-isferi differenti tas-suq intern bħall-komunikazzjoni elettronika, l-internet bil-broadband u l-innovazzjoni,

KAPITOLU 09 02 — SUQ UNIKU DIĠITALI *(ikompli)*

09 02 01 *(ikompli)*

— jippromwovu u jimmoniterjaw l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju tas-servizzi tal-komunikazzjoni (inkluż il-mekkaniżmu pprovdut fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Id-Direttiva Kwadru) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33),

— jippermettu lill-pajjiżi terzi jsegwu politika ta' ftuħ tas-swieq tagħhom bl-istess mod bħal fl-Unjoni,

— jippromwovu u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju (Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7)),

— jiżviluppaw politiki dwar id-drittijiet tal-awtur fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar id-distribuzzjoni onlajn ta' kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur fis-suq uniku diġitali, inkluż il-valutazzjoni tal-ostakli legali u ekonomiċi li jirriżultaw mill-qafas regolatorju fil-livell tal-Unjoni jew l-Istati Membri jew minn prassi tal-industrija,

— jiżviluppaw, jimplimentaw u jimmonitorjaw politiki fil-kuntest tas-Suq Uniku Diġitali dwar il-kummerċ elettroniku fl-Unjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ('Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku') (ĠU L 178, 17.7.2000, p.1), inkluż il-valutazzjoni tal-ostakli legali u ekonomiċi li jirriżultaw mill-qafas tas-suq intern għall-kummerċ elettroniku jew minn miżuri relatati,

— issostnu azzjonijiet biex jissalvagwardjaw l-istabbiltà u s-sigurtà kontinwati tal-internet immexxija minn mudell ġenwin ta' multi parti konċernati biex jiżguraw l-isfruttar komplut tal-opportunitajiet ekonomiċi u soċjali offruti mill-komunikazzjonijiet elettroniċi,

— ikomplu jimplimentaw il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Il-Politika u l-Governanza tal-Internet; Ir-rwol tal-Ewropa fid-definizzjoni tal-futur tal-Governanza tal-Internet" (COM/2014/072 final), kif ukoll biex jagħtu segwitu għal sejħiet konkreti espressi mill-Istati Membri fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Internet tas-27 ta' Novembru 2014 u mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tal-11 ta' Frar 2015 dwar it-tiġdid tal-mandat tal-Forum ta' Governanza tal-Internet (2015/2526(RSP)),

— ikomplu jiżguraw sostenn finanzjarju għall-Forum ta' Governanza tal-Internet, kif ukoll biex jiżguraw sostenn finanzjarju għad-djalogu Pan-Ewropew dwar il-governanza tal-Internet (EuroDIG) biex jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja tagħhom u għalhekk il-vijabilità operattiva tagħhom; dan jinkludi wkoll sostenn finanzjarju għal inizjattivi differenti biex jiżdied l-impatt taż-żewġ fora,

— jippromwovu l-importanza tal-ICTs fl-iżvilupp tal-Miri ta' Żvilupp Sostenibbli wara l-2015, inkluż permezz tal-miżuri tal-bini tal-kapaċità u l-fiduċja fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi indirizzati lejn pajjiżi terzi.

L-objettivi speċifiċi tal-miżuri huma:

— il-formulazzjoni ta' politika u strateġija tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi u n-netwerks ta' komunikazzjoni (inkluż il-konverġenza bejn il-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-ambjenti awdjoviżivi, l-aspetti relatati mal-Internet, eċċ.),

— l-iżvilupp ta' politika dwar l-ispettru tar-radju fl-Unjoni,

— l-iżvilupp ta' attivitajiet fis-settur tal-komunikazzjonijiet mobbli u tas-satellita, b'mod partikolari fir-rigward ta' frekwenzi, u l-istimulu tad-domanda,

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 02 — SUQ UNIKU DIĠITALI *(ikompli)*

09 02 01 *(ikompli)*

— l-analiżi tas-sitwazzjoni u l-leġiżlazzjoni adottata f'dawn l-oqsma, kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-għajnuna mill-Istat,

— l-analiżi tal-istat finanzjarju operattiv u l-intensitajiet tal-investiment fis-settur,

— il-koordinazzjoni ta' dawn il-politiki u l-inizjattivi fir-rigward tal-ambjent internazzjonali (eżempju WRC, CEPT, eċċ.),

— l-iżvilupp ta' attivitajiet u inizjattivi f'rabta mas-Suq Uniku Diġitali,

— l-iżvilupp ta' attivitajiet u inizjattivi relatati mal-politika ta' Koeżjoni,

— l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' bażi ta' dejta marbuta mal-programm tal-politika tal-ispettru tar-radju u azzjonijiet oħra marbuta mal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-programm,

— il-promozzjoni u l-avvanz ulterjuri tal-viżjoni tal-Unjoni tal-mudell multi parti konċernati tal-governanza tal-Internet.

Dawn il-miżuri jikkonsistu, fost l-oħrajn, fit-tħejjija ta' analiżi u rapporti tal-progress, konsultazzjoni mal-partijiet interessati u mal-pubbliku, tħejjija tal-komunikazzjonijiet, proposti leġiżlattivi u monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, u traduzzjonijiet ta' notifiki u konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/21/KE.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri, b'mod partikolari, il-kuntratti għal analiżi u rapporti ta' esperti, l-istudji speċifiċi, ir-rapporti ta' evalwazzjoni, l-attivitajiet ta' koordinament, l-għoti ta' għajnuna u l-finanzjament parzjali ta' xi miżuri.

Barra minn hekk, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa tal-laqgħat ta' esperti, avvenimenti ta' komunikazzjoni, miżati għas-sħubija, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-objettivi tal-politika jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Bażi ġuridika

Il-Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif prevedut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 02 03 ***Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
10 070 000	10 070 000	9 100 612	9 100 612	9 085 457,86	9 085 457,86

KAPITOLU 09 02 — SUQ UNIKU DIĠITALI *(ikompli)*

09 02 03 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa tal-Aġenzija fuq il-persunal u fuq l-amministrazzjoni (Titoli 1 u 2) u nefqa operazzjonali b'rabta mal-programm ta' ħidma biss (Titolu 3).

L-Aġenzija ġiet stabbilita sabiex ittejjeb il-kapaċità tal-Unjoni, tal-Istati Membri u, bħala konsegwenza, tal-komunità tan-negozju sabiex tevita, tindirizza u twieġeb problemi dwar is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-Aġenzija se tiżviluppa livell għoli ta' esperjenza u se tippromwovi kooperazzjoni wiesgħa bejn l-atturi mis-settur pubbliku u minn dak privat.

L-għan tal-Aġenzija huwa li tipprovdi assistenza sabiex tagħti parir lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni li jaqgħu fil-kompetenzi tagħhom u li, meta tintalab, tassisti lill-Kummissjoni fix-xogħol preparatorju tekniku għall-aġġornament u l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerk u tal-informazzjoni.

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat (il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Skont l-Artikolu 208 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikoli korrispondenti tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għal kull wieħed mill-korpi stabbiliti mill-Komunitajiet, ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ġie msaħħaħ.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 10 120 000. Ammont ta' EUR 50 000, li ġej mill-irkupru tas-surplus qed jiżdied mal-ammont ta' EUR 10 070 000 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 (ĠU L 165, 18.6.2013, p.41).

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 02 — SUQ UNIKU DIĠITALI *(ikompli)*

09 02 04 Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) — Uffiċċju

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
4 072 000	4 072 000	3 498 143	3 498 143	4 162 873,64	4 162 792,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri persunal tal-Uffiċċju u nefqa amministrattiva (Titoli 1 u 2), u nefqa operazzjonali b'rabta mal-programm ta' ħidma biss (Titolu 3).

Il-BEREC jaġixxi bħala korp espert, speċjalizzat u indipendenti għall-għoti ta' pariri li jgħin lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-komunikazzjonijiet elettroniċi biex tippromwovi approċċ regolatorju konsistenti fl-Unjoni kollha. Il-BEREC la huwa korp tal-Unjoni u lanqas għandu personalità ġuridika.

L-Uffiċċju huwa stabbilit bħala korp tal-Unjoni b'personalità ġuridika, li jipprovdi lill-BEREC bis-sostenn professjonali u amministrattiv sabiex iwettaq il-kompiti konferiti lilu mir-Regolament (KE) Nru 1211/2009.

L-Uffiċċju għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat (il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Skont l-Artikolu 208 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikoli korrispondenti tar-Regolament tal-Qafas Finanzjarju għal kull wieħed mill-korpi stabbiliti mill-Komunitajiet, ir-rwol tal-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ġie msaħħaħ.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 4 246 000. Ammont ta' EUR 174 000 li ġej mill-irkupru ta' eċċess, jiżdied mal-ammont ta' EUR 4 072 000 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Uffiċċju (ĠU L 337, 18.12.2009, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 02 — SUQ UNIKU DIĠITALI *(ikompli)*

09 02 05 Miżuri dwar il-kontenut diġitali u industriji awdjoviżivi u ta' mezzi oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 061 000	1 200 000	1 040 000	1 087 338	1 019 225,14	150 215,14

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri li ġejjin:

— l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.04.2010, p. 1),

— il-monitoraġġ tal-evoluzzjoni tas-settur tal-media, inkluż il-pluraliżmu u l-libertà tal-media, u

— l-ġbir u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni ekonomika u legali u l-analiżi li tikkonċerna s-settur awdjoviżiv u l-industriji konverġenti tal-media u tal-kontenut.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-objettiv tal-miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Bażi ġuridika

Ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq livell istituzzjonali, kif previst fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 02 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

09 02 77 02 Proġett pilota — Implimentazzjoni tal-Għodda għall-Monitoraġġ għall-Pluraliżmu tal-Midja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	326 889	500 000,—	426 079,92

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 02 — SUQ UNIKU DIĠITALI *(ikompli)*

09 02 77 *(ikompli)*

09 02 77 02 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 02 77 03 Proġett pilota — Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Midja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	400 000	p.m.	764 978	1 000 000,—	405 680,44

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 02 77 04 Azzjoni preparatorja — Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Midja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	600 000	1 000 000	500 000		

Kummenti

Iċ-Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Media propost huwa tkomplija tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Karta Ewropea għal-Libertà tal-Istampa billi jaġixxi bħala "ċentru ta' żjara" uniku fil-livell Ewropew għal organizzazzjonijiet ġurnalistiċi jew individwi u atturi medjatiċi li jallegaw ksur ta' dawk il-karti. Għandu jkun l-uniku ċentru fl-Ewropa li jissorvelja u jiddokumenta kwalunkwe ksur ta' dan it-tip. Għandu joħroġ twissijiet f'każijiet serji, pereżempju billi jorganizza appoġġ minn kollegi barranin għal ġurnalisti li jkollhom bżonn l-għajnuna. Iċ-ċentru se jibbenefika minn kontributi minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, inklużi ċentri akkademiċi, sħab reġjonali minn madwar l-Ewropa kollha u organizzazzjonijiet ġurnalistiċi varji. Iċ-ċentru se jkopri t-28 Stat Membru u l-pajjiżi kandidati.

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 02 — SUQ UNIKU DIĠITALI *(ikompli)*

09 02 77 *(ikompli)*

09 02 77 04 *(ikompli)*

L-azzjoni preparatorja se tikkumplimenta l-azzjonijiet eżistenti appoġġati mill-baġit tal-Unjoni. B'mod iktar speċifiku, iċ-ċentru se jkun il-kontroparti prattika taċ-'Ċentru għall-Pluraliżmu u l-Libertà tal-Midja' akkademiku li hu bbażat fl-Istitut Universitarju Ewropew f'Firenze. Barra minn hekk, se jibbenefika mill-momentum li nħoloq mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Libertà tal-Midja u l-Pluraliżmu stabbilit mill-Kummissjoni u mir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar "Regoli komuni għal-libertà tal-midja fl-UE kollha".

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 02 77 05 Azzjoni preparatorja — L-Implimentazzjoni tal-Għodda għall-Monitoraġġ għall-Pluraliżmu tal-Midja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
350 000	375 000	500 000	250 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Din l-azzjoni ta' tħejjija ssegwi fuq il-proġett pilota ffinanzjat fl-2013 u l-2014 mill-Parlament Ewropew, li l-għan ewlieni tiegħu kien li jittestja u japplika l-Għodda għall-Pluraliżmu tal-Media (MPM) li ġiet żviluppata fl-2009, fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, minn konsorzju ta' universitajiet Ewropej.

Il-proġett pilota MPM li qed jitwettaq attwalment miċ-Ċentru għall-Pluraliżmu u l-Libertà tal-Media fiċ-Ċentru Robert Schuman għal Studji Avvanzati/Istitut Universitarju Ewropew, li huwa ċentru akkademiku li ġie stabbilit fl-2011 mill-Kummissjoni bħala parti mill-isforzi kostanti tal-Unjoni li ttejjeb il-protezzjoni tal-pluraliżmu tal-media u l-libertà fl-Ewropa u biex jivvaluta x'azzjoni jeħtieġ tittieħed fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali biex isir progress lejn dawn l-objettivi. Taħt il-proġett pilota, is-CMPF qed jittestja verżjoni standardizzata tal-MPM 2009 fuq kampjun rappreżentattiv ta' disa' Stati Membri. Il-pajjiżi huma: il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja u r-Renju Unit. Dawn il-pajjiżi ntgħażlu abbażi ta' kriterji oġġettivi, biex jiġi assigurat l-ogħla livell ta' newtralità possibbli u biex ikun hemm il-possibilità ta' implimentazzjoni estensiva fuq ċirkostanzi differenti.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 03 — FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (CEF) — NETWERKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 03	FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (CEF) — NETWERKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI								
09 03 01	***Preparazzjoni ta' proġetti tal-broadband għal finanzjament pubbliku u/jew privat***	1,1	p.m.	450 000	p.m.	3 056 060	0,—	0,—	0
09 03 02	***Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni - CEF Broadband***	1,1	37 287 000	18 643 500	35 575 000	35 799 319	17 499 729,16	0,—	0
09 03 03	***Promozzjoni tal-interoperabbiltà, il-varar sostenibbli, l-operat u t-tiġdid tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali trans-Ewropej, kif ukoll il-koordinazzjoni fil-livell Ewropew***	1,1	103 130 661	60 166 409	56 067 770	29 687 199	69 134 343,90	293 720,81	0,49
09 03 51	***Tlestija ta' programmi preċedenti***								
09 03 51 01	Tlestija tal-programm Safer Internet (2009 sa 2013)	1,1	p.m.	285 000	p.m.	3 929 163	0,—	5 412 870,77	1 899,25
09 03 51 02	Tlestija ta' Safer Internet plus — Promozzjoni ta' użu aktar sikur tal-Internet u tat-teknoloġiji ġodda onlajn	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu 09 03 51 — Subtotal		p.m.	285 000	p.m.	3 929 163	0,—	5 412 870,77	1 899,25
	Kapitolu 09 03 — Total		**140 417 661**	**79 544 909**	**91 642 770**	**72 471 741**	**86 634 073,06**	**5 706 591,58**	**7,17**

09 03 01 Preparazzjoni ta' proġetti tal-broadband għal finanzjament pubbliku u/jew privat

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	450 000	p.m.	3 056 060	0,—	0,—

Kummenti

L-azzjonijiet taħt dan l-artikolu għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 283/201.

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 03 — FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (CEF) — NETWERKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

09 03 01 *(ikompli)*

L-azzjonijiet taħt dan l-artikolu għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi marbuta mal-broadband tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa permezz ta' studju u azzjonijiet ta' sostenn tal-programm, b'mod partikolari assistenza teknika, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

L-azzjonijiet taħt dan l-artikolu għandhom tipikament jitwettqu permezz ta' għotjiet jew akkwist, taħt ġestjoni diretta jew skont it-tifsira ta' punt (a) tal-Artikolu 58(1) tar-Regolament Finanzjarju jew ġestjoni indiretta skont it-tifsira ta' punt (a) tal-Artikolu 58(1) tal-istess Regolament.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-istipular ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 5(2) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14) u b'mod partikolari l-Artikolu 6(9) tiegħu u t-Taqsima 3 tal-Anness għalih.

09 03 02 ***Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni - CEF Broadband***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
37 287 000	18 643 500	35 575 000	35 799 319	17 499 729,16	0,—

Kummenti

L-azzjonijiet taħt dan l-artikolu għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament(UE) Nru 283/2014.

Dawn għandhom isostnu proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks tal-broadband.

L-azzjonijiet taħt dan l-artikolu għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi ta' hawn fuq permezz ta' strumenti finanzjarji skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

L-ispejjeż għandhom ikopru l-assistenza finanzjarja għan-netwerks tal-broadband, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 283/2014.

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 03 — FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (CEF) — NETWERKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

09 03 02 *(ikompli)*

Kwalunkwe rimborż mill-istrumenti finanzjarji inkluż ir-rimborżi kapitali, garanziji rilaxxati, u r-rimborżi tal-prinċipju tas-self, imħallas lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partita 6 3 4 1 tad-Dikjarazzjoni tad-dħul f'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju jista' jintuża għall-istess strument finanzjarju skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14) u b'mod partikolari l-Artikolu 6(7) tiegħu u t-Taqsima 2 tal-Anness għalih.

09 03 03 ***Promozzjoni tal-interoperabbiltà, il-varar sostenibbli, l-operat u t-tiġdid tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali trans-Ewropej, kif ukoll il-koordinazzjoni fil-livell Ewropew***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
103 130 661	60 166 409	56 067 770	29 687 199	69 134 343,90	293 720,81

Kummenti

L-azzjonijiet taħt dan l-artikolu għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 283/2014.

Għandhom isostnu proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastrutturi tas-servizz diġitali.

L-azzjonijiet taħt dan l-artikolu għandhom normalment jikkontribwixxu għall-objettivi t'hawn fuq permezz tal-istrument tal-għotjiet u l-akkwisti:

— pjattaformi tas-servizzi ewlenin, għandhom tipikament jiġu ffinanzjati permezz ta' akkwist, bl-eċċezzjoni ta' Europeana,

— servizzi ġeneriċi għandhom tipikament jiġu ffinanzjati permezz ta' għotjiet,

— pjattaformi diġitali, bħalma hi Europeana, għandhom jgħinu l-industriji kreattivi u jiffaċilitaw l-attività ekonomika bbażata fuq riżorsi kulturali diġitalizzati.

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 03 — FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (CEF) — NETWERKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

09 03 03 *(ikompli)*

L-ispejjeż għandhom ikopru ċ-ċiklu sħiħ tal-infrastrutturi tas-servizz diġitali, inkluż l-istudji tal-fattibbiltà, l-implimentazzjoni, l-operat kontinwu u t-tiġdid, il-koordinazzjoni u l-evalwazzjoni u l-assistenza teknika, kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 283/2014. Il-fokus ma għandux ikun biss fuq il-ħolqien ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali u servizzi relatati, iżda wkoll fuq l-amministrazzjoni marbuta mal-operat ta' tali pjattaformi u servizzi.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14) u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) sa (6) u (9) tiegħu u t-Taqsimiet 1 u 3 tal-Anness għalih.

09 03 51 ***Tlestija ta' programmi preċedenti***

09 03 51 01 Tlestija tal-programm Safer Internet (2009 sa 2013)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	285 000	p.m.	3 929 163	0,—	5 412 870,77

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti rigward il-programm Internet aktar sikur.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 03 — FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (CEF) — NETWERKS TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

09 03 51 *(ikompli)*

09 03 51 01 *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u, fejn japplika, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1351/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 118).

09 03 51 02 Tlestija ta' Safer Internet plus — Promozzjoni ta' użu aktar sikur tal-Internet u tat-teknoloġiji ġodda onlajn

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti relatati mal-programm multiannwali ta' Modinis.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u, fejn japplika, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 854/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi Programm Komunitarju pluriennali dwar il-promozzjoni ta' użu aktar sigur tal-internet u ta' teknoloġiji online ġodda (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 04	ORIZZONT 2020								
09 04 01	***Xjenza eċċellenti***								
09 04 01 01	Tishiħ tar-riċerka fit-teknoloġiji futuri u emerġenti	1,1	215 400 890	244 098 326	232 151 334	109 225 168	225 025 085,—	700 000,—	0,29
09 04 01 02	Tishiħ tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka, inklużi l-infrastrutturi elettroniċi	1,1	97 889 261	95 000 000	105 290 655	83 011 128	99 195 637,—	4 529 000,—	4,77
	Artikolu 09 04 01 — Subtotal		313 290 151	339 098 326	337 441 989	192 236 296	324 220 722,—	5 229 000,—	1,54
09 04 02	***Rwol ta' tmexxija industrijali***								
09 04 02 01	Rwol ta' tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	1,1	723 681 812	799 548 750	824 154 429	467 483 720	759 968 487,67	42 533 821,50	5,32
	Artikolu 09 04 02 — Subtotal		723 681 812	799 548 750	824 154 429	467 483 720	759 968 487,67	42 533 821,50	5,32
09 04 03	***Sfidi soċjetali***								
09 04 03 01	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri	1,1	118 188 002	142 332 732	132 981 639	52 428 081	130 908 869,—	3 190 531,31	2,24
09 04 03 02	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u riflessivi	1,1	36 564 471	47 093 653	43 725 806	21 845 034	36 338 878,49	313 569,—	0,67
09 04 03 03	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej sikuri	1,1	45 791 092	50 080 000	50 665 706	18 786 729	48 181 957,—	207 000,—	0,41
	Artikolu 09 04 03 — Subtotal		200 543 565	239 506 385	227 373 151	93 059 844	215 429 704,49	3 711 100,31	1,55
09 04 07	***Impriżi Konġunti***								
09 04 07 31	L-Impriża Konġunta dwar il-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea (ECSEL) — Nefqa ta' appoġġ	1,1	1 019 130	1 019 130	786 407	784 523	460 000,—	460 000,—	45,14
09 04 07 32	L-Impriża Konġunta tal-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea (ECSEL) — Nefqa ta' appoġġ	1,1	153 127 070	120 651 306	115 023 593	61 166 094	155 000 000,—	0,—	0
	Artikolu 09 04 07 — Subtotal		154 146 200	121 670 436	115 810 000	61 950 617	155 460 000,—	460 000,—	0,38
09 04 50	***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***								
09 04 50 01	Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	7 779 364,42	550 313,89	

KUMMISSJONI

TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 04 50	*(ikompli)*								
09 04 50 02	Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	6 549 748,—	57 962 496,48	
	Artikolu 09 04 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	14 329 112,42	58 512 810,37	
09 04 51	***Tlestija tas-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)***	1,1	p.m.	484 237 378	p.m.	655 417 350	359 253,80	816 749 516,68	168,67
09 04 52	***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti (ta' qabel l-2007)***	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
09 04 53	***Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP)***								
09 04 53 01	Tlestija tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP) (2007 sa 2013)	1,1	p.m.	38 588 500	p.m.	52 428 081	1 534 683,50	107 697 306,13	279,09
09 04 53 02	Tlestija ta' programmi preċedenti tat-tekonoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ta' qabel l-2007)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu 09 04 53 — Subtotal		p.m.	38 588 500	p.m.	52 428 081	1 534 683,50	107 697 306,13	279,09
09 04 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
09 04 77 01	Proġett Pilota — Teknoloġiji ta' Għarfien Miftuħ: Immappjar u validazzjoni tal-għarfien	1,1	p.m.	1 600 000	2 000 000	1 654 288	1 500 000,—	0,—	0
09 04 77 02	Proġett pilota — Ikkollegati għas-saħħa: Soluzzjoni ta' Benesseri u ta' Kura tas-Saħħa f'netwerks FTTH b'Aċċess Miftuħ	1,1	p.m.	500 000	p.m.	436 192	1 000 000,—	0,—	0
09 04 77 03	Proġett pilota — REIsearch (Qafas ta' Riċerka, Eċċellenza u Innovazzjoni) — It-titjib tal-kompetittività taż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz taż-żieda tal-komunikazzjoni fost ir-riċerkaturi, iċ-ċittadini, l-industrija u dawk li jfasslu l-politiki	1,1	p.m.	400 000	p.m.	436 192	1 000 000,—	300 000,—	75,00

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 04 77	*(ikompli)*								
09 04 77 04	Proġett pilota — It-tlaqqigħ tal-Aġenda Diġitali tal-Ewropa ma' Silicon Valley	1,1	150 000	75 000					
09 04 77 05	Azzjoni preparatorja — Teknoloġiji ta' għarfien miftuħ: immappjar u validazzjoni tal-għarfien	1,1	1 500 000	750 000					
09 04 77 06	Proġett Pilota — Ħiliet diġitali: professjonijiet ġodda, metodi edukattivi ġodda, impjiegi ġodda	1,1	400 000	200 000					
09 04 77 07	Proġett Pilota — L-iżvilupp tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u għodod diġitali fl-edukazzjoni	1,1	400 000	200 000					
09 04 77 08	Proġett pilota — REIsearch (Qafas ta' Riċerka, Eċċellenza u Innovazzjoni) - It-titjib tal-kompetittività taż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz taż-żieda tal-komunikazzjoni fost ir-riċerkaturi, iċ-ċittadini, l-industrija u dawk li jfasslu l-politika	1,1	750 000	375 000					
09 04 77 09	Azzjoni Preparatorja — Fabbriki intelliġenti fl-Ewropa tal-Lvant	1,2	2 000 000	1 000 000					
	Artikolu 09 04 77 — Subtotal		5 200 000	5 100 000	2 000 000	2 526 672	3 500 000,—	300 000,—	5,88
	Kapitolu 09 04 — Total		**1 396 861 728**	**2 027 749 775**	**1 506 779 569**	**1 525 102 580**	**1 474 801 963,88**	**1 035 193 554,99**	**51,05**

Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-approprjazzjoni se tintuża għal Orizzont 2020 — il-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni, li jkopri l-perjodu 2014-2020, u għat-tlestija tal-programmi ta' riċerka preċedenti (is-Seba' Programm Kwadru u l-qafas ta' programmi preċedenti) u programmi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni preċedenti (ICT PSP (2007-2013) u programmi ta' qabel l-2007).

Orizzont 2020 se jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħra, notevolment "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka. Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq it-tagħrif u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni kollha billi jaġixxi bħala mezz għall-ingranaġġ suffiċjenti ta' riċerka addizzjonali, żvilupp u finanzjament għall-innovazzjoni.

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

09 04 77 *(ikompli)*

09 04 77 05 Azzjoni preparatorja — Teknoloġiji ta' għarfien miftuħ: immappjar u validazzjoni tal-għarfien

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	750 000				

Kummenti

L-edukazzjoni għolja u r-riċerka qed jevolvu b'mod rapidu. Il-ħolqien ta' teknoloġiji tal-għarfien ġodda jfisser it-taħriġ tal-għalliema, l-istudenti u r-riċerkaturi kif ukoll ta' kull individwu li jkollu bżonn jadatta għall-esiġenzi l-ġodda tas-suq. Ħafna sforzi, bħax-xjenza taċ-ċittadini, logħob ta' skoperta xjentifika u l-Korsijiet Onlajn Miftuħa Massivi (MOOCs), juru li, bħal ħafna setturi oħrajn, l-edukazzjoni u r-riċerka qed jevolvu b'mod rapidu. Sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ta' dan it-tip ġdid ta' sistema tat-tagħlim għas-suq tax-xogħol, jinħtieġu metodi li jkunu kapaċi jivvalidaw il-kwalità tat-tagħlim. Konsegwentement, irid jinstab mekkaniżmu li jippermetti lill-individwi jivvalutaw il-kompetenzi tagħhom (il-ħolqien tal-mapep tal-għarfien individwali tagħhom), l-għarfien meħtieġ fis-suq tax-xogħol u t-triq tat-tagħlim li tista' torbot lit-tnejn li huma, biex b'hekk jiġi pprovdut il-kontenut xieraq għal kull individwu. B'dan il-mod biss tista' tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-kontenut adegwat għall-grupp ġust ta' individwi fil-mira. Biex tkun tista' tinżamm traċċa tat-triq li jieħu t-tagħlim, għandu jkun possibbli li l-għarfien miksub jiġi vvalidat permezz ta' ċertifikati jew badges fuq l-internet.

Innovazzjonijiet soċjali u teknoloġiċi ta' dan it-tip jistgħu jkunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha irrispettivament mil-livell ta' riżorsi tagħhom, il-lingwi li jitkellmu, l-età li jkollhom, saħħithom u l-kapital kulturali tagħhom. Tali azzjoni għalhekk tgħin biex timla l-lakuni fl-għarfien u tnaqqas il-qgħad billi tgħin liż-żgħażagħ qiegħda b'mod partikolari biex jimmassimizzaw it-tagħlim tagħhom u jsibu opportunitajiet professjonali ġodda.

L-objettiv ġenerali ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tippreżenta sistema bbażata fuq l-ICT għall-Ewropa kollha li tqassar iż-żmien għat-titjib fil-ħiliet u għat-tagħlim ta' ħiliet ġodda għaċ-ċittadini Ewropej, b'mod partikolari l-persuni qiegħda, billi jiġi massimizzat l-użu ta' korsijiet fuq l-internet u ta' riżorsi edukattivi miftuħa. L-azzjoni jiżviluppa u jutilizza pjattaforma teknoloġika li tintegra s-servizzi fuq l-internet inklużi l-moduli li ġejjin:

— 1. Immappjar tal-ħiliet/kompetenzi;

— 2. Pjanijiet direzzjonali ta' tagħlim imfassla apposta (permezz ta' servizzi edukattivi, inklużi riżorsi edukattivi miftuħa speċifiċi);

— 3. Mekkaniżmi għall-validazzjoni tal-għarfien miksub.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

09 04 77 *(ikompli)*

09 04 77 06 Proġett Pilota — Ħiliet diġitali: professjonijiet ġodda, metodi edukattivi ġodda, impjiegi ġodda

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
400 000	200 000				

Kummenti

Dan il-proġett pilota jħejji lill-ekonomija Ewropea, is-suq tax-xogħol u l-oqfsa edukattivi għal ħiliet diġitali l-ġodda billi jħeġġeġ ir-rikonoxximent ta' professjonijiet diġitali ġodda u billi joħloq metodoloġija komuni li tippermetti lill-Istati Membri jkunu fuq quddiem f'din ir-rivoluzzjoni diġitali l-ġdida. Dan jinvolvi t-twaqqif ta' diversi gruppi ta' ħidma ta' esperti mill-Istati Membri biex jiskambjaw ideat u jipproponu soluzzjonijiet dwar kif is-sistema edukattiva tista' tħejji lin-nies għal ħiliet diġitali ġodda, dwar id-definizzjoni u r-rikonoxximent ta' professjonijiet diġitali ġodda u dwar ir-rekwiżiti l-ġodda, l-esiġenzi u l-istatus soċjali ġdid assoċjati ma' impjiegi diġitali ġodda. L-għan huwa li jiġu żviluppati l-materjal u l-proposti li jippermettu lill-Unjoni u lill-Istati Membri jħejju għal din il-bidla l-ġdida fl-ekonomija Ewropea. Attivitajiet speċifiċi mwettqa fil-qafas ta' dan il-proġett pilota se jirriżultaw fi proċess ta' konsultazzjoni fost l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-edukazzjoni, tas-servizzi soċjali u tas-suq tax-xogħol.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 04 77 07 Proġett Pilota — L-iżvilupp tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u għodod diġitali fl-edukazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
400 000	200 000				

Kummenti

Il-proġett pilota jidentifika l-aħjar mudelli u prattiki Ewropej għall-użu ta' teknoloġiji ġodda u għodod diġitali fl-edukazzjoni. Itejjeb is-sensibilizzazzjoni u l-għarfien fi gruppi fil-mira ewlenin rigward il-vantaġġi tal-edukazzjoni diġitali u l-mekkaniżmi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-għodod edukattivi ta' teknoloġija ġdida Ewropej.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

09 04 77 *(ikompli)*

09 04 77 08 Proġett pilota — REIsearch (Qafas ta' Riċerka, Eċċellenza u Innovazzjoni) - It-titjib tal-kompetittività taż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz taż-żieda tal-komunikazzjoni fost ir-riċerkaturi, iċ-ċittadini, l-industrija u dawk li jfasslu l-politika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
750 000	375 000				

Kummenti

REIsearch għandu l-għan li jaċċelera l-użu sħiħ tal-kapital intellettwali tal-Ewropa għall-benefiċċju taċ-ċittadini, l-intraprendituri u x-xjentisti permezz ta' għodod medjatiċi ġodda. Din l-azzjoni preparatorja, li toħroġ minn proġett pilota ta' suċċess, tespandi l-ħidma tal-pjattaforma.

L-azzjoni preparatorja tinvolvi espansjoni ta' pjattaforma tal-infrastruttura elettronika żviluppata fuq il-kunċett ta' netwerks soċjali li tiffaċilita l-komunikazzjoni diretta bejn ir-riċerkaturi, dawk li jfasslu l-politika u ċ-ċittadini, bl-involviment tal-midja, fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER).

Imnebbaħ mill-"isfidi tas-soċjetà" mniżżla f'Orizzont 2020, REIsearch jappoġġja l-ħolqien ta' raggruppamenti virtwali dwar suġġetti ewlenin, li joħolqu mezz dirett għal djalogu miftuħ bejn ix-xjenza u s-soċjetà.

L-azzjoni tippromwovi interazzjoni attiva bejn ix-xjenza, iċ-ċittadini u dawk li jfasslu l-politika permezz tal-involviment tal-midja Ewropea u netwerks soċjali, sabiex tiġi appoġġjata l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tfassil tal-aġenda għar-riċerka, fil-proċessi ta' riċerka li għaddejjin bħalissa u fid-diskussjonijiet dwar ir-riżultati u l-impatti tar-riċerka għas-soċjetà, il-politika u r-riċerka ulterjuri. Tappoġġa l-użu tat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza fl-azzjonijiet kollha tal-Unjoni, bi qbil mal-isforz għal regolamentazzjoni aħjar. REIsearch jappoġġja t-tfassil tal-politika bbażat fuq ix-xjenza billi jippermetti l-aċċess għall-informazzjoni xjentifika mal-ispettru kollu u jipprovdi massa kritika ta' għarfien li tispira fiduċja fi kwalunkwe utent tal-pjattaforma. Huwa pjattaforma newtrali bla ebda preferenza għall-oriġini nazzjonali jew l-isfond dixxiplinarju. Diskussjonijiet ikunu marbuta mal-evidenza xjentifika li hija bbażata fuqha.

Billi jibni fuq l-14-il xahar ta' suċċess tal-proġett pilota, REIsearch jespandi u jikber biex ikopri l-firxa wiesgħa ta' sfidi tas-soċjetà, biex b'ħekk jippermetti lill-utenti jittrattaw kwistjonijiet tal-għażla tagħhom u jiddeterminaw huma stess ir-raggruppamenti u d-direzzjoni tad-diskussjonijiet. Flimkien mal-pjattaforma nfisha, REIsearch se jintegra firxa ta' għodod bħal estrazzjoni kbira ta' data/data tal-midja soċjali, applikazzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali ġdida u tal-web semantiku biex jisiltu informazzjoni dwar ix-xejriet u l-flussi tal-konsensus u d-diskussjonijiet xjentifiċi.

L-objettivi tal-azzjoni preparatorja huma:

— li tespandi u ssaħħaħ l-infrastruttura elettronika affidabbli u mingħajr skop ta' qligħ (simili għan-netwerks soċjali), imnedija bħala beta fl-2015 biex titħeġġeġ komunikazzjoni u djalogu transdixxiplinarju, transettorjali u trans-konfinali,

— li tanalizza u tivvaluta r-riżultati tat-tnedija beta u tiżviluppa l-algoritmi tat-tiftix u l-mekkaniżmi ta' estrazzjoni tad-data li jsostnu l-kapaċitajiet tal-immappjar tax-xejriet,

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

09 04 77 *(ikompli)*

09 04 77 08 *(ikompli)*

— li tħeġġeġ aktar l-interoperabbiltà b'bażijiet ta' data ta' riċerka u pjattaformi eżistenti, b'punt ta' aċċess uniku għar-riżultati tar-riċerka mill-pajjiżi u d-dixxiplini kollha (interoperabbiltà) u b'konnessjoni mal-inizjattivi Ewropej eżistenti,

— li tespandi l-għadd ta' raggruppamenti virtwali biex dawn jinkludu l-"isfidi tas-soċjetà" kollha li jlaqqgħu flimkien lir-riċerkaturi, l-industrija, iċ-ċittadini u dawk li jfasslu l-politika, biex tiżdied il-kollaborazzjoni dwar dawn it-temi ewlenin,

— li joħloq djalogu dirett bejn ir-raggruppamenti (ara l-inċiż preċedenti) u ċ-ċittadini permezz ta' konnessjoni mal-midja ewlenija Ewropea.

L-azzjoni preparatorja għandha l-għan li twieġeb għal uħud mill-ħtiġijiet u t-tħassib definiti fl-Aġenda Diġitali u f'Orizzont 2020. Hija tappoġġja wkoll l-infrastrutturi sottostanti taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, li sservi bħala magna essenzjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Ewropa għal innovazzjonijiet li jwasslu għal impjiegi u tkabbir ekonomiku.

Kwistjonijiet attwali indirizzati mill-azzjoni: l-iżviluppi reċenti fl-ICT urew kif bis-setgħa tan-netwerks soċjali u l-infrastrutturi elettroniċi jista' jiġi sfruttat il-potenzjal tan-netwerks.

Il-problemi tal-ambjent onlajn eżistenti għall-infrastrutturi elettroniċi tar-riċerka huma:

— id-daqs: il-maġġoranza tan-netwerks eżistenti huma żgħar wisq biex imorru lil hinn minn qasam u grupp ta' riċerka speċifiċi (skont l-istatistika tal-Kummissjoni, id-daqs medju ta' netwerk onlajn ta' riċerkaturi huwa ta' madwar 100 utent). Hemm bżonn netwerk interoperabbli kbir li jippermetti lir-riċerkaturi u partijiet oħra interessati jsibu l-informazzjoni li jkunu qed ifittxu fis-setturi u d-dixxiplini kollha, bl-użu ta' għodda familjari,

— l-ilħuq: tradizzjonalment, in-netwerks iġibu flimkien utenti fi ħdan l-istess qasam u settur. Sabiex tintlaħaq il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa, jeħtieġ li l-konnessjonijiet transdixxiplinarji (intersettorjali u interdixxiplinarji) isiru aktar faċli,

— l-affidabbiltà: waħda mir-raġunijiet ewlenin għalfejn netwerks tar-riċerka kbar ma rnexxewx hija li r-relazzjonijiet eżistenti għadhom ibbażati fuq konnessjonijiet personali u l-identitajiet onlajn mhumiex fdati. Sabiex jitrawmu realment il-konnessjonijiet transdixxiplinarji, tinħtieġ sistema li fiha l-verifika tal-identità toħloq ambjent sikur għall-utenti kollha,

— il-fiduċja: din hija aspett fundamentali għal kull netwerk. Studji tas-suq juru li jeħtieġ li jiġu żviluppati netwerk soċjali Ewropew jew infrastruttura elettronika Ewropea f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, li jkunu mingħajr skop ta' qligħ u li jkollhom politika ċara dwar il-proprjetà intellettwali żviluppata flimkien mar-riċerkaturi.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 04 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

09 04 77 *(ikompli)*

09 04 77 09 Azzjoni Preparatorja — Fabbriki intelliġenti fl-Ewropa tal-Lvant

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	1 000 000				

Kummenti

L-azzjoni preparatorja se tfittex li tiżgura approċċ koerenti, koordinat u sostenibbli, tiżgura, tiżviluppa u ssaħħaħ involviment tal-partijiet interessati rilevanti kollha mill-Ewropa tal-Lvant (in-negozji, l-akkademja, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u s-soċjetà ċivili) u li tinforma, tħejji u tappoġġa l-entitajiet reġjonali minn din il-parti tal-Ewropa rigward l-iżvilupp ta' proġetti taħt skemi ta' fabbriki intelliġenti tal-Kummissjoni. L-azzjoni se tkopri dawk ir-reġjuni fl-Ewropa tal-Lvant milquta sew mid-deindustrijalizzazzjoni fejn l-ebda fabbrika ma ġiet ippjanata jew tkun iddaħlet f'operazzjoni u dawk li l-kapaċità industrijali tagħhom teħtieġ li tittejjeb.

L-azzjoni preparatorja se tfittex ukoll li tidentifika, tivvaluta u tappoġġa l-isfruttament tal-potenzjal industrijali f'reġjun magħżul, u li tesplora l-potenzjal tal-innovazzjoni tiegħu u l-kamp ta' applikazzjoni għall-espansjoni tiegħu. Se timmira b'mod ċar għall-identifikazzjoni ta' vantaġġi kompetittivi industrijali u l-potenzjal għal speċjalizzazzjoni fil-livell reġjonali abbażi ta' proċess ta' skoperta intraprenditorjali, filwaqt li tistabbilixxi struttura ta' governanza u qafas għall-kollaborazzjoni kontinwa bejn in-negozji u r-riċerkaturi, u appoġġ għat-tħejjija tad-dokumenti ta' politika rilevanti.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 09 05 — EWROPA KREATTIVA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 05	EWROPA KREATTIVA								
09 05 01	***Sottoprogramm MEDIA — Jopera fuq livell transnazzjonali u internazzjonali u jippromwovi ċ-ċirkolazzjoni u l-mobbiltà transnazzjonali***	3	100 712 000	98 115 407	101 570 000	69 626 046	110 141 782,48	60 492 383,44	61,65
09 05 05	***Azzjonijiet ta' Multimedia***	3	26 186 500	22 590 000	18 550 000	26 883 061	24 335 664,99	23 322 659,41	103,24
09 05 51	***Tlestija ta' programmi preċedenti MEDIA***	3	—	5 471 576	—	23 412 905	0,—	57 566 060,41	1 052,09
09 05 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
09 05 77 01	Azzjoni preparatorja — Ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi f'ambjent diġitali	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 046 874,47	
09 05 77 02	Proġett pilota — Il-promozzjoni tal-integrazzjoni Ewropea permezz tal-kultura billi jiġi pprovduti verżjonijiet ġodda bis-sottotitoli għal ċerti programmi tat-televiżjoni madwar l-Ewropa kollha	3	p.m.	339 515	2 000 000	1 261 712	1 137 717,60	455 533,—	134,17
09 05 77 03	Azzjoni preparatorja — Azzjoni dwar is-sottotitoli inkluż il-crowdsourcing biex tiżdied iċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet Ewropej	3	500 000	250 000	1 000 000	500 000			
09 05 77 04	Proġett pilota — Litteriżmu medjatiku għal kulħadd	3	250 000	125 000					
09 05 77 05	Azzjoni preparatorja — Sottotitolar ta' kontenut kulturali televiżiv Ewropew madwar l-Ewropa	3	1 500 000	750 000					
	Artikolu 09 05 77 — Subtotal		2 250 000	1 464 515	3 000 000	1 761 712	1 137 717,60	1 502 407,47	102,59
	Kapitolu 09 05 — Total		**129 148 500**	**127 641 498**	**123 120 000**	**121 683 724**	**135 615 165,07**	**142 883 510,73**	**111,94**

09 05 01 Sottoprogramm MEDIA — Jopera fuq livell transnazzjonali u internazzjonali u jippromwovi ċ-ċirkolazzjoni u l-mobbiltà transnazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
100 712 000	98 115 407	101 570 000	69 626 046	110 141 782,48	60 492 383,44

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 05 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

09 05 01 *(ikompli)*

Kummenti

Ex *Artikolu 15 04 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-miżuri li ġejjin relatati mas-sottoprogramm MEDIA tal-programm Ewropa Kreattiva:

— l-iffaċilitar tal-kisba u t-titjib ta' ħiliet u kompetenzi ta' professjonisti awdjoviżivi u l-iżvilupp ta' netwerks, inkluż l-użu ta' teknoloġiji diġitali biex jiġi żgurat l-adattament għall-iżvilupp tas-suq, l-ittestjar ta' approċċi ġodda għall-iżvilupp tal-udjenzi u l-ittestjar ta' mudelli ġodda ta' negozju,

— iż-żieda fil-kapaċità tal-operaturi awdjoviżivi biex jiżviluppaw xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej b'potenzjal li jiċċirkolaw fl-Unjoni u lil hinn minnha u biex jiffaċilitaw il-koproduzzjoni Ewropea u internazzjonali, inkluż ma' xandara tat-televiżjoni,

— l-inkoraġġiment ta' skambji bejn in-negozji permezz tal-iffaċilitar tal-aċċess għas-swieq u l-għodod tan-negozju biex jippermettu lill-operaturi awdjoviżivi jżidu l-viżibilità tal-proġetti tagħhom fis-swieq tal-Unjoni u dawk internazzjonali,

— is-sostenn għad-distribuzzjoni teatrali permezz tal-kummerċjalizzazzjoni, l-immarkar korporattiv, id-distribuzzjoni u l-wiri transnazzjonali ta' xogħlijiet awdjoviżivi,

— il-promozzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni, l-immarkar korporattiv u d-distribuzzjoni transnazzjonali ta' xogħlijiet awdjoviżivi fuq il-pjattaformi nonteatrali l-oħrajn kollha,

— is-sostenn għall-iżvilupp tal-udjenzi bħala mezz biex jiġi stimulat l-interess fix-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej u jitjieb l-aċċess għalihom, b'mod partikolari permezz ta' promozzjoni, avvenimenti, litteriżmu tal-films u festivals,

— il-promozzjoni ta' modalitajiet ġodda ta' distribuzzjoni biex ikunu jistgħu jitfaċċaw mudelli ġodda ta' negozju.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati taż-żona tal-viċinat Ewropew, skont il-proċeduri ddefiniti f'dawk il-pajjiżi wara l-Ftehimiet ta' Qafas li jipprovdu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni, kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul dħul jista' jwassal għal dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm, skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 05 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

09 05 01 *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jintuża għal nefqa addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet mdaħħla għall-programm, skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

09 05 05 ***Azzjonijiet ta' Multimedia***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
26 186 500	22 590 000	18 550 000	26 883 061	24 335 664,99	23 322 659,41

Kummenti

Ex Partita 16 03 01 01 (parti)

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja informazzjoni ġenerali liċ-ċittadini dwar operazzjonijiet li jikkonċernaw l-Unjoni, għall-fini li tiżdied il-viżibilità tal-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, it-teħid tad-deċiżjonijiet Ewropej u l-istadji fil-bini tal-Ewropa, biex b'hekk tippermetti liċ-ċittadini jagħmlu użu sħiħ mid-dritt tagħhom li jkunu informati dwar il-politiki Ewropej u jkunu nvoluti fihom. Tikkonċerna essenzjalment il-finanzjament jew il-kofinanzjament tal-produzzjoni u/jew id-disseminazzjoni tal-multimidja (radju, TV, internet, eċċ.), il-prodotti ta' informazzjoni, inkluż in-netwerks pan-Ewropej, magħmula minn midja lokali u nazzjonali, li jwasslu aħbarijiet ta' kuljum dwar l-affarijiet Ewropej, bħall-Euranet Plus, kif ukoll l-għodod meħtieġa għall-iżvilupp ta' politika bħal din. Il-parti l-kbira ta' din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa ta' evalwazzjoni. Parti minn din l-approprjazzjoni se tintuża biex tiżgura l-kontinwità ta' dawk l-azzjonijiet u qafas stabbli ta' finanzjament għan-netwerks pan-Ewropej futuri jew eżistenti tal-midja lokali u nazzjonali li qed jersqu lejn l-era diġitali (radju, televiżjoni, internet, eċċ.).

Din l-approprjazzjoni se tkopri wkoll nefqa ta' sostenn bħal studji, laqgħat, kontrolli ex post, assistenza teknika u amministrattiva esperta li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz ad hoc, evalwazzjoni u awditu dwar attivitajiet preżenti jew futuri, studji ta' fattibbiltà, pubblikazzjonijiet, u l-pagament lura tal-ivvjaġġar u spejjeż relatati tal-esperti.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din l-intestatura baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 05 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

09 05 05 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Il-Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif prevedut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 05 51 ***Tlestija ta' programmi preċedenti MEDIA***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	5 471 576	—	23 412 905	0,—	57 566 060,41

Kummenti

Ex *Artikolu 15 04 53*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/821/KE tal-20 ta' Diċembru 2000 dwar l-implimentazzjoni ta' programm li jinkoraġġixxi l-iżvilupp, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżwali Ewropej (MEDIA Plus — Żvilupp, Distribuzzjoni u Promozzjoni) (2001-2005) (ĠU L 336, 30.12.2000, p. 82).

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 05 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

09 05 51 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 163/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2001 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' taħriġ għal professjonisti fl-industrija tal-programmi awdjoviżwali Ewropea (MEDIA-Taħriġ) (2001 sa 2005) (ĠU L 26, 27.1.2001, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' sostenn għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) (ĠU L 327 tal-24.11.2006, p.12).

Id-Deċiżjoni Nru 1041/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi programm ta' koperazzjoni fis-settur awdjoviżiv ma' professjonisti minn pajjiżi terzi (MEDIA Mundus) (ĠU L 288, 4.11.2009, p. 10).

09 05 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

09 05 77 01 Azzjoni preparatorja — Ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi f'ambjent diġitali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 046 874,47

Kummenti

Ex *Partita 15 04 77 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 05 77 02 Proġett pilota — Il-promozzjoni tal-integrazzjoni Ewropea permezz tal-kultura billi jiġi pprovduti verżjonijiet ġodda bis-sottotitoli għal ċerti programmi tat-televiżjoni madwar l-Ewropa kollha

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	339 515	2 000 000	1 261 712	1 137 717,60	455 533,—

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 05 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

09 05 77 *(ikompli)*

09 05 77 02 *(ikompli)*

Kummenti

Ex *Partita 15 04 77 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw minn snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 05 77 03 Azzjoni preparatorja — Azzjoni dwar is-sottotitoli inkluż il-crowdsourcing biex tiżdied iċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet Ewropej

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000	1 000 000	500 000		

Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja hija kontinwazzjoni tal-azzjoni preparatorja bit-titolu "Crowdsourcing tas-sottotitoli biex tiżdied iċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet Ewropej" taħt titolu differenti.

Minkejja l-appoġġ eżistenti tal-MEDIA għas-sottotitoli, bosta xogħlijiet Ewropej (drama tat-TV, dokumentarji, films, eċċ.) spiss mhumiex disponibbli, speċjalment f'pajjiżi relattivament żgħar fl-Unjoni Ewropea li m'għandhomx lingwa uffiċjali bħal ta' xi pajjiż ieħor. Waħda mir-raġunijiet għal dan huwa l-potenzjal kummerċjali relattivament baxx tagħhom u l-kosti involuti, b'mod partikolari l-ispejjeż tas-sottotitolar. F'dan il-kuntest, l-azzjoni attwali se tappoġġja kwalunkwe soluzzjoni innovattiva, pereżempju l-crowdsourcing, li għandu l-effett li jnaqqas il-kost tas-sottotitolar. Hija se tippermetti esponiment usa', u, potenzjalment, udenjza usa' għall-films Ewropej, speċjalment online.

L-għanijiet ta' din l-azzjoni preparatorja huma:

— l-ittestjar u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet/proċessi/mudelli ta' sottotitolar innovattivi li huma aktar kosteffikaċi minn dawk li huma disponibbli fis-suq bħalissa,

— l-applikazzjoni ta' dan l-approċċ għal katalgu mfassal tajjeb tax-xogħlijiet Ewropej b'linja editorjali ċara,

— l-appoġġ għad-disponibbiltà online tax-xogħlijiet.

KAPITOLU 09 05 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

09 05 77 *(ikompli)*

09 05 77 03 *(ikompli)*

Ir-riżultati li mixtieqa jinkisbu minn din l-azzjoni preparatorja huma:

— it-tnaqqis tal-kost biex il-films Ewropej isiru disponibbli billi jiġi stimulat l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' sottotitolar kosteffikaċi,

— iż-żieda fil-provvista u u t-tkabbir tal-profil tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej online u l-arrikkiment tal-katalgi tas-servizzi ta' video-on-demand fl-Unjoni,

— it-titjib fiċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fi ħdan l-Unjoni u t-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija awdjoviżiva Ewropea.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

09 05 77 04 Proġett pilota — Litteriżmu medjatiku għal kulħadd

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
250 000	125 000				

Kummenti

L-objettiv ewlieni tal-proġett pilota huwa li jbiddel lin-nies f'ċittadini li jikkritikaw il-midja, impenjati li jippromwovu l-korrettezza medjatika, ikunu kapaċi jgħarblu l-komunikazzjoni tal-midja u l-politika ta' informazzjoni tal-midja. Barra minn hekk, huwa se jiffoka fuq it-titjib tal-kapaċitajiet taċ-ċittadini li joħolqu xogħlijiet medjatiċi li jirriflettu l-esperjenzi reali tagħhom. Il-proġett pilota se jorganizza konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u programmi ta' taħriġ u se jagħti attenzjoni partikolari lill-attivitajiet li jsaħħu l-ħiliet li wieħed jiddistingwi l-informazzjoni mill-propoganda; itejjeb il-kreattività tal-produzzjonijiet ta' xogħlijiet medjatiċi; ifassal programmi għall-integrazzjoni ta' minoranzi; jippromwovi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn il-partijiet interessati u l-pajjiżi; u jipprovdi strumenti biex tiġi esperjenzata d-demokrazija diretta. Il-proġett pilota fl-intier tiegħu se jiffoka fuq kull tip ta' strument tal-midja (radju, internet, xandir, gazzetti), użat f'kull tip ta' ambjent u huwa mmirat għall-gruppi ta' kull età. Se tingħata prijorità lill-persuni li għandhom livell baxx ta' ħiliet u persuni li huma fir-riskju ta' marġinalizzazzjoni soċjali. Dan il-proġett pilota se jkun is-suġġett ta' sejħa mill-Kummissjoni għal proposti.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 09 — NETWERKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

KAPITOLU 09 05 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

09 05 77 *(ikompli)*

09 05 77 05 Azzjoni preparatorja — Sottotitolar ta' kontenut kulturali televiżiv Ewropew madwar l-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	750 000				

Kummenti

Il-proġett pilota eżistenti taħt il-Partita 15 04 77 07, "Trawwim ta' integrazzjoni Ewropea permezz tal-kultura billi jiġu pprovduti verżjonijiet sottotitolati ġodda ta' għażla ta' programmi televiżivi Ewropej fl-Ewropa kollha" inbidel f'azzjoni preparatorja taħt il-Partita 09 05 77 05, "Sottotitolar ta' kontenut kulturali televiżiv Ewropew madwar l-Ewropa".

Din l-azzjoni preparatorja tkompli fuq il-proġett pilota, iffinanzjat mill-Parlament fl-2014 u l-2015, għandha l-għan li teżamina l-eżistenza ta' udjenza Ewropea għal programmi kulturali billi tipprovdi għażla ta' verżjonijiet sottotitolati ta' programmi televiżivi magħżula madwar l-Ewropa.

Il-proġett pilota ffinanzjat fl-2014 attwalment qiegħed jitwettaq mill-ARTE, il-Kanal Televiżiv artistiku Ewropew, li se jipprovdi 600 siegħa ta' programmi f'erba' lingwi (il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Ispanjol) minn Ottubru 2015 'il quddiem.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

TITOLU 10

RIĊERKA DIRETTA

KUMMISSJONI
TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA

TITOLU 10

RIĊERKA DIRETTA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
10 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA"	331 938 960	331 938 960	330 509 370	330 509 370	402 154 548,65	402 154 548,65
10 02	ORIZZONT 2020 — AZZJONIJIET DIRETTI TAĊ-ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA (JRC) B'APPOĠĠ GĦALL-POLITIKI TAL-UNJONI	25 686 697	26 350 000	24 127 845	31 976 761	48 823 262,28	42 452 109,22
10 03	PROGRAMM TAL-EURATOM — AZZJONIJIET DIRETTI	10 666 000	12 400 000	10 560 000	9 541 097	11 683 378,60	9 409 510,03
10 04	ATTIVITAJIET OĦRA TAĊ-ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	45 483 805,58	35 837 686,32
10 05	OBBLIGAZZJONIJIET STORIĊI LI JIRRIŻULTAW MINN ATTIVITAJIET NUKLEARI MWETTQA MIĊ-ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA FL-AMBITU TAT-TRATTAT TAL-EURATOM	28 543 000	32 000 000	27 773 000	30 025 140	27 041 043,38	26 936 787,67
	Titolu 10 — Total	**396 834 657**	**402 688 960**	**392 970 215**	**402 052 368**	**535 186 038,49**	**516 790 641,89**

TITOLU 10

RIĊERKA DIRETTA

Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għal-linji baġitarji kollha fil-qasam politiku "Riċerka diretta" (bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu 10 05).

L-approprjazzjonijiet huma maħsubin biex ikopru nefqa li għandha x'taqsam ma':

— persunal li jokkupa karigi fit-tabella ta' stabbiliment awtorizzat taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u persunal estern li jimplimenta l-programmi ta' riċerka u innovazzjoni,

— kosti marbutin ma' persunal bħal missjonijiet, taħriġ, servizzi mediċi u reklutaġġ,

— l-operat u l-funzjonament tal-istituti tal-JRC, is-sostenn amministrattiv, is-sikurezza u s-sigurtà tas-siti, in-nefqa marbuta mal-IT, il-kosti mhux rikorrenti u l-infrastrutturi tar-riċerka kbar,

— attivitajiet ta' riċerka u sostenn inkluż ir-riċerka esploratorja, apparat xjentifiku u tekniku, sottokuntrattar ta' servizzi, eċċ.,

— kompiti ta' riċerka u sostenn xjentifiku li jirrigwardaw attivitajiet fdati lill-JRC fil-qafas tal-parteċipazzjoni tiegħu fuq bażi kompetittiva b'sostenn tal-politiki tal-Unjoni u f'isem korpi barranin.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 2 2 4 u 6 2 2 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

Dħul mixxellanju jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali biex jintużaw fil-Kapitoli 10 02, 10 03 jew 10 04 jew fl-Artikolu 10 01 05, skont l-iskop tagħhom.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u, fejn japplika, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Fil-każ ta' xi wħud minn dawn il-proġetti, hemm il-possibilità li pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika. Kull kontribuzzjoni finanzjarja se tiddaħħal fil-Partita 6 0 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

L-approprjazzjonijiet addizzjonali se jkunu pprovduti taħt il-Partiti 10 02 50 01 u 10 03 50 01.

KUMMISSJONI
TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA

KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
10 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA"					
10 01 05	***Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam tal-politika "Riċerka diretta"***					
10 01 05 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	137 841 590	136 700 000	143 812 051,39	104,33
10 01 05 02	Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	32 688 000	32 400 000	62 793 703,62	192,10
10 01 05 03	Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020	1,1	58 163 970	58 163 970	73 057 021,29	125,61
10 01 05 04	Nefqa oħra għal infrastrutturi ġodda kbar tar-riċerka — Orizzont 2020	1,1	2 000 000	2 000 000	2 060 000,—	103,00
10 01 05 11	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom	1,1	54 200 000	54 200 000	55 288 948,61	102,01
10 01 05 12	Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom	1,1	10 000 000	10 000 000	18 912 397,29	189,12
10 01 05 13	Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Programm tal-Euratom	1,1	35 045 400	35 045 400	41 112 181,91	117,31
10 01 05 14	Nefqa oħra għal infrastrutturi ġodda kbar tar-riċerka — Programm tal-Euratom	1,1	2 000 000	2 000 000	5 118 244,54	255,91
	Artikolu 10 01 05 — Subtotal		331 938 960	330 509 370	402 154 548,65	121,15
	Kapitolu 10 01 — Total		**331 938 960**	**330 509 370**	**402 154 548,65**	**121,15**

10 01 05 ***Nefqa ta' sostenn għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni fil-qasam tal-politika "Riċerka diretta"***

Kummenti

Skont l-Artikolu 21 u l-Artikolu 183(2) tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 2 2 3 u 6 2 2 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 2 2 1, 6 2 2 4 u 6 2 2 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dan id-dħul se jintuża biex ikopri, *inter alia*, nefqa mġarrba fuq persunal u riżorsi fir-rigward ta' ħidma magħmula għal partijiet terzi miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

KUMMISSJONI
TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA

KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA" *(ikompli)*

10 01 05 *(ikompli)*

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull kontribut finanzjarju mdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 3 1 u tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

L-approprjazzjonijiet jistgħu jiġu ssupplimentati mill-parteċipazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fuq bażi kompetittiva f'azzjonijiet indiretti u f'attivitajiet xjentifiċi u tekniċi b'sostenn għall-politiki tal-Unjoni. L-attivitajiet ta' natura kompetittiva mwettqa mill-JRC għandhom ikunu jikkonsistu f':

— attivitajiet imwettqa wara proċeduri ta' għoti jew ta' akkwist,

— attivitajiet f'isem partijiet terzi,

— attivitajiet imwettqa skont ftehim amministrattiv ma' istituzzjonijiet oħra jew dipartimenti oħra tal-Kummissjoni għall-provdiment ta' servizzi tekniċi-xjentifiċi.

10 01 05 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
137 841 590	136 700 000	143 812 051,39

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa marbuta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jokkupaw karigi fit-tabella ta' stabbiliment awtorizzat taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020, u b'mod partikolari:

— l-azzjoni diretta, li tikkonsisti f'attivitajiet ta' riċerka, attivitajiet ta' sostenn xjentifiku u tekniku, u attivitajiet esploratorji ta' riċerka magħmula fl-istabbilimenti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka,

— l-azzjoni indiretta, li tikkonsisti fi programmi implimentati bħala parti mill-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka mwettqa fuq bażi kompetittiva.

Il-kosti tal-persunal jinkludu s-salarju bażiku, gratifiki, indennizzi mixxellanji u kontribuzzjonijiet imsejsa fuq dispożizzjonijiet statutorji, inklużi nefqiet marbutin mad-dħul fis-servizz, bidla fil-post tal-impjieg u terminazzjoni tas-servizz.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI
TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA

KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA" *(ikompli)*

10 01 05 *(ikompli)*

10 01 05 01 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 10 02.

10 01 05 02 Persunal estern fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
32 688 000	32 400 000	62 793 703,62

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta ma' persunal estern li jokkupa karigi li mhumiex fit-tabella ta' stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, jiġifieri persunal kuntrattwali, detenturi ta' għotjiet, esperti nazzjonali sekondati u xjenzati li jżuru, inkluż persunal estern sekondat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni, fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 10 02.

10 01 05 03 Nefqa maniġerjali oħra għal programmi ta' riċerka u innovazzjoni — Orizzont 2020

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
58 163 970	58 163 970	73 057 021,29

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri:

— Nefqa marbuta ma' persunal mhux koperta mill-Partiti 10 01 05 01 u 10 01 05 02 li tinkludi missjonijiet, taħriġ, servizzi mediċi u soċjali, nefqa fuq l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet, intervisti lill-kandidati, kosti tar-rappreżentanza, eċċ.,

KUMMISSJONI
TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA

KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "RIĊERKA DIRETTA" *(ikompli)*

10 01 05 *(ikompli)*

10 01 05 03 *(ikompli)*

— Nefqa fir-rigward tar-riżorsi kollha użati għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC). Din tinkludi:

— nefqiet marbutin mal-operat u l-funzjonament tal-istituti tal-JRC: il-manutenzjoni regolari tal-binjiet, infrastruttura teknika u apparat xjentifiku; utilitajiet u fluwidi, tisħin, tkessiħ u ventilazzjoni; materjali u apparat talħwienet tax-xogħol; tindif ta' siti, toroq u binjiet, immaniġġar tal-iskart, eċċ.,

— nefqiet marbutin mas-sostenn amministrattiv tal-istituti tal-JRC: għamara; oġġetti ta' kartollerija; telekomunikazzjonijiet; dokumentazzjoni u pubblikazzjonijiet; trasport; provvisti mixxellanji; assigurazzjonijiet ġenerali, eċċ.,

— nefqiet relatati mas-sikurezza u s-sigurtà tas-siti: saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol; radjuprotezzjoni; servizzi għat-tifi tan-nar, eċċ.,

— nefqa marbuta mal-IT: kmamar tal-kompjuters; ħardwer u softwer; servizzi ta' netwerking; sistemi ta' informazzjoni; helpdesk u assistenza lill-utenti, eċċ.,

— kosti mhux rikorrenti: din l-approprjazzjoni tkopri xogħlijiet ta' restawr, rijabilitazzjoni u kostruzzjoni f'siti tal-JRC. Tindirizza nefqiet bħal kosti ta' manutenzjoni eċċezzjonali, xogħlijiet ta' restawr, adattament għal standards ġodda, eċċ. Tista' wkoll tiffinanzja l-infrastrutturi tar-riċerka mhux koperti mill-Partita 10 01 05 04.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 anness miegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din l-intestatura baġitarja. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 10 02.

10 01 05 04 Nefqa oħra għal infrastrutturi ġodda kbar tar-riċerka — Orizzont 2020

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 000 000	2 000 000	2 060 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa fir-rigward tar-riżorsi kollha għall-iffinanzjar ta' proġetti ta' infrastrutturi kbar tar-riċerka, b'mod partikolari l-kostruzzjoni ta' binjiet ġodda, l-arranġament mill-ġdid ta' binjiet eżistenti u x-xiri ta' apparat importanti relatat mal-infrastruttura teknika tas-siti.

KUMMISSJONI
TITOLU 10 — RIĊERKA DIRETTA

11 06 09 ***Miżuri speċifiċi bit-tir li jippromwovu l-konverżjoni ta' bastimenti u ta' sajjieda li kienu, sal-1999, dipendenti fuq il-ftehim dwar sajd mal-Marokk***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżura speċifika immirata biex tħeġġeġ il-konverżjoni tal-bastimenti u tas-sajjieda li sal-1999, kienu jiddependu fuq il-ftehim dwar is-sajd mal-Marokk.

Wara li għereq il-*Prestige*, ġew allokati EUR 30 000 000 għal miżuri speċifiċi bħala kumpens għas-sajjieda u l-industriji tal-kultura tal-frott tal-baħar bil-qoxra u tal-akkwakultura affettwati mit-tixrid ta' żejt.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2561/2001 tas-17 ta' Diċembru 2001 li jimmira li jippromwovi l-konverżjoni ta' bastimenti tas-sajd li kienu dipendenti fuq il-ftehim tas-sajd mal-Marokk sal-1999 (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 17).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2372/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 li jwaqqaf miżuri speċifiċi biex ikunu kumpensati l-prodotti tas-sajd Spanjoli, l-industrija tal-krostaċej u l-akkwakoltura, li ġew affettwati mit-tixrid taż-żejt li kien ikkawżat mill-għarqa tat-tanker *Prestige* (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 81).

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 11 Tlestija tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) — Assistenza teknika operazzjonali (2007 sa 2013)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	494 296	0,—	1 564 356,98

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-impenji li għad iridu jitħallsu minn perjodi ta' pprogrammazzjoni preċedenti relatati ma' miżuri ta' assistenza teknika tal-FES kif dispost fl-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006. Il-miżuri ta' assistenza teknika jinkludu l-istudji, l-evalwazzjonijiet, il-miżuri diretti għall-imsieħba, il-miżuri għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni, l-installazzjoni, l-operazzjoni u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar, l-ispezzjoni u l-evalwazzjoni, it-titjib fil-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prattiki f'dan il-qasam u t-twaqqif ta' netwerks transnazzjonali u tal-Unjoni ta' atturi fl-iżvilupp sostenibbli taż-żoni kostali tas-sajd.

L-assistenza teknika tkopri miżuri preparatorji, ta' kontroll, awditjar, evalwazzjoni, superviżorji u maniġerjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FES.

Din l-approprjazzjoni tista', b'mod partikolari, tintuża biex tkopri:

— nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet),

— nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u telekomunikazzjonijiet,

— kuntratti għall-għoti ta' servizzi,

— appoġġ għan-netwerking u l-iskambju tal-aħjar prassi.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

11 06 12 Tlestija tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) — Objettiv ta' konverġenza (2007 sa 2013)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	100 000 000	p.m.	419 306 000	0,—	475 486 067,25

KUMMISSJONI
TITOLU 11 — AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 12 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-impenji li għad iridu jitħallsu relatati mal-programmi operazzjonali tal-objettiv ta' konverġenza tal-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF) għall-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013.

L-azzjonijiet iffinanzjati skont dan l-artikolu għandhom jikkunsidraw il-bżonn għaż-żamma ta' bilanċ stabbli u li jdum bejn il-kapaċità tal-flotot tas-sajd u r-riżorsi disponibbli, u l-bżonn li tiġi promossa kultura ta' sikurezza fis-sajd.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-finanzjament tal-impenji li għad iridu jitħallsu minn perjodi ta' pprogrammar preċedenti relatati mal-finanzjament tal-azzjonijiet għat-titjib tas-selettività tat-tagħmir tas-sajd.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF) (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

11 06 13 ***Tlestija tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) — Barra mill-għan ta' konverġenza (2007 sa 2013)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	32 000 000	p.m.	147 159 183	0,—	91 760 646,70

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-impenji li għad iridu jitħallsu relatati mal-miżuri tal-FES mingħajr objettivi ta' konverġenza fir-rigward tal-impenji relatati mal-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013.

Azzjonijiet iffinanzjati skont dan l-Artikolu għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa biex tiġi promossa kultura ta' sikurezza fis-sajd.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-finanzjament tal-impenji li għad iridu jitħallsu minn perjodi ta' pprogrammazzjoni preċedenti relatati mal-finanzjament tal-azzjonijiet għat-titjib tas-selettività tat-tagħmir tas-sajd.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF) (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 14 Tlestija ta' intervent fil-prodotti tas-sajd (2007 sa 2013)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	9 261 252,77

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

11 06 15 Tlestija tal-programm tas-sajd għar-reġjuni ultraperiferiċi (2007 sa 2013)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	11 905 570,83

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-impenji li għad iridu jitħallsu minn perjodi ta' pprogrammar preċedenti relatati mal-iskema biex tikkumpensa l-kostijiet addizzjonali mġarrba fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mill-Azores, minn Madeira, mill-gżejjer Kanarji u d-dipartimenti Franċiżi tal-Gujana u ta' Réunion minħabba li huma reġjuni mbiegħda.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007 tal- 21 ta' Mejju 2007 li jintroduċi skema bħala kumpens għall-ispejjeż addizzjonali magħmula fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mir-reġjuni l-aktar imbiegħda l-Azores, il-Madeira, il-Gżejjer Kanari, il-Guiana Franċiża u r-Réunion (ĠU L 176, 6.7.2007, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 11 — AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 60 ***Promozzjoni ta' sajd u akkwakultura sostenibbli u kompetittivi, żvilupp territorjali bilanċjat u inklużiv taż-żoni tas-sajd u tisdiq tal-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
805 423 852	335 000 000	1 538 852 624	138 235 825	19 167 006,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-programmi operazzjonali tal-FEMS bil-ħsieb li jiżdiedu l-impjiegi u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, jisseddqu s-sajd u l-akkwakultura innovattivi, kompetittivi u bbażati fuq l-għarfien, jingħata appoġġ lis-sajd fuq skala żgħira, b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi speċifiċi ta' kull Stat Membru, u jiġu promossi s-sajd u l-akkwakultura sostenibbli u effiċjenti fir-riżorsi, kif ukoll tisseddaq l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(a), (c) u (d) tiegħu.

11 06 61 ***Trawwim tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' Politika Marittima Integrata tal-Unjoni***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
38 426 980	30 491 000	32 538 385	23 969 480	29 186 089,70	10 755 724,18

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 61 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa provenjenti mill-programm biex jingħata sostenn lill-iżvilupp ulterjuri tal-Politika Marittima Integrata, inklużi inter alia:

— in-Netwerk Ewropew għall-Osservazzjoni u d-*Data* tal-Baħar,

— proġetti li jinkludu proġetti ta' ttestjar u proġetti ta' kooperazzjoni,

— implementazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-Ambjent għall-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni Komuni,

— proġetti pilota dwar ippjanar spazjali marittimu transfruntier,

— applikazzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni bħalma huwa l-forum marittimu u l-Atlas Ewropew tal-Ibħra,

— avvenimenti u konferenzi,

— l-iżvilupp u segwitu tal-istrateġiji tal-baċir tal-baħar,

— l-inizjattivi għal kofinanzjament, xiri u manutenzjoni ta' sistemi ta' osservazzjoni marittima u għodod tekniċi għad-disinn, stabbilment u tmexxija ta' sistema operazzjoni ta' Netwerk Ewropew ta' Osservatorju u Data tal-Baħar li jimmiraw li jiffaċilitaw il-ġbir, l-akkwist, l-assemblaġġ, l-ipproċessar, il-kontroll tal-kwalità, l-użu mill-ġdid u d-distribuzzjoni ta' data u għarfien dwar il-baħar, permezz ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u/jew istituzzjonijiet internazzjonali involuti,

— is-servizzi segretarjali jew ta' sostenn,

— studji li għandhom jitwettqu fuq skala Ewropea u tal-baċini tal-baħar sabiex jiġu identifikati l-ostakoli tat-tkabbir, jiġu vvalutati opportunitajiet ġodda u jiġi ddeterminat l-impatt tal-bniedem fuq l-ambjent tal-baħar.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(b) tiegħu.

KUMMISSJONI
TITOLU 11 — AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 62 Miżuri ta' akkumpanjament għall-Politika Komuni tas-Sajd u l-Politika Marittima Integrata

11 06 62 01 Konsulenza u għarfien xjentifiku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
8 680 015	14 000 000	8 050 015	18 775 139	6 540 000,—	21 892 642,58

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa marbuta ma':

— il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni li tikkonsisti f'pagamenti marbuta man-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fil-qafas ta' programmi nazzjonali pluriennali li nbdew fl-2013 jew qabel,

— il-finanzjament ta' studji u proġetti pilota mwettqa mill-Kummissjoni, fejn jixraq f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-Politika Komuni tas-Sajd, inklużi dawk dwar tipi alternattivi ta' tekniki ta' sajd sostenibbli,

— it-tħejjija u l-għoti ta' opinjonijiet u konsulenza xjentifiċi minn korpi xjentifiċi, inklużi l-korpi ta' konsulenza internazzjonali responsabbli mill-valutazzjonijiet tal-istokk, mill-esperti indipendenti u mill-istituzzjonijiet ta' riċerka,

— il-kostijiet imġarrba mill-Kummissjoni għas-servizzi relatati mal-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-laqgħat tal-esperti dwar is-sajd u l-ġestjoni tal-programmi ta' ħidma annwali relatati mal-kompetenza xjentifika u teknika tas-sajd, l-ipproċessar ta' sejħiet għad-dejta u settijiet tad-dejta, il-ħidma preparatorja maħsuba li twassal opinjonijiet u konsulenza xjentifiċi,

— l-attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ġbir tad-dejta, inklużi l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' bażijiet ta' dejta reġjonalizzati għall-ħżin, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta li se jkunu ta' benefiċċju għall-kooperazzjoni reġjonali u jtejbu l-attivitajiet tal-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta kif ukoll il-kompetenza xjentifika b'sostenn għall-ġestjoni tas-sajd,

— l-arranġamenti amministrattivi maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, jew kull korp konsultattiv ieħor tal-Unjoni, biex jitwaqqaf is-segretarjat għall-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), titwettaq il-preanaliżi tad-dejta, u tiġi evalwata s-sitwazzjoni tar-riżorsi tas-sajd,

— l-indemnitajiet imħallsa lill-membri tas-STECF u/jew l-esperti esterni mistiedna minn STECF u d-domanda għal servizzi f'konformità mad-Deċiżjoni 2005/629/KE (jew mad-Deċiżjoni li tissuċċedi u tissostitwixxi dik id-Deċiżjoni).

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000 tad-29 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi struttura Komunitarja għall-ġbir u l-ġestjoni tad-*Data* meħtieġa għat-twettieq tal-politika komuni tas-sajd (ĠU L 176, 15.7.2000, p. 1).

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 62 *(ikompli)*

11 06 62 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *Data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 84(a) tiegħu.

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/629/KE tas-26 ta' Awwissu 2005 li tistabbilixxi l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (ĠU L 225, 31.8.2005, p. 18).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 665/2008 tal-14 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *Data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 186, 15.7.2008, p. 3).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1078/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 rigward in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għall-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta bażika dwar is-sajd (ĠU L 295, 4.11.2008, p. 24).

11 06 62 02 Kontroll u infurzar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 510 967	32 700 000	15 510 967	35 954 220	14 956 055,47	23 848 031,37

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-pagamenti għal azzjonijiet tal-perjodu mill-2007 sal-2013 u relatati man-nefqa mġarrba mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll applikabbli għall-Politika Komuni tas-Sajd għal:

— investimenti marbutin ma' attivitajiet ta' kontroll imwettqa minn korpi amministrattivi jew mis-settur privat inkluża l-implimentazzjoni tat-teknoloġiji ta' kontroll bħal pereżempju sistemi ta' reġistrazzjoni elettronika (ERS), sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) konnessi ma' sistemi ta' detezzjoni tal-bastimenti (VDS) u x-xiri u l-immodernizzar tal-mezzi tal-kontroll,

KUMMISSJONI
TITOLU 11 — AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 62 *(ikompli)*

11 06 62 02 *(ikompli)*

— taħriġ u programmi ta' skambju għall-ħaddiema taċ-ċivil responsabbli minn kompiti ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fiż-żoni tas-sajd,

— implimentazzjoni ta' skemi sperimentali ta' spezzjoni u osservazzjoni,

— analiżi tal-kostijiet/benefiċċji, valutazzjoni tan-nefqa u awditi li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet kompetenti fit-twettiq tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza,

— inizjattivi, li jinkludu seminars u strumenti tal-midja, immirati lejn it-tkattir tas-sensibilizzazzjoni kemm fost is-sajjieda kif ukoll fost dawk kollha li jkollhom rwol f'dan il-qasam bħall-ispetturi, il-prosekuturi pubbliċi u l-imħallfin, kif ukoll fost il-pubbliku ġenerali dwar il-ħtieġa li jiġi miġġieled is-sajd illegali u irresponsabbli u dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd,

— implimentazzjoni ta' sistemi u proċeduri li jippermettu t-traċċabbiltà u l-istrumenti jikkontrollaw il-kapaċità tal-flotta permezz ta' monitoraġġ tas-saħħa tal-magna,

— proġetti pilota bħalma huma is-CCTV (televiżjoni b'ċirkwit magħluq).

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba li tkopri l-azzjonijiet ta' kontroll taħt il-ġestjoni diretta inkluża fil-FEMS:

— ix-xiri u/jew il-kiri konġunt minn diversi Stati Membri li jappartjenu għall-istess żona ġeografika, ta' bastimenti tal-pattulja, inġenji tal-ajru u ħelikopters, bil-kundizzjoni li jintużaw għal mill-inqas 60 % tal-ħin għall-kontroll tas-sajd,

— il-valutazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda ta' kontroll, kif ukoll proċessi għall-iskambju tad-data,

— in-nefqa operazzjonali marbuta mal-kontroll u l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari l-missjonijiet tal-verifika, l-ispezzjoni u l-awditjar, it-tagħmir u t-taħriġ għall-uffiċjali tal-Kummissjoni, l-organizzazzjoni jew il-parteċipazzjoni f'laqgħat, inkluż l-iskambju bejn l-Istati Membri ta' informazzjoni u l-aħjar prattiċi, studji, servizzi u forniturі tal-IT, u l-kiri jew ix-xiri mill-Kummissjoni ta' mezzi ta' spezzjoni kif speċifikat fit-Titolu X tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009,

— is-sostenn għall-implimentazzjoni ta' proġetti transnazzjonali mmirati lejn l-iżvilupp u l-ittestjar tas-sistemi ta' kontroll, spezzjoni u infurzar bejn l-Istati previsti fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009,

— il-programmi ta' taħriġ internazzjonali għall-persunal responsabbli mill-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd,

— l-inizjattivi, inkluż seminars u għodod tal-media, għall-istandardizzazzjoni tal-interpretazzjoni ta' regolamenti u kontrolli assoċjati fl-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59).

KUMMISSJONI
TITOLU 11 — AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 62 *(ikompli)*

11 06 62 02 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu.

Atti ta' referenza

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 391/2007 tal-11 ta' April 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 rigward in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll applikabbli għall-politika komuni tas-sajd (PKS) (ĠU L 97, 12.4.2007, p. 30).

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

11 06 62 03 Kontribuzzjonijiet volontarji lil organizzazzjonijiet internazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 978 580	6 900 000	7 978 580	6 305 411	6 053 997,56	2 141 314,32

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja l-kontribuzzjonijiet volontarji tal-Unjoni lill-organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tas-sajd u fid-Dritt tal-Baħar.Tista' tiffinanzja, b'mod partikulari:

— il-ħidma preparatorja fuq ftehimiet dwar sajd sostenibbli,

— il-kontribuzzjonijiet u miżati tar-reġistrazzjoni għal-laqgħat tal-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-sajd fejn l-Unjoni għandha status ta' osservatur (l-Artikolu 217 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea), jiġifieri l-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Balieni (IWC), u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD),

KUMMISSJONI
TITOLU 11 — AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 62 *(ikompli)*

11 06 62 03 *(ikompli)*

— is-sostenn għas-segwitu u l-implimentazzjoni ta' ċerti proġetti reġjonali, b'mod partikolari bil-kontribuzzjoni għall-kontroll internazzjonali konġunt speċifiku u attivitajiet ta' spezzjoni. Din l-approprjazzjoni għandha tkopri wkoll programmi ta' sorveljanza li għandhom ikunu nnegozjati fil-Punent tal-Afrika u l-Punent tal-Paċifiku,

— il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-preparazzjonijiet għall-organizzazzjonijiet internazzjonali ġodda li huma ta' interess għall-Unjoni,

— il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal xogħol xjentifiku magħmul minn organizzazzjonijiet internazzjonali tas-sajd li huwa ta' interess speċjali għall-Unjoni,

— il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal kwalunkwe attività (inklużi laqgħat ta' ħidma, informali jew straordinarji tal-partijiet kontraenti) li ssostni l-interessi tal-Unjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali u ssaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab tagħha f'dawn l-organizzazzjonijiet. F'dan ir-rigward, il-kostijiet ta' parteċipazzjoni tar-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi f'negozjati u laqgħat f'fora u organizzazzjonijiet internazzjonali, meta l-preżenza tagħhom issir meħtieġa għall-interessi tal-Unjoni, għandhom jitħallsu mill-FEMS,

— l-għotjiet lil korpi reġjonali fejn l-istati kostali huma involuti fis-sottoreġjun konċernat.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 88 tiegħu.

11 06 62 04 Governanza u komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 078 000	4 509 000	6 011 771	6 408 121	3 592 429,97	3 049 045,26

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 62 *(ikompli)*

11 06 62 04 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja l-attivitajiet li ġejjin fl-ambitu tal-pjan ta' azzjoni għal djalogu aktar mill-qrib mal-industrija tas-sajd u ma' dawk affettwati mill-Politika Komuni tas-Sajd u l-Politika Marittima Integrata:

— l-għotjiet lil Kunsilli Konsultattivi (wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali eżistenti (RACs) ġew trasformati f'Kunsilli Konsultattivi (ACs) u qed jinħolqu oħrajn ġodda) biex ikopru l-kostijiet operattivi kif ukoll il-kostijiet għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni tal-laqgħat tal-AC,

— l-implimentazzjoni ta' miżuri biex tkun ipprovduta dokumentazzjoni dwar u biex tispjega l-Politika Komuni tas-Sajd immirata għall-industrija tas-sajd u dawk affettwati mill-Politika Komuni tas-Sajd, kif ukoll mill-Politika Marittima Integrata.

Il-Kummissjoni se tkompli ssostni l-funzjonament tal-ACs b'kontribuzzjoni finanzjarja. Se tipparteċipa fil-laqgħat meta jkun xieraq u tanalizza r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-ACs li jistgħu jipprovdu input fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni. Permezz tal-konsultazzjoni mal-partijiet konċernati fl-ACs, se jissaħħaħ l-involviment tal-persuni li jaħdmu fis-settur tas-sajd u gruppi ta' interess oħrajn fil-proċess tal-Politika Komuni tas-Sajd, sabiex jitqiesu iżjed il-karatteristiċi reġjonali speċifiċi.

Parti mill-approprjazzjoni hija indikata wkoll għal attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni marbuta mal-Politika Komuni tas-Sajd u l-Politika Marittima Integrata kif ukoll għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni indirizzati lill-partijiet interessati. Se jkompli jsir sforz biex il-partijiet interessati u l-mezzi speċjalizzati ta' komunikazzjoni fl-Istati Membri l-ġodda kif ukoll fil-pajjiżi kandidati ikunu infurmati dwar il-Politika Komuni tas-Sajd u l-Politika Marittima Integrata.

Kull dħul jista' jwassal għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 89 u 91 tiegħu.

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/242 tad-9 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar il-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi skont il-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 41, 17.2.2015, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 11 — AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 62 *(ikompli)*

11 06 62 05 Għarfien tas-swieq

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
4 900 000	4 100 000	4 545 966	4 741 131	4 047 880,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kostijiet għall-iżvilupp u d-disseminazzjoni tal-għarfien tas-swieq għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura. L-azzjonijiet speċifiċi jinkludu, inter alia:

— l-operat bis-sħiħ tal-Osservatorju tas-Swieq,

— il-ġbir, l-analiżi u t-tixrid tal-għarfien u l-fehim ekonomiku tas-suq tal-Unjoni għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura fil-katina alimentari, filwaqt li jitqies il-kuntest internazzjonali,

— l-istħarriġ regolari tal-prezzijiet tul il-katina alimentari tal-Unjoni għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, u t-twettiq ta' analiżi dwar ix-xejriet tas-suq,

— il-forniment ta' studji *ad hoc* dwar is-swieq u metodoloġija għall-istħarriġ dwar il-formazzjoni tal-prezzijiet,

— l-iffaċilitar tal-aċċess għad-dejta disponibbli dwar il-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura miġbura skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni,

— it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni dwar is-swieq fil-livell adegwat tal-partijiet interessati.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 11 — AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 63 Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) — Assistenza teknika

11 06 63 01 Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) — Assistenza teknika operattiva

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
4 080 000	4 300 000	4 300 000	2 697 540	2 503 607,44	86 410,80

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' assistenza teknika tal-FEMS kif dispost fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

L-assistenza teknika tkopri miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, verifika, valutazzjoni, superviżjoni u ġestjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FEMS.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

— studji, evalwazzjonijiet u rapporti tal-esperti,

— azzjonijiet għat-tixrid tat-tagħrif, sostenn għan-netwerking, twettiq ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni, żieda fl-għarfien u promozzjoni ta' kooperazzjoni u skambju ta' esperjenzi, inkluż ma' pajjiżi terzi,

— l-installazzjoni, l-operazzjoni u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar, il-kontroll u l-evalwazzjoni,

— azzjonijiet li jtejbu l-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni dwar il-prattiki tal-evalwazzjoni,

— azzjonijiet relatati mal-awditjar,

— l-istabbiliment ta' netwerks, fil-livell transnazzjonali u tal-Unjoni, ta' atturi b'rabta mal-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd kostali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

KUMMISSJONI
TITOLU 11 — AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 63 *(ikompli)*

11 06 63 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

11 06 63 02 Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) — Assistenza Teknika operattiva immaniġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri parti mill-pakkett nazzjonali għall-assistenza teknika trasferita lill-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru li jaffaċċja diffikultajiet baġitarji temporanji. F'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, hija intenzjonata li tkopri miżuri biex tidentifika, tipprijoritizza u timplimenta riformi strutturali u amministrattivi bħala reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali f'dan l-Istat Membru.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 64 Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
9 070 000	9 070 000	8 957 000	8 957 000	9 217 150,—	9 217 150,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-persunal tal-Aġenzija u n-nefqa amministrattiva u operattiva.

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità baġitarja dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti rimborżati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jiġi impost fil-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 9 217 000. Ammont ta' EUR 147 000, li ġej mill-irkupru tas-surplus, qed jiżdied mal-ammont ta' EUR 9 070 000 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 2009/988/UE tat-18 ta' Diċembru 2009 li taħtar lill-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd bħala l-korp li jwettaq ċerti kompiti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 (ĠU L 338, 19.12.2009, p. 104).

KUMMISSJONI
TITOLU 11 — AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

11 06 77 01 Azzjoni preparatorja — Ċentru ta' monitoraġġ tal-prezzijiet tas-suq tas-sajd

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	5 720,67	245 730,77

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

11 06 77 02 Proġett pilota — Għodod għal governanza komuni u ġestjoni sostenibbli tas-sajd: it-tħeġġiġ tar-riċerka kollaborattiva bejn xjenzati u partijiet interessati

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	359 953	p.m.	359 953	0,—	479 937,41

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 77 *(ikompli)*

11 06 77 03 Azzjoni preparatorja — Politika marittima

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	p.m.	0,—	15 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

11 06 77 05 Proġett pilota — Stabbiliment ta' strument uniku għad-denominazzjonijiet kummerċjali għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 11 — AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 77 *(ikompli)*

11 06 77 06 Azzjoni preparatorja — Gwardjani tal-Baħar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	480 000	p.m.	960 000	600 000,—	187 106,20

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

11 06 77 07 Proġett pilota — L-għan huwa li jibda jitħaddem netwerk ta' tipi differenti ta' żoni protetti marini, kemm dawk stabbiliti u kemm dawk li hemm il-ħsieb li jiġu stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u internazzjonali ambjentali jew tas-sajd, bil-ħsieb li jissaħħaħ il-potenzjal tal-produzzjoni mill-impriżi tas-sajd tal-Mediterran tal-Unjoni fuq il-bażi tar-rendimenti massimi sostenibbli u approċċ mil-lat tal-ekosistemi għall-ġestjoni tas-sajd

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	400 000	p.m.	p.m.	2 000 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 77 *(ikompli)*

11 06 77 08 Proġett pilota — Miżuri ta' appoġġ għal sajd fuq skala żgħira

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	600 000	500 000	500 000	1 500 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

11 06 77 09 Proġett pilota — Żvilupp ta' prattiki tas-sajd lil hinn mill-kosta b'impatt baxx u innovattiv għal bastimenti fuq skala żgħira fir-reġjuni ultraperiferiċi, inkluż l-iskambju ta' prattiki tajba u sajd bi prova.

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	750 000	1 000 000	500 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-komunitajiet tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi uniċi u atipiċi. B'reazzjoni għal dawn l-isfidi, fir-reġjuni ultraperiferiċi differenti ġew żviluppati separatament tekniki tas-sajd ġodda. Dan il-proġett pilota, permezz tal-involviment tal-komunitajiet tas-sajd lokali u l-partijiet interessati, se jesplora l-fattibilità tat-trasferiment ta' tekniki tas-sajd ġodda bejn reġjun ultraperiferiku u ieħor.

L-għan ewlieni huwa t-tħeġġiġ u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, li jistgħu jinvolvu tekniki tas-sajd ġodda b'impatt ambjentali baxx, u l-promozzjoni ta' prattiki tajbin u/jew sajd sperimentali lil hinn mill-kosta.

KUMMISSJONI
TITOLU 11 — AFFARIJIET MARITTIMI U SAJD

KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) *(ikompli)*

11 06 77 *(ikompli)*

11 06 77 09 *(ikompli)*

Permezz ta' dan jista' jkun possibbli li jiġu identifikati alternattivi vijabbli li jippermettu li s-settur tas-sajd fuq skala żgħira joħroġ l-isforz tas-sajd tiegħu minn mal-kosta għal lil hinn minnha biex b'ħekk titnaqqas il-pressjoni tas-sajd fuq ir-riżorsi kostali. Dan jista' jippermetti lis-sajjieda fir-reġjuni ultraperiferiċi jżommu l-attivitajiet tas-sajd tradizzjonali waqt li jgħaddu għal tekniki aktar ekonomikament vijabbli u li ma jagħmlux ħsara għall-ambjent.

Dan se jwassal ukoll biex tittejjeb il-provvista għas-suq lokali ta' ħut ta' kwalità tajba prodott *in situ*, filwaqt li joħloq benefiċċji assoċjati għas-settur tat-turiżmu, u jnaqqas il-bżonn ta' importazzjonijiet.

Speċifikazzjonijiet

L-azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 12 Azzjoni preparatorja — Lejn identità reġjonali komuni, rikonċiljazzjoni tan-nazzjonijiet u kooperazzjoni ekonomika u soċjali inkluża Pjattaforma Pan-Ewropea għall-Kompetenza u l-Eċċellenza fil-makroreġjun tad-Danubju

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 857 671	2 000 000	2 000 000	1 799 458,65	629 721,75

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA *(ikompli)*

13 03 77 *(ikompli)*

13 03 77 12 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

L-azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 13 Proġett pilota — dwar il-politika ta' koeżjoni u s-sinerġiji mal-fondi ta' riċerka u żvilupp: it-"triq lejn l-eċċellenza"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	2 100 000	1 500 000	1 350 000	1 200 000,—	600 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 14 Azzjoni preparatorja – Strateġija reġjonali għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	125 000	158 217,60	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana għandu l-potenzjal li jagħixxi bħala magna għat-tkabbir fl-Ewropa, jżid il-valur lill-Unjoni Ewropea u jikkontribwixxi għall-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020.

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA *(ikompli)*

13 03 77 *(ikompli)*

13 03 77 14 *(ikompli)*

Billi l-Unjoni żviluppat strateġija reġjonali għall-Baħar Baltiku u nbeda x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' strateġiji għar-reġjuni tal-Atlantiku u tal-Artiku, tali proċess għadu ma bediex għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana. Strateġija reġjonali għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana hija r-rabta nieqsa bejn iż-żoni makroreġjonali fil-Grigal u l-Majjistral tal-Ewropa.

L-għan ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tanalizza t-tkabbir potenzjali tar-reġjun u tuża s-sejbiet biex tinvestiga l-valur miżjud li jkun hemm strateġija makroreġjonali konġunta futura għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana, minħabba l-fatt li Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana b'saħħtu għandu l-potenzjal li jagħixxi bħala magna għat-tkabbir fl-Ewropa u jikkontribwixxi għall-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020.

Id-dokument ta' strateġija 2020 dwar ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana

L-Assemblea Ġenerali tal-Kummissjoni tal-Baħar tat-Tramuntana żviluppat dokument ta' strateġija 2020 dwar ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana b'konsultazzjoni mal-membri u l-partijiet interessati fir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana. Id-dokument ta' strateġija jqis ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana bħala żona ta' kooperazzjoni territorjali, u l-fokus strateġiku tiegħu huwa fuq l-isfidi ewlenin u l-karatteristiċi komuni fejn l-azzjoni transnazzjonali u l-ħidma kollaborattiva jitqiesu li jagħtu valur miżjud.

Id-dokument ta' strateġija jidentifika ħames prijoritajiet strateġiċi li huma marbutin mill-qrib mal-objettivi Ewropa 2020 u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' ħafna (jekk mhux anki kollha) mill-inizjattivi ewlenin tal-Ewropa 2020:

— l-immaniġġar tal-ispazju marittimu,

— iż-żieda tal-aċċessibbiltà u t-trasport nadif,

— it-trattament tal-bidla fil-klima,

— il-komunitajiet attraenti u sostenibbli,

— il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-eċċellenza.

Id-dokument ta' strateġija tar-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana huwa l-ewwel pass lejn analiżi tal-isfidi u l-opportunitajiet għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana u l-esplorazzjoni tal-potenzjal għat-tkabbir reġjonali bħala appoġġ tal-istrateġija Ewropa 2020.

Azzjoni ta' tħejjija tar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana

Biex jiġi esplorat il-potenzjal tat-tkabbir reġjonali bħala appoġġ tal-istrateġija Ewropa 2020 u jitqiegħed il-pedament għal makroreġjun b'saħħtu, hemm bżonn li titwettaq analiżi aktar fid-dettall tal-ħames prijoritajiet strateġiċi identifikati fid-dokument ta' strateġija 2020 dwar ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana u l-valur miżjud tagħhom fil-kuntest ta' komunità Ewropea.

Attivitajiet

L-azzjoni ta' tħejjija tiffinanzja numru ta' inizjattivi kkoordinati sew fuq perjodu ta' tliet snin (2014-2017) u tiffoka fuq:

— analiżi/studji fid-dettall tal-ħames prijoritajiet identifikati fid-dokument 2020 dwar ir-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana,

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA *(ikompli)*

13 03 77 *(ikompli)*

13 03 77 14 *(ikompli)*

— konferenzi tal-partijiet interessati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-impenn, il-kooperazzjoni u l-kontenut,

— djalogu ta' segwitu mal-partijiet interessati kollha, inklużi l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali.

L-attivitajiet għandhom ikunu marbutin mill-qrib mal-politika reġjonali tal-Unjoni u għandhom jiffaċilitaw ukoll sinerġiji ma' oqsma u programmi oħrajn tal-politika tal-Unjoni.

Riżultat

Ir-riżultat finali se jkun analiżi dettaljata tal-potenzjal tat-tkabbir tar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana, inklużi l-oqsma ta' intervenzjoni possibbli, u ktieb abjad lill-Unjoni u l-Istati Membri dwar il-valur miżjud ta' strateġija u kooperazzjoni reġjonali kondiviża għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana.

Implimentazzjoni

L-approprjazzjonijiet għal din l-azzjoni preparatorja tista' tiġi inserita fil-baġit ġenerali tal-Unjoni taħt it-Titolu 13 "Politika reġjonali u urbana" u, minħabba n-natura reġjonali tal-attivitajiet intenzjonati. DĠ REGIO għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-azzjoni preparatorja f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni tal-Baħar tat-Tramuntana.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 15 Azzjoni preparatorja — Bliet madwar id-dinja: Kooperazzjoni bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar l-iżvilupp urban

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	1 500 000	p.m.	800 000	2 000 000,—	3 173,98

Kummenti

L-għan tal-azzjoni preparatorja huwa li tippromwovi l-iskambju tal-esperjenza u l-aħjar prattika bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi fuq is-suġġett tal-iżvilupp territorjali b'referenza partikolari għall-iżvilupp urban, is-sħubija urbana-rurali u l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qafas tas-sħubijiet bejn il-Kummissjoni u pajjiżi terzi, u li jkun hemm kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u li dawn jiġu megħjuna fil-holqien ta' sħubijiet reġjonali ġodda f'dan il-qasam.

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA *(ikompli)*

13 03 77 *(ikompli)*

13 03 77 15 *(ikompli)*

L-enfasi ewlenija tal-azzjoni preparatorja mdaħħla fil-baġit 2014 hija li jiġu appoġġati d-djalogi politiċi attwali u r-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni globali tal-UE dwar kwistjonijiet ta' urbanizzazzjoni ma' sħab strateġiċi bħaċ-Ċina, l-Indja, il-Kanada jew il-Ġappun.

L-azzjoni preparatorja tgħin il-kondiviżjoni tal-benefiċċju tal-esperjenza tal-UE ta' kif politiki ta' żviluipp reġjonali u urban isejsu l-proċess ta' integrazzjoni ekonomika u politika ma' sħab ewlenin barra l-UE, kif ukoll biex jingħabru r-risponsi u l-esperjenza internazzjonali għall-benefiċċju tar-reġjuni u l-bliet tal-UE rigward l-isfidi li jiġu ffaċċjati minn bliet u reġjuni madwar id-dinja kollha. Taħt l-azzjoni preparatorja implimentata mill-2014, qed jinħolqu erba' pjattaformi għall-kooperazzjoni bejn il-bliet, qed jiġi appoġġat it-tielet netwerk URBELAC u qed tiġi ffinanzjata l-assistenza teknika. L-użu tal-finanzjament tal-azzjoni preparatorja huwa għoli. L-azzjoni preparatorja għandha tiġi estiża sal-2016 biex jiġu implimentati u approfonditi aktar sħubijiet eżistenti u biex tiġi żviluppata kooperazzjoni strateġika ġdida ma' pajjiżi u reġjuni f'partijiet oħra tad-dinja.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 16 Azzjoni preparatorja — Il-qagħda attwali u mixtieqa tal-potenzjal ekonomiku fir-reġjuni barra mill-belt kapitali Griega, Ateni.

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	350 000	700 000,—	350 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

L-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni ta' tħejjija għandha idealment tagħti l-aħjar eżempju għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġija RIS 3 ġenwina f'reġjun Grieg speċifiku u għandha sservi ta' mudell għal reġjuni ta' konvergenza oħrajn.

Raġunijiet

Minħabba l-fatt li diġà sar xogħol preparatorju importanti mill-Kummissjoni biex jinċita l-Greċja u r-reġjuni tagħha biex jibdew ifasslu Strateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ta' Innovazzjoni Reġjonali, l-isfidi għadhom fil-fażi ta' żvilupp u implimentazzjoni. L-iskambju tal-aħjar prattiki mhux biżżejjed biex jinbena vantaġġ kompetittiv billi jiġu żviluppati u korrisposti l-punti b'saħħithom tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-bżonnijiet tan-negozju ta' territorju partikolari. Għalhekk huwa importanti ħafna li jissaħħu l-isforzi attwali b'għajnuna diretta, professjonali u mfassla apposta għal reġjun Grieg milqut sew mill-kriżi.

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA *(ikompli)*

13 03 77 *(ikompli)*

13 03 77 16 *(ikompli)*

Il-frammentazzjoni attwali u nuqqas ta' sforzi ta' koordinament bejn il-gvernijiet ċentrali u reġjonali ma jiggarantixxux li se jsir proċess ta' skopertà intraprenditorjali xieraq fir-reġjuni Griegi. Għalhekk, huwa kruċjali li titwaqqaf struttura ta' governanza soda u inklużiva b'esperjenza u riżorsi umani relevanti biex jiġu ppjanati u implimentati l-miżuri ta' riċerka u żvilupp u ta' innovazzjoni f'wieħed mir-reġjuni Griegi bħala eżempju. Biex jiġi ffaċilitat u aċċelerat il-proċess ta' żvilupp, l-iskambju ta' ħila esperta ma' speċjalist dwar il-ġeografija ekonomika u l-proċessi tal-bidliet minn reġjuni oħra tal-Unjoni għandu jgħin wieħed mir-reġjuni Griegi fil-proċess ta' skopertà intraprenditorjali. Din l-għajnuna kieku tnaqqas ukoll il-piż fuq ir-riżorsi umani tal-awtoritajiet Griegi li għandhom bżonn jibnu l-ħila esperta. Din il-ħila esperta għandha bżonn tinħoloq bl-għajnuna tal-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-amministrazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku reġjonali b'involviment b'saħħtu ta' speċjalisti Ewropej kompetenti u bl-esperjenza fil-qasam tat-trasformazzjoni ekonomika reġjonali bbażata fuq l-għarfien.

Kamp ta' applikazzjoni

L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiġbor il-potenzjal ekonomiku ta' reġjun magħżul, u t-tieni, li jesplora l-possibilitajiet tal-potenzjal tal-innovazzjoni tiegħu u l-espansjoni tiegħu. Ir-reġjun propost huwa wieħed mill-ifqar fil-Greċja u fl-Unjoni, ir-Reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant u Traċja. Ir-Reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant u Traċja huwa Reġjun ta' Konverġenza milqut sew mill-kriżi u l-kompetizzjoni ħarxa ta' pajjiżi ġirien bi spiża tax-xogħol baxxa. Minkejja l-preżenza ta' università u istitut teknoloġiku u korpi oħra tar-riċerka fir-reġjun, ir-rabtiet tal-attivitajiet ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni mal-bżonnijiet tal-intraprendituri lokali huma kważi mhux eżistenti. Dan il-proġett għandu juri l-eżempju li tkabbir ibbażat fuq l-innovazzjoni u l-orjentazzjoni tal-forzi produttivi lokali lejn l-esportazzjoni huwa fattibbli.

Dan għandu jservi bħala paradigma ta' tkabbir għal reġjuni oħra ta' konverġenza fil-Greċja u fl-Ewropa.

Il-finanzjament disponibbli mill-Unjoni għandu jappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti reġjonali, billi jikkonċentra b'mod partikolari fuq:

— il-ħolqien u/jew it-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-industrija/manifattura reġjonali li tħares 'il barra u l-korpi reġjonali Griegi fil-qasam ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni (preferibbilment fl-istess reġjun imma wkoll barra mir-reġjun),

— l-appoġġ tal-korpi istituzzjonali reġjonali Griegi fil-qasam ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni li joħolqu u/jew isaħħu r-rabtiet mal-kumpaniji reġjonali li jħarsu 'l barra biex jipprovdu soluzzjonijiet konkreti għall-bżonnijiet teknoloġiċi tal-kumpaniji li jesportaw tar-Reġjun,

— il-waqfien tal-ħarba tal-aħjar talent billi jiġi sfruttat għal kollox l-apparat teknoloġiku disponibbli fl-Istitut Teknoloġiku tar-Reġjun u l-użu ta' tali apparat mill-persunal speċjalizzat lokali ħalli jiġu provduti soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-kumpaniji magħżula li jesportaw u billi jinħoloq grupp ta' individwi kwalifikati ħafna fin-negozju, il-kummerċ u l-esportazzjoni biex jgħinu u jagħtu pariri lill-investituri barranin potenzjali,

— it-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni bejn l-Awtorità Maniġerjali tal-Programm Operazzjonali Reġjonali u l-ekonomisti ġeografiċi tar-Reġjun u ekonomisti ġeografiċi oħra li jimplimentaw b'suċċess politika ta' RIS 3 f'reġjun partikolari fi Stat Membru Ewropew ieħor, eż. il-Ġermanja.

Perjodu ta' żmien — Forma ta' għajnuna

Il-perjodu ta' żmien ta' dan il-proġett m'għandux jaqbeż is-sena mit-tnedija tiegħu u lanqas ma għandu jaqbeż il-finanzjament inizjalment allokat.

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA *(ikompli)*

13 03 77 *(ikompli)*

13 03 77 16 *(ikompli)*

Il-proposta għal azzjoni pilota fir-Reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant — Traċja

Meta jitqiesu l-azzjonijiet meħuda s'issa fir-Reġjun tal-Maċedonja tal-Lvant u t-Traċja (R-AMTH) dwar l-"istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti" it-tnedija tal-azzjoni pilota hija rrakkomandata biex tgħin issawwar aħjar l-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fir-Reġjun, b'mod partikolari, l-għażla tal-prijoritajiet fuq xiex għandu jikkonċentra l-finanzjament. Għaldaqstant qed tiġi proposta l-iskema pilota li ġejja:

— attivazzjoni ta' programm ta' żvilupp tar-riċerka industrijali u t-teknoloġija maħsub għall-bżonnijiet identifikati fil-proċess ta' skoperta intraprenditorjali. S'issa RIS3 — Valutazzjoni Reġjonali: Il-Maċedonja tal-Lvant – Traċja indikat ċerti setturi fejn ir-reġjun jista' jkollu vantaġġ kompetittiv bħal: enerġija ġeotermali, agrikultura, bhejjem, sajd u bijoteknoloġija, estrazzjoni u pproċessar tal-irħam u ICTs u awtomatizzazzjoni,

— it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u n-netwerking bejn ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet tar-riċerka tal-R-AMTH bil-forzi produttivi tar-Reġjun. Il-korpi ta' riċerka għandhom juru (eż. taħt memoranda ta' qbil) il-kontribut tagħhom għall-iżvilupp tas-soluzzjonijiet għall-bżonnijiet tal-utenti eżistenti u potenzjali għall-isfruttament tar-riżultati ta' riċerka u proġetti ta' żvilupp magħmula apposta (li jiffukaw fuq ir-riċerka industrijali u l-iżvilupp esperimentali),

— il-waqfien tal-ħarba tal-aħjar talent billi (a) jiġi permess programm ta' taħriġ tar-riċerka tal-mobilità u jiġi ottimizzat l-użu tal-apparat tar-riċerka tat-TEI Kavala u (b) billi jinħoloq grupp ta' individwi kwalifikati ħafna fin-negozju, il-kummerċ u l-esportazzjoni biex jgħinu u jagħtu pariri lill-investituri barranin potenzjali,

— l-appoġġ tal-kooperazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prattiki u akkoppjament tal-Awtorità Maniġerjali tal-Programm Operattiv Reġjonali u l-ekonomisti ġeografiċi għall-Maċedonja tal-Lvant u Traċja ma' Awtorità Maniġerjali kif ukoll ekonomisti ġeografiċi li jimplimentaw b'suċċess politika tal-RIS3 f'reġjun partikolari fi Stat Membru tal-UE ieħor.

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

Din l-iskema ta' tħejjija ta' sena tkun immonitorjata mill-Awtorità Maniġerjali tal-Programm Operazzjoni Reġjonali għall-Maċedonja tal-Lvant u t-Traċja. Għandu jiġi stabbilit numru limitat ta' indikaturi speċifiċi tal-eżitu u r-riżultati qabel il-bidu tal-Iskema Pilota, billi tal-inqas jitkejlu t-tkabbir tal-fatturat, it-tkabbir tal-esportazzjonijiet u l-impjiegi protetti u maħluqa.

Studju ta' evalwazzjoni qasir għandu jiġi kkumissjonat fl-aħħar tal-Iskema Pilota.

Ir-riżultati tal-iskema ta' tħejjija għandhom jiġu ppreżentati fir-reġjun, f'Ateni waqt seminar speċjali li jrid jiġi organizzat mir-Rappreżentanza tal-Parlament Ewropew f'Ateni u fil-Parlament Ewropew fi Brussell.

Implimentazzjoni tal-proġett

Sabiex jiġu mmassimizzati s-sinerġiji bejn il-proġett u x-xogħol li attwalment qed isir miċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt dwar speċjalizzazzjoni intelliġenti fir-reġjuni Ewropej, il-Kummissjoni tista' timplimenta l-proġett permezz taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunt, bl-appoġġ tad-DĠ REGIO.

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA *(ikompli)*

13 03 77 *(ikompli)*

13 03 77 16 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 17 Azzjoni preparatorja — Kooperazzjoni UE-CELAC dwar il-koeżjoni territorjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	1 000 000				

Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja se tappoġġa djalogu dwar il-politiki ta' koeżjoni territorjali u żvilupp reġjonali, b'enfasi partikolari fuq il-kooperazzjoni transfruntiera, l-strateġiji tal-iżvilupp territorjali kif ukoll il-promozzjoni tal-governanza tajba permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u urbani fl-oqsma tal-iżvilupp ekonomiku u tal-innovazzjoni u l-koeżjoni.

Se tappoġġa t-trasferiment tal-għarfien u xxerred l-esperjenza miksuba minn 'il fuq minn 25 sena taħt il-politika reġjonali u urbana tal-UE fil-pajjiżi CELAC.

Hija se tiffoka b'mod aktar partikolari fuq l-iżvilupp ta' sistemi ta' governanza fuq diversi livelli, permezz ta' programmi ta' taħriġ u assistenza teknika fil-kuntest ta' tfassil ta' politika ġeografikament immirata u ta' ppjanar strateġiku. Hija se tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali u s-settur privat kemm fuq in-naħa tal-UE kif ukoll fuq in-naħa tal-Amerika Latina u l-Karibew.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 18 Azzjoni preparatorja — Politika ta' Koeżjoni u sinerġiji mal-fondi ta' riċerka u żvilupp: it-triq lejn l-eċċellenza - it-triq 'il quddiem

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA *(ikompli)*

13 03 77 *(ikompli)*

13 03 77 18 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja se tixpruna l–proġett b'żewġ modi:

— azzjoni aktar dettaljata dwar l-effetti lembut fil-livell nazzjonali;

— sostenn aktar sod biex jissolvew il-maġġor parti tad-dgħufijiet rikorrenti fl-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet politiċi.

Din l-azzjoni preparatorja se tibni fuq il-proġett pilota billi tinkludi r-reġjuni li, sostanzjalment, qegħdin fuq wara nett tat-"triq lejn l-eċċellenza", minkejja 25 sena u fuqhom ta' assistenza mill-Fondi Strutturali, u tagħti lezzjonijiet għall-futur. Proċess ta' rieżami se jiġi stabbilit fl-aħħar tal-2016 fuq il-bażi ta' strateġiji intelliġenti ta' speċjalizzazzjoni li sar qbil dwarhom mill-partijiet interessati kollha. Il-proroga tal-proġett għall-2016 u għall-2017 se tippermetti l-parteċipazzjoni fil-bidu tal-programmi operazzjonali fil-perjodu 2014-2020 u tagħti direttament lil dawk li jfasslu l-politika provi ġodda relatati mal-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 u l-ewwel użu tal-infiq għar-R&Ż taħt il-Fondi Strutturali u għall-Investiment Ewropej il-ġodda għall-2014-2020. Dawn il-provi l-ġodda se jgħinu biex jikkontribwixxu wkoll biex ikunu jistgħu jiġu identifikati x-xejriet pożittivi/negattivi attwali fil-pajjiżi tal-UE-13 fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-konsorzji transfruntieri. L-estensjoni għall-pajjiżi fl-UE-15 se tippermetti li ssir l-analiżi tat-"tagħlimiet li għandhom jintgħallmu" u tagħti kontribut dejjiemi biex jitqarreb id-distakk fl-innovazzjoni f'dawn il-pajjiżi, reġjuni u bliet rilevanti.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 19 Azzjoni preparatorja — Appoġġ għat-tkabbir u l-governanza f'reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

Kummenti

Din l-azzjoni preparatorja tibni fuq l-eżiti pożittivi tal-azzjoni preparatorja attwali tal-Parlament Ewropew dwar l-irfinar u l-implimentazzjoni ta' strateġija RIS3 fir-reġjun Grieg tal-Maċedonja tal-Lvant u t-Traċja (REMTh), li serva bħala test għat-teorija dwar l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti. L-azzjoni tkompli biex tipprovdi appoġġ xieraq u speċifiku għall-attivitajiet f'reġjuni magħżula li l-iżvilupp tagħhom għadu lura u biex tiżviluppa approċċ iktar orizzontali għal kwistjonijiet fundamentali fir-rigward tat-tkabbir u l-governanza f'dawk ir-reġjuni.

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA *(ikompli)*

13 03 77 *(ikompli)*

13 03 77 19 *(ikompli)*

Żewġ tipi ta' reġjuni huma meqjusa bħala l-bersalli potenzjali għal din l-azzjoni preparatorja, bħar-reġjuni b'rata baxxa ta' tkabbir u reġjuni sottożviluppati:

— reġjuni b'rata baxxa ta' tkabbir tal-Istati Membri li jkollhom PDG per capita skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) inqas mill-medja tal-UE fl-2012 u li ma laħqux il-medja tal-UE bejn l-2002 u l-2012, jiġifieri fil-Greċja, fl-Italja, fi Spanja u fil-Portugall;

— reġjuni sottożviluppati huma r-reġjuni bi PDG per capita skont il-PPS inqas minn 50 % tal-medja tal-UE fl-2011, jiġifieri għadd ta' reġjuni fil-Bulgarija, fl-Ungerija, fil-Polonja u fir-Rumanija.

Din l-azzjoni preparatorja se tappoġġa tmien reġjuni: erba' reġjuni b'rata baxxa ta' tkabbir u erba' reġjuni sottożviluppati. L-attivitajiet imwettqa se jirrikjedu attivitajiet paralleli fil-post f'kull reġjun, inkluża laqgħa bejn il-partijiet ikkonċernati u evalwazzjoni bejn il-pari, appoġġ għall-aspetti kritiċi għall-implimentazzjoni tal-RIS3 f'kull reġjun, u attivitajiet orizzontali bħal appoġġ ibbażat fuq l-evidenza għall-iżvilupp tal-politika u l-iżvilupp ulterjuri ta' appoġġ prattiku għal reġjuni fl-Ewropa kollha li l-iżvilupp tagħhom għadu lura.

Din l-azzjoni preparatorja se tiffoka fuq tliet oqsma speċifiċi ta' interess: il-governanza, il-kooperazzjoni transnazzjonali u l-irfinar tal-mudell RIS3. Id-durata proposta hija ta' 18-il xahar.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

13 03 77 20 Azzjoni preparatorju — Il-vantaġġi ekonomiċi u kompetittivi u l-potenzjal għal speċjalizzazzjoni intelliġenti fil-livell reġjonali fir-Rumanija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	1 000 000				

Kummenti

L-azzjoni preparatorja se tfittex li tiżgura approċċ koerenti, koordinat u sostenibbli, biex tiżgura, tiżviluppa u ssaħħaħ involviment tal-partijiet interessati rilevanti kollha (in-negozji, l-akkademja, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u s-soċjetà ċivili) u biex toħloq rabta bejn ir-riċerka reġjonali u strateġija/strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti ta' innovazzjoni (RIS3) u l-RIS3 nazzjonali eżistenti, fid-dawl tad-diffikultajiet ta-sistema ta' innovazzjoni Rumena. L-azzjoni se tkopri dawk ir-reġjuni fejn ma tfasslet jew nbdiet l-ebda RIS3 u dawk li l-RIS3 tagħhom teħtieġ li tiġi mtejba. L-azzjoni preparatorja se tfittex ukoll li tidentifika, tivvaluta, u tappoġġa l-isfruttament tal-potenzjal industrijali f'reġjun magħżul, u li tesplora l-potenzjal tal-innovazzjoni tiegħu u l-kamp ta' applikazzjoni tal-espansjoni tiegħu. Se timmira b'mod ċar għall-identifikazzjoni tal-vantaġġi kompetittivi industrijali u l-potenzjal għal speċjalizzazzjoni fil-livell reġjonali abbażi ta' proċess ta' skoperta intraprenditorjali, filwaqt li tistabbilixxi struttura ta' governanza u qafas għall-kollaborazzjoni kontinwa bejn in-negozji u r-riċerkaturi, u appoġġ għat-tħejjija tad-dokumenti ta' politika rilevanti. Hija tista' tesplora wkoll kif jistgħu jiġu msaħħa l-kooperazzjoni u l-koordinament fil-livelli kollha (inkluż bejn ministeri nazzjonali).

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAZZJONIJIET REĠJONALI OĦRA *(ikompli)*

13 03 77 *(ikompli)*

13 03 77 20 *(ikompli)*

Hija għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dwar kif l-aħjar tidderieġi l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni lejn l-implimentazzjoni tal-RIS3 nazzjonali u reġjonali u għalhekk tappoġġa l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-programmi operattivi. Se tuża l-mekkaniżmi eżistenti bħall-pjattaforma f'Sevilja. L-azzjoni preparatorja tista' twassal għal aġġustamenti għad-dokumenti tal-ipprogrammar finanzjarju.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 04	FOND TA' KOEŻJONI (FK)								
13 04 01	***Tlestija tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni (ta' qabel l-2007)***	1,2	p.m.	70 000 000	p.m.	431 450 637	0,—	399 220 009,65	570,31
13 04 02	***Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)***	1,2	p.m.	2 468 266 000	p.m.	10 487 806 882	0,—	12 852 961 747,72	520,73
13 04 03	***Tlestija ta' strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji ffinanzjati mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)***	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
13 04 60	***Fond ta' Koeżjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi***	1,2	8 738 484 012	4 077 806 436	10 173 251 052	1 641 334 101	5 348 080 397,—	204 254 029,72	5,01
13 04 61	***Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali***								
13 04 61 01	Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali	1,2	26 000 000	20 606 496	24 000 000	20 134 363	18 384 356,93	8 044 791,97	39,04
13 04 61 02	Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operattiva immaniġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru	1,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	3 224 719,46	0,—	
	Artikolu 13 04 61 — Subtotal		26 000 000	20 606 496	24 000 000	20 134 363	21 609 076,39	8 044 791,97	39,04
	Kapitolu 13 04 — Total		**8 764 484 012**	**6 636 678 932**	**10 197 251 052**	**12 580 725 983**	**5 369 689 473,39**	**13 464 480 579,06**	**202,88**

Kummenti

L-Artikolu 177, it-tieni paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li għandu jiġi stabbilit Fond ta' Koeżjoni sabiex isostni proġetti fl-oqsma tal-ambjent u tan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport.

L-Artikolu H tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1164/94, l-Artikoli 100 u 102 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikoli 85, 144 u 145 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 dwar il-kriterji għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni jipprovdu għal regoli speċifiċi dwar korrezzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

L-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju jipprovdi għal korrezzjonijiet finanzjarji fl-eventwalità ta' nefqa li tkun tikser id-dritt applikabbli. Kwalunkwe dħul mill-korrezzjonijiet finanzjarji mwettqa fuq dik il-bażi jiddaħħal fl-Artikolu 6 5 1, 6 5 2, 6 5 3 jew 6 5 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3)(c) tar-Regolament Finanzjarju.

L-Artikolu 177 tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-rimborż, in toto jew in parte, tal-pagamenti ta' prefinanzjament fir-rigward ta' operazzjoni partikolari.

L-Artikolu 82 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jipprovdi għal regoli speċifiċi dwar ir-rimborż ta' prefinanzjament applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) *(ikompli)*

Ammonti ta' prefinanzjament rimborżati għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jiddaħħlu fil-Partita 6 1 5 0 jew 6 1 5 7.

Operazzjonijiet kontra l-frodi jkunu ffinanzjati taħt l-Artikolu 24 02 01.

Bażi ġuridika

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994, li jistabbilixxi l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikoli 82, 100 u 102 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/94.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 (3) u (4) u l-Artikoli 80 u 177 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Atti ta' referenza

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013.

13 04 01 Tlestija tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni (ta' qabel l-2007)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	70 000 000	p.m.	431 450 637	0,—	399 220 009,65

KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) *(ikompli)*

13 04 01 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni li għad iridu jitħallsu qabel is-sena 2000 u t-tlestija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 792/93 tat-30 ta' Marzu 1993 li jistabbilixxi strument finanzjarju ta' koeżjoni (ĠU L 79, 1.4.1993, p. 74).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

Atti ta' referenza

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158 u 161 tiegħu.

13 04 02 ***Tlestija tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	2 468 266 000	p.m.	10 487 806 882	0,—	12 852 961 747,72

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għadhom ma tħallsux għall-Fond ta' Koeżjoni mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mill-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, sostenn amministrattiv u tekniku, valutazzjoni, awditjar u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif ipprovdut fl-Artikolu 45 ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, din tista' tintuża biex tkopri:

— in-nefqa ta' sostenn (spejjeż ta' rappreżentanza, taħriġ, laqgħat),

— in-nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— in-nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjoni,

— il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi u studji,

— l-għotjiet.

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) *(ikompli)*

13 04 02 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu għal miżuri approvati mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tħejjija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

B'konformità mal-Artikolu 105a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, kif modifikat bil-punt 7 tal-Anness III għat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 112, 24.4.2012), programmi u proġetti kbar li, fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, kienu approvati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 u li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx tlestiet sa dik id-data, għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, bl-eċċezzjoni tal-programmi approvati taħt il-komponenti msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 79).

Atti ta' referenza

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158 u 161 tiegħu.

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 174 u 177 tiegħu.

13 04 03 ***Tlestija ta' strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji ffinanzjati mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni (2007 sa 2013)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-istrumenti tal-kondiviżjoni tar-riskji mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni għall-Istati Membri li qegħdin iġarrbu diffikultajiet serji jew jinsabu mhedda fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom.

Riflussi u ammonti li jifdal wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta bi strument tal-kondiviżjoni tar-riskji jistgħu jerġgħu jintużaw fl-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskji jekk l-Istat Membru jkun għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għadu jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, ir-riflussi u l-ammonti li jifdal jiġu kkunsidrati bħala dħul assenjat.

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) *(ikompli)*

13 04 03 *(ikompli)*

Kull dħul assenjat li ġej mir-rimborż ta' riflussi u ammonti li jifdal imdaħħal fil-Partita 6 1 4 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul għandu jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju. Wara talba tal-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali ġġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdiedu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) u b'mod partikolari l-Artikolu 36a tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 423/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom (ĠU L 133, 23.5.2012, p. 1).

13 04 60 ***Fond ta' Koeżjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
8 738 484 012	4 077 806 436	10 173 251 052	1 641 334 101	5 348 080 397,—	204 254 029,72

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sostenn tal-Fond ta' Koeżjoni taħt l-Investiment għall-mira tat-Tkabbir u l-Impjiegi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Il-Fond ta' Koeżjoni se jkompli jsostni Stati Membri b'Introjtu Nazzjonali Gross (ING) per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni. Din l-approprjazzjoni, waqt li tiżgura bilanċ xieraq u li jaqbel mal-ħtiġijiet tal-investiment u l-infrastruttura speċifiċi għal kull Stat Membru, hija maħsuba biex issostni:

— investimenti fl-ambjent, inklużi oqsma marbuta mal-iżvilupp u l-enerġija sostenibbli li jippreżentaw benefiċċji ambjentali,

— netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport, b'konformità mal-linji gwida adottati bid-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) *(ikompli)*

13 04 60 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

13 04 61 Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali

13 04 61 01 Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
26 000 000	20 606 496	24 000 000	20 134 363	18 384 356,93	8 044 791,97

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issostni l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, assistenza amministrattiva u teknika, evalwazzjoni, awditjar u kontroll meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 kif ipprovdut fl-Artikoli 58 u 118 ta' dak ir-Regolament.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281).

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

13 04 61 02 Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operattiva immaniġjata mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	3 224 719,46	0,—

KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI (FK) *(ikompli)*

13 04 61 *(ikompli)*

13 04 61 02 *(ikompli)*

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri parti mill-pakkett nazzjonali għall-assistenza teknika trasferita lill-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru li qiegħed jiffaċċja diffikultajiet baġitarji temporanji. Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, hija maħsuba biex tkopri miżuri biex riformi strutturali u amministrattivi jiġu identifikati, ipprijoritizzati u implimentati b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali f'dan l-Istat Membru.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

KUMMISSJONI

TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/ 2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 05	STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI								
13 05 01	***Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (2000 sa 2006)***								
13 05 01 01	Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti preċedenti (mill-2000 sal-2006)	4	p.m.	64 152 000	p.m.	61 733 374	0,—	35 178 481,44	54,84
13 05 01 02	Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni — Għeluq ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni, b'rabta ma' tmien pajjiżi applikanti	4	p.m.	7 392 000	p.m.	18 466 415	0,—	10 649 123,14	144,06
	Artikolu 13 05 01 — Subtotal		p.m.	71 544 000	p.m.	80 199 789	0,—	45 827 604,58	64,06
13 05 02	***Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent żvilupp reġjonali (2007 sa 2013)***	4	p.m.	355 465 255	p.m.	272 864 063	0,—	172 218 691,65	48,45
13 05 03	***Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Tlestija tal-komponent kooperazzjoni trans-fruntiera (KTF) (2007 sa 2013)***								
13 05 03 01	Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) — Kontribuzzjoni mis-Subintestatura 1b	1,2	p.m.	24 321 680	p.m.	36 414 434	0,—	47 153 540,78	193,87
13 05 03 02	Tlestija tal-kooperazzjoni transfrutiera (KTF) u parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fil-programmi ta' kooperazzjoni trans-nazzjonali u interreġjonali tal-Fondi Strutturali — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4	4	p.m.	28 450 050	p.m.	31 085 945	0,—	38 768 335,54	136,27
	Artikolu 13 05 03 — Subtotal		p.m.	52 771 730	p.m.	67 500 379	0,—	85 921 876,32	162,82

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 05 60	***Sostenn għall-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo [1], il-Montenegro, is-Serbja u l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja***								
13 05 60 01	L-appoġġ għal riformi politiċi u l-allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
13 05 60 02	L-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu 13 05 60 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
13 05 61	***Sostenn lill-Iżlanda***								
13 05 61 01	L-appoġġ għal riformi politiċi u l-allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
13 05 61 02	L-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu 13 05 61 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
13 05 62	***Sostenn lit-Turkija***								
13 05 62 01	L-appoġġ għal riformi politiċi u l-allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
13 05 62 02	L-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-allinjament progressiv relatat mal-*acquis* tal-Unjoni	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu 13 05 62 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
13 05 63	***Integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali***								
13 05 63 01	Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b	1,2	25 050 502	25 050 502	17 541 591	p.m.	0,—	0,—	0

KUMMISSJONI
TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI U URBANA

KAPITOLU 13 05 — STRUMENT GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI — ŻVILUPP REĠJONALI U KOOPERAZZJONI REĠJONALI U TERRITORJALI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/ 2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 05 63	*(ikompli)*								
13 05 63 02	Kooperazzjoni trans-fruntiera (KTF) — Kontri-buzzjoni mill-Intestatura 4	4	25 050 502	25 050 502	17 541 590	p.m.	0,—	0,—	0
	Artikolu 13 05 63 — Subtotal		50 101 004	50 101 004	35 083 181	p.m.	0,—	0,—	0
	Kapitolu 13 05 — Total		**50 101 004**	**529 881 989**	**35 083 181**	**420 564 231**	**0,—**	**303 968 172,55**	**57,37**

15 03 50 01	Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	12 507 012,64	4 646 978,70	
15 03 50 02	Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	71 236,45	52 647 710,86	
	Artikolu 15 03 50 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	12 578 249,09	57 294 689,56	
15 03 51	***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)***	1,1	p.m.	304 000 000	p.m.	270 878 417	215 326,35	518 232 498,68	170,47
15 03 53	***Linja għat-tlestija tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija***	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	61 891 295,—	
15 03 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
15 03 77 01	Artikolu 15 07 79 — Proġett Pilota — Shubijiet ta' għarfien	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	448 020,79	
	Artikolu 15 03 77 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	448 020,79	
	Kapitolu 15 03 — Total		**993 834 081**	**1 064 324 156**	**991 450 783**	**993 045 813**	**1 090 726 663,55**	**852 130 217,62**	**80,06**

KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

Kummenti

Dawn il-kummenti huma applikabbli għall-intestaturi baġitarji kollha f'dan il-kapitolu.

Din l-approprjazzjoni se tintuża għal Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) tal-Unjoni Ewropea, u għat-tlestija tal-programmi ta' riċerka preċedenti (Is-Seba' Programm Kwadru) u t-tlestija tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) mill-perjodu finanzjarju preċedenti.

Il-Programm għandu jkollu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni" u inizjattivi ewlenin oħrajn, notevolment "Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi", "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni", u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", kif ukoll fl-iżvilupp u l-funzjonament taż-Żona Ewropea ta' Riċerka. Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-bini ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha billi jiġi pprovdut biżżejjed finanzjar addizzjonali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Dan se jitwettaq sabiex jinkisbu l-objettivi ġenerali deskritti fl-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, abbażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri l-għoti ta' sostenn għall-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livelli kollha madwar l-Unjoni, it-twassil tad-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-ogħla livelli tal-għarfien, it-tisħiħ tar-riżorsi umani tar-riċerka u t-teknoloġija fl-Ewropa, kemm fil-livell kwantitattiv kif ukoll f'dak kwalitattiv, u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha kemm hi u l-iżgurar li jsir użu ottimu minnhom. Għandu jittieħed kont b'mod partikolari tal-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex tiżdied il-parteċipazzjoni u jissaħħaħ ir-rwol tan-nisa fix-xjenza u r-riċerka.

Taħt dawn l-Artikoli u l-Partiti jaqgħu wkoll il-kostijiet ta' laqgħat, konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjar ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli mwettqa f'isem l-Unjoni biex jiġu investigati oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall-azzjoni tal-Unjoni, *inter alia*, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont il-programmi kwadru preċedenti.

Din l-approprjazzjoni se tintuża wkoll f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-possibilità li pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija prevista għal uħud minn dawn il-proġetti. Kull kontribuzzjoni finanzjarja mdaħħla fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

Kull dħul minn Stati li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, imdaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Finanzjarju.

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni minn korpi barranin għall-attivitajiet tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Approprjazzjonijiet addizzjonali se jiġu pprovduti taħt il-Partita 15 03 50 01.

L-approprjazzjonijiet amministrattivi ta' dan il-Kapitolu se jiġu pprovduti taħt il-Kapitolu 15 01 05.

15 03 01 Xjenza eċċellenti

Kummenti

Din il-prijorità ta' Orizzont 2020 għandha l-għan li ssaħħaħ u testendi l-eċċellenza fil-bażi tax-xjenza tal-Unjoni u tiżgura fluss stabbli ta' riċerka mill-aqwa biex tiġi żgurata l-kompetittività fuq terminu twil tal-Ewropa. Din se tagħti sostenn lill-aħjar ideat, tiżviluppa t-talent fl-Ewropa, tagħti aċċess lir-riċerkaturi għal infrastruttura ta' riċerka prijoritarja, u tagħmel lill-Ewropa post attraenti għall-aqwa riċerkaturi fid-dinja. L-azzjonijiet ta' riċerka li għandhom jiġu ffinanzjati se jiġu stabbiliti skont il-ħtieġa u l-opportunitajiet tax-xjenza, mingħajr prijoritajiet tematiċi stabbiliti minn qabel. L-aġenda tar-riċerka se tiġi stipulata b'kuntatt mill-qrib mal-komunità xjentifika u r-riċerka se tiġi ffinanzjata fuq il-bażi tal-eċċellenza.

15 03 01 01 Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie — ħolqien, żvilupp u trasferiment ta' ħiliet, għarfien u innovazzjoni ġodda

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
768 895 200	508 490 935	737 668 408	494 178 606	844 703 932,11	111 304 958,59

Kummenti

L-Ewropa għandha bżonn bażi ta' riżorsi umani b'saħħitha u kreattiva, mobbli fost il-pajjiżi u s-setturi, u għandha tkun attraenti għall-aqwa riċerkaturi, Ewropej u mhux Ewropej. Dan se jinkiseb permezz tal-istrutturar u ż-żieda fl-eċċellenza f'parti sostanzjali tat-taħriġ inizjali ta' kwalità għolja tal-kandidati għad-dottorat u tar-riċerkaturi fi stadju bikri u permezz tas-sostenn għall-opportunitajiet attraenti għal karriera ta' riċerkaturi esperjenzati kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat mad-dinja kollha. Ir-riċerkaturi huma mħeġġa li jiċċaqilqu bejn il-pajjiżi, is-setturi u d-dixxiplini biex itejbu l-potenzjal kreattiv u innovattiv tagħhom.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(c) tagħha.

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

15 03 05 L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) - integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni ogħla, riċerka u innovazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
224 938 881	251 833 221	253 782 375	227 988 790	233 229 156,—	102 958 755,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva, u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma tal-EIT, inklużi l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) magħżula mill-EIT.

Fil-qafas tal-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI) tal-EIT u r-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-EIT se jkompli jikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali u l-prijoritajiet ta'"Orizzont 2020 — Il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni", bl-objettiv speċifiku ta' integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-EIT għandu l-għan li jagħti spinta tant meħtieġa lill-kapaċità għall-innovazzjoni tal-Ewropa u l-mira globali tiegħu hija li joħloq mod ġdid Ewropew biex ikun hemm tkabbir ekonomiku u benefiċċji soċjetali essenzjali permezz tal-innovazzjoni billi jgħin biex l-ideat innovattivi jinbidlu fi prodotti u servizzi li joħolqu tkabbir sostenibbli u impjiegi.

Il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni huma l-bażi operattiva tal-EIT. Dawn huma shubijiet xprunati mill-eċċellenza, li jiġbru flimkien il-web tal-innovazzjoni kollha sabiex joffru opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni fl-Ewropa u jiġġeneraw impatt reali f'termini ta' ħolqien ta' negozji ġodda u benefiċċji soċjetali. Dawn jindirizzaw suġġetti ta' innovazzjoni ffukati u jintegraw organizzazzjonijiet pubbliċi u privati tar-riċerka, industriji innovattivi, istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, investituri, negozji li jkunu għadhom kemm jifthu u spin-offs. L-ewwel tliet KKIs intgħażlu f'Diċembru 2009 u jindirizzaw l-isfidi soċjetali li ġejjin: il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima (permezz tal-Climate-KKI), l-enerġija sostenibbli (permezz tal-KKI InnoEnergy) u s-soċjetà futura tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (permezz tal-EIT ICT Labs). Żewġ KKIs addizzjonali ġew magħżula fl-2014 fit-temi Materja Prima u Innovazzjoni għal Għajxien B'saħħtu u Tixjiħ Attiv. Fil-ġejjieni, l-EIT se jespandi l-portafoll tiegħu għall-KKIs sa tlieta oħra addizzjonali li jindirizzaw suġġetti bħall-Alimentazzjoni għall-Futur, il-Manifattura b'Valur Miżjud u l-Mobbiltà Urbana.

L-EIT għandu l-għan li jiġġenera impatt tanġibbli fl-oqsma li ġejjin:

— l-indirizzar ta' sfidi soċjetali ewlenin: Il-KKI jgħaqqdu l-kompetenza minn dixxiplini differenti biex jiżguraw reazzjonijiet innovattivi u globali għal sfidi soċjetali kumplessi,

— il-ħolqien ta' qafas ċar li huwa faċli għall-kummerċ: It-tibdil ta' ideat ġodda fi prodotti, servizzi jew opportunitajiet kummerċjali ġodda se jkun il-punt ta' riferiment ewlieni għas-suċċess tal-EIT u tal-KKI,

— it-tisħiħ ta' fluss liberu ta' għarfien permezz ta' kolokazzjoni: Il-KKI huma organizzati madwar ċentri ta' kolokazzjoni — postijiet ġeografiċi fejn il-parti l-kbira tal-katina ta' innovazzjoni, jew il-katina ta' innovazzjoni kollha kemm hi, tinsab fil-qrib. L-enfasi hija fuq nies li ġejjin minn sfondi differenti (l-industrija, l-SMEs, l-akkademji, in-nazzjonalità, il-ġeneru, id-dixxiplina…) li jaħdmu flimkien b'kuntatt wiċċ imb wiċċ, biex b'hekk iwasslu għal mobilità akbar tal-għarfien,

— il-ħolqien ta' ġenerazzjoni ta' intraprendituri ġdida: Il-persuni b'mentalità intraprenditorjali huma l-motivaturi tal-innovazzjoni, biex b'hekk iżommu l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna attivi. L-EIT jippromwovi l-edukazzjoni dwar l-intraprenditorija bħala l-fattur ewlieni tal-programmi tal-Masters u dottorati tal-KKI billi jitfa' l-enfasi fuq "tagħlim permezz tal-azzjoni" pjuttost milli "tagħlim dwar is-suġġetti". Il-programmi tal-Master u l-PhD se jipprovdu lill-istudenti l-ħiliet intraprenditorjali li jeħtieġu biex jirnexxu fl-ekonomija tal-għarfien, permezz ta' ffukar fuq ir-riżultati tat-tagħlim u l-użu ta' metodi innovattivi ta' tagħlim.

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

15 03 05 *(ikompli)*

L-objettivi strateġiċi tal-EIT għal dan il-perjodu huma l-konsolidazzjoni u s-sinerġija tal-operazzjonijiet tiegħu u t-tħejjija għall-kisba tal-prijoritajiet stipulati fl-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (2014-2020): l-ewwel nett, permezz tal-inċentivar tat-tkabbir, l-impatt u s-sostenibilità billi titkompla tissaħħaħ is-sħubija tiegħu mat-tliet KKI eżistenti filwaqt li jinħolqu KKI ġodda. Billi jsegwi triq ta' żvilupp inkrimentali fit-twaqqif ta' KKI ġodda, l-EIT se jiżgura li jasal għal portafoll totali ta' disa' KKI fil-perjodu 2014-2020 (ekwivalenti għat-twaqqif ta' 40-50 ċentru ta' kolokazzjoni fl-Unjoni); it-tieni nett, permezz tat-tisħiħ tal-impatt tal-EIT billi titrawwem l-innovazzjoni mmexxija mill-intraprenditorija fl-Unjoni permezz ta' disseminazzjoni mifruxa ta' mudelli ta' innovazzjoni ġodda li jattiraw u jiżviluppaw talent minn madwar l-Ewropa; u t-tielet, permezz tal-introduzzjoni ta' mezzi ġodda biex ikun hemm impatt, flimkien ma' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati.

It-tabella ta' stabbiliment tal-EIT tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104), b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 174).

Id-Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT); il-kontribuzzjoni tal-EIT għal Ewropa iktar innovattiva (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 892).

15 03 50 ***Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku***

15 03 50 01 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (2014 sa 2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	12 507 012,64	4 646 978,70

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri n-nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu 2014 sa 2020.

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

15 03 50 *(ikompli)*

15 03 50 01 *(ikompli)*

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

15 03 50 02 Approprjazzjonijiet provenjenti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (minnbarra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għal riċerka u żvilupp teknoloġiku (qabel l-2014)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	71 236,45	52 647 710,86

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri n-nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi jew pajjiżi terzi (minn barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, għall-perjodu qabel l-2014.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

15 03 51 ***Tlestija tal-programm kwadru tar-riċerka preċedenti — Is-Seba' Programm Kwadru (2007 sa 2013)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	304 000 000	p.m.	270 878 417	215 326,35	518 232 498,68

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

15 03 51 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Nies" li jimplimenta s-7 Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 272).

15 03 53 ***Linja għat-tlestija tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	61 891 295,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

It-tabella ta' stabbiliment tal-EIT tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1).

KAPITOLU 15 03 — ORIZZONT 2020 *(ikompli)*

15 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

15 03 77 01 Artikolu 15 07 79 — Proġett Pilota — Sħubijiet ta' għarfien

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	448 020,79

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
15 04	EWROPA KREATTIVA								
15 04 01	***Tishih tal-kapaċità finanzjarja tal-SMEs u l-organizzazzjonijiet żgħar u żgħar ħafna fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej, u trawwim ta' politika tal-iżvilupp u mudelli ta' negozju ġodda***	3	23 829 000	22 133 220	9 000 000	7 445 136	7 488 867,80	4 473 851,14	20,21
15 04 02	***Sottoprogramm Kulturali - Sostenn ta' azzjonijiet trans-fruntiera u l-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni u l-mobbiltà trans-nazzjonali***	3	52 827 000	45 000 000	52 759 000	36 585 518	57 595 591,99	30 016 225,98	66,70
15 04 51	***Tlestija ta' programmi u azzjonijiet fil-qasam tal-kultura u l-lingwa***	3	—	10 822 000	—	13 754 033	0,—	25 816 256,71	238,55
15 04 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
15 04 77 01	Proġett pilota — Ekonomija tad-diversità kulturali	3	p.m.	p.m.	p.m.	242 980	0,—	417 792,—	
15 04 77 03	Azzjoni preparatorja — Kultura fir-relazzjonijiet esterni	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	339 972,50	
15 04 77 04	Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea għall-Festivals	3	p.m.	300 000	p.m.	174 475	0,—	250 000,—	83,33
15 04 77 05	Proġett pilota — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa	3	p.m.	p.m.	p.m.	499 434	999 999,74	832 843,61	
15 04 77 08	Proġett pilota — Nagħtu bidu għall-ekonomija kulturali	3	p.m.	150 000	500 000	250 000			

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
15 04 77	*(ikompli)*								
15 04 77 09	Proġett pilota — Insostnu netwerks ta' intraprendituri żgħażagħ kreattivi: l-UE u pajjiżi terzi	3	p.m.	200 000	800 000	400 000			
15 04 77 11	Azzjoni preparatorja — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa	3	500 000	500 000	1 000 000	500 000			
15 04 77 12	Azzjoni Preparatorja — L-Ewropa għall-Festivals, Festivals għall-Ewropa (EFFE)	3	350 000	175 000					
	Artikolu 15 04 77 — Subtotal		850 000	1 325 000	2 300 000	2 066 889	999 999,74	1 840 608,11	138,91
	Kapitolu 15 04 — Total		**77 506 000**	**79 280 220**	**64 059 000**	**59 851 576**	**66 084 459,53**	**62 146 941,94**	**78,39**

15 04 01 ***Tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tal-SMEs u l-organizzazzjonijiet żgħar u żgħar ħafna fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej, u trawwim ta' politika tal-iżvilupp u mudelli ta' negozju ġodda***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
23 829 000	22 133 220	9 000 000	7 445 136	7 488 867,80	4 473 851,14

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-miżuri li ġejjin relatati mat-Taqsima Transsettorjali tal-programm Ewropa Kreattiva:

Il-Faċilità tas-Settur Kulturali u Kreattiv se jkollha fil-mira s-setturi kulturali u kreattivi u se jkollha l-prijoritajiet li ġejjin: li tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament ta' intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej; ittejjeb il-kapaċità tal-istituzzjonijiet finanzjarji biex jivvalutaw il-proġetti kulturali u kreattivi, inkluża l-assistenza teknika u miżuri ta' netwerking.

Dan se jinkiseb permezz ta':

— l-għoti ta' garanziji lil intermedjarji finanzjarji adegwati minn kwalunkwe pajjiż li jipparteċipa fil-programm Ewropa Kreattiva,

— l-għoti ta' kompetenza u kapaċità addizzjonali lill-intermedjarji finanzjarji biex jevalwaw ir-riskji assoċjati mal-operaturi fis-settur kulturali u f'dak kreattiv.

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

15 04 01 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati taż-żona tal-viċinat Ewropew, skont il-proċeduri ddefiniti f'dawk il-pajjiżi wara l-Ftehimiet ta' Qafas li jipprovdu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni, kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għal dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull rimborż mill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 140(6) tar-Regolament Finanzjarju, inklużi rimborżi kapitali, garanziji rilaxxati, u rimborż tas-somma kapitali tas-selfiet, imħallsa lura lill-Kummissjoni u mdaħħla fil-Partita 6 3 4 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jistgħu jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 21(3) (i) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

15 04 02 ***Sottoprogramm Kulturali - Sostenn ta' azzjonijiet transfruntiera u l-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni u l-mobbiltà transnazzjonali***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
52 827 000	45 000 000	52 759 000	36 585 518	57 595 591,99	30 016 225,98

KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

15 04 02 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri l-miżuri li ġejjin relatati mas-sottoprogramm Kultura tal-programm Ewropa Kreattiva:

— is-sostenn ta' azzjonijiet li jipprovdu lill-operaturi b'ħiliet u know-how li jinkoraġġixxi l-adattament għat-teknoloġiji ġodda, inkluż l-ittestjar ta' approċċi ġodda għall-bini tal-udjenza u l-mudelli tan-negozju,

— is-sostenn ta' azzjonijiet li jippermettu li l-operaturi jinternazzjonalizzaw il-karrieri tagħhom fl-Ewropa u lil hinn minnha,

— l-għoti ta' sostenn għat-tishiħ tal-operaturi Ewropej u n-netwerks kulturali internazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-opportunitajiet professjonali.

Il-prijoritajiet fil-qasam tal-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali għandhom ikunu dawn li ġejjin:

— is-sostenn għal ġiti, avvenimenti u wirjiet internazzjonali,

— is-sostenn għaċ-ċirkolazzjoni tal-letteratura Ewropea,

— is-sostenn għall-bini tal-udjenza bħala mezz għall-istimulazzjoni tal-interess fix-xogħlijiet kulturali Ewropej.

Miżuri ta' appoġġ tas-sottoprogramm Kultura

Is-sottoprogramm Kultura għandu jipprovdi sostenn għall-miżuri li ġejjin:

— miżuri transnazzjonali ta' kooperazzjoni li jiġbru flimkien l-operaturi minn pajjiżi differenti biex iwettqu attivitajiet settorjali jew transsettorjali,

— attivitajiet minn netwerks Ewropej ta' operaturi minn pajjiżi differenti,

— attivitajiet minn organizzazzjonijiet li jipprovdu pjattaforma Ewropea promozzjonali għall-iżvilupp ta' talent emerġenti u biex jistimulaw iċ-ċirkolazzjoni ta' artisti u xogħlijiet, b'effett sistemiku u fuq skala kbira,

— sostenn għat-traduzzjoni letterarja,

— azzjonijiet speċjali li għandhom l-għan li jiksbu viżibilità akbar tar-rikkezza u d-diversità tal-kulturi Ewropej, u jistimulaw djalogu interkulturali u fehim reċiproku, inklużi premjijiet kulturali Ewropej, iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, u l-Kapitali Ewropej tal-Kultura.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

15 04 02 *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati taż-żona tal-viċinat Ewropew, skont il-proċeduri ddefiniti f'dawk il-pajjiżi wara l-Ftehimiet ta' Qafas li jipprovdu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni, kif imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bħal dik bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet imdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal skont il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għal dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva u bejn it-total tal-approprjazzjonijiet mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

15 04 51 ***Tlestija ta' programmi u azzjonijiet fil-qasam tal-kultura u l-lingwa***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	10 822 000	—	13 754 033	0,—	25 816 256,71

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla taħt din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-provdiment tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, minn kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

15 04 51 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 508/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2000 li tistabbilixxi l-programm Kultura 2000 (ĠU L 63, 10.3.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 792/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni għall-Komunità biex tippromwovi korpi attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-kultura (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 40).

Id-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Dicembru 2006 li tistabbilixxi l-Programm Kultura (2007-2013) (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 1).

15 04 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

15 04 77 01 Proġett pilota — Ekonomija tad-diversità kulturali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	242 980	0,—	417 792,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 03 Azzjoni preparatorja — Kultura fir-relazzjonijiet esterni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	339 972,50

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

15 04 77 *(ikompli)*

15 04 77 03 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 04 Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea għall-Festivals

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	p.m.	174 475	0,—	250 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 05 Proġett pilota — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	499 434	999 999,74	832 843,61

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

15 04 77 *(ikompli)*

15 04 77 05 *(ikompli)*

Kummenti

Ex Partita 16 02 77 01

Din il-Partita hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 08 Proġett pilota — Nagħtu bidu għall-ekonomija kulturali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	150 000	500 000	250 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-finanzjament kollettiv (crowdfunding) qed juri li huwa metodu affidabbli biex jiġu ttrasferiti flus bejn il-konsumaturi potenzjali u s-settur kulturali. In-negozji tal-finanzjament kollettiv qed jużaw pjattaforma u mudell ta' netwerk - marka waħda li taħkem l-oħrajn kollha - xi ħaġa li rajna fin-negozji tan-netwerks soċjali. Is-suq tal-finanzjament kollettiv fl-Ewropa jinsab frammentat bl-istess mod bħall-pajjiżi tagħha nfushom, filwaqt li s-sistemi bbażati fl-Istati Uniti jibbenefikaw minn suq intern omoġenju. Sabiex tinżamm politika lingwistika attiva fid-dinja onlajn u sabiex din tiġi kkollegata mas-settur kulturali, hemm bżonn ta' strateġija alternattiva. Hemm ċerti każijiet interessanti li wieħed jitgħallem minnhom, fosthom l-istruttura ta' finanzjament ibridizzata CrowdCulture fl-Iżvezja li torbot il-finanzjament pubbliku ma' donazzjonijiet privati.

Il-proġett pilota, fi studju, jidentifika u janalizza l-aħjar prattiki fis-suq tal-finanzjament kollettiv Ewropew fir-rigward ta' organizzazzjonijiet kulturali.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

15 04 77 *(ikompli)*

15 04 77 09 Proġett pilota — Insostnu netwerks ta' intraprendituri żgħażagħ kreattivi: l-UE u pajjiżi terzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	200 000	800 000	400 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota jsegwi minn: inizjattivi tal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew (l-Aġenda għall-Kultura (2007) li, tul is-snin, uriet l-importanza ta' dimensjoni kulturali għar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni), diversi rapporti ta' inizjattiva proprja mill-Kumitat dwar il-Kultura tal-Parlament (Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Mejju 2011 dwar id-dimensjonijiet kulturali tal-azzjonijiet esterni tal-UE (ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 135) u dwar l-isfruttar tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi (ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 142), Komunikazzjoni mill-Kummissjoni u l-azzjoni ta' tħejiija dwar il-kultura fir-relazzjonijiet esterni.

Il-proġett pilota jsostni l-istabbiliment ta' netwerks ta' żgħażagħ professjonisti kreattivi mill-Unjoni u minn pajjiżi sħab bil-ħsieb li jiġu inkoraġġiti skambji, networking, żvilupp professjonali u relazzjonijiet kollaborattivi fuq terminu ta' żmien twil fost imprendituri żgħażagħ u atturi fis-setturi kulturali u kreattivi fl-Unjoni u l-pajjiżi sħab. Il-programm Ewropa Kreattiva jixhed id-determinazzjoni li jittieħed impenn fil-livell tal-Unjoni mas-setturi kreattivi u kulturali, billi jagħti kontribut sostanzjali għat-tiġdid ekonomiku u kreattiv fl-Unjoni u r-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

15 04 77 11 Azzjoni preparatorja — Narrattiva ġdida dwar l-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	500 000	1 000 000	500 000		

KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

15 04 77 *(ikompli)*

15 04 77 11 *(ikompli)*

Kummenti

Ex *Partita 16 02 77 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

L-għan ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tgħin il-kumitat kulturali li wassal għall-Karta li jkompli d-djalogu tiegħu maċ-ċittadini. Il-Karta għandha titqies bħala bidu, fejn il-komunità artistika u ċ-ċittadini fl-Ewropa jkunu mistiedna jinvolvu ruħhom u jipparteċipaw fid-diskussjoni li għaddejja bħalissa rigward il-bosta narrattivi dwar l-Ewropa.

Għandu jittieħed approċċ komprensiv fil-forma ta' netwerks taċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet kulturali, li jqassmu l-għarfien lill-pubbliku u li jistiednu liċ-ċittadini jiżvolġu rwol attiv. Barra minn hekk jiġi stabbilit korp ta' ambaxxaturi. Il-kompitu tal-ambaxxaturi jkun li jinteraġixxu maċ-ċittadini fid-dibattitu li jkun għaddej dwar in-narrattiva l-ġdida u li jinvolvu ruħhom mal-pubbliku Ewropew.

Għalhekk, l-azzjoni preparatorja se tkompli:

— tmexxi avvenimenti li jippubbliċizzaw il-karta dwar in-narrattiva l-ġdida fuq l-Ewropa f'kemm jista' jkun Stati Membri, biex b'hekk jitrawwem id-djalogu u d-dibattitu,

— issostni avvenimenti pubbliċi b'kopertura medjatika estensiva organizzati minn organizzazzjonijiet kulturali, xjentifiċi u taċ-ċittadini li jiffokaw fuq id-dibattitu dwar in-narrattiva l-ġdida fuq l-Ewropa,

— tiżgura l-inklużjoni massima taċ-ċittadini, billi ssostni pjattaformi medjatiċi indipendenti li jkopru d-dibattitu dwar in-narrattiva l-ġdida għall-Ewropa.

Din l-azzjoni preparatorja hija mistennija li tilħaq it-tliet objettivi speċifiċi msemmija hawn fuq.

Sabiex tappoġġa dawn l-attivitajiet, il-Kummissjoni taħdem flimkien ma' kuntratturi taħt kuntratti qafas sabiex twettaq dan li ġej: l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' livell għoli, inklużi wirjiet u spettakli kulturali, li tkopri l-arranġamenti tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti u l-appoġġ espert għall-iskedar speċifiku tal-avvenimenti; appoġġ loġistiku u ta' konsulenza għall-kumitati kulturali, li jkopri l-arranġamenti tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni u l-organizzazzjoni tal-attendenza mill-membri f'avvenimenti ta' disseminazzjoni, kif ukoll appoġġ espert għall-kompiti tal-Kumitat u ta' oħrajn relatati mal-iskedar speċifiku tal-avvinimenti; l-organizzazzjoni ta' avvenimenti mir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri; kampanji ta' komunikazzjoni, inkluż permezz tal-midja soċjali, fl-Istati Membri kollha.

Id-deċiżjoni ta' finanzjament tal-kuntratti speċifiċi se tiġi ffirmata fl-2016 u l-pagamenti ta' prefinanzjament se jsiru qabel it-tmiem tal-2016. Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet appoġġjati se jsiru fl-2016 u kmieni fl-2017.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 15 — EDUKAZZJONI U KULTURA

KAPITOLU 15 04 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

15 04 77 *(ikompli)*

15 04 77 12 Azzjoni Preparatorja — L-Ewropa għall-Festivals, Festivals għall-Ewropa (EFFE)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
350 000	175 000				

Kummenti

Il-proġett pilota EFFE attwalment qiegħed jitwettaq mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Festivals flimkien ma' 24 organizzazzjoni msieħba diċentralizzata madwar l-Ewropa u b'kooperazzjoni mill-qrib mad-DĠ tal-Kummissjoni għall-Edukazzjoni u l-Kultura. L-azzjoni preparatorja EFFE se:

— toħloq mekkaniżmu ta' ttikkettar u pjattaforma ta' skambju għall-festivals biex jikkapitalizzaw il-potenzjal tagħhom u jikkontribwixxu għal bosta politiki tal-UE, inkluż dwar l-innovazzjoni, l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u d-djalogu interkulturali. L-attivitajiet imwettqa se jikkontribwixxu għall-istrateġija Ewropa 2020, li tibni fuq l-effetti konsegwenzjali li s-setturi kreattivi u kulturali għandhom fuq numru ta' oqsma oħra bħat-turiżmu u l-iżvilupp reġjonali;

— tippromwovi l-valuri uniċi u fundamentali Ewropej billi tagħtihom viżibbiltà u kredibbiltà, permezz ta' strateġija b'saħħitha ta' branding u komunikazzjoni li hija kapaċi li tipprovdi pjattaforma li tista' tilħaq numru kbir ta' ċittadini madwar l-Ewropa.

Abbażi tas-suċċess tal-proġett pilota, nistgħu nassumu li l-azzjoni preparatorja se tkompli torjenta l-enerġija tal-festivals bil-promozzjoni ta' Ewropa intelliġenti, inklussiva u sostenibbli.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

TITOLU 16

KOMUNIKAZZJONI

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

TITOLU 16

KOMUNIKAZZJONI

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"	124 190 396	124 190 396	125 792 227	125 792 227	128 136 191,33	128 136 191,33
16 03	AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI	79 504 500	72 569 000	74 100 000	66 282 042	71 154 711,32	77 301 872,51
	Titolu 16 — Total	**203 694 896**	**196 759 396**	**199 892 227**	**192 074 269**	**199 290 902,65**	**205 438 063,84**

TITOLU 16

KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
16 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI"					
16 01 01	***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"***	5,2	65 590 888	66 063 971	65 068 904,28	99,20
16 01 02	***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"***					
16 01 02 01	Persunal estern — Kwartieri Ġenerali	5,2	5 783 570	5 711 298	6 303 485,05	108,99
16 01 02 03	Persunal estern — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni	5,2	16 606 000	16 488 000	17 312 757,58	104,26
16 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	3 209 857	3 513 818	3 736 977,56	116,42
	Artikolu 16 01 02 — Subtotal		25 599 427	25 713 116	27 353 220,19	106,85
16 01 03	***Nefqa marbuta ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa operatorja oħra tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"***					
16 01 03 01	Nefqa marbuta mat-tagħmir u s-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	4 186 081	4 194 140	4 697 949,30	112,23
16 01 03 03	Nefqa tal-bini u nefqa oħra relatata — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni	5,2	26 423 000	27 275 000	28 516 859,01	107,92
	Artikolu 16 01 03 — Subtotal		30 609 081	31 469 140	33 214 808,31	108,51
16 01 04	***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"***					
16 01 04 02	Nefqa ta' sostenn għal azzjonijiet ta' komunikazzjoni	3	1 034 000	1 229 000	1 184 962,30	114,60
	Artikolu 16 01 04 — Subtotal		1 034 000	1 229 000	1 184 962,30	114,60
16 01 60	***Xiri ta' informazzjoni***	5,2	1 357 000	1 317 000	1 314 296,25	96,85
	Kapitolu 16 01 — Total		**124 190 396**	**125 792 227**	**128 136 191,33**	**103,18**

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI" *(ikompli)*

16 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
65 590 888	66 063 971	65 068 904,28

16 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"

16 01 02 01 Persunal estern — Kwartieri Ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
5 783 570	5 711 298	6 303 485,05

16 01 02 03 Persunal estern — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
16 606 000	16 488 000	17 312 757,58

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba li tkopri r-remunerazzjoni, is-sahra b'rata fissa, u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-persunal lokali, persunal b'kuntratt u persunal ta' aġenzija impjegati fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 4 000.

Bażi ġuridika

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

16 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 209 857	3 513 818	3 736 977,56

Kummenti

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 3 000.

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI" *(ikompli)*

16 01 03 Nefqa marbuta ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa operatorja oħra tal-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"

16 01 03 01 Nefqa marbuta mat-tagħmir u s-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
4 186 081	4 194 140	4 697 949,30

16 01 03 03 Nefqa tal-bini u nefqa oħra relatata — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
26 423 000	27 275 000	28 516 859,01

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba li tkopri:

— il-pagament ta' kerjiet u l-pagament ta' ċens b'rabta ma' binjiet jew partijiet ta' binjiet okkupati, u l-kera ta' swali tal-konferenzi, mħażen, garaxxijiet u faċilitajiet tal-ipparkjar,

— il-pagament ta' primjums tal-assigurazzjoni fuq binjiet jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-istituzzjoni,

— l-ispejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u t-tisħin,

— il-kostijiet tal-manutenzjoni, kalkolati fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, għall-binjiet, liftijiet, tisħin ċentralizzat, apparat tal-arja kundizzjonata, eċċ.; in-nefqa minħabba operazzjonijiet regolari ta' tindif, ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, il-ħasil, il-ħasil tal-ħwejjeġ, id-drajklining, eċċ., u minħabba tiżbigħ, tiswijiet u l-provvisti għall-manutenzjoni,

— it-tagħmir għall-binjiet, pereżempju alterazzjonijiet għall-kompartimenti, alterazzjonijiet għall-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq serraturi u apparat elettriku, xogħlijiet sanitarji, tibjid, kisi tal-art, eċċ.,

— il-kost għall-apparat meħtieġ,

— l-ispejjeż relatati mas-sigurtà tal-persuni u l-bini, kemm fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza tal-individwi kif ukoll is-sigurtà fiżika u materjali tal-persuni u l-proprjetà. Dawn l-ispejjeż jinkludu, pereżempju kuntratti għall-ħarsien tal-binjiet, kuntratti għall-manutenzjoni tal-installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir, ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir kontra n-nirien, il-bdil ta' tagħmir għall-persuni li jitfu n-nirien u l-ispejjeż statutorji ta' spezzjoni kif ukoll sessjonijiet ta' informazzjoni lill-persunal dwar kif jużaw it-tagħmir tas-sigurtà,

— in-nefqa għal binjiet, b'mod partikolari tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (ġbir tal-iskart, eċċ.),

— id-debiti għall-assistenza teknika dwar operazzjonijiet kbar ta' trasformazzjoni u konverżjoni,

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI" *(ikompli)*

16 01 03 *(ikompli)*

16 01 03 03 *(ikompli)*

— il-kost tax-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' apparat tekniku u tagħmir, għamara u vetturi,

— ix-xiri ta' kotba, dokumenti u pubblikazzjonijiet oħra mhux perjodiċi, l-aġġornament ta' volumi eżistenti, kostijiet tal-legatura u x-xiri ta' apparat elettroniku ta' identifikazzjoni,

— in-nefqa għal abbonamenti għall-gazzetti, perjodiċi speċjalisti, ġurnali uffiċjali, dokumenti parlamentari, statistika tal-kummerċ barrani, rapporti tal-aġenziji tal-aħbarijiet u diversi pubblikazzjonijiet oħra speċjalizzati,

— il-kost ta' abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi elettroniċi ta' informazzjoni u databażijiet esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi (CD-ROMs, eċċ.),

— it-taħriġ u s-sostenn meħtieġ biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni,

— it-taħriġ marbut mas-saħħa u s-sikurezza b'segwitu għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' April 2006 li tistabilixxi Politika Armonizzata għas-Saħħa u s-Sikurezza fil-post tax-xogħol għall-persunal kollu tal-Kummissjoni C(2006) 1623,

— id-drittijiet tal-awtur,

— il-kost tal-kartolerija u provvisti għall-uffiċċji,

— l-assigurazzjoni,

— il-kost għal materjali tax-xogħol,

— l-ispejjeż għal-laqgħat interni,

— il-kost għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni, u ċaqliq ta' dipartimenti,

— l-ispejjeż mediċi li jiġu bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal,

— il-kost tal-istallazzjoni, iż-żamma u l-operat taż-żoni tal-kejtering,

— in-nefqa operatorja oħra,

— id-debiti tal-posta u spedizzjoni,

— l-abbonamenti u debiti tat-telekomunikazzjonijiet,

— il-kost tax-xiri u l-istallazzjoni ta' apparat tat-telekomunikazzjonijiet,

— in-nefqa tat-teknoloġija informatika (IT) għall-uffiċċji fl-Unjoni, partikolarment nefqa fuq sistemi ta' informazzjoni u mmaniġġjar, infrastruttura ta' awtomatizzazzjoni tal-uffiċċji, kompjuters personali, servers, u infrastruttura relatata, periferali (printers, skeners, eċċ.), apparat tal-uffiċċju (fotokopjatriċi, magni tal-faks, tajprajters, diktafowns, eċċ.) u nefqa ġenerali fuq netwerks, sostenn, assistenza għall-utenti, taħriġ u migrazzjonijiet tal-IT,

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI" *(ikompli)*

16 01 03 *(ikompli)*

16 01 03 03 *(ikompli)*

— kwalunkwe nefqa biex tkopri l-kost tax-xiri jew għall-kiri bl-opzjoni ta' xiri ta' binjiet.

Din l-approprijazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, bl-esklużjoni tas-siti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, li n-nefqa għalih tiddaħħal fl-Artikolu 01 05 tal-titoli konċernati. Nefqa simili mġarrba barra l-Unjoni tiddaħħal fil-Partita 01 03 02 tat-titoli konċernati.

L-ammont ta' dhul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 4 124 000.

16 01 04 ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Komunikazzjoni"***

16 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għal azzjonijiet ta' komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 034 000	1 229 000	1 184 962,30

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa orizzontali fuq, *inter alia*, studji, laqgħat, kontrolli ex post, assistenza esperta teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz ad hoc, evalwazzjoni dwar attivitajiet orizzontali jew trasversali, kif ukoll ir-rimborż ta' spejjeż għall-ivvjaġġar u oħrajn relatati ta' persuni mistiedna jsegwu l-ħidma tal-Kummissjoni.

Bażi ġuridika

Ara l-Partiti 16 03 01 02, 16 03 01 03, 16 03 02 03 u 16 03 02 05.

16 01 60 ***Xiri ta' informazzjoni***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 357 000	1 317 000	1 314 296,25

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri n-nefqa mġarrba fl-Unjoni li ġejja:

— il-prezz tal-abbonamenti u l-aċċess għal sorsi ta' informazzjoni fuq l-internet bħal aġenziji tal-istampa, aħbarijiet fuq l-internet, fornituri tal-informazzjoni u bażijiet tad-dejta esterni,

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOMUNIKAZZJONI" *(ikompli)*

16 01 60 *(ikompli)*

— it-taħriġ u s-sostenn meħtieġa għall-aċċess ta' din l-informazzjoni.

Tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni ħlief għar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
16 03	AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI								
16 03 01	***Għoti ta' tagħrif liċ-ċittadini tal-Unjoni***								
16 03 01 02	Informazzjoni għall-midja u l-produzzjonijiet awdjoviżivi	3	6 003 500	5 688 000	5 850 000	4 112 669	6 228 215,86	5 734 220,87	100,81
16 03 01 03	Uffiċċju tal-informazzjoni	3	14 600 000	14 063 000	14 260 000	12 957 371	14 369 496,84	14 188 390,97	100,89
16 03 01 04	Komunikazzjoni tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni, id-Djalogi taċ-Ċittadini u l-azzjonijiet ta' "Sħubija"	3	14 745 000	13 154 000	11 794 000	13 720 676	10 928 471,22	15 239 489,74	115,85
16 03 01 05	Spazji Pubbliċi Ewropej	5,2	1 246 000	1 246 000	1 246 000	1 194 639	1 241 189,83	1 281 259,75	102,83
	Artikolu 16 03 01 — Subtotal		36 594 500	34 151 000	33 150 000	31 985 355	32 767 373,75	36 443 361,33	106,71
16 03 02	***Forniment ta' komunikazzjoni istituzzjonali u analiżi tal-informazzjoni***								
16 03 02 01	Żjarat lill-Kummissjoni	3	3 800 000	3 677 000	3 650 000	2 927 997	3 599 851,94	3 985 597,01	108,39
16 03 02 02	Operat ta' studjos tar-radju u tat-televiżjoni u tagħmir awdjoviżiv	5,2	5 560 000	5 560 000	5 560 000	5 369 163	5 318 744,79	5 930 575,40	106,67
16 03 02 03	Informazzjoni elettronika u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni	3	23 450 000	19 195 000	21 340 000	16 690 656	19 469 840,54	19 148 822,81	99,76
16 03 02 04	Rapport ġenerali u pubblikazzjonijiet oħra	5,2	2 160 000	2 160 000	2 200 000	2 109 314	2 229 074,71	2 563 278,82	118,67
16 03 02 05	Analiżi tal-opinjoni pubblika	3	6 640 000	6 526 000	6 400 000	5 286 146	6 299 975,59	5 959 835,98	91,32
	Artikolu 16 03 02 — Subtotal		41 610 000	37 118 000	39 150 000	32 383 276	36 917 487,57	37 588 110,02	101,27

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
16 03 04	***Dar l-Istorja tal-Ewropa***	3	800 000	800 000	800 000	669 131	0,—	0,—	0
16 03 06	***Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013***	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	557 100,26	
16 03 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
16 03 77 01	Azzjoni preparatorja — Għotjiet ta' riċerka Ewropea għal ġurnaliżmu investigattiv transfruntier	5,2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	98 880,—	
16 03 77 02	Proġett pilota — Share Europe Online	5,2	p.m.	p.m.	p.m.	90 000	0,—	1 393 463,15	
16 03 77 04	Tlestija tal-proġett pilota EuroGlobe	3	p.m.	p.m.	—	—	0,—	0,—	
16 03 77 05	Azzjoni preparatorja — Share Europe Online	3	500 000	500 000	1 000 000	936 187	1 000 000,—	588 819,75	117,76
16 03 77 06	Proġett pilota — Il-wegħda tal-Unjoni Ewropea	3	p.m.	p.m.	p.m.	218 093	469 850,—	402 350,—	
16 03 77 07	Azzjoni preparatorja — Dar Ewropea għas-Soċjetà Ċivili	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	229 788,—	
	Artikolu 16 03 77 — Subtotal		500 000	500 000	1 000 000	1 244 280	1 469 850,—	2 713 300,90	542,66
	Kapitolu 16 03 — Total		**79 504 500**	**72 569 000**	**74 100 000**	**66 282 042**	**71 154 711,32**	**77 301 872,51**	**106,52**

16 03 01 ***Għoti ta' tagħrif liċ-ċittadini tal-Unjoni***

16 03 01 02 Informazzjoni għall-midja u l-produzzjonijiet awdjoviżivi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 003 500	5 688 000	5 850 000	4 112 669	6 228 215,86	5 734 220,87

Kummenti

Ex *Partiti 16 03 01 02 u 16 03 01 01 (parzjali).*

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 01 *(ikompli)*

16 03 01 02 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja l-informazzjoni ġenerali għaċ-ċittadini dwar attivitajiet tal-Unjoni, sabiex tiżdied il-viżibbiltà tal-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-istadji fil-bini tal-Ewropa, b'attenzjoni ewlenija fuq il-midja. L-għodda żviluppati għal fehim u rapportar aħjar tal-kwistjonijiet ta' interess attwali jkopru b'mod ewlieni:

— multimedia (ritratti, vidjo, eċċ.) materjal ta' tagħrif għall-mezzi tax-xandir u pjattaformi oħrajn, inkluż fil-pubblikazzjoni/xandir u l-preservazzjoni/id-disseminazzjoni tagħhom fuq terminu twil,

— seminars u sostenn għall-ġurnalisti.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll in-nefqa ta' evalwazzjoni.

Il-Kummissjoni, meta timplimenta din l-intestatura baġitarja, għandha tikkunsidra b'mod xieraq l-eżitu tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 01 03 Uffiċċju tal-informazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 600 000	14 063 000	14 260 000	12 957 371	14 369 496,84	14 188 390,97

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja l-azzjonijiet ġenerali ta' informazzjoni liċ-ċittadini u tkopri:

— il-finanzjament tan-netwerk Europe Direct madwar l-Ewropa (Europe Direct Information Centres, ċentri Ewropej tad-dokumentazzjoni, kelliema ta' Team Europe, eċċ.); dan in-netwerk jissupplimenta l-ħidma tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u tal-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri,

— is-sostenn, it-taħriġ, il-koordinazzjoni u l-assistenza għan-netwerk Europe Direct,

— il-finanzjament tal-produzzjoni, il-ħżin u t-tixrid tal-materjal ta' informazzjoni u prodotti ta' komunikazzjoni minn/għal dawn l-uffiċċji.

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 01 *(ikompli)*

16 03 01 03 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll in-nefqa ta' evalwazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 4158 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar l-adozzjoni antiċipata tal-Programm ta' Ħidma Annwali fil-qasam tal-komunikazzjoni għall-2013 fir-rigward ta' għotjiet għall-finanzjament ta' strutturi li jilqgħu iċ-Ċentri ta' Tagħrif ta' Europe Direct mal-Unjoni Ewropea kollha għall-perjodu 2013-2017.

16 03 01 04 Komunikazzjoni tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni, id-Djalogi taċ-Ċittadini u l-azzjonijiet ta' "Sħubija"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 745 000	13 154 000	11 794 000	13 720 676	10 928 471,22	15 239 489,74

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja informazzjoni ġenerali għaċ-ċittadini u tkopri n-nefqa fuq il-komunikazzjoni ċentralizzata u deċentralizzata kif ukoll in-nefqa fuq id-Djalogi taċ-Ċittadini. L-għan tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni lokali huwa b'mod partikolari li gruppi fil-mira jingħataw l-għodod biex jifhmu aħjar il-kwistjonijiet topiċi li jaħarqu. L-għan tad-Djalogi taċ-Ċittadini huwa b'mod partikolari li jipprovdi liċ-ċittadini informazzjoni mis-sors dwar l-inizjattivi kbar tal-politika tal-Unjoni u li jippromwovi djalogu miftuħ bejn iċ-ċittadini u l-Membri tal-Kummissjoni b'attendenza regolari ta' rappreżentanti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni l-oħrajn u l-Istati Membri, sabiex jittejjeb l-għarfien taċ-ċittadini dwar il-kwistjonijiet tal-Unjoni u biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jsemmaw leħenhom mal-fassala tal-politika.

Dawn l-attivitajiet huma implimentati fl-Istati Membri permezz ta':

— azzjonijiet ta' komunikazzjoni marbuta ma' prijoritajiet speċifiċi ta' komunikazzjoni annwali jew pluriennali,

— azzjonijiet ta' komunikazzjoni *ad hoc* fuq skala nazzjonali jew internazzjonali li jirrispondu għal prijoritajiet ta' komunikazzjoni,

— avvenimenti pubbliċi għaċ-ċittadini minn kull qasam tas-soċjetà,

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 01 *(ikompli)*

16 03 01 04 *(ikompli)*

— djalogi maċ-ċittadini onlajn u fuq il-midja soċjali,

— seminars u konferenzi kif ukoll sessjonijiet ta' ħidma ma' gruppi fil-mira iktar speċifiċi, bħal żgħażagħ, u bl-applikazzjoni ta' metodi parteċipattivi,

— organizzazzjoni jew parteċipazzjoni f'avvenimenti Ewropej, wirjiet u attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, organizzazzjoni ta' żjarat individwali, eċċ.,

— miżuri ta' komunikazzjoni diretti mmirati lejn il-pubbliku ġenerali (pereżempju servizzi ta' pariri għaċ-ċittadini),

— miżuri ta' komunikazzjoni diretta mmirati lejn il-multiplikaturi tal-opinjonijiet, b'mod partikulari miżuri msaħħa li jinvolvu l-istampa reġjonali ta' kuljum, li hija sors ta' informazzjoni ewlieni għal għadd kbir ta' ċittadini Ewropej,

— ġestjoni taċ-ċentri tal-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni.

L-azzjonijiet ta' komunikazzjoni jistgħu jiġu organizzati bi sħab mal-Parlament Ewropew u/jew l-Istati Membri sabiex jinħolqu sinerġiji bejn il-mezzi ta' kull sħab u jkunu kkoordinati l-attivitajiet tagħhom ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa fuq studji, evalwazzjonijiet, servizzi ta' loġistika, assistenza teknika, b'mod partikolari għall-IT inkluż manutenzjoni tal-web u servizzi tal-midja soċjali, laqgħat ta' esperti u assistenza teknika u amministrattiva esperta li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*, kif ukoll ir-rimborż ta' spejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż oħra relatati ta' persuni mistiedna jsegwu x-xogħol tal-Kummissjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 55 000.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din l-intestatura baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 01 05 Spazji Pubbliċi Ewropej

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 246 000	1 246 000	1 246 000	1 194 639	1 241 189,83	1 281 259,75

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 01 *(ikompli)*

16 03 01 05 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja l-azzjonijiet ġenerali ta' tagħrif liċ-ċittadini u tkopri b'mod speċifiku l-ftuħ u l-ġestjoni ta' "Spazji Pubbliċi Ewropej" fid-Djar tal-Ewropa li jakkomodaw uffiċjalment dawn l-istrutturi: Il-Kummissjoni għandha tieħu l-inkarigu tal-ġestjoni tal-arranġamenti loġistiċi tal-Ispazji Pubbliċi Ewropej għall-benefiċċju taż-żewġ istituzzjonijiet (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni), inklużi l-ispejjeż operazzjonali u l-organizzazzjoni tas-servizzi kkuntrattati. L-Ispazji Pubbliċi Ewropej għandhom jitmexxew b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet fuq il-bażi ta' rapport ta' evalwazzjoni dwar il-ġestjoni u l-ħidma tal-Ispazji Pubbliċi Ewropej, kif ukoll ta' programm ta' ħidma għas-sena li tkun ġejja. Iż-żewġ dokumenti, li jkunu mħejjija b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet u li jikkostitwixxu l-elementi fundamentali għall-allokazzjoni ta' fondi għas-sena ta' wara, għandhom ikunu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-baġit fil-ħin sabiex jitqiesu fil-proċedura baġitarja.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568).

Id-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

16 03 02 ***Forniment ta' komunikazzjoni istituzzjonali u analiżi tal-informazzjoni***

16 03 02 01 Żjarat lill-Kummissjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 800 000	3 677 000	3 650 000	2 927 997	3 599 851,94	3 985 597,01

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża tal-organizzazzjoni ta' żjarat fil-Kummissjoni, inkluża n-nefqa amministrattiva marbuta maż-żjarat.

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 02 *(ikompli)*

16 03 02 01 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 02 02 Operat ta' studjos tar-radju u tat-televiżjoni u tagħmir awdjoviżiv

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 560 000	5 560 000	5 560 000	5 369 163	5 318 744,79	5 930 575,40

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż kollha tat-tħaddim tal-istudios u l-faċilitajiet awdjoviżivi kollha tal-Kummissjoni u faċilitajiet oħra ta' informazzjoni awdjoviżiva: persunal u x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija tat-tagħmir u l-materjal meħtieġ.

Tkopri wkoll kiri tas-satellita biex tipprovdi informazzjoni fuq l-attivitajiet tal-Unjoni għall-kanali televiżivi. Din l-approprjazzjoni għandha titħaddem skont il-prinċipji interistituzzjonali ta' kooperazzjoni biex tkun żgurata d-disseminazzjoni tal-informazzjoni kollha dwar l-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni tista' tkopri wkoll infiq ta' evalwazzjoni.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 final).

Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-24 ta' April 2008: Nikkomunikaw l-Ewropa permezz ta' mezzi tax-xandir awdjoviżivi (SEC(2008) 0506).

Id-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 02 *(ikompli)*

16 03 02 03 Informazzjoni elettronika u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
23 450 000	19 195 000	21 340 000	16 690 656	19 469 840,54	19 148 822,81

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri informazzjoni elettronika u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni multimedjali dwar l-Unjoni, bl-għan li tipprovdi liċ-ċittadini kollha b'informazzjoni ġenerali dwar ix-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda u l-istadji fil-bini tal-Ewropa. L-għodda onlajn tippermetti l-ġbir ta' mistoqsijiet u reazzjonijiet taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet Ewropej. Dan huwa kompitu tas-servizz pubbliku. It-tagħrif ikopri l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. Dawn l-għodod għandhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-linji gwida tal-Inizjattiva ta' Aċċessibilità għall-Web (WAI).

It-tipi ta' għodod ikkonċernati huma prinċipalment:

— is-sit Europa, li jrid jikkostitwixxi l-punt prinċipali ta' aċċess għall-informazzjoni eżistenti u s-siti tal-internet li jikkonċernaw l-informazzjoni amministrattiva li ċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jeħtieġu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u li għalhekk iridu jkunu strutturati aħjar, magħmula aktar faċli għall-utent u ottimizzati għall-apparat tat-telefown ċellulari,

— kanali onlajn kumplimentari bħal midja soċjali, blogs u teknoloġiji tal-web 2.0,

— il-*Europe Direct Contact Centre* (00800-67891011),

— is-siti tal-Internet u l-prodotti multimedjali u stampati tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri,

— stqarrijiet għall-istampa, diskorsi, memos, eċċ. onlajn (Rapid).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex:

— tiffinanzja r-ristrutturar tas-sit Europa b'mod iktar koerenti, biex is-sit jiġi ottimizzat għall-apparat tat-telefown ċellulari, biex jiġi ffukat fuq il-ħtiġijiet tal-utenti u biex isir professjonalizzat l-użu ta' kanali oħra fuq l-internet bħal midja soċjali, blogs u web 2.0. Dan jinkludi t-tipi kollha ta' taħriġ, servizzi ta' kkowċjar u konsulenza għal diversi gruppi ta' partijiet interessati,

— tkopri n-nefqa marbuta mal-ospitar u l-ispejjeż tal-liċenzji assoċjati mas-sit Europa.

— toffri sostenn għall-iskambju tal-aħjar prattiki, it-trasferiment tal-għarfien u l-professjonalizzazzjoni billi tiffinanzja żjarat ta' esperti u prattikanti fil-komunikazzjoni diġitali,

— tkopri l-kampanji ta' informazzjoni għall-iffaċilitar tal-aċċess għal dawn is-sorsi ta' informazzjoni, speċjalment għall-operat taċ-ċentru ta' kuntatt tal-Europe Direct, is-servizz ta' informazzjoni ġenerali multilingwi dwar l-affarijiet tal-Unjoni,

— tkopri n-nefqa marbuta mal-produzzjoni, għal gruppi varji fil-mira, ta' pubblikazzjonijiet stampati relatati mal-attivitajiet tal-Unjoni li spiss jitqassmu permezz ta' netwerk deċentralizzat, primarjament:

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 02 *(ikompli)*

16 03 02 03 *(ikompli)*

— il-pubblikazzjonijiet tar-Rappreżentanzi (fuljetti, gazzetti u perjodiċi): kwalunkwe Rappreżentanza għandha pubblikazzjoni waħda jew aktar, imxerrda minn multiplikaturi, u jkopru diversi oqsma (soċjali, ekonomiċi u politiċi),

— id-disseminazzjoni (anki permezz ta' netwerk deċentralizzat) ta' informazzjoni bażika speċifika dwar l-Unjoni Ewropea (fil-lingwi kollha uffiċjali tal-Unjoni) għall-pubbliku ġenerali, ikkoordinat mis-sit prinċipali tal-entità, kif ukoll il-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

Il-kostijiet tal-pubblikazzjoni jkopru, fost affarijiet oħra, it-tħejjija u l-abbozzar (inkluż id-dritt tal-awtur), l-editjar freelance, l-użu tad-dokumentazzjoni, ir-riproduzzjoni tad-dokumenti, l-akkwist jew il-ġestjoni ta' dejta, l-editjar, it-traduzzjoni, ir-reviżjoni (inkluża l-verifika tal-konkordanza tat-testi), l-istampar, it-tqegħid fuq l-Internet jew l-istallazzjoni f'kwalunkwe mezz elettroniku ieħor, id-distribuzzjoni, il-ħżin, id-disseminazzjoni u l-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

Din l-approprjazzjoni tista' tkopri wkoll infiq ta' evalwazzjoni.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din l-intestatura baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 02 04 Rapport ġenerali u pubblikazzjonijiet oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 160 000	2 160 000	2 200 000	2 109 314	2 229 074,71	2 563 278,82

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri n-nefqa fuq il-ħruġ, fi kwalunkwe midja, ta' pubblikazzjonijiet dwar suġġetti ta' importanza "li taħraq" marbuta mal-attivitajiet tal-Kummissjoni u l-ħidma tal-Unjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet previsti fit-Trattati u pubblikazzjonijiet istituzzjonali jew ta' referenza oħrajn, bħar-rapport ġenerali. Il-pubblikazzjonijiet jistgħu jkunu mmirati lejn gruppi speċifiċi bħall-professjoni tal-għalliema, iż-żgħażagħ, il-mexxejja tal-opinjonijiet jew il-pubbliku ġenerali.

Il-kostijiet tal-pubblikazzjoni jkopru, fost l-oħrajn, il-preparazzjoni u l-abbozzar (inkluż l-kuntratti tal-awturi), editjar freelance, l-użu tad-dokumentazzjoni, riproduzzjoni tad-dokumenti, xiri jew ġestjoni tad-dejta, l-editjar freelance, it-traduzzjoni, ir-reviżjoni (inkluż verifika tal-konkordanza tat-testi), l-istampar, it-tqegħid fuq l-Internet jew l-istallazzjoni f'kwalunkwe mezz elettroniku, id-distribuzzjoni, il-ħżin, id-disseminazzjoni, u l-promozzjoni ta' dawn id-dokumenti, inkluż f'format li jkun aċċessibbli għaċ-ċittadini b'diżabilità.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 4 000.

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 02 *(ikompli)*

16 03 02 04 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 249(2) tiegħu.

16 03 02 05 Analiżi tal-opinjoni pubblika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 640 000	6 526 000	6 400 000	5 286 146	6 299 975,59	5 959 835,98

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-analiżi tax-xejriet fl-opinjoni pubblika, primarjament bl-istħarriġiet tal-opinjoni (pereżempju, l-istħarriġiet tal-pubbliku ġenerali bl-"Ewrobarometru", l-istħarriġiet "flash", bit-telefown, ta' popolazzjonijiet speċifiċi dwar temi partikolari, fuq livell reġjonali, nazzjonali jew Ewropew, jew stħarriġiet kwalitattivi), kif ukoll il-kontroll tal-kwalità ta' dawn l-istħarriġiet.

Din tkopri wkoll l-analiżi tas-sorveljanza kwalitattiva tal-media u n-nefqa ta' evalwazzjoni.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din il-linja baġitarja, għandha tqis sew l-eżitu tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 04 Dar l-Istorja tal-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
800 000	800 000	800 000	669 131	0,—	0,—

Kummenti

Kif speċifikat fil-ftehim dwar il-livell ta' servizz bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni għan-nefqa mġarrba għall-wirjiet organizzati mid-Dar l-Istorja Ewropea, li se ssaħħaħ l-għarfien, tqajjem il-kurżità u toħloq opportunitajiet ta' riflessjoni fuq l-istorja Ewropea permezz ta' ċentru modern ta' wirjiet u ta' dokumentazzjoni.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattiva tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif jipprevedi l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Atti ta' referenza

Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

16 03 06 Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	557 100,26

Kummenti

Ex *Artikolu 16 02 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri inizjattivi marbuta mal-objettivi tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013 inkluż pagamenti għal valutazzjoni tar-riżultati ta' din l-inizjattiva.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1093/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013) (ĠU L 325, 23.11.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

16 03 77 01 Azzjoni preparatorja — Għotjiet ta' riċerka Ewropea għal ġurnaliżmu investigattiv transfruntier

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	98 880,—

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 77 02 Proġett pilota — Share Europe Online

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	90 000	0,—	1 393 463,15

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 77 04 Tlestija tal-proġett pilota EuroGlobe

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	—	0,—	0,—

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 77 *(ikompli)*

16 03 77 04 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 77 05 Azzjoni preparatorja — Share Europe Online

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	500 000	1 000 000	936 187	1 000 000,—	588 819,75

Kummenti

Il-media soċjali u l-Internet biddlu b'mod fundamentali l-aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-persuni. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom itejbu l-mod kif jużaw dawn l-għodod rivoluzzjonarji. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jużaw netwerks tal-media soċjali u pjattaformi onlajn b'modi aktar innovattivi. L-Istituzzjonijiet tal-Unjoni ma għandhom l-ebda politika tal-komunikazzjoni konġunta dwar l-użu ta' dawn l-għodod. Barra minn hekk, dawn l-għodod għadhom jintużaw spiss wisq biex sempliċement jinxtered messaġġ, filwaqt li dawn joffru l-opportunità ta' konversazzjoni bejn il-politiċi u n-nies li jaqdu u li jirrappreżentaw. F'kuntrast ma' media oħra (it-televiżjoni, ir-radju u l-gazzetti), l-Internet (u l-midja soċjali b'mod partikolari) għandu jintuża biex jippermetti liċ-ċittadini jinteraġixxu: biex jagħtu ideat lil min ifassal il-politika u biex jinbdew diskussjonijiet dwar proposti jew proġetti politiċi.

L-Unjoni għandha tadatta għar-realtà onlajn fl-istrateġija ta' komunikazzjoni tagħha. L-Unjoni għandha tippermetti liċ-ċittadini tagħha jinteraġixxu u jikkontribwixxu. B'xorti ħażina, il-komunikazzjoni tal-Unjoni attwalment għadha wisq proċess minn fuq għal isfel li la hu interattiv u l-anqas ma jsegwi dak li l-midja l-ġdida tista' twettaq. Għalkemm ir-rata ta' utilizzazzjoni tan-netwerks soċjali fl-Ewropa hija madwar 90 % (fost l-utenti tal-Internet Ewropej), l-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-Unjoni għadha ma tħaddanx lin-netwerks soċjali, l-Internet u s-servizzi tal-mowbajl biex ittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-politika tal-Unjoni jew biex tinvolvi liċ-ċittadini tal-Unjoni. Xi Membri tal-Parlament Ewropew u Kummissarji jistgħu jkunu qed jużaw in-netwerks soċjali b'mod attiv ħafna, iżda l-istituzzjonijiet ewlenin tal-Unjoni jistgħu jagħmlu ħafna biex jinfetħu, jinkludu aħjar liċ-ċittadini u jagħmlu l-informazzjoni disponibbli, li tista' tiġi mfittxija u li tista' tinqasam.

"Share Europe Online" mexxiet b'suċċess proġett pilota sa mill-2012, b'reazzjonijiet pożittivi mill-partijiet interessati kemm fil-livell istituzzjonali ċentrali u kemm mill-uffiċċji nazzjonali li implimentaw il-proġett.

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 77 *(ikompli)*

16 03 77 05 *(ikompli)*

Il-proġett pilota fittex li jtejjeb il-mod kif l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jużaw dawn il-midja ġodda, b'enfasi fuq l-uffiċċji lokali tagħhom fl-Istati Membri. Il-proġett introduċa l-prattika tal-ġestjoni tal-komunità tal-midja soċjali fl-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew u r-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni bil-ħsieb li jittejjeb il-forniment ta' informazzjoni liċ-ċittadini onlajn u li l-informazzjoni marbuta mal-Unjoni ssir aktar aċċessibbli. Objettiv importanti kien li tinbena l-kapaċità tal-uffiċċji għal attività msaħħa dwar il-midja soċjali billi jiġu aġġornati l-ħiliet tal-persunal tagħhom permezz ta' taħriġ u coaching minn maniġers maħtura tal-komunità.

Il-proġett pilota għen sabiex jonqos id-distakk fil-komunikazzjoni istituzzjonali tal-Unjoni permezz tan-netwerks soċjali fil-lingwi lokali u fil-pjattaformi lokali, grazzi għal attività miżjuda u aktar koordinata tal-uffiċċji involuti. Il-forniment ta' kontenut relatat mal-Unjoni jsir aċċessibbli, relevanti għall-komunità nazzjonali u ottimizzat għal kondiviżjoni soċjali qed iwassal għal livelli miżjuda ta' interazzjoni. Dan qed isaħħaħ id-djalogu mhux biss bejn l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha iżda wkoll bejn iċ-ċittadini infushom.

Id-disponibilità u l-influwenza tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet qed jiżdiedu permezz ta' komunikazzjoni aktar immirata u sħubijiet ma' mexxejja opinjonistiċi u atturi lokali inklużi organizzazzjonijiet popolari u tas-soċjetà ċivili, bl-estensjoni tad-dibattitu dwar kwistjonijiet Ewropej lejn pubbliku akbar u t-twessigħ tal-isfera pubblika Ewropea.

Permezz ta' intuwitu aħjar fil-konversazzjonijiet li jseħħu fuq il-midja soċjali, l-istituzzjonijiet qed itejbu wkoll l-abilità tagħhom li jisimgħu u jieħdu kont tat-tħassib taċ-ċittadini li qed jorganizzaw lilhom infushom dejjem aktar fuq dawn in-netwerks. "Share Europe Online" għandu l-għan li jiffaċilita l-interazzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni, u li ma jibgħatx opinjonijiet dwar l-Unjoni b'mod minn fuq għal isfel, bil-periklu li jinftiehmu bħala propoganda.

Il-baġit tal-azzjoni preparatorja "Share Europe Online" għandu jservi biex jikkonsolida l-prattika pożittiva li nbdiet taħt il-proġett pilota bil-ħsieb li jitlesta l-aġġornament tal-ħiliet u jiġi ffaċilitat tibdil organizzattiv ulterjuri. L-għan huwa li l-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew u r-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni jiksbu l-livell ta' għarfien espert meħtieġ sabiex jisfruttaw bis-sħiħ il-possibilitajiet offruti mill-midja soċjali sabiex tissaħħaħ l-interazzjoni maċ-ċittadini.

Bħall-proġett pilota, l-azzjoni preparatorja għandha tinvolvi persuni fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll esperti oħra minn barra, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet popolari. L-implimentazzjoni tiegħu għandha tkun ibbażata fuq metodi ta' ħidma miftiehma b'mod konġunt bejn l-istituzzjonijiet involuti tal-Unjoni.

Iż-żieda fl-użu tan-netwerks soċjali wasslet biex in-negozji ħolqu r-rwol ta' "maniġer tal-komunità tal-UE". Il-maniġers tal-komunitajiet jaġixxu bħala ħolqa bejn kumpanija u l-klijenti tagħha, "ixerrdu l-kelma t-tajba dwar il-kumpanija b'lingwa li hija speċifika għan-netwerks soċjali, jimmaniġġjaw komunitajiet virtwali u jifhmu u jirreaġixxu għall-ħtiġijiet tagħhom". B'din l-azzjoni preparatorja, il-"maniġers tal-komunità" tal-Unjoni introdotti fil-proġett pilota "Share Europe Online" setgħu jkomplu jagħmlu aċċessibbli informazzjoni dwar l-Unjoni u jirrappreżentaw id-diversi istituzzjonijiet tal-Unjoni u jipprovdu informazzjoni indipendenti dwar l-Unjoni u l-proċedimenti tagħha.

"Share Europe Online" għandu jintegra partijiet minn programmi eżistenti bħal Europe Direct, Euronews, id-diversi pjattaformi tal-web, strateġiji ta' komunikazzjoni u arkivji ta' informazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-azzjoni preparatorja setgħet tkompli l-ħidma li diġà saret taħt il-proġett pilota "Share Europe Online".

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 77 *(ikompli)*

16 03 77 05 *(ikompli)*

"Share Europe Online", implimentata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni, hija tweġiba għall-ħtieġa li l-politiki tal-komunikazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jiġu allineati mar-realtajiet tal-internet u tal-midja soċjali. Hija timmira li ttejjeb il-mod kif l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jikkomunikaw maċ-ċittadini fuq il-midja soċjali billi żżid il-preżenza onlajn tal-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew u tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, billi tagħmel il-komunikazzjoni tagħhom aktar interattiva u mfassla apposta skont l-interessi lokali kif ukoll skont l-ispeċifitajiet tax-xeni tal-midja soċjali nazzjonali. Din l-azzjoni timmira wkoll li tindirizza d-distakk li hemm fil-komunikazzjoni istituzzjonali fuq in-netwerks soċjali bil-lingwi lokali. Permezz tal-azzjoni , l-istituzzjonijiet qed ifittxu modi u mezzi kif itejbu s-sostenibbiltà fl-istrateġiji tal-komunikazzjoni tagħhom fuq il-midja soċjali minn perspettiva kwalitattiva u ta' kosteffiċjenza. L-approprjazzjonijiet se jintużaw biex jipprovdu lill-Uffiċċji ta' Informazzjoni u lir-Rappreżentanzi għarfien espert relatat mal-midja soċjali u appoġġ strateġiku u tekniku permezz ta' sejħiet għall-offerti.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2966/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 rigward ir-Regoli Finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jirrevoka ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

16 03 77 06 Proġett pilota — Il-weġħda tal-Unjoni Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	218 093	469 850,—	402 350,—

Kummenti

Ex *Partita 16 02 77 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

KAPITOLU 16 03 — AZZJONIJIET TA' KOMUNIKAZZJONI *(ikompli)*

16 03 77 *(ikompli)*

16 03 77 07 Azzjoni preparatorja — Dar Ewropea għas-Soċjetà Ċivili

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	229 788,—

Kummenti

Ex *Partita 16 02 77 04*

Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 12 *(ikompli)*

17 03 12 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) Nru 1235/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 1).

17 03 12 02 Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
9 972 000	9 972 000	6 800 000	6 800 000	9 681 800,—	9 432 260,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribuzzjoni speċjali stipulata fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 141/2000, kontra kif stipulat fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004. Tintuża mill-Aġenzija biss biex tikkumpensa t-telfien parzjali jew totali ta' pagamenti li jkunu assenjati għal prodott mediku orfni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 13 Ftehimiet internazzjonali u adeżjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-kontroll tat-tabakk

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
200 000	200 000	210 000	188 729	106 483,48	106 483,48

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribut tal-Unjoni għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (FCTC), li l-Komunità rratifikat u li tagħha l-Unjoni hija parti.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2004 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Kwadru tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 8).

17 03 51 Tlestija tal-programmi dwar is-saħħa pubblika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	16 000 000	p.m.	24 967 569	1 907,28	40 699 520,09

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji relatati mas-snin preċedenti skont id-Deċiżjonijiet Nru 1786/2002/KE u Nru 1350/2007/KE.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) (ĠU L 271, 9.10 2002, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 51 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3).

17 03 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

17 03 77 01 Proġett pilota — Sitwazzjoni ġdida tal-impjiegi fis-settur tas-saħħa: l-aħjar prattiki għat-titjib tat-taħriġ professjonali u tal-kwalifiki tal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa' u r-remunerazzjoni tagħhom

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	p.m.	0,—	48 085,10

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 02 Proġett pilota — Riċerka kumplessa dwar is-Saħħa, l-Ambjent, it-Trasport u t-Tibdil fil-Klima — Titjib tal-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 297 978,11

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 03 Proġett Pilota — Konsum ta' Frott u Ħaxix

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	350 000	p.m.	250 000	0,—	506 119,86

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 04 Proġett pilota — Dieta tajba għas-saħħa: l-ewwel snin u t-tixjiħ tal-popolazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	p.m.	630 000	0,—	394 180,22

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 05 Proġett pilota — Żvilupp u implimentazzjoni ta' strateġiji għall-prevenzjoni b'suċċess tad-dijabete tat-Tip 2

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	400 000	p.m.	300 000	0,—	0,—

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 05 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 06 Azzjoni preparatorja — Reżistenza antimikrobika (RAM): Riċerka dwar il-kawżi ta' użu antibijotiku frekwenti u mhux xieraq

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	320 000	p.m.	300 000	0,—	320 308,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 07 Azzjoni preparatorja — Ħolqien ta' netwerk ta' esperti tal-Unjoni fil-qasam ta' kura adattata għall-adolexxenti bi problemi psikoloġiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	400 000	p.m.	262 000	0,—	299 528,—

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 07 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 08 Proġett pilota — Protokoll Ewropew ta' Prevalenza għall-identifikazzjoni bikrija tad-disturbi tal-ispettru awtistiku fl-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	630 000	p.m.	551 000	794 011,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 09 Proġett pilota — Promozzjoni tas-sistemi tal-kura personali fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	600 000	p.m.	525 000	1 000 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt dan il-proġett pilota.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 09 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 10 Proġett pilota — Mekkaniżmi speċifiċi għall-ġeneri fil-marda tal-arterji koronarji fl-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	297 000	p.m.	262 000	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti taħt dan il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 11 Azzjoni Preparatorja — Konsum ta' Frott u Ħaxix

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	225 000	p.m.	225 000	750 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 11 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 12 Proġett pilota — Tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa: bini ta' għarfien espert u evalwazzjoni ta' azzjonijiet.

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	450 000	p.m.	450 000	1 500 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt dan il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 13 Proġett pilota — L-iżvilupp ta' strateġiji bbażati fuq l-evidenza għat-titjib tas-saħħa ta' persuni iżolati u vulnerabbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	p.m.	300 000	1 000 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt dan il-proġett pilota.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 13 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 14 Azzjoni preparatorja — Dieta tajba għas-saħħa: l-ewwel snin u t-tixjiħ tal-popolazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	100 000	p.m.	150 000	474 931,—	237 465,50

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja għandha l-għan li tenfasizza l-importanza ta' dieta korretta u tajba għas-saħħa bi ffukar fuq il-popolazzjoni li qed tixjieħ.

Il-fatt li l-popolazzjoni tal-Ewropa qed tixjieħ huwa fenomenu demografiku kkawżat mit-tnaqqis fil-fertilità u ż-żieda fit-tul tal-ħajja mistenni fost iċ-ċittadini Ewropej.

Il-popolazzjoni tal-Ewropa mistennija tixjieħ matul l-erbgħin sena li ġejjin u dan il-fenomenu huwa marbut mill-qrib ma' kwistjonijiet ta' nutrizzjoni.

Kif rikonoxxut f'bosta studji, in-nutrizzjoni għandha impatt qawwi u importanti fit-trattament u l-prevenzjoni ta' bosta mard kif ukoll fiż-żamma ta' saħħa tajba u tal-kwalità tal-ħajja f'popolazzjoni li qed tixjieħ.

Iktar ma tavvanza l-età hemm inċidenza għolja ta' mard kroniku. L-evidenza tindika l-effett importanti tan-nutrizzjoni, u b'mod partikolari ta' dieta bilanċjata u tajba għas-saħħa, ibbażata fuq il-frott u l-ħaxix, u fuq is-suxxettibilità għal tali mard, u l-iżvilupp u r-riżultat tagħhom.

Dan il-proġett ifittex ukoll jipprovdi informazzjoni dwar in-nutrizzjoni lill-ġenituri u lit-tfal. Hu jiffoka fuq l-ewwel snin tal-ħajja, u għalhekk jista' jkopri n-nutrizzjoni ta' qabel it-twelid, it-treddigħ u n-nutrizzjoni fit-tfulija. Il-proġett għandu żewġ objettivi ewlenin, li jeduka lill-ġenituri dwar l-importanza ta' nutrizzjoni tajba għal uliedhom, u li jeduka lit-tfal biex konxjament jagħmlu għażliet favur stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa matul ħajjithom kollha. Il-proġett jopera fil-qafas tal-Programm Saħħa u jindirizza speċifikament żewġ objettivi predominanti tal-programm: li tiġi promossa s-saħħa u jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa, u li tinxterd l-informazzjoni dwar is-saħħa.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 14 *(ikompli)*

Din l-azzjoni preparatorja se tipprova tilħaq l-udjenzi li huwa mmirat lejhom permezz ta' firxa ta' mezzi, bħall-klassijiet ta' qabel it-twelid, l-isptarijiet, in-nurseries u l-istabbilimenti ta' qabel l-iskola, u l-iskejjel. Għandha tinvolvi organizzazzjonijiet xierqa tas-soċjetà ċivili, bħall-NGOs fil-qasam tas-saħħa, kif ukoll il-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa bħal, pereżempju pedjatri u qwiebel, u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali tas-saħħa. Il-kooperazzjoni bejn dawn l-atturi differenti għandu jkollha l-għan li tipprovdi edukazzjoni mmirata dwar in-nutrizzjoni, indipendentement mill-industrija tal-ikel, kemm lill-ġenituri kif ukoll lit-tfal. Il-kampanji ta' informazzjoni jistgħu jitnedew f'forma ta' fuljetti (biex jingħataw, pereżempju, mill-qwiebel lin-nisa tqal, jew mill-pedjatri lill-ġenituri) jew ta' preżentazzjonijiet fl-iskejjel.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 15 Azzjoni preparatorja — Studju Ewropew dwar il-piż u l-kura tal-epilessija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	246 000	p.m.	324 000	1 230 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

L-epilessija hija marda tal-moħħ karatterizzata minn predispożizzjoni dewwiema li tiġġenera attakki epilettiċi, u minn konsegwenzi newrobijoloġiċi, konjittivi, psikoloġiċi, u soċjali ta' din il-kundizzjoni . Tal-aħħar jinkludu mewt prematura, stigmatizzazzjoni, esklużjoni soċjali, u tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja. Filwaqt li huma disponibbli trattamenti effettivi, jeżistu ostakli fir-rigward tal-aċċess għall-kura tas-saħħa li jikkawżaw diskrepanzi sinifikanti fit-trattamenti. Stħarriġ Ewropew li sar aktar minn deċennju ilu indika li kien hemm riżorsi insuffiċjenti u diskrepanzi importanti fid-disponibilità tal-kura tal-epilessija fost l-Istati Membri , iżda s-sitwazzjoni attwali mhijiex magħrufa. B'żieda mad-diffikultajiet fl-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati, l-istimi tal-prevalenza u l-kost tal-epilessija fl-Ewropa jvarjaw b'mod konsiderevoli. Analiżi riċenti mill-European Brain Council stmat li madwar 2.6 miljun persuna fl-Ewropa għandhom l-epilessija, filwaqt li rapport WHO/ ILAE/IBE jistima li madwar 6 miljun persuna fl-Ewropa jbatu mill-epilessija. Ir-rata reali ta' prevalenza tal-epilessija probabbilment tista' tvarja xi ftit bejn il-pajjiżi u r-reġjuni, u possibbilment anke maż-żmien. Madankollu, mhuwiex ċar jekk ir-raġunijiet għall-varjabilità kemm bejn il-pajjiżi u kemm fil-pajjiżi stess f'rati ta' prevalenza rrappurtati fl-Ewropa humiex spjegati minn differenzi reali fil-prevalenza, minn differenzi fil-metodoloġija u n-nuqqas ta' data affidabbli, jew minn kombinazzjoni ta' dawn kollha.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 15 *(ikompli)*

Il-piż tal-epilessija fl-Ewropa huwa għalhekk qasam karatterizzat minn nuqqasijiet konsiderevoli fl-għarfien b'pajjiżi u reġjuni maġġuri mhux riċerkati, u minn osservazzjonijiet konfliġġenti fil-pajjiżi fejn twettqet tali riċerka. Għalhekk hemm ħtieġa urġenti għal studju komprensiv aktar definittiv fl-Ewropa kollha dwar il-piż tal-epilessija u l-aċċess għall-kura tas-saħħa permezz tal-użu ta' metodoloġija xierqa u standardizzata. L-informazzjoni li tirriżulta minn dan l-istudju se tkun essenzjali għall-pjanijiet ta' azzjoni inklużi deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-provvediment ta' kura għall-epilessija sostenibbli, adegwata, ugwali u kosteffettiva fl-Ewropa kollha. Approċċ immirat għat-twassil tal-kura huwa speċjalment importanti għal kundizzjoni bħall-epilessija li tirrapporta piż għoli ta' mard. Il-konfigurazzjoni tat-twassil tas-servizzi tal-kura tas-saħħa sabiex jittaffa dan il-piż fl-Ewropa kollha teħtieġ data preċiża mhux biss dwar dawk li jeħtieġu trattament, dwar attitudnijiet lejn l-epilessija fis-soċjetà u dwar ostakli eżistenti għall-aċċess għall-kura tas-saħħa, iżda wkoll dwar il-kost ekonomiku tal-kura.

Hu mistenni li studju fuq din l-iskala jkollu impatt kbir fuq l-identifikazzjoni ta' jekk hemmx żoni fl-Ewropa fejn l-epilessija tista' tiġi vvalutata definittivament bħala aktar prevalenti minn ohrajn. Wieħed jittama li dak l-istudju jipprovdi wkoll evidenza konklużiva tar-rata ta' prevalenza tal-epilessija fl-Unjoni li jkollha impatt kbir fuq kif il-marda hija meqjusa f'termini ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi. Bl-istess mod, studju tal-kostijiet jippermetti ppjanar aħjar għall-ġestjoni ta' din il-marda. L-istudju huwa mistenni li jidentifika nuqqasijiet f'dak li attwalment huwa meqjus bħala kura frammentata tal-epilessija b'differenzi kbar fir-riżorsi bejn l-Istati Membri u kif ukoll il-ħtieġa għal edukazzjoni tal-pubbliku u l-ħaddiema fil-kura tas-saħħa biex jiġġieldu kontra l-istigma assoċjata mal-epilessija. L-istudju Ewropew uniku propost se jiffaċilita azzjoni pan-Ewropea kkoordinata biex tiżgura kura ugwali għall-epilessija u kwalità tal-ħajja għall-persuni li jbatu mill-epilessija. Se juri wkoll il-ħtieġa għall-Istati Membri individwali biex itejbu l-aċċessibbiltà tal-kura tal-epilessija, li fl-aħħar ittejjeb il-ħajja tal-persuni li jbatu mill-epilessija fl-Ewropa u tnaqqas il-kostijiet tal-marda.

Objettiv tal-proġett

L-objettiv tal-proġett huwa li jivvaluta l-piż tal-epilessija kif ukoll il-kura tas-saħħa tal-epilessija disponibbli fl-Unjoni Ewropea sabiex tinbena pjattaforma tal-informazzjoni kkoordinata fl-Istati Membri kollha tal-UE bl-involviment tal-NGOs, partijiet interessati u organizzazzjonijiet governattivi fir-rigward tal-piż tal-epilessija. Prattiki tajba se jiġu identifikati u se jsiru rakkomandazzjonijiet għal kura tas-saħħa aħjar madwar l-Unjoni kollha.

L-objettiv strateġiku huwa li tingħata d-data neċessarja għall-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati għall-kura ta' kwalità għolja għall-epilessija ugwali fl-Istati Membri kollha u b'hekk jitneħħew id-diskrepanzi fit-trattament, jiġu evitati l-konsegwenzi devastanti tal-epilessija, jitnaqqsu l-qgħad, l-istigma, u l-iżolament, u tiġi żgurata kwalità tal-ħajja mtejba għall-persuni li jbatu mill-epilessija, b'mod konformi mar-rakkomandazzjonijiet tad-Dikjarazzjoni bil-Miktub dwar l-Epilessija tal-Parlament Ewropew.

Deskrizzjoni tal-proġett

Dan il-proġett kieku l-ewwel jiddefinixxi metodoloġija standardizzata xierqa għall-istudju dwar l-istigma u l-attitudnijiet pubbliċi relatati mal-epilessija u l-inċidenza, il-prevalenzau l-kost tagħha u l-aċċess għall- organizzazzjoni u l-kura tal-epilessija. L-azzjoni proposta hija studju standardizzat, prospettiv u bbażat fuq il-popolazzjoni mwettaq f'reġjuni rappreżentattivi f'minn 8 sa 12-il Stat Membru. Dawn se jintgħażlu biex jirrappreżentaw lir-reġjuni kollha tal-Unjoni, Lvant, Punent, Tramuntana u Nofsinhar, u biex jinkludu pajjiżi fejn m'hemmx data disponibbli. Ċerti pajjiżi fejn id-data hija disponibbli minn riċerka preċedenti se jkunu wkoll inklużi biex jippermettu l-validazzjoni tal-metodoloġija attwali. Timijiet tar-riċerka se jiġu stabbiliti fil-pajjiżi parteċipanti. Dawn se jużaw metodoloġija b'sorsi differenti biex ifittxu f'żona ġeografika definita sptarijiet, istituzzjonijiet, prattikanti ġenerali, laboratorji EEG rilevanti biex jaċċertaw każijiet li jissodisfaw il-kriterji għall-epilessija kif definit mill-ILAE. L-għan huwa li jitkoprew kull grupp ta' età, dewmien tal-mard, u severità. Il-kost tal-kura tas-saħħa u l-kostijiet mhux mediċi diretti kif ukoll kostijiet indiretti se jiġu determinati

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 15 *(ikompli)*

prospettivament matul perjodu ta' sena għal kull każ ta' epilessija kif ukoll għall-kontrolli mqabbla mingħajr epilessija. L-analiżi se tinkludi valutazzjonijiet ta' stigma, kwalità tal-ħajja, impjieg u aċċess għall-kura tas-saħħa. It-timijiet tar-riċerka lokali se jużaw kwestjonarji validati biex jivvalutaw għarfien u attitudnijiet lejn l-epilessija fost il-pubbliku u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa fir-reġjuni tagħhom kif ukoll jispezzjonaw l-organizzazzjoni tas-saħħa reġjonali għall-kura tal-epilessija.

Ir-riżultati jintużaw biex jifformulaw rakkomandazzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politika inklużi metodi ta' segwitu għall-implimentazzjoni u s-sostenibbiltà tagħhom.

Bażi ġuridika

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 16 Proġett pilota — L-effett ta' modi ta' trattament differenti għall-mard fil-kliewi u d-donazzjoni ta' organi u l-prattiki tat-trapjanti fuq l-infiq fuq is-saħħar u l-eżiti tal-pazjenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	1 000 000	500 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Iktar minn 10 % tal-Ewropej ibatu minn mard tal-kliwi kroniku (CKD), b'riskju għoli li jiggrava għal falliment tal-kliewi totali li jkun jeħtieġ terapija ta' sostituzzjoni tal-kliewi - jew dijaliżi jew trapjant. L-epidemija dejjem tikber tad-dijabete u l-mard kardjovaskulari qed iżżid dawn in-numri. Id-dijaliżi tiddependi ħafna fuq ir-riżorsi, bi spiża ta' EUR 40 000 sa EUR 80 000 għal kull pazjent, fis-sena skont il-pajjiż u l-metodu, filwaqt li t-trapjant ta' kilwa jiswa daqs id-dijaliżi fl-ewwel sena, iżda inqas minn 40 % ta' dak l-ammont fis-snin sussegwenti. Il-prospetti, inkluża l-istennija tat-tul ta' ħajja u l-kwalità tal-ħajja, dejjem huma aqwa wara trapjant ta' kilwa milli wara dijaliżi. Kważi 50 000 Ewropew jinsab fuq il-lista ta' stennija għal kilwa, minħabba n-nuqqas attwali ta' organi donati, xi whud minnhom imutu waqt li jistennew.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 16 *(ikompli)*

Dan il-proġett pilota jqabbel, minn perspettiva makroekonomika, tad-diversi modi ta' trattament għal CKD fl-Istati Membri billi jinvestiga l-fatturi li jinfluwenzaw l-għażla tat-trattament (mill-pazjent jew it-tabib) u l-impatt ta' dik l-għażla fuq il-baġits tal-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, il-proġett jeżamina l-ostakoli għar-rati tad-donazzjoni u t-trapjanti. Huwa jwieġeb il-mistoqsija: "Liema hija r-raġuni għad-differenza enormi fil-prattika tal-ġestjoni globali tas-CKD u l-aċċess għat-trapjant fl-Ewropa, u dawn il-prattiki kif jistgħu jiġu armonizzati sabiex tiġi żgurata kwalità ugwali u mtejba tal-kura filwaqt li jitnaqsu l-ispejjeż?"

Fi żminijiet ta' kriżi ekonomika, huwa kruċjali li jinsabu mezzi għat-titjib tal-effiċjenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri. Fit-trattament tas-CKD, iż-żewġ modi ta' trattament ewlenin huma disponibbli bħalissa: id-dijaliżi u t-trapjant tal-kliewi.

Fir-rigward tad-dijaliżi, hu meħtieġ li jkun valutat liema tip ta' dijaliżi jagħti riżultat aħjar minn żewġ perspettivi: l-ewwel, għall-pazjent (kwalità mtejba tal-ħajja u aċċettazzjoni aħjar) u t-tieni, mil-lat ekonomiku tas-saħħa.

It-trapjant mhuwiex użat daqs id-dijaliżi, minkejja l-fatt li joffri kwalità tal-ħajja ħafna aħjar u hu iktar kosteffiċjenti. B'hekk, valutazzjoni tad-diversi prattiki organizzattivi nazzjonali li għandhom rwol fil-faċilitazzjoni tat-trapjant (jiġifieri diversi politiki ta' donaturi tal-organi, sistemi ta' kunsens differenti, l-eżistenza ta' koodrinaturi tat-trapjanti, ftehimiet bilaterali jew multilaterali għall-iskambju transkonfinali ta' organi bejn Stati Membri, eċċ) hi essenzjali sabiex jiġu identifikati u sostnuti l-prattiki li fl-aħħar mill-aħħar għandhom effett sinifikanti fuq iż-żminijiet ta' stennija għal trapjanti.

Dawn id-differenzi fil-politiki tad-donaturi jaffettwaw ħafna ż-żmien ta' stennija għal trapjant, u ż-żminijiet ta' stennija twal għad-dijaliżi għandhom ħafna effetti ħżiena fuq il-kandidati ta' trapjant tal-kliewi:

— Ir-rata ta' mewt meta jkunu fuq dijaliżi hija ogħla meta mqabbla mar-rata ta' sopravivenza wara trapjant,

— iktar ikun twil iż-żmien ta' stennija fuq dijaliżi, inqas jirnexxi t-trapjant u inqas jissopravivi l-pazjent,

— fl-aħħar, l-ispejjeż tad-dijaliżi huma ħafna ogħla minn dawk assoċjati ma' trapjant tal-kliewi li jiffunzjona, li jfisser li iktar ma jkun twil iż-żmien ta' stennija fuq dijaliżi, iktar ikun għoli l-infiq totali.

Dawn il-fatturi għandhom impatt sinifikanti mhux biss fuq l-aċċess għat-trapjant iżda wkoll fuq l-infiq totali għat-trattament ta' CKD. Għalhekk, hu kritiku li tingħabar l-informazzjoni meħtieġa dwar l-impatt tagħhom fuq l-eżiti tat-trattament finali, f'termini kemm ta' kwalità tal-kura kif ukoll tal-kosteffiċjenza.

Bħalissa, xi Stati Membri huma organizzati aħjar minn oħrajn fir-rigward tat-trattament ta' dijaliżi u t-trapjant tal-kliewi. Dan jirriżulta mill-fatt li xi Stati Membri inkludew ir-rwol tal-koordinazzjoni tad-donaturi tat-trapjanti fl-istrutturi nazzjonali tagħhom u stabbilixxew kollaborazzjoni permezz ta' netwerks speċjalizzati bħal Eurotransplant u Scandia-transplant.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 16 *(ikompli)*

Dan il-proġett jivvaluta s-sitwazzjoni fl-Istati Membri, jaqsam u jibni fuq l-għarfien espert u d-data mill-inizjattivi eżistenti u r-reġistri. Barra minn hekk, il-proġett iqis ix-xogħol li sar fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjant, u proġetti oħra fil-qasam, bħal ETPOD, EULID, ELUPSY u l-Azzjoni Konġunta tal-ACCORD li tiffoka fuq d-donazzjoni qabel il-mewt.

Peress li l-progress fl-implimentazzjoni tal-politiki tas-saħħa, inklużi l-politiki tad-donazzjoni u l-politiki tal-lista ta' stennija, hija r-responsabilità tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, il-proġett se jinvolvi lil dawk l-awtoritajiet f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet speċjalizzati bħas-Soċjetà Ewropea tat-Trapjanti tal-Organi (ESOT) u l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Koordinaturi tat-Trapjanti (ETCO) u se jagħtihom l-aċċess għal dak l-input ta' esperti tal-organizzazzjonijiet.

Riżultati mistennija

Fil-qosor, l-investigazzjoni ta' ħafna fatturi li jinfluwenzaw l-għażla tal-mod ta' trattament tas-CKD għal pazjenti tal-kliewi u d-diversi prattiki organizzattivi li għandhom rwol fil-faċilitazzjoni tat-trapjanti tal-kliewi tgħin biex ikun hemm prattiki ta' trattament għall-mard tal-kliewi mtejba u iktar kost effiċjenti fl-Istati Membri.

L-għan globali tal-proġett hu li jipprovdi idea ġenerali tad-diversi modi ta' trattament u l-fatturi li jinfluwenzaw l-għażla ta' dawk il-modalitajiet fl-Istati Membri, bil-għan li jarmonizza t-trattamenti għall-mard tal-kliewi tal-aħħar stadju u biex itejjeb id-disponibbiltà tat-trapjanti madwar l-Istati Membri, filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u tittejjeb il-kwalità tal-kura.

Hu mistenni li xi Stati Membri li jipparteċipaw fil-proġett ikunu jistgħu jużawh bħala pass 'il quddiem lejn l-implimentazzjoni tajba tad-Direttiva 2010/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 Lulju 2010 dwar l-istandards tal-kwalità u s-sigurezza ta' organi umani maħsuba għal trapjanti (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 14) u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 17 Proġett pilota — Pjattaforma biex tiżdied id-donazzjoni ta' organi fl-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien: Eudonorg 2015-2016

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	180 000	600 000	300 000		

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 17 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota bbażat fuq it-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni soċjali li tippromwovi riflessjoni pubblika dwar id-donazzjoni tal-organi fost iċ-ċittadini. Dan jinkludi t-tħarriġ dwar it-trapjanti għal attivisti soċjali li jgħaddu l-aspetti pożittivi prinċipali lis-soċjetà.

Il-proġett huwa għas-soċjetà sħiħa, b'enfasi speċjali fuq il-familji, l-atturi ekonomiċi u soċjali u l-professjonisti tas-saħħa bħala attivisti soċjali potenzjali li jsostnu d-donaturi u r-riċeventi ta' organi.

Attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni jiġu organizzati fl-iskejjel u l-istabbilimenti tat-taħriġ vokazzjonali sabiex tiżdied id-donazzjoni ta' organi u ta' tessuti u jitjieb il-proċess ta' distribuzzjoni u r-rati ta' trapjanti.

Il-kunsens espress u preżunt jitħeġġeġ sabiex jiżdied l-għadd ta' donaturi.

Prattiki tajba, li jestendu għat-telemediċina jkunu maqsuma. Isiru rakkomandazzjonijiet f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet u l-professjonisti tas-saħħa.

Titwaqqaf bażi ta' data tad-donazzjoni ta' organi u ta' trapjanti għall-Unjoni u l-pajjiżi ġirien bil-għan li:

— tiġi analizzata s-sitwazzjoni preżenti fl-Unjoni u l-pajjiżi ġirien,

— Jiġi pprovdunti indikaturi għall-monitoraġġ tar-rendiment globali fil-ġestjoni ta' organi donati u ttrapjantati.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 18 Proġett pilota — Tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa esperjenzati mill-persuni LGBTI

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	135 000	450 000	225 000		

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 18 *(ikompli)*

Kummenti

L-għanijiet:

— Li jinfiehmu aħjar l-inugwaljanzi speċifiċi tas-saħħa li jesperjenzaw il-persuni lesbjani, gay, bisesswali, transgeneri u intersesswali (LGBTI), li jiffukaw b'mod partikolari fuq inugwaljanzi doppji li jirriżultaw minn diskriminazzjoni għal raġunijiet oħra (eż l-età, id-diżabilità, ir-razza u l-etniċità) u l-barrieri li jaraw ma' wiċċhom il-professjonisti tas-saħħa meta jkunu qegħdin jagħtu kura lil dawk il-gruppi.

— Li l-professjonisti tas-saħħa jingħataw għodod speċifiċi biex jiġi żgurat li huma jkollhom il-ħiliet it-tajba u l-għarfien biex jegħlbu dawk il-barrieri u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa.

Deskrizzjoni

Dan il-proġett ikompli mill-proġett tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali "L-awtoritajiet pubbliċi u d-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBT" li fih il-professjonisti tal-kura tas-saħħa ġew intervistati dwar inugwaljanzi speċifiċi tas-saħħa li jsibu ma' wiċċhom il-persuni LGBTI. Huwa jikkumplementa l-proġetti pilota "Tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa: bini tal-kompetenza u valutazzjoni tal-azzjonijiet" (Partita 17 03 77 12) u "Żvilupp ta' strateġiji bbażati fuq l-evidenza biex tittejjeb is-saħħa tal-persuni iżolati u vulnerabbli" (Partita 17 03 77 13), li jindirizzaw l-inugwaljanzi tas-saħħa, iżda mhux kif jiġu esperjenzati mill-persuni LGBTI. Biex timtela dik il-lakuna, dan ikun il-punt fokali ta' dan il-proġett.

L-eżiti:

— Tinġabar informazzjoni dwar inugwaljanzi tas-saħħa speċifiċi esperjenzati mill-persuni LGBTI; tingħata attenzjoni partikolari lil dawk fi ħdan dan il-grupp li jinsabu f'riskju ta' inugwaljanza bħala riżultat tal-età, id-diżabilità, ir-razza jew l-isfond etniku tagħhom.

— Il-professjonisti tas-saħħa jkunu konxji kemm ta' dawk l-inugwaljanzi tas-saħħa u kemm tal-barrieri li jiffaċċjaw huma stess meta jkunu qed jagħtu kura lil dawk il-gruppi. Huma jkollhom dak li hemm bżonn biex jegħlbu dawn il-barrieri permezz ta' moduli ta' taħriġ.

— Il-moduli ta' taħriġ isiru disponibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha fil-qasam tas-saħħa fl-Unjoni kollha kemm hi.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 19 Proġett pilota — Aċċess għall-kura tas-saħħa fiż-żoni rurali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	1 000 000	500 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' April 2014 li ġġib l-isem "Dwar sistemi tas-saħħa effettivi, aċċessibbli u reżiljenti" (COM(2014) 215 final) enfasizzat li l-aċċessibbiltà għall-kura tas-saħħa kienet waħda mit-tliet pilastri tal-aġenda tal-Unjoni għal sistemi tas-saħħa effettivi, aċċessibbli u reżiljenti.

L-aċċess għall-kura tas-saħħa fiż-żoni rurali hija problema partikolari fi Stati Membri varji. Hekk kif il-popolazzjonijiet jiċċaqilqu lejn żoni urbani, ħaġa li tirriżulta fit-tħassir tal-bliet ta' daqs żgħir u medju, il-kwistjoni dwar l-għoti adegwat tal-kura tas-saħħa fiż-żoni rurali l-ġodda se ssir ta' importanza akbar fi Stati Membri oħra wkoll.

Il-proġett jgħin biex inaqqas id-disparitajiet fl-aċċessibilità għall-kura tas-saħħa u jiżgura aċċess ekwu fiż-żoni rurali fi ħdan u fost l-Istati Membri kollha. Jiġu identifikati u skambjati prattiki tajba dwar il-politiki u l-għodod utilizzati biex jittejjeb l-aċċess għall-kura tas-saħħa fiż-żoni rurali, filwaqt li jitqiesu fatturi bħalma huma l-aċċess għall-faċilitajiet u għall-professjonisti mediċi, kif ukoll il-kost tal-kura tas-saħħa u kemm hi affordabbli, l-aħjar daqs tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-iskop li ssir kollaborazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri. L-attivitajiet speċifiċi li jridu jitwettqu skont dan il-proġett se jiġu stipulati wara proċess ta' konsultazzjoni fost l-Istati Membri u l-parteċipanti ikkonċernati fil-qasam tal-politika tas-saħħa pubblika u l-politika tal-kura tas-saħħa.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 20 Proġett pilota — Stabbiliment ta' reġistru tal-malformazzjonijiet konġenitali rari (bħala parti mir-Reġistru tal-Mard Rari) abbażi tal-istruttura, l-organizzazzjoni u l-esperjenza tar-Reġistru Pollakk tal-Malformazzjonijiet Konġenitali.

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
100 000	50 000				

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 20 *(ikompli)*

Kummenti

Il-mard rari (li 85 % tiegħu huwa ġenetiku) huwa mard ta' periklu għall-ħajja jew ta' indeboliment kroniku li jkollu prevalenza baxxa (anqas minn 5 każi għal kull 10 000 persuna). Huwa stmat li attwalment jeżistu bejn 5 000 u 8 000 tip ta' mard rari distint, li jolqtu bejn is-6 % u t-8 % tal-popolazzjoni (madwar 27 u 36 miljun persuna fl-UE).

Madwar 20-25 % tal-mard rari huwa malformazzjonijiet konġenitali rari (iżolati jew multipli, inklużi sindromi ta' malformazzjoni).

Il-EUROCAT ċaqlaq il-bażijiet tad-data u l-istrutturi amministrattivi tiegħu lejn iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka f'Ispra, fejn tinsab il-Pjattaforma tal-Mard Rari. Madankollu, it-tgħaqqid ta' reġistri tal-malformazzjonijiet biex jiġi stabbilit reġistru tal-mard rari għall-malformazzjonijiet rari (iżolati jew multipli, inklużi sindromi ta' malformazzjoni) se jirrikjedi azzjoni mmirata u l-ġbir ta' informazzjoni addizzjonali. Dan għandu jsir fil-livell nazzjonali u għal dan l-għan hemm bżonn ta' riżorsi addizzjonali. Objettiv tal-proġett pilota: l-istabbiliment ta' Reġistru Pollakk tal-Malformazzjonijiet Konġenitali Rari (bħala parti mir-Reġistru tal-Mard Rari) abbażi tal-istruttura, l-organizzazzjoni u l-esperjenza tar-Reġistru Pollakk tal-Malformazzjonijiet Konġenitali. Dan il-mudell, jekk jirnexxi, ikun jista' jiġi implimentat ukoll fi Stati Membri oħra.

Il-proġett pilota se jikkomplementa l-iżvilupp fi ħdan il-JRC–SANTE ta' Pjattaforma tal-UE għar-Reġistrazzjoni tal-Mard Rari, li għandha tipprovdi punt ta' aċċess komuni għall-ġbir tad-data dwar il-mard rari madwar l-Ewropa. Il-proġett pilota se jgħin fl-aġġornament ta' indikaturi fil-qasam tas-saħħa pubbliku li jkollhom rilevanza politika u bażi xjentifika soda u se jipprovdi informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra dwar kif jiżviluppaw sistemi ta' reġistrazzjoni nazzjonali tal-mard rari abbażi tar-reġistri eżistenti tal-anomaliji konġenitali.

Kompiti:

— juża l-pjattaforma tar-Reġistru Pollakk tal-Malformazzjonijiet Konġenitali, li jipproduċi indikaturi fil-qasam tas-saħħa pubblika għal grupp speċjali ta' mard rari — il-malformazzjonijiet rari (sindromi ta' malformazzjoni iżolati u multipli — madwar 20-25 % tal-mard rari kollu);

— jipproduċi data dwar il-prevalenza u rapport ta' sorveljanza (inklużi tendenzi u raggruppamenti fejn ikunu rilevanti) dwar grupp ta' mard rari magħżul fil-Polonja.

Metodi:

Ir-Reġistru Pollakk tal-Malformazzjonijiet Konġenitali huwa mudell eċċellenti biex jiġi esplorat jekk ir-reġistru ta' difetti tat-twelid jistax jiġi estiż biex jinħoloq reġistru tal-mard rari. Il-Grupp ta' Ħidma Ċentrali tar-Reġistru Pollakk tal-Malformazzjonijiet Konġenitali jinkludi 10 ġenetisti kliniċi u l-għarfien espert tiegħu jista' jiġi applikat għall-proġett. Ir-Reġistru Pollakk tal-Malformazzjonijiet Konġenitali jikkollabora mal-kliniċi ġenetiċi kollha fil-Polonja u ma' aktar minn 1 500 klinika, sala ta' sptar u unitajiet għall-kura ta' pazjenti esterni madwar il-Polonja. Sabiex ir-Reġistru Pollakk tal-Malformazzjonijiet Konġenitali jiġi estiż biex jinħoloq reġistru tal-mard rari, se tingħabar u tiġi analizzata data addizzjonali. Se tiġi introdotta l-kollaborazzjoni mal-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 20 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 21 Proġett pilota — Sostenn għan-nisa f'diffikultà minħabba problema ta' alkoħol, biex jonqsu r-riskji partikolarment waqt it-tqala

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
350 000	150 000				

Kummenti

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li titwaqqaf struttura ta' appoġġ speċifikament għan-nisa b'mod partikolari matul it-tqala. L-għan huwa li jonqos l-għadd ta' tfal esposti għall-alkoħol fil-ġuf jew milquta mis-Sindrome tal-Alkoħoliżmu Fetali (FAS), permezz ta' azzjonijiet prattiċi billi pereżempju n-nisa bi problema tal-alkoħol jintbagħtu għand speċjalista fil-qasam tal-prevenzjoni, jiġu kkoordinati l-isforzi ta' appoġġ, jitwaqqfu gruppi ta' diskussjoni speċifiċi għan-nisa, jingħata appoġġ lill-familji matul laqgħat informali bejnhom u bejn professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa, u titħeġġeġ il-parteċipazzjoni volontarja tan-nisa fl-isforzi ta' prevenzjoni primarja.

Billi jintlaħqu n-nisa f'diffikultà, jitlaqqgħu flimkien, jiġu pprovduti b'appoġġ mediku u soċjali u bl-involviment tal-familji tagħhom, l-istruttura ta' appoġġ se tfittex li trawwem impenn qawwi min-naħa tan-nisa biex jirċievu trattament għall-vizzju tagħhom u jiġu offruti pakkett ta' kura ddedikat, komprensiv u kkoordinat, taħt is-superviżjoni tal-professjonisti.

Sfond:

L-espożizzjoni qabel it-twelid għall-alkoħol u l-problemi fis-soċjetà li ġġib magħha hija kwistjoni serja ħafna fil-qasam tas-saħħa pubblika. L-FAS tolqot bejn 1 u 2 %tat-trabi li jitwieldu ħajjin fl-Ewropa u aktar minn 4 % f'ċerti komunitajiet (fl-Italja, fil-Kroazja, f'Réunion). Minn 20 % tan-nisa li ddikjaraw li kkonsmaw l-alkoħol waqt il-perjodu tat-tqala, huwa stmat li 1 % tat-tfal se jkollhom problemi li mhux dejjem jiġu identifikati fit-twelid.

Fl-Istati Membri kollha attwalment qiegħda tiġi osservata żieda fl-alkoħoliżmu femminili u fix-xorb bla rażan fost iż-żgħażagħ, u dan qiegħed iżid ir-riskji marbuta ma' konsum mhux xieraq tal-alkoħol. B'rispons għal din is-sitwazzjoni, nhar id-29 ta' April 2015, il-Parlament adotta riżoluzzjoni fejn appella lill-Kummissjoni tfassal strateġija Ewropea ġdida dwar l-alkoħol.

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 21 *(ikompli)*

F'ħafna postijiet għad hemm tabù rigward in-nisa li jixorbu, u dawk li jixorbu huma stigmatizzati. Ir-responsabbiltà titqiegħed fuq min jikkonsma u mhux fuq il-prodott ikkonsmat. Omm li tbati mill-marda tal-alkoħoliżmu hija ħatja darbtejn, l-ewwel nett minħabba l-vizzju tagħha u t-tieni għaliex din titqies bħala omm ħażina u li uliedha jistgħu jitpoġġew fi stabbilimenti ta' kura. L-esperjenza turi li n-nisa li qegħdin ibatu bi problema tal-alkoħol huwa estremament improbabbli li jirrikkorru għal appoġġ formali u għal servizzi ta' trattament tal-vizzju. Għaldaqstant għandu jiġi kkunsidrat x'inhu jżomm lil dawn in-nisa milli jfixxtu kura, u għandhom jingħataw l-appoġġ u s-segwitu li jeħtieġu.

L-identifikazzjoni ta' persuni fir-riskju fl-età l-aktar bikrija possibbli u li jiġu offruti kura medika u paramedika adegwata u appoġġ soċjali, edukattiv u okkupazzjonali huma fatturi ta' importanza kbira, mhux biss sabiex jiġi żgurat li kulħadd jingħata ċans tajjeb fil-ħajja iżda wkoll minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw jekk dan ma jsirx. Bħala prijorità għandu jkun żgurat li l-problemi tal-alkoħol jiġu identifikati fl-aktar stadju bikri tat-tqala, u idealment qabel il-bidu tagħha, biex b'hekk in-nisa kkonċernati jiġu megħjuna jieqfu jixorbu.

Għalkemm fil-parti l-kbira tal-Ewropa jeżisti trattament ta' kwalità għolja kontra l-vizzji, m'hemm l-ebda provvediment speċjali għall-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa li qegħdin ibatu minn problema tal-alkoħol. Dawn in-nisa għandhom bżonn ta' xi ħadd li lest jismagħhom, li jeħodhom bis-serjetà, jassigurahom u joffrilhom l-appoġġ mingħajr indħil fil-ħajja personali tagħhom.

Objettivi:

L-objettiv ta' dan il-proġett pilota huwa li juri l-ħtieġa ta' strutturi ta' appoġġ f'dan il-qasam u l-fattibilità tagħhom. Dan il-proġett pilota sussegwentement jista' jsir azzjoni preparatorja li min-naħa tagħha tista' tifforma l-bażi għal programm Ewropew biex jindirizza l-problemi marbuta mal-espożizzjoni għall-alkoħol qabel it-twelid. Il-proġett pilota għandu jiġi implimentat b'mod parallel mal-azzjoni tad-WHO f'dan il-qasam u jikkomplementaha, u għandu jieħu spunt mill-eżiti u r-riżultati miksuba mill-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar ix-xorb fost iż-żgħażagħ u x-xorb bla rażan.

Valutazzjoni:

Il-proġett pilota se jkun ivvalutat kontinwament matul is-sentejn tiegħu. Il-valutazzjoni se tiffoka fuq għadd ta' indikaturi (l-għadd ta' nisa li jieħdu sehem, l-għadd ta' applikazzjonijiet, it-tnaqqis fir-riskju, eċċ), u jekk il-proġett huwiex jipproduċi r-riżultati mistennija minnu.

Baġit:

Il-baġit se jkopri l-ispejjeż tal-materjal (tagħmir u provvisti) għall-proġett innifsu, ir-rimunerazzjoni tal-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa involuti u l-ispejjeż ta' reklamar neċessarju.

Post ta' implimentazzjoni:

Il-proġett pilota jista' jitwettaq f'reġjun wieħed tal-Unjoni Ewropea biex imbagħad jiġi estiż għal reġjuni oħra tal-UE bħala parti minn programm Ewropew biex jiġu indirizzati l-problemi li jinqalgħu b'rabta mal-espożizzjoni għall-alkoħol qabel it-twelid, u dan jgħaqqad l-istrutturi ta' appoġġ reġjonali u jippermetti li jinġabru l-informazzjoni u l-aħjar prattiki.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 21 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 22 Proġett pilota — MentALLY

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
400 000	200 000				

Kummenti

MentALLY għandu jipprovdi għarfien ibbażat fuq l-evidenza u l-prattika sabiex imexxi proċess lejn kura tas-saħħa mentali Ewropea mtejba permezz ta' professjonisti kompetenti u li jirriflettu u jikkollaboraw b'mod effettiv fi ħdan u bejn il-linji ta' sistema tal-kura tas-saħħa mentali organizzata tajjeb, li kapaċi tikkura lil dawk kollha li għandhom bżonn. Dan il-proċess huwa neċessarju. Il-problemi tas-saħħa mentali huma komuni ħafna fl-Ewropa u hemm diskrepanza ċara fil-kura. Jeżisti nuqqas ta' trattament, hekk kif aktar min-nofs il-persuni bi problemi tas-saħħa mentali ma jirċevux il-kura professjonali li għandhom bżonn. Dan bir-riskju li l-problemi tagħhom jistgħu jaggravaw u jkunu jeħtieġu trattament aktar intensiv u li jiswa iżjed flus. Jeżisti wkoll trattament eżaġerat għall-klijenti li jirċievu trattament psikofarmakoloġiku mhux meħtieġ, jew li jibqgħu wisq fit-tul taħt kura tas-saħħa mentali. It-trattamenti psikoterapewtiċi wrew li huma effettivi biex inaqqsu l-problemi tal-kura tas-saħħa mentali u l-piż tagħhom, madankollu l-użu tal-medikazzjoni psikotropika spiss huwa aktar komuni mill-psikoterapija. Id-diskrepanza fil-kura tirriżulta, tal-anqas parzjalment, minħabba nuqqas ta' valutazzjoni adegwata u ta' dijanjosi tal-problemi tas-saħħa mentali; nuqqas ta' aċċessibilità għall-kura tas-saħħa mentali, speċjalment għal gruppi vulnerabbli (pereżempju nisa, persuni li jinsabu qiegħda, persuni bi dħul baxx jew bi sfond etniku ta' minoranza); nuqqas ta' koordinazzjoni u ta' kollaborazzjoni bejn il-kura primarja u l-kura tas-saħħa mentali speċjalizzata; nuqqas ta' proċessi ċari ta' referenza għall-parir ta' speċjalista; nuqqas ta' viżjoni u politika koerenti fir-rigward tar-rwol ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa mentali differenti (tobba mhux speċjalisti, psikologi kliniċi, psikjatri), speċjalment fil-kura primarja; nuqqas ta' viżjoni u politika koerenti fir-rigward tal-innovazzjoni; u nuqqas ta' prattiki tajba, speċjalment għal klijenti vulnerabbli u dawk diffiċli li tikkurahom. Barra minn hekk, il-litteriżmu fis-saħħa mentali (MHL, jiġifieri l-għarfien u l-opinjonijiet dwar il-mard mentali li jassistu fir-rikonoxximent, il-ġestjoni jew il-prevenzjoni) jista' jiżdied permezz tal-iżvilupp ta' għodod edukattivi u effiċjenti dwar is-saħħa mentali u rakkomandazzjonijiet għal intervent bikri. Dan l-aħħar punt huwa ta' importanza fundamentali għaliex l-għarfien, il-kapaċità u l-forniment attwali jvarjaw ħafna fl-Istati Membri.

L-objettivi:

— li jiġi żviluppat u ttestjat qafas b'applikazzjoni multipla fl-Istati Membri, kif ukoll li jiżdied l-aċċess għall-kura tas-saħħa mentali;

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 22 *(ikompli)*

— li jiżdiedu l-kompetenzi tal-professjonisti fil-kura primarja, jiġu evalwati l-organizzazzjoni u l-kapaċità tas-sistema tal-kura, u li jitjiebu r-riżultati għall-klijenti;

— li jissaħħaħ il-Litteriżmu fis-Saħħa Mentali (MHL) fi ħdan il-popolazzjoni ġenerali kif ukoll b'rabta ma' popolazzjonijiet (vulnerabbli) speċifiċi (pereżempju n-nisa, l-anzjani u l-minoranzi etniċi).

L-ewwel nett, l-iżvilupp ta' qafas b'applikazzjoni multipla biex jiżdied l-aċċess għall-kura tas-saħħa mentali jirrikjedi kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti fil-qasam tal-kura tas-saħħa mentali. Stampa dettaljata tal-linji u l-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa mentali fl-Istati Membri Ewropej se tiġġenera deskrizzjonijiet differenti tal-approċċi għall-kura tas-saħħa mentali, bil-punti tajbin u d-dgħufijiet tagħhom. Hekk kif mudelli differenti ta' kura jwasslu għal riżultati differenti għall-pazjenti, se jsiru rakkomandazzjonijiet sabiex jitjiebu l-proċessi ta' referenza għall-parir ta' speċjalista b'rabta ma' mard mentali. Inventarju tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa mentali u r-rotot għall-pazjenti se jidentifika t-titjib u l-azzjonijiet li huma meħtieġa fil-livell organizzattiv u ta' kapaċità fi ħdan l-Istati Membri tal-UE. Skambju ta' għarfien b'rabta mal-aħjar prattiki u l-punti ta' dgħufija fi ħdan il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa mentali se jagħti aktar sustanza lill-iżvilupp ta' pjan strateġiku Ewropew. Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju se jissarrfu wkoll f'(input għal) parir politiku u fi strateġija ta' tixrid li tinvolvi l-istabbiliment ta' aġenda u tagħti lok għal dibattitu pubbliku. It-tixrid se jkun orjentat lejn il-klijenti, sabiex ikun żgurat li dawn kapaċi jieħdu deċiżjoni infurmata tajjeb dwar kif jittrattaw mard tas-saħħa mentali/ifittxu l-għajnuna għalih (ara wkoll it-tielet objettiv tagħna). Dan se jevita trattament eċċessiv għal individwi b'għeja mentali u li m'għandhomx bżonn ta' għajnuna speċjalizzata (għalja) kif ukoll sitwazzjoni fejn individwi li għandhom bżonn ta' għajnuna speċjalizzata jispiċċaw mingħajr trattament.

It-tieni, enfasi fuq il-bidla fil-livell tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa mentali se twassal għall-iżvilupp ta' suġġetti ta' taħriġ ibbażati fuq il-kompetenza għall-professjonisti, gwidi għat-tishih fid-dinamika tal-informazzjoni bejn il-professjonisti, u prattiki tajba għat-trattament ta' mard tas-saħħa mentali. Se jiġu żviluppati għodod ta' taħriġ, protokolli ta' taħriġ u gwidi għat-taħriġ ta' min iħarreġ, kif ukoll strumenti ta' monitoraġġ (onlajn) biex jiġi evalwat jekk l-implimentazzjoni kinetx ta' suċċess. Dawn l-istrumenti għandhom ikunu adatti wkoll biex ikun hemm attivitajiet ta' segwitu, komunikazzjoni ma' professjonisti oħra, u biex ikun hemm punt ta' riferiment (internazzjonali). Eżempji ta' riżultati f'din il-kategorija huma għodda ta' referenza għall-parir ta' speċjalista bbażata fuq l-evidenza (skema ta' deċiżjoni) għat-tobba mhux speċjalisti, programm ta' taħriġ ibbażat fuq il-kompetenza għal interventi qosra għal psikologi kliniċi li jaħdmu fil-qasam tal-kura primarja, u linji gwida ta' kollaborazzjoni għall-professjonisti fi ħdan il-kura tas-saħħa mentali sabiex jissaħħu l-proċessi tal-għoti ta' informazzjoni u dawk komunikattivi, u biex tissaħħaħ id-dijanjostika multidixxiplinari.

It-tielet, enfasi fuq il-bidla fil-livell ta' klijenti (potenzjali) tinvolvi l-ħolqien ta' kundizzjonijiet li fihom il-klijenti jkunu infurmati tajjeb u indipendenti. Dan jirrikjedi enfasi fuq l-għodod li jsaħħu l-analiżi tal-oqfsa lingwistiċi relatati mal-espressjoni dwar is-saħħa mentali u d-dibattitu pubbliku. L-organizzazzjoni ta' sorsi ta' MHL f'bażi ta' data Ewropea għal "corpus lingwistiku" (jiġifieri bażi ta' data li tinkludi ġabra kbira ta' testi "mid-dinja reali" li tippermetti l-istudju tal-lingwa), se tippermetti li jsir studju aħjar tal-qafas (lingwistika) tas-saħħa mentali u ta' kwistjonijiet relatati ma' stigma. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-potenzjal ibbażat fuq l-evidenza tat-teknoloġiji l-ġodda (pereżempju l-midja soċjali, l-għodod psikoterapewtiċi tas-saħħa elettronika u tas-saħħa mobbli,...) u l-bini ta' bażi ta' data bl-aħjar prattiki elettroniċi bbażati fuq l-evidenza, se jsaħħu l-MHL u l-istrateġiji ta' għajnuna proprja f'popolazzjonijiet differenti. Fl-aħħar nett, l-identifikazzjoni ta' korrelazzjonijiet/fatturi ta' tbassir ta' livelli baxxi ta' MHL u livelli baxxi ta' mġiba ta' tiftix għall-għajnuna se tgħin fl-iżvilupp ta' linji gwida għal trattamenti bbażati fuq l-evidenza, li se jżidu l-MHL fi gruppi vulnerabbli u/jew stigmatizzati.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 22 *(ikompli)*

Netwerk u valur miżjud

L-enfasi ta' dan il-proġett titlob netwerk elaborat, bilanċjat u speċjalizzat li għandu aċċess għal riżorsi xjentifiċi u pubbliċi rilevanti. Dan se jkopri l-parteċipazzjoni ta' mill-inqas 12-il Stat Membru fir-reġjuni tal-Lvant, tal-Punent, tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Ewropa. Barra minn hekk, in-netwerk se jinkludi għarfien espert akkademiku komplementari fil-qasam tal-psikoloġija klinika, is-saħħa mentali u l-istigma, studji edukattivi u analiżi tal-espressjoni, u studji dwar is-saħħa pubblika. L-għarfien espert akkademiku fil-qasam tal-psikoloġija klinika se jinkludi għarfien dwar mard newroloġiku u tal-iżvilupp (pereżempju l-ADHD, u l-mard fl-ispettru awtistiku), servizzi psikoterapewtiċi u psikjatriċi, il-promozzjoni ta' saħħa mentali pożittiva, l-istigma (relatata mas-saħħa mentali), il-politika dwar is-saħħa mentali, u interventi psikoterapewtiċi onlajn. Barra minn hekk, se jkunu inklużi għarfien espert speċifiku dwar l-etika (kwistjonijiet ta' integrità, raġunament morali, etika fil-kura tas-saħħa), kwistjonijiet dwar is-saħħa pubblika u l-promozzjoni tas-saħħa. L-għarfien espert neċessarju fi ħdan l-istudji edukattivi se jinkludi għarfien dwar il-kritika retorika tal-psikjatrija, intervent fid-dibattitu pubbliku kontemporanju, stilistika, teorija u analiżi metaforika, komunikazzjoni fl-umanistika/is-saħħa medika, analiżi tal-espressjoni u metodi ta' corpus.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 23 Proġett pilota — Disturbi mentali serji u r-riskju tal-vjolenza: metodi li japplikaw strateġiji ta' kura u trattament effettiv

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 200 000	500 000				

Kummenti

Ir-riskju tal-vjolenza, u l-perċezzjoni tar-riskju tal-vjolenza min-naħa ta' pazjenti b'disturbi mentali serji huwa problema tas-saħħa pubblika pan-Ewropea, mhux biss minħabba l-potenzjal għal korriment u mewt tal-pazjenti, il-persunal, il-qraba u l-persuni esterni, iżda anke minħabba l-effetti kontraterapewtiċi li kemm il-vjolenza kif ukoll il-miżuri implimentati biex jipprevjenu l-vjolenza jġibu magħhom. L-istigma tal-mard mentali hija marbuta b'mod intimu mal-perċezzjoni tal-pubbliku tal-biża' mill-vjolenza minn dawk li huma mentalment morda. Dawn il-pressjonijiet jistgħu min-naħa tagħhom jinfluwenzaw lill-persunal mediku u saħansitra lil dawk li jfasslu l-politika u li jieħdu deċiżjonijiet. Avvenimenti drammatiċi reċenti bħad-diżastru tal-Germanwings, enfasizzaw l-importanza ta' din il-problema f'għajnejn il-pubbliku Ewropew; konsegwentement irriżulta neċessarju li niżviluppaw miżuri ta' prevenzjoni u strateġiji ta' trattament li huma kapaċi jidentifikaw u jnaqqsu r-riskju ta' mġiba vjolenti minn persuni li jsofru minn disturbi mentali serji, kemm għalihom u anke għal nies oħra. Minkejja li dawn ir-riskji huma żgħar f'termini assoluti u ftit jaffettwaw il-vjolenza fis-soċjetà, il-kjarifiki tar-rati u t-tendenzi għandhom jgħinu jindirizzaw kunċetti żbaljati dwar il-periklu tal-pazjenti psikjatriċi. B'kuntrast ma' dan, huwa stmat li aktar minn nofs is-suwiċidji kollha fil-pajjiżi Ewropej huma mwettqa minn persuni b'disturbi mentali sottostanti. Għaldaqstant, fil-proġett pilota se neżaminaw ukoll is-suwiċidju fil-pazjenti psikjatriċi forensiċi hekk kif jiġu rilaxxati, u anke l-attentati ta' suwiċidju Dan tal-aħħar iwassal għal ammissjonijiet ripetuti fl-isptar, u jista' jkollu konsegwenzi dannużi u profondi fuq il-moral tal-persunal mediku.

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 23 *(ikompli)*

It-theddida perċepita tal-vjolenza tirriżulta f'użu akbar ta' miżuri ta' sfurzar bħall-ammissjoni involontarja fl-isptar, it-trażżin, l-iżolament u l-medikazzjoni sfurzata, li l-pazjenti u dawk li jieħdu ħsiebhom jipperċepixxu b'mod kważi unanimu bħala trawmatiċi u saħansitra kontroterapewtiċi u dan jista' mbagħad, iqanqal reazzjonijiet aggressivi mill-pazjenti minflok l-impenn u l-kooperazzjoni. Barra minn hekk, ammissjoni involontarja f'unitajiet forensiċi wara atti ta' vjolenza rari iżda serji marbuta ma' disturbi mentali gravi tista' twassal għal żmien imtawwal l-isptar, u tikkonsma proporzjon sproporzjonat ta' baġits limitati għas-saħħa mentali.

Il-proġett pilota għandu jiffoka fuq servizzi psikjatriċi forensiċi, li l-ewwel u qabel kollox joffru kura għal dawn il-pazjenti b'disturbi mentali u li huma ta' riskju għall-oħrajn, għalkemm quddiemna għandha wkoll rati oġħla ta' suwiċidju. Servizzi ġodda ta' pazjenti fl-isptar u dawk out-patient għall-ġestjoni tal-kura ta' dawn il-pazjenti qed jiżdiedu f'bosta pajjiżi Ewropej iżda mhux f'kollha. Qed jiġu żviluppati mudelli ġodda ta' trattament għal dan il-grupp ta' pazjenti li spiss ikun marġinalizzat, inklużi pereżempju timijiet ta' trattament komunitarju assertivi forensiċi tal-out-patients u kliniċi forensiċi speċjalizzati. Madankollu, it-tfassil tas-servizz, l-istrateġiji ta' intervent u l-oqfsa legali madwar l-Ewropa għal pazjenti f'riskju ta' vjolenza, jew li aġixxew b'mod vjolenti, ivarjaw ħafna. Huma qatt ma ġew evalwati b'mod komparattiv f'termini ta' sodisfazzjon tal-pazjent, effikaċja terapewtika, tnaqqis fir-riskju, irkupru u spejjeż; madankollu, tali servizzi f'ċerti pajjiżi jikkonsmaw 20 % tar-riżorsi biex jipprovdu kura għal inqas minn 1 % tal-pazjenti psikjatriċi. In-nuqqas ta' data komparattiva affidabbli impedixxa lil ħafna pajjiżi Ewropej milli jibbenefikaw mill-istrateġiji innovattivi żviluppati f'dawk l-istati li kienu kapaċi jużaw aktar riżorsi fl-innovazzjoni u r-riċerka, u li ttestjaw mudelli potenzjalment aktar terapewtiċi u effiċjenti tal-għoti tas-servizzi.

Fehim aħjar tal-fatturi assoċjati mar-riskju tal-vjolenza għall-persuna stess u għall-oħrajn f'pazjenti b'disturbi mentali serji, valutazzjoni tal-aħjar għodod li huma kapaċi jipprevedu r-riskju, għat-teħid tad-deċiżjonijiet, u evalwazzjoni ta' trattamenti effettivi se jassistu lill-persunal mediku tal-kliniċi, lill-amministraturi, lil dawk li jfasslu l-liġi u l-gvernijiet fl-ippjanar u l-iżvilupp tas-servizzi u ta' miżuri ta' prevenzjoni u appoġġ. Barra minn hekk, paragun bejn it-toroq lejn il-kura u 'l barra minnha fil-livell nazzjonali, inklużi servizzi sikuri speċjalizzati f'pajjiżi differenti, huwa meħtieġ serjament f'dan il-mument, u proġett Ewropew li jinvolvi pajjiżi differenti b'sistemi tas-saħħa u ġuridiċi differenti se jipprovdi informazzjoni prezzjuża sabiex titjieb il-kwalità tal-kura tas-saħħa mentali għal dawn il-persuni diffiċli, marġinalizzati u li iżda jiswew ħafna flus.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 24 Proġett pilota — Lejn kejl ta' aċċess aktar ġust u effettiv għall-kura tas-saħħa fl-UE kollha sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni u t-trasferiment tan-know-how

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
250 000	125 000				

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 24 *(ikompli)*

Kummenti

Ħarsa ġenerali:

Ir-rikonoxximent li l-kejl attwali għall-aċċess għall-kura tas-saħħa wera li għandu xi limitazzjonijiet fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni adegwata, preċiża, affidabbli u fil-ħin dwar l-aċċess fl-UE, il-proġett pilota se jiżviluppa u jpoġġi għall-prova sett ġdid kompost ta' aċċess għall-kejl tal-kura tas-saħħa u/jew it-titjib ta' miżuri li diġà jeżistu, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet differenti tal-partijiet interessati varji tal-kura tas-saħħa.

L-għan fundamentali tiegħu huwa li jippermetti l-iżvilupp tal-politiki li jindirizzaw l-inugwaljanzi fis-saħħa u l-ostakli għall-aċċess fuq il-bażi tal-informazzjoni oġġettiva u komparabbli u li jgħin biex titjieb is-sostenibilità u l-prestazzjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri.

Objettivi u l-eżitu mistenni:

— rieżami tal-kejl u tal-indikaturi eżistenti kif ukoll l-aspetti differenti tal-aċċess fl-Istati Membri kollha;

— żvilupp, permezz tal-konsultazzjoni ma' partijiet interessati ewlenin, ta' indikaturi ġodda possibbli u/jew titjib ta' indikaturi eżistenti, sabiex ikun żgurat li gruppi vulnerabbli għall-esklużjoni jintlaħqu u għaldaqstant tinħtieġ "stampa sħiħa" tal-aċċess għall-kura tas-saħħa f'pajjiżi u reġjuni;

— ittestjar pilota u l-irfinar sussegwenti ta' dawn l-indikaturi fl-Istati Membri li huma ġeografikament, ekonomikament u kulturalment diversi;

— esplorazzjoni u validazzjoni possibbli ta' sett ġdid ta' indikaturi u/jew titjib ta' indikaturi eżistenti flimkien mal-organizzazzjonijiet u l-aġenziji Ewropej u internazzjonali rilevanti;

— strateġija u pjan direzzjonali għat-titjib u l-implimentazzjoni li jiffukaw fuq tliet prijoritajiet ta' mard: (a) mard li ma jitteħidx, (b) mard li jittieħed, (c) mard rari;

Ir-riżultat prinċipali tal-proġett pilota se jkun sett ta' indikaturi ġodda u komplementari u/jew it-titjib ta' indikaturi eżistenti, sabiex jivvalutaw l-aċċess tal-pazjent għall-kura tas-saħħa. Dan se jkun riżorsa prezzjuża sabiex dawk li jfasslu l-politika jkunu jistgħu jimmonitorjaw l-aċċess tal-popolazzjoni għall-kura tas-saħħa fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Dan se jippermetti aċċess għall-monitoraġġ u l-paragun fil-livell tal-UE sabiex jassisti lil dawk li jfasslu l-politika fl-iżvilupp ta' programmi u politiki sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa. Attwalment, id-definizzjonijiet tal-aċċess mhumiex ċari u konsistenti fl-Istati Membri u ma jidħlux f'qafas kunċettwali koerenti. Il-proġett pilota se juża approċċ intersettorjali u multidixxipplinari biex joħloq konsensus fost il-partijiet interessati differenti dwar il-kunċett u d-dimensjonijiet tal-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-kejl tagħha. L-organizzazzjonijiet tal-pazjenti jeħtieġ li jkunu involuti f'din l-analiżi sabiex tiġi żgurata informazzjoni dwar l-aċċess semiinformali. Il-proġett se jtawwal sentejn. Meta timplimenta l-proġett, il-Kummissjoni għandha tqis l-opinjoni dwar l-aċċess dwar il-kura tas-saħħa tal-Expert Panel on Effective Ways of Investing in Health (Bord ta' esperti dwar modi effikaċi ta' kif wieħed jinvesti fis-saħħa).

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 24 *(ikompli)*

Ġustifikazzjoni:

Minkejja t-titjib sostanzjali fis-sistemi tal-kura tas-saħħa fl-UE, jeżistu differenzi kbar u inugwaljanzi fl-aċċess min-naħa tal-pazjenti għall-kura tas-saħħa ta' kwalità fi ħdan l-Istati Membri tal-UE u anki bejntiethom. L-istatus soċjoekonomiku, il-post ta' residenza, is-sess, il-grupp etniku, il-livell ta' edukazzjoni huma l-fatturi l-aktar komuni li jaffettwaw l-aċċess għall-kura tas-saħħa. Il-kriżi ekonomika riċenti kkontribwixxiet għat-twessigħ sinifikanti tad-distakk bejn il-persuni ta' status soċjoekonomiku differenti u bħala riżultat ta' dan intensifika d-diżlivell soċjali fis-saħħa. It-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-iggravar tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa mill-kriżi ekonomika jissuġġerixxi li l-aċċess għandu jiġi indirizzat fil-livell tal-UE b'mod li jappoġġja u jippermetti lill-pajjiżi li jidentifikaw u jimplimentaw soluzzjonijiet effettivi. Sabiex jintlaħaq dan huwa essenzjali li jitkejjel l-aċċess għall-kura tas-saħħa b'mod uniformi, effettiv u abbażi tal-evidenza.

Il-Kummissjoni, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-OECD u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra enfasizzaw l-importanza ta' kejl preċiż u affidabbli għall-aċċess għall-kura tas-saħħa, sabiex jiġi żgurat li s-sistemi tal-kura tas-saħħa jkunu trasparenti, aċċessibbli u jilħqu l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni. Barra minn hekk, l-evidenza tar-riċerka tissuġġerixxi li d-determinanti soċjali tas-saħħa li jaffettwaw l-aċċessibbiltà tas-sistema tal-kura tas-saħħa qed jirriżultaw f'aktar distakki bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom stess.

Żvantaġġ komuni tal-indikaturi attwali huwa li huma jkejlu l-awtoperċezzjoni ta' ħtiġijiet mhux milħuqa, iżda ma jippermettux kejl objettiv tal-aċċess. F'ħafna każijiet, il-kejl attwali awtodikjarat għall-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa mfassal biex jivvaluta l-użu tas-servizzi tas-saħħa, iżda jonqos milli jivvaluta l-aċċess fost il-popolazzjonijiet li huma diffiċli li jintlaħqu (vulnerabbli). Fil-fatt, huwa jivvaluta l-aċċess għall-pazjenti li għandhom aċċess (f'termini finanzjarji u oħrajn) għas-sistema tal-kura tas-saħħa. Dan huwa distakk kritiku għaliex il-popolazzjonijiet vulnerabbli qed isofru minn inugwaljanzi spoporzjonati fis-settur tas-saħħa u għalhekk, qed jaffaċċjaw bosta ostakli fl-aċċess għall-kura tas-saħħa. Bħala riżultat ta' dan, qed jintefaq ammont enormi ta' riżorsi mingħajr ma tinħoloq il-bażi tal-għarfien korretta li dawk li jfasslu l-politiki jistgħu jaġixxu fuqha.

F'ħafna każijiet, stħarriġ nazzjonali li jintuża biex jiġi vvalutat l-aċċess ma jippermettux paragun bejn il-pajjiżi, filwaqt li dawn il-metodi u approċċi huma soġġetti għal limitazzjonijiet inerenti. Data miġbura fuq livell nazzjonali hija affettwata mill-prijoritajiet tal-politika f'kull pajjiż fir-rigward tal-indikaturi disponibbli u l-kwistjonijiet tas-saħħa li jingħataw prijorità. Barra minn hekk, il-kejl awtodikjarat użat b'mod komuni biex jivvaluta l-aċċess huwa vulnerabbli għall-preġudizzju speċjalment rigward l-iżvilupp ta' kwestjonarju u t-tfassil tar-riċerka, id-diċitura tal-istħarriġ u fatturi kulturali u psikosoċjali. Dak li jonqos huwa indikaturi komprensivi li jagħtu informazzjoni mhux biss dwar id-disponibbiltà, l-adegwatezza, l-idoneità, u l-ispejjeż raġjonevoli jew le tas-servizzi tal-kura tas-saħħa iżda anke dwar il-kwalità u l-użu li l-individwi jagħmlu minnhom.

L-evalwazzjoni tal-aċċess tibqa' ġenerali u f'xi każijiet superfiċjali u kontradittorja. Il-kejl attwali tal-aċċess għall-kura tas-saħħa ma jistax jipprovdi informazzjoni adegwata u xierqa skont il-ħtiġijiet, l-għanijiet u r-rwol ta' kull parti interessata. Barra minn hekk, hemm duplikazzjoni bejn l-għodod attwali li jivvalutaw l-aċċess kif ukoll nuqqas fil-kwalità u distakki sinifikanti. Peress li l-aċċess għall-kura tas-saħħa jeħtieġ indikaturi tal-proċess u l-prestazzjoni b'mod simultanju, tinħtieġ sistema ta' kejl komposta iżda fattibbli.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 24 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 25 Proġett pilota — INTEGRATE: Żvilupp ta' strateġiji integrati biex jissorveljaw u jittrattaw mard kroniku u rewmatiku: ir-rwol tal-indikaturi tal-kwalità u l-eżiti rappurtati mill-pazjenti flimkien mal-evalwazzjoni tat-tabib tal-attività u tal-ħsara tal-marda

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

Kummenti

Huwa ġeneralment rikonoxxut li l-istampa klinika osservata f'bosta tipi ta' mard kroniku (bħad-dijabete, il-mard kardjovaskulari, id-disfunzjonijiet newroloġiċi u l-mard rewmatiku) hija r-riżultat ta' kombinazzjoni ta' komponenti differenti: attività tal-mard, il-ħsara b'konsegwenza tal-marda nnifisha jew it-trattament, il-komorbiditajiet, it-tossiċità tad-drogi, il-kwalità tal-ħajja u l-piż tal-mard fuq il-pazjenti. Għalhekk, it-trattament u l-ġestjoni ottimali tal-mard kroniku tfisser li dawn l-aspetti għandhom jiġu kkunsidrati.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 26 Proġett pilota — Korsijiet ta' prevenzjoni primarja għat-tfajliet li jgħixu fi nħawi fejn hemm riskju akbar ta' kanċer tassider

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 26 *(ikompli)*

Kummenti

L-objettiv ewlieni ta' dan il-proġett pilota huwa l-prevenzjoni primarja tal-kanċer tas-sider fil-muniċipalitajiet fejn hemm inċidenza qawwija ta' aġenti niġġiesa għal raġunijiet eċċezzjonali, bħall-kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma minħabba r-rimi illegali ta' skart tossiku, fabbriki niġġiesa ħafna jew siti fejn it-trattament tal-iskart għandu impatt perikoluż fuq l-ambjent.

Jeżistu provi li f'dawn l-inħawi r-riskju ta' tumur huwa ħafna akbar minn f'żoni "normali" u għalhekk huwa essenzjali mhux biss li tiġi żviluppata l-kura u tingħata spinta lir-riċerka fit-terapiji tal-kanċer, iżda anke biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-prevenzjoni, speċjalment fost it-tfajliet. Naturalment, f'dan l-istadju l-prevenzjoni tista' tkun ferm aktar effikaċi u tista' twaqqaf lill-kanċer milli jevolvi f'livelli aktar perikolużi.

Il-proġett huwa immirat għal tfajliet fl-aħħar snin tal-iskola sekondarja u fil-korsijiet tal-università u li jkunu ġejjin minn żoni fejn, kif spjegat aktar qabel, jeżistu provi li r-rati ta' każijiet ta' tumur huwa statistikament ferm ogħla mill-medja.

L-għan tal-proġett hu li jissensibilizza aktar dwar l-azzjonijiet u l-fatturi kollha li jistgħu jgħinu fil-prevenzjoni tal-kanċer tas-sider. L-enfasi se tkun fuq tagħlim dwar l-imġiba u l-istili ta' ħajja li jistgħu jżidu ċ-ċans ta'żvilupp ta' tumur, bħall-abbuż mill-alkoħol u t-tabakk jew drawwiet nutrizzjonali ħżiena.

L-aktar ħaġa importanti, bħala parti mill-proġett pilota, se jkun hemm arranġamenti għal tfajliet biex ikunu f'kuntatt ma' tobba li jistgħu jispjegawlhom x'inhu l-kanċer tas-sider u kif jistgħu jindunaw bih billi jeżaminaw sidirhom huma stess. Il-fatt li persuna teżamina sidirha stess huwa fost l-aħjar modi sabiex tinduna bil-kanċer, bil-għanli jiġi kkurat meta jkun għadu fil-bidu. Għaldaqstant il-proġett pilota se jappoġġa sessjonijiet wiċċ imb wiċċ ma' tobba u esperti li fihom jispjegaw dawn il-kwistjonijiet.

Il-prevenzjoni mhijiex il-kura, iżda f'dawk l-inħawi fejn hemm riskju akbar din tista' tkun effikaċi ħafna u b'hekk jiġi eliminat il-bżonn ta' kura aktar aggressiva u jiġu salvati l-ħajjiet.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

17 03 77 27 Proġett pilota — Ridistribuzzjoni tal-Ikel:

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 03 — SAĦĦA PUBBLIKA *(ikompli)*

17 03 77 *(ikompli)*

17 03 77 27 *(ikompli)*

Kummenti

Studju ffinanzjat u ppublikat fl-2010 jistima li kull sena fl-Ewropa madwar 89 miljun tunnellata ta' ikel tintrema għal raġunijiet varji, bħal ġestjoni ħażina tal-istokkijiet tal-ikel minn bejjiegħa l-kbar bl-imnut u mġiba ta' xiri li mhijiex sostenibbli. Bit-tkomplija ta' din ix-xejra, huwa mistenni li, mingħajr ebda miżura ċara ta' prevenzjoni u ġestjoni fil-livell tal-UE, il-volum tal-ħela tal-ikel se tiżdied għal aktar minn 126 miljun tunnellata. L-Istati Membri adottaw serje ta' inizjattivi dwar il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel li jinkludu għodod tal-informazzjoni u kampanji, titjib loġistiku u programmi ta' ridistribuzzjoni tal-ikel.

Dan il-proġett pilota se jżid mal-isforzi tal-UE sabiex tiġi miġġielda l-ħela tal-ikel b'mod partikolari, permezz ta' promozzjoni u implimentazzjoni effikaċi ta' linji gwida li jiffaċilitaw ir-ridistribuzzjoni tal-ikel fl-UE. Il-Kummissjoni se tizviluppa dawn il-linji gwida fi ħdan qafas ġuridiku eżistenti flimkien mal-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri u partijiet interessati li jirrappreżentaw atturi varji fil-katina tal-ikel (bdiewa, manifatturi tal-ikel, bejjiegħa bl-imnut, is-servizz tal-ikel u s-settur tal-ospitalità).

Għal kull Stat Membru, il-proġett ikun għalhekk jinvolvi ħarsa ġenerali tal-qafas tal-politika/regolatorju dwar ir-ridistribuzzjoni tal-ikel, analażi tal-politiki/leġiżlazzjoni li għandhom impatt fuq ir-ridistribuzzjoni tal-ikel, riċerka tal-partijiet interessati, laqgħat u konsultazzjonijiet li jippromwovu d-djalogu ma' min ifassal il-politika fil-livell nazzjonali, tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiċi flimkien mal-Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-Ikel u diversi kampanji ta' informazzjoni.

Minkejja l-fatt li l-UE m'għandha l-ebda kompetenza li tistabbilixxi banek tal-ikel fl-Istati Membri, li tistabbilixxi l-qafas sod għar-ridistribuzzjoni tal-ikel fl-UE jista' jgħin lill-Istati Membri jadottaw serje ta' programmi ta' ridistribuzzjoni tal-ikel, pereżempju, il-parteċipazzjoni tal-banek tal-ikel. L-evidenza wriet li tali programmi għandhom impatt soċjo-ekonomiku pożittiv fuq il-komunitajiet lokali, speċjalment fuq gruppi żvantaġġati billi jiġġieldu l-ġuħ u l-malnutrizzjoni, joħolqu impjiegi u jtejbu r-responsabbiltà tal-individwi.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
17 04	SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI								
17 04 01	***Żgurar ta' stat aħjar tas-saħħa tal-annimali u livell ogħla ta' protezzjoni tal-annimali fl-Unjoni***	3	171 925 000	144 840 000	178 500 000	138 351 838	172 356 231,01	4 059 231,01	2,80
17 04 02	***Żgurar tad-detezzjoni propizja ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-eradikazzjoni tagħhom***	3	12 000 000	6 100 000	7 600 000	7 190 844	205 500,—	0,—	0
17 04 03	***Żgurar ta' kontrolli effikaċi, effiċjenti u affidabbli***	3	47 401 000	55 250 000	47 360 000	28 763 376	61 755 109,—	14 477 680,53	26,20
17 04 04	***Fond għal miżuri ta' emerġenzi b'rabta mas-saħħa tal-annimali u l-pjanti***	3	19 000 000	18 000 000	10 400 000	6 087 792	12 662 896,08	1 911 896,08	10,62
17 04 07	***Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar il-bijoċidi***	2	3 319 628	3 319 628	5 474 125	5 474 125	6 460 819,59	6 460 819,59	194,62
17 04 10	***Kontribuzzjonijiet għall-ftehimiet internazzjonali u adeżjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti***	4	290 000	290 000	276 000	248 043	218 782,12	218 782,12	75,44
17 04 51	***Tlestija ta' miżuri preċedenti tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti***	3	p.m.	15 000 000	p.m.	28 763 376	0,—	195 859 917,74	1 305,73
17 04 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
17 04 77 01	Proġett Pilota — Netwerk Ewropew Koordinat għall-Benessri tal-Annimali	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	159 032,57	
17 04 77 02	Azzjoni preparatorja — Postijiet ta' kontroll (punti ta' mistrieħ) fir-rigward ta' trasport ta' annimali	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 022 958,47	
17 04 77 03	Proġett pilota — L-iżvilupp tal-aħjar prattiki fit-trasport tal-annimali	2	p.m.	300 000	p.m.	300 000	1 000 000,—	0,—	0
17 04 77 04	Proġett pilota — Netwerk Ewropew tal-Irziezet u ta' Produtturi Artiġjanali tal-Ġobon — Proġett li jinvolvi l-produzzjoni tal-linji gwida Ewropej għall-prattika iġjenika xierqa	2	p.m.	150 000	p.m.	100 000	250 000,—	0,—	0
	Artikolu 17 04 77 — Subtotal		p.m.	450 000	p.m.	400 000	1 250 000,—	1 181 991,04	262,66
	Kapitolu 17 04 — Total		**253 935 628**	**243 249 628**	**249 610 125**	**215 279 394**	**254 909 337,80**	**224 170 318,11**	**92,16**

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI
(ikompli)

17 04 01 Żgurar ta' stat aħjar tas-saħħa tal-annimali u livell ogħla ta' protezzjoni tal-annimali fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
171 925 000	144 840 000	178 500 000	138 351 838	172 356 231,01	4 059 231,01

Kummenti

L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tgħin biex taċċelera l-qerda jew il-kontroll tal-mard tal-annimali billi tipprovdi fondi li jissupplimentaw ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali u tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-miżuri fil-livell tal-Unjoni. Il-parti l-kbira ta' dan il-mard jew infezzjonijiet hija ż-żoonożi li tittieħed mill-bniedem (BSE, bruċelloża, influwenza tat-tjur, salmonelloża, tuberkuloża, eċċ.). Barra minn hekk, il-persistenza tal-mard inkwistjoni ttellef l-operat bla xkiel tas-suq intern; il-ġlieda kontrih tgħin biex jittejjeb il-livell tas-saħħa pubblika u biex jingħata spinta lis-sikurezza tal-ikel fl-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-miżuri mmirati għall-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-moviment ħieles ta' oġġetti f'dawn is-setturi, għas-sostenn veterinarju u għall-azzjoni ta' sostenn.

Hija tikkonsisti fil-forniment ta' għajnuna finanzjarja:

— għax-xiri, il-ħżin u l-formulazzjoni tal-antiġeni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ta' tilqim differenti,

— għall-iżvilupp ta' tilqim markatur jew testijiet li jistgħu jiddistingwu bejn annimali morda u dawk imlaqqma.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 50 tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30).

Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

17 04 02 Żgurar tad-detezzjoni propizja ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-eradikazzjoni tagħhom

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
12 000 000	6 100 000	7 600 000	7 190 844	205 500,—	0,—

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI
(ikompli)

17 04 02 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni għandha tkopri azzjonijiet ta' prevenzjoni biex jiġu miġġielda l-organiżmi ta' ħsara u l-mard li jheddu l-għelejjel agrikoli u ortikulturali, il-foresti u l-pajsaġġ. Hija tkopri wkoll il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni lejn il-miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni (ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

17 04 03 ***Żgurar ta' kontrolli effikaċi, effiċjenti u affidabbli***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
47 401 000	55 250 000	47 360 000	28 763 376	61 755 109,—	14 477 680,53

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-implimentazzjoni tal-miżuri inizjali li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 882/2004, b'mod partikolari:

— l-attivitajiet tal-laboratorji tal-Unjoni,

— taħriġ dwar kontroll tal-għalf u l-ikel,

— spejjeż għall-ivvjaġġar u s-sussistenza għal esperti nazzjonali li jipparteċipaw f'missjonijiet tal-Uffiċċju tal-Ikel u Veterinarju,

— għodod tal-IT, komunikazzjoni u informazzjoni dwar il-kontroll tal-ikel u l-għalf, l-iżvilupp ta' strateġija tal-Unjoni għal ikel aktar sikur,

— għal politika ta' informazzjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali, inklużi kampanji u programmi ta' informazzjoni li jinfurmaw lill-pubbliku li l-konsum tal-laħam minn annimali mlaqqma mhuwiex ta' ħsara, kif ukoll kampanji u programmi ta' informazzjoni li jenfasizzaw l-aspetti umani tal-istrateġiji ta' tilqim fil-ġlieda kontra l-mard tal-annimali li jittieħed,

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI
(ikompli)

17 04 03 *(ikompli)*

— għas-sorveljanza tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ħarsien tal-annimali matul it-trasport tagħhom għall-qatla,

— għall-istabbiliment u ż-żamma ta' sistema ta' twissija rapida, inkluża sistema ta' twissija rapida mad-dinja kollha, għan-notifika ta' riskji diretti jew indiretti għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali li jkunu ġejjin mill-ikel jew mill-għalf,

— għall-miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni veterinarja tal-Unjoni u għall-iżvilupp ta' edukazzjoni jew taħriġ veterinarju,

— għall-għodod tat-teknoloġija tal-informatika, inklużi TRACES u s-Sistema ta' Notifika ta' Mard tal-Annimali,

— għall-miżuri biex tiġi miġġielda l-importazzjoni illegali ta' ġlud tal-klieb u l-qtates.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll għal miżuri biex jimpedixxu l-importazzjoni ta' kloni tal-annimali u d-dixxendenti tagħhom u ta' prodotti miksuba minn kloni tal-annimali u d-dixxendenti tagħhom.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-implimentazzjoni, mill-Kummissjoni u/jew l-Istati Membri, tal-miżuri disposti fil-bażi ġuridika ta' hawn isfel, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jeliminaw l-ostakoli għall-moviment liberu tal-oġġetti f'dawn is-setturi.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66).

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66).

Id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-marketing ta' materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja (ĠU L 93, 17.4.1968, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5, L-Istima tar-Riskju u Kif Jiġi Stabbilit il-Livell Approprjat tal-Protezzjoni Sanitarja u Fitosanitarja, tal-kapitolu "Ftehim dwar l-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji" tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti (ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi (ĠU L 193, 20.7.2002 p. 12).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33).

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI
(ikompli)

17 04 03 *(ikompli)*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żrigħ, barra ż-żerriegħa (ĠU L 205, 1.8.2008, p. 28).

Ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enżimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97 (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).

Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

17 04 04 ***Fond għal miżuri ta' emerġenzi b'rabta mas-saħħa tal-annimali u l-pjanti***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
19 000 000	18 000 000	10 400 000	6 087 792	12 662 896,08	1 911 896,08

Kummenti

It-tifqigħ ta' ċertu mard tal-annimali fl-Unjoni jista' possibbilment ikollu impatt kbir fuq it-tħaddim tas-suq intern u fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi. Għalhekk, huwa importanti li l-Unjoni tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja biex tippermetti l-eradikazzjoni l-aktar rapida possibbli ta' kwalunkwe tifqigħa ta' marda serja li tittieħed fl-Istati Membri billi jintużaw ir-riżorsi tal-Unjoni biex jiġġieldu dan il-mard.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba tkopri azzjonijiet kurattivi biex jiġu miġġielda l-organiżmi ta' ħsara u l-mard li jheddu l-għelejjel agrikoli u ortikulturali, il-foresti u l-pajsaġġ, fosthom it-tixrid ta' speċijiet u mard invażivi eżotiċi (bħal tan-nematodu tal-injam tal-arżnu u oħrajn), li qed isiru dejjem aktar frekwenti u qed jinfirxu.

KUMMISSJONI
TITOLU 17 — SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

KAPITOLU 17 04 — SIKUREZZA TAL-IKEL U L-GĦALF, SAĦĦA TAL-ANNIMALI, BENESSERI TAL-ANNIMALI U SAĦĦA TAL-PJANTI
(ikompli)

17 04 04 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

17 04 07 ***Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar il-bijoċidi***

— sabiex jingħata appoġġ għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, amministrattivi u tekniċi meħtieġa biex jiġu implimentati l-attivitajiet tal-fruntieri esterni u l-politiki dwar il-viża, inkluż biex tissaħħaħ il-governanza taż-żona Schengen billi jiżviluppaw u jimplimentaw il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni kif stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas- 16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27), biex tkun verifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, b'mod partikolari l-infiq ta' missjoni għal esperti tal-Kummissjoni u tal-istati Membri li jipparteċipaw fi żjajjar fuq il-post,

— sabiex jitjiebu l-konoxxenza u l-għarfien tas-sitwazzjoni li tipprevalixxi fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi permezz tal-analiżi, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ mill-qrib tal-politiki,

— biex jigi appoġġjat l-iżvilupp ta' għodod ta' statistika, inklużi għodod ta' statistika komuni, u metodi u indikaturi komuni, b'data disaggregata fir-rigward tas-sessi,

— sabiex jingħata appoġġ u jiġu mmonitorjati l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-objettivi tal-politika tal-Unjoni fl-Istati Membri, u jiġu evalwati l-effikaċja u l-impatt tagħhom, inkluż fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, sa fejn huwa kkonċernat l-ambitu ta' dan l-istrument,

— sabiex jiġu promossi n-netwerking, it-tagħlim reċiproku, l-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-approċċi innovattivi bejn il-partijiet interessati differenti fil-livell Ewropew,

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 01 *(ikompli)*

18 02 01 01 *(ikompli)*

— sabiex jiġu promossi proġetti mmirati lejn l-armonizzazzjoni u l-interoperabilità ta' miżuri relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri skont standards komuni tal-Unjoni bil-għan li tiġi żviluppata sistema integrata ta' ġestjoni tal-fruntieri Ewropej,

— iżidu l-għarfien dwar il-politiki u l-objettivi tal-Unjoni fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni,

— sabiex tiżdied il-kapaċità tan-netwerks Ewropej għall-valutazzjoni, il-promozzjoni, is-sostenn u l-iżvilupp ulterjuri tal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni,

— sabiex jiġu appoġġati proġetti partikolarment innovattivi li jiżviluppaw metodi u/jew teknoloġiji ġodda b'potenzjal ta' trasferibbiltà lejn Stati Membri oħra, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw proġetti ta' riċerka,

— sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi u fihom kif imsemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013,

— is-sensibilizzazzjoni, l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fir-rigward tal-politiki tal-affarijiet interni tal-Unjoni, il-prijoritajiet u r-riżultati.

Din l-approprjazzjoni għandha tkopri wkoll assistenza finanzjarja biex jiġu indirizzati ħtiġijiet urġenti u speċifiċi f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li tfisser sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali li fiha numru kbir jew sproporzjonat ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajiżi terzi jaqsmu jew ikunu mistennija jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru wieħed jew iktar.

Din l-approprjazzjoni se tipprovdi għar-rimborż tal-kostijiet imġarrbin mill-Kummissjoni u l-esperti tal-Istati Membri għaż-żjarat ta' evalwazzjoni fuq il-post (kostijiet tal-ivvjaġġar u akkomodazzjoni) rigward l-appikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen. Il-kost tal-provvisti u t-tagħmir meħtieġa għaż-żjarat ta' evalwazzjoni fuq il-post u għat-tħejjija u s-segwitu tagħhom iridu jiżdiedu ma' dawn il-kostijiet.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizjonali b'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 01 *(ikompli)*

18 02 01 02 Prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera organizzata u mmaniġġar aħjar tar-riskji u l-kriżijiet b'rabta mas-sigurtà

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
157 555 064	80 737 456	175 531 924	75 079 122	49 458 347,37	494 044,64

Kummenti

Il-Fond għas-Sigurtà Interna jikkontribwixxi għall-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

— il-prevenzjoni tal-kriminalità, il-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera, serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet nazzjonali oħra tal-Istati Membri, inkluż mal-Europol jew korpi oħra rilevanti tal-Unjoni, u ma' pajjiżi terzi rilevanti u organizzazzjonijiet internazzjonali,

— it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri u l-Unjoni għall-ġestjoni effettiva ta' riskji u kriżi relatati mas-sigurtà, u t-tħejjija għal u l-ħarsien ta' persuni u infrastrutturi kritiċi kontra attakki terroristi u inċidenti oħra relatati mas-sigurtà.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri azzjonijiet fl-Istati Membri, u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

— azzjonijiet li jtejbu l-kooperazzjoni tal-pulizija u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni tal-liġi, inklużi mal-korpi rilevanti tal-Unjoni u bejniethom, b'mod partikolari l-Europol u l-Eurojust, timijiet ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni konġunta transfruntiera, l-aċċess għal informazzjoni u teknoloġiji interoperabbli u l-iskambju tagħhom,

— l-iżvilupp ta' inizjattivi kontra t-terroriżmu bil-ħsieb li jiġu żgurati reazzjonijiet xierqa għat-theddidiet emerġenti, inklużi t-theddidiet relatati ma' radikalizzazzjoni mrawma internament u ġellieda barranin kemm jekk ikunu barra l-pajjiż jew ġejjin lura jew jirritornaw lejn Stat Membru jew pajjiżi kandidati,

— proġetti li jippromwovu n-netwerking, sħubiji pubbliċi-privati, fiduċja reċiproka, ftehim u tagħlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-kompetenza, l-esperjenza u l-prattiki tajbin, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, għarfien u tbassir kondiviżi ta' sitwazzjoni, ippjanar ta' kontinġenza u interoperabilità,

— attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi studji u valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u impatt, li huma bbażati fuq evidenza u huma konsistenti mal-prijoritajiet u l-inizjattivi identifikati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jkunu ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill,

— attivitajiet ta' żieda, tixrid u komunikazzjoni ta' għarfien,

— akkwist, manutenzjoni ta' sistemi tal-IT nazzjonali u tal-Unjoni li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru 513/2014, u/jew aġġornament ulterjuri tas-sistemi tal-IT u t-tagħmir tekniku, inkluż l-ittestjar tal-kompatibbiltà tas-sistemi, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, bini u sistemi relatati, speċjalment sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u l-komponenti tagħhom, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità, notevolment maċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità,

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 01 *(ikompli)*

18 02 01 02 *(ikompli)*

— skambju, taħriġ u edukazzjoni ta' persunal u esperti tal-awtoritajiet rilevanti, inklużi taħriġ fil-lingwa u eżerċizzji jew programmi konġunti,

— miżuri li jvaraw, jittrasferixxu, jippruvawu jivvalidaw metodoloġija jew teknoloġija ġdida, inklużi proġetti pilota u miżuri ta' segwitu għal proġetti ta' riċerka dwar is-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri wkoll azzjonijiet relatati ma' pajjiżi terzi u dawk li jsiru fihom, u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

— azzjonijiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi timijiet ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transfruntiera konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli,

— netwerking, kunfidenza reċiproka, ftehim u tagħlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u t-tixrid ta' kompetenzi, l-esperjenza u l-prattiċi tajba, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, l-għarfien u t-tbassir kondiviżi tas-sitwazzjoni, l-ippjanar ta' kontinġenza u interoperabbiltà,

— l-iskambju, it-taħriġ u l-edukazzjoni ta' persunal u esperti ta' awtoritajiet relevanti.

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, din l-approprjazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni rigward l-objettivi ġenerali, speċifiċi u operazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 513/2014. Biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu konsistenti mal-prijoritajiet u l-inizjattivi identifikati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jkunu ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, fi strateġiji rilevanti tal-Unjoni, ċikli ta' politika, programmi, valutazzjonijiet tat-theddid u tar-riskju, u jappoġġaw b'mod partikolari:

— attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, amministrattivi u tekniċi, u l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni meħtieġ sabiex jimplimenta l-politiki dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet,

— proġetti transnazzjonali li jinvolvu żewġ Stati Membri jew iżjed jew mill-inqas Stat Membru wieħed u pajjiż terz,

— attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u impatt li huma bbażati fuq l-evidenza u huma konsistenti mal-prijoritajiet u l-inizjattivi identifikati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jkunu ġew approvati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill u proġetti li jissorveljaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-għanijiet ta' politika tal-Unjoni fl-Istati Membri,

— proġetti li jipromwovu n-netwerking, il-kunfidenza reċiproka, il-fehim u t-tagħlim, l-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajbin u l-approċċi innovattivi fil-livell tal-Unjoni, programmi ta' taħriġ u skambju,

— proġetti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' għodod u metodi metodoloġiċi, notevolment statistiċi, u indikaturi komuni,

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 01 *(ikompli)*

18 02 01 02 *(ikompli)*

— l-akkwist, il-manutenzjoni u/jew it-titjib ulterjuri ta' tagħmir tekniku, għarfien espert, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, binjiet u sistemi relatati, speċjalment sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom fil-livell tal-Unjoni, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea dwar iċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità, notevolment Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità,

— proġetti li jtejbu l-għarfien tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, inkluża komunikazzjoni korporattiva fuq il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni,

— proġetti partikolarment innovattivi li jiżviluppaw metodi ġodda u/jew użaw teknoloġiji ġodda b'potenzjal ta' trasferibilità lejn Stati Membri oħrajn, speċjalment proġetti li għandhom l-għan li jittestjaw u jivvalidaw l-eżitu ta' proġetti ta' riċerka dwar is-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni,

— studji u proġetti pilota,

— is-sensibilizzazzjoni, l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fir-rigward tal-politiki tal-affarijiet interni tal-Unjoni, il-prijoritajiet u r-riżultati.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll azzjonijiet ta' sostenn relatati ma' pajjiżi terzi u dawk li jsiru fihom, u b'mod partikolari dawn li ġejjin:

— azzjonijiet li jtejbu l-kooperazzjoni tal-pulizija u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni tal-liġi, u, fejn applikabbli, organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi timijiet ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni konġunta transfruntiera, l-aċċess għal informazzjoni u teknoloġiji interoperabbli u l-iskambju tagħhom,

— netwerking, kunfidenza reċiproka, ftehim u tagħlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u t-tixrid ta' kompetenzi, l-esperjenza u l-prattiċi tajba, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, l-għarfien u t-tbassir kondiviżi tas-sitwazzjoni, l-ippjanar ta' kontinġenza u interoperabbiltà,

— l-akkwist, il-manutenzjoni u/jew it-titjib ulterjuri ta' tagħmir tekniku, inklużi sistemi tal-ICT u l-komponenti tagħhom,

— skambju, taħriġ u edukazzjoni ta' persunal u esperti tal-awtoritajiet rilevanti, inkluż taħriġ fil-lingwa,

— attivitajiet ta' żieda, tixrid u komunikazzjoni ta' għarfien,

— valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u ta' impatt,

— studji u proġetti pilota.

Din l-approprjazzjoni tintuża biex tipprovdi assistenza finanzjarja għall-indirizzar ta' ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li tfisser kwalunkwe inċident relatat mas-sigurtà jew theddida ġdida li għandha jew li jista' jkollha impatt avvers importanti fuq is-sigurtà tan-nies fi Stat Membru wieħed jew iktar.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 93).

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 01 *(ikompli)*

18 02 01 02 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

18 02 01 03 Stabiliment ta' sistemi tal-IT ġodda biex jappoġġaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri t-twaqqif u t-tħaddim ta' sistemi informatiċi, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom u t-tagħmir li jsostni l-ġestjoni ta' flussi migratorji bejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

18 02 02 ***Faċilità ta' Schengen għall-Kroazja***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	—	p.m.	80 000 000,—	80 000 000,—

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 02 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa relatata ma' strument temporanju biex jgħin lill-Kroazja bejn id-data ta' adeżjoni u tmiem l-2014 biex tiffinanzja azzjonijiet fil-fruntieri esterni l-ġodda tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u l-kontroll tal-fruntieri esterni.

Bażi ġuridika

Il-kompiti li jirriżultaw mis-setgħat speċifiċi assenjati direttament lill-Kummissjoni permezz tal-Artikolu 31 tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-Kroazja.

18 02 03 ***Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (Frontex)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
238 686 000	238 686 000	120 291 000	126 571 000	86 810 000,—	79 500 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva u dik relatata mal-persunal tal-Aġenziji (Titoli 1 u 2) u n-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsin lura b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 238 686 000.

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 03 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 30).

Ir-Regolament (UE) Nru 1168/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur) (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 656/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operazzjonali kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 93).

18 02 04 ***Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
97 660 000	97 660 000	92 598 000	92 598 000	84 249 589,—	84 249 589,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva u dik relatata mal-persunal tal-Uffiċċju (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsin lura b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 100 242 000. Ammont ta' EUR 2 582 000 li ġej mill-irkupru ta' surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 97 660 000 imdaħħal fil-baġit.

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 04 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37).

18 02 05 ***Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
8 411 000	8 411 000	7 678 000	7 678 000	8 575 858,50	8 575 854,50

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva u dik relatata mal-persunal tal-Kulleġġ (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali (Titolu 3).

Il-Kulleġġ għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsin lura b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 8 641 000. Ammont ta' EUR 230 000 li ġej mill-irkupru ta' surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 8 411 000 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Cepol) (ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63).

18 02 07 ***Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ("eu-LISA")***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
80 022 000	80 022 000	72 809 100	72 809 100	59 380 000,—	42 567 331,93

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 07 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva u fuq il-persunal tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2), in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsin lura b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 jikkostitwixxu dħul assenjat (il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitnaqqas mill-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 80 022 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011).

18 02 08 ***Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
9 610 500	13 398 000	9 421 500	9 412 273	11 395 269,61	6 311 810,72

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tiffinanzja n-nefqa operazzjonali tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS), b'mod partikolari l-kost tal-infrastruttura tan-netwerks u l-kost tal-istudji relatati mas-sistema.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 08 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Il-Protokoll Nru 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/886/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2424/2001 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-vetturi (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1272/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 359, 29.12.2012, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1273/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 359, 29.12.2012, p. 32).

18 02 09 ***Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
9 610 500	16 285 000	9 421 500	12 553 358	11 352 544,04	25 193 785,64

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa relatata mal-iżvilupp ta' analiżi, il-kunsinna u l-installazzjoni ta' sistema ta' informazzjoni fuq skala kbira madwar l-Ewropa "VIS" (Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża), b'mod partikolari l-kost tal-infrastruttura tan-netwerk u l-kost tal-istudji relatati mas-sistema.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet oħrajn b'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 09 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004, li twaqqaf is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129).

Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

18 02 51 ***Tlestija ta' operazzjonijiet u programmi fil-qasam tal-fruntieri esterni, is-sigurtà u s-salvagwardja tal-libertajiet***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	99 485 662	p.m.	73 483 714	3 221 127,28	212 460 545,07

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel.

Bażi ġuridika

L-Azzjoni Konġunta 98/245/ĠAI tad-19 Marzu 1998 adottata mill-Kunsill, abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tistabbilixxi programm ta' skambji, taħriġ u kooperazzjoni għal dawk responsabbli minn azzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (il-programm Falcone) (GU L 99, 31.3.1998, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/512/ĠAI tat-28 Ġunju 2001 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' inċentivi u skambji, taħriġ u kooperazzjoni għal dawk li jipprattikaw il-liġi (Grotius II — Penali) (ĠU L 186, 7.7.2001, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/513/ĠAI tat-28 Ġunju 2001 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' inċentivi, skambji, taħriġ u kooperazzjoni għall-awtoritàjiet li jinfurżaw il-liġi (Oisin II) (ĠU L 186, 7.7.2001, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/514/ĠAI tat-28 Ġunju 2001 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programmi ta' inċentivi, skambji, taħriġ u kooperazzjoni għall-dawk responsabbli mill-ġlied kontra l-kummerċ tal-essri umani u l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal (Stop II) (ĠU L 186, 7.7.2001, p. 7).

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 51 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/515/ĠAI tat-28 Ġunju 2001 li tistabbilixxi programm ta' inċentivi u skambji, taħriġ u kooperazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalita (Hippokrates) (ĠU L 186, 7.7.2001, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/630/ĠAI tat-22 Lulju 2002 li tistabbilixxi programm kwadru għal koperazzjoni ġudizzjarja u bejn il-pulizija fi kwistjonijiet kriminali (AGIS) (ĠU L 203, 1.8.2002, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/124/KE tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi l-programmi speċifiċi "Prevenzjoni, Stat ta' Thejjija u Maniġġar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà'" u Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità għall-Perijodu 2007-2013 bħala parti mill-programmi Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet u dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (ĠU L 58, 24.2.2007, p 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità' għall-perjodu 2007-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-libertajiet (ĠU L 58, 24.2.2007, p. 7).

Id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

Il-kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Il-kompitu li jirriżulta mill-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew li jistabbilixxi programm qafas dwar "Is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet" għall-perjodu 2007-2013 (COM(2005) 124 final).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew tat-2 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi programm qafas dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni għall-perjodu 2007-2013 (COM(2005) 123 final).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/599/KE tas-27 ta' Awwissu 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2007 sal-2013(ĠU L 233,5.9.2007, p 3).

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 51 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/456/KE tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibilità ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fond (ĠU L 167, 27.6.2008, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viża) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

18 02 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

18 02 77 01 Proġett pilota — Tlestija tal-ġlieda kontra t-terroriżmu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

18 02 77 02 Proġett pilota — Mekkaniżmi integrati ġodda għall-kooperazzjoni bejn atturi pubbliċi u privati li jidentifikaw ir-riskji tal-logħob tal-flus fuq l-isport

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	872 374	0,—	0,—

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 02 — SIGURTÀ INTERNA *(ikompli)*

18 02 77 *(ikompli)*

18 02 77 02 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
18 03	ASIL U MIGRAZZJONI								
18 03 01	***Il-Fond ta' Asil, Migrazzjoni u Integrazzjoni***								
18 03 01 01	Tisħiħ u żvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u titjib tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabilità bejn l-Istati Membri	3	1 573 487 626	785 050 000	339 483 427	134 697 433	29 446 117,—	0,—	0
18 03 01 02	Sostenn għal migrazzjoni legali lejn l-Unjoni u l-promozzjoni tal-integrazzjoni effikaċi tan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi u t-tisħiħ ta' strateġiji ġusti u effikaċi tar-ritorn	3	314 476 868	216 910 000	281 375 140	128 191 655	14 194 765,42	5 263 091,50	2,43
	Artikolu 18 03 01 — Subtotal		1 887 964 494	1 001 960 000	620 858 567	262 889 088	43 640 882,42	5 263 091,50	0,53
18 03 02	***Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO)***	3	18 665 600	18 665 600	15 448 360	15 448 360	14 518 000,—	12 100 000,—	64,83
18 03 03	***Databaża Ewropea tal-marki tas-swaba' (Eurodac)***	3	100 000	100 000	100 000	86 290	21 498,—	239 219,41	239,22
18 03 51	***Tlestija tal-operazzjonijiet u programmi fil-qasam tar-ritorn, refuġjati u flussi migratorji***	3	p.m.	125 000 000	p.m.	117 144 601	1 966 141,20	179 639 234,85	143,71
18 03 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
18 03 77 01	Azzjoni preparatorja — Tlestija tal-ġestjoni tar-ritorn fil-qasam tal-migrazzjoni	3	—	—	—	—	0,—	0,—	
18 03 77 03	Azzjoni preparatorja — Tlestija tal-integrazzjoni ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi	3	p.m.	p.m.	—	—	0,—	0,—	
18 03 77 04	Proġett pilota — Netwerk ta' kuntatti u diskussjoni bejn muniċipalitajiet u awtoritajiet lokali speċifiċi dwar l-esperjenzi u l-aħjar prattiku fir-rilokazzjoni u l-integrazzjoni tar-refuġjati	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
18 03 77 05	Proġett pilota — Finanzjar għall-vittmi tat-tortura	3	p.m.	560 000	p.m.	348 949	0,—	1 306 728,34	233,34

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
18 03 77	*(ikompli)*								
18 03 77 06	Azzjoni preparatorja — Tħollija tar-risistemazzjoni ta' refuġjati f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza	3	p.m.	300 000	p.m.	436 187	0,—	0,—	0
18 03 77 07	Proġett pilota — Analiżi tal-politiki ta' akkoljenza, protezzjoni u integrazzjoni għal minorenni mhux akkumpanjati fl-Unjoni	3	p.m.	285 000	p.m.	218 093	0,—	513 417,41	180,15
18 03 77 08	Azzjoni preparatorja — Netwerk ta' kuntatti u diskussjoni bejn muniċipalitajiet u awtoritajiet lokali speċifiċi dwar l-esperjenzi u l-aħjar prattiki fir-risistemazzjoni u l-integrazzjoni tar-refuġjati	3	p.m.	150 000	p.m.	p.m.	0,—	350 000,—	233,33
18 03 77 09	Azzjoni preparatorja — Finanzjament għar-riabilitazzjoni tal-vittmi tat-tortura	3	p.m.	90 000	500 000	250 000	3 000 000,—	0,—	0
18 03 77 10	Proġett pilota — It-Tlestija tal-Iffinanzjar għall-vittmi ta' tortura	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	165 982,08	
	Artikolu 18 03 77 — Subtotal		p.m.	1 385 000	500 000	1 253 229	3 000 000,—	2 336 127,83	168,67
	Kapitolu 18 03 — Total		**1 906 730 094**	**1 147 110 600**	**636 906 927**	**396 821 568**	**63 146 521,62**	**199 577 673,59**	**17,40**

18 03 01 Il-Fond ta' Asil, Migrazzjoni u Integrazzjoni

18 03 01 01 Tisħiħ u żvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u titjib tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabilità bejn l-Istati Membri

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 573 487 626	785 050 000	339 483 427	134 697 433	29 446 117,—	0,—

KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI *(ikompli)*

18 03 01 *(ikompli)*

18 03 01 01 *(ikompli)*

Kummenti

B'mod partikolari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi sabiex issaħħaħ u tiżviluppa s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, inkluża d-dimensjoni esterna tagħha u sabiex issaħħaħ is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabilità bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari rigward dawk li l-iktar huma affettwati mill-flussi migratorji u l-Asil.

Fil-każ tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet relatati massistemi ta' lqugħ u Asil u, azzjonijiet li jtejbu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jiżviluppaw, jimmonitorjaw u jevalwaw il-politiki tgaħhom dwar l-Asil.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll sabiex tkopri azzjonijiet relatati mar-risistemazzjoni, it-trasferiment ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u l-benefiċjarji tagħha u ammissjoni umanitarja oħra *ad hoc*

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, l-approprjazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni. B'mod partikolari, dawn l-azzjonijiet jappoġġaw:

— iż-żieda fil-kooperazzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u fil-qsim tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-Asil, partikolarment dwar ir-risistemazzjoni u t-trasferiment ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u/jew l-benefiċjarji tagħha minn Stat Membru wieħed għal ieħor inkluż permezz ta' netwerking u skambju ta' informazzjoni, inkluż appoġġ mal-wasla u attivitajiet ta' koordinazzjoni li jippromwovu r-risistemazzjoni mal-komunitajiet lokali li għandhom jilqgħu r-refuġjati risistemati,

— it-twaqqif ta' netwerks ta' kooperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota, inklużi proġetti innovattivi, bbażati fuq shubiji transnazzjonali bejn korpi li jinsabu f'żewġ Stati Membri jew aktar imfassla biex jistimolaw l-innovazzjoni, u biex jiffaċilitaw l-iskambji ta' esperjenza u prattika tajba,

— studji u riċerka fuq forom ġodda possibbli ta' kooperazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-Asil u l-liġi relevanti tal-Unjoni, il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fuq l-aħjar prattiki u fuq l-aspetti kollha oħrajn tal-politiki tal-Asil, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva fuq il-prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni,

— l-iżvilupp u l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' għodod, metodi u indikaturi statistiċi komuni għall-kejl tal-iżviluppi tal-politiki fil-qasam tal-Asil,

— is-sostenn tal-appoġġ preparatorju, ta' monitoraġġ, amministrattiv u tekniku, l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni meħtieġ sabiex jimplimenta l-politiki dwar l-Asil,

— il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi abbażi tal-Approċċ Globali tal-Unjoni għall-Migrazzjoni u l-Mobilità, b'mod partikolari fil-qafas tal-implimentazzjoni tas-shubijiet ta' mobilità, programmi ta' protezzjoni reġjonali,

— is-sensibilizzazzjoni, l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fir-rigward tal-politiki tal-affarijiet interni tal-Unjoni, il-prijoritajiet u r-riżultati.

L-approprjazzjoni tkopri wkoll ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza.

KUMMISSJONI
TITOLU 18 — MIGRAZZJONI U AFFARIJIET INTERNI

KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI *(ikompli)*

18 03 01 *(ikompli)*

18 03 01 01 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168).

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 146).

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 80).

18 03 01 02 Sostenn għal migrazzjoni legali lejn l-Unjoni u l-promozzjoni tal-integrazzjoni effikaċi tan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi u t-tisħiħ ta' strateġiji ġusti u effikaċi tar-ritorn

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
314 476 868	216 910 000	281 375 140	128 191 655	14 194 765,42	5 263 091,50

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-migrazzjoni legali lejn l-Istati Membri skont il-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali tagħhom bħalma huma l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-integrità tas-sistemi tal-immigrazzjoni tal-Istati Membri, biex tiġi promossa l-integrazzjoni effettiva taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi, u sabiex jissaħħu l-istrateġiji ta' ritorn ġusti u effettivi fl-Istati Membri, li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, b'enfasi fuq is-sostenibbiltà ta' ritorn u r-riammissjoni effettiva fil-pajjiżi tal-oriġini u ta' tranżitu.

Fir-rigward tal-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri miżuri dwar l-immigrazzjoni u ta' qabel it-tluq, miżuri ta' integrazzjoni, u l-kooperazzjoni prattika u l-miżuri ta' bini tal-kapaċità tal-Istati Membri.

Fir-rigward tal-istrateġiji ta' ritorn ġusti u effettivi, din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri miżuri li jakkumpanjaw il-proċeduri ta' ritorn, miżuri ta' ritorn, miżuri ta' kooperazzjoni prattika u bini tal-kapaċità tal-Istati Membri.

KAPITOLU 18 03 — ASIL U MIGRAZZJONI *(ikompli)*

18 03 01 *(ikompli)*

18 03 01 02 *(ikompli)*

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, l-approprjazzjoni tista' tintuża biex tiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni. B'mod partikolari, dawn l-azzjonijiet jappoġġaw:

— it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u fil-qsim tal-prattiki tajbin fil-qasam tal-migrazzjoni legali, l-integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi, u r-ritorn,

— it-twaqqif ta' netwerks ta' kooperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota, inklużi proġetti innovattivi, bbażati fuq shubiji transnazzjonali bejn korpi li jinsabu f'żewġ Stati Membri jew aktar imfassla biex jistimolaw l-innovazzjoni, u biex jiffaċilitaw l-iskambji ta' esperjenza u prattika tajba,

— studji u riċerka fuq forom ġodda possibbli ta' kooperazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u r-ritorn u l-liġi relevanti tal-Unjoni, il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fuq l-aħjar prattiki u fuq l-aspetti kollha l-oħrajn tal-integrazzjoni u r-ritorn, inkluża l-komunikazzjoni kooperattiva fuq il-prijoritajiet tal-politiki tal-Unjoni,

— l-iżvilupp u l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' għodod statistiċi komuni, metodi u indikaturi għall-kejl ta' żviluppi tal-politika fil-qasam tal-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni u r-ritorn,

— is-sostenn tal-appoġġ preparatorju, ta' monitoraġġ, amministrattiv u tekniku, l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni meħtieġ sabiex jimplimenta l-politiki dwar l-immigrazzjoni,

— il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi abbażi tal-Approċċ Globali tal-Unjoni għall-Migrazzjoni u l-Mobilità, b'mod partikolari fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni, shubijiet ta' mobilità,

— il-miżuri ta' informazzjoni u l-kampanji f'pajjiżi terzi mmirati sabiex iqajmu kuxjenza dwar il-mezzi legali xierqa għall-immigrazzjoni u r-riskji tal-immigrazzjoni illegali,

— is-sensibilizzazzjoni, l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fir-rigward tal-politiki tal-affarijiet interni tal-Unjoni, il-prijoritajiet u r-riżultati.

Din l-approprjazzjoni għandha tkopri wkoll in-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni għall-attivitajiet tiegħu u l-iżvilupp tiegħu fil-ġejjieni.

Bażi ġuridika

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KAPITOLU 18 06 — POLITIKA KONTRA D-DROGI *(ikompli)*

18 06 51 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-programm speċifiku Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 23).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2005 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 final).

KUMMISSJONI

TITOLU 19

STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

TITOLU 19

STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
19 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA"	24 818 316	24 818 316	22 966 858	22 966 858	23 920 864,18	23 920 864,18
19 02	STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI - RISPONS GĦAL KRIŻIJIET, PREVENZJONI TA' KUNFLITTI, BINI TAL-PAĊI U TĦEJJIJA GĦALL-KRIŻIJIET	253 506 177	222 857 200	247 566 000	177 697 519	188 055 702,58	200 937 577,68
19 03	POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)	326 770 000	298 135 000	320 516 000	267 656 623	304 691 105,34	263 449 481,21
19 04	MISSJONIJIET TA' OSSERVAZZJONI ELETTORALI (EU EOMS)	44 626 565	36 307 000	41 267 086	30 162 748	43 463 700,12	31 017 532,39
19 05	KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI FL-AMBITU TAL-ISTRUMENT TA' SĦUBIJA (PI)	120 382 000	82 726 136	114 428 000	67 121 090	115 928 039,43	22 454 061,41
19 06	SENSIBILIZZAZZJONI INFORMATTIVA DWAR RELAZZJONIJIET ESTERNI TAL-UNJONI	12 500 000	12 500 000	12 500 000	12 236 901	11 308 578,83	12 733 033,55
	Titolu 19 — Total	**782 603 058**	**677 343 652**	**759 243 944**	**577 841 739**	**687 367 990,48**	**554 512 550,42**

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

TITOLU 19

STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
19 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA"					
19 01 01	***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Strumenti ta' Politika Barranija"***					
19 01 01 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Kwartieri ġenerali	5,2	8 320 426	8 146 703	8 180 034,73	98,31
19 01 01 02	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	p.m.	p.m.	601,56	
	Artikolu 19 01 01 — Subtotal		8 320 426	8 146 703	8 180 636,29	98,32
19 01 02	***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Strumenti ta' Politika Barranija"***					
19 01 02 01	Persunal estern — Kwartieri ġenerali	5,2	2 001 400	1 944 250	1 840 715,19	91,97
19 01 02 02	Persunal estern — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	240 345	235 701	278 949,27	116,06
19 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra — Kwartieri ġenerali	5,2	558 369	525 211	424 352,52	76,00
19 01 02 12	Nefqa maniġerjali oħra — Delegazzjoni tal-Unjoni	5,2	29 756	27 779	36 718,49	123,40
	Artikolu 19 01 02 — Subtotal		2 829 870	2 732 941	2 580 735,47	91,20
19 01 03	***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Strumenti ta' politika barranija"***					

KAPITOLU 19 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA" *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
19 01 03	*(ikompli)*					
19 01 03 01	Nefqa b'rabta mal-apparat u s-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	531 019	517 202	590 018,71	111,11
19 01 03 02	Bini u nefqa relatata — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	140 274	130 108	290 468,73	207,07
	Artikolu 19 01 03 — Subtotal		671 293	647 310	880 487,44	131,16
19 01 04	***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Strumenti tal-politika barranija"***					
19 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi	4	6 544 000	6 480 177	7 026 797,48	107,38
19 01 04 02	Nefqa ta' sostenn għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)	4	500 000	250 000	347 381,—	69,48
19 01 04 03	Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) — Nefqa relatata ma' missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali (MOEs)	4	686 727	586 727	697 644,—	101,59
19 01 04 04	Nefqa ta' sostenn għal Strument ta' Sħubija	4	5 036 000	3 960 000	3 933 182,50	78,10
	Artikolu 19 01 04 — Subtotal		12 766 727	11 276 904	12 005 004,98	94,03
19 01 06	***Aġenziji eżekuttivi***					
19 01 06 01	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Istrument ta' Sħubija.	4	230 000	163 000	274 000,—	119,13
	Artikolu 19 01 06 — Subtotal		230 000	163 000	274 000,—	119,13
	Kapitolu 19 01 — Total		**24 818 316**	**22 966 858**	**23 920 864,18**	**96,38**

19 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Strumenti ta' Politika Barranija"

19 01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
8 320 426	8 146 703	8 180 034,73

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA" *(ikompli)*

19 01 01 *(ikompli)*

19 01 01 01 *(ikompli)*

Kummenti

Aktar persunal tal-Kummissjoni se jiġi assenjat għal-immaniġġar tar-reazzjoni għall-kriżijiet, bil-ħsieb li jkun hemm biżżejjed kapaċità għas-segwitu tal-proposti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għal reazzjoni għall-kriżijiet.

19 01 01 02 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	601,56

Kummenti

Il-Kummissjoni se timpjega b'mandat fit-tul persunal kwalifikat u speċjalizzat ħafna għal kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-bniedem.

Biżżejjed persunal se jiġi assenjat għall-immaniġġar tar-reazzjoni għall-kriżijiet biex jassigura s-segwitu tal-proposti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rigward ir-reazzjoni għall-kriżijiet.

19 01 02 ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Strumenti ta' Politika Barranija"***

19 01 02 01 Persunal estern — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 001 400	1 944 250	1 840 715,19

19 01 02 02 Persunal estern — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
240 345	235 701	278 949,27

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA" *(ikompli)*

19 01 02 *(ikompli)*

19 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
558 369	525 211	424 352,52

19 01 02 12 Nefqa maniġerjali oħra — Delegazzjoni tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
29 756	27 779	36 718,49

19 01 03 ***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Strumenti ta' politika barranija"***

19 01 03 01 Nefqa b'rabta mal-apparat u s-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
531 019	517 202	590 018,71

19 01 03 02 Bini u nefqa relatata — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
140 274	130 108	290 468,73

19 01 04 ***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Strumenti tal-politika barranija"***

19 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 544 000	6 480 177	7 026 797,48

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA" *(ikompli)*

19 01 04 *(ikompli)*

19 01 04 01 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz ad hoc għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— in-nefqa għal persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-iskopijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' uffiċċji ta' assistenza teknika li ġew eliminati, kif ukoll il-kost addizzjonali tal-loġistika u l-infrastruttura, bħall-kost tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet u l-kiri tal-akkomodazzjoni, direttament ikkawżati mill-preżenza tad-delegazzjoni tal-Unjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita,

— in-nefqa għal stħarriġ, laqgħat ta' esperti, sistemi ta' informazzjoni, sensibilizzazzjoni, taħriġ, tħejjija u l-iskambju tat-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki, kif ukoll l-attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe assistenza amministrattiva jew teknika oħra marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-program,.

— l-attivitajiet ta' riċerka dwar kwistjonijiet rilevanti u t-tixrid tagħhom,

— in-nefqa relatata mal-provvista ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Kwalunkwe introjtu minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tar-rendikont tad-dħul, jikkostitwixxu dħul allokat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa ta' sostenn taħt il-Kapitolu 19 02.

19 01 04 02 Nefqa ta' sostenn għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
500 000	250 000	347 381,—

KAPITOLU 19 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA" *(ikompli)*

19 01 04 *(ikompli)*

19 01 04 02 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri sostenn għall-implimentazzjoni ta' miżuri PESK li għalihom il-Kummissjoni ma jkollhiex l-esperjenza rikjesta jew tkun teħtieġ sostenn addizzjonali. Hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqa għal għajnuna teknika u assistenza amministrattiva li l-Kummissjoni tista' tiddelega lil aġenzija ta' implimentazzjoni regolata bil-liġi tal-Unjoni,

— in-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ad hoc għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji. Din tinkludi l-kostijiet assoċjati mal-aġġornament u ż-żamma tal-"Lista elettronika-Konsolidata ta' Sanzjonijiet Finanzjarji Mmirati (e-CTFSL)" neċessarja għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji applikati biex jintlaħqu l-objettivi PESK speċifiċi stabbiliti fit-Trattat tal-Unjoni Ewropea,

— in-nefqa għal stħarriġ, laqgħat ta' esperti, sistemi ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta b'mod dirett mal-kisba tal-objettiv tal-programm.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bla ħsara għad-deċiżjoni finali dwar l-istabiliment ta' Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet għal dawk il-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri n-nefqa ta' sostenn amministrattiv għall-Pjattaforma ta' Appoġġ għall-Missjonijiet.

Kull dħul mill-missjonijiet tal-PSDK li jikkontribwixxi għall-kost ta' servizzi ta' sostenn ċentralizzat imdaħħal fl-Artikolu 5 5 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il partita skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

It-total tad-dħul skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq l-EUR 440 000.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa ta' sostenn taħt il-Kapitolu 19 03.

19 01 04 03 Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) — Nefqa relatata ma' missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali (MOEs)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
686 727	586 727	697 644,—

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA" *(ikompli)*

19 01 04 *(ikompli)*

19 01 04 03 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ad hoc għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija) li għandu l-għan li jieħu f'idejh il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċini ta' assistenza teknika issa magħluqin; In-nefqa għal persunal estern fil-kwartieri ġenerali hija limitata għal EUR 336 727. Din l-istima hija bbażata fuq il-kost proviżorju annwali ta' unità għal kull sena tax-xogħol, li minnha 95% hija r-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 5 % l-kost addizzjonali tat-taħriġ, il-laqgħat il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika (IT) u t-telekomunikazzjoni marbuta mal-persunal estern iffinanzjat taħt din l-approprjazzjoni,

— in-nefqa għal sttħarriġ, laqgħat ta' esperti, sistemi ta' informazzjoni, sensibilizzazzjoni, taħriġ, tħejjija u l-iskambju tat-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki, kif ukoll l-attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe assistenza amministrattiva jew teknika oħra marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm,

— l-attivitajiet ta' riċerka dwar kwistjonijiet rilevanti u t-tixrid tagħhom,

— in-nefqa relatata mal-provvista ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa ta' sostenn taħt il-Kapitolu 19 04.

19 01 04 04 Nefqa ta' sostenn għal Strument ta' Sħubija

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
5 036 000	3 960 000	3 933 182,50

KAPITOLU 19 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA" *(ikompli)*

19 01 04 *(ikompli)*

19 01 04 04 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ad hoc għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— in-nefqa għal persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-iskopijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' uffiċċji ta' assistenza teknika li ġew eliminati, kif ukoll il-kost addizzjonali tal-loġistika u l-infrastruttura, bħall-kost tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet u l-kiri tal-akkomodazzjoni, direttament ikkawżati mill-preżenza tad-delegazzjoni tal-Unjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita,

— in-nefqa għal sttħarriġ, laqgħat ta' esperti, sistemi ta' informazzjoni, sensibilizzazzjoni, taħriġ, tħejjija u l-iskambju tat-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki, kif ukoll l-attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe assistenza amministrattiva jew teknika oħra marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm,

— l-attivitajiet ta' riċerka dwar kwistjonijiet rilevanti u t-tixrid tagħhom,

— in-nefqa relatata mal-provvista ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Kwalunkwe introjtu minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv ikunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa ta' sostenn taħt il-Kapitolu 19 05.

19 01 06 ***Aġenziji eżekuttivi***

19 01 06 01 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Istrument ta' Sħubija.

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
230 000	163 000	274 000,—

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA" *(ikompli)*

19 01 06 *(ikompli)*

19 01 06 01 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-operat tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura mġarrba bħala riżultat tal-ġestjoni tal-proġetti ffinanzjati mill-approprjazzjonijiet taħt il-Kapitolu 19 05 u fdati lill-Aġenzija.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ĠU L 405, 30.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Ir-Regolament (UE) Nru 234/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 77).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiddelega setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet tal-FEŻ.

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 02 — STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI - RISPONS GĦAL KRIŻIJIET, PREVENZJONI TA' KUNFLITTI, BINI TAL-PAĊI U TĦEJJIJA GĦALL-KRIŻIJIET

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
19 02	STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI - RISPONS GĦAL KRIŻIJIET, PREVENZJONI TA' KUNFLITTI, BINI TAL-PAĊI U TĦEJJIJA GĦALL-KRIŻIJIET								
19 02 01	***Rispons għal kriżi u kriżijiet emerġenti***	4	226 506 177	153 139 600	222 566 000	96 457 427	168 984 032,86	22 275 775,78	14,55
19 02 02	***Appoġġ għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-bini tal-paċi u t-tħejjija għall-kriżijiet***	4	27 000 000	10 904 000	25 000 000	8 735 494	19 000 000,—	1 339 757,46	12,29
19 02 51	***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tar-rispons u preparatezza għall-kriżijiet (mill-2007 sal-2013)***	4	p.m.	58 813 600	p.m.	72 504 598	71 669,72	176 922 965,90	300,82
19 02 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
19 02 77 01	Proġett pilota — Programm għall-attivitajiet ta' konsolidazzjoni tal-paċi mmexxija minn NGOs	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	399 078,54	
	Artikolu 19 02 77 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	399 078,54	
	Kapitolu 19 02 — Total		**253 506 177**	**222 857 200**	**247 566 000**	**177 697 519**	**188 055 702,58**	**200 937 577,68**	**90,16**

19 02 01 Rispons għal kriżi u kriżijiet emerġenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
226 506 177	153 139 600	222 566 000	96 457 427	168 984 032,86	22 275 775,78

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi bil-ħeffa għall-istabilità billi tipprovdi rispons effikaċi biex tgħin iżżomm, tistabbilixxi jew tistabbilixxi mill-ġdid il-kundizzjonijiet essenzjali għall-implimentazzjoni xierqa tal-politika u l-azzjonijiet esterni tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-assistenza teknika u finanzjarja tista' tingħata b'rispons għal sitwazzjoni ta' urġenza, kriżi jew kriżi emerġenti, sitwazzjoni li tkun ta' theddida għad-demokrazija, għal-liġi u għall-ordni pubbliku, għall-harsien tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem, jew is-sigurtà u s-sikurezza ta' individwi, b'mod partikolari dawk esposti għall-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru f'sitwazzjonijiet ta' instabbilità, jew sitwazzjoni fix-xifer li teskala f'kunflitt armat jew li tiddistabbilizza l-pajjiż jew il-pajjiżi terzi kkonċernati.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet mill-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 02 — STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI - RISPONS GĦAL KRIŻIJIET, PREVENZJONI TA' KUNFLITTI, BINI TAL-PAĊI U TĦEJJIJA GĦALL-KRIŻIJIET *(ikompli)*

19 02 01 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 1).

19 02 02 ***Appoġġ għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-bini tal-paċi u t-tħejjija għall-kriżijiet***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
27 000 000	10 904 000	25 000 000	8 735 494	19 000 000,—	1 339 757,46

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' kunflitti u tiżgura l-kapaċità u t-tħejjija biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżi kif ukoll il-bini tal-paċi. Dan l-appoġġ tekniku u finanzjarju għandu jkopri l-miżuri mmirati għall-bini u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni u l-imsieħba tagħha biex ikunu evitati l-kunflitti, tinbena l-paċi u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-qabel u ta' wara l-kriżi; b'kunsiderazzjoni xierqa għall-importanza tal-għoti tas-setgħa lin-nisa u tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-miżuri kollha u f'koordinazzjoni mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sottoreġjonali, u mal-atturi tal-Istat u s-soċjetà ċivili.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jista' jikkumplimenta bil-kontribuzzjonijiet tal-Fondi Fiduċjarji tal-UE.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (ĠU L 77, 14.3.2014, p. 1).

19 02 51 ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tar-rispons u preparatezza għall-kriżijiet (mill-2007 sal-2013)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	58 813 600	p.m.	72 504 598	71 669,72	176 922 965,90

KAPITOLU 19 02 — STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI - RISPONS GĦAL KRIŻIJIET, PREVENZJONI TA' KUNFLITTI, BINI TAL-PAĊI U TĦEJJIJA GĦALL-KRIŻIJIET *(ikompli)*

19 02 51 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

19 02 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

19 02 77 01 Proġett pilota — Programm għall-attivitajiet ta' konsolidazzjoni tal-paċi mmexxija minn NGOs

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	399 078,54

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
19 03	POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)								
19 03 01	***Sostenn għall-preservazzjoni tal-istabilità permezz ta' missjonijiet ta' Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea***								
19 03 01 01	Missjoni ta' monitoraġġ fil-Georgia	4	19 000 000	17 000 000	23 000 000	19 225 061	18 604 281,51	12 206 699,35	71,80
19 03 01 02	EULEX Kosovo	4	70 000 000	72 000 000	85 000 000	85 638 907	89 820 000,—	96 583 356,87	134,14
19 03 01 03	EUPOL Afghanistan	4	p.m.	38 000 000	65 000 000	61 170 648	75 383 790,14	60 357 479,—	158,84
19 03 01 04	Miżuri u operazzjonijiet oħrajn ta' mmaniġġar tal-kriżi	4	148 770 000	116 835 000	85 250 000	66 370 152	89 806 000,—	60 235 163,48	51,56
19 03 01 05	Miżuri ta' emerġenza	4	37 000 000	4 000 000	20 000 000	1 747 732	0,—	0,—	0
19 03 01 06	Miżuri ta' tħejjija u ta' segwitu	4	8 000 000	4 000 000	5 266 000	275 268	328 776,63	263 077,20	6,58
19 03 01 07	Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea	4	25 000 000	26 500 000	20 000 000	9 153 836	15 670 000,—	19 696 322,60	74,33
	Artikolu 19 03 01 — Subtotal		307 770 000	278 335 000	303 516 000	243 581 604	289 612 848,28	249 342 098,50	89,58
19 03 02	***Sostenn għan-nonproliferazzjoni u diżarmament***	4	19 000 000	19 800 000	17 000 000	24 075 019	15 078 257,06	14 107 382,71	71,25
	Kapitolu 19 03 — Total		**326 770 000**	**298 135 000**	**320 516 000**	**267 656 623**	**304 691 105,34**	**263 449 481,21**	**88,37**

Kummenti

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà għandha tiżgura li l-Parlament Ewropew ikun involut mill-qrib fl-istadji kollha tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-laqgħat konġunti ta' konsultazzjoni previsti fil-punt 25 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1), li għandhom jiġu intensifikati ulterjorment fuq il-bażi tad-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli dwar ir-responsabilità politika (ĠU C 210, 3.8.2010, p. 1), iridu jinstawraw djalogu kontinwu bejn ir-Rappreżentant Għoli u l-Parlament Ewropew dwar l-għażliet prinċipali u l-aspetti tal-PESK tal-Unjoni, inklużi konsultazzjonijiet qabel l-adozzjoni ta' mandati u strateġiji. Sabiex tiżdied il-koerenza interistituzzjonali tal-PESK u tiġi pprovduta konsulenza aġġornata mill-esperti lill-istituzzjonijiet kollha bħala mezz biex tiġi żviluppata PESK iktar koerenti u effettiva, se tiġi pprovduta riċerka mill-esperti b'rabta mal-politiki, meta jkun xieraq, mill-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà u oħrajn.

KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) *(ikompli)*

19 03 01 Sostenn għall-preservazzjoni tal-istabilità permezz ta' missjonijiet ta' Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea

Kummenti

Il-miżuri u l-operazzjonijiet tal-ġestjoni tal-kriżi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fil-qasam tal-monitoraġġ u l-verifikazzjoni ta' proċessi ta' paċi, riżoluzzjoni ta' kunflitti u attivitajiet oħra ta' stabilizzazzjoni, l-Istat tad-dritt u l-missjonijiet tal-pulizija jaqgħu taħt dan l-Artikolu. Jistgħu jiġu stabbiliti operazzjonijiet għall-monitoraġġ ta' punti tal-qsim tal-fruntieri, ftehimiet ta' paċi jew ta' waqfien mill-ġlied jew, b'mod aktar ġenerali, żviluppi politiċi u ta' sigurtà. Bħal fil-każ tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati taħt dan il-kapitolu tal-baġit, il-miżuri rilevanti għandhom ikunu ta' natura ċivili.

19 03 01 01 Missjoni ta' monitoraġġ fil-Georgia

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
19 000 000	17 000 000	23 000 000	19 225 061	18 604 281,51	12 206 699,35

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tiffinanzja l-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, f'konformità mal-bażi legali rilevanti adottata mill-Kunsill.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43).

19 03 01 02 EULEX Kosovo

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
70 000 000	72 000 000	85 000 000	85 638 907	89 820 000,—	96 583 356,87

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) *(ikompli)*

19 03 01 *(ikompli)*

19 03 01 02 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Missjoni ta' Stat tad-Dritt fil-Kosovo, skont il-bażi legali rilevanti adottata mill-Kunsill.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92).

19 03 01 03 EUPOL Afghanistan

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	38 000 000	65 000 000	61 170 648	75 383 790,14	60 357 479,—

Kummenti

Din l-approprazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan, skont il-bażi ġuridika rilevanti adottata mill-Kunsill.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/279/CFSP tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) (ĠU L 123, 19.5.2010, p. 4).

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) *(ikompli)*

19 03 01 *(ikompli)*

19 03 01 04 Miżuri u operazzjonijiet oħrajn ta' mmaniġġar tal-kriżi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
148 770 000	116 835 000	85 250 000	66 370 152	89 806 000,—	60 235 163,48

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri u operazzjonijiet oħra ta' ġestjoni tal-kriżi barra EULEX KOSOVO, EUMM Georgia u EUPOL AFGHANISTAN. Hija maħsuba wkoll biex tipprovdi għat-tmexxija tas-Segretarjat tal-Kulleġġ Ewropew tas-Sigurtà u d-Difiża u tas-sistema avvanzata tagħha tal-għarfien tad-distanza bbażata fuq l-Internet, kif ukoll għall-kostijiet tal-maħżen f'missjonijiet ċivili tal-PESK.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx it-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jista' jiġi kkumplimentat bil-kontribuzzjonijiet tal-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri fil-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/565/PESK tal-21 ta' Settembru 2010 dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar–riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) (ĠU L 248, 22.9.2010, p. 59)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/576/PESK tat-23 ta' Settembru 2010 dwar il-missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo) (ĠU L 254, 29.9.2010, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/698/PESK tat-13 ta' Novembru 2012 dwar l-istabbiliment ta' maħżen għal missjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet ċivili (ĠU L 314, 14.11.2012, p. 25).

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) *(ikompli)*

19 03 01 *(ikompli)*

19 03 01 04 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/189/PESK tat-22 ta' April 2013 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2008/550/PESK (ĠU L 112, 24.4.2013, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tas-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal- 15 ta' April 2014 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat- 22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine) (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42).

19 03 01 05 Miżuri ta' emerġenza

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
37 000 000	4 000 000	20 000 000	1 747 732	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' kwalunkwe miżuri mhux previsti taħt l-Artikolu 19 03 01 deċiżi matul is-sena finanzjarja, li jridu jiġu implimentati b'mod urġenti.

Dan l-Artikolu huwa maħsub ukoll bħala element ta' flessibbiltà fil-baġit tal-PESK, kif deskritt fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom, għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jkunu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

KUMMISSJONI
TITOLU 19 — STRUMENTI TA' POLITIKA BARRANIJA

KAPITOLU 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) *(ikompli)*

19 03 01 *(ikompli)*

19 03 01 06 Miżuri ta' tħejjija u ta' segwitu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
8 000 000	4 000 000	5 266 000	275 268	328 776,63	263 077,20

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' miżuri preparatorji biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-azzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK u l-adozzjoni tal-istrumenti ġuridiċi neċessarji. Hija maħsuba biex tipprovdi finanzjament għal aktar miżuri biex iżidu l-koerenza u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-PESK. Tista' tkopri inizjattivi biex isaħħu l-kompatibbiltà tat-tagħmir u jistabbilixxu politika ta' akkwist kollettiv għal tagħmir u provvisti. Barra minn hekk, tista' tkopri miżuri ta' analiżi u evalwazzjoni (evalwazzjoni *ex ante* ta' mezzi, studji speċifiċi, organizzazzjoni ta' laqgħat, ġbir ta' informazzjoni fuq il-post). Fil-qasam tal-operazzjonijiet tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżi u għar-Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea (EUSRs), b'mod partikolari, il-miżuri preparatorji jistgħu, fost oħrajn, iservu sabiex jivvalutaw ir-rekwiżiti operattivi għal azzjoni prevista, jipprovdu skjerament inizjali rapidu ta' persunal u riżorsi (eż. spejjeż tal-missjoni, xiri ta' tagħmir, prefinanzjament tat-tmexxija u kostijiet tal-assigurazzjoni fil-fażi tal-bidu), jew jieħdu l-miżuri neċessarji fuq il-post bi tħejjija għat-tnedija tal-operazzjoni. Jistgħu jkopru wkoll esperti li jappoġġaw l-operazzjonijiet tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżi fuq kwistjonijiet tekniċi speċifiċi (eż. l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' ħtiġijiet ta' akkwist) jew it-taħriġ ta' sigurtà għall-persunal li jkun se jintbagħat fuq missjoni tal-PESK jew li jkun se jingħaqad f'tim tal-EUSR.

Hija tkopri wkoll miżuri ta' aġġornament u verifiki tal-miżuri tal-Politika Estera Komuni u ta' Sigurtà u l-finanzjament ta' kull nefqa għar-regolarizzazzjoni ta' miżuri magħluqa qabel.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbutin direttament mal-ilħuq tal-objettiv tal-miżuri li jaqgħu taħt il-partiti 19 03 01 01, 19 03 01 02, 19 03 01 03, 19 03 01 04 u 19 03 01 07.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa ġenerali tat-traduzzjonijiet, l-attivitajiet għall-istampa, l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-Artikolu, u kull nefqa oħra dwar assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti tal-awtorità pubblika mogħtija mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*, bħall-manutenzjoni tas-siti tal-Internet tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ u tal-Kummissarju għall-Kummerċ.

Kwalunkwe dħul fil-kuntest tal-ġestjoni mill-Unjoni tar-responsabbiltajiet finanzjarji marbuta ma' soluzzjoni ta' disputi bejn l-Istat u l-investitur jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija intiża li tkopri approċċ komprensiv għall-komunikazzjoni biex tinvolvi lill-pubbliku inġenerali u lill-partijiet ikkonċernati kollha u tkabbar kemm tista' t-trasparenza fir-rigward tal-attivitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, speċjalment fir-rigward tas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP). Din se tinkludi avvenimenti ta' involviment u ta' djalogu, bħalma huma avvenimenti għall-istampa jew għall-partijiet ikkonċernati, l-ippubblikar ta' informazzjoni, traduzzjonijiet, konsultazzjonijiet u segwitu u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-objettiv tal-attivitajiet li jaqgħu taħt dan l-artikolu, u kwalunkwe nefqa oħra dwar assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti tal-awtorità pubblika mogħtija b'subappalt mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc, bħalma hi l-manutenzjoni tas-siti web tad-DG TRADE u tal-Kummissarju għall-Kummerċ. L-attivitajiet maħsuba biex jiġu involuti l-pubbliku u l-partijiet ikkonċernati kollha huma kruċjali għal politika tal-kummerċ li tkun trasparenti, ta' suċċess u komprensiva.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq iċ-Charter tal-Enerġija u l-Protokoll taċ-Charter tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/552/KE tal-24 ta' Settembru 1998 dwar l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni ta' attivitajiet konnessi mal-istrateġija ta' aċċes għas-suq Komunitarju (ĠU L 265, 30.9.1998, p. 31).

KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ *(ikompli)*

20 02 01 *(ikompli)*

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

20 02 03 ***Għajnuna għall-kummerċ — Inizjattivi multilaterali***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
4 500 000	4 500 000	4 802 000	9 300 045	4 150 000,—	3 447 021,20

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex jingħata appoġġ għall-programmi u inizjattivi multilaterali fil-qasam tal-għajnuna marbuta mal-kummerċ biex issaħħaħ il-ħila tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jieħdu sehem b'mod effettiv fis-sistema ta' kummerċ multilaterali u fl-arranġamenti kummerċjali reġjonali u biex itejbu l-prestazzjoni kummerċjali tagħhom.

L-inizjattivi u l-programmi li se jkunu ffinanzjati skont din l-approprjazzjoni se jappoġġaw l-azzjonijiet li ġejjin:

Assistenza għall-politika kummerċjali, parteċipazzjoni fin-negozjati u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali u relatati mal-kummerċ

Azzjonijiet biex tissaħħaħ il-ħila tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jifformulaw il-politika kummerċjali tagħhom u jsaħħu l-istituzzjonijiet involuti fil-politika kummerċjali, inklużi reviżjonijiet kummerċjali komprensivi u aġġornati biex jintegraw il-kummerċ fil-politika rispettiva tagħhom għat-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku.

Azzjonijiet għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jipparteċipaw b'mod effettiv f'negozjati dwar kummerċ u investmenti, biex jiġu implimentati ftehimiet ta' kummerċ u ta' investiment u biex isiru azzjonijiet ta' segwitu, inkluż fejn jidħlu aspetti ta' kummerċ u ta' żvilupp sostenibbli fil-perspettivi ta' xogħol u ta' ambjent tagħhom.

Riċerka biex jingħataw pariri lil dawk li jfasslu l-politika dwar kif l-aħjar jista' jiġi żgurat li l-interessi speċifiċi ta' produtturi żgħar u ta' ħaddiema f'pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu riflessi madwar l-oqsma kollha ta' politika u biex jippromwovu ambjent li jwessa' l-possibilitajiet tal-produtturi lli jiksbu aċċess għas-swieq dinjija.

Din l-assistenza hija mmirata primarjament lejn is-settur pubbliku, iżda tista' wkoll tinkludi inizjattivi b'appoġġ għar-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji u l-kummerċ ġust.

Żvilupp kummerċjali

Azzjonijiet biex jitnaqqsu r-restrizzjonijiet fuq in-naħa tal-provvista li jkollhom impatt dirett fuq il-ħila tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jisfruttaw il-potenzjal kummerċjali internazzjonali tagħhom, inkluż, b'mod partikolari, l-iżvilupp tas-settur privat.

Din l-approprjazzjoni tikkumplimenta l-programmi ġeografiċi tal-Unjoni u għandha tkopri biss inizjattivi u programmi multilaterali li joffru valur miżjud reali lill-programmi ġeografiċi tal-Unjoni.

KUMMISSJONI
TITOLU 20 — KUMMERĊ

KAPITOLU 20 02 — POLITIKA TAL-KUMMERĊ *(ikompli)*

20 02 03 *(ikompli)*

Il-Kummissjoni se tipprovdi rapport annwali dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati miksuba u dwar l-eżiti u l-effetti ewlenin tal-assistenza tal-Għajnuna għall-Kummerċ. Il-Kummissjoni se tipprovdi informazzjoni dwar ċifra totali għall-iffinanzjar kollu tal-Għajnuna għall-Kummerċ li jkun ġej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, u ċifra totali għall-Għajnuna għall-Kummerċ provduta li tkun ġejja mill-"assistenza relatata mal-kummerċ" kollha.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

20 02 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

20 02 77 01 Proġett Pilota — It-tisħiħ tal-involviment tal-partijiet interessati u l-aċċess għall-informazzjoni fir-rigward tan-negozjati kummerċjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
300 000	150 000				

Kummenti

Dan il-proġett pilota se jagħti spinta u jsaħħaħ l-isforzi tal-Kummissjoni biex tinvolvi lill-partijiet interessati u tipprovdi aċċess għall-informazzjoni rigward in-negozjati kummerċjali. Dan huwa ta' tħassib tassew immedjat fir-rigward tan-negozjati dwar is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP). Il-proġett se jinvolvi lill-pubbliku ġenerali u lill-partijiet interessati kollha bl-akbar trasparenza fir-rigward tal-attivitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, speċjalment fir-rigward tat-TTIP. Dan jinkludi traduzzjonijiet, avvenimenti ta' involviment u ta' djalogu, inklużi l-avvenimenti għall-istampa u għall-partijiet interessati, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni, ta' konsultazzjonijiet u ta' pubblikazzjonijiet ta' segwitu.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ għandu jkun jista' wkoll jinvolvi lill-partijiet interessati b'mod aktar attiv barra minn Brussell, jiġifieri fl-Istati Membri. Jeħtieġ li l-informazzjoni ssir aċċessibbli b'mod aktar effikaċi u li tingħieb għall-attenzjoni tal-partijiet interessati, inklużi ċ-ċittadini tal-Unjoni. Hemm ammont sostanzjali ta' informazzjoni, iżda mhuwiex dejjem faċli li taċċessaha jew li ssibha.

Dan il-proġett se jkopri inizjattivi kemm onlajn kif ukoll offlajn.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

TITOLU 21

KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

TITOLU 21

KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"	278 939 686	278 939 686	259 803 477	259 803 477	386 194 747,68	386 194 747,68
21 02	STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)	2 552 086 343	2 664 054 161	2 378 571 901	2 077 785 314	2 268 134 855,41	1 699 350 375,33
21 04	STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM	130 293 231	133 614 523	130 166 185	113 853 650	132 782 368,05	127 991 318,56
21 05	STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI (ICSP) - THEDDID GLOBALI U TRANSREĠJONALI U EMERĠENTI	64 393 076	84 811 328	64 000 000	47 852 049	82 260 565,61	48 161 919,91
21 06	STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI	70 369 456	95 554 028	59 740 640	58 767 211	29 346 872,—	46 847 849,41
21 07	IS-SĦUBIJA UNJONI EWROPEA-GREENLAND	31 130 000	34 601 717	30 698 715	33 637 321	24 569 471,—	17 042 028,—
21 08	ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA	34 762 000	33 255 980	35 638 000	34 887 896	37 154 565,79	24 801 270,41
21 09	TLESTIJA TA' AZZJONIJIET IMPLIMENTATI FL-AMBITU TAL-PROGRAMM STRUMENT GĦALL-PAJJIŻI INDUSTRIJALIZZATI (ICI+)	—	21 052 357	—	23 058 234	1 036,61	11 662 457,30
	Titolu 21 — Total	**3 161 973 792**	**3 345 883 780**	**2 958 618 918**	**2 649 645 152**	**2 960 444 482,15**	**2 362 051 966,60**

TITOLU 21

KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
21 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"					
21 01 01	***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fil-qasam ta' politika "Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp"***					
21 01 01 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Kwartieri ġenerali	5,2	65 266 714	63 541 256	63 213 259,86	96,85
21 01 01 02	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	78 479 959	70 232 286	69 997 705,08	89,19
	Artikolu 21 01 01 — Subtotal		143 746 673	133 773 542	133 210 964,94	92,67
21 01 02	***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp"***					
21 01 02 01	Persunal estern — Kwartieri ġenerali	5,2	2 527 766	2 900 417	3 013 928,—	119,23
21 01 02 02	Persunal estern — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	2 703 892	1 767 753	1 639 383,60	60,63
21 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra — Kwartieri ġenerali	5,2	4 371 601	5 760 617	6 064 667,—	138,73
21 01 02 12	Nefqa maniġerjali oħra — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	3 749 284	3 604 438	3 729 124,99	99,46
	Artikolu 21 01 02 — Subtotal		13 352 543	14 033 225	14 447 103,59	108,20
21 01 03	***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp"***					
21 01 03 01	Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	5,2	4 165 392	4 033 983	4 517 075,48	108,44

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"
(ikompli)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
21 01 03	*(ikompli)*					
21 01 03 02	Binjiet u nefqa relatata — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	5,2	17 674 595	14 443 042	26 292 585,81	148,76
	Artikolu 21 01 03 — Subtotal		21 839 987	18 477 025	30 809 661,29	141,07
21 01 04	***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp"***					
21 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għal Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ)	4	83 880 954	77 916 396	99 912 754,31	119,11
21 01 04 03	Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)	4	9 899 061	9 805 929	10 340 810,—	104,46
21 01 04 04	In-nefqa ta' sostenn għall-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (ICSP)	4	2 206 924	2 100 000	2 144 504,50	97,17
21 01 04 05	Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (SKSN)	4	1 432 544	1 418 360	1 200 000,—	83,77
21 01 04 06	Nefqa ta' sostenn għas-Shubija UE-Greenland	4	249 000	244 000	245 818,60	98,72
21 01 04 07	Nefqa ta' sostenn għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)	4	p.m.	p.m.	91 796 120,45	
21 01 04 08	Nefqa ta' sostenn għal fondi fiduċjarji amministrati mill-Kummissjoni	4	p.m.	p.m.		
	Artikolu 21 01 04 — Subtotal		97 668 483	91 484 685	205 640 007,86	210,55
21 01 06	***Aġenziji eżekuttivi***					
21 01 06 01	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Strumenti tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ)	4	2 332 000	2 035 000	2 087 010,—	89,49
	Artikolu 21 01 06 — Subtotal		2 332 000	2 035 000	2 087 010,—	89,49
	Kapitolu 21 01 — Total		**278 939 686**	**259 803 477**	**386 194 747,68**	**138,45**

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"
(ikompli)

21 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju fil-qasam ta' politika "Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp"

21 01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
65 266 714	63 541 256	63 213 259,86

21 01 01 02 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
78 479 959	70 232 286	69 997 705,08

21 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp"

21 01 02 01 Persunal estern — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 527 766	2 900 417	3 013 928,—

21 01 02 02 Persunal estern — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 703 892	1 767 753	1 639 383,60

21 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
4 371 601	5 760 617	6 064 667,—

21 01 02 12 Nefqa maniġerjali oħra — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 749 284	3 604 438	3 729 124,99

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"
(ikompli)

21 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, binjiet u nefqa relatata tal-qasam ta' politika "Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp"

21 01 03 01 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
4 165 392	4 033 983	4 517 075,48

21 01 03 02 Binjiet u nefqa relatata — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
17 674 595	14 443 042	26 292 585,81

21 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Kooperazzjoni internazzjonali u żvilupp"

21 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għal Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
83 880 954	77 916 396	99 912 754,31

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) li għandu l-għan li jieħu f'idejh il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċini ta' assistenza teknika li issa huma magħluqin; nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali hija limitata għal EUR 7 549 714. Din l-istima hija bbażata fuq kost proviżorju annwali ta' unità għal kull sena tax-xogħol ta' persuna, li minnha 93 % hija r-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 7 % l-kost addizzjonali tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika (IT) u t-telekomunikazzjonijiet relatati mal-persunal estern iffinanzjat taħt din il-linja.

— in-nefqa għal persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-iskopijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' uffiċċji ta' assistenza teknika li tneħħew progressivament, kif ukoll il-kost addizzjonali tal-loġistika u l-infrastruttura, bħall-kost tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet u l-kiri tal-akkomodazzjoni, direttament ikkawżati mill-preżenza fid-delegazzjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita,

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"
(ikompli)

21 01 04 *(ikompli)*

21 01 04 01 *(ikompli)*

— in-nefqa għal studji, il-laqgħat ta' esperti, is-sistemi ta' informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni, it-taħriġ, it-tħejjija u l-iskambju tat-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki, kif ukoll l-attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe assistenza amministrattiva jew teknika oħra marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm,

— l-attivitajiet ta' riċerka dwar kwistjonijiet rilevanti u t-tixrid tagħhom,

— in-nefqa relatata mal-provvista ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, minħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 02.

21 01 04 03 Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
9 899 061	9 805 929	10 340 810,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) li għandu l-għan li jieħu f'idejh il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċċji ta' assistenza teknika issa magħluqin; In-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali hija limitata għal EUR 1 613 273. Din l-istima hija bbażata fuq kost proviżorju annwali ta' unitàgħal kull sena tax-xogħol ta' persuna, li minnha 95 % hija r-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 5 % l-kost addizzjonali tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika (IT) u t-telekomunikazzjonijiet relatati mal-persunal estern iffinanzjat taħt din il-linja.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"
(ikompli)

21 01 04 *(ikompli)*

21 01 04 03 *(ikompli)*

— in-nefqa għal persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-iskopijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' uffiċċji ta' assistenza teknika li tneħħew progressivament, kif ukoll il-kost addizzjonali tal-loġistika u l-infrastruttura, bħall-kost tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet u l-kiri tal-akkomodazzjoni, direttament ikkawżati mill-preżenza fid-delegazzjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita,

— in-nefqa għal studji, il-laqgħat ta' esperti, is-sistemi ta' informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni, it-taħriġ, it-tħejjija u l-iskambju tat-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki, kif ukoll l-attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe assistenza amministrattiva jew teknika oħra marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm,

— l-attivitajiet ta' riċerka dwar kwistjonijiet rilevanti u t-tixrid tagħhom,

— in-nefqa relatata mal-provvista ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 04.

21 01 04 04 In-nefqa ta' sostenn għall-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (ICSP)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 206 924	2 100 000	2 144 504,50

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"
(ikompli)

21 01 04 *(ikompli)*

21 01 04 04 *(ikompli)*

— in-nefqa għal persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-iskopijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' uffiċċji ta' assistenza teknika li tneħħew, kif ukoll il-kost addizzjonali tal-loġistika u l-infrastruttura, bħall-kost tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika u t-telekomunikazzjoni, u l-kiri ta' akkomodazzjoni li tirriżulta direttament mill-preżenza fid-delegazzjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet kontra din il-partita,

— in-nefqa għal studji, il-laqgħat ta' esperti, is-sistemi ta' informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni, it-taħriġ, it-tħejjija u l-iskambju tat-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki, kif ukoll l-attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe assistenza amministrattiva jew teknika oħra marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm,

— l-attivitajiet ta' riċerka dwar kwistjonijiet rilevanti u t-tixrid tagħhom,

— in-nefqa relatata mal-provvista ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 05.

21 01 04 05 Nefqa ta' sostenn għall-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (SKSN)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 432 544	1 418 360	1 200 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"
(ikompli)

21 01 04 *(ikompli)*

21 01 04 05 *(ikompli)*

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) li għandu l-għan li jieħu f'idejh il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċċji ta' assistenza teknika issa magħluqin; In-nefqa għal persunal estern fil-kwartieri ġenerali hija limitata għal EUR 968 300. Din l-istima hija bbażata fuq kost proviżorju annwali ta' unità għal kull sena tax-xogħol ta' persuna, li minnha 93 % hija r-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 7 % l-kost addizzjonali tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika u t-telekomunikazzjonijiet relatati mal-persunal estern iffinanzjat taħt din il-linja.

— nefqa għal studju, laqgħat ta' esperti, sistemi informatiċi u pubblikazzjonijiet marbuta b'mod dirett mal-kisbiet tal-objettiv tal-programm.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, minħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa ta' sostenn skont il-Kapitolu 21 06.

21 01 04 06 Nefqa ta' sostenn għas-Sħubija UE-Greenland

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
249 000	244 000	245 818,60

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex ikopri:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, sistemi ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta b'mod dirett mal-kisbiet tal-għan tal-programm.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, minħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"
(ikompli)

21 01 04 *(ikompli)*

21 01 04 06 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva skont l-Artikolu 21 07 01.

21 01 04 07 Nefqa ta' sostenn għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	91 796 120,45

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa amministrattiva ta' sostenn kif deċiż skont il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

Kull dħul mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp li jikkontribwixxi għall-kost tal-miżuri ta' sostenn imdaħħal fl-Artikolu 6 3 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il partita skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 95 000 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu.

21 01 04 08 Nefqa ta' sostenn għal fondi fiduċjarji amministrati mill-Kummissjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri l-kosti tal-ġestjoni tal-Kummissjoni, għal massimu ta' 5 % tal-ammonti miġbura fil-fondi fiduċjarji, mis-snin li fihom ikunu bdew jintużaw il-kontribuzzjonijiet lejn kull fond fiduċjarju kif deċiż fl-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-Fondi Fiduċjarji li jikkontribwixxi għall-kost tal-miżuri ta' sostenn imdaħħal fl-Artikolu 6 3 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il partita skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"
(ikompli)

21 01 04 *(ikompli)*

21 01 04 08 *(ikompli)*

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq il-EUR 500 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikoli 21 u 187(7) tiegħu.

21 01 06 ***Aġenziji eżekuttivi***

21 01 06 01 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Strumenti tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 332 000	2 035 000	2 087 010,—

Kummenti

Din l-approporazzjoni hija intiża biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura imġarrba bħala riżultat tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni għola tal-programm "Erasmus+" (Intestatura 4) fdati f'idejn l-Aġenzija, taħt il-Kapitolu 21 02. Il-mandat tal-aġenzija jinkludi l-ġestjoni tal-legat taħt il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għall-programmi taż-Żgħażagħ, Tempus u Erasmus Mundus li fihom huma involuti benefiċjarji tad-DCI (*Development Cooperation Instrument*).

L-Aġenzija se tirċievi wkoll kontribuzzjoni annwali li għandha tiġi ffinanzjata mill-Artikolu 21 02 09. Dan jippermetti l-kontinwazzjoni tal-programm Mobilità Intra-AKP li għandu l-għan li jiffaċilita l-mobilita tal-istudenti fl-Afrika, li ġie ffinanzjat sal-2013 permezz tal-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-isfond tal-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali,

KAPITOLU 21 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP"
(ikompli)

21 01 06 *(ikompli)*

21 01 06 01 *(ikompli)*

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn japplika, mill-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-Taqsima.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiddelega setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet tal-FEŻ.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 02	STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ)								
21 02 01	***Il-Kooperazzjoni mal-Amerka Latina***	4	320 267 528	133 651 000	294 342 737	80 330 136	259 804 272,—	0,—	0
21 02 02	***Il-Kooperazzjoni mal-Asja***	4	666 614 525	265 089 650	633 098 094	136 220 080	538 057 123,—	50 000,—	0,02
21 02 03	***Il-Kooperazzjoni mal-Asja Ċentrali***	4	128 698 347	49 066 277	124 955 010	19 364 164	95 031 914,—	31 914,—	0,07
21 02 04	***Il-Kooperazzjoni mal-Lvant Nofsani***	4	66 504 914	26 581 395	66 711 154	12 933 170	53 500 000,—	0,—	0
21 02 05	***Il-Kooperazzjoni mal-Afganistan***	4	199 417 199	83 419 366	199 417 199	48 762 723	182 500 000,—	0,—	0
21 02 06	***Il-Kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel***	4	60 000 000	12 678 745	26 721 430	4 431 255	26 000 000,—	0,—	0
21 02 07	***Beni pubbliċi globali u sfidi u tnaqqis tal-faqar, żvilupp sostenibbli u demokrazija***								
21 02 07 01	Ambjent u tibdil fil-klima	4	174 564 526	70 500 000	176 041 720	29 076 017	164 048 310,—	7 200 000,—	10,21
21 02 07 02	Enerġija sostenibbli	4	77 584 234	72 000 000	67 875 236	21 043 003	82 851 742,—	0,—	0
21 02 07 03	L-iżvilupp tal-bniedem	4	163 633 821	120 346 000	150 920 558	79 020 406	163 093 980,—	0,—	0
21 02 07 04	L-ikel u s-sigurtà tan-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli	4	189 495 232	88 783 000	167 239 336	53 786 265	200 982 990,—	0,—	0
21 02 07 05	Il-migrazzjoni u l-asil	4	57 257 470	22 560 000	41 605 380	10 128 583	46 504 665,—	0,—	0
	Artikolu 21 02 07 — Subtotal		662 535 283	374 189 000	603 682 230	193 054 274	657 481 687,—	7 200 000,—	1,92
21 02 08	***Finanzjament ta' inizjattivi fil-qasam tal-iżvilupp mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u tal-iżvilupp għalihom***								
21 02 08 01	Is-soċjetà ċivili fl-iżvilupp	4	180 875 198	86 753 855	180 143 207	46 364 459	212 398 533,—	0,—	0
21 02 08 02	L-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp	4	60 291 733	18 116 751	45 035 802	7 945 698	36 366 417,—	0,—	0
	Artikolu 21 02 08 — Subtotal		241 166 931	104 870 606	225 179 009	54 310 157	248 764 950,—	0,—	0

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 02 09	***Il-programm Pan-Afrikan biex jappoġġa l-Istrateġija konġunta Afrika-Unjoni Ewropea***	4	93 468 616	53 691 844	101 404 040	53 698 949	97 577 288,—	0,—	0
21 02 20	***Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-istrument għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp (SKŻ)***	4	105 000 000	61 455 647	90 038 998	47 908 017	100 356 946,—	507 645,98	0,83
21 02 30	***Ftehim mal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) u korpi oħra tan-Nazzjonijiet Uniti***	4	338 000	371 630	332 000	298 370	331 537,—	331 537,—	89,21
21 02 40	***Ftehimiet dwar il-kommoditajiet***	4	5 375 000	5 749 783	3 700 000	3 325 217	3 035 000,—	2 841 587,69	49,42
21 02 51	***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ta' qabel l-2014)***								
21 02 51 01	Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-asil	4	—	21 470 540	—	35 415 225	0,—	52 785 804,20	245,85
21 02 51 02	Kooperazzjoni mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Amerka Latina	4	—	237 700 000	—	205 062 655	14 631,89	268 952 094,24	113,15
21 02 51 03	Kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja, inklużi l-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani	4	—	570 761 524	—	502 119 834	448,72	589 691 720,06	103,32
21 02 51 04	Sigurtà tal-ikel	4	—	103 400 000	—	140 324 836	45 877,25	181 025 325,97	175,07
21 02 51 05	Parteċipanti mhux statali fl-iżvilupp	4	—	121 260 000	—	138 405 898	1 530,33	216 993 639,36	178,95
21 02 51 06	Ambjent u mmaniġġar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-enerġija	4	—	108 570 000	—	84 183 056	1 018,22	118 024 011,56	108,71
21 02 51 07	Żvilupp tal-bniedem u soċjali	4	—	47 696 646	—	65 148 307	380 632,—	110 861 720,95	232,43
21 02 51 08	Kooperazzjoni ġeografika ma' stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku	4	—	267 200 000	—	240 105 670	0,—	142 756 320,38	53,43
	Artikolu 21 02 51 — Subtotal		—	1 478 058 710	—	1 410 765 481	444 138,41	1 681 090 636,72	113,74

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 02 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
21 02 77 01	Azzjoni preparatorja — Kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-grupp b'introjtu medju fl-Amerka Latina	4	p.m.	14 029	p.m.	626 849	0,—	480 841,10	3 427,48
21 02 77 02	Azzjoni preparatorja — Skambji kummerċjali u xjentifiċi mal-Indja	4	p.m.	1 147 755	p.m.	1 198 112	0,—	574 907,40	50,09
21 02 77 03	Azzjoni preparatorja— Skambji kummerċjali u xjentifiċi maċ-Ċina	4	p.m.	124 157	p.m.	486 748	0,—	1 981 019,72	1 595,58
21 02 77 04	Azzjoni preparatorja — Kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-grupp b'introjtu medju fl-Asja	4	p.m.	133 021	p.m.	48 910	0,—	0,—	0
21 02 77 05	Azzjoni preparatorja — Unjoni Ewropea-Asja — Integrazzjoni ta' politika u prattika	4	p.m.	83 670	p.m.	29 170	0,—	0,—	0
21 02 77 06	Proġett pilota — Finanzjament għall-produzzjoni agrikola	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	44 998,—	
21 02 77 07	Azzjoni preparatorja — Netwerk Reġjonali Afrikan tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili għall-Mira ta' Żvilupp għall-Millennju 5	4	p.m.	334 002	p.m.	p.m.	0,—	951 867,81	284,99
21 02 77 08	Azzjoni preparatorja — Maniġġar tal-ilma fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp	4	p.m.	400 000	p.m.	671 576	0,—	1 180 879,74	295,22
21 02 77 10	Azzjoni preparatorja — Trasferiment ta' teknoloġija relatata mal-farmaċewtika għall-benefiċċju tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp	4	p.m.	1 371 000	p.m.	671 576	0,—	217 588,25	15,87
21 02 77 11	Azzjoni preparatorja — Riċerka u żvilupp dwar mard relatat mal-faqar, mard tropikali u mard li ġie ttraskurat	4	p.m.	1 400 000	p.m.	503 683	0,—	300 000,—	21,43
21 02 77 12	Proġett pilota — Kura tas-saħħa mtejba għall-vittmi tal-vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	103 145,14	

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 02 77	*(ikompli)*								
21 02 77 13	Azzjoni preparatorja — Kura tas-saħħa mtejba għall-vittmi ta' vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)	4	p.m.	1 853 832	p.m.	755 524	0,—	1 461 806,78	78,85
21 02 77 14	Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
21 02 77 15	Proġett pilota — Investiment strateġiku fil-paċi sostenibbli u d-demokratizzazzjoni fil-Qarn tal-Afrika	4	p.m.	400 883	p.m.	293 815	1 000 000,—	0,—	0
21 02 77 16	Proġett pilota — Ittishiħ tas-servizzi veterinarji f'pajjiżi li qed jiżviluppaw	4	p.m.	1 550 000	1 500 000	1 421 576	2 000 000,—	0,—	0
21 02 77 17	Proġett pilot — Responsabilità Soċjali Korporattiva u l-aċċess għall-ippjanar tal-familja fuq bażi volontarja għall-ħaddiema tal-fabbriki fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw	4	p.m.	300 000	p.m.	251 841	750 000,—	0,—	0
21 02 77 18	Proġett pilota — Ninvestu f'paċi sostenibbli u f'bini mill-ġdid tal-komunità fiż-żona Cauca, fil-Kolombja	4	p.m.	1 200 000	1 500 000	750 000	1 500 000,—	0,—	0
21 02 77 19	Azzjoni preparatorja — Bini ta' reżiljenza għal saħħa mtejba ta' komunitajiet nomadiċi fis-sitwazzjonijiet wara l-kriżijiet fir-reġjun tas-Saħel	4	100 000	1 200 000	1 500 000	1 421 576	0,—	0,—	0
21 02 77 20	Azzjoni preparatorja — Riabilitazzjoni soċjoekonomika tat-tfal u tan-nisa professjonisti fil-qasam tas-sess li jgħixu fiż-żoni tal-minjieri ta' Luhwindja, Provinċja tan-Nofsinhar ta' Kivu, Ilvant tar-RDK	4	150 000	1 000 000	2 200 000	1 855 524	0,—	0,—	0

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 02 77 21	Azzjoni preparatorja — Azzjoni preparatorja: Bini u tisħih tas-shubiji lokali għall-iżvilupp ta' ekonomija soċjali u biex jitwaqqfu intraprizi soċjali fl-Afrika tal-Lvant	4	p.m.	548 159	p.m.	251 841	0,—	0,—	0
21 02 77 22	Proġett pilota – Approċċ integrat għall-iżvilupp u t-tnedija ta' soluzzjonijiet tas-saħħa li jittrattaw il-mard tropikali ttraskurat f'żoni endemiċi	4	p.m.	500 000	1 500 000	750 000			
21 02 77 23	Proġett pilota — Aċċess għal ġustizzja u kumpens għall-vittmi tal-aktar reati serji mwettqa fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)	4	p.m.	395 000	790 000	395 000			
21 02 77 24	Proġett pilota – Immappjar tat-theddida globali mir-reżistenza għall-antimikrobiċi	4	750 000	375 000					
21 02 77 25	Proġett pilota — It-tisħih tad-drittijiet tat-tfal, il-protezzjoni u l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal u l-adolexxenti spostati fil-Gwatemala, il-Honduras u El Salvador	4	700 000	350 000					
21 02 77 26	Proġett pilota — Servizzi edukattivi għat-tfal li qabel kienu assoċjati ma' forzi u gruppi armati fiż-Żona Amministrattiva ta' Greater Pibor (Greater Pibor Administrative Area – GPAA) fis-Sudan t'Isfel	4	500 000	250 000					
21 02 77 27	Proġett Pilota – Nittestjaw l-użu tal-Ġestjoni Parteċipattiva tal-Merħat (PRM) fil-Kenja u fit-Tanzanija	4	500 000	250 000					
	Artikolu 21 02 77 — Subtotal		2 700 000	15 180 508	8 990 000	12 383 321	5 250 000,—	7 297 053,94	48,07
	Kapitolu 21 02 — Total		**2 552 086 343**	**2 664 054 161**	**2 378 571 901**	**2 077 785 314**	**2 268 134 855,41**	**1 699 350 375,33**	**63,79**

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

Kummenti

L-objettiv primarju tal-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni huwa tnaqqis fil-faqar, kif stipulat fit-Trattat. Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jipprovdi l-qafas politiku ġenerali, il-gwida u l-iffukar biex tkun diretta l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 233/2014.

Dawn l-approprjazzjonijiet huma maħsuba biex ikopru attivitajiet li jikkonċernaw il-kisba tat-tnaqqis tal-faqar, l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli u l-konsolidazzjoni u s-sostenn tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji rilevanti tad-dritt internazzjonali, inklużi dawk riflessi fl-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju u fil-qafas internazzjonali tal-iżvilupp emerġenti wara l-2015. Fejn ikun xieraq għandhom jinstabu sinerġiji ma' strumenti esterni oħrajn tal-Unjoni mingħajr ma jintilef l-iffukar fuq l-objettivi bażiċi msemmija hawn fuq.

Fil-prinċipju, 100 % tan-nefqa fil-programmi ġeografiċi u mill-inqas 95 % tan-nefqa fil-programmi tematiċi u 90 % tan-nefqa fil-programm Pan-Afrikan għandhom ikunu konformi mal-kriterji OECD/DAC għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp.

Bħala regola ġenerali, mill-inqas 20 % tal-approprjazzjonijiet għandhom jintużaw għal servizzi soċjali bażiċi u edukazzjoni sekondarja. Barrra minn dan, id-DCI għandu jikkontribwixxi għall-objettiv li jiġi indirizzat mill-anqas 20 % tal-baġit tal-Unjoni lejn soċjetà anqas dipendenti fuq il-karbonju u li hija reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

21 02 01 Il-Kooperazzjoni mal-Amerka Latina

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
320 267 528	133 651 000	294 342 737	80 330 136	259 804 272,—	0,—

Kummenti

L-iskop tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp taħt dan l-artikolu huwa primarjament il-kontribut tiegħu għas-sostenn tal-promozzjoni tad-demokrazija, il-governanza tajba, l-ugwaljanza, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u li jrawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni ekonomika, kif ukoll li jikseb l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millenju u l-impenji tal-iżvilupp dinji għal wara l-2015.

Il-Kummissjoni trid tkompli tirrapporta annwalment dwar il-punt ta' riferiment, li ntuża fil-passat, għall-assistenza lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li għandha tiġi allokata għall-infrastruttura soċjali u s-servizzi soċjali, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni trid titqies bħala parti mill-appoġġ ta' donazzjoni ġenerali għas-setturi soċjali u li grad ta' flessibilità jrid ikun in-norma. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li l-punt ta' riferiment ta' 20 % tal-assistenzataghha taħt id-DCI jkun iddedikat għas-servizzi soċjali bażiċi, b'enfasi fuq is-saħħa u l-edukazzjoni, u għall-edukazzjoni sekondarja, filwaqt li dan ikun il-medja fuq l-oqsma kollha ġeografiċi u billi jiġi rikonoxxut li hawn ukoll livell ta' flessibilità irid ikun in-norma, bħal pereżempju fil-każ ta' għajnuna eċċezzjonali. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iskemi ta' kooperazzjoni fil-pajjiżi, it-territorji u r-reġjuni li qed jiżviluppaw fl-Amerka Latina, bil-ħsieb li:

— tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-miri tal-MDGs fir-reġjun,

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 01 *(ikompli)*

— tappoġġa lit-trejdjunjins, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-inizjattivi lokali biex iwettqu monitoraġġ tal-impatt tal-investimenti fuq l-ekonomija nazzjonali, partikolarment ir-rispett tal-istandards tax-xogħol, ambjentali, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem,

— appoġġ għall-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ li jiġġieldu l-prattiki tradizzjonali dannużi bħal mutilazzjoni ġenitali femminili u ż-żwieġ tat-tfal, u l-għoti tas-setgħa lin-nisa,

— trawwem l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili,

— tiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali u titħeġġeġ il-koeżjoni soċjali,

— tikkontribwixxi biex jitjiebu l-istandards soċjali b'fokus fuq l-edukazzjoni, inkluż it-taħriġ edukattiv u vokazzjonali għall-impjieg, u s-saħħa, u biex jitjiebu l-iskemi tal-protezzjoni soċjali,

— tħeġġeġ klima aktar favorevoli għal espansjoni ekonomika u settur iktar produttiv, tinkoraġġixxi t-trasferiment tal-għarfien, tħeġġeġ il-kuntatt u l-kollaborazzjoni bejn l-atturi fin-negozju b'mod bireġjonali,

— tħeġġeġ l-iżvilupp tas-settur privat, inkluża klima tan-negozju pożittiva għall-SMEs permezz, jiġifieri, tad-drittijiet tal-proprjetà legali, billi jitnaqqas il-piż amministrattiv mhux meħtieġ, jitjieb l-aċċess għall-kreditu, jitjiebu l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi ta' daqs żgħir u medju,

— tappoġġa sforzi favur is-sigurtà tal-ikel u tiġġieled in-nutrizzjoni ħażina,

— tappoġġa integrazzjoni reġjonali, fl-Amerka Ċentrali, trawwem żvilupp reġjonali permezz ta' benefiċċji mtejba li ġejjin minn ftehim ta; assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerka Ċentrali,

— tippromwovi l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-ilma, u l-ġlieda kontra tibdil fil-klima (mitigazzjoni u adattament),

— jappoġġaw sforzi għat-titjib tal-governanza tajba u jgħinu biex jiġu konsolidati d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt,

— jippromwovu r-riforma tal-politika, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġustizzja u s-sigurtà, u jappoġġaw azzjonijiet relatati biex jissaħħaħ l-iżvilupp ta' pajjiżi u reġjuni.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' awditjar u t-trasparenza.

L-approprjazzjonijiet f'dan l-artikolu huma soġġetti għal evalwazzjonijiet li jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' kontribuzzjoni u katina ta' riżultati (prestazzjoni, eżitu, impatt). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri sussegwenti ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 01 *(ikompli)*

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 02 ***Il-Kooperazzjoni mal-Asja***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
666 614 525	265 089 650	633 098 094	136 220 080	538 057 123,—	50 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' skemi ta' żvilupp fil-pajjiżi Asjatiċi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari fil-pajjiżi fejn jgħixu l-ifqar nies, immirati sabiex itejbu l-iżvilupp uman u soċjali kif ukoll sabiex isolvu problemi makroekonomiċi u settorjali. Jiġu enfasizzati l-governanza ekonomika u soċjali u l-iżvilupp, it-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokratizzazzjoni, l-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali, it-tagħlim tul il-ħajja, l-iskambju akkademiku u kulturali, l-iskambju xjentifiku u teknoloġiku, l-ambjent, il-kooperazzjoni reġjonali, il-miżuri ta' prevenzjoni tad-diżastri u l-azzjonijiet ta' rikostruzzjoni, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll l-appoġġ għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, l-appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu u jiddefendu d-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħan-nisa, it-tfal, il-minoranzi etniċi u l-persuni b'disabilità.

L-utilizzazzjoni ta' din l-approprjazzjoni tiddependi fuq il-ħarsien tal-prinċipji li jseddqu l-azzjoni tal-Unjoni. Kunsiderazzjoni xierqa għandha tingħata lill-oqsma deskritti hawn taħt, li jirriflettu strateġiji, sħubiji, kooperazzjoni u ftehimiet kummerċjali maqbula b'mod konġunt. Jiġu stabbiliti prijoritajiet bi qbil mal-Kunsens Ewropew għall-iżvilupp u l-Aġenda għall-bidla u mal-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tinkludi azzjonijiet relatati mat-tkabbir inklużiv u sostenibbli għall-iżvilupp tal-bniedem. Setturi li jistgħu jiġu indirizzati jinkludu:

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 02 *(ikompli)*

— il-protezzjoni soċjali u l-impjiegi, u l-aċċess universali għas-saħħa u l-edukazzjoni,

— l-ambjent kummerċjali, l-integrazzjoni reġjonali u s-swieq tad-dinja,

— l-agrikultura sostenibbli, in-nutrizzjoni u l-enerġija,

— it-tibdil fil-klima u l-ambjent,

— it-theġġiġ tal-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-inklużjoni soċjali, id-distribuzzjoni ġusta tal-introjtu, xogħol deċenti u ekwità u ugwaljanza bejn is-sessi,

— l-istabbiliment ta' sħubijiet inklużivi madwar il-kummerċ, l-investiment, l-għajnuna, il-migrazzjoni, ir-reġistrazzjoni ċivili, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija,

— l-appoġġ ta' soċjetà ċivili attiva u organizzata għall-iżvilupp u t-trawwim ta' sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat,

— l-appoġġ tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-promozzjoni ta' konsum u produzzjoni sostenibbli, kif ukoll investimenti f'teknoloġiji nodfa, enerġiji sostenibbli, it-trasport, l-agrikultura u s-sajd sostenibbli, il-protezzjoni u t-titjib tas-servizzi ta' bijodiversità u ekosistemi, inklużi l-ilma, is-sanità u l-foresti, u impjiegi diċenti inkluż il-ħolqien ta' impjieg għaż-żgħażagħ u n-nisa fl-ekonomija ekoloġika,

— it-theġġiġ ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali akbar b'mod orjentat lejn ir-riżultati permezz tal-appoġġ għall-proċessi differenti ta' integrazzjoni u djalogu reġjonali,

— il-kontribuzzjoni għall-prevenzjoni tar-riskji tas-saħħa u r-rispons għalihom, inklużi dawk li joriġinaw fl-interfaċċa bejn annimali, bnedmin u d-diversi ambjenti tagħhom,

— appoġġ għat-tħejjija għad-diżastri u l-irkupru fit-tul wara diżastru, inkluż fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista tal-ikel u n-nutriment u l-assistenza lill-persuni spustjati,

— it-tisħiħ fil-kapaċità li jiġi provdut aċċess universali għal servizzi soċjali bażiċi, b'mod partikolari fis-saħħa u l-edukazzjoni.

Din l-approprjazzjoni tindirizza l-azzjonijiet relatati ma':

— id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem inklużi d-drittijiet tat-tfal u n-nisa u l-istat tad-dritt,

— l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet,

— il-ġestjoni tas-settur pubbliku,

— il-politika u l-amministrazzjoni fiskali,

— il-korruzzjoni u t-trasparenza,

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 02 *(ikompli)*

— is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali,

— il-bini u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-korpi pubbliċi leġittimi, effikaċi u responsabbli, permezz tal-promozzjoni ta' riformi istituzzjonali (fosthom dwar il-governanza tajba u kontra l-korruzzjoni, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, it-tassazzjoni u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika) u riformi leġiżlattivi, amministrattivi u regolatorji bi qbil ma' standards internazzjonali, b'mod partikolari fl-istati fraġli u l-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u wara kunflitt,

— il-kuntest tar-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-produzzjoni, il-konsum u t-traffikar tad-drogi u kontra forom oħra ta' traffikar, u l-appoġġ ta' ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri u l-kooperazzjoni transkonfinali u t-titjib tar-reġistrazzjoni ċivili.

L-iskop tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp taħt din l-intestatura huwa l-kontribuzzjoni tagħha lejn il-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp għall-Millenju kif ukoll il-promozzjoni tad-demokrazija, tal-governanza tajba, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, u li jisseddaq żvilupp sostenibbli u integrazzjoni ekonomika u tiġi promossa l-prevenzjoni tal-kunflitti, is-sejba ta' soluzzjoni għall-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 03 ***Il-Kooperazzjoni mal-Asja Ċentrali***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
128 698 347	49 066 277	124 955 010	19 364 164	95 031 914,—	31 914,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri għajnuna biex telimina l-faqar u li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklużiv, koeżjoni soċjali, demokratizzazzjoni u t-titjib fil-ħajja tan-nies.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 03 *(ikompli)*

Fil-programmi bilaterali tingħata enfażi fuq: l-iżvilupp rurali integrat, il-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli, l-opportunitajiet li jiġi ġġenerat l-introjtu f'naħat rurali fil-livell tal-komunità, u t-trawwim tas-sigurtà tal-ikel; ir-riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt, il-promozzjoni tad-demokratizzazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem, it-trasparenza u l-miżuri kontra l-korruzzjoni, u s-sostenn tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; l-istabiliment ta' sistema effiċjenti ta' edukazzjoni ffokata fuq edukazzjoni sekondarja u vokazzjonali ta' kwalità , li tkun tindirizza dak li jkun jeħtieġ is-suq tax-xogħol; kif ukoll is-sostenn għas-settur tas-saħħa permezz ta' aċċess imtejjeb għal servizz tas-saħħa ekwitabbli u ta' kwalità.

Il-programmi reġjonali għandhom l-għan li jsostnu proċess wiesa' ta' djalogu u kollaborazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Ażja Ċentrali, u jippromwovu ambjent li jwassal għal approċ mhux ta' konfront fir-reġjun, speċjalment f'oqsma sensittivi fejn tidħol l-istabilità ġenerali politika u soċjali.

Il-programmi jkunu implimenti b'attenzjoni kostanti fuq dawk l-aktar fil-bżonn. Kwistjonijiet trasversali, bħal ma huma l-ambjent u t-tibdil fil-klima, it-tnaqqis fir-riskju tad-diżastri, il-governanza lokali, il-ħidma kontra l-korruzzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, u l-ġeneru se jiġu integrati fil-programmi kollha tal-Unjoni.

Meta u fejn jeżistu sforzi għar-riforma tal-governanza ta' natura sinifikanti u proċessi ta' demokratizzazzjoni ġenwini, l-għoti lilhom ta' appoġġ għandu jkun prijorità. Bl-istess mod, l-allokazzjonijiet għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-programmi kontra d-drogi għandhom jiddependu fuq il-perspettiva għall-ilħuq ta' riżultati sinifikanti. Il-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili se tkun element mill-aktar importanti ta' kooperazzjoni. Aktar u aktar, se tingħażel kollaborazzjoni mal-aġenżiji tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi, biex isir użu minn trasferiment tal-għarfien tal-Unjoni fis-setturi kollha.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 04 ***Il-Kooperazzjoni mal-Lvant Nofsani***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
66 504 914	26 581 395	66 711 154	12 933 170	53 500 000,—	0,—

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 04 *(ikompli)*

Kummenti

Irid isir enfasi fuq l-operazzjonijiet li jinfluwenzaw l-organizzazzjoni ekonomika u l-iżvilupp istituzzjonali, it-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' għaqda, il-libertà tal-istampa u l-midja, il-libertà tar-reliġjon u t-twemmin, inkluż id-dritt li wieħed jinħall mit-twemmin, u l-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertajiet diġitali, it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, inklużi l-operazzjonijiet li jikkonċernaw id-demokratizzazzjoni, l-aċċess universali tat-tfal taż-żewġ sessi u tan-nisa kif ukoll tat-tfal b'diżabilitajiet għall-edukazzjoni primarja u sekondarja, it-tisħiħ ta' sistemi tas-saħħa, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi eradikata l-marda tal-poljo wara t-tifqigħat li seħħew dan l-aħħar fis-Sirja, l-Iraq u Iżrael, l-ambjent, u l-immaniġġar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inklużi l-foresti tropikali, il-kooperazzjoni reġjonali, il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskji, inklużi l-perikli relatati mal-bidla fil-klima, u l-miżuri ta' rikostruzzjoni, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli, il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u l-promozzjoni tal-libertajiet diġitali b'rabta mal-internet u l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

L-għan ta' din l-approprjazzjoni huwa wkoll li tkopri miżuri li jippromwovu il-prevenzjoni tal-kunflitti, is-soluzzjoni tal-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll appoġġ għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu u jiddefendu d-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħan-nisa, it-tfal, persuni LGBTI, il-minoranzi etniċi u reliġjużi, l-atei u persuni b'diżabbiltà.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni tista' tinkludi azzjonijiet relatati ma':

— id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt,

— l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet,

— il-ġestjoni tas-settur pubbliku,

— il-politika u l-amministrazzjoni fiskali,

— il-korruzzjoni u t-trasparenza,

— is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali,

— ir-rabta sigurtà u żvilupp,

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 04 *(ikompli)*

— l-appoġġ għall-iskemi ta' mikrokreditu,

— l-iżvilupp ta' kapaċitajiet biex jgħinu lill-produtturi agrikoli f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jilħqu l-istandards iġeniċi u fitosanitarji tal-Unjoni meħtieġa għal aċċess għas-suq tal-Unjoni,

— l-appoġġ għar-refuġjati u l-popolazzjonijiet spostati,

— jiġu promossi l-iżvilupp soċjali, il-koeżjoni soċjali u d-distribuzzjoni ġusta tal-introjtu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 05 ***Il-Kooperazzjoni mal-Afganistan***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
199 417 199	83 419 366	199 417 199	48 762 723	182 500 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri operazzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-proċess ta' rikostruzzjoni fl-Afganistan. Hija supplimentata b'nefqa minn kapitoli u artikoli oħra, li għalihom japplikaw proċeduri differenti.

Il-Kummissjoni tissorvelja l-konformità mal-kundizzjonijiet għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal dan il-proċess, b'mod partikolari l-implimentazzjoni sħiħa tal-proċess wara Bonn. Għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mgħarrfa dwar ir-riżultati u l-konklużjonijiet tagħha.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tappoġġa servizzi soċjali bażiċi u l-iżvilupp ekonomiku fl-Afganistan.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tappoġġa l-istrateġija nazzjonali tal-ġlieda kontra d-droga fl-Afganistan, inkluż il-waqfien mill-produzzjoni tal-oppju fl-Afganistan, u t-tħarbit u l-qerda tan-netwerks tal-oppju u r-rotot ta' esportazzjoni illegali lejn il-pajjiżi Ewropej.

Parti rilevanti minn din l-approprjazzjoni għandha tkun allokata esklużivament biex tiffinanzja l-bidu tal-pjan ta' ħames snin għat-tneħħija gradwali tal-kultivazzjoni tal-oppju billi din tinbidel bi produzzjoni alternattiva sabiex jinkiseb riżultat verifikabbli f'dan il-qasam, skont it-talbiet espressi fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar strateġija ġdida għall-Afganistan (ĠU C 169E, 15.6.2012, p. 108).

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 05 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-proċessi tar-ritorn tar-refuġjati u persuni spostati Afgani lejn pajjiżhom u reġjuni ta' oriġini skont l-impenji li ħadet il-Komunità Ewropea fil-Konferenza ta' Tokjo f'Jannar 2002.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tan-nisa li ħadmu għal żmien twil għad-drittijiet tan-nisa Afgani.

L-Unjoni għandha żżid l-assistenza finanzjarja tagħha favur oqsma fl-Afganistan favur oqsma bħal ma huma s-saħħa (il-kostruzzjoni u r-rinovazzjoni ta' sptarijiet, il-prevenzjoni tal-mortalità tat-tfal, it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, l-eradikazzjoni tal-poljomjelite f'dak li huwa wieħed mill-aħħar pajjiżi "endemiċi") u proġetti ta' infrastruttura żgħar u medji (tiswija tan-netwerks tat-toroq, bankini, eċċ.) kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tas-sigurtà tal-impjiegi u skemi dwar is-sigurtà tal-ikel.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża biex issir integrazzjoni tas-sistemi tat-tnaqqis ta' riskju mid-diżastri, ibbażat fuq is-sjieda u l-istrateġiji nazzjonali ta' pajjiżi fil-periklu li jintlaqtu minn diżastri.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża, fir-rispett dovut tar-Regolament Finanzjarju, biex tittejjeb il-qagħda tan-nisa, bi prijorità għall-azzjonijiet fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, u biex ikun appoġġat l-involviment attiv tagħhom fl-oqsma u l-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Se tingħata attenzjoni partikolari wkoll għas-sitwazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-azzjonijiet u u l-proġetti l-oħra kollha appoġġati minn din l-approprjazzjoni.

Kwalunkwe introjtu minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu determinati bil-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 06 ***Il-Kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
60 000 000	12 678 745	26 721 430	4 431 255	26 000 000,—	0,—

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 06 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-għajuna lill-Gvern tal-Afrika t'Isfel fit-tnaqqis tal-qgħad minn madwar 25 % (2013) għal 14 % (2020), u għajnuna lill-Africa t'Isfel biex iwettaq ir-rwol tiegħu ta' żvilupp u trasformazzjoni, inkluż it-titjib tat-twassil ta' servizz.

Il-ħolqien tal-impjiegi ġie identifikat bħala wieħed mit-tliet oqsma prijoritarji fil-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali 2030 tal-Afrika t'Isfel li ġie żviluppat dan l-aħħar (l-oqsma l-oħra huma l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-innovazzjoni, u l-bini ta' stat kapaċi) minħabba li l-qgħad huwa fil-qalba tal-isfida tripla tal-Afrika t'Isfel tal-qgħad, il-faqar u l-inugwaljanza. L-appoġġ huwa mistenni li jikkontribwixxi biex itejjeb it-tfassil tal-politika u l-implimentazzjoni fil-ħolqien tal-impjiegi, inkluż fil-qasam tal-"impjiegi ekoloġiċi" u t-teknoloġija ekoloġika għal żvilupp b'livell baxx ta' karbonju; it-tnaqqis tal-kost tan-negozju, speċjalment għall-Intrapriżi Żgħar, Medji, u l-Intrapriżi Mikro; u t-titjib tal-azzjonijiet fil-qasam tal-iżvilupp tal-ħiliet u tl-l-assistenza għall-kollokament f'impjieg.

L-appoġġ huwa mistenni li jikkontribwixxi biex issaħħaħ is-sistemi ta' sorveljanza; it-titjib tar-relazzjonijiet bejn il-gvern nazzjonali, provinċjali u lokali; it-titjib tal-persunal ta' servizz pubbliku bl-awtorità, l-esperjenza, il-kompetenza u l-appoġġ li għandhom bżonn biex jagħmlu x-xogħol tagħhom; u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva fit-tfassil tal-politika, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

Barra minn hekk, l-objettiv ġenerali ta' dan il-programm huwa li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp 2030 li għadu kemm ġie żviluppat fl-Afrika t'Isfel, u tal-approċċ ibbażat fuq l-eżitu li jakkumpanjah, li għandhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet ta' għajxien tal-abitanti tal-Afrika t'Isfel, inkluż tnaqqis binnofs tal-faqar u l-qgħad, filwaqt li jkunu allinjati mal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. L-iskop tal-programm huwa li jikkontribwixxi għall-objettiv kumplessiv fl-oqsma tal-ħolqien ta' xogħol diċenti permezz ta' tkabbir ekonomiku inklużiv u ta' servizz pubbliku effiċjenti, effettiv u orjentat lejn l-iżvilupp u ċittadinanza mogħtija s-setgħa, ġusta u inklużiva.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi, l-entitajiet, jew il-persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv jiġu deċiżi, minghajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 07 ***Beni pubbliċi globali u sfidi u tnaqqis tal-faqar, żvilupp sostenibbli u demokrazija***

Kummenti

Dan il-programm huwa intenzjonat li minnu jibbenefikaw primarjament l-ifqar pajjiżi u dawk l-anqas żviluppati u s-sezzjonijiet tal-popolazzjoni li huma l-aktar żvantaġġati fil-pajjiżi koperti bir-Regolament (UE) Nru 233/2014.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 07 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tnaqqis fil-faqar u t-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli bħala komponent fi ħdan il-programm "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali". L-objettiv tal-programm huwa li jappoġġa żvilupp sostenibbli inklużiv billi jiġu indirizzati l-beni u l-isfidi pubbliċi globali ewlenin b'mod flessibbli u trasversali. L-oqsma ewlenin ta' azzjoni jinkludu l-ambjent u t-tibdil fil-klima, l-enerġija sostenibbli, l-iżvilupp tal-bniedem (inklużi s-saħħa, l-edukazzjoni, il-ġeneri, l-ugwaljanza, l-identità, l-impjieg, il-ħiliet, il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali, u l-aspetti relatati mal-iżvilupp ekonomiku bħat-tkabbir, l-impjiegi, l-involviment tas-settur tal-kummerċ u dak privat), is-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, l-agrikultura sostenibbli, u l-migrazzjoni u l-asil. Dan il-programm tematiku jippermetti reazzjoni pronta għal avvenimenti mhux previsti u kriżijiet globali li jaffettwaw l-ifqar popolazzjonijiet. Billi jiġu promossi sinerġiji massetturi varji, il-programm 'Beni u Sfidi Pubbliċi Globali' se jnaqqas il-frammentazzjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal Unjoni u jżid il-koerenza u l-kumplimentarjetà ma' programmi u strumenti oħra tal-Unjoni. Mill-inqas 50 % tal-fondi, qabel l-użu tal-indikaturi bbażati fuq il-metodoloġija tal-OECD (l-indikaturi ta' Rio), għandhom iservu għall-azzjoni klimatika u l-objettivi relatati mal-ambjent.

21 02 07 01 Ambjent u tibdil fil-klima

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
174 564 526	70 500 000	176 041 720	29 076 017	164 048 310,—	7 200 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju lil azzjonijiet taġt "Is-sottotema tal-ambjent u l-bidla fil-klima", tal-programm "Oġġetti u Sfidi Pubbliċi Globali".

Din għandha tintuża b'mod partikolari sabiex tiffinanzja inizjattivi fl-oqsma li ġejjin: l-adattament u l-mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni għal soċjetajiet b'karbonju baxx reżiljenti għall-klima; il-protezzjoni, it-titjib u l-ġestjoni sostenibbli tal-kapital naturali (eż. il-bijodiversità, is-servizzi tal-ekosistemi, il-foresti, l-art, ir-riżorsi tal-ilma); it-trasformazzjoni lejn ekonomija ekoloġika inklużiva; l-integrazzjoni tal-ambjent, it-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri fil-programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni; il-governanza internazzjonali tal-ambjent u l-klima. Għandha tingħata attenzjoni għal kwistjonijiet relevanti tal-governanza u għandu jingħata appoġġ sabiex jintlaħqu l-miri globali rilevanti, bħal miri sostenibbli mmirati fi ħdan il-qafas ta' żvilupp wara l-2015.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim ta' trasferiment għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 07 *(ikompli)*

21 02 07 01 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 07 02 Enerġija sostenibbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
77 584 234	72 000 000	67 875 236	21 043 003	82 851 742,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tropsi dd-dispożizzjoni tal-appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet taħt is-"Sottotema dwar l-enerġija sostenibbli" tal-programm "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali" (GPGC).

Hija għandha tintuża biex jitħeġġeġ l-aċċess għal servizzi tal-enerġija sostenibbli siguri, li wieħed jista' joqgħod fuqhom u li jista' jaffordjahom u li jkunu bla ħsara għall-klima bħala attur ewlieni għaqerda tal-faqar u tkabbir inklużivu żvilupp b'enfasi speċjali fuq l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli lokali u reġjonali u fuq l-iżgurar tal-aċċess għal nies foqra f'reġjuni remoti. Se jingħata sostenn ukoll lill-investimenti għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika fil-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-użu intelliġenti tal-enerġija inkluż permezz tas-sostenn tal-implimentazzjoni ta' proġetti innovattivi f'komunitajiet urbani u semiurbani fqar. Bl-istess mod, huma previsti azzjonijiet għall-bini ta' alleanzi strateġiċi biex jinkisbu miri ta' enerġija sostenibbli permezz tal-faċilitazzjoni tad-djalogu u koordinazzjoni ma' atturi ċentrali u ma' donaturi oħra.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim ta' trasferiment għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 07 *(ikompli)*

21 02 07 03 L-iżvilupp tal-bniedem

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
163 633 821	120 346 000	150 920 558	79 020 406	163 093 980,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw taħt is-"Sottotema l-iżvilupp tal-bniedem", li tkopri s-saħħa, l-edukazzjoni, il-kwistjonijiet dwar is-sessi u aspetti oħrajn tal-iżvilupp tal-bniedem, tal-programm "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali". Primarjament għandha tkun ta' benefiċċju għall-ifqar sezzjonijiet tal-popolazzjonijiet fil-pajjiżi li tkopri.

Il-komponent tas-saħħa għandu jappoġġa aċċess universali għal servizzi tas-saħħa essenzjali ta' kwalità tajba. L-oqsma ta' prijorità għandhom jinkludu s-saħħa tat-tfal u dik materna, is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, l-aċċess għall-ippjanar tal-familja, l-eradikazzjoni tal-poljomjelite, tal-familji, protezzjoni kontra l-HIV/AIDS, it-tuberkolożi, il-malarja u mard ieħor relatat mal-faqar, u mard li ġie traskurat, u aċċess għall-appoġġ psikoloġiku għall-vittmi tal-vjolenza.

L-aċċess ugwali u l-kwalità tal-edukazzjoni għandhom ikunu appoġġati, inkluż għall-migranti, in-nisa u l-bniet, b'enfasi fuq il-pajjiżi li jinsabu l-aktar 'il bogħod milli jilħqu l-miri globali.

Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, għandhom jiġu appoġġati programmi biex titħeġġeġ is-setgħa ekonomika u soċjali tan-nisa u l-bniet. L-indirizzar tal-vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq is-sessi u l-appoġġ tal-vittmi għandhom ikunu wkoll prijoritajiet. L-għajnuna biex jitneħħew il-prattiki ta' għażla bbażata fuq is-sessi għandha wkoll tkun fost l-objettivi.

L-approprjazzjoni tista' tintuża wkoll għal attivitajiet b'appoġġ għat-tfal u ż-żgħażagħ, speċjalment dawk li jiżguraw it-tgawdija b'mod sħiħ tad-drittijiet u li jagħtu liż-żgħażagħ is-setgħa b'mod aktar ġenerali, billi jiffukaw fuq it-tfajliet żgħar b'mod partikolari; is-saħħa u l-edukazzjoni; bħala appoġġ tat-tfal u ż-żgħażagħ; in-nondiskriminazzjoni; impjieg, ħiliet, protezzjoni soċjali u inklużjoni soċjali; tkabbir, impjiegi u involviment tas-settur privat u kultura.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim ta' trasferiment għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari, il-kapaċitajiet ta' awditjar u t-trasparenza.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 07 *(ikompli)*

21 02 07 04 L-ikel u s-sigurtà tan-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
189 495 232	88 783 000	167 239 336	53 786 265	200 982 990,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet taħt is-"Sottotema is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u l-agrikultura sostenibbli" tal-programm tematiku "Beni u Sfidi Pubbliċi Globali".

Fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli, l-objettiv ġenerali huwa li titjieb is-sigurtà tal-ikel għal dawk li huma l-ifqar u l-aktar vulnerabbli, tingħata għajnuna biex jinqerdu l-faqar u l-ġuħ għall-ġenerazzjonijiet kurrenti u futuri u biex tiġi indirizzata aħjar il-malnutrizzjoni u b'hekk titnaqqas il-mortalità fost it-tfal. Dan l-objettiv se jkun segwit f'konformità mal-politika tal-Unjoni u se jiffoka fuq it-titjib tad-dħul tal-bdiewa żgħar u r-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli u l-għajnuna lill-pajjiżi sħab biex jitnaqqas l-għadd ta' tfal li għandhom żvilupp imxekkel b'seba' miljun sal-2025. Is-sigurtà tal-ikel hija sfida globali, il-programm 'Beni u Sfidi Pubbliċi Globali' se jiffoka fuq attivitajiet u approċċi li jindirizzaw sfidi u beni pubbliċi globali li jipprovdu multiplikatur qawwi għas-settur tal-agrikoltura, it-trobbija tal-bhejjem u s-sajd, is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni tal-familji, l-ekonomija rurali u s-sistemi tal-ikel, u r-reżiljenza tal-aktar familji vulnerabbli għax-xokkijiet u l-pressjonijiet. Din se tikkumplimenta u żżid il-valur lill-appoġġ ipprovdut permezz ta' programmi ġeografiċi.

Dawn it-tliet komponenti li ġejjin huma inklużi fit-tema:

— *Komponent 1: Il-ġenerazzjoni u l-iskambju tal-għarfien u t-trawwim tal-innovazzjoni* li se jiġġenera u japplika għarfien ġdid lill-isfidi tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni prinċipalment fil-livell internazzjonali u kontinentali. Dan il-komponent se jaħdem mal-inizjattivi reġjonali u globali eżistenti, iżda jipprevedi wkoll sħubiji ġodda li huma meħtieġa biex jiżguraw li l-għarfien iġġenerat mir-riċerka jintuża mill-benefiċjarji biex itejjeb id-dħul u l-għajxien tagħhom;

— *Komponent 2: It-tisħiħ u l-promozzjoni tal-governanza u l-kapaċità fil-livell globali, kontinentali, reġjonali u nazzjonali, għall-partijiet interessati rilevanti kollha.* Dan il-komponent se jappoġġa l-inizjattivi internazzjonali li jindirizzaw is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, inklużi l-art, is-sajd sostenibbli, u jtejjeb l-effikaċja tad-djalogu dwar kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. Dan se jrawwem ukoll sforz internazzjonali kkoordinat biex jiġġenera informazzjoni affidabbli, aċċessibbli u f'waqtha u l-kapaċità analitika biex jiġi appoġġat it-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza u biex jissaħħu u/jew jiġu stabbiliti istituzzjonijiet ta' sistemi ta' informazzjoni nazzjonali u reġjonali sostenibbli għas-sigurtà tal-ikel (ISFS). Dan il-komponent jista' jappoġġa wkoll inizjattivi ta' żvilupp tal-kapaċità ta' partijiet interessati bħal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet tal-bdiewa u gruppi interprofessjonali oħra tul il-katina tal-valur;

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 07 *(ikompli)*

21 02 07 04 *(ikompli)*

— *Komponent 3: Appoġġ għall-fqar u dawk li m'għandhomx nutrizzjoni sikura biex jirreaġixxu għall-kriżijiet u tissaħħaħ ir-reżiljenza*. Dan il-komponent se jipprovdi appoġġ għal pajjiżi fejn m'hemmx programmi bilaterali taħt programmazzjoni ġeografika, għal pajjiżi li jbatu mill-konsegwenzi ta' kriżi u/jew xokk maġġuri mhux previst, inklużi d-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, l-epidemiji u l-kriżijiet maġġuri tal-ikel u n-nutrizzjoni f'pajjiżi fraġli u vulnerabbli għar-risku ta' kriżi tal-ikel, dan il-komponent se jappoġġa wkoll approċċi innovattivi biex tissaħħaħ il-prevenzjoni u biex tinbena r-reżiljenza. Fejn rilevanti, l-interventi se jiġu mfassla wkoll sabiex isaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn interventi umanitarji u ta' żvilupp. Titħeġġeġ analiżi konġunta tas-sitwazzjoni mwettqa mill-partijiet interessati umanitarji u ta' żvilupp.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 07 05 Il-migrazzjoni u l-asil

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
57 257 470	22 560 000	41 605 380	10 128 583	46 504 665,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-implimentazzjoni tal-inizjattivi fil-qasam tematiku dwar il-"migrazzjoni u l-asil" tal-programm dwar il-Beni u l-Isfidi Pubbliċi Globali (GPGC) bil-għan li tissaħħaħ il-governanza u jiġi mmassimizzat l-impatt tal-iżvilupp tal-migrazzjoni u l-mobilità.

B'mod partikolari, il-programm 'Beni u Sfidi Pubbliċi Globali' fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil għandu l-għan li jtejjeb il-governanza tal-migrazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u permezz tagħhom, filwaqt li jqiegħed attenzjoni partikolari fuq l-immassimizzar tal-impatt pożittiv u t-tnaqqis tal-impatt negattiv tal-migrazzjoni u l-mobilità fuq l-iżvilupp fil-pajjiżi bi dħul baxx jew medju ta' oriġini u ta' destinazzjoni. Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, inkluż l-aċċess għal servizzi bħalma huma dawk tas-saħħa,tal-migranti u l-appoġġ għall-impenji tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp dwar il-migrazzjoni tiġi segwita bħala objettiv trasversali.

Il-programm se jiffoka fuq inizjattivi fil-livell globali kif ukoll fil-livell multireġjonali (eż. biex tiġi appoġġata l-kooperazzjoni tul rotot migratorji min-Nofsinhar għan-Nofsinhar jew min-Nofsinhar għat-Tramuntana). Jistgħu jiġu mnedija wkoll numru limitat ta' proġetti nazzjonali biex jappoġġaw attivitajiet ta' kooperazzjoni ġodda ma' pajjiżi prijoritarji tal-politika tal-migrazzjoni esterna tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 08 Finanzjament ta' inizjattivi fil-qasam tal-iżvilupp mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u tal-iżvilupp għalihom

Kummenti

Din l-approprjazzjonijiet hija maħsuba biex tappoġġa inizjattivi ta' żvilupp f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw imwettqa minn jew għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali li joriġinaw mill-Unjoni u minn pajjiżi msieħba, kif ukoll biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-tfassil ta' politika u biex jiġu żgurati r-responsabilità u t-trasparenza.

Se tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu appoġġati s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u biex jitħeġġu d-djalogu u l-ambjent li jippermetti l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-perspettiva tal-ġeneru u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, ir-rikonċiljazzjoni u l-bini ta' istituzzjonijiet, inkluż fil-livell lokali u reġjonali.

21 02 08 01 Is-soċjetà ċivili fl-iżvilupp

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
180 875 198	86 753 855	180 143 207	46 364 459	212 398 533,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa inizjattivi li jsaħħu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi sħab u fl-Unjoni u l-benefiċjarji eliġibbli taħt ir-Regolament (UE) No 231/2014 meta jkun hemm referenza għall-attivitajiet ta' edukazzjoni dwar l-żvilupp u t-tqajjim ta' kuxjenza (DEAR). L-inizjattivi li għandhom jiġu ffinanzjati jitwettqu primarjament minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Fejn ikun xieraq, biex tiġi żgurata l-effikaċja tagħhom, jistgħu jittieħdu inizjattivi minn atturi oħra għall-benefiċċju tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jikkontribwixxu għal:

— soċjetà inklużiva u mogħtija s-setgħa, inkluż minn perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, f'pajjiżi sħab permezz ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili aktar imsaħħin,

— kapaċità akbar tan-netwerks, tal-pjattaformi u l-alleanzi tas-soċjetà ċivili Ewropej u tan-Nofsinhar, sabiex jiġi żgurat djalogu tal-politika sostantiv u kon tinwu fil-qasam tal-iżvilupp u sabiex issir promozzj oni tal-governanza demokratika u tingħata s-setgħa lin-nisa,

— livell akbar ta' sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni rigward kwistjonijiet ta' żvilupp u mobilizzazzjoni tal-appoġġ pubbliku attiv għal strateġiji għat-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab.

Attivitajiet possibbli li għandhom ikunu appoġġati mill-programm:

— interventi f'pajjiżi sħab li jappoġġaw gruppi vulnerabbli u emarġinati billi jipprovdu servizzi bażiċi mogħtija permezz ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili,

— żvilupp tal-kapaċità tal-atturi fil-mira, komplementari għall-appoġġ mogħti fil-qafas tal-programm nazzjonali, azzjonijiet immirati sabiex:

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 08 *(ikompli)*

21 02 08 01 *(ikompli)*

— il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-azzjoni tas-soċjetà ċivili u l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-formulazzjoni tal-politika u fil-monitoraġġ tal-proċessi tal-implimentazzjoni tal-politika,

— jiġu ffaċilitati djalogu mtejjeb u interazzjoni aħjar bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali, l-Istat u atturi oħra tal-iżvilupp fil-kuntest tal-iżvilupp,

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 19 *(ikompli)*

Billi jintuża s-settur tas-saħħa bħala eżempju b'enfasi partikolari fuq is-saħħa sesswali u riproduttiva, l-azzjoni preparatorja se jkollha l-għan li tistabbilixxi xenarji ta' referenza, tislet rakkomandazzjonijiet operattivi dwar ir-reżiljenza u l-LRRD u tikkapitalizza fuqhom biex tingħata spinta lit-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' saħħa tal-komunitajiet fir-rigward tal-bżonnijiet tal-gruppi nomadiċi fil-kuntest ta' wara l-kriżijiet fil-Mali u n-Niġer.

Is-sitwazzjoni fis-Saħel u fit-Tramuntana tal-Mali ddeterjorat bejn l-2014 u l-2015. Skont l-ewwel rapport interim tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti pilota u tal-azzjonijiet preparatorji għall-2015, kwistjonijiet dwar is-sigurtà qegħdin jimminaw l-objettivi u l-attività ta' sensibilizzazzjoni tal-azzjoni preparatorja lill-gruppi nomadiċi. Huwa essenzjali li jiġu żviluppati mekkaniżmi fit-tul orjentati lejn ir-reżiljenza li jieħdu kont tat-theddidiet imġedda ta' epidemiji u li jkunu jistgħu jinfurmaw aħjar l-intervent ta' rispons għall-emerġenza fil-livelli operattivi u ta' pprogrammar. Għalhekk, hija meħtieġa estensjoni għat-tielet sena b'approprjazzjonijiet addizzjonali sabiex, flimkien mal-konsolidament ta' data affidabbli dwar l-indikaturi tas-saħħa, jkun jista' jitwettaq it-taħriġ ta' massa kritika ta' ħaddiema tas-settur tas-saħħa u li jkunu jistgħu jiġu identifikati l-aħjar prattiki dwar ir-reżiljenza u l-kollegament bejn l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp (LRRD) u mibdula f'mekkaniżmi sostenibbli għaż-żamma jew it-trażmissjoni tal-kapaċità li tkun inbniet.

Objettivi

L-objettiv ġenerali tal-proġett huwa li tinbena kapaċità ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa li jipprovdu servizzi ta' kwalià għolja mmirati lejn il-bżonnijiet speċifiċi tal-gruppi nomadiċi (f'sitwazzjoni ta' wara l-kriżi), b'enfasi partikolari fuq is-saħħa sesswali u riproduttiva. Billi jintuża s-settur tas-saħħa bħala eżempju, l-azzjoni preparatorja se tevalwa u telenka l-aħjar prattiki dwar il-bini ta' reżiljenza u l-LRRD fil-kuntest ta' wara l-kriżijiet fit-Tramuntana tal-Mali u fit-Tramuntana tan-Niġer. Fl-aħħarnett, jiżviluppa wkoll metodi kif ukoll itejjeb kurrikulu ta'taħriġ fil-qasam tas-saħħa li jindirizza l-bżonnijiet tal-gruppi nomadiċi. Riżultati mistennija minn dan il-proġett se jkunu data affidabbli u komprensiva dwar is-saħħa fil-livell Komunitarju u lokali, biex jitjieb l-ipprogrammar tas-saħħa u tiżdied ir-responsabilità tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali u lokali; l-aħjar prattiki fir-rigward tal-bini ta' reżiljenza u l-LRRD se jinqasmu u jinxterdu u l-kurrikulu tat-taħriġ fis-settur tas-saħħa se jiġi żviluppat biex tiżdied il-kapaċità lokali li jiġu indirizzati l-bżonnijiet b'rabta mas-saħħa tal-gruppi nomadiċi.

Il-grupp mira ewlieni hija l-popolazzjoni nomadika fit-Tramuntana rurali tal-Mali u fit-Tramuntana tan-Niġer, u b'mod partikolari l-gruppi ta' din il-popolazzjoni l-iktar vulnerabbli u li jinsabu fl-ikbar riskju (nisa, tfajliet u tfal ta' taħt il-ħames snin). It-tieni grupp mira jinkludi ħaddiema fil-qasam tas-saħħa professjonisti u tal-komunità fl-istess reġjuni.

L-azzjoni tiġi implimentata mill-organizzazzjonijiet ta' soċjetà ċivili lokali u mill-protagonisti fil-ħidma umanitarja li għandhom persunal lokali preżenti fir-reġjun, bi qbil mal-prijoritajiet nazzjonali u mal-pjanijiet tal-gvernijiet (inkluż l-ilħiq tal-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp 4 u 5, peress li kemm il-Mali kif ukoll in-Niġer huma hekk imsejħa "countdown countries" [1]) u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-protagonisti preżenti fir-reġjuni: l-awtoritajiet lokali u nazzjonali, il-faċilitajiet tas-saħħa lokali u nazzjonali, il-komunitajiet, kif ukoll il-protagonisti tal-iżvilupp (Unjoni, donaturi, aġenziji tan-NU, is-settur privat, NGOs, awtoritajiet u ħaddiema tal-komunità fis-settur tas-saħħa u f'dak mediku), billi jitqiesu l-isforzi skont l-inizjattiva AGIR.

Attivitajiet tal-proġett

L-azzjoni preparatorja se jkollha tliet fażijiet:

[1] Kemm il-Mali kif ukoll in-Niġer huma hekk imsejħa "countdown countries", li jfisser li jenħtieġ progress biex jintlaħqu l-MDGs sal-2015, b'mod partikolari fir-rigward tal-MDGs 4 u 5 (mortalità tat-tfal u tal-ommijiet).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 19 *(ikompli)*

L-ewwel fażi: twettiq ta' riċerka operattiva biex jiġu determinati x-xenarji ta' referenza tas-saħħa tal-gruppi nomadiċi

L-azzjoni jkollha l-għan li tistabbilixxi xenarji ta' referenza dwar indikaturi tas-saħħa u tistudja fatturi determinanti għall-aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità (ġeografiċi, finanzjarji, soċjokulturali, eċċ.) tal-popolazzjonijiet ta' gruppi nomadiċi, u b'mod partikolari għall-iktar gruppi vulnerabbli u li jinsabu f'riskju (nisa, tfajliet u tfal ta' taħt il-5 snin). Hija telenka l-kapaċitajiet u inizjattivi tas-saħħa eżistenti (inklużi inizjattivi AGIR u inizjattivi internazzjonali oħra, faċilitajiet tas-saħħa mmexxija mill-gvern u ċentri ta' taħriġ iżda wkoll ħaddiema tas-saħħa tradizzjonali u tal-komunità). Eventwalment, ir-riċerka tevalwa l-provvista ta' kura tas-saħħa bażika ibbażata fuq il-bżonnijiet u informazzjoni ta' gruppi nomadiċi u servizzi dwar il-prevenzjoni (inkluża kura tal-ommijiet u tat-trabi, titqib, nutrizzjoni, saħħa riproduttiva, vjolenza abbażi tal-ġeneru, eċċ.) ([1]).

It-tieni fażi: Provvista ta' rakkomandazzjonijiet operattivi u elenkar tal-aħjar prattiki għal-LRRD u l-bini tar-reżiljenza għat-trasferiment tal-għarfien lill-AGIR u inizjattivi oħra relatati

Abbażi tal-evalwazzjoni, l-azzjoni tanalizza fir-rigward ta' kif il-bżonnijiet tal-gruppi nomadiċi ġew indirizzati fir-rispons għall-emerġenza u l-fażi ta' wara l-kriżi (mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u twissija) mill-protagonisti kollha tal-iżvilupp (protagonisti tal-Unjoni, donaturi, aġenziji tal-Unjoni, is-settur privat, NGOs, awtoritajiet u ħaddiema tal-komunità fil-qasam tas-saħħa u f'dak mediku). Hija se tissottolinja l-aħjar prattiki fiż-żewġ pajjiżi partikolarment billi tgħaqqad servizzi tas-saħħa mobbli u statiċi u l-provvista ta' interventi doppji għall-annimali u għall-bnedmin, billi jittieħed kont tas-similitudnijiet u l-approċċi differenti f'kull pajjiż.

Fl-aħħarnett, tipprovdi rakkomandazzjonijiet operattivi għall-involviment futur tal-Unjoni fil-kuntest ta' AGIR dwar kif tinżamm perspettiva fit-tul orjentata lejn ir-reżiljenza fir-rigward tal-gruppi nomadiċi, anke matul kriżijiet u interventi ta' rispons għall-emerġenzi mingħajr ma jiġu destabilizzati l-istrutturi formali u informali lokali u nazzjonali.

It-tielet fażi: Bini u żamma tal-kapaċità biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet b'rabta mas-saħħa tal-gruppi nomadiċi fost il-ħaddiema professjonisti u tal-komunità tal-kura tas-saħħa għal sistemi tas-saħħa reżiljenti

L-azzjoni tibni fuq xi lezzjonijiet tal-passat billi tqis il-kapaċità ta' saħħa biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet b'rabta mas-saħħa tal-grupp nomadiku. Din il-fażi tiffoka fuq l-iżvilupp ta' kurrikulu ta' taħriġ ibbażat fuq il-bżonnijiet tal-komunitajiet nomadiċi u b'dokumentazzjoni tal-istrateġiji ta' intervent ibbażati fuq il-provi li pproduċew riżultati u wrew sjieda fost il-gruppi nomadiċi. Dan iseħħ bi shubija ma' faċilitajiet ta' taħriġ kif ukoll ma' awtoritajiet lokali u nazzjonali. It-taħriġ se jinkludi l-varjetà shiha ta' kura tas-saħħa bażika u prevenzjoni, inkluż ir-riferiment ta' nisa tqal għal ċentri tas-saħħa. Ikun fih ukoll taħriġ dwar il-ġbir u l-monitoraġġ tad-data dwar l-istejtus tas-saħħa tal-gruppi nomadiċi. It-taħriġ se jimmira ħaddiema fil-qasam tas-saħħa b'fokus speċifiku fuq nisa, ħaddiema fil-qasam tas-saħħa bbażati fil-komunità u persuni li tradizzjonalment jgħinu fit-twelid sabiex jiżdied l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa għal gruppi nomadiċi. Is-sessjonijiet ta' taħriġ se jkunu allinjati mal-prijoritajiet nazzjonali u b'appoġġ għall-istituzzjonijiet eżistenti.

([1]) B'kura bażika wieħed ifisser: Is-saħħa tal-omm u tat-tarbija, titqib u nutrizzjoni (speċifikament tfal b'nuqqas kbir ta' nutrizzjoni u ommijiet li jreddgħu), kura tas-saħħa riproduttiva (kura obstetrika urġenti, kura qabel u wara t-twelid, aċċess għal metodi ta' ippjanar tal-familji, prevenzjoni ta' abort mhux sikur, eċċ.), sorveljanza għal epidemiji u trattament ta' mard (inkluż l-HIV/AIDS), kura medika, ġestjoni psikoloġika u klinika bikrija speċjalment għal każijiet ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru (aggressjoni sesswali, żwieġ kmieni u furzat, mutilazzjoni ġenitali femminili/qtugħ, eċċ.(.

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 19 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

L-azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 20 Azzjoni preparatorja — Riabilitazzjoni soċjoekonomika tat-tfal u tan-nisa professjonisti fil-qasam tas-sess li jgħixu fiż-żoni tal-minjieri ta' Luhwindja, Provinċja tan-Nofsinhar ta' Kivu, Ilvant tar-RDK

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
150 000	1 000 000	2 200 000	1 855 524	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni ta' tħejjija.

Il-Provinċja tan-Nofsinhar ta' Kivu, li tinsab fil-Lvant tar-RDK, għaddejja minn fażi ta' kriżijiet li jitfgħu lill-komunitajiet lokali f'sitwazzjoni ta' faqar liema bħalu.

Din il-provinċja, b'84.7 % tal-foqra, hija — flimkien mal-provinċji tal-Ekwatur u dik ta' Bandundu — waħda mill-iktar 3 provinċji foqra tar-RDK

Il-Provinċja ta' Luhwindja, waħda mit-18-il Provinċja, għaddejja wkoll minn din ir-realtà tremenda. Qabel, 'il fuq minn 90 % tal-popolazzjoni tagħha kienet tgħix mill-isfruttament artiġjanali tal-minerali.

Bħalissa, kważi ż-żoni kollha tal-minjieri huma okkupati mill-kumpanija Banro, li tisfrutta industrijalment għas-skapitu ta' attivitajiet oħra li jistgħu jikkontribwixxu għall-benesseri tal-komunitajiet lokali.

Dawn il-komunitajiet, biex jirnexxielhom ikampaw, huma obbligati jħaffru għad-deheb f'siti oħra meqjusa bħala perikoluż, u l-konsegwenzi ta' dan huma deplorevoli. Ir-rata ta' ħruġ mill-iskola jqajmu tħassib kbir. Is-subien u l-bniet minn familji foqra jitilqu l-iskola biex imorru jaħdmu fil-minjieri.

Il-punt (f) tal-Artikolu 53 tal-Liġi tal-10 ta' Jannar 2009 dwar il-protezzjoni tat-tfal jipprojbixxi ħidma li, minħabba n-natura tagħha u l-kundizzjonijiet li fihom tiġi eżerċitata, tista' tkun ta' dannu għas-saħħa, għat-tkabbir, għas-sigurtà u għall-iżvilupp, id-dinjità u l-moralità tat-tfal.

Il-bniet (sa 13-il sena) u n-nisa li jkunu kap tal-familja jsiru prostituti biex imantnu l-bilanċ soċjetali, speċjalment għaliex il-parti l-kbira tal-irġiel jinsabu mingħajr impjieg remunerat.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 20 *(ikompli)*

Il-prostituzzjoni u l-elementi anċillari tagħha, il-vjolenza fiżika u l-użu tad-drogi jikkostitwixxu problemi kbar li llum joħolqu tħassib kbir fiż-żoni tal-mijieri attivi f'din il-Provinċja.

L-isforzi għandhom ikunu pprovduti mill-gvern, mis-soċjetà ċivili u mill-aġenziji tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti biex jinstabu mekkaniżmi li jwasslu lill-komunitajiet sabiex jilħqu l-Ewwel Għan ta' żvilupp tal-Millennju, it-tnaqqis tal-faqar estrem u tal-ġuħ.

Objettivi

L-użu tat-tfal, taż-żgħażagħ, il-prostituzzjoni tal-bniet u tan-nisa fiż-żoni tal-minjieri ta' Luhwindja huma indikaturi eċċellenti ta' faqar.

L-objettiv globali ta' dan il-proġett huwa li jikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-komunitajiet tal-Provinċja ta' Luhwindja, b'mod partikolari b'enfasi fuq dawn iż-żagħżagħ li jaħdmu fil-minjieri u jitilqu l-istudji.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-bniet u lin-nisa prostituti li jgħixu f'awn iż-żoni tal-minjieri, li spiss minn età żgħira jsofru mill-marda tal-ĦIV/Aids u infezzjonijiet oħra trażmessi sesswalment, u minn wild mhux mixtieq. Biex isir dan, se ssir ħidma mal-isptar PANZI, immexxi mit-tabib Denis Mukwege.

Dawn l-azzjonijiet jitmexxew b'kollaborazzjoni stretta mal-awtoritajiet lokali, nazzjonali, mal-komunitajiet kif ukoll ma' protagonisti oħra tal-iżvilupp (Sidien tal-fondi, aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, is-settur privat u NGOs oħra).

Attivitajiet tal-proġett

L-azzjoni jkollha tliet fażijiet ewlenin:

L-ewwel fażi: jiddaħħlu ż-żgħażagħ kollha ta' bejn il-5 u l-15-il sena li jiġu miż-żoni tal-minjieri ta' Luhwindja f'ċentru ta' rkupru skolastiku USD 800 000):

— sensibilizzazzjoni tal-komunitajiet lokali dwar il-leġiżlazzjoni u strumenti ġuridiċi oħra nazzjonali u internazzjonali b'rabta mal-protezzjoni tat-tfal,

— kostruzzjoni ta' ċentru ta' rkupru skolastiku għat-tfal irkuprati minn dawn iż-żoni tal-minjieri li xi wħud minnhom qatt ma marru skola,

— ekwipaġġament ta' dawn iċ-ċentri b'materjali meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tagħhom. Dan iċ-ċentru, ladarba jiġi mibni, għandu jkun mgħammar b'materjal pedagoġiku u affarijiet oħra biex it-tfal jitqiegħdu f'kundizzjonijiet skolastiċi kemm jista' jkun ottimali u biex ikunu jistgħu ikomplu l-istudji tagħhom iktar tard,

— reklutaġġ ta' persunal involut fil-proġett. Se jiġi reklutat persunal kwalifikat fil-pedagoġija speċifika, jiġifieri ffukata fuq it-trattament ta' tfal imsejħa "illegali". Dan il-persunal se jkun inkarigat ukoll li jirreġistra t-tfal fiż-żoni tal-minjieri bl-għajnuna tal-ġenituri rispettivi tagħhom,

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 20 *(ikompli)*

— organizzazzjoni tat-trattament psikosoċjali. Ladarba t-tfal jiġu reġistrati, għal perjodu inizjali ta' tliet xhur, se jiġu trattati f'ċentru ta' trattament psikoloġiku. Għandu jitqies il-fatt li dawn it-tfal jiġu minn kuntest "perikoluż, mhux komuni". Għaldaqstant se jiġi reklutat espert psikologu,

— orjentazzjoni tat-tfal skont il-livell ta' studji milħuq. Se jkun hemm 3 livelli differenti: L-ewwel livell jikkonċerna t-tfal li qatt ma marru skola u dawk li waqqfu l-iskola fl-ewwel sentejn. Dawn se jirċievu taħriġ tat-tieni sena tal-primarja,

— it-tieni livell jikkonċerna tfal li waqqfu l-iskola fit-tielet jew ir-raba' sena tal-primarja. Dawn se jirċievu taħriġ tar-raba' sena tal-primarja,

— it-tielet livell jikkonċerna tfal li waqqfu l-iskola fil-ħames sena u dawk li fallew is-sitt sena. Dawn se jirċievu taħriġ tas-sitt sena tal-primarja.

Fi tmiem kull sena skolastika, it-tfal kollha li jkunu fis-sitt sena se jagħmlu t-TENAFEP (Test Nazzjonali ta' Tmiem l-Istudji Primarji); test li jħejji lit-tfal jiffaċċjaw l-iskola sekondarja.Kantina tal-iskola se tkun organizzata biex it-tfal jiġu stimolati jsegwu l-klassijiet u biex il-ġenituri jiġu dissważi milli jibagħtuhom jaħdmu fil-minjieri.Il-flus li jinqalgħu mill-minjieri min-naħa tat-tfal kienu jservu għall-ħlas tal-ispejjeż familjari. Biex tintemm dik il-prattika, il-proġett jipprevedi l-għoti ta' Sett (magħmul minn borża ross, kontenitur żgħir ta' żejt) kull xahar u għal kull familja ta' kull tifel u tifla kkonċernati.

— Evalwazzjoni tal-impatt kwalitattiv tal-proġett, jiġifieri n-numru ta' tfal reklutati fil-minjieri, il-progress normali tagħhom fl-iskejjel sekondarji tal-post jew band'oħra, l-involviment tal-komunità u tal-awtoritajiet lokali fir-rigward ta' din il-problema tat-tfal fil-minjieri, il-kwalità tat-tagħlim li jirċievu t-tfal.

It-tieni fażi: ħolqien ta' ċentru ta' taħriġ professjonali għaż-żgħażagħ (ta' bejn is-16 u t-18-il sena) mill-provinċji ta' Luhwindja (USD 1 150 000):

— sensibilizzazzjoni tal-komunitajiet lokali dwar il-leġiżlazzjoni u strumenti ġuridiċi oħra nazzjonali u internazzjonali b'rabta mal-protezzjoni tat-tfal. Iż-żgħażagħ għandhom ikunu informati bid-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom,

— bini ta' ċentru ta' taħriġ professjonali. Billi jitqiesu r-realtajiet lokali, se jiġu organizzati l-korsijiet li ġejjin: ħjata, kostruzzjoni, korsijiet ta' mastrudaxxa, tisjir imtejjeb u welding,

— ekwipaġġament ta' dawn iċ-ċentri b'materjali meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tagħhom. Il-korsijiet se jseħħu fl-NGOs lokali, intrapriżi tal-Istat... biex jiġu kkonċiljati t-teorija u l-prattika,

— reklutaġġ ta' persunal involut fil-proġett. Se jiġi reklutat, lokalment jew minn postijiet oħra, persunal kwalifikat għal kull wieħed mill-korsijiet,

— organizzazzjoni tat-trattament psikosoċjali. L-esperjenza wriet li f'din il-fażi ta' etajiet jinsabu devjanti soċjali oħra: pejjiepa tal-qanneb u drogi oħra, prostituti huma komuni f'dan il-grupp tal-età,

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 20 *(ikompli)*

— orjentament taż-żgħażagħ skont il-korsijiet magħżula. Wara tmiem it-trattament psikosoċjali tagħhom, iż-żgħażagħ se jiġu orjentati wieħed wieħed lejn kors tal-għażla tagħhom. L-objettiv huwa li jiġu valorizzati filwaqt li jsiru utli għas-soċjetà,

— evalwazzjoni tal-impatt tal-proġett fuq il-benefiċjarji, jekk it-taħriġ tagħhom ikunx ħoloq soluzzjoni għall-problemi lokali. Se jinkitbu evalwazzjoni u rapporti li jintbagħtu lis-sjieda tal-fondi.

It-tielet fażi: Għajnuna lit-tfajliet u lin-nisa professjonisti fil-qasam tas-sess, li jgħixu fiż-żoni tal-minjieri ta' Luhwindja, biex dawn joħorġu mill-kundizzjoni tagħhom u biex jingħataw lhom attivitajiet li jiġġeneraw dħul għat-tnaqqis tal-faqar (USD 760 000)

— reklutaġġ tal-forza tax-xogħol involuta f'dan il-proġett. Se jiġu reklutati persuni b'għarfien tekniku u persunal ieħor speċjalizzat fil-kwistjoni tat-trattament tat-tfajliet u tan-nisa "marġinalizzati" tas-soċjetà biex imexxu dan il-proġett,

— sensibilizzazzjoni tal-bniet minorenni u tan-nisa prostituti fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem. Matul dawn is-sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, se jiġu organizzati regolarment testijiet volontarji ta' identifikazzjoni tal-marda ĦIV/Aids u ta' mard ieħor simili, favur il-benefiċjarji diretti ta' dan il-proġett.

Dawn it-testijiet se jseħħu mill-infirmiera tal-Isptar PANZI, immexxi mit-Tabib Denis Mukwege. Il-każijiet suspetti jistgħu jiġu trasferiti għat-trattament psikomediku.

— taħriġ tat-tfajliet minorenni u tan-nisa prostituti f'suġġetti b'rabta mal-ġestjoni AGR, l-ippjanar tal-wild.

Billi jgħixu f'kundizzjonijiet soċjoekonomiċi drammatiċi, se jingħataw lhom ċerti strateġiji ta' ippjanar tal-wild. L-assoċjazzjoni tista' anke tiffirma ftehimiet ma' dawn il-prostituti biex jiġu limitati l-wild u n-non frekwentazzjoni taż-żoni tal-minjieri.

— ħolqien ta' tim ta' sorveljanza għall-applikazzjoni tal-ftehimiet, l-impenji meħuda bejn l-assoċjazzjoni u t-tfajliet minorenni u n-nisa prostituti, sabiex dawn ma jerġgħux imorru lura fil-minjieri. Persentaġġ notevoli ta' tfal ta' dawn it-tfajliet u nisa prostituti jinsab fiż-żona tal-minjieri,

— orjentament ta' dawn in-nisa lejn attivitajiet li jiġġeneraw dħul: attivitajiet agrikoli (ta' trobbija tal-annimali, ta' negozji żgħar, eċċ.) biex ikunu jistgħu jmantnu lill-familji rispettivi tagħhom. L-objettiv huwa li dawn it-tfajliet u nisa jaslu biex imantnu lilhom infushom.

Evalwazzjoni tal-proġett: verifikazzjoni jekk il-benefiċjarji żammewx l-impenn tagħhom li jieqfu milli jipprostitwixxu ruħhom fiż-żoni tal-minjieri, jekk l-attivitajiet ta' dħul evolvewx b'mod pożittiv, jekk il-pariri ta' ippjanar tal-wild ġewx applikati.

Bażi ġuridika

L-azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 21 Azzjoni preparatorja — Azzjoni preparatorja: Bini u tisħiħ tas-sħubiji lokali għall-iżvilupp ta' ekonomija soċjali u biex jitwaqqfu intraprizi soċjali fl-Afrika tal-Lvant

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	548 159	p.m.	251 841	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni ta' tħejjija.

Din l-azzjoni ta' tħejjija hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-istrateġija tal-Unjoni b'appoġġ għall-benessri tal-popli tal-Afrika tal-Lvant u biex tgħin biex dawn joħorġu mill-faqar u jibnu tkabbir ekonomiku awtosuffiċjenti.

Hija għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċitajiet, is-sjieda u l-impenn politiku tal-protagonisti lokali biex jinbeda tibdil strutturali b'appoġġ għall-iżvilupp ta' intraprizi soċjali li jikkostitwixxu pilastri importanti tal-ekonomija soċjali u s-soċjetà ċivili. Dawn l-intraprizi b'mod partikolari se jipproduċu u jipprovdu prodotti u servizzi fl-oqsma tal-agrikoltura sostenibbli u l-produzzjoni tal-bhejjem, ir-riżorsi naturali u l-ġestjoni tar-riżorsi, l-effiċjenza tal-enerġija, il-kultura u l-edukazzjoni, kif ukoll is-servizzi ta' saħħa u ta' kura

L-intraprizi soċjali, flimkien mal-kooperattivi, huma operaturi fl-ekonomija soċjali li jikkumerċjalizzaw prodotti u servizzi biex jiksbu impatt soċjali ([1]) minflok biex jagħmlu qligħ għall-proprjetarji tagħhom jew il-partijiet interessati, u huma ġestiti b'mod miftuħ u responsabbli, u b'mod partikolari jinvolvu lill-impjegati, lill-konsumaturi u lill-partijiet interessati affettwati mill-attivitajiet kummerċjali tagħhom ([2]). L-ILO għamlet sforzi sinifikanti biex tenfasizza l-importanza tar-rwol tagħhom għall-promozzjoni tas-sostenibilità ekonomika, il-ġustizzja soċjali, il-bilanċ ekoloġiku, xogħol deċenti, stabilità politika, soluzzjoni ta' kunflitti u ugwaljanza bejn is-sessi ([3]), u l-Azzjoni Preparatorja se tintegra l-lezzjonijiet li ssieltu mill-ħidma tal-ILO.

Il-proċess ta' bidu, żvilupp u replikar tal-intraprizi soċjali u tal-kooperattivi spiss se jkollu jkun ibbażat fuq użu innovattiv u għaqda ta' riżorsi biex jinstabu opportunitajiet biex tiġi katalizzata l-bidla soċjali u/jew jiġu indirizzati l-bżonnijiet soċjali, bi spinta min-naħa tal-intraprendituri soċjali.

L-approċċ innovattiv ta' din l-azzjoni preparatorja huwa bbażat fuq l-għaqda ta' riżorsi li ma jintużawx biżżejjed u muturi għall-iżvilupp lokali, u se jiżvilupp u jittestja modi ġodda kif jiġu żviluppati komunitajiet sostenibbli (f'żewġ pajjiżi tal-Afrika tal-Lvant [il-Kenja u l-Etjopja]) b'bażi solida fl-ekonomija soċjali, billi

([1]) L-impatt soċjali huwa ġenerat permezz ta' azzjoni solidari mal-persuni żvantaġġati u esklużi; maż-żgħażagħ u mal-anzjani, solidarjetà mal-ġenerazzjonijiet futuri (peż. permezz tal-użu effiċjenti ta' riżorsi naturali jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-iskart), iż-żieda tal-kwalità tal-għajxien ta' kulħadd permezz ta' produzzjoni ta' prodotti u servizzi li jissodisfaw il-bżonnijiet kollettivi u jikkontribwixxu għal żvilupp tal-kapital tal-komunità u soċjali, pereżempju permezz tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' ikel tajjeb għas-saħħa u bi prezz raġonevoli, jew l-iffaċilitar tal-aċċess għal u l-provvista ta' edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja.

([2]) Eva Deraedt, *Social Enterprise: A Conceptual Framework, studju għall-ILO mill-Hoger instituut voor de arbeid*, Leuwen 2009.
Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Ottubru 2011: Inizjattiva ta' Negozju Soċjali — Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intraprizi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni (COM(2011) 682 final).

([3]) Pereżempju: *The Reader 2010*: *"Social and Solidarity Economy: Building a Common Understanding; International Training Centre of the International Labour Organization 2010* (Ekonomija Soċjali u Solidari: Nibnu Fehim Komuni — Ċentru tat-Taħriġ tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ta-Xogħol 2010).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 21 *(ikompli)*

— jiġu mobilizzati u jingħataw setgħa l-intraprendituri soċjali biex jagħmlu l-bidla minn intraprenditorija informali għal negozji soċjali li jippermettu l-iżvilupp tal-ħiliet, tal-fiduċja proprja, tar-responsabilità reċiproka, tad-dħul u tal-benesseri,

— jiġu stabbiliti sħubiji lokali tal-iżvilupp ta' istituzzjonijiet ewlenin, partijiet interessati u protagonisti li jippromwovu u jappoġġaw il-ħolqien u l-iżvilupp tal-intrapriżi soċjali, fil-kuntest ta' ekosistema li tista' twassal għall-iżvilupp u s-sostenibilità tagħhom, li jkunu bbażati fuq il-prinċipji tal-parteċipazzjoni, il-kosjieda u l-ġestjoni demokratika,

— jiġu mobilizzati u involuti komunitajiet ta' dijaspora li jgħixu fl-Ewropa li għandhom rwol ekonomiku sinifikanti fil-fluss tal-kapital lejn l-Afrika tal-Lvant, iżda li għandhom ukoll rabtiet soċjo-politiċi mar-reġjun,

— jiġi faċilitat it-tagħlim mill-pari billi jiġu utilizzati u sfruttati l-esperjenza u l-għarfien espert tal-protagonisti tal-ekonomija soċjali fl-Istati l-Membri ġodda tal-Unjoni Ewropea li jrnexxielhom jiżviluppaw strutturi ta' ekonomija soċjali ġodda u mudelli ġodda ta' negozju għall-intrapriżi soċjali fil-perjodu ta' trasformazzjoni mill-ekonomiji kkontrollati mill-istat għal ekonomiji tas-suq soċjali.

Għal dan l-għan, l-azzjoni preparatorja se tapplika approċċ esperimentali, u tittestja l-kundizzjonijiet għas-suċċess taħt diversi konfigurazzjonijiet:

— se tinvolvi sħubija bejn inizjattivi lokali ta' ekonomija soċjali fl-Afrika tal-Lvant mal-komunitajiet ta' dijaspora fl-Ewropea u protagonisti tal-ekonomija soċjali fl-Istati Membri l-ġodda,

— se tidentifika u tagħti s-setgħa lil sħubiji lokali ta' żvilupp f'diversi pajjiżi Ewropej u f'mill-inqas żewġ pajjiżi tal-Afrika tal-Lvant, li jistgħu jikkollaboraw fit-twaqqif ta' intrapriżi soċjali u l-iżvilupp ta' ekosistema tal-ekonomija soċjali fil-komunitajiet tas-sħab Afrikani,

— is-sħubiji lokali transnazzjonali se jiġu stabbiliti u żviluppati bejn inizjattivi ta' ekonomija soċjali fi bliet kbar, bliet ta' daqs medju u rħula rurali.

L-azzjoni preparatorja se tinkludi ħidma analitika (evalwazzjoni parteċipattiva tax-xenarji ta' referenza u żviluppi tal-istrateġija, evalwazzjonijiet tal-fattibilità); ħidma organizzattiva (ċelloli ta' koordinazzjoni għat-tħejjija u l-provvista ta' għajnuna teknika lill-attivitajiet tas-sħab), it-twaqqif ta' spazji ta' tagħlim (permezz ta' żjajjar ta' studju, seminars ta' tagħlim, issekondjar, kooperazzjoni bejn l-intrapriżi soċjali, eċċ.) u l-iżvilupp ta' infrastruttura u l-attivazzjoni ta' ekosistema għall-intrapriżi soċjali, kooperattivi bbażati fuq il-komunità u gruppi ta' produtturi. Dan se jirriżulta fit-tnedija ta' sħubiji transnazzjonali bejn inizjattivi lokali ta' ekonomija soċjali mill-Afrika tal-Lvant u l-Ewropa tal-Lvant, bl-għajnuna ta' komunitajiet ta' dijaspora u protagonisti tal-ekonomija soċjali b'ħafna esperjenza mill-Istati Membri l-ġodda.

Huwa mistenni li l-iżvilupp ta' inizjattivi tal-ekonomija soċjali se jtejbu l-iżviluppi tal-komunitajiet lokali fl-Afrika tal-Lvant u jsaħħu l-proċessi ta' prevenzjoni tal-faqar, partikolarment permezz tat-tnaqqis fl-impjieg informali, l-aċċess għal kosjieda tal-mezzi ta' produzzjoni u l-iżvilupp ta' infrastruttura għall-għoti ta' spinta lill-ekonomija soċjali..

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 21 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

L-azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 22 Proġett pilota – Approċċ integrat għall-iżvilupp u t-tnedija ta' soluzzjonijiet tas-saħħa li jittrattaw il-mard tropikali ttraskurat f'żoni endemiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	500 000	1 500 000	750 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-mekkaniżmi ta' finanzjament tar-Riċerka u Żvilupp (R&Ż) eżistenti ddedikati għal mard tropikali ttraskurat (MTT) għandhom ħabta jieħdu approċċ iżolat: għad hemm differenzi bejn il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tar-R&Ż u r-rabtiet ma' kwistjonijiet ta' ksur bħal WASH u programmi edukattivi mhumiex indirizzati bħala parti minn approċċ multisettorjali. Bl-istess mod, il-bżonn ta' riċerka inkrimentali li hija ugwalment importanti, li tista' tgħin biex titjieb b'mod sinifikanti l-aċċettabilità tat-trattamenti u d-dijanjostiċi għal popolazzjonijiet affettwati mill-MTT, għandu ħabta ma jingħatax importanza.

Bl-objettiv li jindirizza ftit mid-differenzi tar-R&Ż għall-MTT, dan il-proġett pilota jikkontribwixxi jew jikkoffinanzja mudell alternattiv li jiddependi fuq approċċ innovattiv u kkoordinat biex jiġu indirizzati d-differenzi persistenti tar-R&Ż li jirriżultaw mill-fallimenti fis-suq. Il-mudell jidentifika parti speċifika mil-lakuna fir-R&Ż għall-MTT li taffettwa b'mod sproporzjonat pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jipprovdi elementi kruċjali għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għas-saħħa ta' kwalità għolja, aċċessibbli, xierqa u li wieħed ikun jaffordja.

Dan il-proġett jibni fuq il-ħidma mwettqa f'azzjonijiet preparatorji u proġetti pilot preċedenti dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni tas-saħħa globali, u jappoġġja sforzi li jindirizzaw lakuni identifikati u rrikonoxxuti bi qbil mal-proċess tad-WHO f'konnessjoni mar-rapport disponibbli f'http://www.who.int/phi/cewg_report/en/ u mal-lista ta' proġetti ta' dimostrazzjoni identifikati u magħżula minn qabel mil-Laqgħa Konsultattiva Teknika Globali dwar il-Proġetti ta' Dimostrazzjoni tar-R&Ż fil-qasam tas-saħħa.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 22 *(ikompli)*

Meta jsir dan, filwaqt li jitfittex it-titjib tal-aċċettabilità, il-proġett se jikkontribwixxi biex jissodisfa għal tal-inqas wieħed mill-objettivi li ġejjin:

— jirrakkomanda mekkaniżmi effettivi u effiċjenti għall-koordinazzjoni ma' inizjattivi attwali oħrajn,

— jipproponi mezzi innovattivi li bihom titneħħa r-rabta bejn il-prodott finali u l-ispiża tar-R&Ż,

— jimmassimizza s-sħubiji pubbliku-pubbliku u pubbliku-privat fl-iskambju tal-għarfien, inklużi approċċi fil-qasam tal-innovazzjoni bbażata fuq l-għarfien liberu,

— isaħħaħ il-kapaċità għar-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni, inkluż permezz tat-trasferiment tat-teknoloġija f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 23 Proġett pilota — Aċċess għal ġustizzja u kumpens għall-vittmi tal-aktar reati serji mwettqa fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	395 000	790 000	395 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-proġett pilota jappoġġja lill-NGOs, vittmi u xhieda li jkunu qed ifittxu ġustizzja għal reati internazzjonali u wkoll jappoġġja lill-avukati internazzjonali u tar-RDK li jirrappreżentaw lill-vittmi f'litigazzjoni strateġika fil-livell nazzjonali, reġjonali u internazzjonali;

Riżultati mistennija:

— informazzjoni dettaljata dwar reati internazzjonali, partikolarment reati li jinvolvu vjolenza sesswali u sessista (SGBV) u l-progress fl-isforzi għall-ġlieda kontra l-impunità,

— avukati nazzjonali mħarrġa b'mod xieraq u li jkunu kapaċi jappoġġaw lill-vittmi ta' reati internazzjonali quddiem qrati nazzjonali,

— organizzazzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu kapaċi aktar jappoġġaw lill-vittmi fil-ġlieda kontra l-impunità għall-aktar reati serji,

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 23 *(ikompli)*

— protezzjoni aħjar għal dawk involuti fil-ġlieda kontra l-impunità,

— każijiet imressqa quddiem korpi reġjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp tal-każistika li jappoġġaw l-aċċess tal-vittmi tal-SGBV għal ġustizzja u kumpens,

— strateġija ta' prosekuzzjoni msaħħa tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), partikolarment dwar reati sesswali, u aċċess aħjar tal-vittmi għall-QKI,

— organizzazzjonijiet intergovernattivi infurmati sabiex ikunu jistgħu jieħdu azzjoni kontra l-impunità għall-aktar reati serji,

— dikjarazzjonijiet u atti tanġibbli (riformi tal-liġijiet u istituzzjonali) minn awtoritajiet nazzjonali li jappoġġjaw l-azzjoni kontra l-impunità tal-aktar reati serji.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 24 Proġett pilota – Immappjar tat-theddida globali mir-reżistenza għall-antimikrobiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
750 000	375 000				

Kummenti

Il-proġett pilota se jinvolvi riċerka fil-fond fl-amministrazzjoni u l-użu ta' antibatteriċi fl-Afrika sub-Saħarjana, fejn innuqqas ta' data qed ixekkel il-formulazzjoni ta' pjanijiet nazzjonali ta' monitoraġġ. L-għan huwa li jinbena qafas ta' data dwar ix-xejriet tal-konsum antibijotiku u l-inċidenza tal-multireżistenza tal-batterji fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li wieħed jifhem l-imġiba u l-bżonnijiet ta' kura tas-saħħa fil-komunitajiet Afrikani, b'enfasi partikolari fuq id-domanda għall-antibijotiċi u l-aċċess u l-użu tagħhom u x'tipi ta' trattament qed jiġu segwiti.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 25 Proġett pilota — It-tisħiħ tad-drittijiet tat-tfal, il-protezzjoni u l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal u l-adolexxenti spostati fil-Gwatemala, il-Honduras u El Salvador

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
700 000	350 000				

Kummenti

L-objettiv ġenerali tal-proġett pilota huwa li jsaħħaħ id-drittijiet tat-tfal għall-aċċess għall-edukazzjoni u li jsaħħaħ il-politiki ta' protezzjoni fil-livell reġjonali u jsaħħaħ il-benesseri ta' mill-inqas 2 000 tifel u tifla u adolexxenti spostati inklużi minorenni separati u/jew mhux akkumpanjati fil-Gwatemala, il-Honduras u El Salvador.

B'mod partikolari, il-proġett propost għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

— It-tisħiħ tas-sistemi tal-ażil u l-protezzjoni internazzjonali fil-pajjiżi ta' tranżitu u ta'ażil u l-iżgurar tal-iskrinjar għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk spostati.

— It-tisħiħ tal-protezzjoni tal-persuni spostati, b'enfasi fuq is-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni ta' dawk iddeportati fil-pajjiżi tal-oriġini.

— L-għoti ta' appoġġ lill-edukazzjoni u l-protezzjoni ta' 2 000 tifel u tifla u adolexxenti spostati inklużi minorenni separati u/jew mhux akkumpanjati.

Dan se jitwettaq permezz ta':

— Jiġu rinforzati u/jew żviluppati politiki sensittivi fir-rigward tal-protezzjoni fil-livell reġjonali permezz tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet reġjonali.

— Jiġu msaħħa s-soċjetà ċivili u n-netwerks ta' protezzjoni biex tiġi mmonitorjata s-sitwazzjoni fiż-żoni affettwati mill-ispostament, kemm fil-livell reġjonali u kemm f'dak nazzjonali.

— Jiġu msaħħa ċ-ċentri ta' akkoljenza u l-postijiet ta' kenn fiż-żoni ewlenin ta' fuq il-fruntieri/ta' tranżitu, l-aċċess għall-għajnuna legali, tas-saħħa u psikoloġika lit-tfal u l-adolexxenti tal-Amerika Ċentrali li jkunu beżgħana mill-vjolenza u l-persekuzzjoni.

— Jiġi żgurat aċċess għall-edukazzjoni nonformali u formali fiċ-ċentri ta' akkoljenza/postijiet ta' kenn.

— Jiġu promossi u implimentati spazji li jkunu jirrispettaw lit-tfal fi ħdan iċ-ċentri ta' akkoljenza u l-postijiet ta' kenn, filwaqt li jiġi ggarantit li t-tfal bniet u subien huma mħarsa minn kull sura ta' vjolenza, abbuż, traskuraġni u esplojtazzjoni.

— Jingħata appoġġ lill-gvernijiet fl-isforzi tagħhom biex iqajmu kuxjenza u azzjonijiet dwar l-eżistenza tal-ispostament imġiegħel, kemm internament u kemm internazzjonalment.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 25 *(ikompli)*

— Jingħata appoġġ lill-gvernijiet fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-ispostament imġiegħel, u biex jipproteġu u jgħinu lill-persuni li diġà jkunu ġew spostati, b'attenzjoni speċjali lill-persuni b'interessi ta' protezzjoni speċifiċi (tfal, nisa, persuni LGBTI, persuni b'diżabilità, eċċ.).

— Jiġu pprovduti bini tal-kapaċità u għajnuna teknika lill-Istati u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

— Jingħata appoġġ lill-gvernijiet fl-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu proċeduri ta' akkoljenza, li jinkludu l-identifikazzjoni tat-tfal deportati li għandhom ħtiġijiet ta' protezzjoni u t-tmexxija ta' valutazzjonijiet/determinazzjoni ta' xi jkunu l-aħjar interessi tat-tfal.

— Jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jmexxu l-postijiet ta' kenn/ċentri ta' akkoljenza tat-tfal li jistgħu jintużaw bħala mekkaniżmi ta' protezzjoni temporanja għal dawn it-tfal deportati li jiġu identifikati li għandhom ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi.

— Jingħata appoġġ tekniku lill-kumitati eżistenti tas-soċjetà ċivili tal-prevenzjoni tal-vjolenza bil-għan li jiġi pprevenut ir-reklutaġġ imġiegħel tat-tfal/żgħażagħ għal ma' gruppi ta' żgħażagħ kriminali.

It-tliet pajjiżi tat-Triangolu tat-Tramuntana tal-Amerika Ċentrali (TTAĊ) — El Salvador, il-Gwatemala u l-Honduras — kulma jmur ġew milquta aktar u aktar mill-azzjoni tal-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u gruppi armati illegali oħra, li qed tkun ta' sfida maġġuri għall-governanza demokratika tagħhom. Waħda mill-konsegwenzi viżibbli taż-żieda f'daqqa fil-vjolenza fil-pajjiżi tat-TTAĊ hija r-rata elevata ta' minorenni spostati.

L-impatt umanitarju u fit-tul ikkawżat mill-vjolenza u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-popolazzjoni milquta fil-biċċa l-kbira baqgħu nieqsa minn fuq l-aġendi umanitarji u tal-iżvilupp. L-isfidi fir-rigward tal-protezzjoni li jsibu ma' wiċċhom it-tfal mill-pajjiżi tat-TTAĊ li huma rifuġjati u li qed ifittxu l-ażil jirrikjedu approċċ olistiku għall-protezzjoni. Filwaqt li għandhom jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali, għandha tingħata attenzjoni immedjata lill-ħtiġijiet primarji ta' protezzjoni, b'mod partikolari dawk tat-tfal mhux akkumpanjati u separati bil-ħsieb li s-sikurezza u l-benesseri tagħhom jiġu ggarantiti. L-ispostament u s-separazzjoni jżidu l-vulnerabilità tat-tfal għall-vjolenza, l-isfruttament, it-tortura, ir-reklutaġġ imġiegħel u abbużi serji oħra tad-drittijiet tal-bniedem.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 26 Proġett pilota — Servizzi edukattivi għat-tfal li qabel kienu assoċjati ma' forzi u gruppi armati fiż-Żona Amministrattiva ta' Greater Pibor (Greater Pibor Administrative Area – GPAA) fis-Sudan t'Isfel

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 26 *(ikompli)*

Kummenti

L-objettiv ġenerali tal-proġett huwa li jsaħħaħ il-benesseri ta' 3 000 tifel u tifla u adolexxent (1 500 jinsabu f'riskju u 1 500 huma preċedentement assoċjati mal-Moviment/Armata Demokratiċi tas-Sudan t'Isfel (Fazzjoni Kobra) permezz ta' aċċess għal appoġġ psikosoċjali, edukazzjoni u opportunitajiet imtejba biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom ub'mod partikolari li:

— jiffaċilita l-ħelsien, ir-ritorn u r-reintegrazzjoni sostnuti ta' 2 000 tifel u tifla u adolexxent assoċjati ma' gruppi armati u jagħti servizzi soċjoekonomiċi u ta' protezzjoni għal xi 2 000 tifel u tifla u adolexxent addizzjonali li jinsabu f'riskju ta' reklutaġġ u jiffaċċjaw riskji oħra fil-GPAA;

— jieħu miżuri ta' appoġġ għall-prevenzjoni tar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal u l-adolexxenti minn forzi u gruppi armati;

— jagħti appoġġ għall-edukazzjoni ta' 3 000 mit-tfal l-aktar vulnerabbli (tfal meħlusa u tfal li jinsabu f'riskju fil-komunitajiet) u jagħti aċċess għal servizzi edukattivi ta' kwalità.

L-interventi fil-qasam tal-wdukazzjoni fil-GPAA huma intenzjonati biex jiġi żgurat li tal-inqas 3 000 tifla u tifel ta' età preprimarja u tal-iskola u adolexxenti milquta mill-konflitt ikollhom aċċess għal edukazzjoni li ssalvalhom ħajjithom u li tkun ta' kwalità f'ambjent sikur u protettiv li jirrispetta lit-tfal. Dan se jitwettaq permezz ta':

— l-istabbiliment ta' spazji temporanji sikuri u protettivi għat-tagħlim u l-logħol għal żewġ koorti ewlenin ta' tfal: l-iżvilupp fl-ewwel snin tat-tfulija (Early Childhood Development - ECD) għat-tfal tal-età ta' bejn it-3 u s-6 snin u edukazzjoni bażika għat-tfal li għandhom l-eta' tal-iskola ta' minn 7 sa 18-il sena;

— l-akkwist, il-prepożizzjonament u d-distribuzzjoni ta' materjali adegwati u relevanti biex it-tfal jitgħallmu u l-għalliema jgħallmu kif ukoll materjali ta' rikreazzjoni (inklużi settijiet tar-rikreazzjoni, skola f'kaxxa, u settijiet tal-ECD);

— it-taħriġ ta' għalliema u persunal edukattiv ieħor u ta' membri tal-komunità fl-appoġġ psikosoċjali, l-edukazzjoni tal-ħiliet tal-ħajja, il-bini tal-paċi, ECD ta' emerġenza, it-twassil ta' messaġġi li jsalvaw il-ħajja, u edukazzjoni li tkun sensittiva għall-konflitti u

— il-promozzjoni tal-edukazzjoni fis-servizzi ta' emerġenza u l-edukazzjoni tal-bniet b'mod ġenerali.

Il-UNICEF tistenna li se jinħelsu 2 000 tifel u tifla li se jiġu riferuti għall-kura tas-saħħa, kura interim, appoġġ psikosoċjali immedjat u reġistrazzjoni għar-rintraċċar u r-reunifikazzjoni tal-familja. Dan jiġi segwit mill-għoti ta' servizzi ta' reintegrazzjoni lit-tfal meħlusa kif ukoll minn interventi b'miri speċifiċi għal xi 2 000 tifel u tifla vulnerabbli addizzjonali fil-komunitajiet.

Se jiġi adottat approċċ ibbażat fuq il-komunità, bi qbil mal-aħjar prattiki internazzjonali u l-eżiti pożittivi li ħarġu mill-isforzi ta' reintegrazzjoni li saru aktar qabel fis-Sudan t'Isfel. Il-proġett se jinkludi tfal oħra tal-komunità fl-appoġġ ibbażat fuq il-komunità, u b'appoġġ dirett se japplika l-prinċipju ta' mira ta' "wieħed u wieħed" (skont il-Prinċipji ta' Pariġi), b'tali mod li jikkumplementa kull tifel meħlus u reunifikat ma' tifel wieħed li jkun jinsab f'riskju li jkun ġie identifikat lokalment. Barra minn hekk il-proġett se jinvesti f'infrastruttura u servizzi li se jkunu ta' benefiċċju għall-membri kollha tal-komunità.

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 26 *(ikompli)*

Se jkun hemm għadd ta' komponenti li se tittieħed azzjoni dwarhom simultanjament. It-tfal li jkunu qed jinħelsu se jiġu pprovduti servizzi FTR flimkien ma' forniment ta' servizzi ta' kura interim filwaqt li jistennew ir-rintraċċar tal-familja. It-tfal meħlusa li jkunu jinsabu fiċ-ċentri ta' kura interim (ICC - interim care centres) se jingħataw attivitajiet ta' appoġġ psikosoċjali inklużi appoġġ mill-pari, xogħol ta' arti kreattiv u attivitajiet oħra fi gruppi. Bħala parti mill-Inizjattiva Lura għat-Tagħlim, is-servizzi edukattivi se jiġu mkabbra permezz tar-riabilitazzjoni tal-ispazji tat-tagħlim, it-taħriġ tal-għalliema u l-forniment ta' provvisti inklużi Programmi ta' Tagħlim Aċċelerat (Accelerated Learning Programmes – ALP). Se jiġi pprovdut ilma sikur permezz tat-tħaffir/riabilitazzjoni ta' boreholes. Storikament, il-forniment ta' ilma sikur hu estremament fqir u l-membri tal-komunità jixorbu ilma mix-xmara li ma jkunx ġie ttrattat. Minbarra l-forniment ta' ilma sikur, l-UNICEF u s-sħab tiegħu se jipprovdu wkoll, fl-ICCs u fl-iskejjel, latrini li jirrispettaw is-sessi differenti . L-approċċi bbażati fuq il-komunità se jiġu prijoritizzati wkoll biex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' sanità u sabiex il-komunitajiet ikunu ħielsa mill-ipporgar fil-beraħ.

Ġie previst għall-GPAA approċċ ta' reintegrazzjoni multisettorjali bbażat fuq il-komunità b'għadd ta' komponenti inklużi l-edukazzjoni u l-WASH kif ġie nnutat qabel. Lil hinn mis-servizzi mogħtija matul il-faża tal-ħelsien, l-istrateġija tiġbor fiha wkoll il-ħtieġa li l-muturi tal-konflitt jiġu mitigati billi tiġi pprovduta reintegrazzjoni soċjoekonomika inklużi permezz ta' attivitajiet li jiġġeneraw introjtu b'opportunitajiet għal taħriġ, intraprenditorjat u l-ippustjar f'impjieg. Se jiġi pprovdut orjentament vokazzjonali flimkient ma' rkaptu tas-sajd bħala l-ewwel pass lit-tfal meħlusa. B'mod addizzjonali, it-tfal meħlusa u adolexxenti oħra li jinsabu f'riskju, u l-familji tagħhom, se jingħataw appoġġ biex jistabbilixxu attività żgħira tat-trobbija tal-bhejjem jew attività agrikola. Għall-adolexxenti meħlusa u ż-żgħażagħ li jinsabu f'riskju li għandhom 'il fuq mill-età minima tax-xogħol, l-interventi ppjanati se jippermettulhom jakkwistaw ħiliet li jkunu ta' valur fis-suq u jippermettulhom ukoll aċċess għal opportunitajiet ta' negozju mingħajr riskji permezz ta' taħriġ vokazzjonali, apprendistati u appoġġ biex jibdew negozju żgħir.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 02 77 27 Proġett Pilota – Nittestjaw l-użu tal-Ġestjoni Parteċipattiva tal-Mergħat (PRM) fil-Kenja u fit-Tanzanija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

Kummenti

Il-proġett pilota se jitwettaq fuq perjodu ta' sentejn.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 27 *(ikompli)*

Il-proġett ikopri ħames villaġġi f'distrett fit-Tanzanija (id-distrett Kiteto) u fi tliet kontej fil-Kenja (Laikipia, Samburu, Isiolo u Turkana).

L-approprjazzjoni stmata biex tkopri l-proġett pilota hi bbażata fuq interventi preċedenti mill-Cordaid f'distretti u kontej oħra.

L-ewwel fażi: Studju tal-PRM (inkluża l-analizzar tal-esperjenza tal-passat) u mmappjar tar-rotot ta' traċċar tal-bhejjem:

Il-komunitajiet tradizzjonalment kienu jużaw żoni ta' riżorsi komuni. Il-komunitajiet iqisu t-tnaqqis fir-ragħa staġjonali bħala theddida immedjata u reali għall-għajxien tagħhom, u għaldaqstant din l-attività għandha wkoll komponent ta' sensibilizzazzjoni addizzjonali. Il-konfini u s-sjieda tal-art jirrappreżentaw theddida akbar għall-għajxien sostenibbli fil-komunitajiet li jkunu dipendenti fuq ir-riżorsi f'dawn il-villaġġi kemm fil-Kenja kif ukoll fit-Tanzanija. Din l-azzjoni se tapplika teknika kkombinata ta' mmappjar tar-riżorsi u żvilupp tal-kapaċità;

— Immappjar — l-użu ta' teknoloġiji ta' informazzjoni ġeografika teknikament avvanzati, bħal fotografija mill-ajru, teknoloġija ta' telerilevament u sistemi ta' informazzjoni ġeografika għall-immappjar tad-drittijiet, l-użu u l-ġestjoni tal-art u r-riżorsi naturali;

— Drittijiet fuq l-art u l-ilma — rikonoxximent u dokumentazzjoni tad-drittijiet ta' bdiewa fuq skala żgħira rigward l-art u l-ilma, iż-żoni u r-rotot komuni tar-rgħajja għar-ragħa;

— Drittijiet tal-gruppi — rikonoxximent u dokumentazzjoni tad-drittijiet tal-gruppi, b'enfasi fuq mergħat għar-ragħa u t-trobbija, żoni forestali u sajd artiġjanali permezz ta' proċess parteċipattiv;

— Aċċess tan-nisa — tishiħ tal-aċċess tan-nisa għall-art u riżorsi naturali oħra;

— Negozju inklużiv — dokumentazzjoni tal-aħjar prattiki fil-garanzija tad-drittijiet fuq l-art u r-riżorsi naturali permezz ta' shubijiet ta' negozju bejn il-bdiewa fuq skala żgħira u l-investituri;

— Riżorsi transkonfinali — faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni ta' dawn ir-riżorsi b'kunflitt minimu permezz ta' żvilupp korrett ta' mapep dwar ir-riżorsi; il-ġbir ta' informazzjoni jsir permezz ta' proċess multiparteċipattiv u juża t-teknika moderna tal-GIS (Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika); dan jista' jinkludi wkoll l-użu tal-għodda tal-STDM (Social Tenure Domain Model) żviluppata min-Netwerk Globali għall-Għodod tat-Territorju (Global Tool Land Network - GLTN) li ssaħħaħ l-effikaċja tal-identifikazzjoni parteċipattiva tar-riżorsi naturali, id-demarkazzjoni/konfini u l-kurituri.

L-identifikazzjoni tar-riżorsi u d-dokumentazzjoni tagħhom jinvolvu l-produzzjoni ta' mapep li jindikaw iż-żoni speċifiċi fejn jinsabu r-riżorsi. It-tfassil tal-mapep isir b'mod parteċipattiv. Il-komunitajiet ikunu konxji ta' x'joffru l-artijiet tagħhom, inklużi l-opportunitajiet għall-avvanz ekonomiku u soċjali. Intwera li dan l-approċċ jiftaħ djalogu bejn id-diversi gruppi bil-ħsieb li jiġu identifikati l-problemi u jingħata ħsieb għas-soluzzjonijiet possibbli.

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP (SKŻ) *(ikompli)*

21 02 77 *(ikompli)*

21 02 77 27 *(ikompli)*

It-tieni fażi: Negozjar tal-PRM u faċilitazzjoni tal-appoġġ legali għar-rotot ta' traċċar tal-bhejjem

It-Tanzanija għandha istituzzjonijiet bħall-Kumitati għall-Iżvilupp tal-Villaġġi li jgħinu fil-mobilizzazzjoni tal-komunità. Kunsilli Distrettwali (fuq livell lokali) jipprovdu esperti idonei bħall-Uffiċjali Distrettwali dwar l-Artijiet u l-Uffiċjali Distrettwali dwar il-Bhejjem u l-Agrikoltura. Fil-Kenja, il-Bordijiet tal-Ġestjoni tal-Art tal-Kontea (County Land Management Boards), il-bordijiet tal-art tal-komunità u l-assemblej tal-art tal-komunità flimkien mal-gvernijiet tal-kontea ikunu strumentali fil-proċess ta' mmappjar effikaċi tal-mergħat u r-riżorsi. Se jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Artijiet (National Land Commission). Hu mistenni li l-proċess ta' mmappjar, dokumentazzjoni u awtentikazzjoni ta' dawn il-proċessi jkun effikaċi u inklużiv billi jinkludi wkoll lill-NGOs lokali involuti fl-implimentazzjoni prattika li se tipprovdi informazzjoni dwar iż-żoni kkonċernati mill-ħidma tagħhom.

Attivitajiet oħra potenzjali f'din il-fażi se jinkludu s-sorveljanza mill-awtoritajiet lokali u l-formulazzjoni konġunta ta' strateġija ta' ġestjoni tar-reżiljenza u identifikazzjoni ta' rekwiżiti li jibnu r-reżiljenza tad-diversi gruppi. F'din il-fażi se jsir użu mill-għodod PRM u l-lezzjonijiet misluta mill-esperjenzi preċedenti. Jekk ikun il-każ, il-linji gwida PRM żviluppati abbażi tal-interventi preċedenti jiġu adattati.

It-tielet fażi: Implimentazzjoni

Il-proġett pilota mhux se jkun iżolat, iżda se jkun komponent minn inizjattivi simili f'reġjuni oħra fil-pajjiżi u jekk meħtieġ se jkun hemm koordinazzjoni mal-Programm tal-Ġestjoni Sostenibbli tal-Mergħat, l-arranġemnt dwar l-Ippjanar tal-Użu Konġunt tat-Territorju tal-Villaġġi u l-Inizjattiva dwar il-Mergħat. Din se tibbenefika minn infrastruttura żviluppata permezz ta' dawn l-inizjattivi, u se jinbnew sinerġiji inkluż żieda possibbli fl-iskala permezz ta' sħubijiet strateġiċi ma' sħab bħall-Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp Agrikolu u l-International Land Coalition.

Il-ġbir ta' informazzjoni u d-dokumentazzjoni jinvolu approċċ ta' bini ta' kapaċità li juża materjal awdjoviżiv aċċessibbli għall-membri tal-komunità. Is-sessjonijiet ikunu faċilitati mill-mexxejja tal-komunitajiet u jkunu rrekordjati (fuq DVD) sabiex id-diversi gruppi jkunu jistgħu jerġgħu jaraw id-diskussjonijiet u l-mod kif ittieħdu d-deċiżjonijiet. Sabiex ikun żgurat li l-proċess ikun aġġornat b'mod xieraq u perjodikament, kull xahar jiġu prodotti noti ta' tgħarrif permezz tal-bullettin PRM li jislet mill-Bullettini tal-Inizjattiva dwar il-Mergħat. Sabiex il-politiki jkunu infurmati, se jitħejjew noti ta' tgħarrif tekniku għal dawk li jfasslu l-politika u għas-sħab.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 04 — STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 04	STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM								
21 04 01	***Tisħiħ tar-rispett u l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-appoġġ għal riformi demokratiċi***	4	130 293 231	75 025 044	130 166 185	35 737 439	132 782 020,—	7 946 252,20	10,59
21 04 51	***Tlestija tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (ta' qabel l-2014)***	4	—	58 589 479	—	77 948 317	348,05	119 752 721,70	204,39
21 04 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
21 04 77 02	Proġett pilota — Forum tas-Soċjetà Ċivili UNJONI-Russja	4	p.m.	p.m.	p.m.	167 894	0,—	292 344,66	
	Artikolu 21 04 77 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	167 894	0,—	292 344,66	
	Kapitolu 21 04 — Total		**130 293 231**	**133 614 523**	**130 166 185**	**113 853 650**	**132 782 368,05**	**127 991 318,56**	**95,79**

21 04 01 Tisħiħ tar-rispett u l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-appoġġ għal riformi demokratiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
130 293 231	75 025 044	130 166 185	35 737 439	132 782 020,—	7 946 252,20

Kummenti

L-għan ġenerali jkun ta' kontribuzzjoni għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, skont il-politiki u l-linji gwida tal-Unjoni u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili.

L-oqsma ewlenin ta' attività jinkludu:

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 04 — STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM *(ikompli)*

21 04 01 *(ikompli)*

— it-tisħiħ tar-rispett għal u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tan-nisa, kif ipproklamati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fi strumenti tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u reġjonali oħrajn, b' attenzjoni fuq il-libertà ta ' espressjoni, il-libertà tal-għaqda u l-libertajiet diġitali, u t-tisħiħ tal-protezzjoni, il-promozzjoni u l-monitoraġġ tagħhom, l-aktar permezz ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u vittmi ta' ripressjoni u abbuż,

— l-appoġġ u l-konsolidazzjoni tar-riformi demokratiċi f'pajjiżi terzi, minbarra l-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Unjoni Ewropea, billi tissaħħaħ id-demokrazija parteċipattiva u rappreżentattiva, l-għoti tas-setgħa lin-nisa, it-tisħiħ taċ-ċiklu demokratiku ġenerali, u t-titjib tal-affidabilità tal-proċessi elettorali.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' sostenn amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim ta' trasferiment għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 235/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 85).

21 04 51 ***Tlestija tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (ta' qabel l-2014)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	58 589 479	—	77 948 317	348,05	119 752 721,70

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati skont l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-perjodu 2007-2013.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' trasferiment għal kull programm operazzjonali b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 04 — STRUMENT EWROPEW GĦAD-DEMOKRAZIJA U GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM *(ikompli)*

21 04 51 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1).

21 04 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

21 04 77 02 Proġett pilota — Forum tas-Soċjetà Ċivili UNJONI-Russja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	167 894	0,—	292 344,66

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 05 — STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI (ICSP) - THEDDID GLOBALI U TRANSREĠJONALI U EMERĠENTI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/ 2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 05	STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI (ICSP) - THEDDID GLOBALI U TRANSREĠJONALI U EMERĠENTI								
21 05 01	***Theddid globali, transreġjonali u emerġenti***	4	64 393 076	50 166 619	64 000 000	18 067 424	82 255 223,—	0,—	0
21 05 51	***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam ta' theddid globali għas-sigurtà (ta' qabel l-2014)***	4	—	34 644 709	—	29 700 678	0,—	47 451 231,02	136,97
21 05 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
21 05 77 01	Proġett pilota — Sostenn għal miżuri ta' sorveljanza u protezzjoni għal bastimenti tal-Unjoni li jbaħħru f'żoni fejn hemm it-theddida tal-piraterija	4	p.m.	p.m.	p.m.	83 947	0,—	596 781,14	
21 05 77 02	Azzjoni preparatorja — Rispons ta' emerġenza għall-kriżi finanzjarja u ekonomika fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp	4	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	5 342,61	113 907,75	
	Artikolu 21 05 77 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	83 947	5 342,61	710 688,89	
	Kapitolu 21 05 — Total		**64 393 076**	**84 811 328**	**64 000 000**	**47 852 049**	**82 260 565,61**	**48 161 919,91**	**56,79**

21 05 01 Theddid globali, transreġjonali u emerġenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
64 393 076	50 166 619	64 000 000	18 067 424	82 255 223,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-assistenza fl-indirizzar ta' theddidiet globali u transreġjonali u theddidiet emerġenti, definiti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 230/2014 li jistabilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbilità u l-paċi.

Hija maħsuba sabiex tkopri azzjonijiet li għandhom l-għan li jgħinu fis-salvagwardja ta' pajjiżi u popolazzjonijiet kontra riskji ta' oriġini intenzjonali, aċċidentali jew naturali. *Inter alia,* dawn jistgħu jinkludu:

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 05 — STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI (ICSP) - THEDDID GLOBALI U TRANSREĠJONALI U EMERĠENTI *(ikompli)*

21 05 01 *(ikompli)*

— il-promozzjoni ta' attivitajiet ċivili ta' riċerka bħala alternattiva għar-riċerka relatata mad-difiża, u appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid u l-impjieg alternattiv ta' xjenzati u inġiniera li qabel kienu impjegati fl-oqsma relatati mal-armi,

— sostenn għal miżuri biex titjieb il-prattika tas-sikurezza relatata ma' faċilitajiet ċivili fejn jinħażnu jew jiġu mmaniġġati materjali jew aġenti sensittivi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi jew nukleari, fil-kuntest ta' programmi ċivili ta' riċerka,

— sostenn, fi ħdan il-qafas ta' linji ta' politika ta' kooperazzjoni tal-Unjoni u l-objettivi tagħhom, għall-istabbiliment ta' infrastruttura ċivili u studji ċivili rilevanti meħtieġa għ aż-żarmar, ir-rimedjazzjoni jew il-konverżjoni ta' fa ċilitajiet u siti relatati mal-armi fejn jiġi ddikjarat li dawn ma għadhomx jappartjenu għall-programm ta' difiża,

— it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet ċivili kompetenti involuti fl-iżvilupp u l-iskjerament ta' kontroll effettiv tat-traffikar f'materjali jew aġenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (inkluż l-apparat għall-produzzjoni jew il-kunsinna tagħhom jew il-kontrolli tal-fruntieri effettiv), anki permezz tal-installazzjoni ta' apparat loġistiku modern ta' evalwazzjoni u kontroll. L-azzjonijiet relatati ma' diżastri naturali u industrijali kif ukoll attivitajiet kriminali,

— l-appoġġ lill-IAEA biex tissaħħaħ il-kapaċità teknika tagħha għall-qbid tat-traffikar illeċitu ta' materjali radjuattivi,

— l-iżvilupp ta' qafas ġuridiku u kapaċitajiet istituzzjonali għall-istabbiliment u l-infurzar ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni fuq prodotti li għandhom użu doppju, inklużi miżuri ta' Kooperazzjoni reġjonali,

— l-iżvilupp ta' miżuri ċivili effettivi dwar il-preparatezza għal diżastri, l-ippjanar għal emerġenzi, ir-rispons għall-kriżijiet, u l-kapaċitajiet għat-tindif fir-rigward ta' inċidenti ambjentali kbar possibbli f'dan il-qasam.

Miżuri oħrajn fil-qasam tal-perikli globali u transreġjonali ser ikopru:

— it-tisħiħ tal-kapaċità ta' infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji u ċivili involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu,

— il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti — u l-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar illeċitu ta' nies, drogi, armi tan-nar u materjali splussivi, ċiberkriminalità, mediċina ffalsifikata u fil-kontroll effettiv tan-negozju illegali u t-tranżitu. Prijorità ġdida huwa li tindirizza l-effetti globali u transreġjonali tal-bidla fil-klima b'impatt potenzjalment destabbilizzanti,

— l-appoġġ għal miżuri biex jindirizzaw perikli għat-trasport internazzjonali u infrastruttura kritika, inkluż it-traffiku ta' passiġġiera u merkanzija, operazzjonijiet tal-enerġija u d-distribuzzjoni tal-enerġija, netwerks elettroniċi tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— l-iżgurar li hemm rispons adegwat għal perikli kbar għas-saħħa pubblika, bħal mard pandemiku b'impatt trans-nazzjonali potenzjali.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 05 — STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI (ICSP) - THEDDID GLOBALI U TRANSREĠJONALI U EMERĠENTI *(ikompli)*

21 05 01 *(ikompli)*

Miżuri bħal dawn jistgħu jiġu adottati skont dan l-istrument fil-kuntest ta' kundizzjonijiet stabbli, meta jkollhom l-għan li jindirizzaw perikli globali u transreġjonali speċifiċi b'effett destabbilizzanti, u biss sal-punt li ma jkunx jista' jiġi pprovdut rispons adegwat u effettiv skont l-istrumenti relatati tal-Unjoni għal assistenza esterna.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla preġudizzju għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu u jistgħu jiġu kkomplementati b'kontribuzzjonijiet mill-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 1).

21 05 51 ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam ta' theddid globali għas-sigurtà (ta' qabel l-2014)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	34 644 709	—	29 700 678	0,—	47 451 231,02

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1724/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Luju 2001 rigward azzjoni kontra l-isplużivi tal-art tal-antipersonnell fil-pajjiżi terzi (ĠU L 234, 1.9.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1725/2001 tat-23 ta' Lulju 2001 rigward azzjoni kontra l-isplużivi tal-art anti-persunal fil-pajjiżi terzi għajr dawk fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw (ĠU L 234, 1.9.2001, p. 6).

Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbilità (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 05 — STRUMENT LI JIKKONTRIBWIXXI GĦALL-ISTABBILTÀ U L-PAĊI (ICSP) - THEDDID GLOBALI U TRANSREĠJONALI U EMERĠENTI *(ikompli)*

21 05 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

21 05 77 01 Proġett pilota — Sostenn għal miżuri ta' sorveljanza u protezzjoni għal bastimenti tal-Unjoni li jbaħħru f'żoni fejn hemm it-theddida tal-piraterija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	83 947	0,—	596 781,14

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Il-proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 05 77 02 Azzjoni preparatorja — Rispons ta' emerġenza għall-kriżi finanzjarja u ekonomika fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	5 342,61	113 907,75

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

L-azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 06 — STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 06	STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI								
21 06 01	***Promozzjoni ta' livell għoli ta' sikurezza nukleari, radjuprotezzjoni u l-applikazzjoni ta' salvagwardji effiċjenti u effikaċi relatata tal-materjal nukleari f'pajjiżi terzi***	4	30 369 456	22 127 600	29 740 640	13 689 696	29 346 872,—	0,—	0
21 06 02	***Kontribuzzjoni addizzjonali tal-Unjoni Ewropea lill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) għall-Fond tax-Xelter ta' Chernobyl***	4	40 000 000	40 488 828	30 000 000	29 511 172			
21 06 51	***Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)***	4	—	32 937 600	—	15 566 343	0,—	46 847 849,41	142,23
	Kapitolu 21 06 — Total		**70 369 456**	**95 554 028**	**59 740 640**	**58 767 211**	**29 346 872,—**	**46 847 849,41**	**49,03**

21 06 01 ***Promozzjoni ta' livell għoli ta' sikurezza nukleari, radjuprotezzjoni u l-applikazzjoni ta' salvagwardji effiċjenti u effikaċi relatata tal-materjal nukleari f'pajjiżi terzi***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
30 369 456	22 127 600	29 740 640	13 689 696	29 346 872,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-finanzjament ta': promozzjoni ta' kultura effettiva tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari fil-livelli kollha, b'mod partikolari permezz ta':

— appoġġ kontinwu għall-korpi regolatorji, l-organizzazzjonijiet ta' sostenn tekniku, u t-tishiħ tal-qafas regolatorju, l-iktar rigward l-attivitajiet ta' liċenzjar sabiex tiġi stabbilita sorveljanza regolatorja indipendenti b'saħħitha,

— appoġġ għat-trasport, it-trattament u r-rimi sikur ta' fjuwil nukleari użat u skart radjuattiv kemm mill-impjant nukleari kif ukoll minn sorsi (orfni) oħrajn, (applikazzjonijiet mediċi, estrazzjoni tal-uranju),

— l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji għad-dekummissjonament ta' stallazzjonijiet eżistenti u r-rimedju ta' *ex* siti nukleari,

— il-promozzjoni ta' oqfsa, proċeduri u sistemi regolatorji effettivi biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata kontra radjazzjonijiet jonizzanti minn materjali radjuattivi, b'mod partikolari minn sorsi radjuattivi b'attività qawwija, u r-rimi sikur tagħhom,

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 06 — STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI *(ikompli)*

21 06 01 *(ikompli)*

— il-finanzjament ta' stress tests ibbażati fuq l-*acquis*,

— l-istabiliment tal-qafas regolatorju u l-metodoloġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' salvagwardji nukleari, inkluż għall-kontabbiltà u l-kontroll xierqa ta' materjali fissili fil-livell tal-Istat u l-operaturi,

— l-istabiliment ta' arranġamenti effettivi għall-prevenzjoni ta' aċċidenti b'konsegwenzi radjoloġiċi kif ukoll il-mitigazzjoni tat-tali konsegwenzi jekk iseħħu, u għall-ippjanar, it-tħejjija u r-rispons għa emerġenzi, il-protezzjoni ċivili u miżuri ta' riabilitazzjoni,

— miżuri għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali (inkluż fil-qafas tal-organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti, b'mod partikolari l-IAEA) fl-oqsma msemmijin hawn fuq, inklużi l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' konvenzjonijiet u trattati internazzjonali, l-iskambju ta' informazzjoni u taħriġ u riċerka,

— it-tisħiħ tal-proċeduri ta' emerġenza fil-każ ta' aċċidenti nukleari, kif ukoll it-taħriġ u l-ikkowċjar, inter alia, sabiex jiżdiedu l-kapaċitajiet tar-regolaturi.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll sabiex tkopri proġetti tas-saħħa u ambjentali rigward il-konsegwenzi tal-aċċident ta' Chernobyl, li jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, speċjalment fl-Ukraina u l-Belarus.

Ser tingħata prijorità sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet fil-pajjiżi li huma parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Il-ħidma relevanti li qabel kienet issir skont l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) ser tibda taqa' taħt is-Strument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, minħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (Euratom) tal-Kunsill Nru 237/2014 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 109).

21 06 02 ***Kontribuzzjoni addizzjonali tal-Unjoni Ewropea lill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) għall-Fond tax-Xelter ta' Chernobyl***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
40 000 000	40 488 828	30 000 000	29 511 172		

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 06 — STRUMENT GĦALL-KOOPERAZZJONI DWAR IS-SIKUREZZA NUKLEARI *(ikompli)*

21 06 02 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għat-tlestija tax-xelter ta' Chernobyl wara l-inċident tal-1986.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn se jiġu stabbiliti, minħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (Euratom) tal-Kunsill Nru 237/2014 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 109).

21 06 51 ***Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	32 937 600	—	15 566 343	0,—	46 847 849,41

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 908 tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar l-ewwel pagament tat-tielet kontribuzzjoni Komunitarja lill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp għall-Fond ta' Kenn ta' Chernobyl (ĠU L 346, 9.12.2006, p. 28).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 300/2007 tad-19 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (ĠU L 81, 22.3.2007, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 07 — IS-SĦUBIJA UNJONI EWROPEA-GREENLAND

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 07	IS-SĦUBIJA UNJONI EWROPEA-GREENLAND								
21 07 01	***Kooperazzjoni ma' Greenland***	4	31 130 000	34 601 717	30 698 715	33 637 321	24 569 471,—	10 529 894,—	30,43
21 07 51	***Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)***	4	—	p.m.	—	p.m.	0,—	6 512 134,—	
	Kapitolu 21 07 — Total		**31 130 000**	**34 601 717**	**30 698 715**	**33 637 321**	**24 569 471,—**	**17 042 028,—**	**49,25**

21 07 01 Kooperazzjoni ma' Greenland

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
31 130 000	34 601 717	30 698 715	33 637 321	24 569 471,—	10 529 894,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex ikopri:

— assistenza lil Greenland fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin tagħha, b'mod partikolari d-diversifikazzjoni sostenibbli tal-ekonomija, il-ħtieġa li jiżdiedu l-ħiliet fil-forza tax-xogħol tagħha, inklużi x-xjenzjati, u l-bżonn li jittejjbu s-sistemi ta' informazzjoni ta' Greenland fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— tisħiħ tal-kapaċità tal-amministrazzjoni ta' Greenland biex issawwar aħjar u timplimenta politiki nazzjonali b'mod partikolari f'oqsma ġodda ta' interess reċiproku.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni fiżiċi tagħhom għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u amministrati mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jwassal għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2)(b) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2014/137/UE tal-14 ta' Marzu 2014 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa l-waħda, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (ĠU L 76, 15.3.2014, p. 1).

KAPITOLU 21 07 — IS-SĦUBIJA UNJONI EWROPEA-GREENLAND *(ikompli)*

21 07 01 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

21 07 51 ***Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	p.m.	—	p.m.	0,—	6 512 134,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-likwidazzjoni ta' impenji li saru qabel l-2014.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/526/KE tas-17 ta' Lulju 2006 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (ĠU L 208, 29.7.2006, p. 28).

Atti ta' referenza

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Komunità Ewropea, fuq naħa, u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, fuq l-oħra, dwar il-partenarjat bejn il-Komunità Ewropea u Greenland, iffirmat fil-Lussemburgu fis-27 ta' Ġunju 2006 (ĠU L 208, 29.7.2006, p. 32).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 08 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 08	ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA								
21 08 01	***Evalwazzjoni ta' riżultati ta' għajnuna mill-Unjoni, u segwitu u miżuri ta' awditjar***	4	24 620 000	23 127 234	24 130 000	23 622 115	23 657 510,—	15 851 729,26	68,54
21 08 02	***Koordinazzjoni u promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni rigward kwistjonijiet ta' żvilupp***	4	10 142 000	10 128 746	11 508 000	11 265 781	13 497 055,79	8 949 541,15	88,36
	Kapitolu 21 08 — Total		**34 762 000**	**33 255 980**	**35 638 000**	**34 887 896**	**37 154 565,79**	**24 801 270,41**	**74,58**

21 08 01 Evalwazzjoni ta' riżultati ta' għajnuna mill-Unjoni, u segwitu u miżuri ta' awditjar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
24 620 000	23 127 234	24 130 000	23 622 115	23 657 510,—	15 851 729,26

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-finanzjament ta' evalwazzjonijiet ex ante u ex post, miżuri ta' monitoraġġ u appoġġ matul l-istadji ta' programmar, tħejjija u implimentazzjoni tal-operazzjonijiet, l-istrateġiji u l-politiki ta' żvilupp, inklużi dawn li ġejjin:

— l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, l-impatt u l-istudji ta' vijabbiltà u l-iżvilupp ta' kejl u indikaturi tal-impatt tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp,

— il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet fil-perkors tal-implimentazzjoni u wara t-tlestija tagħhom,

— is-sostenn ta' miżuri għat-titjib tal-kwalità tas-sistemi ta' monitoraġġ, metodoloġiji u prattiki li jikkonċernaw operazzjonijiet kurrenti u t-tħejjija ta' operazzjonijiet futuri,

— ir-rispons tal-informazzjoni u l-attivitajiet ta' inormazzjoni fuq is-sejbiet, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet fiċ-ċiklu ta' teħid ta' deċiżjonijiet,

— l-iżviluppi metodoloġiċi biex jittejbu l-kwalità u l-utilità tal-evalwazzjonijiet, inkluża r-riċerka, rispons, informazzjoni u attivitajiet ta' taħriġ fuqhom.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll il-finanzjament ta' attivitajiet tal-awditjar li jikkonċernaw il-ġestjoni ta' programmi u proġetti implimentati mill-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna esterna, u l-attivitajiet ta' finanzjament ta' taħriġ, ibbażati fuq regoli speċjali li jirregolaw l-għajnuna esterna tal-Unjoni u organizzati għal awdituri esterni.

KAPITOLU 21 08 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA *(ikompli)*

21 08 01 *(ikompli)*

Barra minn hekk, din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbutin mal-kisba tal-objettiv jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, u kwalunkwe nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizzi *ad hoc*, kif ukoll attivitajiet ta' bini ta' kapaċità u taħriġ għall-atturi prinċipali involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' għajnuna esterna.

Fl-aħħar nett, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq fuq studji u elaborazzjoni tal-għodod metodoloġiċi, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, kif ukoll il-qsim tal-għarfien u attivitajiet ta' taħriġ dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' assistenza esterna, partikolarment fuq iċ-ċiklu tal-immaniġġar tal-proġetti u tal-programmi u dwar l-iżvilupp tal-kapaċità.

Bażi ġuridika

Il-kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

21 08 02 ***Koordinazzjoni u promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni rigward kwistjonijiet ta' żvilupp***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
10 142 000	10 128 746	11 508 000	11 265 781	13 497 055,79	8 949 541,15

Kummenti

Il-finanzjament tal-baġit jipprovdi lill-Kummissjoni bil-mezzi ta' sostenn li jkollha bżonn għall-preparazzjoni, il-formulazzjoni u l-aġġornament ta' miżuri ta' koordinazzjoni skont il-politika tal-iżvilupp tagħha. Il-koordinazzjoni tal-politika hija kruċjali għall-konsistenza, il-kumplimentarjetà u l-effettività tal-għajnuna u l-iżvilupp.

Il-miżuri ta' koordinazzjoni huma essenzjali fid-definizzjoni u t-tiswir tal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp f'livell strateġiku u ta' programmar. L-għamla speċifika tal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp hija kristalizzata direttament fit-Trattati (l-Artikoli 208 u 210 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea). L-għajnuna tal-Unjoni u l-politiki nazzjonali tal-Istati Membri fl-isferi tal-kooperazzjoni ta' żvilupp jeħtieġu li jaħdmu flimkien u jsaħħu lil xulxin u dan ma jistax isir bla koordinazzjoni. L-Artikolu 210 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jsejjaħ sabiex il-Kummissjoni taġixxi bħala koordinatriċi tal-politiki tal-Unjoni u l-Istati Membri dwar l-iżvilupp u tal-azzjoni fil-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 08 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA *(ikompli)*

21 08 02 *(ikompli)*

Il-koordinazzjoni mhux biss hija fattur ewlieni fil-valur miżjud tal-Kummissjoni fil-konfront tal-politiki tal-Istati Membri imma wkoll prijorità fl-iskeda tax-xogħol fil-punt meta l-aġendi tal-Unjoni u l-komunità internazzjonali jikkoinċidu. Din l-approprjazzjoni tkopri diversi forom ta' azzjoni:

Azzjoni A: Koordinazzjoni fil-livell Ewropew u internazzjonali:

— l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, l-istudji ta' impatt u vijabilità fil-qasam tal-koordinazzjoni,

— l-attivitajiet ta' sostenn u koordinazzjoni fl-oqsma ta' prijorità tal-effikaċja tal-għajnuna u l-iżvilupp (inkluż programmar konġunt/implimentazzjoni konġunta) u l-iffinanzjar għall-iżvilupp,

— laqgħat ta' esperti u skambji bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, u atturi internazzjonali oħra (l-Istati Uniti, donaturi ġodda, eċċ.) u preparazzjoni ta'/u parteċipazzjoni f'fora internazzjonali bħal ma hi s-Shubija Globali għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp jew dawk taħt il-finanzjament ta' skjarament tal-politika għall-iżvilupp, il-mezzi ta' implimentazzjoni u l-aġenda post 2015,

— riċerka, komunikazzjoni, konsultazzjoni, u s-servizzi ta' evalwazzjoni, inkluż għal assistenza teknika,

— il-monitoraġġ tal-politiki u operazzjonijiet waqt l-implimentazzjoni,

— miżuri ta' appoġġ għat-titjib tal-kwalità tal-monitoraġġ ta' operazzjonijiet li għadhom għaddejjin u l-preparazzjoni ta' operazzjonijiet futuri, inkluż il-bini ta' kapaċitajiet,

— miżuri għas-sostenn ta' inizjattivi esterni fl-isfera tal-koordinazzjoni,

— it-tħejjija ta' pożizzjonjiet, stqarrijiet u inizjattivi komuni,

— l-organizzazzjoni ta' avvenimenti dwar il-koordinazzjoni,

— l-abbonamenti tal-Kummissjoni mal-organizzazzjonijiet u n-netwerks internazzjonali,

— it-tixrid tal-informazzjoni permezz tal-produzzjoni ta' pubblikazzjonijiet u l-iżvilupp ta' sistemi informatiċi.

Din l-approprjazzjoni se tkopri wkoll il-finanzjament ta' attivitajiet fil-qasam tar-riċerka għat-tfassil tal-politika fl-iżvilupp, filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tal-inizjattiva "L-Immobilizzar tar-Riċerka Ewropea dwar il-Politiki ta' Żvilupp". Dawn l-attivitajiet jinkludu sostenn għal riċerka avvanzata u dibattitu strutturat biex jissaħħu s-sinerġiji bejn ir-riċerkaturi u dawk li jfasslu l-politiki, bl-għan li tiġi rfinata l-perspettiva Ewropea dwar sfidi ewlenin għall-iżvilupp u tissaħħaħ l-influwenza tal-Unjoni fuq l-aġenda tal-iżvilupp internazzjonali fuq il-bażi tal-eċċellenza u l-għarfien indipendenti.

KAPITOLU 21 08 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA *(ikompli)*

21 08 02 *(ikompli)*

Azzjoni B: Sensibilizzazzjoni

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri wkoll l-finanzjament ta' attivitajiet maħsuba biex jiġbdu l-attenzjoni għall-azzjoni mill-Unjoni u l-Istati Membri fil-qasam tal-iżvilupp u biex jitkattar l-għarfien ta' kwistjonijiet tal-iżvilupp. Kull attività ffinanzjata skont din l-azzjoni trid tinkludi ż-żewġ komponenti li ġejjin, li fil-fehma tal-Kummissjoni jimxu id f'id:

— element ta' "informazzjoni", imfassal biex jiġu promossi d-diversi attivitajiet li l-Unjoni twettaq, l-oqsma tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-għajnuna għall-iżvilupp u l-attivitajiet li twettaq fi sħubija mal-Istati Membri u istituzzjonijiet internazzjonali oħra,

— komponent ta' "sensibilizzazzjoni", li jkopri l-opinjoni pubblika fl-Unjoni u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Dawn l-attivitajiet jikkonsistu prinċipalment minn sostenn finanzjarju għal pubblikazzjonijiet awdjoviżivi u onlajn, seminars u avvenimenti kif japplikaw għall-iżvilupp, il-produzzjoni ta' materjal informattiv, l-iżvilupp ta' sistemi informatiċi, u anki l-premju Lorenzo Natali għall-ġurnaliżmu fil-qasam tal-iżvilupp.

Dawn l-attivitajiet huma diretti lejn is-sieħba fis-settur pubbliku u privat, u fir-rappreżentanzi u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni fl-Istati Membri.

Barra minn hekk, din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-finanzjament ta' attivitajiet informattivi u ta' komunikazzjoni prijoritarji mmirati għaċ-ċittadini tal-Unjoni u li għandhom x'jaqsmu mal-politiki esterni tal-Unjoni sħiħa.

L-oqsma li se jkunu koperti mill-attivitajiet ta' tagħrif jinkludu dawk ta' hawn taħt, iżda jistgħu jinkorporaw aspetti oħrajn tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni, b'mod partikolari f'rabta mal-ġejjieni tal-politika estera tal-Unjoni.

— l-indirizzar tal-perċezzjoni pubblika tal-assistenza esterna, li tissejjes fuq ir-riżultati u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet skjerati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri fil-kuntest tas-Sena Ewropea tal-Iżvilupp 2015. L-objettiv huwa li jiġi ċċarat li l-assistenza esterna hija parti integrali ta' dak li tagħmel l-Unjoni u hija waħda mill-politiki importanti ħafna li jiddefinixxu l-Unjoni u r-rwol tagħha fid-dinja, u biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-fatt li l-Unjoni qed tikseb riżultati reali f'isem iċ-ċittadini tal-Unjoni fil-ġlieda kontra l-faqar u biex tipprovdi żvilupp sostenibbli ta' kwalità għolja fid-dinja kollha,

— torganizza l-edizzjoni annwali tal-Jiem Ewropej tal-Iżvilupp (*European Development Days* — EDD). Dan l-avveniment sar wieħed mill-avvenimenti ewlenin fl-aġenda tal-Kummissjoni fejn jidħlu r-relazzjonijiet esterni. Hija tiġbor flimkien lil dawk li jiffavorixxu l-iżvilupp, lil dawk li jagħmlu d-deċiżjonijiet u lill-prattikanti. Kull sena, l-EDD iservu bħala pjattaforma għal ideat ġodda dwar il-politika u għal rakkomandazzjonijiet li jħarsu 'l quddiem qabel ma jsiru summits internazzjonali ewlenin. Huma jenfasizzaw l-importanza tar-rwol tal-Unjoni mhux biss bħala l-akbar donatur ta' assistenza għall-iżvilupp fid-dinja, iżda wkoll bħala waħda minn dawk fuq quddiem fid-dibattiti internazzjonali dwar il-politika għall-iżvilupp.

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 08 — ŻVILUPP U KOOPERAZZJONI MADWAR ID-DINJA *(ikompli)*

21 08 02 *(ikompli)*

— l-organizzazzjoni ta' żjarat għal gruppi ta' ġurnalisti u gruppi oħra fil-mira.

Il-Kummissjoni adottat żewġ komunikazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni fuq qafas ġdid għall-Kooperazzjoni f'attivitajiet dwar il-politika tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għall-Unjoni Ewropea (COM(2001) 354 u COM(2002) 350 final). Dawn jipproponu qafas interistituzzjonali għall-Kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u mal-Istati Membri għall-iżvilupp ta' strateġija ta' politika ta' komunikazzjoni u informazzjoni għall-Unjoni.

Il-Grupp Interistituzzjonali fuq l-Informazzjoni (IGI), kopresedut mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, jippreskrivi linji ta' gwida komuni għall-kooperazzjoni interistituzzjonali f'kwistjonijiet tal-politika tal-Unjoni dwar l-informazzjoni u l-kommunikazzjoni. Jikkoordina l-attivitajiet ta' informazzjoni pubblika ċentralizzati u deċentralizzati fuq suġġetti Ewropej. Kull sena l-IGI agħti l-opinjoni tiegħu fuq il-prijoritajiet għas-snin ta' wara fuq il-bażi ta' informazzjoni provduta mill-Kummissjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri wkoll:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizzi *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji,

— nefqa fuq stampar, traduzzjoni, studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u x-xiri ta' materjal informattiv marbut direttament mal-kisba tal-objettiv.

Finalment, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' pubblikazzjoni, produzzjoni, ħżin, distribuzzjoni u tixrid tal-materjal informattiv, b'mod partikolari permezz tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, u spejjeż amministrattivi oħrajn relatati mal-koordinazzjoni.

Bażi ġuridika

Il-kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Il-kompiti li jirriżultaw minn setgħat speċifiċi konferiti direttament lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 210 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess publiku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Deċiżjoni Nru 472/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp (2015) (ĠU L 136, 9.5.2014, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 09 — TLESTIJA TA' AZZJONIJIET IMPLIMENTATI FL-AMBITU TAL-PROGRAMM STRUMENT GĦALL-PAJJIŻI INDUSTRIJALIZZATI (ICI+)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/ 2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
21 09	TLESTIJA TA' AZZJONIJIET IMPLIMENTATI FL-AMBITU TAL-PROGRAMM STRUMENT GĦALL-PAJJIŻI INDUSTRIJALIZZATI (ICI+)								
21 09 51	***Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)***								
21 09 51 01	Asja	4	—	9 212 441	—	13 540 855	1 036,61	6 591 538,35	71,55
21 09 51 02	Amerka Latina	4	—	10 560 000	—	8 804 880	0,—	3 918 746,30	37,11
21 09 51 03	Afrika	4	—	1 279 916	—	712 499	0,—	1 152 172,65	90,02
	Artikolu 21 09 51 — Subtotal		—	21 052 357	—	23 058 234	1 036,61	11 662 457,30	55,40
	Kapitolu 21 09 — Total		**—**	**21 052 357**	**—**	**23 058 234**	**1 036,61**	**11 662 457,30**	**55,40**

21 09 51 Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti (ta' qabel l-2014)

21 09 51 01 Asja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	9 212 441	—	13 540 855	1 036,61	6 591 538,35

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1338/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 21).

21 09 51 02 Amerka Latina

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	10 560 000	—	8 804 880	0,—	3 918 746,30

KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 09 — TLESTIJA TA' AZZJONIJIET IMPLIMENTATI FL-AMBITU TAL-PROGRAMM STRUMENT GĦALL-PAJJIŻI INDUSTRIJALIZZATI (ICI+) *(ikompli)*

21 09 51 *(ikompli)*

21 09 51 02 *(ikompli)*

Kummenti

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

22 04 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

22 04 77 03 Azzjoni preparatorja — Strateġija Ewro-Mediterranja ġdida għall-promozzjoni ta' imġiegi għaż-żgħażagħ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	590 619	p.m.	335 789	0,—	484 341,57

Kummenti

Ex *Partita 21 03 77 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 22 04 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) *(ikompli)*

22 04 77 *(ikompli)*

22 04 77 04 Proġetti pilota — Finanzjar PEV — Tħejjija ta' persunal għal impjiegi relatati mal-UNJONI-PEV

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	56 523	p.m.	310 604	0,—	375 342,95

Kummenti

Ex *Partita 21 03 77 04*

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

22 04 77 05 L-azzjoni preparatorja — Rkupru ta' Assi għall-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	492 243	p.m.	1 150 076	2 740 012,—	1 097 693,—

Kummenti

Ex *Partita 21 03 77 05*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel skont l-azzjoni ta' tħejjija.

Peress li d-diversità u l-kumplessità tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fl-Istati mitluba u l-għarfien espert ġuridiku u l-kapaċitajiet istituzzjonali limitati fl-Istati li qed jitolbu jibqgħu jikkostitwixxu ostakoli kbar fil-qasam tal-irkupru ta' assi għall-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija fi tranżizzjoni, huwa importanti ħafna li tingħata assistenza ġuridika u teknika sostanzjali lill-pajjiżi sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran ikkonċernati.

KUMMISSJONI
TITOLU 22 — VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

KAPITOLU 22 04 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) *(ikompli)*

22 04 77 *(ikompli)*

22 04 77 05 *(ikompli)*

Din l-azzjoni ta' tħejjija, ibbażata fuq inizjattivi tal-Unjoni fis-seħħ li jappoġġaw l-awtoritajiet Eġizzjani u Tuneżini involuti fl-irkupru tal-assi miżappropriati minn ex dittaturi u r-reġimi tagħhom, huwa intiż sabiex issaħħaħ l-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam permezz tal-bini ta' kapaċità kif ukoll il-promozzjoni ta' kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' għarfien espert u informazzjoni bejn l-Istati li qed jitolbu u dawk mitluba, u r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kif xieraq.

Din l-azzjoni ta' tħejjija tkopri l-ispejjeż ta' tnedija għal dan il-mekkaniżmu ta' appoġġ u l-finanzjament tal-ispejjeż annwali ta' ġestjoni tiegħu.

Bażi ġuridika

L-azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

TITOLU 23

GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

TITOLU 23

GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
23 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI"	37 571 200	37 571 200	36 649 102	36 649 102	37 253 349,79	37 253 349,79
23 02	GĦAJNUNA UMANITARJA, GĦAJNUNA ALIMENTARI U TĦEJJIJA GĦADDIŻASTRI	1 099 721 941	1 462 105 205	919 742 000	965 478 000	1 093 839 051,08	1 358 425 069,68
23 03	MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI	48 125 000	47 611 429	48 692 000	41 383 203	44 099 075,68	32 545 460,14
23 04	L-INIZJATTIVA EU AID VOLUNTEERS	16 885 000	13 200 000	13 868 000	10 767 178	12 148 000,—	719 279,09
	Titolu 23 — Total	**1 202 303 141**	**1 560 487 834**	**1 018 951 102**	**1 054 277 483**	**1 187 339 476,55**	**1 428 943 158,70**

TITOLU 23

GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
23 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI"					
23 01 01	***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"***	5,2	22 367 897	21 552 668	21 394 314,28	95,65
23 01 02	***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"***					
23 01 02 01	Persunal estern	5,2	2 021 943	2 038 987	2 694 256,47	133,25
23 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	1 714 817	1 692 154	1 967 240,79	114,72
	Artikolu 23 01 02 — Subtotal		3 736 760	3 731 141	4 661 497,26	124,75
23 01 03	***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"***	5,2	1 427 543	1 368 293	1 544 965,07	108,23
23 01 04	***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"***					
23 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għal għajnuna umanitarja, għajnuna alimentari u tħejjija għad-diżastri	4	9 050 000	9 100 000	9 198 573,18	101,64
	Artikolu 23 01 04 — Subtotal		9 050 000	9 100 000	9 198 573,18	101,64
23 01 06	***Aġenziji eżekuttivi***					
23 01 06 01	Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-inizjattiva EU Aid Volunteers	4	989 000	897 000	454 000,—	45,90
	Artikolu 23 01 06 — Subtotal		989 000	897 000	454 000,—	45,90
	Kapitolu 23 01 — Total		**37 571 200**	**36 649 102**	**37 253 349,79**	**99,15**

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI"
(ikompli)

23 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
22 367 897	21 552 668	21 394 314,28

23 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"

23 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 021 943	2 038 987	2 694 256,47

23 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 714 817	1 692 154	1 967 240,79

23 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 427 543	1 368 293	1 544 965,07

23 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili"

23 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għal għajnuna umanitarja, għajnuna alimentari u tħejjija għad-diżastri

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
9 050 000	9 100 000	9 198 573,18

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI"
(ikompli)

23 01 04 *(ikompli)*

23 01 04 01 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa ta' sostenn marbuta direttament mal-kisba tal-għanijiet tal-politika dwar l-għajnuna umanitarja. Dan ikopri, fost affarijiet oħra:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tkunx tinvolvi kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*,

— it-tariffi u l-ispejjeż li jistgħu jintraddu ta' kuntratti ta' servizz biex isiru verifiki u evalwazzjonijiet ta' msieħba u azzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili,

— dwar sensibilizzazzjoni pubblika u sistemi ta' informazzjoni; dwar kwalunkwe miżura oħra li tenfasizza l-karattru tal-Unjoni tal-għajnuna,

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal b'kuntratt, esperti nazzjonali sekondati u persunal tal-aġenzija), limitata għal EUR 1 800 000. Dan il-persunal hu maħsub biex jieħu f'idejh il-kompiti li ġew fdati f'idejn kuntratturi esterni li jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni ta' esperti individwali u biex jamministraw programmi f'pajjiżi terzi. Dak l-ammont, ibbażat fuq stima ta' nefqa annwali għal kull persuna kull sena, hu maħsub biex ikopri r-rimunerazzjoni tal-persunal estern inkwistjoni u t-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, in-nefqa fuq it-teknoloġija informatika (IT) u dik fuq it-telekomunikazzjoni relatata mal-kompiti tagħhom,

— nefqa marbuta max-xiri u l-manutenzjoni ta' apparat ta' sigurtà, apparat speċjalizzat tal-IT kif ukoll ta' komunikazzjoni, u servizzi tekniċi neċessarji għall-istabbiliment u l-funzjonament taċ-Ċentru ta' Reazzjoni ta' Emerġenza. Dan iċ-ċentru ("kamra tal-kriżi") se jkun operattiv fuq bażi ta' 24 siegħa u jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tar-reazzjoni ċivili tal-Unjoni għad-diżastru, b'mod partikolari biex jiżgura konsistenza sħiħa u kooperazzjoni effiċjenti bejn l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili,

— nefqa fuq l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat u s-sostenn ta' sistemi informatiċi maħsuba għall-użu intern u biex titjieb il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-aġenziji, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, sħab oħra fil-qasam tal-għajnuna umanitarja u l-esperti tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili f'dan il-qasam.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa amministrattiva skont l-Artikoli 23 02 01 u 23 02 02.

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI"
(ikompli)

23 01 06 Aġenziji eżekuttivi

23 01 06 01 Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-inizjattiva EU Aid Volunteers

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
989 000	897 000	454 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-operat tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura mġarrba bħala riżultat tal-ġestjoni tal-inizjattiva tal-EU Aid Volunteers fil-Kapitolu 23 04 fdat lill-Aġenzija.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja ("l-inizjattiva 'EU Aid Volunteers'") (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiddelega setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet tal-FEŻ.

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 02 — GĦAJNUNA UMANITARJA, GĦAJNUNA ALIMENTARI U TĦEJJIJA GĦAD-DIŻASTRI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
23 02	GĦAJNUNA UMANITARJA, GĦAJNUNA ALIMENTARI U TĦEJJIJA GĦAD-DIŻASTRI								
23 02 01	***Konsenja ta' għajnuna umanitarja u għajnuna alimentari rapidi, effikaċi u bżonnjużi***	4	1 061 821 941	1 428 753 205	882 446 000	928 182 000	1 056 497 175,31	1 316 543 549,07	92,15
23 02 02	***Prevenzjoni tad-diżastri, tnaqqis tar-riskji tad-diżastri u preparatezza***	4	37 900 000	33 352 000	37 296 000	37 296 000	37 341 875,77	41 881 520,61	125,57
	Kapitolu 23 02 — Total		**1 099 721 941**	**1 462 105 205**	**919 742 000**	**965 478 000**	**1 093 839 051,08**	**1 358 425 069,68**	**92,91**

23 02 01 Konsenja ta' għajnuna umanitarja u għajnuna alimentari rapidi, effikaċi u bżonnjużi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 061 821 941	1 428 753 205	882 446 000	928 182 000	1 056 497 175,31	1 316 543 549,07

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri l-iffinanzjar ta' operazzjonijiet għajnuna umanitarja u għajnuna alimentari ta' natura umanitarja biex jiġu megħjuna nies f'pajjiżi barra l-Unjoni li jkunu vittmi ta' kunflitti jew diżastri, sew naturali kif ukoll ikkawżati mill-bniedem (gwerer, ġlied, eċċ.) jew emerġenzi kumparabbli, għat-tul ta' żmien meħtieġ biex jintlaqgħu l-ħtiġijiet umanitarji li huma kkawżati minn sitwazzjonijiet bħal dawn. Din se titwettaq skont ir-regoli dwar l-għajnuna umanitarja tar-Regolament (KE) Nru 1257/96.

L-għajnuna tingħata lill-vittmi mingħajr diskriminazzjoni jew distinzjoni sfavorevoli fuq il-bażi ta' razza, oriġini etnika, reliġjon, diżabilità, sess, età, nazzjonalità jew affiljazzjoni politika. Tali għajnuna tingħata skont id-dritt umanitarju internazzjonali u ma għandhiex tkun suġġetta għal restrizzjonijiet imposti minn donaturi sħab oħrajn, dment li tkun neċessarja biex tissodisfa l-esiġenzi umanitarji li jinbtu minn tali sitwazzjonijiet.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri x-xiri u l-kunsinna ta' kull prodott jew apparat meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja, inkluż il-bini ta' djar jew xelters għall-gruppi affettwati ta' persuni, xogħol ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni f'terminu qasir, partikolarment ta' infrastruttura u faċilitajiet, il-kostijiet assoċjati ma' persunal estern, espatrijat, jew lokali, ħażna, konsenji bil-baħar internazzjonali jew nazzjonali, appoġġ loġistiku u distribuzzjoni ta' għajnuna u kull azzjoni oħra mmirata li tiffaċilita l-libertà ta' aċċess lil min jirċievi l-għajnuna.

Din l-approprjazzjoni tista' tintuża għall-iffinanzjar tax-xiri u t-tqassim tal-ikel, żrieragħ, qobla jew kwalunkwe prodott jew tagħmir meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet umanitarji u ta' għajnuna għall-ikel.

Din l-approprjazzjoni tista' wkoll tkopri kosti oħra direttament marbuta mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja kif ukoll il-kosti tal-miżuri li huma essenzjali għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna tal-ikel ta' xorta umanitarja fil-perjodu mitlub u b'mod li jintlaqgħu l-ħtiġijiet tar-reċipjenti, jiġi sodisfatt ir-rekwiżit li jintlaħaq l-ogħla livell possibbli ta' kosteffettività u tingħata aktar trasparenza.

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 02 — GĦAJNUNA UMANITARJA, GĦAJNUNA ALIMENTARI U TĦEJJIJA GĦAD-DIŻASTRI *(ikompli)*

23 02 01 *(ikompli)*

Tkopri, fost l-oħrajn:

— Miżuri li jipprovdu ambjent favorevoli u aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità f'emerġenzi umanitarji, inkluż inter alia r-riabilitazzjoni bażika u r-rikostruzzjoni ta' bini u faċilitajiet skolastiċi, appoġġ psikosoċjali, taħriġ ta' għalliema u kwalunkwe prodott jew tagħmir bżonnjuż għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja relatati mal-aċċess għall-edukazzjoni.

— studji ta' vijabbiltà dwar ħidmiet umanitarji, evalwazzjonijiet ta' proġetti u pjanijiet ta' għajnuna umanitarja, u ħidmiet ta' viżibbiltà u kampanji ta' informazzjoni marbuta ma' ħidmiet umanitarji,

— il-monitoraġġ ta' proġetti u pjanijiet ta' għajnuna umanitarja, il-promozzjoni u żvilupp ta' inizjattivi maħsuba biex tiżdied il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni biex l-għajnuna tkun aktar effikaċi u jitjieb il-monitoraġġ tal-proġetti u l-pjanijiet,

— is-superviżjoni u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna li jiffurmaw parti mill-għajnuna umanitarja u alimentari, b'mod partikolari it-termini għall-provvista, konsenja, distribuzzjoni u l-użu tal-prodotti involuti, inkluż l-użu ta' fondi li jikkorrispondu,

— miżuri għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-Unjoni mal-Istati Membri, pajjiżi donaturi oħra, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet internazzjonali (b'mod partikolari dawk parti min-Nazzjonijiet Uniti), organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom,

— il-finanzjament ta' kuntratti ta' assistenza teknika għall-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' kompetenza prattika u kompetenza esperta bejn l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji umanitarji tal-Unjoni jew bejn dawn il-korpi u dawk tal-pajjiżi terzi,

— studji u taħriġ marbuta mal-kisba tal-għanijiet tal-qasam tal-politika tal-għajnuna umanitarja,

— għotjiet ta' azzjoni u għotjiet għall-kostijiet operatorji għal netwerks umanitarji,

— operazzjonijiet umanitarji tat-tneħħija tal-mini inkluż kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika għall-komunitajiet lokali dwar mini kontra l-persuni,

— nefqa tan-netwerk dwar l-għajnuna umanitarja (NOHA), skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 dwar l-għajnuna umanitarja. Din hija diploma postgraduate multi-dixxiplinarja ta' sena fil-qasam umanitarju mfassla biex tippromwovi professjonaliżmu akbar fost ħaddiema fil-qasam umanitarju, u li tinvolvi ħafna universitajiet parteċipanti,

— it-trasport u t-tqassim ta' għajnuna, inkluż kull operazzjoni relatata bħalma hi l-assigurazzjoni, it-tagħbija, il-ħatt, il-koordinazzjoni, eċċ.,

— miżuri ta' sostenn li huma essenzjali għall-programmazzjoni, il-koordinazzjoni u l-aħjar implimentazzjoni tal-għajnuna, li l-kost tagħha ma jkunx kopert minn approprjazzjonijiet oħra, pereżempju operazzjonijiet eċċezzjonali ta' trasport u ħażna, l-ipproċessar jew il-preparazzjoni ta' oġġetti tal-ikel fuq il-post, diżinfezzjoni, servizzi tal-konsulenti, assistenza teknika u tagħmir involut direttament fl-għoti ta' għajnuna (għodod, attrezzaturi, fjuwil, eċċ.),

— skemi bi prova dwar suriet ġodda ta' trasport, ippakkjar jew ħżin, studji ta' operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel, operazzjonijiet ta' viżibbiltà marbuta mal-operazzjonijiet umanitarji, u kampanji ta' informazzjoni sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika,

KAPITOLU 23 02 — GĦAJNUNA UMANITARJA, GĦAJNUNA ALIMENTARI U TĦEJJIJA GĦAD-DIŻASTRI *(ikompli)*

23 02 01 *(ikompli)*

— il-ħażna tal-ikel (inkluż spejjeż amministrattivi, operazzjonijiet futuri, b'għażliet jew le, taħriġ ta' tekniċi, xiri tal-imballaġġar u unitajiet ta' ħażna mobbli, kost tal-manutenzjoni u t-tiswija ta' ħażniet, eċċ.),

— l-assistenza teknika meħtieġa għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti umanitarji, b'mod partikolari l-ispiża għal kuntratti ta' esperti individwali fil-qasam u l-ispejjeż ta' infrastruttura u loġistika, koperti minn kontijiet imprest u awtorizzazzjonijiet ta' spiża, ta' unitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili li huma mferrxa madwar id-dinja.

Sabiex tiżgura t-trasparenza finanzjarja sħiħa skont l-Artikoli minn 58 sa 61 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni, meta tikkonkludi jew timmodifika l-ftehimiet dwar it-treġija u l-implimentazzjoni ta' proġetti mill-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, tagħmel kull sforz biex huma jimpenjaw ruħhom li jibagħtu l-verifiki interni u esterni kollha tagħhom dwar l-użu tal-Fondi tal-Unjoni lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-Awditur Intern tal-Kummissjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

23 02 02 ***Prevenzjoni tad-diżastri, tnaqqis tar-riskji tad-diżastri u preparatezza***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
37 900 000	33 352 000	37 296 000	37 296 000	37 341 875,77	41 881 520,61

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar ta' operazzjonijiet bħala tħejjija għal jew prevenzjoni diżastri jew emerġenzi kumparabbli u jiġi żgurat l-iżvilupp ta' sistemi ta' twissija minn kmieni għal kull tip ta' diżastru naturali (għargħar, ċikluni, żbroffi ta' vulkani, eċċ.), inkluż ix-xiri u t-trasport ta' kull apparat meħtieġ għal dan il-għan.

Din l-approssimazzjoni tista' wkoll tkopri kostijiet oħra direttament marbuta mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' preparatezza għad-diżastri, bħal ma huma:

— l-iffinanzjar ta' studji xjentifiċi fuq il-prevenzjoni tad-diżastri,

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 02 — GĦAJNUNA UMANITARJA, GĦAJNUNA ALIMENTARI U TĦEJJIJA GĦAD-DIŻASTRI *(ikompli)*

23 02 02 *(ikompli)*

— il-kostituzzjoni ta' ħażniet ta' emerġenza ta' prodotti u tagħmir biex jintuża f'operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja,

— l-assistenza teknika meħtieġa biex jitħejjew u jiġu implimentati proġetti ta' tħejjija għad-diżastri, b'mod partikolari n-nefqa li tinħoloq li tkopri l-kost ta' kuntratti ta' esperti individwali fil-qasam u l-ispejjeż għall-infrastruttura u l-loġistika, koperti minn kontijiet imprest u awtorizzazzjoni ta' spiża, ta' unitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili li huma mxerrda madwar id-dinja.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
23 03	MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI								
23 03 01	***Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom***								
23 03 01 01	Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom fl-Unjoni	3	29 366 000	23 500 000	28 068 000	17 506 349	27 631 742,22	11 642 832,50	49,54
23 03 01 02	Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom f'pajjiżi terzi	4	5 551 000	3 861 429	5 434 000	4 365 769	3 984 163,46	1 820 503,—	47,15
	Artikolu 23 03 01 — Subtotal		34 917 000	27 361 429	33 502 000	21 872 118	31 615 905,68	13 463 335,50	49,21
23 03 02	***Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar***								
23 03 02 01	Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar fl-Unjoni	3	1 208 000	1 000 000	1 190 000	958 779	1 080 000,—	13 750,22	1,38
23 03 02 02	Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar f'pajjiżi terzi	4	12 000 000	15 000 000	11 500 000	8 731 537	11 403 170,—	2 369 644,44	15,80
	Artikolu 23 03 02 — Subtotal		13 208 000	16 000 000	12 690 000	9 690 316	12 483 170,—	2 383 394,66	14,90
23 03 51	***Tlestija ta' programmi u azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili fl-Unjoni (ta' qabel l-2014)***	3	p.m.	3 250 000	p.m.	8 820 769	0,—	16 549 772,86	509,22
23 03 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
23 03 77 02	Azzjoni preparatorja — Kapaċità tal-Unjoni għal rispons rapidu	2	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	148 957,12	
23 03 77 03	Proġett Pilota — Sistema ta' twissija bikrija għal diżastri naturali	3	p.m.	1 000 000	2 500 000	1 000 000			
	Artikolu 23 03 77 — Subtotal		p.m.	1 000 000	2 500 000	1 000 000	0,—	148 957,12	14,90
	Kapitolu 23 03 — Total		**48 125 000**	**47 611 429**	**48 692 000**	**41 383 203**	**44 099 075,68**	**32 545 460,14**	**68,36**

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI *(ikompli)*

23 03 01 Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom

23 03 01 01 Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
29 366 000	23 500 000	28 068 000	17 506 349	27 631 742,22	11 642 832,50

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa għall-azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. L-għan tagħha hu li tappoġġa, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri, l-Istati tal-EFTA u dawk kandidati li ffirmaw ftehim xieraq mal-Unjoni fil-qasam tal-istat ta ' thejjija u prevenzjoni fir-rigward ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, inklużi atti ta ' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, tniġġis marittimu u emerġenzi gravi ta' saħħa, li jseħħu fl-Unjoni. Hija għandha wkoll l-għan li tiffaċilita kooperazzjoni eqreb bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili.

Hija tkopri, b'mod partikolari:

— azzjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni bil-għan li jingħata sostenn, u titmexxa 'l quddiem l-attività ta' valutazzjoni u tal-immappjar tar-riskju tal-Istati Membri, bħall-iskambju tal-prattika tajba, il-kompilazzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni mill-Istati Membri dwar l-attività ta' ġestjoni tar-riskju inkluż evalwazzjonijiet bejn il-pari,

— il-ħolqien ta' "Kapaċità Ewropea għar-Reazzjoni għall-Emerġenza", kapaċità "għal-lest" biex tipprovdi riżorsi u tagħmir lill-Istati Membri f'każ ta' emerġenza,

— l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' proċess ta' ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni għall-"Kapaċità Ewropea għar-Reazzjoni għall-Emerġenza". Dan jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' għanijiet għall-kapaċità u rekwiżiti ta' kwalità,

— l-identifikazzjoni ta' lakuni sinifikanti fil-kapaċità ta' reazzjoni tal-"Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni għall-Emerġenza" u se tagħti s-sostenn tagħha għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet meħtieġa,

— l-identifikazzjoni ta' esperti ta' intervent, moduli u appoġġ ieħor ta' intervent li huma disponibbli fl-Istati Membri għall-intervent ta' għajnuna f'każ li tinqala' xi emerġenza,

— l-iżvilupp u ż-żamma ta' netwerk ta' esperti mħarrġa tal-Istati Membri sabiex jgħinu fil-livell ta' kwartieri ġenerali fil-kompiti ta' monitoraġġ, informazzjoni u koordinazzjoni taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza (*Emergency Response Coordination Centre* — ERCC),

— programm ta' tagħlimiet miksubin mill-interventi u mill-eżerċizzji tal-protezzjoni ċivili mwettqin fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-protezzjoni ċivili,

— programm ta' taħriġ għall-iskwadri tal-intervent, għall-persunal estern u esperti, sabiex jagħtihom it-tagħrif u l-għodda meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jieħdu sehem, b'mod effettiv, fl-interventi tal-Unjoni u sabiex tiġi żviluppata kultura komuni Ewropea ta' intervent,

— il-ġestjoni ta' netwerk ta' taħriġ miftuħ għal ċentri ta' taħriġ għall-protezzjoni ċivili u persunal maniġerjali ta' emerġenza u għal atturi rilevanti oħra biex jipprovdu gwida fuq it-taħriġ tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni u internazzjonali,

KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI *(ikompli)*

23 03 01 *(ikompli)*

23 03 01 01 *(ikompli)*

— il-ġestjoni ta' programm ta' eżerċizzji li jinkludi eżerċizzji mill-post ta' kmand, eżerċizzji fuq skala reali u eżerċizzji għall-moduli tal-protezzjoni ċivili biex tiġi ttestjata l-interoperabilità, jitħarrġu uffiċjali tal-protezzjoni ċivili u tinħoloq kultura ta' intervent komuni,

— skambju ta' esperti biex il-protezzjoni ċivili tal-Unjoni tinftiehem aktar u biex jaqsmu l-informazzjoni u l-esperjenzi,

— sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni (ICT), b'mod partikolari s-CECIS (Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza) li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri waqt emerġenzi — biex titjieb l-effiċjenza u tippermetti l-iskambju ta' tagħrif "EU Classified". Din tkopri il-kostijiet tal-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat u l-appoġġ (ħardwer, softwer u servizzi) tas-sistemi. Se tkopri wkoll il-kost tal-ġestjoni ta' proġetti, kontroll tal-kwalità, sigurtà, dokumentazzjoni u taħriġ marbuta mal-implimentazzjoni ta' sistemi bħal dawn,

— l-istudju u l-iżvilupp ta' moduli tal-protezzjoni ċivili fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE inkluż appoġġ biex titjieb l-interoperabbiltà tagħhom,

— l-istudju u l-iżvilupp ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija tad-diżastri,

— l-istudju u l-iżvilupp ta' bini ta' xenarji, tal-immappjar tal-assi u l-pjanijiet għall-iskjerament tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni,

— il-laqgħat ta' ħidma, is-seminars, il-proġetti, l-istudji, l-istħarriġ, l-ippjanar, il-bini tax-xenarji u l-ippjanar tal-kontinġenza, l-għajnuna għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet; il-proġetti ta' wiri,

— azzjonijiet oħrajn ta' appoġġ u kumplimentari li huma meħtieġa fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni kontra d-diżastri u jissaħħaħ l-istat ta' tħejjija tal-Unjoni għar-reazzjoni għad-diżastri,

— nefqa fuq eżerċizzji tal-awditjar u l-evalwazzjoni kif imfisser fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li tikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li huma kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI *(ikompli)*

23 03 01 *(ikompli)*

23 03 01 02 Prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom f'pajjiżi terzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 551 000	3 861 429	5 434 000	4 365 769	3 984 163,46	1 820 503,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. L-għan tagħha hu li tappoġġa, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri, il-pajjiżi tal-EFTA, il-pajjiżi li se jaderixxu, u dawk il-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali li ffirmaw ftehim xieraq mal-Unjoni fil-qasam tal-istat ta' tħejjija u prevenzjoni għar-rigward ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, inklużi atti ta' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, tniġġis marittimu u emerġenzi gravi ta' saħħa, li jseħħu f'pajjiżi terzi. Hija tkopri b'mod partikulari l-mobilizzazzjoni ta' esperti biex jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' prevenzjoni u l-istat ta' tħejjija f'pajjiżi terzi f'każ ta' diżastri, u l-appoġġ loġistiku bażiku għal dawn it-tip ta' esperti.

Għandha wkoll l-għan li tipprovdi appoġġ finanzjarju għal ċerti azzjonijiet koperti bl-Artikoli 21 u 22 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE għal pajjiżi kandidati li ma jipparteċipawx fil-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni u l-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat sakemm dawn jikkumplimentaw il-finanzjament disponibbli mill-istrument għall-assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li tikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI *(ikompli)*

23 03 02 Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar

23 03 02 01 Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 208 000	1 000 000	1 190 000	958 779	1 080 000,—	13 750,22

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata sabiex tkopri n-nefqa relatata mal-interventi tal-protezzjoni ċivili fl-Unjoni skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili:

— il-forniment ta' appoġġ lill-Istati Membri sabiex dawn ikollhom aċċess għar-riżorsi għat-tagħmir u għat-trasport,

— il-forniment ta' riżorsi addizzjonali ta' trasport u loġistika assoċjata, meħtieġa għall-iżgurar ta' rispons rapidu għal emerġenzi kbar u li jikkumplimentaw it-trasport ipprovdut mill-Istati Membri,

— il-mobilizzazzjoni ta' esperti biex jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' għajnuna u biex jiffaċilitaw l-għajnuna tal-Unjoni fi Stati Membri f'każ ta' diżastri, u l-appoġġ loġistiku bażiku għal dawn it-tip ta' esperti,

— l-iskjerament ta' esperti mħarrġa mill-Istati Membri fiċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni għall-Emerġenza (ĊKRE) sabiex jassistu fil-kompiti ta' monitoraġġ, informazzjoni u koordinazzjoni taċ-ĊKRE,

— kwalunkwe azzjoni ta' appoġġ u kumplimentari sabiex tiffaċilita l-koordinazzjoni tar-rispons bl-aktar mod effettiv.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li tikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI *(ikompli)*

23 03 02 *(ikompli)*

23 03 02 02 Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza fil-każ ta' diżastri kbar f'pajjiżi terzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
12 000 000	15 000 000	11 500 000	8 731 537	11 403 170,—	2 369 644,44

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata sabiex tkopri n-nefqa relatata mal-interventi tal-protezzjoni ċivili f'pajjiżi terzi skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili:

— mobilizzazzjoni ta' esperti sabiex jivvalutaw il-ħtiġijiet tal-għajnuna u jiffaċilitaw l-assistenza Ewropea f'pajjiżi terzi f'każ ta' diżastri,

— il-forniment ta' appoġġ lill-Istati Membri sabiex dawn ikollhom aċċess għar-riżorsi għat-tagħmir u għat-trasport,

— il-forniment ta' assistenza Ewropea ta' protezzjoni ċivili, inkluż l-għoti ta' informazzjoni relevanti dwar il-mezzi ta' trasport, kif ukoll il-loġistika assoċjata, f'każ ta' diżastru,

— l-appoġġ lill-għajnuna konsulari liċ-ċittadini tal-Unjoni f'każ ta' emerġenzi kbar f'terzi pajjiżi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħidmiet tal-protezzjoni ċivili, b'talba tal-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri,

— kwalunkwe azzjoni ta' appoġġ u kumplimentari sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tar-rispons bl-aktar mod effettiv.

Sħab li jimplimentaw jistgħu jinkludu awtoritajiet tal-Istati Membri jew pajjiżi benefiċjarji u l-aġenziji tagħhom, organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom, NGOs, operaturi pubbliċi u privati u organizzazzjonijiet jew operaturi individwali (inkluż persunal issekondat mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri) bil-kompetenza speċjalizzata u l-esperjenza xierqa.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li tikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI *(ikompli)*

23 03 51 Tlestija ta' programmi u azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili fl-Unjoni (ta' qabel l-2014)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	3 250 000	p.m.	8 820 769	0,—	16 549 772,86

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-approvazzjoni tal-impenji li saru għal programmi u azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Hija intenzjonata wkoll biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li ġejjiin minn azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u minn azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-ħarsien tal-ambjent marittimu, tal-kosta, u tas-saħħa tal-bniedem kontra r-riskji ta' tniggeż fil-baħar aċċidentali jew deliberatament.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll intenzjonata sabiex tkopri parti min-nefqa relatata mal-interventi tal-protezzjoni ċivili f'pajjiżi terzi bl-Istrument Finanzjarju tal-protezzjoni ċivili u l-Mekkaniżmu Komunitarju għall-protezzjoni ċivili:

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-linja tal-baġit. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla kuntrarju għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/847/KE tad-9 ta' Diċembru 1999 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju fil-qasam tal-protezzjoni ċivili (ĠU L 327, 21.12.1999, p. 53).

Id-Deċiżjoni Nru 2850/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2000 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għal koperazzjoni fil-qasam tat-tniġġis tal-ibħra, sewwa jekk aċċidentali, u sewwa jekk deliberatament (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001 li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-kooperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' assistenza fil-protezzjoni ċivili (ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162/KE, Euratom tal-5 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-protezzjoni ċivili (ĠU L 71, 10.3.2007, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/ 779/KE, Euratom tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-protezzjoni ċivili (imfassla mill-ġdid) (ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9).

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI *(ikompli)*

23 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

23 03 77 02 Azzjoni preparatorja — Kapaċità tal-Unjoni għal rispons rapidu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	148 957,12

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti fl-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

23 03 77 03 Proġett Pilota — Sistema ta' twissija bikrija għal diżastri naturali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 000 000	2 500 000	1 000 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Id-diżastri naturali, inklużi dawk li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, huma ta' natura transkonfinali. Huwa għalhekk imperattiv li l-attivitajiet ta' tħejjija jsiru b'mod aktar ikkoordinat filwaqt li jaqsmu l-fruntieri nazzjonali, jittrasferixxu l-għarfien u jqajmu l-kuxjenza tal-awtoritajiet statali, reġjonali u lokali kif ukoll taċ-ċittadini. Fl-Ewropa hemm diversi ċentri ta' riċerka u ċentri ta' eċċellenza li diġà żviluppaw kapaċità li janalizzaw u jevalwaw ir-riskji ta' diżastri u jwissu lill-awtoritajiet statali tagħhom sabiex jipprevjenu dannu u mwiet, iħejju lill-komunitajiet rilevanti qabel ma jseħħ diżastru u biex jieħdu kont tal-informazzjoni ta' twissija bikrija sabiex hija tintuża meta jsiru investimenti mmirati kofinanzjati mill-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (ESIF) sabiex jinkisbu l-objettivi tematiċi rilevanti. Barra minn hekk, hemm iċ-Ċentru Ewropew għal Koordinazzjoni tar-Rispons (ERCC), li huwa operat fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili u li ġie stabbilit biex jappoġġa rispons koordinat u aktar mgħaġġel għad-diżastri kemm ġewwa kif ukoll barra l-Ewropa bl-użu tar-riżorsi minn 32 pajjiż li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili. L-ERCC attwalment qed jiddependi fuq diversi sistemi ewlenin Ewropej ta' detezzjoni u twissija, li jipprovdu informazzjoni li tippermetti lill-ERCC jirreaġixxi b'suċċess għad-diżastri, kif ukoll, mill-għarfien xjentifiku taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) biex janalizza l-impatt ta' avvenimenti naturali (inkluż l-impatt tagħhom fuq l-infrastruttura li tista' tikkawża diżastri teknoloġiċi).

KAPITOLU 23 03 — MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI *(ikompli)*

23 03 77 *(ikompli)*

23 03 77 03 *(ikompli)*

Madankollu, fil-konfront ta' sfidi li qed jiżdiedu, ir-riżorsi u l-għarfien imsemmija hawn fuq m'għadhomx biżżejjed biex jiġi kkoordinat ir-rispons tal-Unjoni, fil-livell tal-ERCC, u biex tiġi mmaniġġjata l-kapaċità tal-emerġenza Ewropa, li teħtieġ attenzjoni aktar qawwija fuq il-previżjoni, l-ippjanar u l-koordinazzjoni minflok sempliċiment ir-rispons għall-emerġenzi. L-esperjenza wriet ukoll li l-prevenzjoni u t-tħejjija għad-diżastri huma aktar kosteffettivi milli r-rispons għalihom.

Barra minn hekk, ma hemm l-ebda mekkaniżmu kkoordinat stabbilit għar-rappurtar jew lill-ERCC jew lill-Istati Membri kollha li jistgħu jiġu affettwati minn diżastru potenzjali li jmur lil hinn mill-konfini nazzjonali (pereżempju maltempati). Fil-preżent kull Stat Membru fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jiddependi mill-kapaċità tiegħu nnifsu.

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi msemmija hawn fuq u jintlaħaq l-għan tal-użu sħiħ tax-xjenza u t-teknoloġija fi ħdan il-qasam tal-ġestjoni tar-riskji tad-diżastri b'mod kosteffiċjenti, proġett pilota Ewropew huwa neċessarju. Il-proġett pilota jibni fuq l-esperjenza tan-netwerk tas-Sistema ta' Twissija u Mitigazzjoni tat-Tsunamijiet għall-Grigal tal-Atlantiku, il-Mediterran u l-Ibħra Konnessi (NEAMTWS), li għaqqad flimkien ħames sħab biex jissorveljaw lejl u nhar inċidenti ta' tsunami fil-Grigal tal-Atlantiku, il-Mediterran u l-ibħra konnessi u biex iwissu lill-awtoritajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Il-proġett pilota se:

— jidentifika ċ-ċentri xjentifiċi rilevanti madwar l-Ewropa li jistgħu jipprovdu l-kompetenzi għat-tfassil tal-politika dwar il-ġestjoni tar-riskji tad-diżastri u l-operazzjonijiet ta' emerġenza,

— jgħaqqad flimkien dawk iċ-ċentri xjentifiċi u joħloq sħubiji xjentifiċi estiżi (Netwerk taċ-Ċentri ta' Eċċellenza tal-Unjoni Ewropea) għall-perikli differenti, u jekk ikun meħtieġ jassoċjahom ma' ċentri xjentifiċi fil-viċinat immedjat tal-Unjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili,

— inaqqas id-distakk eżistenti ta' rapportar u konnessjoni bejn in-Netwerk ta' Ċentri ta' Eċċellenza tal-Unjoni Ewropea u l-ERCC; dan jista' jsir permezz tad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' struttura ta' governanza li torbot in-Netwerk ta' Ċentri ta' Eċċellenza tal-Unjoni Ewropea, il-JRC u l-ERCC.

B'dan il-mod, informazzjoni rilevanti dwar id-diżastri tintbagħat lill-atturi kollha kkonċernati b'mod ikkoordinat u li jkun f'waqtu biex b'hekk jiżdiedu l-livelli kemm ta' tħejjija u kemm ta' rispons tal-Istati Membri u tal-Unjoni permezz tal-ERCC. It-twaqqif u t-tifrix ta' netwerk bħal dan jeħtieġ involviment fuq skala kbira taċ-ċentri xjentifiċi Ewropej li diġà qed jużaw teknoloġija avvanzata ta' monitoraġġ jew inkella jistgħu jirċievu finanzjament biex itejbu t-teknoloġija kif suppost, fejn dan ikun neċessarju għal kopertura reġjonali sodisfaċenti tan-netwerk. Huma jistgħu jistabbilixxu, jimplimentaw u jittestjaw metodoloġija ta' rappurtar komuni, effiċjenti u koordinata filwaqt li jestenduha biex tkopri żona ġeografika kbira fl-Ewropa (tal-anqas 10 pajjiżi). Netwerk kbir huwa prerekwiżit għas-suċċess ta' tali sforz peress li għandha bżonn titqies l-firxa ġeografika tar-riskji tad-diżastri.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 04 — L-INIZJATTIVA EU AID VOLUNTEERS

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/ 2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
23 04	L-INIZJATTIVA EU AID VOLUNTEERS								
23 04 01	***L-inizjattiva EU Aid Volunteers — it-Tishih tal-kapaċità tal-Unjoni biex tirrispondi għal kriżijiet umanitarji***	4	16 885 000	13 200 000	13 868 000	10 078 812	12 148 000,—	0,—	0
23 04 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
23 04 77 01	Azzjoni preparatorja — Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja	4	p.m.	p.m.	p.m.	688 366	0,—	719 279,09	
	Artikolu 23 04 77 — Subtotal		p.m.	p.m.	p.m.	688 366	0,—	719 279,09	
	Kapitolu 23 04 — Total		**16 885 000**	**13 200 000**	**13 868 000**	**10 767 178**	**12 148 000,—**	**719 279,09**	**5,45**

23 04 01 L-inizjattiva EU Aid Volunteers — it-Tishih tal-kapaċità tal-Unjoni biex tirrispondi għal kriżijiet umanitarji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 885 000	13 200 000	13 868 000	10 078 812	12 148 000,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-implimentazzjoni tal-inizjattiva Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja (l-inizjattiva "EU Aid Volunteers").

L-objettiv tal-inizjattiva tal-EU Aid Volunteers għandu jkun li jikkontribwixxi għat-tishih tal-kapaċità tal-Unjoni li tipprovdi għajnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet immirata lejn il-protezzjoni tal-ħajjiet, il-prevenzjoni u t-taffija tat-tbatija umana u l-preservazzjoni tad-dinjità tal-bniedem u għat-tishih tal-kapaċitajiet u r-reżiljenza tal-komunitajiet vulnerabbli jew milquta minn diżastri f'pajjiżi terzi, partikolarment permezz tat-tħejjija għad-diżastri, it-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri, u t-tishih tal-kollegament bejn is-sokkors, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp. Dak l-objettiv għandu jintlaħaq permezz tal-valur miżjud tal-kontribuzzjonijiet konġunti tal-EU Aid Volunteers, li jesprimu l-valuri u s-solidarjetà tal-Unjoni mal-persuni fil-bżonn u jippromwovu b'mod viżibbli sens ta' ċittadinanza tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri dawn il-miżuri u partiti ta' nefqa:

— l-iżvilupp u ż-żamma tal-istandards u l-proċeduri dwar il-kandidati u l-EU Aid Volunteers,

— l-iżvilupp u ż-żamma ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni għall-organizzazzjonijiet li jibagħtuhom u jospitawhom,

— l-identifikazzjoni u l-għażla ta' volontiera kandidati,

KAPITOLU 23 04 — L-INIZJATTIVA EU AID VOLUNTEERS *(ikompli)*

23 04 01 *(ikompli)*

— l-istabbiliment ta' programm ta' taħriġ u appoġġ għat-taħriġ tal-voluntiera kandidati u l-kollokament ta' apprendistat,

— l-istabbiliment, iż-żamma u l-aġġornar ta' bażi tad-data tal-EU Aid Volunteers,

— il-mobilizzazzjoni tal-EU Aid Volunteers biex jappoġġjaw u jikkomplementaw l-għajnuna umanitarja fil-pajjiżi terzi,

— il-bini tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet ospitanti,

— l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' netwerk għall-inizjattiva EU Aid Volunteers,

— komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni,

— attività anċillari li żżid r-responsabilizzazzjoni, it-trasparenza u l-effikaċja tal-inizjattiva EU Aid Volunteers.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi lil ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (b) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla ħsara għall-Artikolu 187(7) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja ("l-inizjattivi EU Aid Volunteers") (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 1).

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew tal-Għajnuna Umanitarja ("l-inizjattiva 'EU Aid Volunteers'") (ĠU L 334, 21.11.2014, p. 52).

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1398/2014 tal- 24 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi standards u proċeduri dwar il-voluntiera kandidati u l-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE (ĠU L 373, 31.12.2014, p. 8).

23 04 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

23 04 77 01 Azzjoni preparatorja — Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	688 366	0,—	719 279,09

KUMMISSJONI
TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI

KAPITOLU 23 04 — L-INIZJATTIVA EU AID VOLUNTEERS *(ikompli)*

23 04 77 *(ikompli)*

23 04 77 01 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti fl-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

TITOLU 24

ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

KUMMISSJONI
TITOLU 24 — ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

TITOLU 24

ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
24 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ĠLIEDA KONTRA L-FRODI"	59 055 000	59 055 000	57 746 000	57 746 000	55 695 715,65	55 695 715,65
24 02	PROMOZZJONI TA' ATTIVITAJIET FIL-QASAM TAL-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UE (HERCULE III)	14 542 300	20 100 000	14 067 100	12 385 254	13 677 700,—	11 935 042,35
24 04	SISTEMA TA' INFORMAZZJONI GĦAL KONTRA L-FRODI (AFIS)	6 629 000	6 500 000	6 921 700	5 226 647	6 399 117,44	6 606 762,52
	Titolu 24 — Total	**80 226 300**	**85 655 000**	**78 734 800**	**75 357 901**	**75 772 533,09**	**74 237 520,52**

TITOLU 24

ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

KAPITOLU 24 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ĠLIEDA KONTRA L-FRODI"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
24 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "ĠLIEDA KONTRA L-FRODI"					
24 01 07	***Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)***	5,2	59 055 000	57 746 000	55 695 715,65	94,31
	Kapitolu 24 01 — Total		**59 055 000**	**57 746 000**	**55 695 715,65**	**94,31**

24 01 07 Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
59 055 000	57 746 000	55 695 715,65

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa dwar l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), inkluż għall-persunal tal-OLAF impjegat mad-delegazzjonijiet tal-Unjoni, li l-għan tiegħu huwa li jiġġieled il-frodi fi ħdan qafas interistituzzjonali.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 20 000.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-approprjazzjonijiet u l-persunal tal-Kumitat ta' Sorveljanza u tas-segretarjat tiegħu huma nklużi fil-baġit u fit-tabella tal-persunal tal-OLAF. Madanakollu, minħabba t-trasparenza, huwa possibbli li jiġu identifikati l-mezzi disponibbli tal-Kumitat ta' Sorveljanza fi ħdan il-baġit tal-OLAF. Abbażi ta' persunal tas-segretarjat b'seba' postijiet permanenti u b'allokazzjoni għal aġent kuntrattwali, l-approprjazzjonijiet previsti għall-ħidma tal-Kumitat ta' Sorveljanza fl-2015 jiġu għal madwar EUR 1 200 000. Dan l-ammont ikopri l-ispejjeż li ġejjin: spejjeż tal-persunal, taħriġ, missjonijiet, laqgħat interni, bini u kumpens tal-Kumitat ta' Sorveljanza.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/EC, KEFA, Euratom of 28 April 1999 li twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 u l-Artikolu 6(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 24 — ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

KAPITOLU 24 02 — PROMOZZJONI TA' ATTIVITAJIET FIL-QASAM TAL-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UE (HERCULE III)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/ 2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
24 02	PROMOZZJONI TA' ATTIVITAJIET FIL-QASAM TAL-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UE (HERCULE III)								
24 02 01	***Prevenzjoni u ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni***	1,1	14 542 300	19 307 530	14 067 100	5 677 724	13 677 700,—	1 646 459,91	8,53
24 02 51	***Tlestija ta'azzjonijiet fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi***	1,1	p.m.	792 470	p.m.	6 707 530	0,—	10 288 582,44	1 298,29
	Kapitolu 24 02 — Total		**14 542 300**	**20 100 000**	**14 067 100**	**12 385 254**	**13 677 700,—**	**11 935 042,35**	**59,38**

24 02 01 Prevenzjoni u ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 542 300	19 307 530	14 067 100	5 677 724	13 677 700,—	1 646 459,91

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri l-azzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 250/2014.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi parteċipanti kif imniżżla fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 250/2014 għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 250/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi programm biex jiġu promossi l-attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (programm Hercule III), u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 6), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha.

24 02 51 Tlestija ta'azzjonijiet fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	792 470	p.m.	6 707 530	0,—	10 288 582,44

KAPITOLU 24 02 — PROMOZZJONI TA' ATTIVITAJIET FIL-QASAM TAL-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UE (HERCULE III) *(ikompli)*

24 02 51 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba li tkopri l-kostijiet ta' tlestija għal azzjonijiet jew attivitajiet organizzati fil-qafas tal-programm Hercule II fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż il-qasam tal-prevenzjoni ta', u tal-ġlieda kontra, il-kuntrabandu u l-iffalsifikar tas-sigaretti.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tar-rendiment tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM) Nru 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8).

Id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji Komunitarji (il-programm Erkole) (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 9).

KUMMISSJONI
TITOLU 24 — ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

KAPITOLU 24 04 — SISTEMA TA' INFORMAZZJONI GĦAL KONTRA L-FRODI (AFIS)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
24 04	SISTEMA TA' INFORM-AZZJONI GĦAL KONTRA L-FRODI (AFIS)								
24 04 01	***Sostenn għal assistenza reċiproka f'affarijiet doganali u faċilitar ta' għodod elettroniċi siguri tal-komunikazzjoni għall-Istati Membri biex jirrapportaw irregolari-tajiet***	1,1	6 629 000	6 500 000	6 921 700	4 965 315	6 399 117,44	3 084 730,36	47,46
24 04 51	***Tlestija tas-sistema ta' informazzjoni għal kontra l-frodi (AFIS) preċedenti***	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	261 332	0,—	3 522 032,16	
	Kapitolu 24 04 — Total		**6 629 000**	**6 500 000**	**6 921 700**	**5 226 647**	**6 399 117,44**	**6 606 762,52**	**101,64**

24 04 01 Sostenn għal assistenza reċiproka f'affarijiet doganali u faċilitar ta' għodod elettroniċi siguri tal-komunikazzjoni għall-Istati Membri biex jirrapportaw irregolaritajiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 629 000	6 500 000	6 921 700	4 965 315	6 399 117,44	3 084 730,36

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p.1), u speċjalment l-Artikolu 23 tiegħu.

24 04 51 Tlestija tas-sistema ta' informazzjoni għal kontra l-frodi (AFIS) preċedenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	261 332	0,—	3 522 032,16

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tlestija ta' azzjonijiet appoġġati minn sistema ta' informazzjoni kontra l-frodi (AFIS).

KAPITOLU 24 04 — SISTEMA TA' INFORMAZZJONI GĦAL KONTRA L-FRODI (AFIS) *(ikompli)*

24 04 51 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p.1), u speċjalment l-Artikolu 23 tiegħu.

KUMMISSJONI

TITOLU 25

KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA

TITOLU 25

KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
25 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA"	206 099 587	205 749 587	191 983 721	191 983 721	198 336 843,34	198 525 361,10
25 02	RELAZZJONIJIET MAS-SOĊJETÀ ĊIVILI, DISPONIBILITÀ U INFORMAZZJONI	—	—	—	—	0,—	763 822,88
	Titolu 25 — Total	**206 099 587**	**205 749 587**	**191 983 721**	**191 983 721**	**198 336 843,34**	**199 289 183,98**

KUMMISSJONI
TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA

TITOLU 25

KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA

KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
25 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA"								
25 01 01	***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"***								
25 01 01 01	Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju.	5,2	154 522 190	154 522 190	140 968 887	140 968 887	145 632 060,03	145 632 060,03	94,25
25 01 01 03	Salarji, gratifiki u pagamenti tal-Membri tal-istituzzjoni	5,2	9 939 000	9 939 000	9 980 000	9 980 000	10 317 463,08	10 317 463,08	103,81
	Artikolu 25 01 01 — Subtotal		164 461 190	164 461 190	150 948 887	150 948 887	155 949 523,11	155 949 523,11	94,82
25 01 02	***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"***								
25 01 02 01	Persunal estern	5,2	6 365 994	6 365 994	6 368 382	6 368 382	5 768 507,86	5 768 507,86	90,61
25 01 02 03	Konsulenti speċjali	5,2	869 000	869 000	1 165 000	1 165 000	1 090 000,—	1 090 000,—	125,43
25 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	12 491 630	12 491 630	12 710 895	12 710 895	13 340 943,92	13 340 943,92	106,80
25 01 02 13	Nefqa maniġerjali oħra tal-Membri tal-istituzzjoni	5,2	3 950 000	3 950 000	3 950 000	3 950 000	3 752 868,23	3 752 868,23	95,01
	Artikolu 25 01 02 — Subtotal		23 676 624	23 676 624	24 194 277	24 194 277	23 952 320,01	23 952 320,01	101,16

KUMMISSJONI

TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA

KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA" *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
25 01 03	***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"***	5,2	9 861 773	9 861 773	8 949 557	8 949 557	10 514 653,74	10 514 653,74	106,62
25 01 07	***Kwalità tal-leġiżlazzjoni — Kodifika tad-dritt tal-Unjoni***	5,2	300 000	300 000	500 000	500 000	100 000,—	100 000,—	33,33
25 01 08	***Konsulenza ġuridika, litigazzjoni u ksur — spejjeż ġuridiċi***	5,2	3 700 000	3 700 000	3 700 000	3 700 000	3 721 266,28	3 721 266,28	100,57
25 01 10	***Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-operat tal-arkivji storiċi tal-Unjoni***	5,2	1 405 000	1 405 000	1 556 000	1 556 000	2 304 000,—	2 304 000,—	163,99
25 01 11	***Reġistri u pubblikazzjonijiet***	5,2	1 995 000	1 995 000	2 135 000	2 135 000	1 795 080,20	1 795 080,20	89,98
25 01 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
25 01 77 02	Azzjoni preparatorja — Sistema inter-istituzzjonali li tiddentifika x-xejriet fit-terminu twil	5,2	—	—	p.m.	p.m.	0,—	188 517,76	
25 01 77 03	Proġett Pilota — Finanzjament u appoġġ għall-kampanji dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI)	5,2	700 000	350 000					
	Artikolu 25 01 77 — Subtotal		700 000	350 000	p.m.	p.m.	0,—	188 517,76	53,86
	Kapitolu 25 01 — Total		**206 099 587**	**205 749 587**	**191 983 721**	**191 983 721**	**198 336 843,34**	**198 525 361,10**	**96,49**

25 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju tal-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"

25 01 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju.

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
154 522 190	140 968 887	145 632 060,03

25 01 01 03 Salarji, gratifiki u pagamenti tal-Membri tal-istituzzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
9 939 000	9 980 000	10 317 463,08

Kummenti

Din l-approprijazzjoni mahsuba biex tkopri:

— is-salarji bażiċi tal-Membri tal-Kummissjoni,

— il-gratifiki tar-residenza tal-Membri tal-Kummissjoni,

KUMMISSJONI
TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA

KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA" *(ikompli)*

25 01 01 *(ikompli)*

25 01 01 03 *(ikompli)*

— il-gratifiki tal-familja tal-Membri tal-Kummissjoni, li jikkomprendu:

— il-gratifika tal-unità domestika,

— il-gratifika tat-tfal dipendenti,

— il-gratifika tal-edukazzjoni,

— il-gratifiki tar-rappreżentazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni,

— il-kontribuzzjoni tal-impjegatur għal assigurazzjoni kontra l-mard u l-aċċidenti kkawżati fuq il-post tax-xogħol għal Membri tal-Kummissjoni,

— il-kontribuzzjoni tal-impjegatur għal assigurazzjoni kontra l-mard u għal *ex* Membri tal-Kummissjoni,

— għotjiet tat-twelid,

— fil-każ ta' mewt ta' Membru tal-Kummissjoni:

— ir-remunerazzjoni sħiħa tal-mejjet sal-aħħar tat-tielet xahar wara dak meta tkun seħħet il-mewt,

— il-kostijiet tat-trasport tal-ġisem lejn il-post ta' oriġini tad-deċedut,

— in-nefqa tal-ponderazzjonijiet applikati għall-emolumenti,

— il-kost tal-ponderazzjoni applikat għal parti tal-emolumenti trasferiti lejn pajjiż li mhux il-pajjiż tal-impjieg,

— il-kost ta' aġġustamenti ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Din l-approprijazzjoni maħsuba wkoll biex titqies kwalunkwe approprijazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex jiġu koperti:

— spejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-Membri tal-Kummissjoni (inkluż il-familji tagħhom) meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jħallu l-istituzzjoni,

— gratifiki tal-insedjament u risistemazzjoni dovuti lill-Membri tal-Kummissjoni meta jidħlu fl-inkarigu jew iħallu l-istituzzjoni,

— spejjeż tal-ġarr dovuti lill-Membri tal-Kummissjoni meta jidħlu fl-inkarigu jew iħallu l-istituzzjoni.

KUMMISSJONI
TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA

KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA" *(ikompli)*

25 01 01 *(ikompli)*

25 01 01 03 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea(ĠU 187, 8.8.1967, p. 1), u partikolarment l-Artikoli 2, 3, 4a, 4b, 5, 11 u 14 tiegħu.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

25 01 02 ***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"***

25 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 365 994	6 368 382	5 768 507,86

25 01 02 03 Konsulenti speċjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
869 000	1 165 000	1 090 000,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri r-remunerazzjoni ta' konsulenti speċjali, l-ispejjeż tal-missjoni tagħhom u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni kontra l-aċċidenti tal-istituzzjoni.

Bażi ġuridika

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI
TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA

KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA" *(ikompli)*

25 01 02 *(ikompli)*

25 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
12 491 630	12 710 895	13 340 943,92

25 01 02 13 Nefqa maniġerjali oħra tal-Membri tal-istituzzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 950 000	3 950 000	3 752 868,23

Kummenti

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri:

— spejjeż tal-ivvjaġġar, gratifiki ta' sussistenza ta' kuljum u nefqa addizzjonali jew eċċezzjonali mġarrba waqt missjoni,

— nefqa għall-obbligi tal-Kummissjoni għall-intratteniment u r-rappreżentazzjoni (din in-nefqa tista' ssir individwalment mill-membri tal-Kummissjoni fil-qadi ta' dmirijiethom bħala parti mill-attivitajiet tal-istituzzjoni).

Ikunu disponibbli bħala dħul assenjat rifużjonijiet tal-ispejjeż tal-missjoni mħallsa f'isem istituzzjonijiet jew korpi oħra tal-Unjoni u għal terzi.

L-ammont ta' dħul miġbur skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 20 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 187, 8.8.1967, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu.

Il-Komunikazzjoni tal-President tal-Kummissjoni Nru SEC(2004)1487 dwar il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C(2007) 3494 tat-18 ta' Lulju 2007 dwar ir-Regolament dwar l-ispejjeż ta' rappreżentanza u divertiment magħmula mill-Kummissjoni, il-President jew il-Kummissarji.

KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA" *(ikompli)*

25 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
9 861 773	8 949 557	10 514 653,74

25 01 07 Kwalità tal-leġiżlazzjoni — Kodifika tad-dritt tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
300 000	500 000	100 000,—

Kummenti

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa dwar il-kodifikazzjoni u l-abbozzar ġdid tal-istrumenti tal-Unjoni.

25 01 08 Konsulenza ġuridika, litigazzjoni u ksur — spejjeż ġuridiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 700 000	3 700 000	3 721 266,28

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet ta' qabel il-kawża u ta' medjazzjoni u għas-servizzi tal-avukati u esperti oħra li jintalbu jagħtu pariri lill-Kummissjoni.

Tkopri wkoll kostijiet ta' aġġudikamenti kontra l-Kummissjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew qrati oħra.

L-ammont ta' dhul miġbur skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 250 000.

25 01 10 Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-operat tal-arkivji storiċi tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 405 000	1 556 000	2 304 000,—

KUMMISSJONI
TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA

KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA" *(ikompli)*

25 01 10 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa għall-ġestjoni (persunal u kostijiet operatorji) tal-Istitut Universitarju Ewropew tal-arkivji storiċi tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83 tal-1 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 359/83/KEFA tat-8 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 14).

Atti ta' referenza

Kuntratt bejn il-Kummissjoni u l-Istitut Universitarju Ewropew, Firenze, iffirmat fis-17 ta' Diċembru 1984.

25 01 11 ***Reġistri u pubblikazzjonijiet***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 995 000	2 135 000	1 795 080,20

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa relatata mar-reġistri u d-dejtabejżis ta' dokumenti tal-Kummissjoni dwar proċeduri, u dokumenti istituzzjonali, ta' referenza u dokumenti uffiċjali oħra, partikolarment nefqa relatata ma':

— il-ġbir, l-analiżi u l-preparazzjoni ta' dokumenti, inklużi l-kuntratti tal-awtur u xogħol freelance,

— l-iżvilupp, iż-żamma u l-operazzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni b'appoġġ ta' tali attività,

— il-ġbir, inkluż ix-xiri ta' dejta, ta' dokumentazzjoni u tad-drittijiet għall-użu,

— l-editjar inkluż id-dħul tad-dejta u l-ġestjoni tad-dejta, ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni,

— it-tixrid permezz ta' kwalunkwe mezz, inkluż l-istampar, l-istazzjonar fuq l-Internet, id-distribuzzjoni, u l-ħażna,

— il-promozzjoni ta' dawk it-testi u d-dokumenti.

KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA" *(ikompli)*

25 01 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

25 01 77 02 Azzjoni preparatorja — Sistema interistituzzjonali li tiddentifika x-xejriet fit-terminu twil

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	p.m.	p.m.	0,—	188 517,76

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

25 01 77 03 Proġett Pilota — Finanzjament u appoġġ għall-kampanji dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
700 000	350 000				

Kummenti

Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65,11.3.2011, p. 1), waħda mid-dgħufijiet identifikati kienet in-nuqqas ta' fondi tal-Unjoni għall-iżvilupp ta' kampanji ta' komunikazzjoni maħsuba biex iżidu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-ECIs. Dan il-Proġett Pilota se jiffinanzja l-kampanji ta' komunikazzjoni għall-promozzjoni tal-ECI permezz ta' finanzjament inizjali limitat (sa EUR 2 000) biex ikopri l-ispejjeż organizzattivi, għal kull ECI rreġistrata uffiċjalment mill-Kummissjoni, għad-dewmien tal-kampanja ta' ġbir ta' firem (attwalment sena waħda).

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA ĠURIDIKA

KAPITOLU 25 02 — RELAZZJONIJIET MAS-SOĊJETÀ ĊIVILI, DISPONIBILITÀ U INFORMAZZJONI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
25 02	RELAZZJONIJIET MAS-SOĊJETÀ ĊIVILI, DISPONIBILITÀ U INFORMAZZJONI								
25 02 01	***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-arkivji storiċi tal-Unjoni***	5,2	—	—	—	—	0,—	93 320,45	
25 02 04	***Informazzjoni u pubblikazzjonijiet***								
25 02 04 01	Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-bażijiet ta' dejta dokumentarji	5,2	—	—	—	—	0,—	429 287,71	
25 02 04 02	Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-pubblikazzjonijiet diġitali	5,2	—	—	—	—	0,—	241 214,72	
	Artikolu 25 02 04 — Subtotal		—	—	—	—	0,—	670 502,43	
	Kapitolu 25 02 — Total		**—**	**—**	**—**	**—**	**0,—**	**763 822,88**	

25 02 01 Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-arkivji storiċi tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	—	0,—	93 320,45

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub sabiex ikopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu minn snin imgħoddija.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83 tal-1 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 359/83/KEFA tat-8 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar [dokument mhux disponibbli bil-Malti] (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 14).

Kompitu ġej mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Atti ta' referenza

Kuntratt bejn il-Kummissjoni u l-Istitut Universitarju Ewropew, Firenze, iffirmat fis-17 ta' Diċembru 1984.

KAPITOLU 25 02 — RELAZZJONIJIET MAS-SOĊJETÀ ĊIVILI, DISPONIBILITÀ U INFORMAZZJONI *(ikompli)*

25 02 04 Informazzjoni u pubblikazzjonijiet

25 02 04 01 Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-bażijiet ta' dejta dokumentarji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	—	0,—	429 287,71

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu minn snin imgħoddija.

Bażi ġuridika

Kompitu ġej mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

25 02 04 02 Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-pubblikazzjonijiet diġitali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	—	—	0,—	241 214,72

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu minn snin imgħoddija.

Bażi ġuridika

Kompitu ġej mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI

TITOLU 26

AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

TITOLU 26

AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
26 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"	977 516 325	977 516 325	960 248 573	960 248 573	1 035 673 029,47	1 035 673 029,47
	Riżervi (40 01 40)	*3 426 739*	*3 426 739*				
		980 943 064	980 943 064	960 248 573	960 248 573	1 035 673 029,47	1 035 673 029,47
26 02	PRODUZZJONI MULTIMEDJALI	9 600 000	9 100 000	10 000 000	8 615 910	9 710 158,19	9 277 554,69
26 03	SERVIZZI LILL-AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI, LIN-NEGOZJI U LIĊ-ĊITTADINI	26 198 000	26 153 380	26 800 000	22 926 611	25 098 681,02	24 697 824,28
	Titolu 26 — Total	**1 013 314 325**	**1 012 769 705**	**997 048 573**	**991 791 094**	**1 070 481 868,68**	**1 069 648 408,44**
	Riżervi (40 01 40)	***3 426 739***	***3 426 739***				
		1 016 741 064	**1 016 196 444**	**997 048 573**	**991 791 094**	**1 070 481 868,68**	**1 069 648 408,44**

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

TITOLU 26

AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
26 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI"					
26 01 01	***Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Amministrazzjoni tal-Kummissjoni"***	5,2	113 028 119	110 547 656	106 933 313,27	94,61
26 01 02	***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Amministrazzjoni tal-Kummissjoni"***					
26 01 02 01	Persunal estern	5,2	6 393 407	5 761 143	7 245 856,17	113,33
26 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	20 341 282	18 024 576	23 957 904,01	117,78
	Artikolu 26 01 02 — Subtotal		26 734 689	23 785 719	31 203 760,18	116,72
26 01 03	***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Amministrazzjoni tal-Kummissjoni"***	5,2	7 213 576	7 018 233	8 390 973,70	116,32
26 01 04	***Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "amministrazzjoni tal-Kummissjoni"***					
26 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għal soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċittadini Ewropej (ISA[2])	1,1	400 000	400 000	616 891,88	154,22
	Artikolu 26 01 04 — Subtotal		400 000	400 000	616 891,88	154,22
26 01 09	***Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet***	5,2	79 251 200	79 839 000	90 902 207,34	114,70
26 01 10	***Konsolidazzjoni tad-dritt tal-Unjoni***	5,2	1 400 000	1 200 000	1 629 992,51	116,43
26 01 11	***Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (L u C)***	5,2	6 719 000	6 688 000	17 198 586,83	255,97
26 01 12	***Sommarji tal-leġiżlazzjoni tal-UE***	5,2	334 000	334 000	1 321 195,80	395,57

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
26 01 20	***Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal***	5,2	26 430 000	26 648 000	26 310 215,29	99,55
26 01 21	***Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali***	5,2	37 520 000	37 025 000	43 351 867,05	115,54
26 01 22	***Infrastruttura u Loġistika (Brussell)***					
26 01 22 01	Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell	5,2	68 440 000	68 528 000	75 531 209,13	110,36
26 01 22 02	Akkwiżizzjoni u kiri ta' bini fi Brussell	5,2	214 138 000	213 368 000	178 258 795,52	83,24
26 01 22 03	Nefqa b'rabta mal-binjiet fi Brussell	5,2	75 825 000	70 893 000	88 812 918,96	117,13
26 01 22 04	Nefqa għall-apparat u l-għamara fi Brussell	5,2	7 423 000	7 170 000	10 076 339,63	135,74
26 01 22 05	Servizzi, provvisti u nefqa operatorja oħra fi Brussell	5,2	7 875 000	8 003 000	11 355 912,58	144,20
26 01 22 06	Għassa tal-binjiet fi Brussell	5,2	33 000 000	31 000 000	34 430 989,27	104,34
	Artikolu 26 01 22 — Subtotal		406 701 000	398 962 000	398 466 165,09	97,98
26 01 23	***Infrastruttura u Loġistika (Lussemburgu)***					
26 01 23 01	Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-loġistika fil-Lussemburgu (OIL)	5,2	23 658 000	24 083 000	24 433 812,18	103,28
26 01 23 02	Akkwiżizzjoni u kiri ta' bini fil-Lussemburgu	5,2	35 138 000	34 234 000	39 124 986,27	111,35
26 01 23 03	Nefqa b'rabta mal-binjiet fil-Lussemburgu	5,2	11 489 000	16 934 000	15 978 416,76	139,08
26 01 23 04	Nefqa għall-apparat u l-għamara fil-Lussemburgu	5,2	1 047 000	1 047 000	1 212 123,78	115,77
26 01 23 05	Servizzi, provvisti u nefqa operatorja oħra fil-Lussemburgu	5,2	975 000	975 000	927 223,77	95,10
26 01 23 06	Għassa tal-binjiet fil-Lussemburgu	5,2	3 740 000	6 071 000	6 431 337,95	171,96
	Artikolu 26 01 23 — Subtotal		76 047 000	83 344 000	88 107 900,71	115,86
26 01 40	***Sigurtà u monitoraġġ***	5,2	10 574 000	7 924 000	8 752 971,65	82,78

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
26 01 60	***Politika tal-persunal u maniġment***					
26 01 60 01	Servizz mediku	5,2	4 800 000	4 840 000	6 602 382,44	137,55
26 01 60 02	Nefqa għal kompetizzjonijiet, selezzjonijiet u reklutaġġ	5,2	1 770 000	1 520 000	1 486 616,11	83,99
26 01 60 04	Kooperazzjoni interistituzzjonali fl-isfera soċjali	5,2	6 958 000	7 098 000	19 118 305,97	274,77
26 01 60 06	Uffiċjali tal-istituzzjonijiet li huma assenjati temporanjament mas-servizzi ċivili nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali jew istituzzjonijiet jew impriżi pubbliċi jew privati	5,2	250 000	250 000	264 000,—	105,60
26 01 60 07	Ħsarat	5,2	150 000	150 000	11 701 000,—	7 800,67
26 01 60 08	Assigurazzjonijiet mixxellanji	5,2	60 000	59 000	58 000,—	96,67
26 01 60 09	korsijiet tal-lingwi	5,2	3 013 000	3 168 000	3 731 546,36	123,85
	Artikolu 26 01 60 — Subtotal		17 001 000	17 085 000	42 961 850,88	252,70
26 01 70	***Skejjel Ewropej***					
26 01 70 01	Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej (Brussell)	5,1	9 754 550	8 991 917	10 666 962,—	109,35
26 01 70 02	Brussell I (Uccle)	5,1	26 317 449	21 696 942	23 926 984,75	90,92
26 01 70 03	Brussell II (Woluwe)	5,1	23 615 685	22 292 410	23 177 924,—	98,15
26 01 70 04	Brussell III (Ixelles)	5,1	23 161 915	21 981 951	21 082 363,—	91,02
26 01 70 05	Brussell IV (Laeken)	5,1	14 447 033	14 650 490	11 939 154,—	82,64
26 01 70 11	Lussemburgu I	5,1	17 349 763	18 212 009	18 556 736,—	106,96
26 01 70 12	Lussemburgu II	5,1	13 487 869	13 814 799	14 493 281,—	107,45
26 01 70 21	Mol (BE)	5,1	5 932 444	5 248 393	6 380 477,—	107,55
26 01 70 22	Frankfurt am Main (DE)	5,1	5 272 904	5 727 840	7 454 653,—	141,38
	Riżervi (40 01 40)		*3 426 739*			
			8 699 643	5 727 840	7 454 653,—	
26 01 70 23	Karlsruhe (DE)	5,1	3 384 783	3 061 919	3 352 938,—	99,06
26 01 70 24	Munich (DE)	5,1	430 765	472 050	437 895,54	101,66
26 01 70 25	Alicante (ES)	5,1	3 834 021	4 043 390	6 541 581,—	170,62
26 01 70 26	Varese (IT)	5,1	10 503 399	10 021 616	9 396 475,—	89,46

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
26 01 70	*(ikompli)*					
26 01 70 27	Bergen (NL)	5,1	4 729 748	4 455 940	4 295 411,—	90,82
26 01 70 28	Culham (UK)	5,1	5 193 778	4 210 571	5 502 522,—	105,94
26 01 70 31	Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip 2	5,1	746 635	565 728	2 319 780,—	310,70
	Artikolu 26 01 70 — Subtotal		168 162 741	159 447 965	169 525 137,29	100,81
	Riżervi (40 01 40)		*3 426 739*			
			171 589 480	159 447 965	169 525 137,29	
	Kapitolu 26 01 — Total		**977 516 325**	**960 248 573**	**1 035 673 029,47**	**105,95**
	Riżervi (40 01 40)		***3 426 739***			
			980 943 064	**960 248 573**	**1 035 673 029,47**	

26 01 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji tal-qasam ta' politika "Amministrazzjoni tal-Kummissjoni"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
113 028 119	110 547 656	106 933 313,27

26 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn tal-qasam ta' politika "Amministrazzjoni tal-Kummissjoni"

26 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 393 407	5 761 143	7 245 856,17

26 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
20 341 282	18 024 576	23 957 904,01

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Amministrazzjoni tal-Kummissjoni"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
7 213 576	7 018 233	8 390 973,70

26 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "amministrazzjoni tal-Kummissjoni"

26 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għal soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċittadini Ewropej (ISA[2])

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
400 000	400 000	616 891,88

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, kif ukoll kwalunkwe nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz ad hoc, billi l-kuntratti ta' uffiċċji ta' assistenza teknika jiskadu matul is-snin ta' wara.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA magħmula skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi kandidati u, fejn japplika, mill-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fit-tmexxija amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 26 03.

26 01 09 Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
79 251 200	79 839 000	90 902 207,34

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 09 *(ikompli)*

Kummenti

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-approprjazzjonijiet għall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsima.

Fuq il-bażi tal-previżjonijiet tal-kontabilità tal-kostijiet, il-kost tas-servizzi li jwettaq għal kull istituzzjoni hija stmata kif ġej:

Parlament Ewropew	17 934 546	22,63 %
Kunsill	5 143 403	6,49 %
Kummissjoni	44 238 020	55,82 %
Qorti tal-Ġustizzja	2 417 162	3,05 %
Qorti tal-Awdituri	2 282 435	2,88 %
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	586 459	0,74 %
Kumitat tar-Reġjuni	348 705	0,44 %
Aġenziji	4 509 393	5,69 %
Oħrajn	1 791 077	2,26 %
Total	**79 251 200**	**100,00 %**

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 8 915 000.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikoli 195 sa 200 tiegħu.

26 01 10 ***Konsolidazzjoni tad-dritt tal-Unjoni***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 400 000	1 200 000	1 629 992,51

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għall-konsolidament tal-istrumenti tal-Unjoni u li jkunu disponibbli għall-pubbliku, fil-forom kollha u fuq is-sostenji kollha ta' pubblikazzjoni, strumenti konsolidati tal-Unjoni fl-ilsna kollha uffiċjali tal-Unjoni.

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 10 *(ikompli)*

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 100.

Bażi ġuridika

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgh ta' Diċembru 1992 (SN/456/92, l-Anness 3 mal-Parti A, p. 5).

Id-Dikjarazzjoni dwar il-kwalità tal-binja lingwistika tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, annessa mal-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam.

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE/Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-inizzjattiva ta' Regolamentazzjoni Intelliġenti, li minnha tagħmel parti l-konsolidazzjoni.

— Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea (COM(2010) 543 final),

— Idoneità Regolatorja tal-UE (COM(2012) 746 final),

— L-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT): Riżultati u l-Passi li Jmiss, (COM (2013) 685 final).

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Marzu 2013, fejn il-Kapijiet tal-Istati u l-Gvernijiet enfasizzaw li l-konsolidazzjoni tal-liġi tal-UE hija waħda mill-prijoritajiet tal-Unjoni (EUCO 23/13).

26 01 11 ***Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (L u C)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 719 000	6 688 000	17 198 586,83

Kummenti

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għall-pubblikazzjoni, fil-forom kollha — inklużi d-distribuzzjoni, l-ikkatalogar, l-indiċjar u l-arkivjar — ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje L u C.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 8 097 000.

Bażi ġuridika

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 254 tiegħu. Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 297 tiegħu.

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 11 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 1958 li toħloq *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (ĠU 17, 6.10.1958, p. 419/58).

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1).

26 01 12 ***Sommarji tal-leġiżlazzjoni tal-UE***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
334 000	334 000	1 321 195,80

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri l-produzzjoni ta' ġabriet fil-qosor fuq l-internet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li tkun tippreżenta b'mod konċiż l-aspetti ewlenin tal-leġiżlazzjoni tal-UE b'mod li jkun jista' jinqara faċilment, u l-iżvilupp ta' prodotti relatati.

Peress li l-ġabriet fil-qosor tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni huma proġett interistituzzjonali, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill huwa mistenni li jikkontribwixxu mit-taqsimiet rispettivi tagħhom tal-baġit ġenerali tal-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 666 000.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

Atti ta' referenza

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 1994 dwar it-tixrid elettroniku tal-liġi tal-Komunità u l-liġijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali u fuq il-kundizzjonijiet ta' aċċess imtejjeb (ĠU C 179, 01.7.1994, p. 3).

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 12 *(ikompli)*

Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2007, Nikkomunikaw dwar l-Ewropa permezz tal-Internet — Ninvolvu liċ-ċittadini (SEC(2007) 1742).

Id-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

26 01 20 ***Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
26 430 000	26 648 000	26 310 215,29

Kummenti

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-approprjazzjonijiet għall-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsima.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 406 000.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53).

26 01 21 ***Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
37 520 000	37 025 000	43 351 867,05

Kummenti

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-approprjazzjonijiet għall-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsima.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 8 119 000.

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 21 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/522/KE tas-6 ta' Novembru 2002 li tistabbilixxi l-uffiċċju għall-amministrazzjoni ta' benefiċċji u pagamenti għal prerogattivi individwali (ĠU L 183, 22.7.2003, p. 30).

26 01 22 ***Infrastruttura u Loġistika (Brussell)***

26 01 22 01 Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
68 440 000	68 528 000	75 531 209,13

Kummenti

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-approprjazzjonijiet għall-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsima.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 8 485 000.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/523/KE tas-6 ta' Novembru 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell.

26 01 22 02 Akkwiżizzjoni u kiri ta' bini fi Brussell

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
214 138 000	213 368 000	178 258 795,52

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— kera u ċens dwar binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati, u l-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, garaxxijiet u faċilitajiet tal-ipparkjar,

— il-kostijiet tax-xiri jew xiri bil-lokazzjoni ta' binjiet,

— il-kostruzzjoni ta' binjiet.

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 22 *(ikompli)*

26 01 22 02 *(ikompli)*

L-approprjazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka diretta jiddaħħlu f'diversi partiti fl-Artikolu 10 01 05.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, iżda mhux fl-uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa fir-rigward tagħhom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

Id-dħul minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA għall-kostijiet ġenerali tal-Unjoni skont l-Artikoli 76 u 82 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu fil-linji baġitarji kkonċernati b'konformità mar-Regolament Finanzjarju. L-ammont ta' dan id-dħul huwa stmat li jilħaq l-EUR 453 610.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 13 326 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 01 22 03 Nefqa b'rabta mal-binjiet fi Brussell

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
75 825 000	70 893 000	88 812 918,96

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— il-ħlas ta' primjums tal-assigurazzjoni fuq binjiet jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-istituzzjoni,

— debiti tal-ilma, il-gass, l-elettriku u għat-tisħin,

— kostijiet tal-manutenzjoni, ikkalkolati fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, għall-postijiet, liftijiet, tisħin ċentrali, apparat tal-arja kondizzjonata, eċċ.; in-nefqa li ssir b'operazzjonijiet regolari tat-tindif, inkluż ix-xiri ta' prodotti ta' manutenzjoni, ħasil, laundry u ħasil fix-xott, eċċ., u minħabba tibjid mill-ġdid, tiswijiet u forniturи użati mill-ħwienet tal-manutenzjoni (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 22 *(ikompli)*

26 01 22 03 *(ikompli)*

— in-nefqa fuq it-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,

— it-tiġdid ta' bini, pereżempju alterazzjonijiet għall-partitioning, alterazzjonijiet għall-installazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq is-serraturi, apparat elettriku, plumbing, tibjid, għata tal-art, eċċ., u l-kost tat-tibdiliet għall-kablaġġ assoċjat mal-apparat, u l-kost tal-apparat meħtieġ (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— spejjeż relatati mas-saħħa u s-sigurtà tal-individwi waqt ix-xogħol, partikolarment ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, il-bdil ta' tagħmir għall-installazzjonijiet tan-nar u kostijiet għall-ispezzjonijiet statutorji (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— nefqiet relatati ma' xogħol ta' verifika dwar l-aċċessibilita tal-bini għal persuni b'diżabilita u/jew mobilita mnaqqsa u l-introduzjoni ta' adattamenti neċessarji bħala segwitu għal verifika ta' dan it-tip sabiex il-bini jsir kompletament aċċessibbli għall-viżitaturi kollha,

— il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwiżizzjoni, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,

— nefqa oħra relatata mal-binjiet, b'mod partikolari tariffi għall-immaniġġar tal-binjiet b'diversi lokatarji, il-kostijiet marbuta ma' kejl tal-binjiet, u tariffi tal-utilitajiet (tindif u manutenzjoni tat-toroq, ġbir ta' skart, eċċ.),

— tariffi għal assistenza teknika dwar operazzjonijiet kbar ta' arredament għall-binjiet.

L-approprjazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka diretta jiddaħħlu f'diversi partiti fl-Artikolu 10 01 05.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, minbarra fl-uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

Id-dħul minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA għall-kostijiet ġenerali tal-Unjoni skont l-Artikoli 76 u 82 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu fil-linji baġitarji kkonċernati b'konformità mar-Regolament Finanzjarju. L-ammont ta' dan id-dħul huwa stmat li jilħaq l-EUR 160 620.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 10 643 800.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurta u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 22 *(ikompli)*

26 01 22 03 *(ikompli)*

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurta għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Id-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew tal-4 ta' Lulju 2007 fl-inkjesta fuq inizjattiva tiegħu OI/3/2003/JMA dwar il-Kummissjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 01 22 04 Nefqa għall-apparat u l-għamara fi Brussell

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
7 423 000	7 170 000	10 076 339,63

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rinovament ta' apparat tekniku u stallazzjonijiet, u b'mod partikolari:

  — apparat (inklużi fotokopjatriċi) għall-produzzjoni, riproduzzjoni u arkivjar tad-dokumenti f'kull forma (stampati, mezzi elettroniċi, eċċ.),

  — apparat awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, awdjokaski u unitajiet tas-swiċċijiet għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),

  — attrezzaturi tal-kċina u apparat tar-ristoranti,

  — diversi għodod għall-uffiċina tal-manutenzjoni tal-bini,

  — faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċjali b'diżabilità,

  — studji, dokumentazzjoni u taħriġ relatati ma' dan l-apparat (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 22 *(ikompli)*

26 01 22 04 *(ikompli)*

— ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:

— xiri ta' vetturi ġodda, inkluża għallinqas vettura waħda adattata għat-trasport ta' persuni b'mobilità mnaqqsa,

— il-bdil ta' vetturi li, matul is-sena, jilħqu kilometraġġ totali li jiġġustifika s-sostituzzjoni,

— il-kost tal-kiri ta' karozzi għal perjodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċità tal-flotta ta' vetturi, jew meta l-flotta tal-vetturi ma tissodisfax il-bżonnijiet ta' passiġġieri b'mobilità mnaqqsa,

— il-kost tal-manutenzjoni, it-tiswija u l-assigurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (fjuwil, lubrifikanti, tajers, tubi interni, provvisti mixxellanji, parts, għodod, eċċ.),

— diversi tipi ta' assigurazzjoni (partikolarment ir-responsabilità għal terzi persuni u l-assigurazzjoni kontra s-serq) u l-kostijiet tal-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju,

— ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, u t-tiswija ta' għamara, u partikolarment:

— ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ.,

— il-bdil ta' għamara mherrija u mkissra,

— provvista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-karti, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),

— il-kiri ta' għamara,

— kostijiet tal-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli ohrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:

— ix-xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,

— ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol partikolarment għan-nies li jaħdmu fl-uffiċina teknika u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħlijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, tkagħbir u ħmieġ anormali,

— xiri jew rimbors tal-kost ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 22 *(ikompli)*

26 01 22 04 *(ikompli)*

— ix-xiri ta' biljetti (biljett tluq biss u *business pass*), aċċess bla ħlas fuq rotot tat-trasport pubbliku għall-iffaċilitar tal-mobbiltà bejn binjiet differenti tal-Kummissjoni jew bejn binjiet tal-Kummissjoni u binjiet pubbliċi (eż. ajruport), servizzi ta' roti jew kwalunkwe mezz ieħor li jinkoraġġixxi l-użu tat-trasport pubbliku u l-mobbiltà tal-persunal tal-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni ta' vetturi ta' servizz,

— in-nefqa għax-xiri ta' materjali għas-servizzi ta' protokoll ta' ospitalità.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, minbarra fl-uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 1 599 800.

Il-ħolqien ta' approprjazzjoni speċifika għar-rimborż tal-biljetti staġunali tat-trasport pubbliku huwa miżura modesta iżda kruċjali biex jiġi kkonfermat l-impenn tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 f'konformità mal-politika tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tagħhom u mal-objettivi miftiehma tal-bidla fil-klima.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 22 *(ikompli)*

26 01 22 05 Servizzi, provvisti u nefqa operatorja oħra fi Brussell

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
7 875 000	8 003 000	11 355 912,58

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— migrazzjonijiet, riorganizzazzjonijiet u mmaniġġar dipartimentali (it-teħid tal-konsenji, il-ħażna, il-konsenja) b'rabta ma' apparat, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

— nefqa għall-ispejjeż postali u ta' spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni,

— nefqa relatata mal-forniment ta' servizzi ta' protokoll ta' ospitalità,

— nefqa għax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar esternalizzat.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, minbarra f'uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 2 401 900.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 22 *(ikompli)*

26 01 22 06 Għassa tal-binjiet fi Brussell

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
33 000 000	31 000 000	34 430 989,27

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għall-għassa ta' sorveljanza, il-kontroll tal-aċċess u servizzi oħra relatati għall-binjiet okkupati mill-Kummissjoni (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili).

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, barra uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 2 500 000.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 01 23 ***Infrastruttura u Loġistika (Lussemburgu)***

26 01 23 01 Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-loġistika fil-Lussemburgu (OIL)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
23 658 000	24 083 000	24 433 812,18

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 23 *(ikompli)*

26 01 23 01 *(ikompli)*

Kummenti

L-ammont imdaħħal jikkorrispondi mal-approprjazzjonijiet għall-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fil-Lussemburgu stabbiliti fid-dettall fl-anness speċifiku ta' din it-taqsima.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 4 066 000.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/524/KE tas-6 ta' Novembru 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fil-Lussemburgu (ĠU L 183, 22.7.2003, p. 40).

26 01 23 02 Akkwiżizzjoni u kiri ta' bini fil-Lussemburgu

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
35 138 000	34 234 000	39 124 986,27

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— kera u ċens dwar binjiet jew partijiet ta' binjiet okkupati, u l-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, garaxxijiet u faċilitajiet tal-ipparkjar,

— il-kostijiet tax-xiri jew xiri b'lokazzjoni tal-binjiet,

— il-kostruzzjoni ta' binjiet.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, minbarra f'uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

Id-dħul minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA għall-kostijiet ġenerali tal-Unjoni skont l-Artikoli 76 u 82 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu fil-linji baġitarji kkonċernati b'konformità mar-Regolament Finanzjarju. L-ammont ta' dan id-dħul huwa stmat li jilħaq l-EUR 74 433.

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 23 *(ikompli)*

26 01 23 02 *(ikompli)*

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 3 384 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 01 23 03 Nefqa b'rabta mal-binjiet fil-Lussemburgu

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
11 489 000	16 934 000	15 978 416,76

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— il-ħlas ta' primjums ta' assigurazzjoni fuq binjiet jew partijiet tal-binjiet okkupati mill-istituzzjoni,

— tariffi tal-ilma, il-gass, l-elettriku u għat-tisħin,

— kostijiet tal-manutenzjoni, ikkalkolati fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, għall-postijiet, liftijiet, tisħin ċentrali, apparat tal-arja kondizzjonata, eċċ.; in-nefqa li ssir b'operazzjonijiet regolari tat-tindif, inkluż ix-xiri ta' prodotti ta' manutenzjoni, ħasil, laundry u ħasil fix-xott, eċċ., u minħabba tibjid mill-ġdid, tiswijiet u forniturи użati mill-ħwienet tal-manutenzjoni (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— in-nefqa fuq it-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,

— it-tiġdid ta' bini, pereżempju alterazzjonijiet għall-partitioning, alterazzjonijiet għall-installazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq is-serraturi, apparat elettriku, plumbing, tibjid, għata tal-art, eċċ., u l-kost tat-tibdiliet għall-kablaġġ assoċjat mal-apparat, u l-kost tal-apparat meħtieġ (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 23 *(ikompli)*

26 01 23 03 *(ikompli)*

— spejjeż relatati mas-saħħa u s-sigurtà tal-individwi waqt ix-xogħol, partikolarment ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' apparat għat-tifi tan-nar, il-bdil ta' apparat għall-installazzjonijiet tan-nar, korsijiet ta' taħriġ u kostijiet tal-ispezzjonijiet statutorji (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— nefqiet relatati ma' xogħol ta' verifika dwar l-aċċessibilita tal-bini għal persuni b'diżabilita u/jew mobilita mnaqqsa u l-nefqiet relatati ma' xogħol ta' awditjar dwar l-aċċessibilità tal-binjiet għal persuni b'diżabilità u/jew b'mobilità mnaqqsa u l-introduzzjoni ta' adattamenti neċessarji bħala segwitu għal awditjar ta' dan it-tip sabiex il-bini jsir kompletament aċċessibbli għall-viżitaturi kollha,

— il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwiżizzjoni, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,

— nefqa oħra fuq binjiet, partikolarment tariffi għall-immaniġġar għall-binjiet b'diversi lokatarji, kostijiet ta' kejl tal-binjiet u tariffi għall-utilitajiet (tindif u manutenzjoni tat-toroq, ġbir ta' skart, eċċ.),

— tariffi għal assistenza teknika dwar operazzjonijiet kbar ta' arredament għall-binjiet.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, barra uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

Id-dħul minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA għall-kostijiet ġenerali tal-Unjoni skont l-Artikoli 76 u 82 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu fil-linji baġitarji kkonċernati b'konformità mar-Regolament Finanzjarju. L-ammont ta' dan id-dħul huwa stmat li jilħaq l-EUR 24 337.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 235 000.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurta u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurta għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 23 *(ikompli)*

26 01 23 03 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew tal-4 ta' Lulju 2007 fl-inkjesta fuq inizjattiva tiegħu OI/3/2003/JMA dwar il-Kummissjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 01 23 04 Nefqa għall-apparat u l-għamara fil-Lussemburgu

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 047 000	1 047 000	1 212 123,78

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rinovament ta' apparat tekniku u stallazzjonijiet, u partikolarment:

  — apparat (inklużi fotokopjatriċi) għall-produzzjoni, riproduzzjoni u arkivjar tad-dokumenti f'kull forma (stampati, mezzi elettroniċi, eċċ.),

  — apparat awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, awdjokaski u unitajiet tas-swiċċijiet għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),

  — attrezzaturi tal-kċina u apparat tar-ristoranti,

  — diversi għodod għall-uffiċina tal-manutenzjoni tal-binjiet,

  — faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċjali b'diżabilita,

  — studji, dokumentazzjoni u taħriġ relatati ma' dan l-apparat (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, it-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:

  — xiri ta' vetturi ġodda, inkluża għallinqas vettura waħda adattata għat-trasport ta' persuni b'mobilità mnaqqsa,

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 23 *(ikompli)*

26 01 23 04 *(ikompli)*

— il-bdil ta' vetturi li, matul is-sena, għamlu tant mili li l-bdil tagħhom huwa ġustifikat,

— il-kost ta' kiri ta' karozzi għal perjodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċità tal-flotta ta' vetturi, jew meta l-flotta tal-vetturi ma tissodisfax il-bżonnijiet ta' passiġġieri b'mobilità mnaqqsa,

— il-kost tal-manutenzjoni, it-tiswija u l-assigurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (fjuwil, lubrifikanti, tajers, tubi interni, provvisti mixxellanji, parts, għodod, eċċ.),

— diversi tipi ta' assigurazzjoni (partikolarment ir-responsabilità għal terzi persuni u l-assigurazzjoni kontra s-serq) u l-kostijiet tal-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju,

— ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, u t-tiswija ta' għamara, u partikolarment:

— ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ.,

— il-bdil ta' għamara mherrija u mkissra,

— provvista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-karti, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),

— il-kiri ta' għamara,

— kostijiet tal-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u partikolarment:

— ix-xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,

— ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal tal-uffiċina teknika u ta' persunal meħtieġa jagħmlu xogħol li għalih ikun meħtieġ protezzjoni kontra temp ħażin jew kesħa, tkagħbir u ħmieġ anormali,

— xiri jew rimborż tal-kost ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 23 *(ikompli)*

26 01 23 04 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, barra uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 128 000.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 01 23 05 Servizzi, provvisti u nefqa operatorja oħra fil-Lussemburgu

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
975 000	975 000	927 223,77

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— migrazzjoni, riorganizzazzjonijiet u mmaniġġar dipartimentali (it-teħid tal-konsenji, il-ħażna, il-konsenja) b'rabta ma' apparat, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 23 *(ikompli)*

26 01 23 05 *(ikompli)*

— nefqa għad-debiti postali u ta' spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni,

— il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar esternalizzat.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, barra uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 80 000.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 01 23 06 Għassa tal-binjiet fil-Lussemburgu

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 740 000	6 071 000	6 431 337,95

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— spejjeż li jikkonċernaw is-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, partikolarment kuntratti għall-għassa tal-binjiet, kuntratti għall-manutenzjoni tal-installazzjonijiet ta' sigurtà, korsijiet ta' taħriġ u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' apparat (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 23 *(ikompli)*

26 01 23 06 *(ikompli)*

— spejjeż relatati mas-saħħa u s-sigurtà tal-individwi waqt ix-xogħol, partikolarment ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' apparat għat-tifi tan-nar, il-bdil ta' apparat għall-installazzjonijiet tan-nar, korsijiet ta' taħriġ u kostijiet tal-ispezzjonijiet statutorji (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili).

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, barra uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

It-total tad-dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq is-EUR 160 000.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 01 40 ***Sigurtà u monitoraġġ***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
10 574 000	7 924 000	8 752 971,65

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta':

— is-sigurtà fiżika u materjali tal-persuni u tal-proprjeta, u speċjalment ix-xiri, il-kiri u l-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rinovament ta' apparat tekniku tas-sigurtà,

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 40 *(ikompli)*

— is-saħħa u s-sikurezza tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, partikolarment kostijiet ta' spezzjonijiet statutorji (spezzjonijiet ta' stallazzjonijiet tekniċi fil-binjiet, il-koordinazzjoni tas-sikurezza u l-ispezzjonijiet sanitarji u iġeniċi tal-oġġetti tal-ikel), ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni tat-tagħmir tat-tifi tan-nar, in-nefqiet f'taħriġ u tagħmir għall-pumpieri ewlenin (ECI) u għall-gwardjani tan-nirien (EPI), li l-preżenza tagħhom fil-bini hija rekwiżita bil-liġi,

— it-tfassil, il-produzzjoni u l-personalizzazzjoni tal-*laissez-passer* maħruġ mill-Unjoni.

Qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, barra uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 630 600.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1417/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-forma tal-*laissez-passer* maħruġin mill-Unjoni Ewropea. (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 26).

26 01 60 ***Politika tal-persunal u maniġment***

26 01 60 01 Servizz mediku

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
4 800 000	4 840 000	6 602 382,44

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 60 *(ikompli)*

26 01 60 01 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-kost tal-kontrolli mediċi annwali u tal-eżamijiet mediċi ta' qabel ir-reklutaġġ, tagħmir u prodotti farmaċewtiċi, għodda tax-xogħol u għamara speċjali meħtieġa għal raġunijiet mediċi kif ukoll il-kostijiet tal-Kumitat tal-Invaliditá,

— il-kost tal- persunal mediku, paramediku u psikosoċjali b'kuntratt taħt id-dritt domestiku jew bħala sostituzzjonijiet okkażjonali kif ukoll il-kost ta' servizzi esterni ta' speċjalisti mediċi meqjusa neċessarji mill-uffiċjali mediċi,

— il-kost tal-eżamijiet mediċi ta' qabel ir-reklutaġġ għall-assistenti fiċ-ċentri tal-indukrar tat-tfal,

— il-kost tal-kontrolli tas-saħħa għall-persunal espost għar-radjazzjoni,

— ix-xiri jew ir-rimborż ta' apparat fil-qafas tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, barra uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 1 793 464.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea għall-Enerġija Atomika, b'mod partikolari il-Kapitolu III tiegħu.

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurta u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurta għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-istandards bażiċi.

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 60 *(ikompli)*

26 01 60 02 Nefqa għal kompetizzjonijiet, selezzjonijiet u reklutaġġ

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 770 000	1 520 000	1 486 616,11

Kummenti

Dawn l-approprjazzjonijiet huma maħsuba biex ikopru:

— il-kostijiet marbuta mar-reklutaġġ u s-selezzjoni ta' karigi maniġerjali,

— in-nefqa għall-istedina għall-intervista tar-reklutaġġ tal-kandidati li jkollhom suċċess,

— in-nefqa għall-istedina tal-uffiċjali u persunal ieħor fid-delegazzjonijiet biex jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet u l-proċeduri tas-selezzjoni,

— il-kost tal-organizzar ta' kompetizzjonijiet u proċeduri ta' selezzjoni kif dispost fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/620/KE.

F'każijiet ġustifikati minn eżiġenzi tas-servizz u wara konsultazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal, dawn l-approprjazzjonijiet jistgħu jintużaw għal kompetizzjonijiet organizzati mill-istituzzjoni nfisha.

Din l-approprjazzjoni ma tkoprix in-nefqa tal-persunal, li l-approprjazzjonijiet għalihom jiddaħħlu fl-Artikoli 01 04 u 01 05 tat-titoli konċernati.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 103 405.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53).

Id-Deċiżjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarjat Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni, u r-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 dwar l-organizzazzjonijiet u l-ħidma tal-Uffiċċju għas-selezzjoni tal-persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 60 *(ikompli)*

26 01 60 04 Kooperazzjoni interistituzzjonali fl-isfera soċjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 958 000	7 098 000	19 118 305,97

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa għall-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (*My IntraComm*) u l-gazzetta interna ta' kull xahar, *Commission en direct*,

— nefqa oħra ta' informazzjoni u komunikazzjoni interna, inkluż il-kampanji promozzjonali,

— persunal temporanju li jaħdem f'ċentri periskolari tal-indukrar tat-tfal, ċentri tal-vaganzi u ċentri fil-beraħ immexxija mid-dipartimenti tal-Kummissjoni,

— xogħol ta' riproduzzjoni ta' dokumenti li ma jistax isir internament u jkollu jiġi esternalizzat,

— nefqa għal kuntratti tad-dritt privata ma' persuni li jissostitwixxu lill-indukraturi regolari u indukraturi tat-tfal fil-krexxijiet,

— parti mill-kostijiet taċ-ċentri rikreattivi, attivitajiet kulturali, sovvenzjonijiet lill-klabbijiet tal-persunal, u l-immaniġġar taċ-ċentri sportivi u aktar apparat għalihom,

— proġetti biex jippromwovu l-kuntatt soċjali bejn il-persunal ta' nazzjonalità differenti u l-integrazzjoni tal-persunal u l-familji tagħhom u proġettiv preventivi biex jinqdew il-bżonnijiet tal-persunal attiv u l-familji tagħhom,

— kontribuzzjoni għall-ispejjeż imġarrba mill-membri tal-persunal għall-attivitajiet bħal assistenza fid-dar, pariri ġuridiċi, ċentri fil-beraħ għat-tfal, korsijiet tal-lingwi u l-arti,

— il-kost ta' faċilitajiet ta' akkoljenza għall-uffiċjali ġodda u aġenti u l-familji tagħhom, u assitenza f'materji ta' akkomodazzjoni għall-persunal,

— nefqa għal assistenza *in natura* li tista' tingħata lil uffiċjal, *ex* uffiċjal jew superstiti ta' uffiċjal deċedut li jkunu f'ċirkostanzi partikolarment diffiċili,

— ċerta nefqa għaċ-ċentri għat-tfulija bikrija u krexxijiet oħra u faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal; id-dħul mill-kontribuzzjoni tal-ġenituri ikun disponibbli biex jerġa' jintuża,

— in-nefqa għal avvenimenti ta' rikonoxximent tal-uffiċjali, u partikolarment il-kost tal-medalji tal-20 sena servizz u rigali tal-irtirar mis-servizz,

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 60 *(ikompli)*

26 01 60 04 *(ikompli)*

— pagamenti speċifiċi lill-persuni li jirċievu pensjonijiet tal-Unjoni u dawk intitolati taħthom u kull dipendent superstiti li huma f'ċirkostanti partikolarment diffiċli,

— finanzjament ta' proġetti preventivi biex jilħqu l-bżonnijiet speċifiċi tal-*ex* persunal fid-diversi Stati Membri kif ukoll il-kontribuzzjonijiet għall-assoċjazzjonijiet ta' *ex* persunal.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

Fir-rigward ta' politika għall-assistenza ta' persuni b'diżabilità fil-kategoriji li ġejjin:

— uffiċjali u aġenti oħra f'impjieg attiv,

— konjuġi ta' uffiċjali u persunal temporanju f'impjieg attiv,

— tfal dipendenti kollha fis-sens tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

fil-limiti tal-ammonti mdaħħla fil-baġit u wara li jkun ntalab kwalunkwe intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż ta' residenza jew oriġini, din l-approprjazzjoni tkopri kwalunkwe nefqa mhux medika sostanzjata li tkun rikonoxxuta meħtieġa u li tirriżulta mid-diżabilità tagħhom.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri parti min-neqfa għall-edukazzjoni tat-tfal li għal raġunijiet pedagoġiċi inevitabbli ma jkunux jew ma jibqgħux ammessi fl-Iskejjel Ewropej, jew ma jkunux jistgħu jattendu skola Ewropea minħabba l-post tax-xogħol ta' wieħed mill-ġenituri (uffiċċji esterni).

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, barra uffiċċji ta' Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom tiddaħħal fil-Partita 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 6 582 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

26 01 60 06 Uffiċjali tal-istituzzjonijiet li huma assenjati temporanjament mas-servizzi ċivili nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali jew istituzzjonijiet jew impriżi pubbliċi jew privati

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
250 000	250 000	264 000,—

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 60 *(ikompli)*

26 01 60 06 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri spejjeż supplimentari li jiġu mis-sekondar ta' uffiċjali tal-Unjoni, jiġifieri biex jitħallsu l-gratifiki u tkun rimborżata n-nefqa li s-sekondar jintitolahom.

Maħsuba biex tkopri wkoll kostijiet dwar skemi ta' taħriġ speċjali ma' awtoritajiet u korpi fl-Istati Membri u pajjiżi terzi.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

26 01 60 07 Ħsarat

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
150 000	150 000	11 701 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— danni u l-kost tas-saldu ta' pretensjonijiet kontra l-Kummissjoni (responsabilità fil-konfront ta' terzi) fir-rigward tal-persunal tal-istituzzjoni stess u l-proċessi amministrattivi,

— nefqa marbuta ma' ċerti każijiet fejn, għal raġunijiet ta' ekwità, għandu jingħata kumpens.

26 01 60 08 Assigurazzjonijiet mixxellanji

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
60 000	59 000	58 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopru n-nefqa fuq r-responsabilità ċifili għall-operazzjonijiet u l-kuntratti l-oħra mmaniġġati mill- Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali f'isem il-Kummissjoni, l-aġenziji, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni u r-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni, u r-riċerka indiretta.

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 60 *(ikompli)*

26 01 60 08 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 01 60 09 korsijiet tal-lingwi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 013 000	3 168 000	3 731 546,36

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-kost tal-organizzazzjoni ta' korsijiet tal-lingwa għall-uffiċjali u persunal ieħor,

— il-kost tal-organizzazzjoni ta' korsijiet tal-lingwa għall-konjuġi tal-uffiċjali u persunal ieħor, b'kunsiderazzjoni għall-politika ta' integrazzjoni,

— ix-xiri ta' materjal u dokumentazzjoni,

— il-konsultazzjoni ta' esperti.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 500 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

26 01 70 Skejjel Ewropej

26 01 70 01 Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej (Brussell)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
9 754 550	8 991 917	10 666 962,—

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 70 *(ikompli)*

26 01 70 01 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-Uffiċċju tar-rappreżentant tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej (Brussell).

L-Iskejjel Ewropej iridu jikkonformaw mal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs.

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 02 Brussell I (Uccle)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
26 317 449	21 696 942	23 926 984,75

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-bażit tal-Iskola Ewropea fi Brussell-Uccle (Brussell I).

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 03 Brussell II (Woluwe)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
23 615 685	22 292 410	23 177 924,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-bażit tal-Iskola Ewropea fi Brussell-Woluwe (Brussell II).

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 70 *(ikompli)*

26 01 70 04 Brussell III (Ixelles)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
23 161 915	21 981 951	21 082 363,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-bażit tal-Iskola Ewropea fi Brussell-Ixelles (Brussell III).

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 05 Brussell IV (Laeken)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
14 447 033	14 650 490	11 939 154,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tikkontribwixxi għall-bażit tal-Iskola Ewropea fi Brussell-Laeken (Brussell IV).

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 11 Lussemburgu I

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
17 349 763	18 212 009	18 556 736,—

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 70 *(ikompli)*

26 01 70 11 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea tal-Lussemburgu I.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 2 807 973.

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 12 Lussemburgu II

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
13 487 869	13 814 799	14 493 281,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea tal-Lussemburgu II.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 1 818 384.

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 21 Mol (BE)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
5 932 444	5 248 393	6 380 477,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta' Mol.

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 70 *(ikompli)*

26 01 70 21 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 22 Frankfurt am Main (DE)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
26 01 70 22	5 272 904	5 727 840	7 454 653,—
Riżervi (40 01 40)	*3 426 739*		
Total	8 699 643	5 727 840	7 454 653,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta' Frankfurt am Main.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 8 273.

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 23 Karlsruhe (DE)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 384 783	3 061 919	3 352 938,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta' Karlsruhe.

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 70 *(ikompli)*

26 01 70 24 Munich (DE)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
430 765	472 050	437 895,54

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-bażit tal-Iskola Ewropea ta' Munich.

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 25 Alicante (ES)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 834 021	4 043 390	6 541 581,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-bażit tal-Iskola Ewropea ta' Alicante.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 3 800 000.

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 26 Varese (IT)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
10 503 399	10 021 616	9 396 475,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-bażit tal-Iskola Ewropea ta' Varese.

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 70 *(ikompli)*

26 01 70 26 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 27 Bergen (NL)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
4 729 748	4 455 940	4 295 411,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta' Bergen.

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 28 Culham (UK)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
5 193 778	4 210 571	5 502 522,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta' Culham.

Atti ta' referenza

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut tal-Iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

26 01 70 31 Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip 2

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
746 635	565 728	2 319 780,—

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI" *(ikompli)*

26 01 70 *(ikompli)*

26 01 70 31 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip 2 akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej u li ffirmaw il-ftehim finanzjarju mal-Kummissjoni.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 3 984 000.

Atti ta' referenza

Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 4886 tal-1 ta' Awwissu 2013.

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 02 — PRODUZZJONI MULTIMEDJALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
26 02	PRODUZZJONI MULTIMEDJALI								
26 02 01	***Proċeduri għall-aġġudikazzjoni u r-riklamar ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista, xogħlijiet u servizzi***	1,1	9 600 000	9 100 000	10 000 000	8 615 910	9 710 158,19	9 277 554,69	101,95
	Kapitolu 26 02 — Total		**9 600 000**	**9 100 000**	**10 000 000**	**8 615 910**	**9 710 158,19**	**9 277 554,69**	**101,95**

26 02 01 Proċeduri għall-aġġudikazzjoni u r-riklamar ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista, xogħlijiet u servizzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
9 600 000	9 100 000	10 000 000	8 615 910	9 710 158,19	9 277 554,69

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet ta':

— ġbir, proċessar, pubblikazzjoni u disseminazzjoni ta' sejħiet għall-offerta ta' kuntratti pubbliċi fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi fuq bosta medja, kif ukoll l-integrazzjoni tagħhom fis-servizzi tal-Akkwist-e għall-offerti mill-istituzzjonijiet lil impriżi u lill-awtoritajiet kontraenti. Dan jinkludi l-kost tat-traduzzjoni tal-avviżi għal sejħiet pubbliċi ippubblikati mill-istituzzjonijiet,

— il-promozzjoni u l-użu ta' tekniki ġodda ta' ġbir u disseminazzjoni tal-avviżi ta' sejħiet għall-offerta permezz ta' mezzi elettroniċi,

— l-iżvilupp u l-isfruttar ta' servizzi ta' Akkwist-e għall-istadji differenti tal-aġġudikazzjoni tal-kuntratti.

L-ammont ta' dhul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq il-EUR 20 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 1958 dwar l-istabbiliment ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (ĠU 17, 6.10.1958, p. 390/58).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2137/85 tal-25 ta' Lulju 1985 dwar il-Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku (GEIE) (ĠU L 199, 31.7.1985, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 02 — PRODUZZJONI MULTIMEDJALI *(ikompli)*

26 02 01 *(ikompli)*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33).

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar 1992 li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw mal-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU L 76, 23.3.1992, p. 14).

Id-Deċiżjoni 94/1/KESE, KE tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea bejn il-Komunitajiet Ewropej, l-Istati Membri tagħhom u r-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika tal-Islanda, il-Prinċipat ta' Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju tal-Isvezja u l-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoin f'isem il-Komunita Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1); immodifikata bis-Sentenza tal-Qorti tal-10 ta' Marzu 1998, Każ C-122/95 (Ġabra [1998] I-973).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta' Kumpanija Ewropea (SE) (ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1).

Id-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1), u b'mod partikolari il-ftehim dwar l-akkwist pubbliku.

Ir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV) (ĠU L 340, 16.12.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjeta Kooperattiva Ewropea (SCE) (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1).

Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114).

Id-Deċiżjoni 2005/15/KE tal-Kummissjoni tas-7 ta' Jannar 2005 rigward il-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-setturi tas-servizzi Postali (ĠU L 7, 11.1.2005, p. 7).

Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19).

KAPITOLU 26 02 — PRODUZZJONI MULTIMEDJALI *(ikompli)*

26 02 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) (ĠU L 170, 29.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni 2007/497/KE tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Lulju 2007 li tistabbilixxi r-Regoli dwar l-Akkwisti (BĊE/2007/5) (ĠU L 184, 14.7.2007, p. 34).

Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 842/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1564/2005 (ĠU L 222, 27.8.2011, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/16/UE tat-13 ta' Mejju 2013 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tal-akkwist pubbliku, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 184).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1336/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jemenda d-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti ta' applikazzjonijiet għall-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti (ĠU L 335, 14.12.2013, p. 17).

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 03 — SERVIZZI LILL-AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI, LIN-NEGOZJI U LIĊ-ĊITTADINI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
26 03	SERVIZZI LILL-AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI, LIN-NEGOZJI U LIĊ-ĊITTADINI								
26 03 01	***Soluzzjonijiet ta' interoperabilità u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċittadini Ewropej (ISA²)***	1,1	24 448 000	2 400 000					
26 03 51	***Tlestija tal-programm ISA***	1,1	p.m.	21 753 380	23 800 000	21 396 611	25 098 681,02	24 401 953,80	112,18
26 03 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
26 03 77 01	Azzjoni preparatorja — Programm Erasmus fl-amministrazzjoni pubblika	5,2	p.m.	p.m.	p.m.	30 000	0,—	295 870,48	
26 03 77 02	Proġett Pilota — Governanza u kwalità tal-kodiċi ta' software - Verifika ta' software liberu u b'sors miftuħ	5,2	p.m.	500 000	1 000 000	500 000			
26 03 77 03	Proġett pilota — PublicAccess.eu: Pjattaforma online għall-pubblikazzjoni proattiva tad-dokumenti mhux klassifikati tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni	5,2	500 000	500 000	1 000 000	500 000			
26 03 77 04	Proġett pilota — Komunikazzjonijiet elettroniċi kriptati tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni	5,2	1 000 000	750 000	500 000	250 000			
26 03 77 05	Proġett Pilota — Promozzjoni ta' data miftuħa kollegata (linked open data), softwer bla ħlas u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-liġijiet madwar l-Unjoni (Għodod tal-awtur għall-Emendi (Authoring Tool for Amendments - AT4AM)/ Editjar ta' Leġiżlazzjoni b'Softwer Miftuħ (Legislation Editing Open Software - LEOS), Data Miftuħa Kollegata (LOD) u Softwer b'xejn (Free Software - FS) integrazzjoni ta' softwer bla ħlas	5,2	250 000	250 000	500 000	250 000			
	Artikolu 26 03 77 — Subtotal		1 750 000	2 000 000	3 000 000	1 530 000	0,—	295 870,48	14,79
	Kapitolu 26 03 — Total		**26 198 000**	**26 153 380**	**26 800 000**	**22 926 611**	**25 098 681,02**	**24 697 824,28**	**94,43**

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 03 — SERVIZZI LILL-AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI, LIN-NEGOZJI U LIĊ-ĊITTADINI *(ikompli)*

26 03 01 Soluzzjonijiet ta' interoperabilità u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċittadini Ewropej (ISA²)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
24 448 000	2 400 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

Il-programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA²) huwa s-suċċessur tal-programm ISA (stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE) li intemm f'Diċembru 2015.

Il-Programm ISA² għandu l-għan li jimplimenta approċċ ħolistiku fejn tidħol l-interoperabilità fl-Unjoni u li jiffaċilita l-interazzjoni transfruntiera jew transsettorjali elettronika effiċjenti u effettiva bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej kif ukoll bejn dawn u ċ-ċittadini u n-negozji. Huwa jidentifika, jiżviluppa u jopera soluzzjonijiet ta' interoperabilità (oqsfa, servizzi komuni u strumenti ġeneriċi) fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni.

Il-programm se jiġi implimentat f'kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib ma' Stati Membri u ma' servizzi milquta tal-Kummissjoni permezz ta' proġetti u miżuri akkumpanjanti (sensibilizzazzjoni, promozzjoni, bini ta' komunitajiet, eċċ).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li tikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u, fejn japplika, mill-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għal provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA²) bħala mezz ta' immodernizzar tas-settur pubbliku (ĠU L 318, 4.12.2015, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 03 — SERVIZZI LILL-AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI, LIN-NEGOZJI U LIĊ-ĊITTADINI *(ikompli)*

26 03 51 Tlestija tal-programm ISA

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	21 753 380	23 800 000	21 396 611	25 098 681,02	24 401 953,80

Kummenti

Ex *Partita 26 03 01 01*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri pagamenti għar-rigward ta' impenji li jkunu għadhom pendenti missnin preċedenti taħt id-Deċiżjoni Nru 922/2009/ KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li tikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2)(e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u, fejn japplika, mill-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għal provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21(2) minn (e) sa (g) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA) (ĠU L 260, 3.10.2009, p. 20).

26 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

26 03 77 01 Azzjoni preparatorja — Programm Erasmus fl-amministrazzjoni pubblika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	30 000	0,—	295 870,48

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għadhom iridu jitħallsu minn snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 03 — SERVIZZI LILL-AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI, LIN-NEGOZJI U LIĊ-ĊITTADINI *(ikompli)*

26 03 77 *(ikompli)*

26 03 77 01 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 03 77 02 Proġett Pilota — Governanza u kwalità tal-kodiċi ta' software - Verifika ta' software liberu u b'sors miftuħ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	500 000	1 000 000	500 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Skoperti reċenti dwar il-vulnerabilità tal-infrastruttura kritika tal-informazzjoni ġibdu l-attenzjoni tal-pubbliku in ġenerali dwar il-bżonn li jinftiehem kif il-governanza u l-kwalità tal-kodiċi tas-softwer huma marbuta mas-sikurezza bażika u l-fiduċja pubblika fl-applikazzjonijiet li jintużaw ta' kuljum. Peress li kemm il-pubbliku in ġenerali kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jagħmlu użu mis-softwer b'xejn u b'sors miftuħ - minn applikazzjonijiet ta' tagħmir għall-utenti aħħarija sa sistemi ta' servers - il-Parlament Ewropew innifsu enfasizza l-bżonn ta' sforzi koordinati biex tiġi garantita u biex tinżamm l-integrità u s-sigurtà tas-softwer. Dan il-proġett pilota joffri approċċ sistematiku għall-ilħuq ta' mira li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni infushom ikunu jistgħu jikkontribwixxu lejha, b'mod partikolari billi jiżgurawli softwer essenzjali b'użu mifrux jista' jiġi fdat.

Il-Proġett Pilota hu maqsum fi tliet partijiet:

— L-ewwel taqsima tinkludi studju komparattiv u studju tal-fattibilità. L-istudju komparattiv għandu janalizza u jqabbel id-Debian Free Software Guidelines u d-deċiżjonijiet ta " konformità dwar il-kuntratt soċjali [0] f'Debian [1] mal-prattiki attwali ta' kondiviżjoni tal-kodiċi u ta' determinanti ta' konformità fi ħdan l-attivitajiet taċ-ċentru tal-ittestjar tal-vulnerabilità tal-Kummissjoni u tas-sistema ta' Applikazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja CITnet fir-rigward ta " proġetti li attwalment huma ffinanzjati mill-ISA u ppubblikati fil-JoinUp[2]. Dan l-istudju għandu wkoll jagħti valutazzjoni ġenerali tal-mudelli ta' kodiċi ta' governanza attwali tal-Kummissjoni u jidentifika proċessi simili għal proċessi fi ħdan Debian. L-għan hu li jiġu żviluppati l-aħjar prattiki fir-rigward tar-reviżjoni tal-kodiċi u tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kodiċi bl-iskop li jiġu mitigati t-theddid għas-sigurtà, partikolarment fl-attività relatata mas-softwer liberu u standards miftuħa ffinanzjati mill-Unjoni. L-istudju ta' fattibilità għandu jidentifika aġenti u partijiet interessati, jistma l-iskadenzi taż-żmien u l-mudelli ta' finanzjament, jiddetermina r-riżultati tanġibbli u l-impatti fit-tul fi, ta' u għal proġetti fejn jistgħu jiġu identifikati tali prattiki tajba.

— It-tieni parti tal-Proġett Pilota tkopri l-iżvilupp ta' metodoloġija għall-inventarju unifikata għall-Kummissjoni u l-Parlament b'mod partikolari u t-tfassil ta' inventorju sħiħ tas-softwer liberu u standards miftuħa li jintużaw fi ħdan l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. L-inventarju għandu jipprovdi bażi għall-istabbiliment tal-fatt jekk ir-riżultati tal-ewwel parti tal-proġett pilota jistgħux jiġu applikati b'suċċess.

KUMMISSJONI
TITOLU 26 — AMMINISTRAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

KAPITOLU 26 03 — SERVIZZI LILL-AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI, LIN-NEGOZJI U LIĊ-ĊITTADINI *(ikompli)*

26 03 77 *(ikompli)*

26 03 77 02 *(ikompli)*

— It-tielet parti tinvolvi rieżami ta' kodiċi eżemplari tas-softwer u ta' libreriji tas-softwer li jintużaw b'mod attiv mill-pubbliku ġenerali Ewropew u mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Din il-parti tal-proġett pilota għandha tidentifika u tiffoka b'mod partikolari fuq is-softwer jew l-elementi tas-softwer li l-isfruttament tagħhom jista' jwassal għal tfixkil gravi tas-servizzi pubbliċi jew tal-Unjoni u l-aċċess mhux awtorizzat tad-data personali, li tifforma l-bażi ta' sejħa pubblika dwar din il-kwistjoni.

Referenzi

[0] https://www.debian.org/social_contract

[1] http://cfnarede.com.br/sites/default/files/infographic_debian-v2.1.en.png

[2] https://joinup.ec.europa.eu/

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 03 77 03 Proġett pilota — PublicAccess.eu: Pjattaforma online għall-pubblikazzjoni proattiva tad-dokumenti mhux klassifikati tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	500 000	1 000 000	500 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota jappoġġja l-iżvilupp ta' pjattaforma online unika għall-pubblikazzjoni proattiva tad-dokumenti mhux klassifikati kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Il-passi prinċipali u r-riżultati tat-twettiq ta' din il-pjattaforma tal-internet ikunu:

— identifikazzjoni, elenkar u reġistrazzjoni tat-tip tad-dokumenti kollha mhux klassifikati għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ibbażati fuq approċċ "pubblikament disponibbli b'mod prestabbilit",

— valutazzjoni ta' sfidi tekniċi li għandhom jiġu ttrattati sabiex tkun żgurata is-sigurtà tal-ħżin u t-trażmissjoni tad-dokumenti kollha,

KAPITOLU 26 03 — SERVIZZI LILL-AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI, LIN-NEGOZJI U LIĊ-ĊITTADINI *(ikompli)*

26 03 77 *(ikompli)*

26 03 77 03 *(ikompli)*

— kompatibilità ta' reġistri ta' dokumenti eżistenti tal-Unjoni sabiex tiffaċilità punt ta' aċċess uniku online permezz tal-pjattaforma online l-ġdida,

— elaborazzjoni ta' struttura ta' pjattaforma tal-internet li tippermetti navigazzjoni ottimali u faċli biex tintuża,

— żvilupp ta' magna ta' riċerka integrata għar-riċerka, l-identifikazzjoni u t-tniżżil ta' dokumenti.

Żvilupp tekniku ta' pjattaforma online tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta' softwer standard miftuħ, li jikkunsidra wkoll l-isforzi ta' armonizzazzjoni u razzjonalizzazzjoni interistituzzjonali li għaddejjin bħalissa fir-rigward ta' metadata u formati, sistemi ta' informazzjoni u ġestjoni ta' dokumenti.

Il-proġett pilota jiffoka primarjament fuq id-dokumenti rigward waħda mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u b'hekk jipprovdi għodda tal-aħjar prattiki li jista' jiġi estiż għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet kollha tal-Unjoni (inklużi l-aġenziji regolatorji u eżekuttivi). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jista' jikkoordina l-proġett, meta jitqies l-għadd ta' servizzi online li diġà joffri lill-pubbliku.

Din il-pjattaforma online tgħin biex tiżgura trasparenza ġenwina, kif mitlub ripetutament mill-Parlament Ewropew, u tevita tilwim bla bżonn li jista' jiġġenera spejjeż u piżijiet mhux meħtieġa kemm għall-istituzzjonijiet kif ukoll għall-pubbliku in ġenerali.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

26 03 77 04 Proġett pilota — Komunikazzjonijiet elettroniċi kriptati tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	750 000	500 000	250 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
25 306 000	17 600 000	24 196 000	11 035 208	23 007 000,—	561 470,53

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tikkontribwixxi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa, kif ukoll il-vjolenza kontra l-gruppi l-oħra fir-riskju, b'mod partikolari gruppi fir-riskju ta' vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib, u biex jiġu protetti l-vittmi ta' tali vjolenza (taħt l-objettiv speċifiku "Daphne"); għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal; għall-iżgurar tal-ogħla livell ta' protezzjoni tal-privatezza u d-dejta personali; għall-promozzjoni u t-tisħiħ tal-eżerċizzju tad-drittijiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-Unjoni; u għall-għoti tas-setgħa lill-individwi fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi u intraprendituri fis-suq intern biex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, b'kont meħud tal-proġetti ffinanzjati taħt il-Programm tal-Konsumaturi.

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

— attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' *data* u statistika, meta xieraq diżaggregati skont is-sess, żvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet; elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi;

— attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, avvenimenti ta' taħriġ tal-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn jew moduli oħrajn ta' taħriġ,

— tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u tagħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji medjatiċi, inkluż il-media onlajn, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi tal-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza (il-"Programm"); il-kumpilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— sostenn għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-programm, bħas-sostenn għall-NGOs fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew, sostenn għal atturi ewlenin tal-Unjoni, netwerks fuq livell tal-Unjoni u servizzi armonizzati ta' valur soċjali; sostenn tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni; u sostenn għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell tal-Unjoni fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u NGOs, inkluż sostenn permezz ta' għotjiet ta' azzjoni jew għotjiet operatorji.

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 01 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62), u b'mod partikulari il-punti (e) sa (i) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) tiegħu.

33 02 02 ***Promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
33 546 000	23 000 000	32 073 000	16 321 307	31 151 000,—	836 854,86

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali, għar-rispett tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' dak stipulat fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, l-omofobija u forom oħra ta' intolleranza; għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà; u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u progress fl-integrazzjoni tas-sessi.

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjoni li ġejja:

— attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' dejta u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, skont il-każ, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet; l-elaborazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi,

— attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, sessjonijiet ta' ħidma, seminars, avvenimenti ta' taħriġ tal-ħarrieġa, żvilupp ta' moduli ta' taħriġ onlajn jew moduli oħrajn ta' taħriġ,

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 02 *(ikompli)*

— tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u tagħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji medjatiċi, inkluż il-media onlajn, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi tal-Programm Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza (il-"Programm"). il-kumpilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— sostenn għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Programm, bħas-sostenn għall-NGOs fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew, sostenn għal atturi ewlenin tal-Unjoni, netwerks fuq livell tal-Unjoni u servizzi armonizzati ta' valur soċjali; sostenn tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni; u sostenn għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell tal-Unjoni fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u NGOs, inkluż sostenn permezz ta' għotjiet ta' azzjoni jew għotjiet operatorji.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62), u b'mod partikulari l-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) tiegħu.

33 02 03 ***Id-Dritt Soċjetarju u attivitajiet oħra***

33 02 03 01 Id-Dritt Soċjetarju

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 400 000	730 000	1 483 000	761 485	1 721 981,67	673 569,83

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 03 *(ikompli)*

33 02 03 01 *(ikompli)*

Kummenti

Ex *Artikolu 12 02 01 (parzjali)*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri nefqa li tirriżulta b'rabta ma' miżuri fil-kuntest tad-Dritt Soċjetarju, il-Governanza Korporattiva u l-ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus, biex jingħata kontribut għat-tlestija tas-suq intern u l-operat tiegħu u l-iżvilupp, b'mod partikolari:

— li jitjieb l-ambjent legali għaċ-ċittadini, il-kumpaniji u n-negozji, li għalih jistgħu jiġu previsti attivitajiet ta' promozzjoni, ta' tqajjim ta' għarfien u azzjonijiet ta' taħriġ; li jingħiebu 'l quddiem il-kooperazzjoni, l-iżvilupp u l-koordinament tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tad-dritt soċjetarju u l-assistenza fil-ħolqien ta' kumpaniji Ewropej b'responsabilità limitata u raggruppamenti Ewropej ta' interess ekonomiku,

— it-tfassil ta' politika interattiva, f'dak li għandu x'jaqsam mat-tlestija, l-iżvilupp u l-operat tas-suq intern, jifforma parti mill-governanza tal-Kummissjoni u mill-inizjattivi ta' politika regolatorji biex jirrispondi aħjar għad-domandi taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tan-negozji. L-approprjazzjonijiet mdaħħla f'dan l-artikolu huma intiżi li jkopru wkoll it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni u l-azzjonijiet ta' netwerks għall-benefiċċju ta' tali parteċipanti bl-għan li t-tfassil tal-politika ta' l-Unjoni dwar is-suq intern isir aktar komprensiv u effettiv, u bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt reali tal-politiki tas-suq intern (jew in-nuqqas tagħhom) direttament,

— rieżami komprensiv tar-regolamenti bil-ħsieb li jsiru l-bidliet meħtieġa u analiżi kumplessiva tal-effikaċja tal-miżuri meħuda, biex is-suq intern ikun jista' jopera tajjeb u l-evalwazzjoni tal-impatt kumplessiv tas-suq intern fuq in-negozji u l-ekonomija, inkluż ix-xiri ta' data u l-aċċess mid-dipartimenti tal-Kummissjoni għal databażijiet esterni, kif ukoll azzjonijiet immirati għal titjib tal-fehim tal-funzjonament tas-suq intern u l-ippremjar tal-parteċipazzjoni attiva fit-trawwim tal-operat tas-suq intern,

— it-twessigħ tal-istrateġija għall-iżvilupp tal-istatistika tas-setturi tas-servizzi u tal-proġetti tal-iżvilupp statistiku, bil-kooperazzjoni tal-Eurostat u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi(OECD),

— l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-aspetti esterni tad-direttivi applikabbli fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji, ir-rikonoxximent reċiproku ta' strumenti finanzjarji fir-rigward ta' pajjiżi terzi, negozjati internazzjonali, assistenza għall-pajjiżi terzi fit-twaqqif ta' ekonomija tas-suq,

— l-implimentazzjoni ta' għadd ta' miżuri ppreżentati fil-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Dritt Soċjetarju u l-Governanza Korporattiva, li jista' jagħti lok għal studji dwar diversi suġġetti speċifiċi, fid-dawl tat-tfassil tal-proposti leġiżlattivi neċessarji,

— l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u tad-dispożizzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-ħasil ta' flus, inkluż il-parteċipazzjoni f'miżuri intergovernattivi jew *ad hoc* f'dan il-qasam; kontributi relatati mal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni bħala membru tat-Task Force għall-Azzjoni Finanzjarja (FATF, Financial Action Task Force) dwar il-ħasil ta' flus maħluq skont l-OECD,

— l-iżvilupp tal-evalwazzjonijiet u l-istudji tal-impatt fuq l-aspetti differenti tal-politiki koperti minn dan il-kapitolu għall-fini tat-tfassil ta' miżuri ġodda jew ir-reviżjoni ta' miżuri eżistenti relatati.

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 03 *(ikompli)*

33 02 03 01 *(ikompli)*

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 03 02 Attivitajiet oħra fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Ex Artikolu 12 02 01 (parzjali)

Din l-approprjazzjonijiet hija intenzjonata biex tkopri attivitajiet ta' informazzjoni, komunikazzjoni u evalwazzjoni marbuta mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-protezzjoni konsulari u d-djalogu skont l-Artikolu 17 Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari din l-approprjazzjoni tkopri attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni li jitwettqu permezz ta' siti web interni, avvenimenti pubbliċi, prodotti ta' komunikazzjoni, sħarriġ tal-Ewrobarometru, eċċ, kif ukoll l-iżvilupp ta' studji tal-impatt u ta' evalwazzjoni dwar diversi aspetti tal-qasam tad-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja.

Bażi ġuridika

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif dispost fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 06 Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 203 000	21 203 000	21 155 000	21 155 000	21 229 000,—	21 229 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-istaff u n-nefqa amministrattiva tal-Aġenzija (it-Titoli 1 u 2).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa operazzjonali (it-Titolu 3) tal-Aġenzija, li hija responsabbli li tipprovdi lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni bl-assistenza u l-għarfien espert marbut mad-drittijiet fundamentali sabiex jappoġġawhom meta jieħdu miżuri jew jifformulaw korsijiet ta' azzjoni fl-isferi rispettivi tagħhom ta' kompetenza biex jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali.

L-Aġenzija tista' tkun mistennija li twettaq l-għanijiet/ħidmiet operattivi li ġejjin:

— l-għoti ta' assistenza lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri,

— il-promozzjoni ta' netwerking tal-imsieħba u djalogu fuq il-livell tal-Unjoni,

— il-promozzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni u attivitajiet li jżidu l-għarfien biex tissaħħaħ il-viżibilità tad-drittijiet fundamentali,

— it-tħaddim effettiv tal-istruttura tal-maniġment u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet.

L-Aġenzija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 li jikkostitwixxu dħul assenjat (il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tabella ta' stabbiliment tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 06 *(ikompli)*

Ir-Regolament Nru 168/2007 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2007. F'dik id-data l-Aġenzija ssostitwiet iċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) u saret is-suċċessur legali tiegħu, u assumiet id-drittijiet u l-obbligi, l-impenji finanzjarji, ir-responsabbiltajiet, u l-kuntratti tax-xogħol kollha taċ-Ċentru kif stipulat fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 21 539 000. Ammont ta' EUR 156 000 mill-irkupru ta' surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 21 203 000 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997, li jwaqqaf Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija. (ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

33 02 07 ***Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 527 000	7 527 000	7 464 000	7 464 000	7 340 081,—	7 334 111,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u amministrattiva tal-EIGE (Titoli 1 u 2) u n-nefqa operazzjonali (Titolu 3).

L-EIGE għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

It-tabella ta' stabbiliment tal-EIGE tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 li jikkostitwixxu dħul assenjat (il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Skont id-Deċiżjoni 2006/996/KE meħuda bi ftehim komuni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-11 ta' Diċembru 2006 dwar il-post tas-sede tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 61), is-sede tal-Istitut huwa f'Vilnius.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 7 628 000. Ammont ta' EUR 101 000, li ġej mill-irkupru ta' eċċess, jiżdied mal-ammont ta' EUR 7 527 000 imdaħħal fil-baġit.

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 07 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9).

33 02 51 ***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet, iċ-ċittadinanza, u l-ugwaljanza***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	10 000 000	p.m.	19 175 584	553 382,27	44 230 037,71

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pajjiżi kandidati jistgħu jużaw l-istrument Phare ta' qabel l-adeżjoni biex ikopru n-nefqa li tirriżulta mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Il-Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif prevedut fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 51 *(ikompli)*

Il-Kompitu li jirriżulta mill-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni, kif prevista fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 1957 dwar it-termini ta' referenza u r-regoli ta' proċedura tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Minjieri (ĠU 28, 31.8.1957, p. 487).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/325/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar it-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-Iġjene u l-Ħarsien tas-Saħħa fuq ix-Xogħol (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/326/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar l-estensjoni tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni għas-Sigurtà u s-Saħħa fil-Minjieri għall-industriji kollha tal-estrazzjoni tal-minerali (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1) u d-direttivi individwali assoċjati.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/171/KE tat-23 ta' Frar 1998 dwar l-attivitajiet Komunitarji li għandhom x'jaqsmu mal-analiżi, ir-riċerka u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u s-suq tax-xogħol (ĠU L 63, 4.3.1998, p. 26).

Id-Deċiżjoni Nru 293/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2000 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (il-programm Daphne) (2000 sa 2003) dwar miżuri preventivi biex tkun miġġielda l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa (ĠU L 34, 9.2.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/750/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex tikkumbatti d-diskriminazzjoni (2001 sal-2006) (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 23).

Id-Deċiżjoni Nru 50/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1145/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar il-miżuri Komunitarji ta' inċentivazzjoni fil-qasam tax-xogħol (ĠU L 170, 29.6.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 51 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 803/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (2004 sa 2008) sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u biex tipproteġi l-vittmi u l-gruppi f'riskju (il-programm Daphne II) (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm relatat mal-qafas strateġiku tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 9).

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/252/KE tad-19 ta' April 2007, li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku "Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza" bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 110, 27.4.2007, p. 33).

Id-Deċiżjoni Nru 779/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm speċifiku sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u sabiex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jkunu f'riskju (il-Programm Daphne III) bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 173, 3.7.2007, p. 19).

Atti ta' referenza

Il-Kompitu li jirriżulta minn poteri speċifiċi li huma mogħtija direttament lill-Kummissjoni bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 136, 137 u 140 (Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 151, 153 u 156).

Il-Konvenzjoni konkluża fl-1959 bejn l-Awtorità l-Għolja tal-KEFA u ċ-Ċentru Internazzjonali tas-Sigurtà fix-Xogħol u Tagħrif tas-Saħħa (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tal-Impjiegi.

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 final).

33 02 77 ***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***

33 02 77 04 Proġett pilota — Metodoloġija trans-Ewropea għall-iżvilupp ta' politiki msejsa fuq l-evidenza għad-drittijiet tat-tfal

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	240 481	0,—	592 237,50

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 77 *(ikompli)*

33 02 77 04 *(ikompli)*

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 05 Proġett pilota — Impjieg ta' persuni fuq l-ispettru awtistiku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 06 Proġett pilota — Żvilupp ta' indikaturi li jkejlu l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-Ugwaljanza tan-Nisa u l-Irġiel fil-Ħajja Lokali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	493 781	p.m.	470 141	0,—	0,—

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 77 *(ikompli)*

33 02 77 06 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 08 Proġett pilota — Pjattaforma tal-għarfien għall-professjonisti li jittrattaw il-mutilazzjoni ġenitali femminili

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	507 432	p.m.	392 568	900 000,—	0,—

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 09 Proġett pilota— Bini ta' kapaċità għas-soċjetà ċivili tar-Roma u tishih tal-involviment tagħha fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	938 813	750 000	811 187	1 000 000,—	0,—

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 77 *(ikompli)*

33 02 77 09 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 10 Proġett pilota — Rieżami tal-istrumenti u l-programmi ta' ġbir tad-*data* tal-Unjoni f'termini ta' drittijiet fundamentali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	375 000	750 000	375 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-proġett pilota jistabbilixxi u jappoġġja grupp ta' esperti indipendenti biex iwettaq rieżami ta' kull leġiżlazzjoni, strument jew ftehim eżistenti tal-Unjoni ma' partijiet terzi f'termini tad-drittijiet fundamentali, li jinvolvu l-ġbir, iż-żamma,il-ħżin jew it-trasferiment ta' *data* personali.

Fid-dawl tal-konklużjoni ewlenija tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Kawżi Konġunti C-293/12 u C-594/12 li twaqqa' d-direttiva dwar iż-żamma tad-*data,* u b'kunsiderazzjoni għall-mixja attwali lejn l-adozzjoni ta' proposti ta' riforma tal-protezzjoni tad-*data* tal-Unjoni ppreżentati mill-Kummissjoni fil-25 ta' Jannar 2012, il-proġett pilota se jappoġġja l-attivitajiet ta' grupp ta' esperti indipendenti responsabbli għar-rieżami tal-konformità tal-istrumenti u l-mekkaniżmi tal-ġbir tad-*data* tal-Unjoni mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'attenzjoni partikolari li qed tingħata lill-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità u l-valutazzjoni ta' salvagwardji rilevanti għad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali.

L-attivitajiet tal-grupp ta' esperti jinkludu:

— katalogar ta' leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni (u kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar it-traspożizzjoni nazzjonali relatata), l-istrumenti dwar l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni, u l-ftehimiet ma' partijiet terzi li jinvolvi l-ġbir, iż-żamma jew it-trasferiment ta' *data* personali,

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 77 *(ikompli)*

33 02 77 10 *(ikompli)*

— analiżi ġuridika u r-rieżami tad-drittijiet fundamentali fid-dawl tal-aktar każistika reċenti tal-Unjoni fil-qasam tal-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali,

— analizi u valutazzjoni tal-effetti kumulattivi tal-programmi ta' ġbir ta' *data* tal-Unjoni eżistenti, bil-għan li jiġu identifikati lakuni u interferenzi potenzjali f'dawk id-drittijiet fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem,

— tfassil ta' rakkomandazzjonijiet strateġiċi speċifiċi għal kull element identifikat u rieżaminat.

Il-grupp ta' esperti indipendenti se jinkludi l-awtoritajiet ta' sorveljanza ta' protezzjoni tad-*data*, inkluż il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, u juża l-għarfien espert tagħhom.

Fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet politiċi speċifiċi, il-grupp ta' esperti jfassal ukoll linji gwida ġenerali għall-istrumenti u l-mekkaniżmi ta' ġbir ta' *data* tal-Unjoni.

Bażi ġuridika

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 11 Proġett pilota — Promozzjoni tas-sjieda u l-parteċipazzjoni mill-impjegati

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	88 574,60

Kummenti

Ex *Partita 12 02 77 04*

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 77 *(ikompli)*

33 02 77 12 Azzjoni preparatorja — Bini ta' kapaċità għas-soċjetà ċivili tar-Rom u t-tishiħ tal-parteċipazzjoni tar-Rom fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	250 000				

Kummenti

Il-Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom jistieden lill-Istati Membri jinkludu mekkaniżmi ta' monitoraġġ b'saħħithom u jinvolvu lis-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet tar-Rom, fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġija. Il-bini tal-kapaċità hu meħtieġ biex iħejji lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-Rom biex tgħin fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-programmi.

L-azzjoni preparatorja se tibni fuq il-proġett pilota appoġġjat mill-Parlament Ewropew fil-baġits tal-2014 u l-2015, li kien imfassal biex jikkontribwixxi għall-ħolqien u l-bini ta' kapaċità tas-soċjetà ċivili lokali tar-Rom, u kif ukoll jipprovdi mekkaniżmu ta' monitoraġġ rigward l-integrazzjoni u l-inklużjoni tar-Rom, speċjalment bil-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' "shadow reports". Ix-"Shadow reports" għandhom jgħinu lill-koalizzjonijiet tas-soċjetà ċivili jissupplimentaw ir-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tagħhom jew jippreżentaw informazzjoni u ċifri alternattivi. Tali rapporti jistgħu jkabbru l-għarfien lokali għall-proċessi politiċi nazzjonali u Ewropej u jirriflettu fuq l-impatt soċjali reali tal-miżuri tal-gvern. Il-monitoraġġ se jiffoka fuq l-implimentazzjoni lokali tal-istrateġiji fl-erba' oqsma ta' prijorità kontra d-diskriminazzjoni u tal-ugwaljanza bejn is-sessi (l-impjieg, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, u s-saħħa u jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-livell ta' involviment tas-soċjetà ċivili, l-użu tal-Fondi tal-Unjoni u l-integrazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni tar-Rom.

Bażi ġuridika

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 13 Proġett Pilota — Ewropa ta' diversitajiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

Kummenti

Dan il-Proġett pilota għandu jsaħħaħ il-motto tal-Unjoni Ewropea: "Magħquda fid-Diversità" speċjalment fil-livell lokali u reġjonali. Għandu jagħmilha possibbli li ċ-ċittadini tal-Unjoni f'reġjuni bi sfond multikulturali u multilingwi, jew fejn il-gruppi ta' minoranzi huma partikolarment esklużi jew soġġetti għal diskriminazzjoni, jiksbu fehim aħjar tal-kulturi, il-lingwi u l-identitajiet rispettivi tagħhom.

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 77 *(ikompli)*

33 02 77 13 *(ikompli)*

Il-fehim reċiproku, l-aċċettazzjoni u t-tolleranza huma fatturi għall-koeżistenza produttiva ta' gruppi etniċi, reliġjużi, nazzjonali u lingwistiċi differenti, kif ukoll ta' ġenerazzjonijiet differenti u gruppi ta' minoranza b'mod aktar ġenerali.

Il-Proġett pilota se jkompli jibni fuq ix-xogħol li diġà sar fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni, l-edukazzjoni u t-tagħlim tal-lingwi, iżda l-objettiv huwa wkoll li jintlaħqu gruppi differenti fis-soċjetà u li jitrawwem id-djalogu multikulturali bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni fil-livell lokali u reġjonali, u permezz ta' opportunitajiet mifthiemafil-livell tal-Unjoni.

Wieħed mill-vantaġġi tal-Unjoni u parti mir-rikkezza tagħha hi d-diversità tagħha. Id-diversità għalhekk, għandha tiġi promossa b'mod adegwat, u għandu jkun ċar li tkattar valur miżjud għall-Unjoni. Il-Proġett pilota għandu jiffinanzja korsijiet ta' taħriġ, is-seminars, il-workshops u l-konferenzi dwar kif tinżamm l-uniċità tal-Unjoni ta' diversitajiet u kif tiġi promossa l-għaqda fid-diversità.

Għandu jippromwovi wkoll l-iskambju ta' prattiki tajbin fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u jippromwovi d-diversità fil-livell lokali u reġjonali. Għandu wkoll iżid il-valur miżjud billi jgħin biex jiġu identifikati u indirizzati prattiki diskriminatorji fil-livell lokali u reġjonali, iżid is-sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-drittijiet li jirriżultaw minnha u jibni l-fehim bejn il-maġġoranza u l-minoranza fis-soċjetajiet.

Il-gruppi fil-mira għal dan il-proġett pilota ser ikunu partijiet interessati lokali u reġjonali, b'mod partikolari l-awtoritajiet pubbliċi (bliet, reġjuni u muniċipalitajiet), l-NGOs, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, l-iskejjel, is-soċjetà ċivili u n-negozji.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 02 77 14 Proġett pilota — Il-votazzjoni elettronika: "nagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji moderni għal proċeduri ta' votazzjoni aktar attivi u demokratiċi"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	500 000				

Kummenti

L-Unjoni nbidlet konsiderevolment f'dawn l-aħħar 25 sena u s-soċjetà tagħha nbidlet ukoll: Iċ-ċittadini tal-Unjoni jgawdu mil-libertà ta' moviment li għandhom u sa ċertu punt qed jgħixu u jaħdmu dejjem aktar fi Stati Membri oħra. Il-parteċipazzjoni tagħhom fil-politika fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom jista' jiġi affetwat mill-burokrazija u proċeduri ta' votazzjoni antiki. Fl-istess waqt, l-ammont baxx ta' persuni li joħorġu jivvutaw fl-elezzjonijiet, inkluż fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, illum il-ġurnata jirrappreżenta sfida għad-demokraziji. Biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, għandhom jiġu esplorati modi kif tiġi stimolata l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet min-naħa taċ-ċittadini kollha barra minn pajjiżhom, filwaqt li ssir aktar faċli li wieħed jivvota permezz ta' proċeduri semplifikati, inkluż billi jsir l-aħjar użu mit-teknoloġiji moderni.

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET, UGWALJANZA U ĊITTADINANZA *(ikompli)*

33 02 77 *(ikompli)*

33 02 77 14 *(ikompli)*

Dan il-proġett pilota għandu jeżamina l-benefiċċji potenzjali ta' benefiċċji arranġamenti alternattivi b'kunsiderazzjoni tat-televoting, b'enfasi fuq il-vantaġġi ta' sistema ta' votazzjoni elettronika, u li joħloq gwida prattika għall-televoting food. Il-gwida tista' tgħin sabiex il-proċedura ta' votazzjoni ssir aktar aċċessibbli, timmobilizza grupp akbar ta' votanti u b'hekk tissaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika fil-livell tal-Unjoni.

Abbażi tal-esperjenza rilevanti tal-Istati Membri u wara konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti, l-universitajiet u l-industrija, l-istudju għandu jevalwa il-vantaġġi u r-riskji tat-televoting.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/ 2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
33 03	ĠUSTIZZJA								
33 03 01	***Is-sostenn u l-promozzjoni tat-tħarriġ ġudizzjarju u l-iffaċilitar tal-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd***	3	33 168 000	23 210 433	30 636 000	14 993 389	28 580 000,—	7 500 543,46	32,32
33 03 02	***L-iffaċilitar u s-sostenn tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali***	3	14 570 000	10 100 000	14 415 000	7 705 708	14 228 000,—	404 701,31	4,01
33 03 04	***L-Unità tal-Unjoni Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)***	3	42 948 737	42 948 737	32 584 000	32 584 000	33 667 239,—	33 667 239,—	78,39
33 03 51	***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-ġustizzja***	3	p.m.	7 500 000	p.m.	15 578 636	365 968,85	29 386 640,53	391,82
33 03 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
33 03 77 01	Proġett pilota — Valutazzjoni tal-impatt ta' provvedimenti leġiżlattivi fid-dritt tal-kuntratti	3	—	—	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
33 03 77 02	Proġett pilota — Taħriġ ġudizzjarju Ewropew	3	p.m.	p.m.	p.m.	525 551	0,—	1 094 438,30	
33 03 77 03	Proġett pilota — Strument ta' informazzjoni għal koppji binazzjonali	3	p.m.	p.m.	p.m.	397 672	0,—	521 882,38	
33 03 77 04	Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' tfal biex ikunu konxji dwar id-drittijiet tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji	3	p.m.	394 669	p.m.	305 331	700 000,—	0,—	0
	Artikolu 33 03 77 — Subtotal		p.m.	394 669	p.m.	1 228 554	700 000,—	1 616 320,68	409,54
	Kapitolu 33 03 — Total		**90 686 737**	**84 153 839**	**77 635 000**	**72 090 287**	**77 541 207,85**	**72 575 444,98**	**86,24**

33 03 01 ***Is-sostenn u l-promozzjoni tat-tħarriġ ġudizzjarju u l-iffaċilitar tal-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
33 168 000	23 210 433	30 636 000	14 993 389	28 580 000,—	7 500 543,46

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi lejn l-appoġġ u l-promozzjoni tat-taħriġ ġudizzjarju, inkluż taħriġ lingwistiku fuq it-terminoloġija legali, bil-għan li titrawwem kultura ġudizzjarja u legali komuni u, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd, inklużi d-drittijiet għall-promozzjoni u l-appoġġ tal-vittmi tal-kriminalità, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet tad-difiża.

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA *(ikompli)*

33 03 01 *(ikompli)*

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

— attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' data u ta' statistika, meta jkun xieraq, diżaggregati skont il-ġeneru, l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, meta jkun xieraq, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet; l-elaborazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; workshops, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi,

— attivitajiet ta' taħriġ, inkluża perspettiva sensittiva għall-ġeneru, bħal skambji tal-persunal, workshops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ għal min iħarreġ, inkluż taħriġ lingwistiku fit-terminoloġija legali, u l-iżvilupp ta' għodod ta' tagħlim elettroniku u moduli ta' taħriġ oħrajn għall-membri tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju,

— tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u tagħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi tal-Programm tal-Ġustizzja (il-"Programm"); il-kumpilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni; inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-portal tal-potal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika bħala għodda biex ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja,

— sostenn għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-programm, bħas-sostenn għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni, sostenn għal atturi ewlenin tal-Unjoni u netwerks fuq livell tal-Unjoni, inkluż fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju; u sostenn għal attivitajiet ta' netwerking fil-livell Ewropew fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u organizzazzjonijiet nongovernattivi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73), u b'mod partikulari il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 6 tiegħu.

KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA *(ikompli)*

33 03 02 L-iffaċilitar u s-sostenn tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 570 000	10 100 000	14 415 000	7 705 708	14 228 000,—	404 701,31

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-faċilitazzjoni u l-appoġġ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali.

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

— attivitajiet analitiċi, bħall-ġbir ta' *data* u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, skont il-każ, indikaturi jew punti ta' riferiment; studji, riċerki, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet; l-elaborazzjoni u pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv; sessjonijiet ta' ħidma, seminars, laqgħat ta' esperti u konferenzi,

— attivitajiet ta' taħriġ, bħal skambji tal-persunal, workshops, seminars, avvenimenti ta' taħriġ għal min iħarreġ, inkluż taħriġ lingwistiku fit-terminoloġija legali, u l-iżvilupp ta' għodod ta' tagħlim elettroniku u moduli ta' taħriġ oħrajn għall-membri tal-ġudikatura u persunal ġudizzjarju,

— tagħlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, bħal identifikazzjoni, u skambji dwar, prattiċi tajba, approċċi u esperjenzi innovattivi; l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari u tagħlim reċiproku; l-organizzazzjoni ta' konferenzi, seminars, kampanji ta' informazzjoni, inkluż komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi tal-Programm tal-Ġustizzja (il-"Programm"); il-kumpilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' materjali biex tkun disseminata l-informazzjoni dwar il-Programm u r-riżultati tiegħu; l-iżvilupp, operazzjoni u manutenzjoni ta' sistemi u għodod li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni; inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-portal tal-potal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika bħala għodda biex ittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja,

— appoġġ għall-atturi ewlenin li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-programm, bħall-appoġġ għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt u l-politiki tal-Unjoni, appoġġ għal atturi ewlenin Ewropej u netwerks fuq livell Ewropew, inkluż fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju u d-drittijiet tad-difiża; u appoġġ għal attivitajiet ta ' netwerking fil-livell Ewropew fost korpi u entitajiet speċjalizzati kif ukoll awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 għalih, iridu jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA *(ikompli)*

33 03 02 *(ikompli)*

Kull dħul li jiġi mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi ta' adeżjoni, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni li ddaħħal taħt il-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provdiment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73), u b'mod partikulari il-punt (a) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 6(1) tiegħu.

33 03 04 ***L-Unità tal-Unjoni Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
42 948 737	42 948 737	32 584 000	32 584 000	33 667 239,—	33 667 239,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u amministrattiva (Titoli 1 u 2), u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma (Titolu 3).

Eurojust trid tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 li jikkostitwixxu dħul assenjat (il-punt (c) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

It-tabella ta' stabbiliment tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2016 tammonta għal total ta' EUR 43 539 737. Ammont ta' EUR 591 000 li ġej mill-irkupru ta' surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 42 948 737 imdaħħal fil-baġit.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust u li temenda d-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 138, 4.6.2009, p. 14).

KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA *(ikompli)*

33 03 51 Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-ġustizzja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	7 500 000	p.m.	15 578 636	365 968,85	29 386 640,53

Kummenti

Ex *Artikolu 33 03 51 (parzjali)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 743/2002 tal-25 ta' April 2002 li jistabbilixxi qafas ġenerali ta' attivitajiet tal-Komunità li jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' koperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet ċivili (ĠU L 115, 1.5.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/100/KE tas-26 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja biex jippromwovi ċ-ċittadinanza Ewropea (parteċipazzjoni ċivika) (ĠU L 30, 4.2.2004, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/126/ĠAI tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku Ġustizzja Kriminali bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar id-"Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja" (ĠU L 58, 24.2.2007, p. 13).

Id-Deċiżjoni Nru 1149/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku Ġustizzja Ċivili bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 16).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2005 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 final).

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA *(ikompli)*

33 03 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

33 03 77 01 Proġett pilota — Valutazzjoni tal-impatt ta' provvedimenti leġiżlattivi fid-dritt tal-kuntratti

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	—	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 03 77 02 Proġett pilota — Taħriġ ġudizzjarju Ewropew

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	525 551	0,—	1 094 438,30

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji pendenti minn snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 03 77 03 Proġett pilota — Strument ta' informazzjoni għal koppji binazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	397 672	0,—	521 882,38

KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA *(ikompli)*

33 03 77 *(ikompli)*

33 03 77 03 *(ikompli)*

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 03 77 04 Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' tfal biex ikunu konxji dwar id-drittijiet tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	394 669	p.m.	305 331	700 000,—	0,—

Kummenti

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 04 — PROGRAMM TAL-KONSUMATURI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
33 04	PROGRAMM TAL-KONSUMATURI								
33 04 01	***Salvagwardja tal-interess tal-konsumaturi u titjib tas-sikurezza u informazzjoni għalihom***	3	23 102 000	16 500 000	21 866 000	12 373 045	21 841 036,50	1 316 442,74	7,98
33 04 51	***Linja għat-tlestija tal-attivitajiet tal-Unjoni favur il-konsumaturi***	3	p.m.	1 700 000	p.m.	5 752 675	0,—	15 789 945,40	928,82
33 04 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
33 04 77 01	Proġett pilota — Trasparenza u stabilità fis-swieq finanzjarji	1,1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	104 973,—	
33 04 77 02	Azzjoni preparatorja — Miżuri ta' monitoraġġ fil-qasam ta' politika tal-konsumatur	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	370 120,—	
33 04 77 03	Proġett Pilota — Vjaġġa fl-Ewropa Applikazzjoni għall-apparat mowbajl	2	p.m.	p.m.	p.m.	100 000	500 000,—	0,—	
33 04 77 04	Proġett pilota — Taħriġ għall-SMEs dwar id-drittijiet tal-konsumatur fl-era diġitali	3	p.m.	500 000	1 000 000	500 000			
33 04 77 05	Proġett Pilota — Awtonomizzazzjoni u edukazzjoni tal-konsumatur dwar is-sigurtà tal-prodotti u sorveljanza tas-suq fis-Suq Uniku Diġitali	3	325 000	150 000					
	Artikolu 33 04 77 — Subtotal		325 000	650 000	1 000 000	600 000	500 000,—	475 093,—	73,09
	Kapitolu 33 04 — Total		**23 427 000**	**18 850 000**	**22 866 000**	**18 725 720**	**22 341 036,50**	**17 581 481,14**	**93,27**

33 04 01 Salvagwardja tal-interess tal-konsumaturi u titjib tas-sikurezza u informazzjoni għalihom

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
23 102 000	16 500 000	21 866 000	12 373 045	21 841 036,50	1 316 442,74

Kummenti

Ex *Artikolu 17 02 01*

KAPITOLU 33 04 — PROGRAMM TAL-KONSUMATURI *(ikompli)*

33 04 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-kisba tal-objettivi stabbiliti permezz tal-programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020. L-objettiv tal-Programm huwa li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u li jagħti s-setgħa lill-konsumaturi fil-qalba tas-suq intern fil-qafas tal-istrateġija ġenerali għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv billi jikkontribwixxi għas-saħħa, is-sikurezza, l-interessi legali u ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll għall-promozzjoni tad-dritt tagħhom għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u biex jorganizzaw lilhom infushom sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom, b'sostenn għall-integrazzjoni ta' dawn l-interessi tal-konsumatur f'oqsma oħra tal-politika. Il-Programm se jikkumplimenta, jagħti sostenn u jimmonitorja l-politiki tal-Istati Membri.

Dan l-objettiv ġenerali għandu jitkompla permezz ta' dawn l-erba' objettivi speċifiċi li ġejjin:

— is-sikurezza: li tiġi kkonsolidata u mtejba s-sikurezza tal-prodotti permezz ta' sorveljanza effettiva tas-suq fl-Unjoni kollha,

— informazzjoni u edukazzjoni u sostenn għall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi: li jiżdiedu l-edukazzjoni, l-informazzjoni u l-għarfien tal-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom, li tiġi żviluppata bażi ta' evidenza għall-politika tal-konsumatur u jingħata sostenn għall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, billi jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet speċifiċi tal-konsumaturi vulnerabbli,

— drittijiet u rimedju: li jiġu żviluppati u rinfurzati d-drittijiet tal-konsumaturi b'mod partikolari permezz ta' azzjoni regolatorja intelliġenti u billi jitjieb l-aċċess għal rimedju sempliċi, effiċjenti, espedjenti u bi prezz baxx inkluż is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim,

— infurzar: li jingħata sostenn għall-infurzar tad-drittijiet tal-konsumatur bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-korpi tal-infurzar nazzjonali u billi l-konsumaturi jingħataw sostenn permezz ta' pariri.

Il-programm il-ġdid jeħtieġ li jqis ukoll l-isfidi soċjetali ġodda li żdiedu fl-importanza fis-snin riċenti. Dawn jinkludu: iż-żieda fil-kumplessità fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-konsumaturi, il-bżonn li nersqu lejn xejriet iżjed sostenibbli ta' konsum, l-opportunitajiet u t-theddid li ġġib magħha d-diġitalizzazzjoni, żieda fl-esklużjoni soċjali u fl-għadd ta' konsumaturi vulnerabbli u t-tixjiħ tal-popolazzjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fil-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħlin għall-programm, f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm multiannwali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 42).

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 04 — PROGRAMM TAL-KONSUMATURI *(ikompli)*

33 04 51 Linja għat-tlestija tal-attivitajiet tal-Unjoni favur il-konsumaturi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 700 000	p.m.	5 752 675	0,—	15 789 945,40

Kummenti

Ex *Artikolu 17 02 51*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li huma relatati mas-snin preċedenti skont id-Deċiżjoni Nru 20/2004/KE. Dik id-Deċiżjoni ġiet rrevokata mid-Deċiżjoni 1926/2006/KE.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din l-intestatura baġitarja. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt l-Anness iż-"Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mdaħħlin fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punti (e) sa (g) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 20/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-finanzjament ta' azzjonijiet Komunitarji fl-appoġġ ta' politika tal-konsumatur għas-snin 2004 sa 2007 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).

33 04 77 Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

33 04 77 01 Proġett pilota — Trasparenza u stabilità fis-swieq finanzjarji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	104 973,—

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 04 — PROGRAMM TAL-KONSUMATURI *(ikompli)*

33 04 77 *(ikompli)*

33 04 77 01 *(ikompli)*

Kummenti

Ex Partita 17 02 77 01

Din il-Partita hija maħsuba sabiex tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin ta' qabel skont il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 04 77 02 Azzjoni preparatorja — Miżuri ta' monitoraġġ fil-qasam ta' politika tal-konsumatur

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	370 120,—

Kummenti

Ex *Partita 17 02 77 02*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

Bażi ġuridika

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 04 77 03 Proġett Pilota — Vjaġġa fl-Ewropa Applikazzjoni għall-apparat mowbajl

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	100 000	500 000,—	0,—

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 04 — PROGRAMM TAL-KONSUMATURI *(ikompli)*

33 04 77 *(ikompli)*

33 04 77 03 *(ikompli)*

Kummenti

Ex *Partita 17 02 77 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 04 77 04 Proġett pilota — Taħriġ għall-SMEs dwar id-drittijiet tal-konsumatur fl-era diġitali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	500 000	1 000 000	500 000		

Kummenti

Ex *Partita 17 02 77 04*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji li għad iridu jissaldaw mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-proġett pilota jgħin lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jirrispettaw il-liġi dwar il-ħarsien tal-konsumatur fl-ambjent online. Rispett aħjar tar-regoli jkun inaqqas il-problemi għall-konsumaturi u jkun ta' ġid għan-negozjanti billi jevita l-problemi mal-awtoritajiet tal-infurzar:

— il-moduli tat-taħriġ għall-SMEs dwar il-liġi tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-kuntratti tal-konsumaturi u l-ikkummerċjar għall-ambjent online, inkluż dwar id-Direttiva 2011/83/UE (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur), id-Direttiva 2000/31/KE (id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fl-Istati Membri jiġu prodotti minn kuntrattur għall-Kummissjoni u jsiru disponibbli mingħajr ħlas għall-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tan-negozji,

KAPITOLU 33 04 — PROGRAMM TAL-KONSUMATURI *(ikompli)*

33 04 77 *(ikompli)*

33 04 77 04 *(ikompli)*

— il-moduli jiġu prodotti bħala korsijiet ta' tagħlim offline għall-Istati Membri kollha (kif ukoll għan-Norveġja u l-Islanda) bil-lingwi tal-Istati Membri kollha. Fit-tieni fażi, il-moduli jistgħu jiġu adattati għall-użu online biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ transfruntier,

— l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tan-negozji jiġu inkoraġġiti jużaw dawn il-moduli biex joffru programmi ta' taħriġ lill-SMEs dwar l-obbligi tagħhom,

— il-proġett ikollu fażi tal-bidu min-nofs tal-2015 san-nofs tal-2016 għall-abbozzar tal-moduli tat-taħriġ u l-organizzazzjoni tal-proċess, u sussegwentement ikun hemm fażi operattiva. Il-moduli tat-taħriġ jiġu mtejba u adattati maż-żmien, peress li r-reazzjonijiet tal-utenti se jippermettu li jsiru tiswijiet, u t-tibdil fil-leġiżlazzjoni u fis-swieq joħloq il-ħtieġa li jsiru żidiet,

— konferenza ta' varar bil-bażi kollha kemm hi tal-partijiet interessati (l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tan-negozji, il-ġuristi, l-awtoritajiet), segwita minn konferenza kull sentejn, tagħti l-possibilità li jiġi vvalutat il-progress, tiġi analizzata r-rata ta' parteċipazzjoni, tiġi vvalutata l-effettività u tingħata viżibilità lix-xogħol.

Bażi ġuridika

Proġett pilota fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

33 04 77 05 Proġett Pilota — Awtonomizzazzjoni u edukazzjoni tal-konsumatur dwar is-sigurtà tal-prodotti u sorveljanza tas-suq fis-Suq Uniku Diġitali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
325 000	150 000				

Kummenti

Dan il-proġett pilota jinvolvi fond iddedikat għall-ittestjar ta' strateġija li għandha titwettaq taħt l-awspiċji tal-Kummissjoni.

Il-proġett pilota se jintuża bħala għajnuna għal:

— twettiq ta' kampanja ta' edukazzjoni pubblika fuq skala kbira dwar is-sikurezza ta' prodotti u sorveljanza tas-suq sabiex jitrawmu l-fehim u l-apprezzament min-naħa tal-konsumaturi u tan-negozji rigward l-isfidi tal-kummerċ elettroniku;

— żgurar ta' promozzjoni koordinata addizzjonali fil-livell tal-Unjoni.

KUMMISSJONI
TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA U KONSUMATURI

KAPITOLU 33 04 — PROGRAMM TAL-KONSUMATURI *(ikompli)*

33 04 77 *(ikompli)*

33 04 77 05 *(ikompli)*

F'Suq Uniku Diġitali verament konness, kull konsumatur għandu jkun jista' jkollu fiduċja fis-sigurtà tal-prodotti mixtrija onlajn — ikunu fejn ikunu fl-Unjoni. Dan jirrikjedi l-bini tal-fiduċja tal-konsumatur fl-operaturi ekonomiċi li jbigħu onlajn u fl-awtoritajiet li jwettqu l-kompiti ta' infurzar tagħhom filwaqt li l-konsumaturi jiġu awtonomizzati u edukati biex ikunu jistgħu jwettqu r-rwol tagħhom b'mod effikaċi bħala xerrejja responsabbli. Konsumatur diġitali awtonomizzat, protett u edukat jirrapreżenta investiment fil-futur. Dan ifisser il-protezzjoni tal-konsumatur u l-bini tal-fiduċja tiegħu, filwaqt li titjieb ir-responsabbiltà tal-konsumaturi onlajn tal-futur. Konsegwentement, il-forums nazzjonali huma l-iktar mezz xieraq biex il-konsumatur jingħata edukazzjoni u biex jagħtu għajnuna fl-edukazzjoni tal-konsumaturi tal-ġejjieni. F'dinja dejjem iktar globalizzata, is-sensibilizzazzjoni rigward id-drittijiet tal-konsumatur u l-prekawzjonijiet li għandek tieħu huma kruċjali biex jiġu żgurati l-protezzjoni, il-fiduċja u r-responsabbiltà soċjali filwaqt tal-konsum. Minħabba l-iżvilupp mgħaġġel tal-Internet, il-midja soċjali u n-netwerks onlajn kif ukoll offerti onlajn ta' prodotti li f'ħafna każijiet ikunu moda minn imkejjen oħra madwar id-dinja fejn jista' jkun li l-istandards ta' sikurezza ma jkunux bħal dawk fl-Unjoni, l-adolexxenti huma dawk l-iktar probabbli li tonqoshom din is-sensibbiltà.

Dan il-proġett pilota se jippermetti lill-partijiet interessati u ċ-ċittadini biex jitgħallmu dwar l-edukazzjoni tal-konsumatur u jgħaddu din l-informazzjoni indispensabbli lil ħaddieħor permezz ta' azzjonijiet transkurrikurali. F'dan ir-rigward, il-forniturі tas-servizz se jiksbu ukoll informazzjoni dwar kif iħallsu t-taxxa li tirriżulta minn tranżazzjonijiet transkonfinali, jiġifieri dwar kif jużaw b'mod effiċjenti s-sistema VATMOSS.

Il-membri tal-grupp espert tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti mibjugħin onlajn stabilixxew li l-iktar mod effettiv ta' protezzjoni tal-konsumatur kontra r-riskji mill-prodotti li jixtru onlajn huwa li jiġu sensibilizzati dwar il-problemi tax-xiri minn fuq l-internet u billi jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet ta' xiri onlajn infurmati sew.

Il-grupp espert bħalissa qed jaħdem fuq gwida għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li tkopri, inter alia, żewġ aspetti importanti bil-ħsieb li l-konsumaturi jiġu edukati u informati dwar is-sikurezza tal-prodotti onlajn:

— l-informazzjoni li l-konsumaturi għandhom ikunu konxji dwarha (pereżempju hemm regoli ta' sigurtà tal-prodotti u l-konsumaturi għandhom ifittxu informazzjoni dwar il-konformità ta' prodotti, u l-fatt li l-awtoritajiet huma biex jagħmlu verifiki fuq l-internet, iżda r-riżorsi u s-setgħat tagħhom huma limitati, speċjalment barra l-Unjoni, u li l-konsumaturi għandhom jużaw skemi ta' lmenti jew arranġamenti oħra biex jinfurmaw lill-awtoritajiet bil-problemi li jkunu ltaqgħu magħhom onlajn, eċċ.)

— il-modi kif dik l-informazzjoni titwassal lill-konsumaturi (eż. permezz ta' siti web, kampanji, midja soċjali, midja konvenzjonali, organizzazzjonijiet tal-konsumatur u skemi ta' ilmenti).

Meta prodotti mhux sikuri jinstabu xi mkien fl-Ewropa, huwa importanti li jkun possibbli li jitwaqqaf il-bejgħ tagħhom u li l-kumpaniji kkonċernati jiġu mġiegħla jeħduhom lura jew jirtirawhom mis-suq tal-Unjoni. Dan se joħloq aktar fiduċja fost il-konsumaturi meta jiġu biex jixtru prodotti fis-suq tal-Unjoni.

Il-proġett pilota jista' jittestja wkoll fil-prattika r-rakkomandazzjonijiet tal-gwida (li kienu intiżi li se jiġu ffinalizzati sal-aħħar tal-2015), inkluż li messaġġi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fil-lingwi kollha tal-Unjoni u jingħabar feedback. Il-fażi tal-bidu tal-proġett tkun min-nofs l-2016 sa nofs l-2017 għat-tfassil tal-moduli u l-organizzazzjoni tal-proċess, u sussegwentement se jkun hemm fażi operattiva. Il-moduli għandhom jiġu żviluppati abbażi tal-għarfien u l-linji gwida eżistenti, u għandhom jittejbu u jiġu miżjuda biż-żmien, peress li l-feedback jippermetti li jsiru xi korrezzjonijiet u l-leġiżlazzjoni jew is-swieq li jindbidlu jkunu jeħtieġu żidiet.

Bażi ġuridika

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

TITOLU 34

AZZJONI KLIMATIKA

KUMMISSJONI
TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

TITOLU 34

AZZJONI KLIMATIKA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
34 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA"	24 908 278	24 908 278	22 083 645	22 083 645	22 387 775,99	22 387 775,99
34 02	AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI	112 606 000	57 036 000	105 364 250	62 163 365	99 144 094,17	28 947 668,97
	Titolu 34 — Total	**137 514 278**	**81 944 278**	**127 447 895**	**84 247 010**	**121 531 870,16**	**51 335 444,96**

TITOLU 34

AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 34 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA"

Id-dettalji tal-Artikoli 1, 2, 3 u 5 jinsabu fil-Kapitolu XX 01

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
34 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA"					
34 01 01	***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"***	5,2	17 073 081	14 230 948	14 217 785,14	83,28
34 01 02	***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"***					
34 01 02 01	Persunal estern	5,2	1 622 964	1 645 320	1 939 816,—	119,52
34 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra	5,2	1 840 611	1 920 281	1 963 505,—	106,68
	Artikolu 34 01 02 — Subtotal		3 463 575	3 565 601	3 903 321,—	112,70
34 01 03	***Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"***	5,2	1 089 622	903 466	1 016 017,38	93,24
34 01 04	***Nefqa ta' sostenn għal oper-azzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"***					
34 01 04 01	Nefqa ta' sostenn għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) — Sotto-programm għall-Azzjoni klimatika	2	3 282 000	3 383 630	3 250 652,47	99,04
	Artikolu 34 01 04 — Subtotal		3 282 000	3 383 630	3 250 652,47	99,04
	Kapitolu 34 01 — Total		**24 908 278**	**22 083 645**	**22 387 775,99**	**89,88**

34 01 01 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
17 073 081	14 230 948	14 217 785,14

KUMMISSJONI
TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 34 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA" *(ikompli)*

34 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra b'sostenn fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"

34 01 02 01 Persunal estern

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 622 964	1 645 320	1 939 816,—

34 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 840 611	1 920 281	1 963 505,—

34 01 03 Nefqa relatata ma' apparat u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 089 622	903 466	1 016 017,38

34 01 04 Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Azzjoni klimatika"

34 01 04 01 Nefqa ta' sostenn għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) — Sottoprogramm għall-Azzjoni klimatika

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 282 000	3 383 630	3 250 652,47

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri:

— l-ospitar, il-manutenzjoni, is-sigurtà, l-assikurazzjoni tal-kwalità, l-operat u s-sostenn (ħardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) li jsostnu l-objettivi tal-politika tal-klima, bħar-Reġistru Uniku tal-UE, ir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-UE u sistemi tal-IT marbuta mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni bħal dik tal-protezzjoni tas-saff tal-ożonu u l-użu tal-gassijiet fluworirati b'effett ta' serra,

KAPITOLU 34 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TA' POLITIKA "AZZJONI KLIMATIKA" *(ikompli)*

34 01 04 *(ikompli)*

34 01 04 01 *(ikompli)*

— l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat u s-sostenn ta' sistemi xierqa ta' teknoloġija tal-informazzjoni (IT) għall-komunikazzjoni, l-għażla, l-evalwazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar dwar il-proġetti u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-proġetti,

— l-ingaġġ tal-esperti tal-IT *intra muros* biex isostnu l-iżvilupp, l-assikurazzjoni tal-kwalità, l-ittestjar u s-sigurtà ta' sistemi kritiċi tal-IT ta' sostenn għall-politika.

Hija maħsuba wkoll li tipprovdi sostenn għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti internazzjonali tal-klima, għal attivitajiet li l-Unjoni tifforma parti minnhom u għal xogħol preparatorju għal ftehimiet internazzjonali futuri li jinvolvu l-Unjoni.

Bażi ġuridika

Ara l-Kapitolu 34 02.

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

KUMMISSJONI
TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014		% Pagamenti 2014/2016
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
34 02	AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI								
34 02 01	***Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni***	2	49 435 000	22 900 000	46 972 000	22 285 864	45 442 594,67	6 372 998,91	27,83
34 02 02	***Żieda tar-reżiljenza tal-UE għat-tibdil fil-klima***	2	48 785 000	22 850 000	46 032 000	27 692 419	42 151 650,—	3 694 047,70	16,17
34 02 03	***Governanza klimatika u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha***	2	13 502 000	7 250 000	11 510 250	2 936 741	9 574 819,—	104 848,40	1,45
34 02 04	***Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiċi multilaterali u internazzjonali***	4	884 000	884 000	850 000	763 901	775 030,50	775 030,50	87,67
34 02 51	***Tlestija ta' programmi preċedenti tal-azzjoni klimatika***	2	—	1 900 000	—	5 874 440	0,—	13 448 743,46	707,83
34 02 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***								
34 02 77 01	Azzjoni preparatorja — Razzjonalizzazzjoni tal-azzjoni klimatika, adattament u innovazzjoni	2	p.m.	1 000 000	p.m.	2 250 000	0,—	4 300 000,—	430,00
34 02 77 02	Proġett pilota — Użu effiċjenti tal-finanzjament tal-UE b'rabta mal-klima: l-użu tattoroq bħala indikatur bikri tal-prestazzjoni għall-proġetti REDD+	2	p.m.	252 000	p.m.	360 000	1 200 000,—	252 000,—	100,00
	Artikolu 34 02 77 — Subtotal		p.m.	1 252 000	p.m.	2 610 000	1 200 000,—	4 552 000,—	363,58
	Kapitolu 34 02 — Total		**112 606 000**	**57 036 000**	**105 364 250**	**62 163 365**	**99 144 094,17**	**28 947 668,97**	**50,75**

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI *(ikompli)*

34 02 01 Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
49 435 000	22 900 000	46 972 000	22 285 864	45 442 594,67	6 372 998,91

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja miżuri biex isostnu r-rwol tal-Unjoni fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' politika u leġiżlazzjoni fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Tinkludi l-monitoraġġ ta' integrazzjoni fl-oqsma tal-politika billi tiżviluppa, tittestja u turi approċċi ta' politika jew ġestjoni, l-aħjar prassi, soluzzjonijiet għall-klima, ittejjeb il-bażi tal-għarfien tal-mitigazzjoni effettiva tal-klima, ittejjeb il-kapaċità tagħha biex tapplika fil-prattika, tiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċi integrati u pjanijiet ta' azzjoni fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, kif ukoll il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp u l-wiri ta' teknoloġiji, sistemi, metodi u strumenti innovattivi ta' karbonju baxx biex jiġu replikati, trasferiti jew integrati.

Jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet li ġejjin:

— l-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni taħt il-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC),

— l-iżvilupp ta' politiki ġodda u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett eżistenti "Klima u Enerġija", il-kisba tal-miri tal-klima/enerġija 20/20/20 tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-"Qafas 2030 għall-klima u l-enerġija" li jsostnu t-tranżizzjoni lejn ekonomija/soċjetà b'karbonju baxx u reżiljenti għall-klima,

Il-miżuri ffinanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet ta' azzjoni, għotjiet tal-operat, strumenti finanzjarji, proċeduri tal-akkwist jew kwalunkwe intervenzjoni oħra meħtieġa (l-Artikoli 17, 18, 21 u 22 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013) inkluż:

— il-kooperazzjoni mal-Eurocontrol dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema tal-Unjoni Ewropea ta' Negozjar ta' Emissjonijiet fl-avjazzjoni,

— l-ispejjeż tal-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat u s-sostenn (ħardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi ta' sostenn għall-politika, b'mod partikolari iżda mhux esklussivament ir-Reġistru Uniku tal-UE, ir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-UE u s-Sistema ta' Monitoraġġ ta' Sustanzi Qerrieda tal-Ożonu (ODS) u Gassijiet Fluworurati.

Mill-anqas 81 % tar-riżorsi baġitarji għall-Programm LIFE għandhom jiġu allokati għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew, fejn ikun xieraq, strumenti finanzjarji (l-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom, għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-fini li jinkisbu l-objettivi tal-azzjoni klimatika.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu.

KUMMISSJONI
TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI *(ikompli)*

34 02 02 Żieda tar-reżiljenza tal-UE għat-tibdil fil-klima

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
48 785 000	22 850 000	46 032 000	27 692 419	42 151 650,—	3 694 047,70

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja miżuri biex isostnu r-rwol tal-Unjoni fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' politika u leġiżlazzjoni fil-qasam tal-adattament għat-tibdil fil-klima. Din tinkludi l-monitoraġġ ta' integrazzjoni fl-oqsma tal-politika billi tiżviluppa, tittestja u turi approċċi ta' politika jew ġestjoni, l-aħjar prassi, soluzzjonijiet għall-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż, fejn xieraq, approċċi bbażati fuq l-ekosistema, ittejjeb il-bażi tal-għarfien tal-adattament effettiv tat-tibdil fil-klima, ittejjeb il-kapaċità tagħha biex tapplika fil-prattika, tiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċi integrati ta' pjanijiet ta' strateġiji u azzjoni għall-adattament għall-impatt tat-tibdil fil-klima fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, kif ukoll il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp u l-wiri ta' teknoloġiji, sistemi, metodi u strumenti innovattivi biex jiġu replikati, trasferiti jew integrati, billi jitqiesu l-prijoritajiet li ġejjin:

— l-iżvilupp ta' politiki ġodda u implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett eżistenti "Klima u Enerġija", il-kisba tal-miri tal-klima/enerġija 20/20/20 tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-"Qafas 2030 għall-klima u l-enerġija" u l-Istrateġija ta' Adattament tal-UE li ssostni t-tranżizzjoni lejn ekonomija/soċjetà b'karbonju baxx u reżiljenti għall-klima,

— l-isfruttar tal-kontribuzzjoni ta' bosta politiki tal-Unjoni (b'mod partikolari dawk tal-koeżjoni, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-programmi dwar it-trasport u l-enerġija, l-azzjonijiet esterni, eċċ.) għall-azzjoni klimatika, b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' integrazzjoni u ta' adattament.

— l-iżvilupp ta' mekkaniżmi innovattivi ta' sostenn għall-isfruttar komplut tal-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda sabiex jitnaqqas it-telf ikkawżat minn avvenimenti marbuta mat-tibdil fil-klima bħal nixfa kbira u għargħar kbir u avvenimenti klimatiċi estremi, kif ukoll sabiex tiġi żviluppata l-kapaċità tal-Unjoni għall-prevenzjoni u r-rispons għad-diżastri,

— is-sostenn għall-iżvilupp ta' għodod ta' "protezzjoni klimatika", valutazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskji tal-programmi u miżuri sabiex jissaħħu l-kapaċità ta' adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u metodoloġiji ta' "traċċar tal-klima" sabiex tiġi mmonitorjata n-nefqa marbuta mal-klima taħt l-objettiv ta' simplifikazzjoni "sabiex jiżdied il-proporzjon ta' simplifikazzjoni klimatika għal mill-inqas 20 % tal-baġit totali tal-Unjoni tal-futur fl-2014-20", bil-kontribuzzjoni minn politiki differenti,

Il-miżuri finanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet ta' azzjoni, għotjiet tal-operat, strumenti finanzjarji, proċeduri tal-akkwist jew kwalunkwe intervenzjoni oħra li tkun meħtieġa (l-Artikoli 17, 18, 21 u 22 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Mill-anqas 81 % tar-riżorsi baġitarji għall-Programm LIFE għandhom jiġu allokati għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew, fejn ikun xieraq, strumenti finanzjarji (l-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom, għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-objettivi tal-azzjoni klimatika.

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI *(ikompli)*

34 02 02 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185) u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu.

34 02 03 ***Governanza klimatika u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
13 502 000	7 250 000	11 510 250	2 936 741	9 574 819,—	104 848,40

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja miżuri biex issostni r-rwol tal-Unjoni biex ittejjeb l-amministrazzjoni klimatika billi tifrex l-involviment tal-partijiet konċernati, inkluż Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika, il-bini tal-kapaċità, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni ta' politiki/leġiżlazzjoni fil-qasam tal-azzjoni klimatika u għarfien dwar l-iżvilupp sostenibbli, sostenn għall-komunikazzjoni, il-ġestjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni, l-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tal-għarfien ta' soluzzjonijiet u prattiċi klimatiċi li kellhom suċċess inkluż l-iżvilupp ta' pjattaformi fost il-partijiet konċernati permezz ta' pjattaformi ta' kooperazzjoni, li jikkontribwixxu għal konformità iktar effettiva mal-leġiżlazzjoni klimatika u l-infurzar, b'mod partikolari billi tippromwovi l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tal-aħjar prassi u l-approċċi tal-politika ("stejjer ta' suċċess").

Jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet li ġejjin:

— l-iżvilupp ta' politiki ġodda u implimentazzjoni ulterjuri tal-pakkett eżistenti "Klima u Enerġija", il-kisba tal-miri tal-klima/enerġija 20/20/20 tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-"Qafas 2030 għall-klima u l-enerġija" u l-Istrateġija ta' Adattament tal-UE li ssostni t-tranżizzjoni lejn ekonomija/soċjetà b'karbonju baxx u reżiljenti għall-klima,

— il-promozzjoni ta' entitajiet mhux għall-profitt primarjament attivi fil-qasam tal-azzjoni klimatika f'livell Ewropew u involuti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bil-għan li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni ta' dawn l-NGOs fil-proċess ta' djalogu dwar it-tfassil tal-politika dwar l-azzjoni klimatika, fl-implimentazzjoni tagħha u fil-proċess Ewropew ta' standardizzazzjoni sabiex tiġi żgurata rappreżentanza bilanċjata tal-partijiet konċernati u l-integrazzjoni sistematika ta' aspetti relatati mal-klima.

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla tal-proġetti u l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditu ta' proġetti taħt il-programm LIFE (inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi sostnuti permezz ta' għotjiet għall-operat) jistgħu wkoll jiġu ffinanzjati permezz ta' din l-approprjazzjoni.

Il-miżuri finanzjati minn LIFE jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet ta' azzjoni, għotjiet tal-operat, strumenti finanzjarji, proċeduri tal-akkwist jew kwalunkwe intervenzjoni oħra li hija meħtieġa (l-Artikoli 17, 18, 21 u 22 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

KUMMISSJONI
TITOLU 34 — AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 34 02 — AZZJONI KLIMATIKA FIL-LIVELL TAL-UE U INTERNAZZJONALI *(ikompli)*

34 02 03 *(ikompli)*

Mill-anqas 81 % tar-riżorsi baġitarji għall-Programm LIFE għandhom jiġu allokati għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet għal azzjoni jew, fejn ikun xieraq, strumenti finanzjarji (l-Artikolu 17(4) 22 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013).

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom, għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-objettivi tal-azzjoni klimatika.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185) u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

34 02 04 ***Kontribuzzjoni għal ftehimiet klimatiċi multilaterali u internazzjonali***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2016		Approprjazzjonijiet 2015		Eżitu 2014	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
884 000	884 000	850 000	763 901	775 030,50	775 030,50

Kummenti

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tagħti garanzija tal-UE lill-BIE kontra telf taħt operazzjonijiet ta' finanzjament li jippoġġjaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u ta' sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020. Il-limitu massimu ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BIE m'għandux jisboq EUR 30 000 000 000 maqsumin f'limitu massimu fiss ta' ammont massimu ta' EUR 27 000 000 000 u ammont addizzjonali fakultattiv ta' EUR 3 000 000 000 li għandu jiġi deċiż skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara l-eżerċizzju ta' rieżami ta' nofs it-terminu. Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat li jkun għadu dovut.

4. ***Effett fuq il-baġit***

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), u sussegwentement tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145,10.6.2009, p. 10), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur,

— l-għoti, f'serje ta' każijiet, ta' sussidji fuq ir-rata tal-imgħax ta' 2 % f'għajnuna mhux rimborsabbli, suġġetta għall-ammonti kumplessivi stabbiliti mill-Protokolli Finanzjarji.

Is-self mal-Istati Membri l-ġodda m'għadhomx azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

IX. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LIL PAJJIŻI TERZI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U TAL-PUNENT TAL-BALKANI

1. *Bażi ġuridika*

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddlu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 1989 mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investiment li tikkonċerna l-operazzjonijiet tal-Bank fl-Ungerija u l-Polonja.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/62/KEE tat-12 ta' Frar 1990 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 42, 16.2.1990, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/252/KEE tal-14 ta' Mejju 1991 li testendi għaċ-Ċekoslovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija d-Deċiżjoni 90/62/KEE li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 123, 18.5.1991, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/166/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti ta' investiment imwettqa fl-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 42).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/696/KE tat-13 ta' Diċembru 1993 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self għal proġetti f'pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (il-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija) (ĠU L 321, 23.12.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bosnja-Ħerzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/348/KE tad-19 ta' Mejju 1998 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti f'l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 155, 29.5.1998, p. 53).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/729/KE tal-14 ta' Diċembru 1998 li temenda d-Deċiżjoni 97/256/KE sabiex testendi l-garanzija Komunitarja mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri self għal proġetti fil-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 346, 22.12.1998, p. 54).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self li jingħata għal proġetti 'l barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/688/KE tas-7 ta' Novembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE sabiex testendi l-garanzija tal-Komunità mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri s-self għal proġetti fil-Kroazja (ĠU L 285, 10.11.2000, p. 20).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/778/KE tas-6 ta' Novembru 2001 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE sabiex testendi l-garanzija Komunitarja mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri self għal proġetti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 292, 11.11.2001, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda Deċiżjoni 2000/24/KE biex tikkonsidra t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159M , 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016 / KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009 / KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 13 ta' Lulju 2009 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p . 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

2. ***Garanzija tal-baġit tal-Unjoni***

Id-Deċiżjoni 90/62/KEE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment fl-24 ta' April 1990 fi Brussell u fl-14 ta' Mejju 1990 fil-Lussemburgu li jikkonċerna self fl-Ungerija u l-Polonja, u l-estensjoni ta' dan il-kuntratt għal self fiċ-Ċekoslovakkja, ir-Rumanija u l-Bulgarija ffirmat fil-31 ta' Lulju 1991 fi Brussell u fil-Lussemburgu.

Dan il-kuntratt ta' garanzija kien is-suġġett ta' strument iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Jannar 1993 u fil-Lussemburgu fl-4 ta' Frar 1993 biex jibdel ir-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka fir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka mill-1 ta' Jannar 1993.

Id-Deċiżjoni 93/696/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment fi Brussell fit-22 ta' Lulju 1994 u fil-Lussemburgu fit-12 ta' Awwissu 1994.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 98/348/KE u d-Deċiżjoni 98/729/KE huma l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li tistabbilixxi garanzija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mingħajr l-ammonti rimborżati, flimkien mas-somom kollha relatati. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi ta' kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

3. ***Deskrizzjoni***

Bi tweġiba għal sejħa magħmula mill-Kunsill fid-9 ta' Ottubru 1989, il-Bord ta' Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investiment iddeċieda fid-29 ta' Novembru 1989 li jawtorizza self mir-riżorsi proprji tiegħu għall-finanzjament ta' proġetti ta' investiment fl-Ungerija u l-Polonja għal ammont totali li ma jaqbiżx il-EUR 1 000 000 000. Dan is-self huwa mogħti biex jiġu ffinanzjati proġetti ta' investiment li jissodisfaw ir-rekwiżiti normali tal-Bank għal self mir-riżorsi proprji tiegħu.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fl-14 ta' Mejju 1991 u fil-15 ta' Marzu 1993 il-Kunsill, waqt li aġixxa wara proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, iddeċieda li din il-garanzija għandha tkun estiża għal kull self li l-Bank Ewropew tal-Investiment jista' jagħmel f'pajjiżi oħra tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (iċ-Ċekoslovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija) fuq perjodu ta' sentejn għal massimu ta' EUR 700 000 000.

Fit-13 ta' Diċembru 1993 il-Kunsill, waqt li aġixxa wara proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, iddeċieda li jġedded għal tliet snin il-garanzija tal-Komunità għal EUR 3 000 000 000 f'self tal-Bank Ewropew tal-Investiment għal proġetti fil-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija.

Il-garanzija tal-baġit tkopri l-aspetti kollha tas-servizzjar tad-dejn (rimbors tal-kapital, imgħax, kostijiet relatati) konnessi ma' dawn is-self.

Wara proposta mill-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fl-14 ta' April 1997 li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fl-Albanija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 3 520 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant imsemmija hawn fuq. Ikopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment ma kenux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Fid-19 ta' Mejju 1998, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fuq self għal proġetti f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 150 000 000 għal perjodu ta' sentejn li jibda mill-1 ta' Jannar 1998. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment ma kenux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu ġie estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Fl-14 ta' Diċembru 1998, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjoni 97/256/KE sabiex tiġi estiża l-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fil-Bożnija u Ħerzegovina. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ta' EUR 100 000 000 għal perjodu ta' sentejn li jibda fit-22 ta' Diċembru 1998. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment ma kenux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani.

Wara proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fit-22 ta' Diċembru 1999 li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fl-Albanija, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, u s-Slovenja. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Ikopri perjodu ta' seba' snin li jibda mill-1 ta' Frar 2000 u jispiċċa fil-31 ta' Jannar 2007. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħtija mill-Bank Ewropew tal-Investiment ma kenux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Fis-7 ta' Novembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-garanzija mogħtija mill-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fil-Kroazja.

Fis-6 ta' Novembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-garanzija mogħtija mill-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE ristrutturat il-mandat reġjonali Mediterranju biex teskludi lil Ċipru, Malta u t-Turkija li kienu inklużi fil-mandat tal-Viċinat tax-Xlokk.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-kandidati li ġejjin: il-Kroazja, it-Turkija, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-pajjiżi kandidati potenzjali: l-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi limitata għal 65 %. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tagħti garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf taħt operazzjonijiet finanzjarji li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020. Il-livell massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ma għandux jaqbeż it-EUR 30 000 000 000 mqassma f'limitu fiss ta' ammont massimu ta' EUR 27 000 000 000 u ammont addizzjonali fakultattiv ta' EUR 3 000 000 000 li jrid jiġi deċiż skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara l-eżerċizzju ta' rieżami ta' nofs il-perjodu. Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

4. ***Effett fuq il-baġit***

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), u sussegwentement tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145,10.6.2009, p. 10), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

Is-self mal-Istati Membri l-ġodda m'għadhomx azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborsati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

X. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT GĦAL TELF FUQ SELF GĦAL PROĠETTI F'ĊERTI PAJJIŻI TAL-ASJA U TAL-AMERIKA LATINA

1. *Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/115/KEE tal-15 ta' Frar 1993 tagħti garanzija Komunitarja lil Bank Ewropew tal-Investiment għal telf li jista' jirriżulta minn self għal proġetti ta' interest reċiproku f'ċerta pajjiżi terzi (ĠU L 45, 23.2.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/723/KEE tat-12 ta' Diċembru 1996 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self għal proġetti ta' interess reċiproku f'ċerti pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja li magħhom il-Komunità kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni (Arġentina, Bolivja, Brażil, Ċili, Kolombja, Kosta Rika, Ekwador, Gwatemala, Ħonduras, Messiku, Nikaragwa, Panama, Paragwaj, Peru, El Salvador, Urugwaj u Venezwela; Bangladexx, Brunej, Ċina, Indja, Indoneżja, Makaw, Malasja, Pakistan, Filippini, Singapor, Sri Lanka, Tajlandja u Vjetnam) (ĠU L 329, 19.12.1996, p. 45).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bosnja-Ħerzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self li jingħata għal proġetti 'l barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed in kunsiderazzjoni t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159M , 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016 / KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009 / KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 13 ta' Lulju 2009 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

2. *Garanzija tal-baġit tal-Unjoni*

Id-Deċiżjoni 93/115/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fl-4 ta' Novembru 1993 u fil-Lussemburgu fis-17 ta' Novembru 1993.

Id-Deċiżjoni 96/723/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment fi Brussell fit-18 ta' Marzu 1997 u fil-Lussemburgu fid-26 ta' Marzu 1997.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank tal-Investiment Ewropew iffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' Operazzjonijiet ta' Ffinanzjar tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimburżati, b'żieda tas-somma kollha relatata. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

3. ***Deskrizzjoni***

Skont id-Deċiżjoni 93/115/KEE l-Unjoni tiggarantixxi, fuq bażi ta' każ b'każ, self magħmul mill-Bank Ewropew tal-Investiment f'pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni Ewropea tkun ikkonkludiet ftehimiet ta' kooperazzjoni.

Id-Deċiżjoni 93/115/KEE stabbilixxiet limitu massimu kumplessiv ta' EUR 250 000 000 fis-sena għal perjodu ta' tliet snin.

Fit-12 ta' Diċembru 1996, il-Kunsill ta lill-BEI garanzija tal-Komunità ta' 100 % għal self għal proġetti ta' interess reċiproku f'ċerti pajjiżi terzi (pajjiżi fil-faża tal-iżvilupp fl-Amerika Latina u l-Asja) li magħhom il-Komunità kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni. Din il-garanzija kienet ristretta għal limitu massimu kumplessiv ta' EUR 275 000 000 li kellhom jingħataw fl-1996 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Wara proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fl-14 ta' April 1997 li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fil-pajjiżi tal-Asja u tal-Amerika Latina li ġejjin: l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċilì, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, El Salvador, l-Urugwaj, il-Venezwela, il-Bangladexx, il-Brunej, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, il-Makaw, il-Malażja, il-Mongolja, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, Sri Lanka, it-Tajlandja u l-Vjetnam. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 900 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Asja u l-Amerika Latina msemmija hawn fuq. Din kienet tkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani.

Il-Kunsill iddeċieda fit-22 ta' Diċembru 1999 li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fil-pajjiżi tal-Asja u tal-Amerika Latina li ġejjin: l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċilì, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, El Salvador, l-Urugwaj, il-Venezwela, il-Bangladexx, il-Brunej, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, il-Laos, il-Makaw, il-Malażja, il-Mongolja, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, il-Korea ta' Isfel, Sri Lanka, it-Tajlandja, il-Vjetnam u l-Jemen. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Ikopri perjodu ta' seba' snin li jibda mill-1 ta' Frar 2000 u jispiċċa fil-31 ta' Jannar 2007. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment ma kenux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi tal-Amerika Latina li ġejjin: l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċilì, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-Urugwaj, il-Venezwela, u fil-pajjiżi tal-Asja li ġejjin: l-Afganistan*, il-Bangladexx, il-Bhutan*, il-Brunej, il-Kambodja*, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iraq*, il-Korea ta' Isfel, il-Laos, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, Sri Lanka, it-Tajwan*, it-Tajlandja, il-Vjetnam, il-Jemen u l-pajjiżi tal-Asja ċentrali: il-Każakstan*, il-Kirgistan*, it-Turkmenistan*, l-Użbekistan* (* l-eliġibbiltà għandha tkun deċiża mill-Kunsill). Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi limitata għal 65 %. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tagħti garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf f'operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020. Il-livell massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ma għandux jaqbeż it-EUR 30 000 000 000 mqassma f'limitu fiss ta' ammont massimu ta' EUR 27 000 000 000 u ammont addizzjonali fakultattiv ta' EUR 3 000 000 000 li jrid jiġi deċiż skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara l-eżerċizzju ta' rieżami ta' nofs il-perjodu. Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

4. ***Effett fuq il-baġit***

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), u sussegwentement tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145,10.6.2009, p. 10), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborsati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

XI. GARANZIJA TAL- UNJONI EWROPEA GĦALL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT GĦAL TELF FUQ SELF GĦAL PROĠETTI FIL-KAWKAŻU TAN-NOFSINHAR, IR-RUSSJA, IL-BELARUS, IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA U L-UKRAINA

1. ***Bażi ġuridika***

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/777/KE tas-6 ta' Novembru 2001 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf taħt azzjoni speċjali tas-self għal proġetti ambjentali magħżula fil-port tal-Baħar Baltiku tar-Russja taħt id-Dimensjoni tat-Tramuntana (ĠU L 292, 9.11.2001, p. 41).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/48/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra t-telf taħt is-self għal ċertu tipi ta' proġetti fir-Russja, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Belarus (ĠU L 21, 25.1.2005, p. 11). Mill-31 ta' Diċembru 2006 u skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005)1499, ir-Russja u l-Ukrajna biss huma eliġibbli skont din id-Deċiżjoni 2005/48/KE.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016 / KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009 / KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 13 ta' Lulju 2009 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p . 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

2. ***Garanzija tal-bażit tal-Unjoni***

Id-Deċiżjoni 2001/777/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fis-6 ta' Mejju 2002 u fil-Lussemburgu fis-7 ta' Mejju 2002.

Id-Deċiżjoni 2005/48/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu fid-9 ta' Diċembru 2005 u fi Brussell fil-21 ta' Diċembru 2005.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li tistabbilixxi garanzija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mingħajr l-ammonti rimborżati, flimkien mas-somom kollha relatati. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

3. ***Deskrizzjoni***

Il-Kunsill iddeċieda fis-6 ta' Novembru 2001 li jagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf fuq azzjoni speċjali ta' għoti ta' self għal proġetti ambjentali magħżula fil-baċir tal-Baħar Baltiku tar-Russja fl-ambitu tad-Dimensjoni tat-Tramuntana. Il-limitu massimu kumplessiv tal-krediti huwa EUR 100 000 000. Il-benefiċji tal-BEI minn garanzija eċċezzjonali tal-Komunità huma ta' 100 %.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fit-22 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf fuq self għal ċerti tipi ta' proġetti fir-Russja, l-Ukraina, il-Moldova u l-Belarus. Il-limitu massimu kumplessiv tal-krediti huwa EUR 500 miljun. Il-benefiċċji tal-BEI minn garanzija eċċezzjonali tal-Komunità huma ta' 100 %.

Id-Deċiżjoni 2005/48/KE kienet il-bażi ta' kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fil-21 ta' Diċembru 2005 u fil-Lussemburgu fid-9 ta' Diċembru 2005 stabbilixiet garanzija sa 100 %.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant li ġejjin: ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukraina, il-Belarus (l-eliġibbiltà għandha tkun deċiża mill-Kunsill); fil-pajjiżi tal-Kawkażu tan-Nofsinhar: l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Georgia u r-Russja. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi limitata għal 65 %. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti bl-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tagħti garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf f'operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020. Il-livell massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ma għandux jaqbeż it-EUR 30 000 000 000 mqassma f'limitu fiss ta' ammont massimu ta' EUR 27 000 000 000 u ammont addizzjonali fakultattiv ta' EUR 3 000 000 000 li jrid jiġi deċiż skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara l-eżerċizzju ta' rieżami ta' nofs il-perjodu. Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

4. ***Effett fuq il-baġit***

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), u sussegwentement tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145,10.6.2009, p. 10), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

XII. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF TAL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LILL-AFRIKA T'ISFEL

1. *Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/207/KE tal-1 ta'Ġunju 1995 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self għal proġetti fl-Afrika t'Isfel (ĠU L 131, 15.6.1995, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bosnja-Ħerzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self li jingħata għal proġetti 'l barra mill-Komunità (pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, pajjiżi tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed in kunsiderazzjoni t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159M , 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016 / KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009 / KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 13 ta' Lulju 2009 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p . 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

2. *Garanzija tal-baġit tal-Unjoni*

Id-Deċiżjoni 95/207/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fl-4 ta' Ottubru 1995 u fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ottubru 1995.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-KE u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li tistabbilixxi garanzija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minghajr l-ammonti rimborżati, flimkien mas-somom kollha relatati. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

3. ***Deskrizzjoni***

Skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 95/207/KE, l-Unjoni tiggarantixxi self tal-Bank Ewropew tal-Investiment lill-Afrika t'Isfel sa ammont massimu totali ta' EUR 300 000 000.

Il-garanzija tal-baġit tkopri s-servizzjar kollu tad-dejn (rimbors tal-kapital, imgħax u kostijiet relatati) konnessi ma' dan is-self.

Wara proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fl-14 ta' April 1997 li jġedded il-garanzija tal-Komunità għall-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalent għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 375 000 000 huma għar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel. Din kienet tkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Lulju 1997 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu minn garanziji mhux sovrani.

Wara proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fit-22 ta' Diċembru 1999 li jġedded il-garanzija tal-Komunità għall-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Hija tkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2000 u li jintemm fil-31 ta' Jannar 2007. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment ma kienx laħaq l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu minn garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self. Il-limitu massimu kumplessiv ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi limitata għal 65 %. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti bl-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tagħti garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf f'operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerika Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020. Il-livell massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ma għandux jaqbeż it-EUR 30 000 000 000 mqassma f'limitu fiss ta' ammont massimu ta' EUR 27 000 000 000 u ammont addizzjonali fakultattiv ta' EUR 3 000 000 000 li jrid jiġi deċiż skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara l-eżerċizzju ta' rieżami ta' nofs il-perjodu. Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

4. ***Effett fuq il-baġit***

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), u sussegwentement tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145,10.6.2009, p. 10), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborsati u garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

C. TBASSIR GĦAL OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF FL-2015 U FL-2016

It-tabella li ġejja tagħti indikazzjoni approssimattiva ta' operazzjonijiet possibbli ta' teħid ta' selfiet ġodda u l-iżborż ta' selfiet ġodda (iggarantiti mill-baġit tal-Unjoni) fl-2015 u fl-2016.

Operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self fl-2015 u l-2016

(f'miljuni ta' EUR)

Strument	2015	2016
A. *Operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti tal-Unjoni u tal-Euratom b'garanzija tal-baġit tal-Unjoni*		
1. *Assistenza makrofinanzjarja Komunitarja għal pajjiżi li mhumiex membri*		
Operazzjonijiet deċiżi jew skedati:		
Il-Georgia	10	13
Il-Ġordan	180	0
Il-Kirgiżistan	5	10
It-Tuneżija	200	100
L-Ukraina	850	1 200
Subtotal AMF	*1 245*	*1 323*
2. *Self mill-Euratom*	0	300
3. *Bilanċ tal-pagamenti*	0	0
4. *Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM)*		
L-Irlanda	0	0
Il-Portugall	0	0
Subtotal EFSM	*0*	*0*
Subtotal A	**1 245**	**1 623**
B. *Self tal-Bank Ewropew tal-Investiment b'garanzija mill-baġit tal-Unjoni*		
1. Pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni	893	1 100
2. Pajjiżi tal-viċinat u ta' sħubija	1 906	2 215
3. L-Asja u l-Amerika Latina	709	570
4. Ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel	123	120
Subtotal B	**3 631**	**4 005**
Grantotal	**4 876**	**5 628**

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

D. OPERAZZJONIJIET KAPITALI U MMANIĠĠAR TAD-DEJN

TABELLA 1 — SELF MOGĦTI

Operazzjonijiet kapitali u mmaniġġar ta' fondi mislufa

(f'miljuni ta' EUR)

Strument u sena ta' żborż	Ekwivalenti fid-data tal-iżborż	Ammont inizjali imħallas sal-31 ta' Diċembru 2014	Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014	Rimborżi		Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru		Imgħax		
				2015	2016	2015	2016	2015	2016	2017
1. *Euratom*										
1977	95,3	23,2								
1978	70,8	45,3								
1979	151,6	43,6								
1980	183,5	74,3								
1981	360,4	245,3								
1982	354,6	249,5								
1983	366,9	369,8								
1984	183,7	207,1								
1985	208,3	179,3								
1986	575,0	445,8								
1987	209,6	329,8								
1988										
1989										
1990										
1991										
1992										
1993										
1994										
1995										
1996										
1997										
1998										
1999										
2000										
2001	40,0	40,0	28,0	4,0	4,0	24,0	20,0	1,61	1,38	1,15
2002	40,0	40,0	16,3	4,0	4,0	12,3	8,3	0,05	0,01	0,01
2003	25,0	25,0	8,8	2,5	2,5	6,3	3,8	0,02	0,01	0,01
2004	65,0	65,0	33,8	6,5	6,5	27,3	20,8	0,09	0,04	0,03
2005	215,0	215,0	190,3	22,1	22,1	168,2	146,1	0,50	0,24	0,20
2006	51,0	51,0	47,3	2,5	2,5	44,8	42,3	0,13	0,06	0,06
2007	39,0	39,0	13,7	3,9	3,9	9,8	5,9	0,03	0,02	0,01
2008	15,8	15,8	6,7	2,0	2,1	4,6	2,5	0,06	0,04	0,02
2009	6,9	6,9	3,2	1,2	1,2	2,0	0,8	0,04	0,03	0,01
2010										

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

(f'miljuni ta' EUR)

Strument u sena ta' żborż	Ekwivalenti fid-data tal-iżborż	Ammont inizjali imħallas sal-31 ta' Diċembru 2014	Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014	Rimborżi		Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru		Imgħax		
				2015	2016	2015	2016	2015	2016	2017
2011										
2012										
2013										
2014										
Total	*3 257,4*	*2 710,7*	*347,8*	*48,7*	*48,8*	*299,0*	*250,2*	*2,5*	*1,8*	*1,5*
2. *Bilanċ tal-pagamenti*										
2009	7 200,0	7 200,0	4 200,0	2 700,0	1 500,0	1 500,0	0,0	138,75	54,38	0,0
2010	2 850,0	2 850,0	2 850,0	0,0	0,0	2 850,0	2 850,0	83,69	83,69	83,69
2011	1 350,0	1 350,0	1 350,0	0,0	0,0	1 350,0	1 350,0	43,69	43,69	43,69
2012										
2013										
2014										
Total	*13 400,0*	*13 400,0*	*8 400,0*	*2 700,0*	*1 500,0*	*5 700,0*	*4 200,0*	*266,1*	*181,8*	*127,4*
3. *Assistenza makrofinanzjarja (AMF) lill-pajjiżi terzi u għajnuna tal-ikel lil dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika*										
1990	350,0	350,0								
1991	945,0	945,0								
1992	1 671,0	1 671,0								
1993	659,0	659,0								
1994	400,0	400,0								
1995	410,0	410,0								
1996	155,0	155,0								
1997	445,0	195,0								
1998	153,0	403,0								
1999	108,0	108,0								
2000	160,0	160,0								
2001	305,0	305,0	8,0	4,0	4,0	4,0	0,0	0,01	0,01	0,00
2002	12,0	12,0	7,2	2,4	2,4	4,8	2,4	0,01	0,01	0,01
2003	118,0	118,0	22,4	5,6	5,6	16,8	11,2	0,03	0,01	0,01
2004	10,0	10,0	10,0	2,0	2,0	8,0	6,0	0,02	0,01	0,01
2005	15,0	15,0								
2006	19,0	19,0	19,0	0,0	0,0	19,0	19,0	0,03	0,01	0,01
2007										
2008										
2009	25,0	25,0								
2010										
2011			263,0	53,0	56,0	210,0	154,0	6,14	5,76	5,35
2012	39,0	39,0	39,0	0,0	0,0	39,0	39,0	1,22	1,22	1,22
2013	100,0	100,0	100,0	0,0	0,0	100,0	100,0	2,00	2,00	2,00

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

(f'miljuni ta' EUR)

Strument u sena ta' żborż	Ekwivalenti fid-data tal-iżborż	Ammont inizjali imħallas sal-31 ta' Diċembru 2014	Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014	Rimborżi		Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru		Imgħax		
				2015	2016	2015	2016	2015	2016	2017
2014	1 360,0	1 360,0	1 360,0	0,0	0,0	1 360,0	1 360,0	20,89	21,7	21,7
Total	*7 585,0*	*7 585,0*	*1 828,6*	*67,0*	*70,0*	*1 761,6*	*1 691,6*	*30,4*	*30,7*	*30,3*
4. *L-EFSM*										
2011	28 000,0	28 000,0	28 000,0	5 000,0	4 750,0	23 000,0	18 250,0	816,00	691,00	560,38
2012	15 800,0	15 800,0	15 800,0	0,0	0,0	15 800,0	15 800,0	489,88	489,88	489,88
2013										
2014	3 000,0	3 000,0	3 000,0	0,0	0,0	3 000,0	3 000,0	54,98	54,25	54,25
Total	*46 800,0*	*46 800,0*	*46 800,0*	*5 000,0*	*4 750,0*	*41 800,0*	*37 050,0*	*1 360,9*	*1 235,1*	*1 104,5*

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

TABELLA 2 — SELF IĠĠENERAT

Operazzjonijiet kapitali u mmaniġġar ta' fondi mislufa

(f'miljuni ta' EUR)

Strument u sena ta' żborż	Ekwivalenti fid-data tal-iżborż	Ammont inizjali riċevut sal-31 ta' Diċembru 2014	Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014	Rimborżi		Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru		Imgħax		
				2015	2016	2015	2016	2015	2016	2017
1. *Euratom*										
1977	98,3	119,4								
1978	72,7	95,9								
1979	152,9	170,2								
1980	183,5	200,7								
1981	362,3	430,9								
1982	355,4	438,5								
1983	369,1	400,1								
1984	205,0	248,7								
1985	337,8	389,5								
1986	594,4	500,9								
1987	674,6	900,9								
1988	80,0	70,2								
1989										
1990										
1991										
1992										
1993										
1994	48,5	47,4								
1995										
1996										
1997										
1998										
1999										
2000										
2001	40,0	40,0	28,0	4,0	4,0	24,0	20,0	1,61	1,38	1,15
2002	40,0	40,0	16,3	4,0	4,0	12,3	8,3	0,05	0,01	0,01
2003	25,0	25,0	8,8	2,5	2,5	6,3	3,8	0,02	0,01	0,01
2004	65,0	65,0	33,8	6,5	6,5	27,3	20,8	0,09	0,04	0,03
2005	215,0	215,0	190,3	22,1	22,1	168,2	146,1	0,50	0,24	0,20
2006	51,0	51,0	47,3	2,5	2,5	44,8	42,3	0,13	0,06	0,06
2007	39,0	39,0	13,7	3,9	3,9	9,8	5,9	0,03	0,02	0,01
2008	15,8	15,8	6,7	2,0	2,1	4,6	2,5	0,06	0,04	0,02
2009	6,9	6,9	3,2	1,2	1,2	2,0	0,8	0,04	0,03	0,01
2010										

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

(f'miljuni ta' EUR)

Strument u sena ta' żborż	Ekwivalenti fid-data tal-iżborż	Ammont inizjali riċevut sal-31 ta' Diċembru 2014	Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014	Rimborżi		Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru		Imgħax		
				2015	2016	2015	2016	2015	2016	2017
2011										
2012										
2013										
2014										
Total	*4 040,2*	*4 511,0*	*347,8*	*48,8*	*48,8*	*299,0*	*250,2*	*2,5*	*1,8*	*1,5*
2. *Bilanċ tal-pagamenti*										
2009	7 200,0	7 200,0	4 200,0	2 700,0	1 500,0	1 500,0	0,0	138,75	54,38	0,0
2010	2 850,0	2 850,0	2 850,0	0,0	0,0	2 850,0	2 850,0	83,69	83,69	83,69
2011	1 350,0	1 350,0	1 350,0	0,0	0,0	1 350,0	1 350,0	43,69	43,69	43,69
2012										
2013										
2014										
Total	*13 400,0*	*13 400,0*	*8 400,00*	*2 700,0*	*1 500,0*	*5 700,0*	*4 200,0*	*266,1*	*181,8*	*127,4*
3. *Assistenza makrofinanzjarja (AMF) lill-pajjiżi terzi u għajnuna tal-ikel lil dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika*										
1990	350,0	350,0								
1991	945,0	945,0								
1992	1 671,0	1 671,0								
1993	659,0	659,0								
1994	400,0	400,0								
1995	410,0	410,0								
1996	155,0	155,0								
1997	445,0	195,0								
1998	153,0	403,0								
1999	108,0	108,0								
2000	160,0	160,0								
2001	80,0	80,0	8,0	4,0	4,0	4,0	0,0	0,01	0,01	0,00
2002	12,0	12,0	7,2	2,4	2,4	4,8	2,4	0,01	0,01	0,01
2003	78,0	78,0	22,4	5,6	5,6	16,8	11,2	0,03	0,01	0,01
2004	10,0	10,0	10,0	2,0	2,0	8,0	6,0	0,02	0,01	0,01
2005										
2006	19,0	19,0	19,0	0,0	0,0	19,0	19,0	0,03	0,01	0,01
2007										
2008										
2009	25,0	25,0								
2010										
2011	126,0	126,0	263,0	53,0	56,0	210,0	154,0	6,14	5,76	5,35

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

(f'miljuni ta' EUR)

Strument u sena ta' żborż	Ekwivalenti fid-data tal-iżborż	Ammont inizjali riċevut sal-31 ta' Diċembru 2014	Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014	Rimborżi		Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru		Imgħax		
				2015	2016	2015	2016	2015	2016	2017
2012	39,0	39,0	39,0	0,0	0,0	39,0	39,0	1,22	1,22	1,22
2013	100,0	100,0	100,0	0,0	0,0	100,0	100,0	2,00	2,00	2,00
2014	1 360,0	1 360,0	1 360,0	0,0	0,0	1 360,0	1 360,0	20,89	21,70	21,70
Total	*7 585,0*	*7 585,0*	*1 828,6*	*67,0*	*70,0*	*1 761,6*	*1 691,6*	*30,4*	*30,7*	*30,3*
4. *EFSM*										
2011	28 000,0	28 000,0	28 000,0	5 000,0	4 750,0	23 000,0	18 250,0	816,00	691,00	560,38
2012	15 800,0	15 800,0	15 800,0	0,0	0,0	15 800,0	15 800,0	489,88	489,88	489,88
2013										
2014	3 000,0	3 000,0	3 000,0	0,0	0,0	3 000,0	3 000,0	54,98	54,25	54,25
Total	*46 800,0*	*46 800,0*	*46 800,0*	*5 000,0*	*4 750,0*	*41 800,0*	*37 050,0*	*1 360,9*	*1 235,1*	*1 104,5*

KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF — OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Noti tekniċi relatati mat-tabelli

Rata tal-kambju: l-ammonti fil-kolonna 2 "Ekwivalent fid-data tal-firma" huma maqluba bir-rata applikabbli fid-data tal-firma. Fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid, it-Tabella 1 turi kemm l-operazzjoni inizjali (pereż. fl-1979) kif ukoll l-operazzjoni ta' sostituzzjoni (pereż. fl-1986), bl-ammont ta' din tal-aħħar ikun maqlub bir-rata tal-operazzjoni inizjali. Id-duplikazzjoni li tirriżulta taffettwa ċ-ċifri annwali imma hija eliminata fit-totali.

L-ammonti l-oħrajn kollha huma kkonvertiti fir-rata applikabli fil-31 ta' Diċembru 2014

Il-kolonna 3 "Ammont inizjali riċevut/imħallas sal-31 ta' Diċembru 2014": bir-riferenza għall-1986, pereżempju, din il-kolonna turi t-total kumulattiv tal-ammonti kollha riċevuti sal-31 ta' Diċembru 2014 taħt selfiet iffirmati fl-1986 (it-Tabella 1), inkluż ir-rifinanzjament (li jipproduċi xi dupplikazzjoni).

Il-kolonna 4 "Ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014": dawn huma ċifri netti, mingħajr ebda duplikazzjoni minħabba l-operazzjonijiet ta' rifinanzjament. Dawn jinkisbu billi jitnaqqas it-total kumulattiv tar-ripagamenti li saru sal-31 ta' Diċembru 2013 miċ-ċifra tal-kolonna 3, inklużi ripagamenti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament (it-total mhuwiex mogħti fit-tabelli).

Kolonna 7 = kolonna 4 - kolonna 5.

AFM 2011: b'segwitu għall-Ftehim ta' Self iffirmat mill-Montenegro fid-9 ta' Frar 2010 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/784/KE tat-2 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi passiv separat ta' Montenegro, is-self inizjalment mogħti lis-Serbja u lill-Montenegro fl-2001, l-2003 u l-2005 ġie mibdi mill-ġdid b'data inizjali virtwali fl-2011 sabiex jiġi implimentat il-qsim tal-pajjiżi.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Introduzzjoni

Dan l-Anness sar skont l-Artikolu 49(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju.

Huwa jipprovdi informazzjoni kemm dwar l-istrumenti finanzjarji qabel l-2014 ġestiti mill-Kummissjoni li għandhom impatt baġitarju f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2014 'l quddiem u l-istrumenti finanzjarji 2014–2020 ġestiti mill-Kummissjoni li għandhom impatt baġitarju li jibda fl-2014 skont il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014–2020 inklużi fil-proposti għal att bażiku.

Aktar informazzjoni kwantitattiva dwar l-istrumenti tinstab fid-Dokument ta' Ħidma dwar l-istrumenti finanzjarji li jakkumpanja l-abbozz ta' baġit skont l-Artikolu 38(5) tar-Regolament Finanzjarju.

Lista ta' strumenti finanzjarji

Strumenti ta' ekwità

— Faċilità għall-SMEs Innovattivi u b'Rata Għolja ta' Tkabbir taħt il-"Programm Kompetittività u Innovazzjoni" (CIP — GIF)

— Faċilità ta' Ekwità għal Tkabbir taħt "Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju" (COSME)

— Faċilità ta' Ekwità (kapital fi stadju bikri) għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ta' Orizzont 2020

— Strument ta' Ekwità "Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" (FNE)

Strumenti ta' garanzija

— Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs taħt il-"Programm Kompetittività u Innovazzjoni " (CIP — SMEG07)

— Faċilità tal-RSI taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (2007–2013) (FP7 — RSI)

— Faċilità Ewropea ta' Garanzija ta' Mikrofinanzjament Progress (PMF-G)

— Faċilità ta' Garanzija ta' Self taħt "Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju" (COSME)

— Servizz ta' Self għar-R&I għall-SMEs u għal Kumpaniji Żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (ORIZZONT 2020)

— 'Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) — Assi Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali (is-suċċessur tal-EPMF)

— Il-Faċilità ta' Garanzija tas-Settur Kulturali u Kreattiv ("Programm Ewropa Kreattiva")

— Il-Faċilità ta' Garanzija ta' Self għall-Istudenti ("Programm Erasmus +")

— Il-finanzjament privat għall-Effiċjenza Enerġetika (PF4EE) L-Opportunità ta' Garanzija

Strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji

— Il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (2007–2013) (FP7 — RSFF)

— L-Istrument ta' Garanzija għal Self (LGTT)

— Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti (IBP)

— Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni skont l-Orizzont 2020

— L-Istrument għall-Kondiviżjoni tar-Riskji tas-CEF (kondiviżjoni tar-riskji ta' self u bonds tal-proġetti)

KUMMISSJONI
INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

— Faċilità Finanzjarja ta' Kapital Naturali (NCFF) Opportunità ta' Dejn

— Inizjattiva tal-UE għall-SMEs

Veikoli ta' Investiment Iddedikati

— Mikrofinanzjament Ewropew Progress FCP-FIS (PMF FCP-FIS)

— Fond Ewropew tal-2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura (Marguerite)

— Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEF)

Faċilitajiet Esterni (mhux iffinanzajati esklussivament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp)

Faċilitajiet reġjonali

— Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF)

— Faċilità ta' Investiment tal-Asja Ċentrali (IFCA) u l-Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF)

— Faċilità ta' Investiment tal-Amerika Latina (LAIF)

Faċilitajiet addizzjonali

— Sostenn għall-Faċilità għal Sħubija ta' Investiment Ewro-Mediterranja (FEMIP)

— Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)

Strumenti finanzjarji fil-pajjiżi tat-tkabbir

Il-Balkani tal-Punent

— Il-Faċilità ta' Garanzija skont il-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi tal-Balkani tal-Punent (EDIF)

— Fond għall-Espansjoni ta' Intrapriżi (ENEF) taħt il-Faċilità għall-Iżvilupp u l-Innovazzjoni ta' Intrapriżi fil-Balkani tal-Punent

— Fond għall-Innovazzjoni ta' Intrapriżi (ENIF) taħt il-Faċilità għall-Iżvilupp u l-Innovazzjoni ta' Intrapriżi fil-Balkani tal-Punent

Oħrajn (mixxellanji)

— Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE)

— Fond "Green for Growth" (GGF)

— Self ta' Sostenn għat-Turkija għall-Irkupru ta' SMEs

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Informazzjoni finanzjarja dwar strumenti finanzjarji

Strumenti ta' ekwità

Faċilità għall-SMEs Innovattivi u b'Rata Għolja ta' Tkabbir taħt "Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni" (CIP) (GIF) — Qabel l-2014

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

(ii) ***Linji bażitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

L-Artikolu 01 04 51 — Tlestija ta' programmi fil-qasam tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (qabel l-2014) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014) ([1]).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-istrumenti finanzjarji huma parti mill-Programm għall-Imprenditorjat u l-Innovazzjoni (EIP), wieħed mit-tliet programmi speċifiċi fil-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) ([2]).

L-objettiv kumplessiv tal-istrumenti finanzjarji taħt CIP huwa t-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-bidu u t-tkabbir ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) sabiex ikun sostnut l-investiment tagħhom f'attivitajiet ta' innovazzjoni, inkluża innovazzjoni ekoloġika. Dan isir billi żdiedu l-volumi ta' investiment ta' fondi ta' capital ta' riskju u veikoli ta' investiment oħra.

Il-Faċilità għall-SMEs Innovattivi u b'Rata Għolja ta' Tkabbir (GIF) hija implimentata mill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) f'isem il-Kummissjoni. Hija għandha l-għan li żżid il-provvista ta' ekwità għal SMEs innovattivi fl-istadji bikrija tagħhom (GIF1) u fil-fażi ta' espansjoni tagħhom (GIF2). Proposti ta' investiment minn Intermedjarji Finanzjarji jiġu magħżula abbażi ta' avviż ta' implimentazzjoni (ĠU C 302, 14.12.2007, p. 8).

B'mod ġenerali l-istrumenti tas-CIP orjentati lejn is-suq taħt il-GIF u l-Faċilità tal-Garanzija (SMEG) urew effiċjenza u relevanza għolja biex jindirizzaw il-kundizzjonijiet attwali tas-suq, iddominati fis-snin riċenti minn issikkar tal-kundizzjonijiet ta' kreditu u aċċess aktar diffiċli għall-finanzjament għall-SMEs. Il-GIF hija faċilità tal-kapital ta' riskju iffukata u mmirata fuq għadd relattivament limitat ta' kumpaniji li għandhom il-potenzjal li jiksbu tkabbir għoli, li jġibu l-innovazzjoni lejn is-suq u li joħolqu impjiegi ta' valur miżjud għoli.

Fir-rigward tat-tul ta' żmien, il-perjodu ta' impenn għall-GIF intemm fil-31 ta' Diċembru 2013 iżda l-istrumenti se jeżistu sa meta jsir l-istralċ wara l-2026.

L-impenji baġitarji totali għall-istrumenti finanzjarji CIP għall-perjodu sħiħ kienu previsti li huma EUR 1,13 biljun, b'qasma oriġinali indikattiva ta' EUR 620 miljun għall-GIF (inkluża l-innovazzjoni ekoloġika) u EUR 510 miljuni għall-Faċilità ta' Garanzija tal-SMEs.

([1]) L-Artikolu 01 04 51 jinkludi wkoll il-Faċilità tal-Garanzija tal-SMEs taħt is-CIP (SMEG07) u l-programm pluriennali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (2001–2005)

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (l-2007 sal-2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p.15).

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi mmirati bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li jirriżulta mill-istrumenti finanzjarji eżistenti***

Ebda impenni baġitarji oħrajn ma saru mill-Kummissjoni minn tmiem il-perjodu ta' impenji, jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2013.

L-impenji baġitarji aggregati għall-2007–2013 ammontaw għal EUR 605,7 miljun. L-effett tal-ingranaġġ [1] fuq il-GIF huwa mistenni li jkun ħamsa li jfisser li l-impatt tal-impenji baġitarji aggregati fuq l-ekonomija globali huwa mistenni li jilħaq l-EUR 3 028,5 miljun f'self lil SMEs benefiċjarji.

[1] Ikkalkulat bid-dejta tar-rapporti tal-FEI bħala "Daqs Intermedjarju attwali/GIF kapital imħallas"(jiġifieri: il-valur totali tal-Fondi ta' Kapital ta' Riskju sottostanti — fi kliem ieħor l-ammont totali ta' flus investiti/magħmula disponibbli lir-Riċevituri Finali — diviż bil-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal dawk li huma fondi sottostanti tal-fondi tal-kapitali ta' riskju)

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Faċilità ta' Ekwità għal Tkabbir taħt "Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju" (COSME) — 2014 sa 2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (UE) Nru 2187/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014–2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33).

(ii) ***Linji bażitarji li jikkorrispondu għall-operazzjoni rilevanti***

L-Artikolu 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) f'forma ta' ekwità u dejn

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-bażit***

Il-Faċilità ta' Ekwità għal Tkabbir (EFG) tiffoka fuq fondi li jipprovdu kapital ta' riskju u finanzjament intermedju, bħal self subordinat u self parteċipanti, għal intrapriżi li jinsabu fil-fażi ta' espansjoni u tkabbir, b'mod partikolari dawk li joperaw transfruntieri, filwaqt li jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu investimenti f'intrapriżi li għadhom fi stadju bikri flimkien mal-Faċilità ta' Ekwità għar-Riċerka, l-Iżvilupp, id-Dimostrazzjoni u l-Innovazzjoni (RŻI) skont l-Orizzont 2020.

Fil-każ tal-aħħar, l-investiment mill-EFG ma jaqbiżx l-20 % tal-investiment totali tal-UE ħlief f'każijiet ta' fondi f'diversi stadji, fejn il-finanzjament mill-EFG u l-Faċilità tal-Ekwità għar-RŻI se jkun ipprovdut fuq bażi pro rata, abbażi tal-politika ta' investiment tal-fondi. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li temenda l-limitu ta' 20 % fid-dawl ta' kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu.

L-EFG tista' tinkludi finanzjament tal-avvjament (seed funding), finanzjament informali (angel funding), finanzjament ta' kważi-ekwità soġġetti għad-domanda tas-suq, iżda li jeskludi l-iżmembrament tal-assi (asset stripping).

L-appoġġ jingħata fil-forma ta' investimenti diretti magħmulin mill-entità fdata f'Intermedjarji Finanzjarji li jipprovdu finanzjament ta' ekwità jew kważiekwità għall-SMEs.

L-objettiv ġenerali tal-politika huwa li tipprovdi aċċess imsaħħaħ għal kapital tar-riskju li għalih fl-Ewropa hemm nuqqas sinifikanti fis-suq u li tagħti sostenn lill-iżvilupp ta' suq pan-Ewropew ta' kapital ta' riskju. Dan tal-aħħar jinkiseb billi tingħata attenzjoni speċjali lil dawk il-fondi ta' kapital ta' riskju li jinvestu fuq livell transfruntier.

L-implimentazzjoni tal-EFG ġiet fdata f'idejn il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) fuq il-bażi ta' ftehim ta' delega ffirmat fit-22 ta' Lulju 2014.

Il-ftehim ta' delega jiżgura li l-EFG hija aċċessibbli għal firxa wiesgħa ta' intermedjarji finanzjarji sakemm dawn huma mmaniġġati b'mod professjonali u indipendenti u juru l-kapaċità sabiex jappoġġaw b'suċċess l-SMEs fil-fażi tagħhom ta' tkabbir u espansjoni.

Minn perspettiva teknika, il-FEI għandu struzzjonijiet biex jinvesti fuq bażi pari-passu ma' investituri pubbliċi u privati oħrajn. Ir-riċevituri aħħarija mmirati huma SMEs ta' kull daqs mingħajr fokus fuq settur speċifiku.

Il-tul ta' żmien tal-istrument ta' ekwità huwa ppjanat li se jdum sal-31 ta' Diċembru 2034 (sakemm jintemmu l-aħħar operazzjonijiet).

L-att bażiku jipprevedi li mhux inqas minn 60 % tal-pakkett finanzjarju totali għall-implimentazzjoni tal-programm COSME jiġi allokat għall-istrumenti finanzjarji. Fuq il-bażi tad-distribuzzjoni tal-ammont totali allokat għall-istrumenti finanzjarji bejn l-istrument ta' ekwità (48 %) u l-istrument ta' dejn (52 %) kif previst fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva, il-pakkett baġitarju ġenerali inizjali previst għall-EFG għat-total tal-perjodu ta' pprogrammar 2014–2020 jammonta għal EUR 662 miljun.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

(iv) ***Operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi mmirati bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ***

L-allokazzjoni baġitarja inizjali stmata għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar hija EUR 662 ([1]) miljun.

L-effett tal-ingranaġġ fil-mira kif indikat fil-bażi ġuridika huwa bejn 4 u 6, b'EUR 1 mill-baġit tal-Unjoni li jirriżulta f'EUR 4–6 f'investimenti ta' ekwità tul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, huwa stmat li l-volumi totali tal-investiment mmobilizzat ċivarjaw minn EUR 2,6 sa 3,9 biljun għad-durata kollha tal-programm.

([1]) Dan l-ammont huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li d-distribuzzjoni bejn l-istrumenti finanzjarji ta' COSME hija ta' 52 % għall-faċilità ta' garanzija għal self (Loan Guarantee Facility — LGF) u 48 % għal faċilità ta' ekwità għal tkabbir (Equity Facility for Growth — EFG) kif previst fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva, u soġġett għal tibdil, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1287/2013.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Faċilità ta' Ekwità (kapital fi stadju bikri) għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ta' Orizzont 2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

(ii) ***Linji bażitarji rilevanti***

Il-Partita 08 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-Istrument Finanzjarju inkluż il-perjodu ta' żmien u l-impatt fuq il-bażit***

Faċilità tal-ekwità fil-livell tal-Unjoni għar-R&I hija maħtieġa sabiex tikkontribwixxi biex titjieb id-disponibbiltà ta' finanzjament ta' ekwità għal investimenti fi stadju bikri u fi stadju ta' tkabbir u biex tingħata spinta lill-iżvilupp tas-suq tal-kapital ta' riskju tal-Unjoni.

L-għan huwa li tikkontribwixxi sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet tas-suq Ewropew tal-kapital ta' riskju u li tipprovdi ekwità u kważi ekwità biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' żvilupp u ffinanzjar ta' impriżi innovattivi mill-istadju tat-tnissil sat-tkabbir u l-espansjoni.

Il-Faċilità tal-Ekwità tiffoka fuq fondi fi stadju bikri ta' kapital ta' riskju li jipprovdu kapital ta' riskju u kważi-ekwità (inkluż kapital intermedju) għal portafolli individwali tal-impriżi. Il-faċilità jkollha wkoll il-possibbiltà li tagħmel investimenti fl-istadji tal-espansjoni u tat-tkabbir flimkien mal-Faċilità ta' Ekwità għal Tkabbir taħt il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME), biex ikun żgurat sostenn kontinwu matul l-istadji tal-bidu u tal-iżvilupp ta' kumpaniji.

Fil-każ ta' dan tal-aħħar, l-investiment mill-Faċilità ta' Ekwità tal-Orizzont 2020 ma jaqbiżx l-20 % tal-investiment totali tal-UE għajr f'każijiet ta' fondi f'ħafna stadji, fejn il-finanzjament mill-EFG u l-faċilità ta' Ekwità għar-RŻI jiġi pprovdut fuq bażi *pro rata*, abbażi tal-politika ta' investiment tal-fondi. Bħall-EFG, il-Faċilità ta' Ekwità tevita l-kapital ta' akkwiżizzjoni jew sostituzzjoni intenzjonat għall-iżmantellar ta' intrapriża akkwistata.

L-objettiv ġenerali tal-politika huwa li tipprovdi aċċess imsaħħaħ għal kapital tar-riskju li għalih fl-Ewropa hemm nuqqas sinifikanti fis-suq u li tagħti sostenn lill-iżvilupp ta' suq pan-Ewropew ta' kapital ta' riskju.

F'termini ta' valur miżjud tal-Unjoni, il-Faċilità tal-Ekwità għar-R&I se tikkumplimenta skemi nazzjonali li ma jistgħux jieħdu ħsieb investimenti transkonfinali fir-R&I. In-negozjati fi stadju bikri jkollhom ukoll effett ta' dimostrazzjoni li jistgħu jibbenefikaw minnu l-investituri pubbliċi u privati madwar l-Ewropa. Għall-fażi tat-tkabbir biss huwa fil-livell Ewropew biss li tista' tintlaħaq l-iskala meħtieġa u tinkiseb il-parteċipazzjoni qawwija ta' investituri privati li huma essenzjali għall-funzjonament ta' suq ta' kapital ta' riskju li jsostni lilu nnifsu.

L-implimentazzjoni ta' investimenti diretti taħt din il-faċilità se jiġu fdati f'idejn il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) fil-Lussemburgu.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-ftehim ta' delegazzjoni li għandu jkun iffirmat mal-entità fdata, se jiżgura li l-faċilità ta' ekwità fi stadju bikri hija aċċessibbli taħt l-Orizzont 2020 għal firxa wiesgħa ta' intermedjarji finanzjarji sakemm dawn ikunu mmaniġġjati b'mod professjonali u indipendenti u juru l-kapaċità sabiex isostnu b'suċċess lill-kumpaniji tal portafoll fl-istadju bikri tagħhom ta' żvilupp u tkabbir.

Minn perspettiva teknika, l-entità fdata, se tingħata struzzjonijiet biex tinvesti fuq bażi pari-passu ma' investituri pubbliċi u privati oħra. Ir-riċeventi aħħarin mmirati huma kumpaniji fi stadju bikri (speċjalment SMEs jew kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja) mingħajr fokus speċifiku fuq settur.

Id-durata tal-istrument ta' ekwità mhux se jaqbeż l-2035 (sakemm jingħalqu l-aħħar operazzjonijiet).

(iv) ***Operazzjonijiet previsti u volum immirat***

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 430 miljun.

L-effett tal-ingranaġġ previst tal-Faċilità ta' Ekwità ta' Orizzont 2020 se jkun bejn wieħed u ieħor 4–6 skont it-tip ta' investiment u l-forma ta' kooperazzjoni b'fondi kapitali ta' riskju u/jew investituri ta' trasferiment tal-għarfien. Fuq il-bażi tal-miri tal-ingranaġġ tal-programm, huwa stmat li l-ammont totali ta' investimenti ta' kapital ta' riskju mmobilizzat jista' jvarja minn EUR 1 720 miljun għal EUR 2 580 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Strument ta' Ekwità Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — 2014 sa 2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

(ii) ***Linji bażitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

NA; Dan l-istrument tas-CEF, għalkemm previst fil-bażi ġuridika, għadu ma ġiex implimentat.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-bażit***

NA; dan l-istrument tas-CEF, għalkemm previst fil-bażi ġuridika, għadu ma ġiex implimentat.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi mmirati bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li jirriżulta mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

NA; Dan l-istrument tas-CEF, għalkemm previst fil-bażi ġuridika, għadu ma ġiex implimentat.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Strumenti ta' Garanzija

Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs taħt CIP (SMEG07) — Qabel l-2014

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

(ii) ***Linji bażitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

L-Artikolu 01 04 51 — Ikkompletar ta' programmi fil-qasam tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (qabel l-2014) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014) ([1]).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-istrumenti finanzjarji huma parti mill-Programm għall-Imprenditorjat u l-Innovazzjoni (EIP), wieħed mit-tliet programmi speċifiċi taħt il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) ([2]).

L-għan kumplessiv tal-istrumenti finanzjarji taħt CIP huwa t-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-bidu u t-tkabbir ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) sabiex ikun sostnut l-investiment tagħhom f'attivitajiet ta' innovazzjoni, inkluża innovazzjoni ekoloġika. Dan isehh billi jkun ipprovdut ingranaġġ għall-istrumenti ta' dejn tal-SMEs sabiex tiżdied il-provvista ta' finanzi bid-dejn lil SMEs.

Il-Faċilità ta' Garanzija għall-SME (SMEG 07) hija mħaddma mill-Fond ta' Investiment Ewropew (FEI) f'isem il-Kummissjoni. Hija tipprovdi kontrogaranziji u kogaranziji għal skemi ta' garanzija u garanziji diretti għal Intermedjarji Finanzjarji li joperaw f'pajjiżi eliġibbli.

B'mod ġenerali l-istrumenti tas-CIP orjentati lejn is-suq taħt il-GIF u s-SMEG urew effiċjenza u relevanza għolja biex jindirizzaw il-kundizzjonijiet attwali tas-suq, iddominati fis-snin riċenti minn issikkar tal-kundizzjonijiet ta' kreditu u aċċess aktar diffiċli għall-finanzjament għall-SMEs. Il-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs hija strument kontroċikliku li għen riċevituri finali biex jaffaċċaw id-diffikultajiet li rriżultaw mill-kundizzjonijiet ekonomiċi mill-kriżi 'l hawn, jiġifieri biex jiksbu jew iżommu aċċess għal finanzjament biex joħolqu jew iżommu l-impjiegi tul il-perjodu.

Fir-rigward tal-perjodu ta' żmien, il-perjodu ta' impenn għall-faċilità ta' Garanzija għall-SMEs intemm fil-31 ta' Diċembru 2013 iżda l-istrument se jibqa' jeżisti sakemm isir l-istralċ wara l-2026.

L-impenji baġitarji totali għall-istrumenti finanzjarji CIP għall-perjodu kollu bejn l-2007–2013 kienu previsti li huma EUR 1,13-il biljun, b'qasma indikattiva oriġinali ta' EUR 620 miljun għall-GIF u EUR 510 miljun għall-Faċilità ta' Garanzija għal SMEG 07.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Ebda impenni baġitarji oħrajn ma saru mill-Kummissjoni minn tmiem il-perjodu ta' impenji, jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2013.

L-impenji baġitarji aggregati għall-2007–2013 ammontaw għal EUR 637,8 miljun. L-effett tal-ingranaġġ ([3]) fuq l-SMEG07 huwa stmat li jkun madwar 31,6 fuq id-durata kollha tal-programm, li jfisser li l-impatt tal-impenji baġitarji aggregati fuq l-ekonomija globali huwa mistenni li jilħaq l-EUR 20 154,5 miljun f'self lil SMEs benefiċjarji.

([1]) L-Artikolu 01 04 51 jinkludi wkoll azzjonijiet ta' tlestija relatati mal-programm pluriennali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (2001–2005); b) l-ex artikolu 01 04 04 (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013) — Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm għall-Imprenditorija u l-Innovazzjoni.

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007–2013), (ĠU L 310, 9.11.2006, p.15).

([3]) Ikkalkulat bħala volum ta' dejn totali rċevut mill-SMEs benefiċjarji / ammont ta' limitu ta' garanzija tal-UE.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

RSI (ffaċilità ta' garanzija pilota għal SMEs u Kumpaniji Żgħar b'kapitalizzazzjoni medja xprunati mir-R&I) taħt l-FP7 — Qabel l-2014

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Kompetittività (2007 sa 2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku 'Kooperazzjoni' li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007–2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku: "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

L-Artikolu 08 02 51 (parzjali) — Ikkompletar ta' programm qafas preċedenti għar-riċerka — Is-Seba' Programm Kwadru — azzjoni indiretta KE (l-2007 sal-2013).

Fil-perjodu 2007–2013, ġie impenjat ammont totali ta' EUR 1 230,73 miljun mill-baġit ġenerali tal-Unjoni (baġit inizjali tas-Seba' Programm Kwadru flimkien ma' approprjazzjonijiet addizzjonali mill-EFTA u minn pajjiżi terzi għal dak il-programm) u dan tħallas lill-BEI biex ikunu sostnuti kemm il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) kif ukoll l-Istrument tal-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSI).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-RSFF, żviluppata mill-Kummissjoni flimkien mal-BEI, ġiet stabbilita f'Ġunju 2007. L-UE u l-BEI huma msieħba fil-kondiviżjoni tar-riskji għal self ipprovdut mill-BEI direttament jew indirettament lill-benefiċjarji. L-Unjoni Ewropea, permezz tar-riżorsi baġitarji tas-Seba' Programm Kwadru, u l-BEI, allokaw ammont totali sa massimu ta' EUR 2 biljuni (sa massimu ta' EUR 1 biljun kull wieħed) għall-perjodu 2007–2013 sabiex ikopru telfiet jekk self RSFF ma jitħallasx lura. Permezz ta' dawn il-kontribuzzjonijiet mingħand l-UE/BEI għall-kondiviżjoni tar-riskji u l-kopertura tat-telf, il-BEI jista' jestendi l-volum tas-self ta' EUR10 biljuni lill-kumpaniji u lill-komunità tar-riċerka għall-investimenti tagħhom fir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni.

Fil-bidu tal-2012, tnediet faċilità ta' garanzija pilota ġdida, RSI (l-Istrument għall-Kondiviżjoni tar-Riskji għall-SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, b'massimu ta' 499 impjegat) biex jitjieb l-aċċess għall-finanzjament ta' self għal investimenti fir-RŻI. Il-faċilità ta' garanzija RŻI hija parti mill-implimentazzjoni tar-RSFF imwettqa mill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). Għal din il-faċilità ta' garanzija pilota ta' RŻI, il-baġit tal-UE li ġej minn FP7 (flimkien ma' approprjazzjonijiet mill-EFTA u minn pajjiżi terzi għal dak il-programm) għall-perjodu 2012/2013 ammonta għal EUR 270 miljun (barra l-ammont imsemmi hawn fuq).

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Fil-perjodu 2007–2013, ġie impenjat ammont totali ta' EUR 270 miljun mill-baġit tal-UE (il-baġit inizjali tal-is-Seba' Programm Kwadru flimkien ma' approprjazzjonijiet addizzjonali mill-EFTA u minn pajjiżi terzi għall-is-Seba' Programm Kwadru) u dan tħallas lill-BEI biex tkun sostnuta l-iskema pilota RSI.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Id-'data ta' skadenza' (durata) tal-programm hija mistennija li tkun fl-2020–2022.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 270 miljun għall-RSI.

L-effett tal-ingranaġġ fil-mira kif indikat fil-bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 8 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju RSI.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument RSI, ġie stmat li l-ammont totali tal-volumi ta' investimenti mobilizzati se jkun ta' madwar EUR 2 160 miljun, filwaqt li fil-fatt laħaq l-EUR 3 100 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress (EPMF-G) — Qabel l-2014

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1).

(ii) ***Linji bażitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 04 03 53 (parzjali) — Ikkompletar ta' attivitajiet oħra (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-iskop tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress jinqasam fi tnejn: minn naħa, iżid id-disponibilità tal-mikrofinanzjament għall-persuni li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikroimpriżi tagħhom, inkluż għall-impjieg indipendenti, fis-sens li tippermetti lill-fornituri tal-mikrofinanzjament fl-UE sabiex ikabbru l-volumi ta' self tagħhom lil dawn l-individwi. Min-naħa l-oħra, il-Mikrofinanzjament Progress isaħħaħ l-aċċess għall-mikrofinanzjament billi jnaqqas ir-riskju tal-fornituri ta' mikrofinanzjament. Din il-karatteristika tippermetti sabiex il-fornituri tal-mikrofinanzjament jilħqu gruppi li normalment ma setgħux jinqdew qabel, pereżempju, għaliex persuni minn dawn il-gruppi ma setgħux jipprovdu biżżejjed kollateral jew għaliex ir-rati tal-imgħax kellhom ikunu għoljin wisq biex jiġġustifikaw il-profil ta' riskju propju tagħhom.

Il-faċilità għandha tipprovdi lill-Unjoni riżorsi biex jiżdied l-aċċess u d-disponibbiltà għal mikrofinanzjament għal:

— persuni li tilfu jew li qegħdin f'riskju li jitilfu x-xogħol, jew li għandhom diffikultajiet biex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, kif ukoll persuni li qegħdin jaffaċċjaw il-periklu ta' esklużjoni soċjali jew persuni vulnerabbli li jinsabu f'pożizzjoni ta' żvantaġġ fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew ikomplu jiżviluppaw il-mikroimpriża tagħhom stess, inkluż l-impjieg indipendenti,

— mikrointrapriżi, speċjalment dawk fl-ekonomija soċjali kif ukoll mikrointrapriżi li jimpjegaw il-persuni msemmija fl-inċiż ta' qabel.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit tal-Unjoni għall-Faċilità għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 tammonta għal EUR 103,6 miljun, li minnhom EUR 23,6 miljun huma previsti għall-Faċilità ta' Garanzija EPMF (EPMF-G) u EUR 80 miljun għall-EPMF Fonds Commun de Placement — Fonds d'Investissements Spécialisé (EPMF FCP-FIS).

Il-Faċilità hija implimentata billi jintużaw it-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, kif ikun xieraq:

— garanziji (EPMF-G),

— strumenti ta' dejn u ekwità (FCP-FIS),

— miżuri ta' sostenn, bħal attivitajiet ta' komunikazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, li huma direttament neċessarji għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE u għall-ksib tal-objettivi tagħha.

It-tieqa ta' garanzija tal-mikrokreditu għandha tibqa' fis-seħħ b'mod u effett sħiħ sal-31 ta' Diċembru 2020.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Ebda impenji baġitarji oħrajn ma saru mill-Kummissjoni minn tmiem il-perjodu ta' impenn.

L-allokazzjoni baġitarja stmata għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar previst tammonta għal EUR 103,6 miljun (baġit kumulattiv ta' EPMFG u EPMF FCP-FIS).

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

L-effett tal-ingranaġġ fil-mira tal-faċilità tal-EPMF huwa 4,83 aktar mill-ħajja tal-istrumenti finanzjarji.

Fuq il-bażi tal-l-ingranaġġ fil-mira tal-faċilità tal-EPMF, huwa stmat li l-ammont totali tal-volumi ta' self mobilizzati għandu jkun ta' madwar EUR 500 miljun.

L-impenji baġitarji aggregati tal-EPMF-G għall-perjodu 2010–2013 jammontaw għal total ta' EUR 23,6 miljun (parti tal-Garanzija biss).

Il-volumi mmirati ta' self lil mikrointrapriżi benefiċjarji huma stmati li jilħqu l-EUR 273,8 miljuni għall-istrument finanzjarju ta' GEPMF [1].

[1] Impenji baġitarji ta' EUR 23,6 miljun immultiplikati bl-effett ta' ingranaġġ fil-mira ta' EUR 11,6 għall-Garanzija tal-EPMF.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Faċilità ta' Garanzija skont il-Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (COSME) —2014 sal-2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014–2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33.).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

L-Artikolu 02 02 02 — It-titjib tal-aċċess għall-finanzjament ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fil-forma ta' ekwità u dejn.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Il-Faċilità ta' Garanzija ta' Self (Loan Guarantee Fund — LGF) tipprovdi:

— kontragaranziji u arranġamenti oħra ta' kondiviżjoni tar-riskji għal skemi ta' garanzija,

— garanziji diretti u arranġamenti oħra li jikkondividu r-riskju għal kwalunkwe intermedjarju finanzjarju ieħor li jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà.

Il–LGF tikkonsisti fi:

— f'garanziji għall-iffinanzjar ta' dejn permezz ta' self, inkluż permezz ta' self ta' subordinazzjoni u self ta' parteċipazzjoni, jew lokazzjoni, jnaqqsu d-diffikultajiet partikolari li jaffaċċjaw SMEs vijabbli biex jaċċessaw finanzi jew minħabba r-riskju għoli perċepit tagħhom jew minħabba nuqqas ta' kollateral suffiċjenti disponibbli,

— it-titolizzazzjoni tal-portafolli ta' finanzjament tad-dejn tal-SME, li għandha timmobilizza l-finanzjament addizzjonali tad-dejn għall-SMEs skont arranġamenti adatti ta' kondiviżjoni tar-riskju mal-istituzzjonijiet identifikati. L-appoġġ għal dawn it-tranżazzjonijiet jiddependi mill-impenn tal-istituzzjonijiet minn fejn joriġina l-finanzjament li jużaw parti sinifikanti mil-likwidità li tirriżulta jew il-kapital mobilizzat għal self ġdid lil SMEs f'perjodu ta' żmien raġonevoli. L-ammont ta' dan il-finanzjament ġdid permezz ta' dejn għandu jiġi kkalkulat skont l-ammont tar-riskju tal-portafoll iggarantit u għandu jiġi nnegozjat, flimkien mal-perjodu ta' żmien, individwalment ma' kull istituzzjoni li toriġinah.

Il-LGF tkopri, ħlief għas-self fil-portafoll titolizzat, self sa EUR 150 000 u b'maturità minima ta' 12-il xahar. Il-LGF tista' wkoll tkopri self ogħla minn EUR 150 000 f'każijiet fejn l-SMEs li jissodisfaw il-kriterji biex ikunu eliġibbli skont il-programm COSME ma jissodisfawx il-kriterji biex ikunu eliġibbli skont il-parti tal-SME fil-Faċilità tad-Dejn tal-programm Orizzont 2020 (l-ħekk imsejħa Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs InnovFin), u b'maturità minima ta' 12-il xahar. Il-LGF hi mfassla b'tali mod li jkun possibbli għaliha li tirrapporta fuq l-SMEs li jkunu qed jiġu megħjuna, kemm f'termini ta' numri kif ukoll fil-volum tas-self.

L-implimentazzjoni tal-LGF kienet fdata f'idejn il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), fuq il-bażi ta' ftehim ta' delegazzjoni ffirmat fit-22 ta' Lulju 2014.

Il-ftehim ta' delegazzjoni se jiżgura li l-LGF hija aċċessibbli għal firxa wiesgħa ta' intermedjarji finanzjarji (soċjetajiet ta' garanzija, istituti promozzjonali nazzjonali, banek kummerċjali, kooperattivi, eċċ.) li għandhom l-esperjenza fi tranżazzjonijiet finanzjarji mal-SMEs jew li għandhom il-kapaċità jidħlu fi tranżazzjonijiet finanzjarji ma' SMEs.

Minn perspettiva teknika, il-FEI jingħata struzzjoni biex jipprovdi garanziji limitati ta' portafoll lill-intermedjarji finanzjarji li se jkopru parti mit-telfiet mistennija ta' portafoll ta' tranżazzjonijiet iġġenerati ġodda tal-SMEs li għandhom profil ta' riskju ogħla.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Sa fejn għandhom x'jaqsmu t-tranżazzjonijiet titolizzati, il-FEI għandu struzzjonijiet li jipprovdi kopertura ta' garanzija fuq parti tal-porzjon mezzan ta' portafoll ta' self titolizzat tal-SMEs flimkien ma' impenn mill-intermedjarju finazjarju li jibni portafoll ġdid ta' self.

Ir-riċevituri finali fil-mira skont il-garanziji limitati ta' portafoll u t-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni huma SMEs ta' kull daqs mingħajr fokus speċifiku fuq settur. Il-firxa tal-prodotti finanzjarji li tista' tiġi appoġġjata permezz tal-garanziji limitati hi wiesgħa ħafna sabiex ma ssirx diskriminazzjoni mal-popolazzjoni tal-SMEs li għandha ħtiġijiet ta' finanzjament li jvarjaw ħafna skont l-istadju tal-iżvilupp tal-kumpanija u s-settur/l-industrija li topera fih/a.

L-istrument ta' garanzija huwa ppjanat li jdum sal-31 ta' Diċembru 2034 (sakemm jintemmu l-aħħar operazzjonijiet). Ftehimiet ta' garanzija individwali li għandhom jiġu ffirmati mill-entità fdata se jkollhom perjodu ta' żmien massimu ta' għaxar snin.

Il-LGF tista' tikkontribwixxi wkoll għall-istrumenti finanzjarji li se jiġu mmobilizzati taħt l-inizjattiva tal-SMEs, strument konġunt li jikkombina l-fondi tal-UE taħt il-COSME u/jew l-Orizzont 2020 u r-riżorsi tal-ESIF f'koperazzjoni mal-BEI/FEI bl-iskop li jiġi ġġenerat self addizzjonali lill-SMEs fi Stati Membri speċifiċi. Din il-kontribuzzjoni tista' tieħu s-sura ta' garanziji ta' portafoll mingħajr limitu jew operazzjonijiet titolizzati u tkopri l-porzjon mezzan tal-portafoll.

L-att bażiku jipprevedi li mhux inqas minn 60 % tal-pakkett finanzjarju totali għall-implimentazzjoni tal-programm COSME għandu jiġi allokat għall-istrumenti finanzjarji. Fuq il-bażi tad-distribuzzjoni tal-ammont totali allokat lill-istrumenti finanzjarji bejn l-istrument ta' ekwità (48 %) u l-istrument tad-dejn (52 %) kif previst fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva, il-pakkett baġitarju inizjali ġenerali previst għall-LGF għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar 2014–2020 jammonta għal EUR 717 miljun.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-allokazzjoni baġitarja inizjali stmata għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar hija EUR 717 ([1]) miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat fil-bażi ġuridika hu bejn 20 u 30, b'EUR 1 mill-baġit tal-Unjoni li jirriżulta f'EUR 20–30 f'finanzjament matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li l-ammont totali tal-volumi tas-self immobilizzati jvarja bejn EUR 14,3 u 21,5 biljun għad-durata kollha tal-programm.

([1]) Dan l-ammont huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li d-distribuzzjoni ġenerali bejn l-istrumenti ġenerali tal-COSME hi 52 % għall-Faċilità ta' Garanzija tas-Self (LGF) u 48 % għall-faċilità tal-ekwità għat-tkabbir (EFG) kif previst fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva u soġġetta għal tibdil, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1287/2013.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Is-Servizz ta' Self għar-R&I għal SMEs u Kumpaniji Żgħar b'kapitalizzazzjoni medja skont l-Orizzont 2020 — 2014 sal-2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 08 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Din il-faċilità ta' garanzija tirnexxi u tirfina l-pilota RSI skont l-RSFF fis-Seba' Programm Kwadru, u hija parti minn strument finanzjarju ta' dejn waħdieni li jappoġġa t-tkabbir tal-intrapriżi u l-attivitajiet tagħhom ta' R&I. Hi timmira SMEs xprunati mir-R&I u kumpaniji żgħar (sa 499 impjegat) li jeħtieġu self ta' bejn EUR 25 000 u EUR 7,5 miljun. Self ta' iktar minn EUR 7,5 miljun jiġi kkunsidrat fuq bażi ta' każ b'każ.

Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) se jimplimenta din il-faċilità billi jipprovdi garanziji diretti għal intermedjarji finanzjarji bħal banek, li se jestendu s-self attwali lil riċevituri finali. Il-garanzija se tkopri sa 50 % tat-telf potenzjali tal-intermedjarji. Il-FEI joffri kontrogaranziji lill-intermedjarji finanzjarji (bħall-istituzzjonijiet ta' garanzija) li jipprovdu protezzjoni konra r-riski għall-banek li jestendu s-self għall-SMEs xprunati mir-R&Ż u kumpaniji żgħar.

L-SMEs xprunati mir-R&I jew kumpaniji żgħar li jixtiequ japplikaw għal self għandhom jikkuntattjaw wieħed mill-intermedjarji finanzjarji biex jiffirmaw ftehim (ara l-proċedura ta' selezzjoni) mal-FEI. Din hija faċilità xprunata mid-domanda, mingħajr allokazzjonijiet minn qabel bejn setturi, pajjiżi jew reġjuni. Madankollu, soġġetta għall-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati, il-Kummissjoni se tinċentiva l-FEI biex jagħmel sforz partikolari biex jiżgura li proporzjon sinifikanti ta' riċevituri finali huma SMEs ekoinnovattivi u kumpaniji żgħar.

L-impatt mistenni: SMEs xprunati mir-R&I u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja kapaċi jwettqu ammont kbir ta' R&I. L-indikaturi huma l-għadd ta' ftehimiet iffirmati ma' intermedjarji finanzjarji u l-għadd u l-volum ta' self magħmul.

Skeda ta' żmien indikattiva: Din il-faċilità ilha disponibbli sa mill-10 ta' Ġunju 2014.

Il-proċedura tal-għażla

a) Għall-intermedjarji finanzjarji: Il-FEI joħroġ sejħiet għal espressjoni ta' interess, bi kriterji ta' eliġġibbiltà u ta' għażla definiti bħala parti minn kull sejħa wara konsultazzjoni mad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni.

b) Għas-self: skont il-proċessi interni tal-bank intermedjarju jew istituzzjoni finanzjarja oħra li għalihom l-SME jew il-kumpanija żgħira b'kapitalizzazzjoni medja japplikaw, billi juża kriterji kummerċjali normali.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Il-baġit totali previst għall-perjodu tal-ipprogrammar 2014 –2020 għas-Servizz ta' Dejn għar-R&I tal-SMEs u Kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li ġej mill-parti ta' "Aċċess għal Finanzjament ta' Riskju" ta' Orizzont 2020 huwa EUR 1 060 miljun.

L-arranġament ta' kondiviżjoni tar-riskju mal-FEI se jservi ta' ingranaġġ għall-kontribuzzjoni tal-UE għas-Servizz ta' Dejn għar-R&I tal-SMEs u Kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja b'fattur ta' mhux aktar minn 9, biex b'hekk jirriżulta f'finanzjament ta' self ta' SMEs u Kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja xprunati mill-R&I ta' madwar EUR 9 540 miljun għad-durata kollha tal-programm.

L-istrumenti se jikkontribwixxu wkoll għall-istrumenti finanzjarji li se jiġu użati skont l-inizjattiva konġunta tal-SME kif endorsjata mill-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2013. Din il-kontribuzzjoni tista' tieħu l-forma ta' garanziji mhux limitati ta' portafoll jew operazzjonijiet ta' titolizzazzjoni u kopertura, flimkien ma' riżorsi mill-ESIF, COSME u l-FEI, il-porzjon mezzan tal-portafoll.

L-allokazzjoni stmata tal-baġit prevista għall-perjodu totali tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 1 060 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat mill–bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 9 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li l-ammont totali tal-volumi tad-dejn immobilizzati se jkun ta' madwar EUR 9 540 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) — it-Tielet Assi — Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali — 2014 sa 2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm Ewropew għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-Unjoni (EaSI) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238.).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 04 03 02 03 — Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali — L-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzji għall-intraprendituri, speċjalment dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol, u l-intraprżi soċjali.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-objettivi ta' dawn l-istrumenti finanzjarji ġew deskritti fir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 u jistgħu jinstabu taħt l-Artikolu 4:

Objettiv ġenerali:

Li jiġu promossi l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali billi tiżdied id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-mikrofinanzjament għal nies vulnerabbli li jixtiequ jibdew mikrointrapriża kif ukoll mikrointrapriżi eżistenti, u billi jingħata aċċess akbar għall-finanzjament għall-intrapriżi soċjali.

Objettivi speċifiċi taħt l-Artikolu 26:

— jiżdied l-aċċess, u d-disponibbiltà ta' mikrofinanzjament għal:

  — persuni vulnerabbli li tilfu jew li huma fir-riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom, jew li għandhom diffikultà biex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, jew huma f'riskju ta' esklużjoni soċjali, jew li huma soċjalment esklużi, u li huma f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikrointrapriżi proprji tagħhom;

  — mikrointrapriżi sew fil-fażi tal-bidu kif ukoll tal-iżvilupp, speċjalment mikrointrapriżi li jimpjegaw persuni kif imsemmi fis-subinċiż ta' qabel;

— tinbena l-kapaċità istituzzjonali tal-fornituri tal-mikrokreditu;

— jiġi appoġġat l-iżvilupp tas-suq tal-investiment soċjali u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi għal intrapriżi soċjali billi l-ekwità, il-kważi ekwità, l-istrumenti tas-self u l-għotjiet li jistgħu jilħqu l-EUR 500 000 isiru disponibbli għall-intrapriżi soċjali, li jew għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx it-EUR 30 miljun, jew total annwali tal-karta bilanċjali li ma jaqbiżx it-EUR 30 miljun, li huma stess mhumiex intrapriża tal-investiment kollettiv.

Il-Programm għandu jibqa' għaddej mill-1 ta' Jannar 2014 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

Il-baġit tal-istrumenti finanzjarji tal-Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali se jikkonsisti f'21 % tal-baġit totali tal-EaSI għall-2014–2020, li jissarraf f'EUR 919 469 000 fi prezzijiet kurrenti.

KUMMISSJONI
INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Id-diviżjoni tiegħu tirrispetta l-perċentwali minimi li ġejjin:

— (a) mikrofinanzjament għall-gruppi vulnerabbli u mikrointrapriżi: 45 %,

— (b) intraprenditorija soċjali: 45 %.

Il-bqija jinqasam bejn dawn it-tnejn.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Riżultati fil-mira indikattivi huma 41 000 mikroself mogħti lil riċevituri finali u 1 350 self mogħtija lil intrapriżi soċjali. Il-mira għal mikrofinanzjament ġiet bbażata fuq l-esperjenza passata fil-Mikrofinanzjament għall-Progress.

Il-mira għal intrapriżi soċjali ġiet bbażata fuq il-volum totali tal-garanziji u tal-fondi tal-istrumenti ffinanzjati, immultiplikati mill-ingranaġġ mistenni u diviżi minn daqs ta' investiment medju ta' EUR 200 000 għal kull intrapriża soċjali.

Għall-istrumenti ffinanzjati, koinvestiment mistenni ta' EUR 20 miljun ġie kkunsidrat. Dawn il-miri huma soġġetti għal bidla hekk kif it-tfassil tal-faċilità u l-koinvestimenti potenzjali mhumiex magħrufa f'dan l-istadju.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 192 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira stmat hu:

— 5,5 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju għall-parti tal-garanziji,

— Għadha mhux disponibbli għall-parti tal-istrumenti ffinanzjati [1].

Ibbażata fuq l-ingranaġġ fil-mira tal-istrument,

— huwa stmat li l-ammont totali ta' 96 miljun użat għall-parti tal-Garanziji jirrappreżenta madwar EUR 528 miljun għar-riċevituri finali,

— l-istima għad ma tistax tiġi stabbilita għall-istrumenti ffinanzjati

[1] Wieħed għad irid jara liema se tkun il-modalità tal-implimentazzjoni għall-istrumenti ffinanzjati u kif dan se jolqot it-tfassil, l-ingranaġġ mistenni u l-koinvestimenti.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-Faċilità ta' Garanzija tas-Settur Kulturali u Kreattiv ("Programm Ewropa Kreattiva") — 2014 sa 2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE and Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 15 04 01 It-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja għall-SMEs u l-organizzazzjonijiet, u t-trawwim tal-iżvilupp ta' politika u mudelli ġodda ta' negozju.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-objettiv kumplessiv tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi huwa f'konformità ma' dawk tal-Programm Qafas Ewropew għall-Kreattività, li huwa: biex titrawwem is-salvagwardja u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika Ewropea. u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur kulturali u kreattiv, bl-iskop li jiġi promoss it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020.

L-objettiv speċifiku tal-qasam tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi huwa li jsaħħaħ il-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi.

Il-kwistjonijiet li se taħdem bis-sħiħ biex tindirizza huma:

— id-diffikultajiet għal SMEs u proġetti kulturali u kreattivi biex ikollhom aċċess għall-krediti bankarji,

— it-tixrid u d-disseminazzjoni limitati ta' ħila esperta fost l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-qasam tal-analiżi finanzjarja ta' SMEs u proġetti kulturali u kreattivi fl-Unjoni kollha.

Sabiex ikun hemm reazzjoni għal dawn il-kwistjonijiet, l-objettivi operattivi jkunu:

— li jipprovdu garanziji lil banek li jittrattaw mal-SMEs kulturali u kreattivi b'hekk jippermettulhom aċċess aktar faċli għall-kreditu tal-bank;

— li jkunu pprovduti l-kompetenza/bini ta' kapaċità għall-istituzzjonijiet finanzjarji;

— li jiżdied l-għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji li lesti jaħdmu ma' SMEs kulturali u kreattivi;

— li tkun massimizzata d-diversifikazzjoni ġeografika Ewropea ta' istituzzjonijiet finanzjarji li lesti jaħdmu ma' SMEs kulturali u kreattivi.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-impenji baġitarji previsti għall-perjodu totali tal-ipprogrammar jammontaw għal EUR 121 miljun, kif ukoll massimu ta' EUR 2 miljun bħala rkupri mistennija mill-Fond ta' Garanzija ta' Produzzjoni MEDIA, b'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1295/2013. L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 123 miljun.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat mill-bażi ġuridika/evalwazzjoni ex-ante huwa 5,7 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li l-ammont totali ta'/volumi ta' self immobilizzati se jkun ta' madwar EUR 690 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Erasmus+ Faċilità ta' Garanzija ta' Self lill-Istudenti — 2014 sa 2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50)

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 15 02 01 01 (parzjalment) — Il-Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ Ewropew u r-relevanza tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-objettiv tal-faċilità ta' garanzija ta' self għall-istudenti "Erasmus+ Master" huwa li jrawwem u jappoġġa l-mobbiltà sħiħa tal-programm f'livell ta' Master (it-tieni ċiklu tal-edukazzjoni superjuri). Biex isir dan, il-Faċilità se tipprovdi garanziji parzjali għall-intermedjarji finanzjarji li joħorġu self b'kundizzjonijiet favorevoli lill-istudenti mill-pajjiżi parteċipanti fl-Erasmus+ li jkunu qed isegwu programm sħiħ (ta' sena jew sentejn) fil-livell ta' Masters lil hinn mill-pajjiż ta' residenza tagħhom, u lil hinn mill-pajjiż minn fejn ikunu kisbu l-kwalifika tagħhom fil-livell ta' Baċellerat.

Il-garanziji maħruġa permezz tal-faċilità għandhom ikopru self eliġibbli ġdid għall-istudenti sa massimu ta' EUR 12 000 għal programm ta' sena fil-livell ta' Masters u sa massimu ta' EUR 18 000 għal programm ta' sentejn fil-livell ta' Masters.

Il-Faċilità għaldaqstant tirrappreżenta kontribuzzjoni diretta għall-mira tal-UE u l-Proċess ministerjali ta' Bolonja li jirduppjaw il-proporzjon ta' studenti li jtemmu perjodu ta' studju jew taħriġ barra minn pajjiżhom għal 20 % sal-2020.

Il-ġestjoni tal-Faċilità fil-livell tal-Unjoni ġiet fdata lill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), li se jikkonkludi ftehimiet, ma' intermedjarji finanzjarji bħal banek u istituzzjonijiet nazzjonali/reġjonali ta' self għall-istudenti Dawn l-intermedjarji finanzjarji parteċipanti min-naħa tagħhom jgħaddu l-benefiċċju tal-garanzija tal-UE billi jagħmlu s-self għall-istudenti disponibbli mingħajr ebda rekwiżit ta' kollateral mill-istudent jew mill-familja u b'kundizzjonijiet favorevoli pereżempju rata ta' imgħax aktar baxxa mir-rata tas-suq, u salvagwardji biex l-istudenti ma jbatux li jinkludu "perjodu ta' grazzja". Il-perjodu ta' grazzja jippermetti lill-gradwati jsibu impjieg qabel jibdew iħallsu lura s-self u "vaganza mill-pagamenti" li permezz tagħha l-pagamenti lura jistgħu jiġu ffriżati jekk ikun meħtieġ bħal waqt perjodu ta' qgħad jew maternità.

Il-kapital għas-self huwa ingranat mill-intermedjarji finanzjarji parteċipanti, bl-Unjoni li tkun garanti parzjali konta inadempjenzi fuq self possibbli mir-riċevituri finali. Il-ħlas lura tas-self isir permezz ta' mekkaniżmi ta' self bankarji "normali", bl-informazzjoni operazzjonali u l-ipproċessar isir f'livell lokali.

Il-bażi ġuridika tal-Programm Erasmus+ 2014–2020 jipprovdi għall-kontribuzzjoni totali tal-UE ta' EUR 517-il miljun, li jippermetti lil madwar 200 000 student biex jibbenefikaw minn self appoġġat mill-Faċilità.

Il-perjodu ta' żmien tal-istrument jestendi sal-2037 (jiġifieri il-programm se jdum fis-seħħ sal-2020+ sentejn(2) skadenza tal-impenn + sa 15-il sena maturità fuq is-self tal-istudenti).

Il-faċilità se tipprovdi garanziji parzjali sa 90 % tal-ewwel telfiet li jirriżultaw mill-inadempjenzi tar-riċevituri finali b'limitu tal-garanziji ta' 18 % tal-portafoll tas-self. L-ingranaġġ stmat huwa 5,7 (jiġifieri, EUR 3,2 biljuni li għandhom jiġu pprovduti bħala kapital għas-self tal-istudenti mill-intermedjarji finanzjarji parteċipanti).

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-allokazzjoni baġitarja stmata għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar hija prevista li tkun EUR 517-il miljun.

L-effett ta' ingranaġġ indikat fil-programm hu 5,7 'matul il-ħajja tal-programm.

Fuq il-bażi tal-miri tal-ingranaġġ tal-programm, hu stmat li l-ammont totali tal-finanzjament immobilizzat jirrappreżenta madwar EUR 2 947 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

It-tieqa ta' Garanzija PF4EE — 2014 sal-2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2014, p. 185), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 (1) tiegħu.

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 34 02 01 — It-tnaqqis tal-emmissjonijiet tal-Unjoni tal-gassijiet serra.

Artikolu 34 02 02 — Iż-żieda tar-reżiljenza tal-Unjoni għat-tibdil fil-klima.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-iskop tal-Istrument PF4EE(Finanzjament Privat għall-Effiċjenza Enerġetika) hu li jipprovdi aċċess għal finanzjament kummerċjali affordabbli għall-investimenti eliġibbli tal-effiċjenza tal-enerġija (EE) fil-mira ta' skemi żviluppati minn pajjiżi parteċipanti biex jimplimentaw il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-effiċjenza tal-Enerġija (NEEAP) tagħhom jew programmi oħra f'konformità mad-direttivi tal-UE marbuta mal-effiċjenza tal-enerġija.

L-istrument PF4EE jipprovdi lill-intermedjarji finanzjarji (IFs) (i) protezzjoni tar-riskju tal-kreditu bbażat fuq il-portafoll (Faċilità tal-Kondiviżjoni tar-Riskju jew RSF), kombinat ma' (ii) servizzi ta' għajnuna esperta għall-IFs sabiex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-istrument PF4EE (iii) finanzjament fit-tul mill-BEI.

L-RSF hu mfassal biex itaffi r-riskju tal-kreditu ffaċċjat mill-IFs meta jsellfu lir-riċevituri finali li jimpenjaw ruħhom għall-investimenti eliġibbli EE. Permezz ta' fondi tal-Unjoni ddepożitati bħala kont kollaterali, l-RSF se jkopri parti minn dawk imġarrba taħt is-self tal-EE inkluż fil-portafoll li se jinbena mill-IFs għall-finanzjament tal-investimenti tal-EE.

L-RSF jimmira li jżid l-attività tas-self u li jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-finanzjament għar-riċevituri finali permezz, fost l-oħrajn, ta' prezzijiet aktar baxxi, data ta' maturazzjoni itwal, u rekwiżiti eħfef ta' titoli. Is-self tal-BEI għall-EE jista' jikkumplimenta l-RSF. Self bħal dan tal-BEI għall-EE se jkun ipprovdut mill-BEI b'rati kompetittivi u b'maturazzjoni fit-tul.

Jeħtieġ li l-PF4EE ikun operazzjonali sakemm is-self sottostanti kopert mill-RSF jibqa' pendenti. Il-perjodu massimu li għandu jitħalla skont il-RSF ser ikun ta' 20 sena. Għaldaqstant, il-PF4EE ser ikun fis-seħħ sa 20 sena wara t-tmiem tal-perjodu tal-implimentazzjoni (2042).

Ir-riċevituri jinkludu individwi privati, assoċjazzjonijiet ta' sidien ta' djar, SMEs, korporazzjonijiet u/jew istituzzjonijiet/korpi pubbliċi li jagħmlu investimenti għall-EE skont in-NEEAP ta' kull Stat Membru.

Id-daqs tas-self għall-EE mogħti lill-benefiċjarji jvarja minn EUR 40 000, li jista' jitnaqqas biex jakkomoda investimenti żgħar fis-settur residenzjali, sa EUR 5 miljun u f'każijiet eċċezzjonali anki sa EUR 15-il miljun.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-implimentazzjoni tal-PF4EE bdiet fit-8/12/2014 bl-iffirmar tal-Ftehim ta' Delega.

Taħt il-PF4EE madwar 6–10 ftehimiet ta' finanzjament (Self tal-BEI għall-EE u Faċilitajiet ta' appoġġ għall-Kondiviżjoni tar-Riskju/Espert) jistgħu jiġu ffirmati mal-IFs matul il-perjodu 2014–2017.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-baġit previst li se jkun allokat lill-PF4EE bejn l-2014 u l-2017 huwa ta' EUR 80 miljun. L-effett ta' ingranaġġ antiċipat tal-BEI huwa maqsum f'sitta (6). Meta wieħed iqis li l-BEI huwa limitat bil-politiki interni tiegħu biex jiffinanzja sa 75 % tal-investimenti eliġibbli tal-EE; l-effett ta' ingranaġġ tal-investiment fil-mira hu maqsum fi tmienja (8).

Hu mistenni li matul il-ħajja tal-programm (2014–17), meta wieħed jassumi kost medju ta' investiment ta' EUR 300 000, sa madwar 1 800 riċevitur finali u proġettti se jirċievu finanzjament ta' self totali ta' madwar EUR 430 miljun. L-investiment totali fl-EE matul dan il-perjodu jista' jkun ta' madwar EUR 540 miljun

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji

Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji skont is-Seba' Programm Kwadru (RSFF) inkluża r-RSI (faċilità ta' garanzija pilota għal SMEs u Kumpaniji Żgħar b'kapitalizzazzjoni medja xprunati mir-R&I — Qabel l-2014

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007–2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku Kooperazzjoni li jimplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007–2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku: Kapaċitajiet li jimplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007–2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 08 02 51 — It-tlestija tal-programm qafas preċedenti ta' riċerka — Is-Seba' Programm Kwadru — azzjoni indiretta tal-KE (2007 sa 2013).

Fil-perjodu 2007–2013, ammont totali ta' EUR 1 230,73 miljun ġie impenjat mill-baġit tal-Unjoni (il-baġit inizjali tas-Seba' Programm Kwadru kif ukoll l-approprjazzjonijiet addizzjonali mill-EFTA u minn pajjiżi terzi għal dak il-programm) u mħallsa lill-BEI biex tiġi appoġġjata l-Faċilità tal-Finanzjament tal-Kondiviżjoni tar-Riskju (RSFF), li minnhom EUR 960,73 miljun jikkorrispondu għall-RSFF u EUR 270 miljun għall-RSI.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-objettiv ewlieni tal-RSFF huwa li jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament bid-dejn għal investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-UE speċjalment minn promoturi privati. Hija tikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet finanzjarji ta' proġetti u kumpaniji ta' innovazzjoni ta' kull daqs u sjieda, inklużi kumpaniji żgħar b'kapital medju u SMEs.

L-RSFF isostni l-aċċess għall-finanzi fil-firxa kollha tar-riċerka, żvilupp, dimostrazzjoni u innovazzjoni (RŻI), minn riċerka fundamentali għal żvilupp teknoloġiku, dimostrazzjoni u innovazzjoni. L-RSFF tindirizza objettivi ta' politiki transsettorjali u bżonnijiet ta' investiment relatati b'mod li hu xprunat mid-domanda abbażi ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel".

L-RSFF, żviluppata mill-Kummissjoni flimkien mal-BEI, ġiet stabbilita f'Ġunju 2007. L-UE u l-BEI huma msieħba fil-kondiviżjoni tar-riskji għal self ipprovdut mill-BEI direttament jew indirettament lill-benefiċjarji. L-Unjoni Ewropea, permezz tar-riżorsi baġitarji tas-Seba' Programm Kwadru u l-BEI, allokaw ammont totali sa massimu ta' EUR 2 biljuni (sa massimu ta' EUR 1 biljun kull wieħed) għall-perjodu 2007–2013 sabiex ikopru telfiet jekk self RSFF ma jitħallasx lura. Permezz ta' dawn il-kontribuzzjonijiet mingħand l-UE/BEI għall-kondiviżjoni tar-riskji u l-kopertura tat-telf, il-BEI jista' jestendi l-volum tas-self ta' EUR10 biljun lill-kumpaniji u lill-komunità tar-riċerka għall-investimenti tagħhom fir-RŻI.

Il-benefiċjarji tal-RSFF jistgħu jkunu entitajiet Ewropej ta' riċerka intensiva (kumpaniji, proġetti singoli) kif ukoll infrastrutturi ta' riċerka. Is-self RSFF jappoġġa investimenti fir-RŻI li jkunu saru minn promoturi u benefiċjarji li jinsabu fit-28 Stat Membru u l-pajjiżi assoċjati.

Il-kondiviżjoni tar-riskji bejn l-UE u l-BEI inizjalment kienet saret abbażi ta' self b'self (sal-2010). Mill-2011, wara rakkomandazzjoni minn grupp indipendenti ta' esperti, il-kondiviżjoni tar-riskji isir abbażi ta' portafolji, bl-ewwel telf tieħdu l-UE. Il-BEI qed jassumi telf ulterjuri ogħla minn ċertu limitu fil-każ li l-assorbiment tar-riskju tal-UE jkun ġie eżawrit.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Fil-bidu tal-2012, tnediet faċilità ta' garanzija pilota ġdida, RSI (L-Istrument tal-Kondiviżjoni tar-Riskji għall-SMEs u kumpaniji żgħar, b'massimu ta' 499 impjegat) biex jitjieb l-aċċess għall-finanzjament ta' self għal investimenti fir-RŻI. Il-faċilità ta' garanzija RSI hija parti mill-implimentazzjoni tar-RSFF imwettqa mill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). Għal din il-faċilità ta' garanzija pilota ta' RŻI, il-baġit tal-UE li ġej minn FP7 (flimkien ma' approprjazzjonijiet mill-EFTA u minn pajjiżi terzi għal dak il-programm) għall-perjodu 2012/2013 ammonta għal EUR 270 miljun.

L-ammont ta' EUR 375 miljun tħallas lura mill-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) lill-Faċilità tal-Ekwità għall-istrument Orizzont 2020.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 960,73 miljun għall-RSFF.

L-effett tal-ingranaġġ fil-mira kif indikat fil-bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 5 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju RSFF.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument RSFF, ġie stmat li l-ammont totali tal-volumi ta' self mobilizzat se jkun ta' madwar EUR 5 000 miljun, imma li attwalment laħaq l-EUR 10 500 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

L-Istrument ta' Garanzija ta' Self (LGTT) — għall-proġetti tat-Trasport Trans-Ewropej fil-qafas tal-perspettivi finanzjarji 2007–2013 (LGTT) — Qabel l-2014

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.3.2007, p. 1) kif emendat bir-Regolament Nru 670/2012 (ĠU L 204, 31.7.2012).

Ir-Regolament (UE) Nru 670/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2012 li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) u r-Regolament (KE) Nru 680/2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 204, 31.7.2012, p. 1).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 06 02 51 (parzjali) — Ikkompletar ta' programm tan-netwerks trans-Ewropej; (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

IL-LGTT huwa strument ta' dejn għall-kondiviżjoni tar-riskji stabbilitb'mod konġut mill-Unjoni u mill-BEI fl-2008, biex jgħaġġel u jimplimenta proġetti tal-infrastruttura TEN-T.

Il-"faċilitajiet LGTT" huma faċilitajiet ta' garanzija pprovduti mill-BEI skont il-LGTT lis-settur privat (sponsors ta' proġetti/promoturi), li jsaħħu l-klassifikazzjoni tal-kreditu tad-dejn superjuri billi jnaqqsu r-riskju tat-traffiku. Il-BEI jipprovdi garanzija fil-forma ta' linja ta' kreditu ta' kontinġenza, li l-promotur ta' proġett jista' jirrikorri għaliha matul l-ewwel 5 sa 7 snin tal-operazzjoni, jekk id-dħul iġġenerat minn proġett mhux suffiċjenti biex jiżgura r-rimborż tad-dejn superjuri, fil-każ li d-dħul reali minn proġett jaqa' taħt il-livell previst;

L-istrument LGTT ġie mfassal fl-2008, qabel il-kriżi finanzjarja globali. Minn dakinhar 'il quddiem, proġetti bbażati fuq id-dħul saru inqas komuni minħabba l-apatija tas-settur privat biex jieħu riskju fuq id-domanda tat-traffiku.

Il-kontribuzzjoni tal-UE għal-LGTT għall-perjodu 2007–2013 kienet inizjalment stabbilita għal EUR 500 miljun, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 670/2012, EUR 200 miljun ġew allokati mill-ġdid għall-"Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti", u EUR 50 miljun ieħor ġew allokati mill-ġdid għall-finanzjament tal-għotja TEN-T.

L-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-UE attwalment disponibbli għall-appoġġ ta' proġetti LGTT huwa ta' EUR 250 miljun, li minnhom tħallsu EUR 205 miljun. Kif ukoll EUR 7 miljuni ta' dħul ġew impenjati mill-ġdid għall-istrument li ġabu l-kontribuzzjoni totali tal-UE pprovduta lill-BEI għall-LGTT għal EUR 212 miljun mill-31.12.2014.

Wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 670/2012, il-mudell tal-kondiviżjoni tar-riskji mexa minn *pari passu* għal kondiviżjoni tar-riskji bbażata fuq portafoll bejn il-Kummissjoni u l-BEI. Skont l-"approċċ ta' portafoll", ir-riskju huwa diviż f'żewġ segmenti. Il-Portafoll tal-Ewwel Biċċa Telf (Portfolio First Loss Piece), li għaliha l-UE tikkontribwixxi 95 % u l-BEI 5 % u s-segment tar-riskju residwu li huwa kopert kollu mill-BEI. L-iskopertura massima tal-UE għar-riskju ma tistax taqbeż il-kontribuzzjoni baġitarja għal-LGTT indipendentement mill-mudell tal-kondiviżjoni tar-riskju magħżul.

Il-LGTT huwa disponibbli għal tranżazzjonijiet approvati mill-BEI sa tmiem l-2014 bl-għeluq finanzjarju sal-2016. Il-garanziji jistgħu jirrikorru għalihom matul l-ewwel ħames sa seba' snin tal-operazzjoni; fil-portafoll kurrenti, l-aħħar data li fiha jistgħu jinġibdu flus għal proġett hija l-aħħar tal-2021.

Il-Fużjoni tal-LGTT fl-Istrument tad-Dejn CEF (CEF DI)

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), l-istrument LGTT fl-2015 sar ħaġa waħda fl-2015 mal-istrumenti finanzjarji l-ġodda tas-CEF għall-perjodu 2014–2020.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-Ftehim ta' Delega għas-CEF DI ġie ffirmat fl-Lulju 2015. L-għaqda tal-Portafoll (ie assi u l-obbligazzjonijiet) madankollu seħħew fl-1 ta' Jannar 2016.

Impatt possibbli fuq il-baġit ġenerali:

Jekk il-BEI ma jirnexxilux jagħlaq finanzjarjament l-aħħar tranżazzjoni approvata sal-2016, l-EUR 45 miljun impenjati imma mhux imħallsa, jista' jkollhom jintraddu lura lill-baġit ġenerali.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Il-portafoll kurrenti tal-LGTT hu magħmul minn 6 proġetti TEN-T, li jirrappreżentaw ammont totali ta' finanzjament attirat t' EUR 12,1-il biljun (dejn, ekwità u għotjiet). Il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-istrument hi EUR 212 miljun (EUR 205 miljun f'pagamenti kif ukoll EUR 7 miljuni fi dħulijiet netti impenjati mill-ġdid). Dan iwassal għal ingranaġġ ta' 57,1. L-ebda ingranaġġ fil-mira ma ġie stabbilit mat-tnedija tal-istrument.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Inizjattiva ta' Bonds tal-Proġetti (IBP) — Qabel l-2014

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (UE) Nru 670/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2012 li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) u r-Regolament (KE) Nru 680/2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 204, 31.7.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

(ii) ***Linji bażitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

L-Artikolu 06 02 51 (parzjali) — L-ikkompletar ta' programm tan-netwerks trans-Ewropej; (fin-nomenklatura bażitarja tal-2014).

Artikolu 06 03 03 — Sostenn finanzjarju għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (fin-nomenklatura tal-bażit tal-2013).

Artikolu 32 02 51 — It-tlestija tas-sostenn finanzjarju għall-proġetti ta' interess komuni fin-netwerk ta' enerġija trans-Ewropej (fin-nomenklatura tal-bażit tal-2014)

Artikolu 32 03 02 — Sostenn finanzjarju għall-proġetti ta' interess komuni fin-netwerk ta' enerġija trans-Ewropej (fin-nomenklatura tal-bażit tal-2013

Artikolu 09 04 53 01 — L-ikkompletar ta' Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Sostenn għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT PSP) (mill-2007 sal-2013) (fin-nomenklatura bażitarja tal-2014).

Artikolu 09 03 01 — Programm Kwadru tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Sostenn tal-Politika tat-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni u tal-Informazzjoni (ICT PSP) (fin-nomenklatura bażitarja tal-2013).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-bażit***

L-Inizjattiva ta' Bonds tal-Proġetti hija strument finanzjarju żviluppat, stabbilit u appoġġat konġuntament mill-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) ([1]).

Hi timmira biex tistimula l-finanzjament tal-kapital tas-suq għal proġetti ta' infrastruttura fiż-żoni tan-netwerks Trans-Ewropej fit-trasport u l-enerġija kif ukoll fin-netwerks tal-broadband billi ttejjeb l-kwalità tal-kreditu tad-dejn superjuri b'tali mod li tkun tista' tiġi ffinanzjata minn ħruġ ta' bonds li huwa attraenti *inter alia* għal investituri istituzzjonali bħal kumpaniji tal-assigurazzjoni jew fondi tal-pensjoni. Barra l-finanzjament pprovdut għall-benefiċċju ta' proġetti individwali, l-objettiv huwa li titwitta t-triq għall-ħolqien ta' klassi ġdida ta' assi għall-infrastruttura tal-UE li hija investibbli għal investituri istituzzjonali. B'dan il-mod, l-Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti biħsiebha tiftaħ riżorsi ġodda għall-finanzjament ta' infrastrutturi biex tikkumplimenta r-restrizzjonijiet fil-bażits pubbliċi u t-tnaqqis fis-self mill-banek għal proġetti ta' infrastruttura b'maturitajiet ta' terminu twil.

L-istrument jista' jiffinanzja proġetti jew parti minn proġetti eliġibbli skont il-linji gwida għat-TEN-T, TEN-E u l-kriterji għal proġetti tal-broadband definiti fil-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni emendat. Normalment il-proġetti huma strutturati bħala Veikolu bi Skop Speċjali (SPV) stabbilit biex jibni, jiffinanzja u jopera proġett ta' infrastruttura. Il-faċilità IBP tipprovdi porzjon ta' dejn subordinat għall-istruttura finanzjarja tal-kumpanija tal-proġett. Din il-faċilità jaf tieħu l-forma ta' linja tal-kreditu kontinġenti ("faċilità mhux iffinanzjata") jew self subordinat ("faċilità iffinanzjata") u hija limitata sa massimu ta' 20 % tal-ammont totali ta' dejn superjuri. F'każ li l-faċilità mhux iffinanzjata tiintuża, il-BEI isir kreditur għall-kumpanija tal-proġett u l-ammonti dovuti skont il-PBI jiġu kklasifikati bħala subordinati għas-servizz ta' dejn superjuri u superjuri għall-ekwità. L-ammont massimu disponibbli għal tiswiħ tal-kreditu skont il-PBI hija ta' 20 % tan-nominal tad-dejn superjuri.

([1]) Dan l-istrument jaf jiġi implimentat ukoll f'kooperazzjoni ma' entitajiet oħrajn fil-futur.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-mekkaniżmu tal-kondiviżjoni tar-riskji bejn il-Kummissjoni u l-BEI jopera fuq il-bażi tal-prinċipju tal-Ewwel Biċċa Telf: ir-riskju għall-baġit tal-UE u l-BEI huwa diviż f'żewġ segmenti, Portafoll tal-Ewwel Biċċa Telf (PFLP), li jintuża l-ewwel f'każ ta' indebolimenti fuq operazzjonijiet PBI, u Segment tar-Riskju Residwu (RRT) li huwa użat biss jekk il-PFLP ikun ġie eżawrit. L-UE u l-BEI jikkontribwixxu għal 95 % u 5 % għal PFLP, rispettivament. Is-segment tar-riskju residwu huwa kopert fis-sħiħ mill-BEI.

Operazzjonijiet Individwali PBI jistgħu jiġu approvati mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI mhux aktar tard minn tmiem l-2014 u l-għeluq finanzjarju għandu jseħħ mhux aktar tard minn tmiem l-2016. L-istrument jistralċja meta ma jkunx hemm aktar esponiment kontinġenti skont kwalunkwe operazzjoni PBI (jew meta tali esponiment ikun ġie ddikkjarat mill-BEI bħala mhux irrekuperabbli).

Il-fażi pilota għandha pakkett finanzjarju totali ta' EUR 230 miljun: EUR 200 miljun mill-baġit TEN-T, EUR 10 miljuni mill- baġit TEN-E u EUR 20 miljun mis-CIP ICT.

L-Artikolu 14 tar-Regolament 1316/2013 jipprovdi għall-possibbiltà tal-fużjoni tal-PBI mal-istrumenti finanzjrji l-ġodda taħt dak ir-Regolament. Fid-dawl tal-valutazzjoni ex ex-ante li saret mill-Kummisjoni, l-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskju għal proġetti ta' bonds stabbiliti skont id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE saret ħaġa waħda mal-Istrumenti Finanzjarji CEF fl-2015. Valutazzjoni indipendenti tal-fazi pilota PBI seħħet u kienet iffinaliżżata fl-2015.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Il-fażi pilota PBI tnediet f'Novembru 2012 biex tittestja l-kunċett. Sa tmiem l-2014, ħames proġetti fis-setturi tat-trasport, l-enerġija u dak tat-telekomunikazzjoni ġew iffirmati bl-appoġġ tal-PBCE, li minnhom tranżazzjoni ta' bond ta' proġett wieħed saret mill-BEI mingħajr kontribuzzjoni baġitarja tal-Unjoni. Id-daqs totali tat-tisħiħ tal-kreditu tal-bond ta' proġett għal dawn it-tranżazzjonijiet kient ta' EUR 493 miljun (li minnhom EUR 293 miljun ipprovduti bħala tisħiħ tal-kreditu bl-użu tal-baġit tal-UE), li sostna bonds fl-ammont ta' EUR 2 961 miljun (li minnhom EUR 1 561 miljun f'bonds issaħħilhom il-kreditu bl-appoġġ tal-UE). B'kollox, l-ammont ta' finanzjament (dejn+ekwità) miġbur mill-erba' proġetti bl-appoġġ tal-PBCE mill-baġit tal-Unjoni kien ta' EUR 1 892 miljun.

L-ebda ingranaġġ fil-mira ma ġie indikat fil-bażi ġuridika. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-pilota PBI stmat effett multiplikaturta' bejn 15–20, skont id-daqs tad-dejn subordinat tal-proġett u l-arranġamenti tal-kondiviżjoni tar-riskju.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Is-servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni taħt Orizzont 2020 — 2014 sal-2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014 –2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020" — Il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) u li jħassar id-Deiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 08 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-għan huwa li jitjieb l-aċċess għal finanzjament ta' dejn — self, garanziji, kontragaranziji u forom oħra ta' dejn u finanzjament ta' riskji — għal entitajiet pubbliċi u private u sħubijiet pubbliċi-privati involuti f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li jirrikjedu investimenti riskjuži sabiex ikollhom riżultati. Il-fokus se jkun is-sostenn għal riċerka u innovazzjoni li għandhom potenzjal għoli għal eċċellenza.

Ir-riċevituri finali fil-mira huma potenzjalment entitajiet ġuridiċi ta' kull daqs li jistgħu jissellfu l-flus u jħallsuhom lura u, b'mod partikolari, SMEs bil-potenzjal li jwettqu innovazzjoni u jikbru malajr; kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u intraprizi kbar; universitajiet u istituti ta' riċerka; infrastrutturi ta' riċerka u infrastrutturi ta' innovazzjoni; sħubiji pubbliċi-privati; u strumenti jew proġetti bi skop partikolari.

Is-Servizz ta' Self u Garanziji għar-Riċerka u l-Innovazzjoni hu implimentat lejn approċċ ta' pjattaforma li joffri diversi prodotti mfassla speċifikament biex jindirizzaw ħtiġijiet partikolari. Is-sieħeb ewlieni bħala entità fdata għall-implimentazzjoni għas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni se tkun il-Bank tal-Investiment Ewropew (BEI).

Il-finanzjament tas-Servizz ta' Self u Garanziji għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għandu żewġ komponenti ewlenin

— komponent *xprunat mid-domanda*, li jipprovdi self u garanziji fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, b'sostenn speċifiku għal benefiċjarji bħal SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Dan il-komponent għandu jikkostitwixxi rispons għat-tkabbir kostanti u kontinwu osservat fil-volum ta' self mill-RSFF, li huwa bbażat fuq id-domanda. Dan il-komponent xprunat mid-domanda se jkun sostnut mill-baġit tal-programm għall-Aċċess għall-Finanzjament tar-Riskji tal-Orizzont 2020.

— *immirat*, iffukar fuq politiki u setturi ewlenin li huma kruċjali sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali, tissaħħaħ il-kompetittività, jiġi appoġġjat tkabbir sostenibbli, li jagħmel użu baxx mill-karbonju, u inklussiv u li jiġu pprovduti oġġetti ambjentali u pubbliċi oħrajn. Dan il-komponent għandu jgħin lill-Unjoni biex tindirizza aspetti tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' objettivi ta' politiki settorjali u se jkun sostnut minn partijiet oħra tal-Orizzont 2020, oqfsa, programmi u linji baġitarji oħra fil-baġit tal-Unjoni, reġjuni u Stati Membri partikolari li jixtiequ jikkontribwixxu bir-riżorsi proprji tagħhom (inkluż permezz tal-Fondi Strutturali) u/jew entitajiet speċifiċi (bħall-Inizjattivi Konġunti għat-Teknoloġija) jew inizjattivi.

Id-data tal-iskadenza tal-istrument hija mistennija li tkun bejn l-2027 u l-2030.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-baġit totali (krediti primarji) previst għall-perjodu tal-ipprogrammar 2014–2020 għall-parti xprunata mid-domanda tas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni huwa ta' EUR 1 060 biljun. Din il-kontribuzzjoni tal-baġit Orizzont 2020 sejra, minn tal-inqas, tkun imqabbla mill-BEI permezz tar-riżorsi tagħha stess, u b'hekk tippermetti ż-żieda tal-impatt u l-kapaċità totali ta' self tas-Servizz ta' Self u Garanzija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni b'fattur ta' tnejn.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 1 435 miljun inkluż EUR 375 miljun mis-Seba' Programm Kwadru RSFF.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira li hu indikat fil-bażi ġuridika hu 12,5 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-effett ta' ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li l-ammont totali tal-volumi tas-self ikun ta' madwar EUR 18 000 miljun.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Strument għall-Kondiviżjoni tar-riskji tas-CEF (Kondiviżjoni tar-riskji tas-self u Bonds tal-Proġetti) — 2014 sal-2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Dan l-istrument jista' jkun kopert mil-linji baġitarji li ġejjin:

Partita 06 02 01 05 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-trasport;

Artikolu 09 03 02 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti fl-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni,

Partita 32 02 01 04 — Ħolqien ta' ambjent li jiffaċilita l-investiment privat għal proġetti enerġetiċi.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Strumenti finanzjarji

Skont ir-Regolament (UE) 1316/2013, l-objettiv tal-istrument finanzjarju taħt is-CEF huwa li jiffaċilita l-aċċess tal-proġetti tal-infrastruttura għal finanzjament tal-proġett jew dak korporattiv bl-użu tal-fondi tal-UE bħala ingranaġġ. Huma se jgħinu biex jiġu ffinanzjati proġetti ta' interess komuni b'valur miżjud ċar tal-UE, u biex jiġi ffiaċilitat involviment ikbar tas-settur pubbliku fil-finanzjament fit-tul ta' tali proġetti fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni, tal-aħħar limitat għan-netwerks broadband.

Għandhom ikunu ta' benefiċċju għal proġetti bi ħtiġijiet ta' finanzjament fuq perjodu medju sa twil u joħolqu benefiċċji ikbar f'termini ta' impatt fuq is-suq, effiċjenza amministrattiva u użu tar-riżorsi.

Barra minn hekk, dawn l-istrumenti jipprovdu lill-partijiet ikkonċernati fl-infrastruttura bħal finanzjaturi, awtoritajiet pubbliċi, maniġers tal-infrastrutturi, kumpaniji tal-kostruzzjoni u operaturi b'għażla ta' għodod tal-appoġġ finanzjarju tal-UE orjentati lejn suq koerenti.

Fl-2014, il-Kummissjoni, wara l-konklużjoni tal-valutazzjoni ex-ante tas-CEF prevista fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013,, iddedikat biex iwaqqaf u jniedi strument tal-kondiviżjoni tar-riskju tad-Dejn għal self u garanziji li se jipprovdi wkoll appoġġ għal proġetti ta' bonds. Il-valutazzjoni ex-ante tal-Kummissjoni tindika li strument ta' ekwità jista' jinħoloq fi stadju aktar tard fuq il-bażi tal-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet korrispondenti. Il-valutazzjoni Ex-ante tista' tinstab hawn:

http://www.europarl.europa.eu/meetdocs/2014_2019/documents/tran/dv/exanteassessmentcef_/exanteassessmentcef_en.pdf

L-implimentazzjoni tal-Istrument tad-Dejn tas-CEF u l-fużjoni tal-istrumenti finanzjarji l-oħra kollha taħt ir-Regolament Nru 680/2007

L-Istrument tad-Dejn tas-CEF (CEF DI) se jkun implimentat wara l-konklużjoni ta' Ftehim Ġdid ta' Delega iffirmat mal-BEI. Barra minn hekk, il-ftehim jinkludi l-fużjoni tal-istrumenti eżistenti (LGTT u l-PBI) bi strument ġdid tad-Dejn taħt is-CEF mill-2015.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Impatt fuq il-baġit

Kif stabbilit fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013, il-kontribuzzjoni indikattiva tal-UE għall-Istrument Finanzjarju għall-perjodu 2014–2020 għandha tkun sa EUR 3 324 225 900 ([1]). Dan l-ammont jista' jinbidel matul il-Perjodu ta' Impenn, b'mod partikolari bħala riżultat ta' deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet baġitarji (il-Parlament Ewropew u il-Kunsill) jew mill-Kummissjoni.

Tul taż-żmien taċ-CEFDI

L-aħħar segment tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għas-CEFDI għandu jkun impenjat mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020. L-approvazzjoni proprja tal-finanzjament tad-dejn mill-entitajiet fdati jew l-istrumenti ta' investiment dedikati għandha tiġi ffinalizzata sal-31 ta' Diċembru 2022.

L-Istrument għall-kondiviżjoni tar-riskji għal self u garanziji

Is-sostenn permezz tal-finanzjament tad-dejn superjuri m'għandux jaqbeż it-30 % tal-ammont totali tad-dejn superjuri maħruġ. Il-finanzjament tad-dejn superjuri li għandu jiġi pprovdut taħt is-CEFDI m'għandux jaqbeż il-50 % tal-ammont totali tal-finanzjament totali tad-dejn superjuri li għandu jiġi pprovdut mill-entità fdata jew l-istrument ta' investiment dedikat.

Inizjattiva tal-Bonds tal-Proġetti

L-istrument ta' kondiviżjoni tar-riskji għal bonds tal-proġetti għandu jitfassal bħala finanzjament tad-dejn dejn superjuri sabiex jitħaffef il-finanzjament għal kumpaniji tal-proġetti li jiġbru dejn superjuri fil-forma ta' bonds self jew kombinazzjoni ta' self u bonds tal-proġetti. Dan l-istrument għat-tishiħ tal-kreditu jimmira li jtejjeb ir-rata ta' kreditu ta' dejn superjuri sabiex jattira investituri privati għall-finanzjament tal-proġett. Huwa ser jiġi kklassifikat wara d-dejn superjuri iżda qabel il-finanzjament marbut ma' ekwità. Il-finanzjament tad-dejn subordinat m'għandux jaqbeż it-30 % tal-ammont totali tad-dejn superjuri maħruġ.

Tariffi amministrattivi, tal-prestazzjoni u tal-immaniġġar tat-teżor

Kif stabbilit fil-bażi ġuridika, il-miżati amministrattivi u tal-prestazzjoni li għandhom jitħallsu lill-BEI m'għandhomx jaqbżu t-2 % u t-3 % rispettivament tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni effettivament użata għal operazzjonijiet individwali.

It-Tariffa tal-Ġestjoni tat-Teżor (skont l-Artikolu 13(5) tal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv) m'għandhiex taqbeż il-1 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni li tintuża effettivament biex tkopri l-operazzjonijiet matul il-perjodu tal-istrument finanzjarju.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Fir-rigward tas-*settur tal-enerġija*, is-CEF DI għandu jiffaċilita l-aċċess ta' proġetti ta' interess komuni għal finanzjament tad-dejn fit-tul kemm fuq bażi korporattiva u finanzjarja tal-proġett. L-istrument għandu b'mod partikolari jassisti l-proġetti ta' interess komuni fejn l-istrument jista' jiffaċilita l-aċċess għal kapital ta' dejn minn istituzzjonijiet kummerċjali ta' self, investituri istituzzjonali jew ta' self superjuri mill-Bank. L-abbozz tal-Ftehim ta' Delega jipprevedi li l-kategoriji l-oħra tal-assi tal-enerġija (eż. il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, grilji tad-distribuzzjoni intelliġenti) jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ tas-CEF DI fil-każ ta' kontribuzzjonijiet li għandhom skop speċifiku minn programmi jew korpi oħra.

Fir-rigward tas-*settur tal-broadband*, is-CEF DI għandu jiffaċilita l-fluss effiċjenti ta' investimenti privati u pubbliċi biex jistimulaw l-installazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' networks tal-broadband b'veloċità għolja f'konformità mal-miri tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa. Biex ikun żgurat l-aħjar valur għall-flus, u minħabba l-limiti fir-riżorsi allokati għall-broadband tas-CEF, is-CEF DI ikun disponibbli għal proġetti li jiddependu mit-teknoloġija l-aktar adatta għall-proġett speċifiku, jistgħu jixprunaw mudelli innovattivi ta' negozju u juru potenzjal tajjeb għar-replikabilità. Is-CEF DI għandu b'mod partikolari jindirizza l-ħtiġijiet speċjali ta' reġjuni suburbani, rurali, u b'densità baxxa ta' popolazzjoni u dawk inqas żviluppati, li jridu jiġu servuti b'konnessjonijiet b'veloċità għolja. Dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' networks tal-broadband biex jikkollegaw gżejjer, reġjuni bla baħar, reġjuni muntanjużi, reġjuni remoti u periferiċi, inklużi Stati Membri li huma gżejjer, mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni, u/jew azzjonijiet biex itejbu l-affidabbiltà jew il-prestazzjoni tal-konnessjonijiet bejn tali reġjuni u r-reġjuni ċentrali tal-Unjoni.

([1]) Dan l-ammont ma jqisx li jista' jkun hemm riallokazzjoni ta' EUR 3,3 biljun għall-EFSI.

Fir-rigward tas-*settur tat-trasport*, is-CEF DI għandu jservi biex iżid il-livell totali ta' investiment fl-infrastrutturi tat-trasport fl-UE matul il-perjodu 2014–2020 f'konformità mal-objettivi tal-politika u l-volumi ta' investiment previsti fil-bażi ġuridika u fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1). L-abbozz tal-Ftehim ta' Delega jipprevedi li l-kategoriji l-oħra tal-assi tat-trasport (eż. proġetti ta' mobilità urbana, infrastruttura ta' trasport li ma tkunx qiegħda fit-TEN-T) jistgħu jibbenefikaw mis-sostenn tas-CEF DI fil-każ ta' kontribuzzjonijiet li għandhom skop speċifiku minn programmi jew korpi oħra.

Parametri finanzjarji u ingranaġġ

Il-parametri tal-kondiviżjoni tar-riskji u d-dħul ser ikunu stabbiliti b'tali mod li jistgħu jinkisbu l-objettivi speċifiċi ta' politika, inkluż li jkunu fil-mira kategoriji partikolari ta' proġetti, filwaqt li jiġi ppreservat l-approċċ orjentat lejn is-suq tas-CEF DI.

L-ingranaġġ mistenni tas-CEF DI— iddefinit bħala l-finanzjament totali (jiġifieri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni flimkien mal-kontribuzzjonijiet minn sorsi finanzjarji oħrajn) diviż bil-kontribuzzjoni tal-Unjoni — għandu jvarja minn 6 sa 15, skont it-tip ta' operazzjonijiet involuti (livell ta' riskju, benefiċjarji mmirati, u l-finanzjament tad-dejn ikkonċernat).

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ mistenni tas-CEFDI, huwa stmat li l-volum totali ta' finanzjament immobilizzat mill-istrument jista' jvarja minn EUR 20 000 miljun għal EUR 50 000 miljun għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar, skont it-tip ta' operazzjonijiet involuti (livell ta' riskju, benefiċjarji mmirati, u t-tip ta' finanzjament tad-dejn ikkonċernat.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Faċilità Finanzjarja ta' Kapital Naturali (NCFF) —2014 sal-2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185), u b'mod partikolari l-artikolu 17(1) tiegħu.

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 07 02 02 — It-twaqqif utat-telf u r-restawr tal-bijodiversità.

Artikolu 34 02 02 — Iż-żieda tar-reżiljenza tal-Unjoni għat-tibdil fil-klima.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Il-Faċilità Finanzjarja ta' Kapital Naturali (NCFF) se tiffinanzja investiment bil-quddiem u kostijiet operazzjonali għal proġetti pilota li jiġġeneraw id-dħul jew li jiffrankaw il-kostijiet u li jippromwovu l-konservazzjoni, ir-restawr, l-immaniġġar u t-titjib tal-kapital naturali għall-bijodiversità u l-benefiċċji tal-adattament, inklużi soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ekosistemi għall-isfidi relatati mal-art, il-ħamrija, il-forestrija, l-agrikoltura, l-ilma u l-iskart. L-NCFF jikkumbina l-finanzjament dirett u indirett ta' proġetti permezz tad-djun u l-ekwità.

Peress li l-proġetti appoġġati min-NCFF se jkunu proġetti li Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) normalment ma jinvestix fihom, jew għax huma żgħar wisq jew għax ir-riskju għoli previst tagħhom hu għoli wisq, il-faċilità tinkludi mekkaniżmu tal-kondiviżjoni tar-riskji li bih il-fondi tal-UE jassorbu l-ewwel telf f'każ li l-proġett ifalli. Il-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni huwa stabbilit fi ftehim ta' delega bejn il-Kummissjoni u l-BEI, li jiddefinixxi wkoll il-kriterji tal-esklużjoni u l-għażla għall-proġetti, fejn jiġi żgurat li l-prijoritajiet korretti jiġu integrati fil-proċess tal-għażla u li jkun hemm kopertura ġegrafika u firxa bbilanċjata fuq it-tipi ta' proġetti.

Faċilità ta' sostenn mill-esperti qed tingħata sabiex jiġi żgurat li l-proġetti jilħqu stadju suffiċjenti ta' maturità għall-finanzjament. L-implimentazzjoni tal-istrument NCFF kinet fdata lill-BEI permezz ta' maniġment indirett.

Il-fażi pilota tal-NCFF tipprevedi perjodu ta' programmazzjoni mill-2014 sal-2017 b'perjodu ta' implimentazzjoni sal-2019. Il-kontribuzzjoni tal-UE prevista għal dan il-perjodu hija ta' EUR 60 million inklużi EUR 10 miljuni għall-faċilità ta' Appoġġ Tekniku.

L-NCFF ser jiġi żviluppat f'żewġ fażijiet; fażi pilota ser tippermetti li jsir ittestjar tal-għażliet ta' finanzjament differenti, sabiex ikun hemm enfasi fuq l-aktar approċċi xierqa fit-tieni fażi operazzjonali.

Il-proġetti se jaqgħu f'erba' kategoriji wiesgħa :

— Pagamenti għal servizzi ta ' Ekosistemi (PES): proġetti li jinvolvu pagamenti għall-flussi tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-kapital naturali, ġeneralment tranżazzjoni volontarja bilaterali fuq skala żgħira b'xerrej identifikat sew u bejjiegħ ta' servizz ta' ekosistema. Dawn huma bbażati fuq il-prinċipju li l-benefiċjarju jħallas, fejn il-pagamenti jsiru biex jiżguraw is-servizzi kritiċi tal-ekosistemi.

— Infrastruttura Ekoloġika (IE): IE hija netwerk ippjanat b'mod strateġiku ta' żoni naturali u seminaturali b'karatteristiċi ambjentali oħra mfassal u mmaniġġjat biex jipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi tal-ekosistema. L-Infrastruttura Ekoloġika tinkorpora spazji ekoloġiċi (jew marittimi fil-każ tal-ekosistemi akkwatiċi) u karatteristiki fiżiċi oħrajn f'żoni fuq l-art (inkluż dawk li jinsabu mal-kosta) u f'żoni tal-baħar. Fuq l-art, l-IE teżisti f'żoni rurali u f'żoni urbani. Il-proġetti tal-IE għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw introjtu u li jiffrankaw il-kostijiet ibbażati fuq il-forniment ta' prodotti u servizzi inkluż l-immaniġġjar tal-ilma, il-kwalità tal-arja, il-forestrija, ir-rikreazzjoni, il-kontroll tal-għargħar/l-erożjoni/in-nirien, il-pollinazzjoni u reżiljenza miżjuda għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima.

— Kumpens għall-bijodiversità: dawn huma azzjonijiet ta' konservazzjoni intiżi biex jikkumpensaw għall-ħsara residwa u inevitabbli lill-bijodiversità kkawżata minn proġetti ta' żvilupp. Dawn huma bbażati fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, fejn il-kumpens isir għall-konformità jew biex jiġu mitigati r-riskji reputazzjonali. Il-proġetti mmirati lejn il-kumpens tad-danni li jsiru f'siti ta' Natura 2000 skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p.7) mhumiex eliġibbli għal finanzjament mill-NCFF.

— Investimenti favur il-bijodiversità u ta' adattament innovattivi: dawn huma proġetti li jinvolvu l-forniment tal-prodotti u s-servizzi, ħafna drabi mill-SMEs, li jimmiraw li jipproteġu l-bijodiversità jew li jżidu r-reżiljenza tal-komunitajiet u ta' setturi oħrajn tan-negozju.

L-għan huwa li jiġu identifikati u ffinanzjati proġetti b'kopertura ġeografika u settorjali wiesgħa biżżejjed, filwaqt li jiġu ttestjati diversi mekkaniżmi ta' finanzjament, biex tiġi żgurata r-replikabbiltà mal-UE kollha tul il-fażi operazzjonali.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Minħabba l-fażi pilota inizjali, l-NCFF huwa mistenni li jeżegwixxi bejn disa' u 12-il operazzjoni (inklużi operazzjonijiet indiretti), jew bejn tlieta u erba' operazzjonijiet fis-sena. L-ammont għal kull operazzjoni mwettqa għal kwalunkwe investimenti individwali huwa mistenni li jkun bejn EUR 5 u 15-il miljun.

L-allokazzjoni tal-baġit tal-UE stmata prevista għal dan il-perjodu ta' programmazzjoni (2014-2017) hija ta' EUR 60 million (inklużi EUR 10 miljuni għall-Faċilità ta' SostennTekniku).

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira li hu indikat fil-Ftehim ta' Delega hu 2–4 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju (il-31 ta' Diċembru 2019).

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li l-ammont totali tal-investimenti u self immobilizzat se jkun ta' mill-anqas EUR 120 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Inizjattiva għall-SME tal-UE — 2014 sal-2020

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u medji (COSME) (2014–2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33). Il-Kummissjoni stabbiliet strumenti finanzjarji bl-għan li jiffaċilitaw u jtejbu l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament fil-fażijiet tagħhom tal-bidu, it-tkabbir u t-trasferiment li jikkumplimentaw l-użu tal-istrumenti finanzjarji mill-Istati Membri għall-SMEs fil-livell nazzjonali u reġjonali.

Oriżżont 2020: Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104). Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont 2020 — il-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020), il-Kummissjoni stabbilixxiet strumenti finanzjarji li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal riċevituri finali li jwettqu proġetti ta' riċerka u innovazzjoni.

FEŻR u FAEŻR: Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

— Linji baġitarji MS (FEŻR-FAEŻR)

  — għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR); artikoli 13 03 60, 13 03 61, 13 03 62,

  — għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR): partita 05 04 60 01

— COSME: artikolu 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) f'forma ta' ekwità u dejn,

— H2020: partita 08 02 02 02 — Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni.

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-inizjattiva tal-SME ġiet ippreżentata fis-27–28 ta' Ġunju 2013 fir-rapport konġunt tal-Kummissjoni u tal-BEI lill-Kunsill Ewropew, biex tikkomplementa u tuża s-sinerġiji bejn il-programmi eżistenti ta' sostenn għall-SMEs fil-livell nazzjonali u tal-UE. B'mod aktar speċifiku, l-inizjattiva tal-SME hija, strument konġunt li jgħaqqad il-fondi tal-UE disponibbli taħt il-COSME u l-Orizzont 2020 u r-riżorsi tal-FEŻR-FAEŻR f'kooperazzjoni mal-BEI/FEI bil-ħsieb li jiġi ġġenerat self addizzjonali għall-SMEs. Il-BEI huwa entità fdata bl-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva. Tliet strumenti finanzjarji jistgħu jiġu implimentati taħt l-inizjattiva tal-SME u li bażikament jammontaw għal żewġ modi alternattivi ta' kif joperaw, jiġifieri:

(a) garanziji mingħajr limitu li tipprovdi għajnuna kapitali lill-intermedjarji finanzjarji għal portafoll ġdid ta' finanzjament tad-dejn lil SMEs u

(b) strumenti ta' titolizzazzjoni (b'żewġ possibbiltajiet, jiġifieri l-għażla nru 2 strument ta' titolizzazzjoni b'kontribuzzjoni tal-iStati Membri għall-użu esklussiv mill-iStati Membri parteċipanti u l-alternattiva Nru 3 strument ta' titolizzazzjoni b'bosta kontribuzzjonijiet tal-SM miġbura u użati biex jipprovdu protezzjoni fuq l-iskopertura aggregata, b'mod partikolari għas-segmenti intermedji garantiti mill-FEI).

Il-perjodu ta' żmien li matulu l-Istat Membru parteċipanti jista' jimpenja xi fondi għall-FEI jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2016. Peress li se jiġi definit fil-ftehim ta' finanzjament li għandu jiġi ffirmat bejn il-BEI u l-SM li jieħu sehem, l-intermedjarju finanzjarji magħżul se joriġina l-finanzjament tad-dejn ġdid mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu tal-eliġibbiltà (jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2023).

F'termini ta' baġit, ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jipprevedi limitu ta' EUR 8,5 biljun ta' FEŻR-FAEŻR aggregat li għandu jiġi mpenjat taħt l-inizjattiva tal-SME. F'dan ix-xenarju, il-kontribuzzjonijiet massimi korrispondenti COSME u l-Orizzont 2020 jammontaw għal EUR 175 miljun kull wieħed matul il-perjodu 2014–2016.

Sa tmiem l-2014, żewġ Stati Membri kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom: Spanja (kontribuzzjoni FEŻR ta' EUR 800 miljun) u Malta (kontribuzzjoni FEŻR ta' EUR 15-il miljun).

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal madwar EUR 850 miljun (FEŻR u Oriżżont 2020) għal Spanja u Malta.

L-effett tal-ingranaġġ minimu kif indikat fil-bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 4 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju għall-kontribuzzjoni tal-FEŻR fi Spanja u Malta.

Ibbażata fuq l-ingranaġġ minimu tal-istrument miftiehma fi ħdan il-programm nazzjonali ddedikat uniku, huwa stmat li l-ammont totali ta' investimenti/volumi ta' self mobilizzat għandu jkun ta' madwar EUR 6 biljuni għal Spanja u Malta (ibbażat fuq il-fondi disponibbli kollha, jiġifieri l-FEŻR, Oriżżont 2020, il-BEI/FEI u fondi privati (tal-bank)).

Porzjon ta' portafoll ġdid ta' Finanzjament ta' Dejn ugwali għal tal-anqas 20 darba tal-kontribuzzjoni skont ir-Regolamenti (UE) Nru 1287/2013 u (UE) Nru 1291/2013 għandu jissodisfa rispettivament il-kriterji ta' eliġibbiltà tal-COSME u/jew Oriżżont 2020. Għalhekk, it-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor l-ingranaġġ globali li għandu jintlaħaq għal kull għażla. Il-finanzjament ġdid ta' dejn li joriġina mill-intermedjarji finanzjarji magħżula għandu jinkludi wkoll ammont ugwali għal 20 darba il-kontribuzzjoni COSME u/jew Oriżżont 2020.

Kalkolu ta' ingranaġġ fil-mira għall-inizjattiva tal-SME fi Spanja

Kopertura tar-Riskju SIUGI	Min jieħu r-riskju	Daqs Massimu tal-Kopertura tar-Riskju (EUR)	Klassifikazzjoni mmirata (mill-inqas) *
Kopertura tar-Riskju Superjuri	EIB	1 974 461 538,46	Aa3
Kopertura tar-Riskju Intermedju ta' Fuq	EIF	128 769 230,77	Baa3
Kopertura tar-Riskju Intermedju tan-Nofs	Orizzont 2020	14 307 692,31	Ba1
Kopertura tar-Riskju Mezzana ta' Isfel	FSIE	85 846 153,85	Ba2
Kopertura tar-Riskju Subordinat	FSIE	658 153 846,15	Mhux klassifikat
Portafoll garantit mingħajr oriġinatur (jikkorrispondi għal 50 % minħabba rata ta' garanzija ta' 50 %)		*2 861 538 461,54*	
Riskju tal-oriġinatur (riskju proprju tal-bank)		*50 %*	
Ammont totali tal-portafoll garantit (100 %)		*5 723 076 923,08*	
Total FEŻR/COSME/Orizzont 2020		**758 307 692,31**	
Ingranaġġ fir-rigward tal-FEŻR (iżda bbażat fuq fondi tal-FEŻR, H2020, tal-BEI u tal-FEI)		7,7	

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Veikoli ta' investiment iddedikati

FCP-FIS tal-Mikrofinanzjament Ewropew Progress (EPMF FCP-FIS) — Qabel l-2014

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Id-Deċiżjoni Nru 283/2010/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 04 03 53 (parzjali) — Ikkompletar ta' attivitajiet oħra (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-iskop tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress jinqasam fi tnejn: minn naħa, iżid id-disponibilità tal-mikrofinanzjament għall-persuni li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-mikroimpriżi tagħhom, inkluż għall-impjieg indipendenti, fis-sens li tippermetti lill-fornituri tal-mikrofinanzjament fl-UE sabiex ikabbru l-volumi ta' self tagħhom lil dawn l-individwi. Min-naħa l-oħra, il-Mikrofinanzjament Progress isaħħaħ l-aċċess għall-mikrofinanzjament billi jnaqqas ir-riskju tal-fornituri ta' mikrofinanzjament. Din il-karatteristika tippermetti sabiex il-fornituri tal-mikrofinanzjament jilħqu gruppi li normalment ma setgħux jinqdew qabel, pereżempju, għaliex persuni minn dawn il-gruppi ma setgħux jipprovdu biżżejjed kollateral jew għaliex ir-rati tal-imgħax kellhom ikunu għoljin wisq biex jiġġustifikaw il-profil ta' riskju propju tagħhom.

Il-Faċilità tipprovdi riżorsi tal-Unjoni sabiex iżżid l-aċċess għall-mikrofinanzjament u d-disponibilità tiegħu għal:

— persuni li tilfu jew li qegħdin f'riskju li jitilfu x-xogħol, jew li għandhom diffikultajiet biex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, kif ukoll persuni li qegħdin jaffaċċjaw il-periklu ta' esklużjoni soċjali jew persuni vulnerabbli li jinsabu f'pożizzjoni ta' żvantaġġ fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew ikomplu jiżviluppaw il-mikroimpriża tagħhom stess, inkluż l-impjieg indipendenti,

— mikroimpriżi, speċjalment fl-ekonomija soċjali, kif ukoll mikroimpriżi li jħaddmu persuni msemmijin fl-inċiż ta' qabel dan.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit tal-Unjoni għall-Faċilità għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 tammonta għal EUR 103,6 miljuni, li minnhom EUR 23,6 miljun għall-Faċilità ta' Garanzija Mikrofinanzjarja EPMF (EPMF-G) u EUR 80 miljun għall-EPMF Fonds Commun de Placement — Fons d'Investissements Spécialisé (EPMF FCP-FIS).

Il-Faċilità hija implimentata billi jintużaw it-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, kif ikun xieraq:

— garanziji (EPMF-G),

— strumenti ta' dejn U EKWITÀ (FCP-FIS),

— Miżuri ta' sostenn, bħal attivitajiet ta' komunikazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni,li huma direttament neċessarji għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE u għall-ksib tal-objettivi tagħha..

It-tieqa ta' garanzija tal-mikrokreditu tibqa' fis-seħħ b'mod u effett sħiħ sal-31 ta' Diċembru 2020.

L-FCP-FIS huwa mistenni jintemm fit-30 ta' April 2020.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Ebda impenji baġitarji oħrajn ma saru mill-Kummissjoni minn tmiem il-perjodu ta' impenn.

L-allokazzjoni baġitarja stmata għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar previst tammonta għal EUR 103,6 miljun (baġit kumulattiv ta' Garanzija EPMF u EPMF FCP-FIS).

L-effett tal-ingranaġġ fil-mira tal-faċilità tal-EPMF huwa 4,83 matul il-ħajja tal-istrumenti finanzjarji (Garanzija EPMF u EPMF FCP-FIS).

Fuq il-bażi tal-l-ingranaġġ fil-mira tal-faċilità tal-EPMF, huwa stmat li l-ammont totali tal-volumi ta' self mobilizzati għandu jkun ta' madwar EUR 500 miljun.

L-impenji baġitarji aggregati tal-EPMF FCP-FIS għall-perjodu 2010 –2013 jammontaw għal total ta' EUR 80 miljun. Il-volumi mmirati ta' self lil mikrointrapriżi benefiċjarji huma stmati li jilħqu l-EUR 226,4 miljuni għall-istrumenti finanzjarji ta' dejn u ekwità tal-EPMF (FCP-FIS) ([1]).

([1]) impenji baġitarji ta' EUR 80 miljun immultiplikati bl-effett ta' ingranaġġ fil-mira ta' EUR 2,83 għall-EPMF FCP-FIS.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Fond Ewropew tal-2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura (Marguerite) — Qabel l-2014

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill C(2010) 941 tal-25 ta' Frar 2010 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Fond Ewropew tal-2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima u l-Infrastruttura (il-Fond Marguerite)

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 06 02 51 (parzjali) — Ikkompletar ta' programm tan-netwerks trans-Ewropej; (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Il-Fond Marguerite huwa fond tal-ekwità pan-Ewropew żviluppat fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u fir-rikonoxximent tal-ħtieġa għal investiment fit-tul b'suċċess fl-infrastruttura fl-Ewropa. Isostni l-investiment fl-infrastruttura fis-setturi tat-trasport (TEN-T), l-enerġija (TEN-E) u l-enerġija rinnovabbli fl-Istati Membri u ser jinvesti l-iktar fil-Proġetti Greenfield.

L-isponsers ewlenin jinkludu investituri pubbliċi fit-tul minn Franza (CDC), l-Italja (CdP), il-Ġermanja (KfW), Spanja (ICO) u l-Polonja (PKO) kif ukoll il-BEI u l-Kummissjoni. Id-daqs tal-Fond fl-għeluq finali huwa ta' EUR 710 miljun.

impenji baġitarji aggregati tal-KE: EUR 80 miljun mill-baġit tat-TEN-T

Riżultati mistennija:

— 30 % sa 40 % tal-impenni totali investiti fis-settur tat-Trasport,

— 25 % sa 35 % investiti fis-settur tal-Enerġija,

— 35 % sa 45 % investiti fis-settur tal-Enerġiji Rinnovabbli,

— tal-inqas 3,5 darbiet l-impenn tal-KE għandu jiġi investit fi proġetti eliġibbli tat-TEN-T.

Il-perjodu ta' investiment jintemm f'Diċembru 2016 (b'estensjoni possibbli ta' sentejn oħra) filwaqt li d-data ta' tmiem/il-maturità tal-fond ġew stabbiliti bit-terminu massimu ta' 20 sena mill-bidu tal-għeluq inizjali (Diċembru 2009) iżda tista' tiġi estiża sa żewġ perjodi addizzjonali ta' sena (sa Diċembru 2031).

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 80 miljun (impenjata kompletament fl-2010).

L-ebda effett tal-ingranaġġ fil-mira ma kien indikat fil-bażi ġuridika u l-ebda evalwazzjoni ex-ante ma kienet prodotta mis-servizzi tal-Kummissjoni qabel ma l-Kummissjoni ddeċidiet li tinvesti fil-veikolu ta' investiment iddedikat. Madankollu konsulenti ħejjew analiżi tas-suq li tivvalutata l-eżistenza ta' nuqqas ta' ekwità għal infrastruttura Ewropea għall-investituri fundaturi ta' Marguerite fl-2009 għal liema servizzi tal-Kummissjoni kellha aċċess

Bl-użu ta' ingranaġġ stmat ta' 125, huwa stmat li l-ammont totali ta' finanzjament immobilizzat mill-istrument (kemm ekwità u wkoll dejn) ikun ta' madwar EUR 10 biljun (li minnhom circa EUR 4 biljun huma mistennija li jiġu allokati lil proġetti tat-trasport TEN-T) għad-durata kollha tal-programm.

L-effett ta' ingranaġġ ġie stmat bl-użu tal-metodu li ġej: ekwità pprovduta mill-Fond Marguerite hija preżunta li tirrappreżenta 7,1 % tal-ammont ta' fondi pprovduti għal proġetti. Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni tirrappreżenta 11,27 % tal-Ekwità Marguerite jew fi kliem ieħor 0,8 % tal-ammont ta' finanzjament mobilizzat minn proġetti. Dan ifisser li l-effett ta' ingranaġġ huwa 1/0,8 % = 125.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEF) — Qabel l-2014

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Regolament (UE) Nru 1233/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 663/2009 li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku permezz tal-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 346, 30.12.2010, p. 5).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 32 02 52 (parzjali) — Ikkompletar ta' Proġetti enerġetiċi li jgħinu l-irkupru ekonomiku (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Fl-1 ta' Lulju 2011, ġew allokati EUR 146,3 miljun mill-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR) għal Fond Ewropew ġdid għall-Effiċjenza Enerġetika — EEEF (fil-forma ta' fond ta' investiment speċjalizzat (SICAV)). L-EEEF jinvesti fl-effiċjenza enerġetika, fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli, u fi trasport urban nadif b'mod partikolari f'żoni urbani, biex almenu jiffrankaw 20 % tal-enerġija jew inaqqsu l-emissjonijiet ta' GHG/CO_2.

Il-benefiċjarji jridu jkunu awtoritajiet pubbliċi jew entitajiet pubbliċi jew privati li jaġixxu f'isimhom, inklużi ESCOs ([1]).

Il-Fond tnieda fl-1 ta' Lulju 2011 b'volum inizzjali ta' EUR 265 miljun: flimkien ma kontribuzzjoni tal-UE (EUR 125 miljun f'"ishma-C" inferjuri), Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) investa EUR 75 miljun (l-aktar "ishma A" superjuri), *Cassa Depositi e Prestiti SpA (CDP)* EUR 60 miljun (l-aktar "ishma A" superjuri); u l-maniġer tal-investiment magħżul (*Deutsche Bank*) EUR 5 miljun ("ishma B" intermedji).

Il-fond joffri firxa ta' prodotti finanzjarji mhux standard bħal self superjuri u subordinarju, garanziji, parteċipazzjoni ekwitarja jew skemi ta' rtirar li jistgħu jitħalltu b'mod flessibbli ma' finanzjament standard.

Barra minn hekk, madwar EUR 20 miljun tal-finanzjament tal-UE huwa disponibbli għal assistenza teknika (fil-forma ta' għotjiet) biex l-isponsors ikunu megħjunin jagħmlu l-proġetti bankabbli għall-Fond. Finalment, ġie stabbilit programm ta' EUR 1,3 miljun biex issir sensibilizzazzjoni dwar il-metodi ta' finanzjament u l-alternattivi għall-EE u l-RE (enerġija rinnovabbli) fost l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali li jimmaniġġjaw il-Fondi ta' Koeżjoni jew Fondi Strutturali. L-EPEC ([2]) imexxi dan il-programm.

F'konformità mar-Regolament emendatorju, l-iskadenza għall-allokazzjoni tal-fondi tal-UE għal proġetti ta' investiment u assistenza teknika (AT) hija l-31 ta' Marzu 2014. Sa din id-data, xi 12-il proġett ġew approvati għal xi EUR 200 miljun, u b'hekk il-kontribuzzjoni tal-UE ġiet kompletament allokata. Barra dan, m'hemmx data ta' skadenza fissa għall-proposti. Ix-xoljiment tal-istrument aktarx li jseħħ wara l-2024

Maniġer tal-Fond/Investiment

Deutsche Bank (DB) huwa responsabbli, jiġifieri, għall-għażla tal-proġetti u t-tmexxija ta' proċess ta' diliġenza qabel ma jiġu ppreżentati l-proġetti quddiem il-Kumitat tal-Investiment tal-Fond għall-parir u l-Bord ta' Amministrazzjoni għall-approvazzjoni. DB jamministra wkoll il-komponent tal-AT, għall-preżentazzjoni tal- proposti tat-TA lid-DĠ ENER għal approvazzjoni.

([1]) Kumpanija ta' servizz ta' enerġija (ESCO), permezz ta' kuntratt tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPC), tista' tippermetti lil awtorità pubblika sabiex timplimenta investimenti bil-quddiem (eż. biex ittejjeb il-livelli ta' rendiment ta' binjiet pubbliċi jew biex tinstalla dwal effiċjenti fit-toroq) bla ma tieħu r-riskju finanzjarju.

([2]) Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza dwar il-PPP (EPEC) huwa inizjattiva konġunta tal-BEI, il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati. L-EPEC jgħin sabiex isaħħaħ il-kapaċità tal-membri tas-settur pubbliku tiegħu biex jidħlu fi tranżazzjonijiet ta' Sħubija Pubblika-Privata (PPP).

Kumitat tal-Investiment

Il-Kumitat tal-Investiment (IC) huwa responsabbli għall-valutazzjoni tal-proġetti pprerżentati lilu mill-maniġer tal-fond u għall-għoti ta' rakkomandazzjonijiet lill-Bord Maniġerjali (MB). Żewġ membri tal-BEI u membru tas-CDP inħatru għall-IC.

Bord ta' Amministrazzjoni

Il-BA għandu setgħat wisgħin biex jamministra u jmexxi l-Fond; jiddeċiedi fuq l-investimenti wara rakkomandazzjoni mill-KI. Madankollu, ma jistax jiddeċiedi fuq kwistjonijiet kbar (bħal bidla tal-istatuti u dokumentazzjoni) bla approvazzjoni mill-Bord Superviżorju (BS). Jirrapporta b'mod trimestrali lill-BS. Dan huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni (1), il-BEI (1, il-President) u CDP (1).

Bord Superviżorju

Il-SB jinkludi superviżjoni permanenti tat-tmexxija tal-Fond, l-għoti ta' pariri strateġiċi lill-BA, il-proposta tal-pjan annwali ta' direzzjoni tan-negozju tal-Fond għall-approvazzjoni tal-Azzjonisti, u l-approvazzjoni ta' bidliet fil-linji gwida dwar l-investimenti, eċċ. Huwa magħmul minn żewġ membri tal-Kummissjoni, wieħed tal-BEI u wieħed tas-CDP.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-allokazzjoni tal-baġit prevista għall-perjodu tal-ipprogrammar kollu tammonta għal EUR 146,3 miljun (impenjata kompletament fl-2011, EUR 125 miljun għall-Fond, ta' EUR 20 miljun fil-forma ta' faċilità ta' assistenza teknika (għotja) u EUR 1,3 miljun għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

L-ebda effett tal-ingranaġġ fil-mira ma kien indikat fil-bażi ġuridika u l-ebda evalwazzjoni ex-ante ma kienet prodotta mis-servizzi tal-Kummissjoni qabel ma l-Kummissjoni ddeċidiet li tinvesti fil-veikolu ta' investiment iddedikat, għalkemm fi kwalunkwe każ ġew ippreparati pjan ta' negozju u xenarji ta' riskju. L-effett ta' ingranaġġ previst huwa 5,6 (ibbażat fuq kontribuzzjoni ta' EUR 125 miljun għall-fond u volum mistenni ta' finanzjament sa EUR 700 miljun matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Faċilitajiet Esterni (mhux iffinanzajati esklussivament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp)

Faċilitajiet Reġjonali

Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF)

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi L-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ĠU L 77, 15.03.2014, p. 27).

Waħda mill-prijoritajiet tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI), hija l-promozzjoni ta' proġetti ta' investiment f'pajjiżi Msieħba tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jkopri l-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF).

L-UE nediet l-NIF fl-2007. It-tmien Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ġejjin ġew adottati għal dan l-istrument matul il-perjodu 2007–2013 għal pakkett totali ta' EUR 777,4 miljun (EUR 467,2 miljun għal-linja baġitarja tan-Nofsinhar tal-ENPI u EUR 310,2 miljun mil-linja baġitarja tal-Lvant tal-ENPI): C(2007)6280, C(2008)2698, C(2009)3951, C(2009)8985, C(2010)4400, C(2010)7989, C(2011)5547, C(2012)4533 u C(2013)1276. Fl-2014 impenji addizzjonali ta' EUR 381,7 miljun ġew approvati, EUR 369,4 miljun fid-Deċiżjoni C (2014) 5750 u żieda ta' EUR 12,3 miljun mid-Deċiżjoni C (2013)5300. Dan jipprovdi għal ċifri aggregati għall-perjodu 2007–2014 ta' 732 520 334,34 għan-Nofsinhar u 426 585 901,58 għal-Lvant (total ta' EUR 1 159 106 235,92).

Sa mill-bidu tal-2011, il-NIF inkludiet Tieqa dwar it-Tibdil fil-Klima (CCW) skont il-Programm Tematiku dwar l-Ambjent u l-Immaniġġar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluża l-Enerġija (ENRTP) tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ) biex issostni l-implimentazzjoni tal-proġetti li jgħinu lill-pajjiżi msieħba jindirizzaw it-tibdil fil-klima permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni u/jew adattament. Is-CCW tal-NIF hija ġestita b'mod simplifikat u b'mod ġenerali għandha l-istess regoli u l-istess modalitajiet ta' finanzjament u implimentazzjoni bħall-NIF.

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 21 03 01 02 — Pajjiżi Mediterranji — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibb (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

Partita 21 03 02 02 — Sħubija tal-Lvant — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

Artikolu 21 04 01 00 — L-ambjent u l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali inkluż l-enerġija (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Viċinat jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) jew prijoritajiet politiċi tematiċi relatati tal-UE billi jingranaġġa finanzjament addizzjonali għar-reġjun.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

L-objettiv globali tal-NIF huwa li timmobilizza aktar investimenti biex isostnu l-istabbiliment ta' żona ta' prosperità u viċinanza tajba li tinvolvi l-UE u l-pajjiżi ġirien. Flimkien ma' programmi oħrajn iffinanzjati mill-UE, l-NIF tista' trawwem tkabbir sostenibbli u inklużiv u klima favorevoli għall-investiment fil-pajjiżi msieħba tagħna.

F'dan il-qafas, l-NIF tfittex li tilħaq tliet objettivi strateġiċi, jiġifieri:

— l-istabbiliment ta' interkonnessjonijiet aħjar tal-infrastruttura tal-enerġija u t-trasport bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien u fost il-pajjiżi ġirien stess,

— l-indirizzar tal-perikli għall-ambjent komuni tagħna inkluż it-tibdil fil-klima,

— il-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari permezz ta' sostenn għal intrapriżi żgħar u medji.

L-operazzjonijiet tal-NIF ser ikomplu jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-ENP u jiffokaw fuq ħames setturi ewlenin: l-Enerġija, l-Ambjent b'enfasi partikolari fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għali, it-trasport, l-iżvilupp soċjali u l-iżvilupp tal-intrapriżi żgħar u medji.

Kopertura ġeografika u riċeventi finali

Il-Pajjiżi msieħba tal-Politika Ewropea tal-Viċinat li huma direttament eliġibbli għall-NIF huma pajjiżi tal-viċinat li ffirmaw Pjan ta' Azzjoni, mal-UE minbarra dawk li ma jikkwalifikawx minħabba l-livell ta' żvilupp tagħhom. Fuq bażi ta' każ b'każ, pajjiżi oħrajn li mhumiex direttament eliġibbli jistgħu jibbenefikaw minn interventi tal-NIF filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi reġjonali jew speċifiċi. L-eliġibilità tagħhom se jkollha tiġi deċiża b'mod unanimu mill-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Riċevituri finali oħrajn ser ikunu s-settur privat u, b'mod partikolari l-SMEs. L-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej għall-iżvilupp kemm dawk nazzjonali kif ukoll dawk multilaterali jistgħu jkunu benefiċjarji diretti u partijiet ikkonċernati importanti tal-faċilità.

Karatteristiċi tekniċi ewlenin

Skont l-istrument, jistgħu jintużaw il-kapital ta' riskju (investimenti ta' ekwità u kważi ekwità), strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskji, garanziji, self, finanzjament ieħor bħala għotjiet ta' investiment, sussidju tar-rata tal-imgħax u assistenza teknika.

Durata u impatt fuq il-baġit

Id-deċiżjonijiet relatati ma' dan l-istrument huma validi għall-oqfsa finanzjarju pluriennali 2007–2013 u 2014–2020 u jistgħu jiġu estiżi aktar wara deċiżjonijiet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

Id-data finali għall-ikkuntrattar hija l-31 ta' Diċembru 2015 rigward deċiżjonijiet mill-2014. Din mhijiex id-data tad-durata tal-faċilità iżda d-data finali għall-ikkuntrattar tad-deċiżjonijiet individwali li jistabbilixxu l-faċilità. Id-durata tal-proġetti individwali hija stabbilita fuq bażi ta' każ b'każ b'massimu ta' 120 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' finanzjament jew, meta ma jiġi konkluż xejn, mill-adozzjoni tad-Dokument ta' Azzjoni tal-2014 li joħloq l-NIF.

KUMMISSJONI
INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Id-diżaggregazzjoni baġitarja ta' EUR 1 159 106 235,92 miljun bejn iż-żewġ sottoreġjuni tal-Viċinat hija kif ġej:

Referenza tas-CRIS	Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu 2007 — Diċembru 2014)	Linja baġitarja
	Viċinat Nofsinhar	
ENPI/2007/019548	158 000 000,00	19 08 01 01
ENPI/2011/023086	309 220 334,34	19 08 01 01
ENI/2014/037510	265 300 000,00	21 03 01 02 / 21 03 03 03
Total	**732 520 334,34**	
	Viċinat Lvant	
ENPI/2007/019549	137 000 000,00	19 08 01 03
ENPI/2011/023087	173 200 000,00	19 08 01 03
ENI/2013/024746	12 300 000,00	19 08 01 03
ENI/2014/037515	104 085 901,58	21 03 02 02
Total	**426 585 901,58**	
Lvant u Nofsinhar Totali	**1 159 106 235,92**	

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (2014) 5750 ġiet adottata fl-20 ta' Awwissu 2014 għal kontribuzzjoni massima ta' EUR 369,4 miljun inklużi fit-tabella ta' hawn fuq.

Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar 2014–2020 tammonta għal EUR 150 miljun fis-sena, għal total ta' EUR 1 050 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat mill–bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 4 sa 9 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li ammont totali ta' EUR 1 159 miljun jimmobilizza l-volumi ta' investimenti/self ta' madwar EUR 5 800 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA) u l-Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF)

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument finanzjarju għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014–2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

Fuq il-bażi tal-ewwel riżultati mill-NIF, il-Kummissjoni pproponiet it-twaqqif ta' faċilitajiet ta' investiment li jimmiraw pajjiżi li huma fir-Regolament dwar l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (SKŻ), għall-ewwel fl-Asja Ċentrali, l-Asja u l-Amerika Latina. Twaqqfu żewġ faċilitajiet għall-Asja; il-Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA) fl-2010 u l-Faċilità ta' Investiment għal-Asja (AIF) fl-2011 għall-perjodu 2010–2013. Dawn iż-żewġ faċilitajiet issawru fuq il-mudell tal-NIP u għandhom l-istess tipi ta' objettivi u kamp ta' applikazzjoni bħal dawk definiti fil-Qafas Ġenerali tal-NIF li sar qbil dwaru f'Marzu 2008 (ara t-taqsima dwar l-NIF).

Sal-aħħar tal-2013, ittieħdu tliet deċiżjonijiet għall-IFCA ffinanzjata permezz tal-baġits tal-2010, 2011 u 2013 u tliet deċiżjonijiet għall-AIF iffinanzjati permezz tal-baġits tal-2011 u 2012 (konġunti) u l-baġits tal-2013 u l-2014.

L-AIF ġie maħluq mill-ġdid fl-2014 sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 233/2014 għall-perjodu 2014–2020 permezz ta' deċiżjoni ġdida ta' finanzjament ta' EUR 26 000 000 billi l-IFCA se tinħoloq mill-ġdid fl-2015.

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 19 10 02 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Asja Ċentrali (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Partita 19 10 01 01 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Asja (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 21 02 14 00 Asja (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika

L-iskop ewlieni tal-IFCA huwa li tippromwovi investimenti addizzjonali u infrastrutturi ewlenin b'enfasi prijoritarju fl-ewwel perjodu ta' implimentazzjoni fuq l-enerġija u l-ambjent. Fuq il-bażi tal-iżvilupp tal-Istrateġiji tal-Asja Ċentrali, iktar tard tista' tiġi prevista estensjoni għas-setturi tat-trasport, l-SMEs u l-infrastruttura soċjali fil-pajjiżi tal-Asja Ċentrali.

L-iskop ewlieni tal-AIF huwa li tippromwovi investimenti addizzjonali u infrastrutturi ewlenin b'enfasi prijoritarju fuq it-tibdil fil-klima u investimenti "ekoloġiċi" fl-oqsma tal-ambjent u l-enerġija kif ukoll fl-SMEs u l-infrastruttura soċjali. Iktar tard tista' tiġi prevista estensjoni għas-settur tat-trasport.

Kopertura ġeografika u riċevituri finali

Il-riċeventi finali ta' dawn iż-żewġ faċilitajiet huma l-pajjiżi ta' dawn iż-żewġ reġjuni. Riċeventi finali oħrajn se jkunu s-settur privat u, b'mod partikolari, l-SMEs.

L-istituzzjonijiet ta' finanzjament eliġibbli se jkunu l-entitajiet fdati u l-partijiet ikkonċernati importanti ta' dawn iż-żewġ faċilitajiet.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Karatteristiċi tekniċi ewlenin

It-tipi ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati huma dawn li ġejjin:

— kofinanzjament ta' investimenti fi proġetti tal-infrastruttura pubblika;

— finanzjament tal-ispejjeż għall-garanziji fuq is-self;

— sussidji tar-rati tal-imgħax;

— assistenza teknika;

— operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju;

— kwalunkwe mekkaniżmu ieħor ta' kondiviżjoni tar-riskju

Modi possibbli ta' ġestjoni ġew ċentralizzati (diretta u indiretta), konġunta u parzjalment deċentralizzata (modi ta' ġestjoni baġitarja fis-seħħ sa tmiem l-2014 għall-użu tal-fondi tal-2014).

Durata u impatt fuq il-baġit

L-IFCA u l-AIF kienu inizjalment stabbiliti għat-tul tal-bażi ġuridika, jiġifieri, sal-31 ta' Diċembru 2013. Filwaqt li l-AIF diġà ġie rikreat fl-2014 sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 233/2014 għall-perjodu 2014–2020 l-IFCA inħolqot ukoll fl-2015.

Id-dati finali għall-kuntrattar huma t-23 ta' Diċembru 2016 għall-IFCA u s-31 ta' Diċembru 2014 għall-AIF, it-tnejn li huma relatati ma' deċiżjonijiet mill-2013. Għad-deċiżjoni finanzjarja meħuda fl-2014 marbuta mal-AIF l-iskadenza għall-ikkuntrattar hija l-31 ta' Diċembru 2015. Id-durata tal-proġetti individwali hija stabbilita fuq bażi ta' każ b'każ b'massimu ta' 120 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' finanzjament jew, meta ma jiġi konkluż xejn, mill-adozzjoni tad-Dokument ta' Azzjoni tal-2014 li joħloq il-Faċilità. L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu totali tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 350 000 000 għall-AIF u inkluż EUR 140 000 000 għall-IFCA.

Id-disaggregazzjoni baġitarja ta' EUR 171 567 000 miljun bejn iż-żewġ reġjuni hija kif ġej:

Referenza tad-deċiżjoni		Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu)	Linja baġitarja
		Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA)	
DCI-ASIE/2010/021-627		20 000 000	19 10 02
DCI-ASIE/2011/023-117		45 000 000	19 10 02
DCI-ASIE/2013/024-950		20 567 000	19 10 02
	Total	**85 567 000**	
		Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF)	
DCI-ASIE/2011/022-036		30 000 000	19 10 01 01
DCI-ASIE/2013/024-917		30 000 000	19 10 01 01
DCI-ASIE/2014/037-548		26 000 000	21 02 14
	Total	**86 000 000**	

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

1. *IFCA*

L-impatt baġitarju mifhum bħala l-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenji baġitarji għall-IFCA huwa ta' EUR 85,57 miljun. L-effett tal-ingranaġġ fil-mira bbażat fuq esperjenza fl-imgħoddi dwar l-ingranaġġ matul il-perjodu 2010–2014 għall-IFCA huwa stmat kif ġej:

— il-kost totali tal-proġett (circa EUR 465 miljun) / kontribuzzjonijiet IFCA (circa EUR 82 miljun) : 5,6,

— riżorsi tal-istituzzjonijiet finanzjarji Eliġibbli (circa EUR 342 miljun) / kontribuzzjonijiet IFCA : 4,17.

Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 140 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat mill-bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 4 sa 9 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li ammont totali ta' EUR 140 miljun jimmobilizza massimu ta' EUR 700 miljun f'finanzjament (volumi ta' self/investimenti) għad-durata kollha tal-programm.

2. *AIF*

L-impatt baġitarju mifhum bħala l-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenji baġitarji għall-AIF huwa ta' EUR 62 miljun. L-effett tal-ingranaġġ fil-mira bbażat fuq esperjenza fl-imgħoddi dwar l-ingranaġġ matul il-perjodu 2011 –2014 għall-AIF huwa stmat kif ġej:

— il-kost totali tal-proġett (circa EUR 2 046 biljun) / kontribuzzjonijiet AIF (circa EUR 62 miljun) : 32,98,

— riżorsi tal-istituzzjonijiet finanzjarji eliġibbli (circa EUR 1 043 biljun) / kontribuzzjonijiet AIF : 16,82.

Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 350 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat mill–bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa minn 4 sa 5 darbiet matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li ammont totali ta' EUR 350 miljun jimmobilizza madwar EUR 1,75 biljun f'finanzjament (volumi ta' self/investimenti) għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Faċilità ta' Investiment għall-Amerika Latina (LAIF)

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument finanzjarju għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014–2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

Il-Faċilità fil-bidu twaqqfet fl-2009 permezz tar-Regolament (UE) No 1905/2006 SKŻ msemmi hawn fuq għall-perjodu 2009–2013 bil-kontribuzzjonijiet tal-Kummissjoni li jridu jiġu deċiżi kull sena. Il-LAIF ġiet rikreata fl-2014 sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 233/2014 għall-perjodu 2014–2020 permezz ta' deċiżjoni ta' finanzjament ta' EUR 30 miljun.

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 19 09 01 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi fil-faż tal-iżvilupp fl-Amerika Latina (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013),

Artikolu 21 04 01 — L-Ambjent u l-Immaniġġjar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluż l-Enerġija (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

Artikolu 21 02 12 — Appoġġ għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi, territorji u reġjuni fil-faż tal-iżvilupp fl-Amerika Latina (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014),

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika

L-iskop ewlieni tal-LAIF huwa li tippromwovi investimenti addizzjonali fl-infrastrutturi fis-setturi tat-trasport, l-enerġija u l-ambjent u li ssostni s-settur soċjali bħas-saħħa u l-edukazzjoni, u l-iżvilupp tas-settur privat fil-pajjiżi tal-Amerika Latina. Il-Faċilità se ssostni t-tkabbir tal-SMEs, billi tqiegħed għad-dispożizzjoni firxa ta' strumenti finanzjarji fl-Amerika Latina.

Sa mill-bidu tal-2011, il-LAIF inkludiet ukoll Tieqa dwar it-Tibdil fil-Klima biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti li jgħinu lill-pajjiżi msieħba jindirizzaw it-tibdil fil-klima permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni u/jew adattament.

Kopertura ġeografika u riċevituri finali

Ir-riċevituri finali se jkunu l-pajjiżi tal-Amerika Latina previsti fir-Regolament SKŻ (KE) Nru 1905/2006 u dawk previsti fir-Regolament (UE) 233/2014.

Riċevituri finali oħrajn se jkunu s-settur privat u b'mod partikolari l-SMEs għal kategoriji ta' operazzjonijiet iddedikati għall-iżvilupp tas-settur privat. L-Istituzzjonijiet Finanzjarji Eliġibbli se jkunu l-entitajiet fdati u l-partijiet ikkonċernati importanti ta' dan l-istrument finanzjarju.

Karatteristiċi tekniċi ewlenin

It-tipi ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati skont il-LAIF huma dawn li ġejjin:

— kofinanzjament ta' investimenti fi proġetti tal-infrastruttura pubblika;

— finanzjament tal-kost għall-garanziji fuq is-self,

— sussidji tar-rati tal-imgħax.

— assistenza teknika,

— operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju,

— kwalunkwe mekkaniżmu ieħor ta' kondiviżjoni tar-riskju

Modi possibbli ta' ġestjoni kienu ġestjoni ċentralizzata (diretta u indiretta), ġestjoni konġunta u ġestjoni parzjalment deċentralizzata. (modi ta' ġestjoni baġitarja fis-seħħ sa tmiem l-2014 għall-użu tal-fondi tal-2013).

Durata u impatt fuq il-baġit

Il-LAIF ġiet stabbilita permezz tar-Regolament SKŻ (KE) N 1905/2006 sal-31 ta' Diċembru 2013 u l-pakkett baġitarju ppjanat jammonta għal EUR 179,35 miljun. Kif imsemmi hawn fuq, il-Faċilita ġiet rikreata fl-2014 sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 233/2014 għall-perjodu 2014–2020).

Id-data finali għall-ikkuntrattar hija l-31 ta' Diċembru 2015 rigward deċiżjonijiet mill-2014. Din mhijiex id-data tad-durata tal-faċilitajiet iżda d-data finali għall-ikkuntrattar tad-deċiżjonijiet individwali li jistabbilixxu l-faċilità. Id-durata tal-proġetti individwali hija stabbilita fuq bażi ta' każ b'każ b'massimu ta' 120 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' finanzjament jew, meta ma jiġi konkluż xejn, mill-adozzjoni tad-Dokument ta' Azzjoni tal-2014 li joħloq il-LAIF. L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu totali tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 350 000 000.

Referenza tad-Deċiżjoni tas-CRIS	Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu 2007-April 2013)	Linja baġitarja
DCI-ALA/2009/021-734	180 400 000	19 09 01
DCI-ALA/2014/037-570	30 000 000	21 02 12
DCI ENV/023-403	17 300 000	21 04 01

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Fl-2014, sar riforniment wieħed għal-LAIF (deċiżjoni 021-734) ta' EUR 1 050 000 miljun u ttieħdet deċiżjoni ta' EUR 30 000 000. L-impatt baġitarju mifhum bħala l-pakkett finanzjarju totali f'termini ta' impenji baġitarji għal-LAIF huwa ta' EUR 227 700 000. L-effett tal-ingranaġġ fil-mira bbażat fuq esperjenza fl-imgħoddi dwar l-ingranaġġ matul il-perjodu 2010–2014 għal-LAIF huwa stmat kif ġej:

— il-kost totali tal-proġett (*circa* EUR.6,61 biljun) / kontribuzzjonijiet LAIF (circa EUR 197,7 miljun) : 33,4

— riżorsi tal-istituzzjonijiet finanzjarji Eliġibbli (EUR 2,96 biljun) / kontribuzzjonijiet LAIF : 14,95

Dawn il-volumi huma biss ta' xorta indikattiva peress li l-kalkolu jinjora l-effetti taż-żmien kif ukoll dawk ta' differenzazzjoni.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 350 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat mill–bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 4 sa 9 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li ammont totali ta' EUR 350 miljun jimmobilizza massimu ta' EUR 1,75 biljun f'finanzjament (volumi ta' self/investimenti) għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI
INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Faċilitajiet Addizzjonali

Sostenn għall-Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investiment u Sħubija (FEMIP)

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

L-atti preċedenti kienu l-*Mesures d'accompagnement financières et techniques* (MEDA I u MEDAII għall-1996–2006).

L-aħħar att għall-FEMIP huwa l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI għall-2007–2013) li l-bażi ġuridika għalih huwa r-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 19 08 01 01 — Viċinat Ewropew u Partenarjat kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi tal-Mediterran (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika

L-objettiv tas-Sostenn għall-FEMIP huwa li jipprovdi kapital lis-settur privat tal-pajjiżi msieħba tal-Mediterran b'termini li mhumiex lokalment disponibbli.

Il-kapital ta' riskju huwa investit direttament jew indirettament sabiex (i) jagħti sostenn li s-settur privat, jiġifieri jippermetti l-ħolqien, ir-ristrutturar jew it-tkabbir tal-intrapriżi (ii) isaħħaħ ir-rwol tas-settur finanzjarju lokali billi jappoġġja l-ħolqien ta' istituzzjonijiet ġodda jew it-twaqqif ta' attivitajiet ġodda għall-benefiċċju tas-settur privat.

L-assistenza teknika hija mobilizzata sabiex issaħħaħ l-operazzjonijiet tal-FEMIP fir-reġjun tal-Mediterran, b'enfasi speċjali fuq l-iżvilupp tas-settur privat.

Kopertura ġeografika u riċeventi finali

Il-FEMIP ikopri disa' Stati fin-Nofsinhar tal-Mediterran. Il-benefiċjarji tal-Faċilità tal-Kapital ta' Riskju huma s-settur privat b'mod ġenerali u l-SMEs kif ukoll l-intermedjarji finanzjarji. Il-benefiċjarji tal-assistenza teknika huma l-intrapriżi privati, l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-intermedjarji finanzjarji.

Karatteristiċi tekniċi ewlenin

Din l-azzjoni bil-għan ta' finanzjament tal-operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju u assistenza teknika ser tiġi implimentata f'ġestjoni ċentralizzata indiretta mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa inkarigat mit-twettiq tal-operazzjonijiet li ġejjin:

— operazzjonijiet tal-kapital ta' riskju,

— tperazzjonijiet ta' assistenza teknika.

Durata u impatt fuq il-baġit

Il-FEMIP ġiet stabbilita għad-durata tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2007–2013. Kien hemm impenn baġitarju annwali ta' EUR 32 miljun kontra l-linja baġitarja 19 08 01 01 għal kull waħda mis-seba' snin ta' dak il-perjodu. Għaldaqstant, il-pakkett finanzjarju totali għall-2007–2013 huwa ta' EUR 224 miljun.

Id-data finali ta' implimentazzjoni għall-impenji tal-2013 hija l-31 ta' Diċembru 2029.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-ebda pagament ma kien previst fl-2015 lill-FEMIP, għaliex ma kienux previsti l-ebda impenji oħra wara l-2013.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 224 miljun.

L-effett tal-ingranaġġ fil-mira kif mistenni skont l-applikazzjonijiet mwettqa sal-2014 huwa 20,5.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li ammont totali ta' EUR 224 miljun jimmobilizza l-volumi ta' investimenti/self ta' madwar EUR 4,6 biljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u għall-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Il-GEEREF ġie approvat fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali (AAPs) tal-Programm Tematiku ta' erba' snin għall-Ambjent u l-Immniġġjar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluża l-Enerġija [ENRTP2007-2010].

Il-bażi ġuridika għall-Faċilità ta' Appoġġ tal-Fond Reġjonali (RFSF): Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 54 tar-Regolament Finanzjarju.

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikolu 21 04 01 — L-Ambjent u l-Immaniġġjar Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluż l-Enerġija (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2013).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Objettivi u kamp ta' applikazzjoni tal-politika

Il-GEEREF huwa veikolu ta' finanzjament innovattiv li għandu l-għan li jippromwovi l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u l-ekonomiji fi tranżizzjoni. Filwaqt li huwa strutturat bħala fond ta' fondi, l-istrateġija tal-GEEREF hija li jinvesti f'fondi tal-ekwità privata reġjonali li l-investimenti tagħhom ser ikollhom fil-mira proġetti żgħar u medji dwar l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, u b'hekk jgħinhom fl-iżvilupp.

L-objettivi huma biex jikkontribwixxu għall-espansjoni tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u teknoloġiji oħrajn relatati mal-enerġija nadifa għas-swieq u s-servizzi f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u ekonomiji fi transizzjoni, bl-objettiv li jiżdied l-aċċess għal enerġija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, sigura u affordabbli, u sabiex jiġi megħjun it-titjib taċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali ta' popolazzjonijiet nieqsa mis-servizzi jew żvantaġġati, biex jitħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, filwaqt li tiġi promossa l-protezzjoni tal-ambjent.

Kopertura ġeografika u riċevituri finali

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-GEEREF huwa li jappoġġa s-sottofondi reġjonali għall-Istati tal-Afrika ta' Taħt is-Saħara, il-Karibew u l-Gżejjer Paċifiċi, il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Russja, l-Amerika Latina u l-Asja (inkluża l-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani). Ser ikun hemm enfasi speċjali fuq il-qadi tal-bżonnijiet tal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP).

Durata u impatt fuq il-baġit

Id-data ta' tmiem tal-attivitajiet skont il-GEEREF hija l-13 ta' Diċembru 2022, kif ikkalkolata mid-data li fiha ġie rreġistrat l-aħħar impenn.

Referenzi tad-Deċiżjonijiet	Ammont kumulat ta' impenn globali (pakkett massimu)	Linja baġitarja
DCI-ENV/2007/147331 flimkien ma' addenda b'referenza tas-CRIS 168 899 u 282 314)	81 100 000	21 04 01

Barra minn hekk, EUR 5 miljun huma allokati mill-Artikolu 21 04 05 biex jappoġġaw it-twaqqif ta' faċilità ta' sostenn integrata għall-GEEREF.

Fl-2014 rikostituzzjoni ta' 20 miljun għall-fond GEEREF seħħet biex jikkontribwixxi għall-"Inizjattiva ta' enerġija għal kulħadd" iffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-impenji baġitarji ppjanati skont il-baġit tal-2015 għall-GEEREF kienu EUR 0.

Ma hemm l-ebda allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat mill–bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa 5 matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li ammont totali ta' EUR 81 100 000 f'impenji jimmobilizza madwar EUR 405,5 miljun f'finanzjament (volumi ta' self/investimenti) għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Strumenti Finanzjarji fil-Pajjiżi tat-Tkabbir

Il-Balkani tal-Punent

Il-Faċilità ta' Garanzija taħt il-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi fil-Balkani tal-Punent.

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

(ii) ***Linji bażitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura bażitarja tal-2014).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-bażit***

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-Faċilità ta' Garanzija jikkontribwixi għall-ilħuq tal-objettivi ta' tisħiħ tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent.

L-objettivi ewlenin tiegħu huma l-ħolqien ta' prekondizzjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi u b'potenzjal għoli. L-istrument ser jiggarantixxi portafolli ta' self tal-SMEs maħruġin minn banek kummerċjali għal għoti b'self ġdid lil SMEs. Dan ser jinvolvi titjib tal-aċċess tal-SMEs għat-teħid b'self u potenzjalment jista' jnaqqas l-ispejjeż tat-teħid b'self.

Skont dan l-istrument, jistgħu jintużaw garanziji tal-ewwel telf ta' self ġdid lil SMEs fil-mira b'rata ta' garanzija li tasal sa 70 % u limitu massimu tal-garanzija li jasal sa 25 % fil-portafoll globali tas-self. Ir-rata u l-limitu preċiżi tal-garanzija qed jiġu ddeterminati fuq bażi ta' każ b'każ.

Il-Kummissjoni timplimenta l-istrument b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju (permezz ta' Ftehim ta' Fiduċja u Ġestjoni). Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). Il-Faċilità għandha tiġi implimentata b'ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

L-istrument inbeda fl-2013 u se jiggarantixxi self b'maturità sal-2023. Il-kopertura ġeografika ser tkun il-Balkani tal-Punent skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal finanzjament ta' azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Il-pakkett finanzjarju għall-istrument taħt l-IPA I jammonta għal EUR 21,9 miljuni (li minnhom EUR 1,9 miljun hija provvediment għal miżati għall-FEI bħala maniġer u EUR 20 miljun huwa l-kapital ta' garanzija) li kien imwieġed u mħallas lill-FEI.

L-allokazzjoni bażitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 21,9 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat fl-applikazzjoni għall-proġett mill-Faċilità ta' Garanzija EDIF matul id-durata tal-istrument finanzjarju huwa 7.

Il-garanziji fil-facilità kienu ġew allokati kompletament matul l-2014, għalkemm mhux kollha kemm huma ffirmaw sal-31 ta' Diċembru 2014. Hu mistenni li ammont ta' EUR 20 miljun jingrana investiment totali ta' EUR 120 miljun, li jimplika l-fattur tal-ingranaġġ ta' 6.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-Fond ta' Espansjoni tal-Intrapriżi (ENEF) fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Impriżi tal-Balkani tal-Punent

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-Faċilità ta' Garanzija (ENEF) jikkontribwixi għall-ksib tal-objettivi ta' tisħiħ tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent.

L-objettivi ewlenin tiegħu huma l-ħolqien ta' prekondizzjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi u b'potenzjal għoli. L-istrument ser jiffinanzja l-iżvilupp u l-kapital ta' espansjoni f'SMEs stabbiliti b'potenzjal għoli ta' tkabbir fis-swieq rispettivi tagħhom permezz ta' pareċipazzjoni tal-ekwità. Skont l-istrument, jista' jintuża investiment ta' ekwità u kważi ekwità.

Il-Kummissjoni ser timplimenta l-istrument b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju. Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). Il-Faċilità għandha tiġi implimentata b'ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

L-investimenti skont l-istrument ma kinux bdew fl-2014 iżda l-BERŻ kien stabbilixxa sensiela ta' ftehimiet li fuqhom kienet qed issir diliġenza dovuta sal-31 ta' Diċembru 2014. Wara perjodu ta' investiment ta' massimu ta' ħames snin, il-portafoll tiegħu ser jiġi stralċat f'perjodu sussegwenti ta' massimu ta' ħames snin. Il-kopertura ġeografika ser tkun il-Balkani tal-Punent skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal finanzjament ta' azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Il-pakkett finanzjarju previst għall-istrument jammonta għal EUR 11,0 miljun (li minnhom EUR 1,1 miljun huwa provvediment għal miżati għall-FEI bħala Fiduċjarju għall-Kummissjoni, EUR 0,4 miljun huwa provvediment għal assistenza teknika u EUR 9,5 miljuni hija l-parti tal-ekwità). EUR 10,4 miljuni tħallsu lill-FEI fil-funzjoni tiegħu bħala fiduċjarju f'Diċembru 2012. Dan l-ammont se jingrana investiment totali fil-fond ta' madwar EUR 55 miljun, li jimplika fattur tal-ingranaġġ ta' 5 flimkien ma' koinvestimenti prvesit "1 għal 1" tal-BERŻ mill-Faċilità tal-Intraprenditorija Lokali, l-investiment totali jista' jilħaq l-EUR 110 miljun li jimplika fattur tal-ingranaġġ ta' 10.

L-impenn baġitarju aggregat ta' EUR 11,0 miljun mill-IPA I jista' jiżdied skont il-programm multibeneficjarju IPA II soġġett għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-istrument u l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet finanzjarji korrispondenti.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 11 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif antiċipat fl-applikazzjoni għall-proġett mill-EDIF huwa 10 matul id-durata tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li jsiru investimenti għall-ammont totali ta' EUR 110 miljuni għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi (ENIF) fil-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi tal-Balkani tal-Punent.

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu.

(ii) ***Linji bażitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura bażitarja tal-2014).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-bażit***

L-Istrument Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-Fond ta' Innovazzjoni tal-Intrapriżi (ENIF) jikkontribwixi għall-ksib tal-objettivi ta' tishih tat-tkabbir soċjoekonomiku tal-Balkani tal-Punent. L-objettivi ewlenin tiegħu huma l-ħolqien ta' prekondizzjonijiet għall-emerġenza u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi fi stadju bikri permezz ta' investimenti ta' ekwità. L-istrument jiffinanzja kapital fil-fażi bikrija sal-fażi tal-iżvilupp u espansjoni f'SMEs innovattivi. Skont l-istrument, jista' jintuża investiment ta' ekwità u kważi ekwità.

Il-Kummissjoni timplimenta l-istrument b'ġestjoni indiretta skont l-Artikolu 139 tar-Regolament Finanzjarju. Bil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tista' tinkariga l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). L-istrument ser jiġi implimentat bil-ġestjoni indiretta, bil-kompiti ta' implimentazzjoni inkarigati lill-FEI.

L-istrument ilu jopera b'mod shih minn Settembru 2015, meta l-ftehim ta' shubija limitata kien finalizzat u l-fond sar sottoskritt. Fit-2 ta' Settembru 2015 seħħ l-ewwel għeluq tal-ENIF mal-fond legalment inkorporat fl-Olanda. Dan l-għeluq ġab miegħu investimenti minn; UE — EUR 12,5 miljun; EBRD — EUR 5 miljun; investituri privati — EUR 5,25 miljun, jiġifieri EUR; 2374 miljun — benefiċjarji total ta' EUR 25,124 miljun.

Wara perjodu ta' investiment ta' massimu ta' ħames snin, il-portafoll tiegħu ser jiġi stralċat f'perjodu sussegwenti ta' massimu ta' ħames snin. Il-kopertura ġeografika ser tkun il-Balkani tal-Punent skont ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal finanzjament ta' azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2015, p. 95).

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

Il-pakkett finanzjarju previst għall-istrument jammonta għal EUR 21,2 miljun (li minnhom EUR 0,9 miljuni huma provvediment għal miżati għall-FEI bħala Fiduċjarju għall-Kummissjoni, EUR 6,2 miljun huma provvediment għal assistenza teknika u EUR 14,51 miljun hija l-parti tal-ekwità) li kien imwieġed u mħallas lill-FEI fil-funzjoni tiegħu bħala fiduċjarju. Sal-31.12.2014 l-ammont hu meqjus bħala ekwivalenti għall-kontanti (kont fiduċjarju) fuq il-Karta tal-Bilanċ tad-DĠ NEAR u għadu mhux strument finanzjarju. Dan l-ammont se jingrana investiment totali ta' madwar EUR 40 miljun, li jimplika fattur ta' ingranaġġ ta' tnejn.

L-impenn bażitarju aggregat ta' EUR 21,2 miljun mill-IPA I jista' jiżdied fil-futur skont il-Programm Multibenefiċjarju IPA II soġġett għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-istrument u l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet finanzjarji korrispondenti.

L-allokazzjoni bażitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 22,2 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif anticipat fl-applikazzjoni għall-proġett mill-EDIF huwa 2 matul id-durata tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li jsiru investimenti għall-ammont totali ta' madwar EUR 40 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Oħrajn (Mixxellanji)

Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE)

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE), Għajnuna Komunitarja għar-Rikostruzzjoni, l-Iżvilupp u l-Istabilizzazzjoni (CARDS) 2006/018-264, IPA 2007/019-344, IPA 2008/020-300 u IPA 2009/021-373

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura baġitarja tal-2014).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa (EFSE) huwa forma ta' shubija pubblika privata. L-għan tiegħu huwa li jattira kapital mis-settur pubbliku u b'hekk jingranaġġa fondi donaturi pubbliċi li ser jassistu fl-iżvilupp tas-settur privat fir-reġjun. L-EFSE jestendi self lil banek kummerċjali lokali u istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament fil-Balkani tal-Punent sabiex jerġgħu jisilfuh lil intrapriżi mikro u żgħar u familji. Il-Fond Ewropew għall-Investiment (EIF) jamministra EFSE, dan tal-aħħar li jiġġenera impatti fuq tliet livelli differenti:

— Sostenn lil intrapriżi mikro u żgħar bħala l-pedament tal-ekonomiji lokali, u b'hekk jikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni tad-dħul u l-holqien tal-impjiegi

— Issodisfar tal-ħtieġa bażika ta' kenn diċenti

— Tisħiħ tas-swieq finanzjarji lokali

Il-fond ikollu natura rotanti u għandu durata indeterminata. L-estensjoni tal-ftehimiet ta' delega sottostanti li jistabbilixxu kurazija sottostanti għall-fondi tal-IPA fl-EFSE mal-FEI hija ppjanata taħt l-IPA II, programm multi-nazzjonali 2015 (soġġetta għal deċiżjoni).

L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-UE għall-EFSE, jiġifieri EUR 88 968 090 jinkludi sehem u trasferimenti ta' flus minn strumenti oħra matul il-perjodu 2006–2011.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-ebda impenn għal finanzjament addizzjonali mill-IPA II tal-ishma l-ġodda tal-abbonamenti fl-EFSE kien previst fl-2015 (minbarra EUR 1,6 miljun ta' allokazzjoni addizzjonali lejn miżati tal-kurazija tal-FEI sa tmiem l-2023).

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu totali tal-ipprogrammar sal-31/12/2014 hija daqs it-total tal-allokazzjoni sal-lum jiġifieri EUR 88 968 090.

L-effett ta' ingranaġġ miksub fil-EFSC fil-preżent huwa bejn wieħed u ieħor 40.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ miksub tal-istrument, huwa stmat li se jiġġenera b'aktar minn EUR 3,6 biljun ta' self lir-riċevituri finali eliġibbli.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Fond "Green for Growth" (GGF)

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Fond Green for Growth (GGF), IPA 2009/021-373

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

(ii) ***Linji bażitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Partita 22 02 04 01 — Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali (fin-nomenklatura bażitarja tal-2014).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-bażit***

Il-missjoni tal-Fond Green for Growth, l-Ewropa tax-Xlokk, għandu jikkontribwixxi fil-forma ta' sħubija pubblika-privata bi struttura ta' riskju/redditu maqsuma f'saffi, biex tissaħħaħ l-effiċjenza enerġetika (EE) u jitrawmu l-enerġiji rinnovabbli (RE) fir-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa u t-Turkija, l-aktar bil-forniment ta' finanzjament iddedikat lin-negozji u l-familji permezz tas-sħubija mal-istituzzjonijiet finanzjarji u finanzjament dirett.

L-investimenti tal-GGF jfittxu li jiksbu tnaqqis ta' 20 % fil-konsum tal-enerġija u/jew tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet ta' CO_2, permezz ta':

— rifinanzjament tal-istituzzjonijiet finanzjarji (banek kummerċjali lokali, istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex banek bħal istituzzjonijiet mikrofinanzjarji kumpaniji ta' lokazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra magħżula) li jipprovdu self lil unitajiet domestiċi, negozji, muniċipalitajiet u s-settur pubbliku għal miżuri ta' effiċjenza tal-enerġija, jew proġetti ta' enerġija rinnovabbli. L-investimenti permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji se jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-investimenti tal-GGF;

— il-forniment ta' finanzjament dirett lill-istituzzjonijiet mhux finanzjarji (kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija, kumpaniji jew proġetti tal-enerġija rinnovabbli, kumpaniji fuq skala żgħira ta' servizz u provvista tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija) li jissodisfaw il-miri tal-GGF fl-iffrankar tal-enerġija u/jew ta' emissjonijiet, u jikkonformaw mal-kriterji tekniċi tal-lista ta' esklużjoni tal-GGF.

Il-fond ikollu natura rotanti u għandu durata indeterminata. L-estensjoni tal-ftehimiet ta' delega sottostanti li jistabbilixxu kurazija sottostanti għall-fondi tal-IPA fl-EFSE mal-FEI hija ppjanata taħt l-IPA II, il-Programm Multi-Nazzjonali 2015 (soġġetta għal deċiżjoni).

L-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tal-UE għall-GGF, jiġifieri EUR 38 633 232, jinkludi abbonament għal ishma C.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-ebda impenn għal finanzjament addizzjonali mill-IPA II tal-ishma l-ġodda tal-abbonamenti fil-GGF kien previst fl-2015 (minbarra EUR 1,6 miljun ta' allokazzjoni addizzjonali lejn miżati tal-kurazija tal-FEI sa tmiem l-2023).

L-allokazzjoni bażitarja stmata prevista għall-perjodu totali tal-ipprogrammar sal-31/12/2014 hija daqs it-total tal-allokazzjoni sallum jiġifieri EUR 38 633 232.

L-effett ta' ingranaġġ tal-GGF fil-preżent huwa bejn wieħed u ieħor 8,6 (daqs totali tal-fond, diviż bil-kontribuzzjoni tal-UE). Huwa stmat li l-effett ta' ingranaġġ se jiġġenera b'aktar minn EUR 330 miljun ta' self lir-riċevituri finali eliġibbli.

KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI DWAR STRUMENTI FINANZJARJI, SKONT L-ARTIKOLU 49(1)(E) TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU

Self ta' Sostenn lit-Turkija għall-Irkupru tal-SMEs

(i) ***Referenza għall-att bażiku***

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Pakkett ta' Rispons għal Kriżi, IPA 2009/021-373

(ii) ***Linji baġitarji li jikkorrispondu għall-operazzjonijiet relevanti***

Artikoluj 22 02 51 — Tlestija tal-assistenza preċedenti ta' qabel l-adeżjoni (qabel l-2014) (fin-nomenklatura tal-baġit tal-2014).

(iii) ***Deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-durata tagħhom u l-impatt li jħallu fuq il-baġit***

L-objettiv globali tas-Self ta' Sostenn għall-Irkupru tal-SMEs għat-Turkija huwa li jimmitiga l-impatt tal-kriżi għall-SMEs u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ekonomija u s-settur tal-impjiegi tat-Turkija. L-objettiv ewlieni huwa li jappoġġja lill-SMEs b'investimenti produttivi konkreti billi jagħti aċċess għal finanzjament tad-dejn attraenti u għal perjodi itwal. Il-kofinanzjament tas-self għandu jiġi pprovdut lil banek kummerċjali lokali li joperaw fit-Turkija (l-"intermedjarji finanzjarji") għall-benefiċċju tal-investimenti eliġibbli mwettqa mill-SMEs. Fil-kuntest tal-azzjoni, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jestendi self mir-riżorsi tiegħu stess flimkien mas-self ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni.

L-SMEs individwali huma eliġibbli għal finanzjament minn Intermedjarju Finanzjarju li juża finanzjament disponibbli permezz tal-azzjoni (kull wieħed "sottoself") sa ammont massimu ta' EUR 5,0 miljun u ammont minimu ta' EUR 200 u b'maturità minima ta' erba' snin.

L-impenn finanzjarju tal-Kummissjonigħall-istrument jammonta għal EUR 30,0 miljun (li minnhom EUR 360 000 huma għal miżati tal-ġestjoni). Huwa azzjoni ta' ġestjoni konġunta mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) li tikkontribwixxi EUR 120,0 miljun. L-azzjoni ser tintemm f'Diċembru 2016. Id-durata kollha tas-sostenn għall-irkupru aktarx li se testendi sal-2026.

(iv) ***L-operazzjonijiet previsti, inklużi l-volumi fil-mira bbażati fuq l-effett ta' ingranaġġ li ġej mill-istrumenti finanzjarji eżistenti.***

L-impenn tal-UE għall-2009 ta' EUR 30 miljun sostna volum ta' self ta' EUR 150 miljun għaż-żewġ banek Torok parteċipanti.

L-allokazzjoni baġitarja stmata prevista għall-perjodu kollu tal-ipprogrammar tammonta għal EUR 30 miljun.

L-effett ta' ingranaġġ fil-mira kif indikat mill–bażi ġuridika u fl-evalwazzjoni ex-ante huwa "1 sa10" matul il-ħajja tal-istrument finanzjarju.

Fuq il-bażi tal-ingranaġġ fil-mira tal-istrument, hu stmat li l-ammont totali ta'/volumi ta' self immobilizzati se jkun ta' madwar EUR 300 miljun għad-durata kollha tal-programm.

KUMMISSJONI

UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

DĦUL

TITOLU 4

MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-RIMUNERAZZJONI
KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	***Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra***	3 398 000	3 245 000	3 419 066,59	100,62
4 0 3	***Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament***	p.m.	p.m.	1 519,20	
4 0 4	***Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarju tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu***	687 000	677 000	1 033 766,26	150,48
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	4 085 000	3 922 000	4 454 352,05	109,04
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	***Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni***	4 340 000	4 276 000	3 480 715,89	80,20
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	4 340 000	4 276 000	3 480 715,89	80,20
	Titolu 4 — Total	**8 425 000**	**8 198 000**	**7 935 067,94**	**94,18**

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

TITOLU 4

MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-RIMUNERAZZJONI

4 0 0 Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
3 398 000	3 245 000	3 419 066,59

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi l-qligħ kollu mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Atti ta' referenza

Il-protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 12 tiegħu.

4 0 3 Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	1 519,20

Kummenti

Dan id-dħul huwa t-total tal-qligħ mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjieg li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-impjegati tal-Uffiċċju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-RIMUNERAZZJONI *(ikompli)*

4 0 4 ***Dħul mill-imposta speċjali u mill-imposta ta' solidarjetà fuq is-salarju tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
687 000	677 000	1 033 766,26

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tiegħu.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET

4 1 0 ***Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
4 340 000	4 276 000	3 480 715,89

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha imnaqqsa fix-xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju; skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u użati biex tkun iffinanzjata l-iskema tal-pensjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

TITOLU 6

KONTRIBUZZJONIJIET GĦAL PROGRAMMI TAL-UNJONI, RIMBORS TA' NEFQA U DĦUL

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 6 6				
6 6 0	***Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra***				
6 6 6 0	Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 6 6 0 — Total	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 6 6 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 6 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**	
	GRAN TOTAL	**8 425 000**	**8 198 000**	**7 935 067,94**	**94,18**

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

TITOLU 6

KONTRIBUZZJONIJIET GĦAL PROGRAMMI TAL-UNJONI, RIMBORS TA' NEFQA U DĦUL

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

6 6 0 Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra

6 6 6 0 Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, tirċievi kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għan-nefqa finanzjarja li għaliha huwa assenjat id-dħul.

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

NEFQA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
A2	**UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET**			
A2 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA	71 951 200	72 748 000	74 645 421,09
A2 02	ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI	7 300 000	7 091 000	16 256 786,25
A2 10	RIŻERVI	p.m.	p.m.	0,—
	Titolu A2 — Total	**79 251 200**	**79 839 000**	**90 902 207,34**

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

TITOLU A2

UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA
KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU A2 01				
A2 01 01	***Nefqa relatata ma' aġenti uffiċjali u temporanji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	54 858 000	54 361 000	55 371 340,75	100,94
A2 01 02	***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra***				
A2 01 02 01	Persunal estern				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 376 000	2 413 000	2 773 712,62	116,74
A2 01 02 11	Nefqa maniġerjali oħra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	549 000	600 000	529 140,—	96,38
	Artikolu A2 01 02 — Total	2 925 000	3 013 000	3 302 852,62	112,92
A2 01 03	***Nefqa fuq binjiet u nefqa relatata***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	14 165 200	15 371 000	15 797 320,59	111,52
A2 01 50	***Politika u ġestjoni tal-ħaddiema***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	151 907,13	
A2 01 51	***Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	19 000,—	
A2 01 60	***Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 000	3 000	3 000,—	100,00
	KAPITOLU A2 01 — TOTAL	71 951 200	72 748 000	74 645 421,09	103,74
	KAPITOLU A2 02				
A2 02 01	***Produzzjoni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	800 000	1 280 000	4 671 037,60	583,88
A2 02 02	***Katalogar u Arkivjar***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 900 000	1 800 000	1 608 254,31	84,64
A2 02 03	***Distribuzzjoni fiżika u promozzjoni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 300 000	1 700 000	6 803 959,70	523,38
A2 02 04	***Siti web pubbliċi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 300 000	2 311 000	3 173 534,64	96,17
	KAPITOLU A2 02 — TOTAL	7 300 000	7 091 000	16 256 786,25	222,70

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 10 — RIŻERVI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU A2 10				
A2 10 01	***Approprjazzjonijiet proviżorji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
A2 10 02	***Riżerva għall-kontinġenzi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU A2 10 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu A2 — Total	**79 251 200**	**79 839 000**	**90 902 207,34**	**114,70**

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

TITOLU A2

UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

A2 01 01 Nefqa relatata ma' aġenti uffiċjali u temporanji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
54 858 000	54 361 000	55 371 340,75

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkollhom post fuq il-pjan tal-istabbiliment:

— salarji, gratifiki u pagamenti marbuta mas-salarji,

— assigurazzjonijiet kontra aċċidenti u mard u debiti oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjoni f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,

— gratifiki u għotjiet mixxellanji,

— il-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat lill-parti mill-emolumenti trasferiti lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjieg,

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jidħlu fl-inkarigu, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjieg,

— il-gratifiki għall-insedjament u risistemazzjoni dovuti lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjieg, u meta dawn itemmu l-impjieg u jirrisistemaw x'imkien ieħor,

— l-ispejjeż ta' ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjieg, u meta dawn itemmu l-impjieg u jirrisistemaw x'imkien ieħor,

— l-ispiża ta' kull aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

A2 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra

A2 01 02 01 Persunal estern

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 376 000	2 413 000	2 773 712,62

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (fis-sens tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijeit applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,

— in-nefqa mġarrba (remunerazzjoni, assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-użu ta' persunal estern u persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,

— il-kost ta' ħaddiema maċ-ċivil nazzjonali jew esperti oħra sekondati jew assenjati temporanjament mal-Uffiċċju u spejjeż supplimentari li joriġinaw mis-sekondar ta' uffiċjali ma' servizzi ċivili nazzjonali jew organizzazzjonijiet internazzjonali,

— l-ispiża ta' kull aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja,

— servizzi ta' sostenn fil-qasam tal-qari tal-provi, nefqa konnessa mal-persunal ta' aġenzija jew freelance u nefqa amministrattiva relatata.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwar in-nominazzjoni u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

A2 01 02 11 Nefqa maniġerjali oħra

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
549 000	600 000	529 140,—

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

A2 01 02 *(ikompli)*

A2 01 02 11 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-istaff Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew sekondati,

— ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju (ir-rimbors ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-għajxien u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— il-kostijiet ta' ospitalità u ta' ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,

— nefqa mixellanja marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,

— nefqa marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza skont il-bżonnijiet tal-Uffiċċju:

— tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżultati,

— tariffi ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi organizzazzjonali, immaniġġar, strateġija, kwalità u mmaniġġar tal-ħaddiema,

— il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikliet u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u ma' prodotti multimedjali,

— l-iffinanzjar ta' materjal pedagoġiku,

— in-nefqa fuq studji u konsultazzjoni speċjalizzati li jkunu saru minn esperti kkwalifikati ħafna (individwi jew kumpanija) permezz ta' kuntratt, meta l-impjegati tal-Uffiċċju ma jkunux jistgħu jwettqu dan ix-xogħol, inkluż ix-xiri ta' studji li jkunu saru diġà,

— l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-Uffiċċju fil-Bridge Forum Dialogue.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

A2 01 02 *(ikompli)*

A2 01 02 11 *(ikompli)*

Il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwar in-nominazzjoni u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

A2 01 03 ***Nefqa fuq binjiet u nefqa relatata***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
14 165 200	15 371 000	15 797 320,59

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa marbuta mal-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, partikolarment:

— il-kosti tax-xiri jew kiri b'lokazzjoni tal-binjiet jew il-kostruzzjoni tal-binjiet,

— kera u ċens, taxxi varji u l-eżerċizzju tal-opzjoni tax-xiri ta' binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, imħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,

— il-primjums tal-assigurazzjoni fuq il-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,

— tariffi tal-ilma, gass, elettriku u tisħin tal-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,

— in-nefqa għall-manutenzjoni tal-kmamar, tal-liftijiet, eċċ, u tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; in-nefqa li tirriżulta minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ibbliċjar u għad-dry-cleaning, eċċ. kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,

— in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u r-rimi ta' skart,

— rinovament tal-bini, eż. alterazzjonijiet fil-kompartimenti, alterazzjonijiet fl-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq is-serraturi, apparat elettriku, xogħol sanitarju, tibjid, kisi tal-art, u l-kost ta' bidliet fil-kablaġġ marbut mal-attrezzaturi, u l-kost tal-apparat neċessarju (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jgħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa), l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, l-aktar il-kuntratti marbuta mal-għassa tal-binjiet, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti minuri ta' tagħmir (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jgħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa, l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

A2 01 03 *(ikompli)*

— spejjeż marbuta mas-saħħa u s-sikurezza tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-gwardjani tan-nirien u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jgħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa, l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,

— nefqa oħra fuq binjiet, partikolarment tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (ġbir tal-iskart, eċċ.),

— debiti għal assistenza teknika marbuta ma' rinovament maġġuri tal-binjiet,

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rinovament ta' tagħmir u stallazzjonijiet tekniċi,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir ta' ġarr,

— assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbiltà ċivili u kontra s-serq),

— in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u partikolarment:

  — xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,

  — ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal tal-uffiċina teknika u ta' persunal meħtieġa jagħmlu xogħol li għalih ikun meħtieġ protezzjoni kontra temp ħażin jew kesħa, tkabir u ħmieġ anormali,

  — xiri jew rimbors tal-kost ta' kwalunkwe tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi tal-Kunsill 89/391/KEE u 90/270/KEE,

— ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

— in-nefqa biex il-binjiet jkunu attrezzat b'telekomunikazzjonijiet, partikolarment ix-xiri, il-kera, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' panewi tal-kontrolli u distributuri tat-telefown, sistemi awdjo, ta' vidjokonferenza, ta' telefownija interna u telefownija ċellulari, u n-nefqa fuq netwerks ta' data (apparat u manutenzjoni) u servizzi relatati (immaniġġar, appoġġ, dokumentazzjoni, stallazzjoni u migrazzjoni),

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni u manutenzjoni ta' komputers, terminals, minikomputers, periferali, apparat ta' konnessjoni u softwer meħtieġ,

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni u manutenzjoni ta' apparat għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'forma stampata, eżempju printers, faks, fotokopjatriċi, skeners u mikrokopjatriċi,

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni ta' tajprajters, proċessaturi tat-testi jew kull apparat elettroniku ieħor,

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

A2 01 03 *(ikompli)*

— stallazzjoni, konfigurazzjoni, manutenzjoni, studji, dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan l-apparat,

— il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju, eċċ,

— nefqa għad-debiti tal-posta u spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Uffiċċju,

— debiti ta' abbonament u l-kost ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefowns fissi u ċellulari, teleks, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), nefqa fuq netwerks ta'datatrażmissjoni, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,

— il-kost ta' konnessjonijiet tat-telefown u tal-kompjuter bejn il-binjiet u linji ta' trasmissjoni internazzjonali bejn is-siti tal-uffiċċji tal-Unjoni,

— appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u kostijiet relatati u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' apparat u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għad-dokumentazzjoni teknika kemm jekk fuq il-karta jew f'forma elettronika, eċċ, persunal operatorju estern, servizzi tal-uffiċċju, abbonamenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji dwar is-sikurezza u l-garanzija tal-kwalità marbuta ma' apparat u softwer tal-kompjuter,

— nefqa operatorja oħra mhux speċifikament dispost għaliha hawn fuq.

Din l-approprjazzjoni ma tkoprix in-nefqa marbuta ma' kompiti industrijali taċ-ċentru ta' distribuzzjoni.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 10 000.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għal xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

A2 01 50 ***Politika u ġestjoni tal-ħaddiema***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	151 907,13

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-għajnuna mill-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi fil-Lussemburgu, u kull inizjattiva mfassla biex tinkuraġġixxi l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti,

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

A2 01 50 *(ikompli)*

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal u għat-trasport tat-tfal,

— bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkollhom diżabbiltà u li jkunu f'dawn il-kategoriji:

— uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

— konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

— it-tfal dipendenti kollha fis-sens tar-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

A2 01 51 ***Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	19 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— spejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' restoranti, kafetteriji u canteens,

— ħsarat li għandhom jinġarru mill-Uffiċċju u dawk li jkunu ġejjin minn obbligazzjonijiet ta' terza parti, u n-nefqa marbuta ma' ċerti każijiet fejn, għall-raġunijiet ta' ekwità, il-kumpens għandu jitħallas mingħajr ma jkun hemm ebda talba legali.

A2 01 60 ***Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 000	3 000	3 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— ħlas ta' miżati għal servizzi ta' aċċess għad-dejta, ħlas ta' miżati għal gazzetti, rivisti speċjalizzati; ix-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta max-xogħol tal-Uffiċċju,

— il-kostijiet ta' abbonamenti fl-aġenziji tal-istampa (aġenziji tal-aħbarijiet u bullettini ta' stampa u informazzjoni),

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI

A2 02 01 Produzzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
800 000	1 280 000	4 671 037,60

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha relatata mal-attività ta' produzzjoni, inkluż:

— produzzjoni tal-pubblikazzjonijiet fil-forom kollha (karta, elettroniċi), inkluż kopubblikazzjoni,

— l-istampar mill-ġdid ta' pubblikazzjonijiet u korrezzjonijiet ta' żbalji li l-Uffiċċju jkun responsabbli għalihom,

— ix-xiri jew il-kiri ta' apparat u infrastruttura għar-riproduzzjoni ta' dokumenti f'kull forma, inklużi l-kost tal-karta u oġġetti konsumabbli oħra.

It-total tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq il-EUR 2 200 000.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

A2 02 02 Katalogar u Arkivjar

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 900 000	1 800 000	1 608 254,31

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-attivitajiet tal-katalogar u arkivjar, b'mod partikolari:

— ġbir f'katalogi, li jinkludu l-kosti tal-analiżi dokumentarja u dik parzjalment ġudizzjarja, indiċjar, speċifikazzjoni u l-abbozzar, reġistrazzjoni tal-input u manutenzjoni,

— abbonamenti annwali ma' aġenziji internazzjonali fil-qasam tal-katalogar,

— ħżin elettroniku,

— preżervazzjoni fit-tul ta' dokumenti elettroniċi u servizzi relatati, diġitizzazzjoni.

Bażi ġuridika

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 1974 dwar l-awtomazzjoni tad-dokumentazzjoni legali (ĠU C 20, 28.1.1975, p. 2).

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 1991 dwar ir-riorganizzjoni tal-istrutturi operattivi tas-sistema CELEX (dokumentazzjoni awtomatizzata tal-liġi tal-Komunità (ĠU C 308, 28.11.1991, p. 2).

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI *(ikompli)*

A2 02 02 *(ikompli)*

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 1994 dwar it-tixrid elettroniku tal-liġi tal-Komunità u l-liġijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali u fuq il-kundizzjonijiet ta' aċċess imtejjeb (ĠU C 179, 1.7.1994, p. 3).

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

A2 02 03 ***Distribuzzjoni fiżika u promozzjoni***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 300 000	1 700 000	6 803 959,70

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-attivitajiet ta' distribuzzjoni fiżika u promozzjoni", b'mod partikolari:

— attivitajiet ta' ħżin għall-pubblikazzjonijiet: tqegħid f'maħżen, entrati/tneħħijiet, eċċ.,

— ippakkjar u indirizzar (magni, installazzjonijiet, affarijiet konsumibbli, maniġġ, eċċ.),

— spejjeż ta' dispaċċ: posta, trasport, shuttles, eċċ.,

— akkwist u ġestjoni ta' listi ta' indirizzi: produzzjoni, input/kodifikar, aġġornar, eċċ.,

— promozzjoni u kummerċjalizzazzjoni: esibizzjonijiet, katalogi, prospetti, reklamar, studji tas-suq, eċċ.,

— informazzjoni u assistenza lill-pubbliku,

— tagħmir għal-libreriji: indiċjar tal-kards, xkaffar, għamara, unitajiet ta' katalogi, eċċ.

L-ammont tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq il-EUR 5 000 000.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

A2 02 04 ***Siti web pubbliċi***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 300 000	2 311 000	3 173 534,64

KUMMISSJONI
UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET

KAPITOLU A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI *(ikompli)*

A2 02 04 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha relatata mal-ativitajiet tal-websajts pubbliċi (prim-arjament il-pubblikazzjoni tal-Bookshop tal-UE, il-websajts Who's Who u parti mill-websajt tal-EUR-Lex), b'mod partikolari:

— manutenzjoni u żvilupp ta' siti web pubbliċi,

— ċentru ta' assistenza għal min juża s-siti web.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

KAPITOLU A2 10 — RIŻERVI

A2 10 01 ***Approprjazzjonijiet proviżorji***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu huma purament proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lejn intestatura oħra tal-baġit skont ir-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

A2 10 02 ***Riżerva għall-kontinġenzi***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

KUMMISSJONI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

DĦUL

TITOLU 4

MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI
KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	***Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra***	3 255 000	3 091 000	3 098 940,37	95,21
4 0 3	***Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament***	p.m.	p.m.	1 308,50	
4 0 4	***Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-membri tal-istituzzjoni, tal-funzjonarji u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu.***	654 000	632 000	903 114,94	138,09
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	3 909 000	3 723 000	4 003 363,81	102,41
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	***Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni***	3 302 000	3 192 000	2 514 976,98	76,17
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	3 302 000	3 192 000	2 514 976,98	76,17
	Titolu 4 — Total	**7 211 000**	**6 915 000**	**6 518 340,79**	**90,39**

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

TITOLU 4

MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, IMPOSTI U AMMONTI DOVUTI

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

4 0 0 Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
3 255 000	3 091 000	3 098 940,37

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra, mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

4 0 3 Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	1 308,50

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjieg attiv, li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-ħaddiema tal-Uffiċċju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

4 0 4 Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-membri tal-istituzzjoni, tal-funzjonarji u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu.

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
654 000	632 000	903 114,94

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 66a tiegħu.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI

4 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
3 302 000	3 192 000	2 514 976,98

Kummenti

Dan id-dħul huwa t-total tal-kontribuzzjonijiet imnaqqsa kull xahar mill-pagi tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u użat biex tkun iffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

TITOLU 6

KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, ĦLAS LURA TA' NFIQ U DĦUL

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 6 6				
6 6 0	***Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra***				
6 6 0 0	Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 6 6 0 — Total	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 6 6 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 6 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**	
	GRAN TOTAL	**7 211 000**	**6 915 000**	**6 518 340,79**	**90,39**

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

TITOLU 6

KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, ĦLAS LURA TA' NFIQ U DĦUL

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

6 6 0 Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra

6 6 0 0 Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din il-partita hija maħsuba biex tirċievi, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jwassal għall-għotja ta' approprjazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

NEFQA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
A3	**L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI**			
A3 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA	57 005 000	55 596 000	52 757 728,84
A3 02	IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI	1 850 000	1 950 000	2 737 986,81
A3 03	NEFQA LI TIRRIŻULTA MILL-MANDAT TAL-MEMBRI TAL-KUMITAT TA' SUPERVIŻJONI	200 000	200 000	200 000,—
A3 10	RIŻERVI	p.m.	p.m.	0,—
	Titolu A3 — Total	**59 055 000**	**57 746 000**	**55 695 715,65**

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

TITOLU A3

L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA
KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU A3 01				
A3 01 01	***Nefqa marbuta ma' uffiċjali u aġenti temporanji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	40 471 000	39 032 000	38 153 407,92	94,27
A3 01 02	***Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra***				
A3 01 02 01	Persunal estern				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 592 000	2 625 000	2 604 099,29	100,47
A3 01 02 11	Spejjeż oħra ta' ġestjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 179 000	2 289 000	2 457 972,16	112,80
	Artikolu A3 01 02 — Total	4 771 000	4 914 000	5 062 071,45	106,10
A3 01 03	***Bini u nefqa relatata***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	11 750 000	11 632 000	9 531 643,95	81,12
A3 01 50	***Politika tal-persunal u t-tmexxija***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 000	3 000	0,—	0
A3 01 51	***Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
A3 01 60	***Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	10 000	15 000	10 605,52	106,06
	KAPITOLU A3 01 — TOTAL	57 005 000	55 596 000	52 757 728,84	92,55
	KAPITOLU A3 02				
A3 02 01	***Kontrolli, studji, analiżi u attivitajiet li huma speċifiċi għall-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 700 000	1 700 000	2 551 770,16	150,10
A3 02 02	***Miżuri għall-protezzjoni tal-Ewro kontra l-falsifikazzjoni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	50 000	37 954,89	
A3 02 03	***Miżuri ta' informazzjoni u komunikazzjoni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	150 000	200 000	148 261,76	98,84
	KAPITOLU A3 02 — TOTAL	1 850 000	1 950 000	2 737 986,81	148,00

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 03 — NEFQA LI TIRRIŻULTA MILL-MANDAT TAL-MEMBRI TAL-KUMITAT TA' SUPERVIŻJONI
KAPITOLU A3 10 — RIŻERVI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU A3 03				
A3 03 01	***Nefqa li tirriżulta mill-mandat tal-Membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	200 000	200 000	200 000,—	100,00
	KAPITOLU A3 03 — TOTAL	200 000	200 000	200 000,—	100,00
	KAPITOLU A3 10				
A3 10 01	***Krediti proviżorji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
A3 10 02	***Riżerva għall-kontinġenzi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU A3 10 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu A3 — Total	**59 055 000**	**57 746 000**	**55 695 715,65**	**94,31**

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

TITOLU A3

L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

A3 01 01 Nefqa marbuta ma' uffiċjali u aġenti temporanji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
40 471 000	39 032 000	38 153 407,92

Kummenti

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fejn għandhom x'jaqsmu l-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkunu fil-pjan tal-istabbiliment:

— salarji, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,

— assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjoni f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,

— benefiċċji u għotjiet varji oħra,

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdew l-impjieg, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor,

— *allowances* ta' installazzjoni jew installazzjoni mill-ġdid dovuti lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdew impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— spejjeż tal-ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdew impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikabbli għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti għajr dak tal-impjieg,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

A3 01 02 Persunal estern u nefqa maniġerjali oħra

A3 01 02 01 Persunal estern

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 592 000	2 625 000	2 604 099,29

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (fis-sens tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg), inkluż dik li tkun saret disponibbli lis-segretarjat tal-Kumitat ta' Superviżjoni, l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijeit applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,

— in-nefqa li tkun saret (salarji, assikurazzjoni, eċċ.) minħabba ħaddiema temporanji mqabbda minn aġenziji u ħaddiema esterni oħra li jkunu fuq kuntratt ta' liġi privata,

— l-ispejjeż ta' ħaddiema inklużi f'kuntratti tas-servizz u f'subkuntrattar tekniku u amministrattiv,

— in-nefqa marbuta mas-*secondment* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-*secondment* ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

A3 01 02 11 Spejjeż oħra ta' ġestjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 179 000	2 289 000	2 457 972,16

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, inklużi spejjeż anċillari marbuta ma' biljetti u riservazzjonijiet, il-benefiċċji ta' sosteniment ta' kuljum u nfiq anċillari jew eċċezzjonali li jkun sar b'rabta ma' missjonijiet mill-ħaddiema uffiċjali tal-Kummissjoni u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew issekondati mad-dipartimenti tal-Kummissjoni,

— ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju b'mod uffiċjali (ir-rimbors ma jkunx possibbli għall-ispejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— l-ispejjeż tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

A3 01 02 *(ikompli)*

A3 01 02 11 *(ikompli)*

— l-ispejjeż varji marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,

— l-ispejjeż biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali relevanti,

— l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:

  — tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,

  — miżati ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,

  — l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali relevanti,

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikel u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma'prodotti stampati u ma' prodotti multimedia,

— l-iffinanzjar ta' għodda tat-tagħlim.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regoli dwar l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

A3 01 03 ***Bini u nefqa relatata***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
11 750 000	11 632 000	9 531 643,95

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri spejjeż marbuta mal-bini tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, partikolarment:

— l-ispejjeż ta' xiri jew ta' kera bl-għażla ta' xiri ta' bini jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— kera u ċens, id-diversi taxxi u l-eżerċizzju ta' għażla ta' xiri ta' bini jew il-partijiet okkupati ta' bini, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, mħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

A3 01 03 *(ikompli)*

— il-ħlas tal-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċċju,

— l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tal-enerġija għat-tisħin tal-bini jew tal-partijiet tal-bini okkupati mill-Uffiċċju,

— l-spejjeż għall-manutenzjoni tal-bini, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-*dry-cleaning*, eċċ kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,

— in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,

— xogħol ta' titjib tal-bini, eż., tibdil fit-tqassim, installazzjonijiet tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor ta' serraturi, ta' elettriku, ta' plumbing, ta' żebgħa, ta' bdil tal-art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' cabling ta' networks, u l-infiq għal tagħmir neċessarju marbut mat-titjib tiegħu (qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bi skop li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u xiri ta' oġġetti żgħar [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bl-għan li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħrajn dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],

— in-nefqa marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni tat-tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-riforniment tat–tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-300 000 Euro jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perijodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— l-infiq l-ieħor li għandu x'jaqsam mal-bini, partikolarment l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż marbuta ma' stħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart, eċċ.),

— xi nfiq għall-għajnuna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, il-manutenzjoni, t-tiswija, l-installazzjoni u r-riforniment ta' tagħmir u materjal tekniku,

  — ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,

  — ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,

— l-assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbiltà ċivili u l-assigurazzjoni kontra s-serq),

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

A3 01 03 *(ikompli)*

— l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:

— ix-xiri ta' uniformijiet (l-aktar għall-messaġġiera, xufiera u ħaddiema fir-ristoranti u l-kafetteriji),

— ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol partikolarment għan-nies li jaħdmu fil-workshops u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, il-wear and tear mhux normali u t-tbajja',

— ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,

— l-ispejjeż ta' ġarr, riorganizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

— in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo u vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq networks ta' data (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),

— ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija, u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-softwer tal-kompjuter meħtieġ,

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir relatat mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni f'forma stampata eż., printers, magni tal-fax, magni tal-fotokopji u mikrokopjaturi,

— ix-xiri u l-kiri ta' jew id-depożitu ta' garanzija għal typewriters, word processors u kull tagħmir elettroniku ieħor tal-uffiċċju,

— l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,

— in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-Uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,

— l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u tal-posta interna tal-Uffiċċju,

— it-tariffi ta' abbonament u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-kejbil jew bir-radju (telefoni fissi u ċellulari, televiżjoni, telekonferenzar, u videokonferenzar), spejjeż ta' networks tat-trażmissjoni tad-data, servizzi tal-komunikazzjoni tad-data, eċċ., u x-xiri tad-direttorji,

— l-ispejjeż tal-links tat-telefon u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trażmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

A3 01 03 *(ikompli)*

— appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata jew f'forma elettronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma' tagħmir u software tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-software, u tat-twettiq ta'proġetti ta' teknoloġija tal-informatika,

— spejjeż oħra funzjonali mhux previsti speċifikament hawn fuq.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 20 000.

Bażi ġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

A3 01 50 ***Politika tal-persunal u t-tmexxija***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 000	3 000	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkuraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal, bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkollhom diżabbiltà u li jkunu f'dawn il-kategoriji:

  — uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

  — konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

  — it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

A3 01 50 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

A3 01 51 Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' restoranti, kafetteriji u *canteens*.

A3 01 60 Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
10 000	15 000	10 605,52

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq fuq il-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm); il-ħlas ta' miżati għal servizzi ta' aċċess għad-data; l-ispejjeż ta' legatura u spejjeż oħra meħtieġa għall-preservazzjoni tal-kotba u l-pubblikazzjonijiet; ħlas ta' miżati għall-gazzetti, rivisti speċjalizzati; ix-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta max-xogħol tal-Uffiċċju.

KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI

A3 02 01 Kontrolli, studji, analiżi u attivitajiet li huma speċifiċi għall-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 700 000	1 700 000	2 551 770,16

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq kollu marbut ma' miżuri kontra l-frodi li ma jkunux jaqaw taħt il-responsabbiltà amministrattiva tal-Uffiċċju.

Din l-approprjazzjoni maħsuba partikolarment sabiex tippermetti:

— t-tfassil, l-iżvilupp, it-titjib u t-tmexxija ta' sistemi ta' skambju ta' informazzjoni u infrastrutturi komuni, filwaqt li jiġu rrispettati l-ħtiġijiet tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà,

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI *(ikompli)*

A3 02 01 *(ikompli)*

— it-tfittxija, il-ġbir, l-eżaminazzjoni, l-użu u l-għojta lid-dipartimenti ta' investigazzjoni nazzjonali tat-tagħrif kollu bżonnjuż fit-tfittxija u l-lokalizzazzjoni tal-frodi (eż. permezz ta' databases),

— li jkunu appoġġati l-isforzi tal-Istati Membri, l-aktar f'każi ta' frodi transnazzjonali, fejn ikun hemm bżonn li tittieħed azzjoni fuq livell tal-Unjoni,

— miżuri ta' ffinanzjar bil-għan li tiżdied l-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni, tal-kontrolli u tal-investigazzjonijiet,

— it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-amministrazzjonijiet nazzjonali, partikolarment fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti,

— l-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-sorveljanza u l-ispezzjonijiet fuq il-post,

— li jkunu ffinanzjati l-ispejjeż ta' vvjaġġar u l-benefiċċji ta' sosteniment għall-ispetturi u l-maġistrati nazzjonali li jkunu qed jaħdmu barra minn pajjiżhom b'rabta ma' żjajjar ta' kontroll, spezzjonijiet fuq il-post, laqgħat ta' koordinazzjoni u kull meta l-bżonn ta' investigazzjoni tiġġustifikahom,

— li jkunu koperti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, il-benefiċċji ta' sosteniment u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jaħdmu mal-Uffiċċju matul l-investigazzjonijiet jew biex jagħtu opinjoni professjonali fuq materja speċifika,

— li jkunu koperti l-ispejjeż ta' konferenzi, kungressi u laqgħat li l-Uffiċċju jorganizza fix-xogħol tiegħu tal-ġlieda kontra l-frodi.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Atti ta' referenza

L-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

A3 02 02 ***Miżuri għall-protezzjoni tal-Ewro kontra l-falsifikazzjoni***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	50 000	37 954,89

KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA' KONTRA L-FRODI

KAPITOLU A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI *(ikompli)*

A3 02 02 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' inizjattivi u miżuri speċifiċi bil-għan li jipproteġu l-munita Euro kontra l-iffalsifikar tal-flus.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 2 2 ***Allowances fil-każ ta' terminazzjoni bikrija tas-servizz***

1 2 2 0 Allowances għall-persunal irtirat mix-xogħol jew li jingħata l-liv fl-interess tas-servizz

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU *(ikompli)*

1 2 2 *(ikompli)*

1 2 2 0 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-allowances għall-uffiċjali li jingħataw status ta' nonattivi wara tnaqqis fin-numru ta' ħaddiema fl-istituzzjoni, għall-uffiċjali li jingħataw il-liv fl-interessi tas-servizz jew għall-uffiċjali anzjani f'kariga eżekuttiva għolja li jkunu rtiraw fl-interess tas-servizz.

Tkopri wkoll il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem lill-assigurazzjoni għall-mard u l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għal dawk l-allowances.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 41, 42c u 50 u l-Anness VI tagħhom.

1 2 2 2 Allowances għall-persunal li jitwaqqaf mis-servizz u skema speċjali tal-irtirar għall-uffiċjali u għall-persunal temporanju

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-allowances li jitħallsu taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet fuq imsemmija,

— il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-assigurazzjoni għall-mard għal persuni li jirċievu l-allowances,

— l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi tas-salarji li japplikaw għad-diversi allowances.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 64 u 72 tagħhom.

1 2 9 ***Approprjazzjoni proviżorja***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU *(ikompli)*

1 2 9 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni kienet maħsuba li tkopri l-effetti ta' kwalunkwe aġġustament fis-salarji li jiġi deċiż mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja u ġiet inkluża fil-partiti tal-baġit 1 2 0 0, 1 2 0 2 u 1 2 0 4.

Hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal intestaturi oħra bi qbil mar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 65 u l-Anness XI tagħhom.

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI

1 4 0 ***Persunal ieħor u persuni esterni***

1 4 0 0 Persunal ieħor

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 124 292	2 086 065	2 027 864,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija prinċipalment maħsuba biex tkopri:

— ir-rimunerazzjoni ta' persunal ieħor inklużi awżiljari, persunal b'kuntratt u persunal lokali u konsulenti speċjali (fit-tifsira tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea), il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-iskemi varji ta' sigurtà soċjali, u l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi tas-salarju applikabbli għar-rimunerazzjoni ta' dan il-persunal jew it-terminazzjoni tal-allowances stabbiliti fil-kuntratt,

— l-onorarji ta' persunal mediku u paramediku mħallsa skont l-arranġamenti għall-proviżjoni ta' servizzi, u f'każijiet speċjali, l-impjieg ta' persunal temporanju impjegat f'aġenzija,

— ir-rimunerazzjoni u l-kontijiet ta' operaturi tal-konferenzi u edituri multimedjali li jintużaw matul perijodi fejn ix-xogħol ikun eċċessiv jew f'każijiet speċjali,

— rata fissa ta' allowances għal xogħol wara l-ħin,

— il-ħlas għal xogħol wara l-ħin skont l-Artikolu 56 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Anness VI tagħhom,

— allowances oħrajn u għotjiet, inkluż l-allowance tal-liv għall-ġenituri jew il-familja,

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 0 *(ikompli)*

1 4 0 0 *(ikompli)*

— ħlas mill-istituzzjoni meta twaqqaf il-kuntratt ta' membru tal-persunal,

— l-effetti tal-aġġustamenti għar-rimunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 4 0 4 Apprendistat għal-lawreati, għotjiet u skambju ta' uffiċjali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
809 635	879 916	695 362,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— allowance, spejjeż tal-ivvjaġġar u dawk relatati mal-missjoni għall-apprendisti, u assigurazzjoni għall-mard u inċidenti waqt il-korsijiet,

— infiq li ġej minn ċaqliq bejn il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u s-settur pubbliku fl-Istati Membri jew f'pajjiżi oħra speċifikati fir-regoli,

— il-kontribuzzjoni, fuq skala limitata, sabiex jitħejjew proġetti ta' riċerka fl-oqsma ta' ħidma tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li huma ta' interess partikolari għall-integrazzjoni Ewropea,

— l-ispiża ta' programmi biex jedukaw liż-żgħażagħ fl-ispirtu Ewropew,

— l-effetti tal-aġġustamenti għar-rimunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 0 *(ikompli)*

1 4 0 8 Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, trasferiment u t-tluq mis-servizz

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
67 251	66 784	43 359,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— spejjeż tal-ivvjaġġar allokati għall-persunal (inklużi l-familji tagħhom) li deħlin fis-servizz jew li qed jispiċċaw mis-servizz jew li qed jiġu trasferiti f'post tax-xogħol ieħor,

— allowances tal-ewwel sistemazzjoni/sistemazzjoni mill-ġdid u spejjeż ta' ġarr allokati għal persunal obbligati li jibdlu l-post tar-residenza tagħhom biex jibdew jaħdmu, meta jiġu trasferiti f'post tax-xogħol ġdid jew meta fl-aħħar jispiċċaw mill-istituzzjoni u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— allowance għas-sussistenza għal kull ġurnata għal persunal li jipprovdu evidenza li se jkollhom ibiddlu l-post tar-residenza tagħhom biex jibdew jaħdmu, jew meta jiġu trasferiti għal post tax-xogħol ġdid,

— id-differenza bejn il-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persunal lil skema ta' pensjonijiet fi Stat Membru u dawk imħallsa lill-iskema tal-Unjoni f'każ li kuntratt jiġi ridefinit.

— l-effetti tal-aġġustamenti għar-rimunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 4 2 ***Servizzi esterni***

1 4 2 0 Servizzi addizzjonali għas-servizz tat-traduzzjoni

	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 4 2 0	1 624 810	1 437 310	274 810,—
Riżervi (10 0)		*93 750*	
Total	1 624 810	1 531 060	274 810,—

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 2 *(ikompli)*

1 4 2 0 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri nfiq fuq xogħol magħmul minn tradutturi indipendenti jew temporanji u ttajpjar u xogħol ieħor esternalizzat mis-servizz tat-traduzzjoni. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dejjem juża tradutturi indipendenti li isimhom huwa mniżżel fil-listi mfassla wara li tkun saret sejħa għall-offerti għal xogħol bl-appalt fuq livell interistituzzjonali.

Infiq fuq xogħol fdat f'idejn iċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali kollha, huma koperti minn dan il-Punt.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

1 4 2 2 Pariri ta' esperti b'konnessjoni ma' xogħol konsultattiv

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
742 851	742 851	542 851,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti lill-esperti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kif stabbilit fir-regoli attwali dwar ir-rimbors ta' spejjeż tat-trasport u allowances għall-ivvjaġġar u l-laqgħat.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

1 4 2 4 Kooperazzjoni interistituzzjonali u servizzi esterni fil-qasam tal-ġestjoni tal-persunal

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
30 000	30 000	17 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni għandha tkopri l-attivitajiet kollha ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam tal-ġestjoni tal-persunal.

L-approprjazzjoni għandha tkopri wkoll kull servizz estern marbut mal-ġestjoni tal-persunal.

L-ammont ta' dħul assenjat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 9 Approprjazzjoni proviżorja

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni kienet maħsuba li tkopri l-effetti ta' kwalunkwe aġġustament fis-salarji li jiġi deċiż mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja u ġiet inkluża fil-partiti tal-baġit 1 2 0 0, 1 2 0 2 u 1 2 0 4.

Hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal intestaturi oħra bi qbil mar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 65 u l-Anness XI tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

1 6 1 Infiq marbut mal-immaniġġar tal-persunal

1 6 1 0 Infiq ta' reklutaġġ

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
55 000	55 000	48 471,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— infiq ta' organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet kif hemm imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/621/KE u spejjeż tal-ivvjaġġar u sussistenza għal applikanti msejjħa għal intervisti u eżamijiet mediċi,

— l-ispejjeż ta' organizzazzjoni ta' proċeduri biex jintgħażel persunal temporanju, persunal kuntrattwali u persunal lokali.

F'każijiet ġustifikati kif xieraq minħabba eżiġenzi operattivi, u wara li jiġi kkonsultat l-Uffiċċju għall-Għażla tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej, l-istituzzjoni tista' tuża whud minn dawn l-approprjazzjonijiet biex torganizza l-kompetizzjonijiet tagħha stess.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 27 sa 31 u 33 tagħhom u l-Anness III tagħhom.

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 1 *(ikompli)*

1 6 1 0 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li waqqfet l-Uffiċċju għall-Għażla tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53) u d-Deċiżjoni 2002/621/KE tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarji Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, u r-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 dwar l-organizzazzjoni u l-ħidma tal-Uffiċċju għall-Għażla tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

1 6 1 2 Taħriġ professjonali addizzjonali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
586 000	506 000	487 205,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ u ta' taħriġ mill-ġdid kif ukoll korsijiet tal-lingwi għall-persunal, fuq bażi interistituzzjonali. Xi whud mill-approprjazzjonijiet, f'xi każijiet ġustifikati kif xieraq, jistgħu jintużaw biex ikopru l-organizzazzjoni ta' korsijiet fi ħdan l-istituzzjoni,

— l-infiq relatat max-xiri jew mal-produzzjoni ta' materjal pedagoġiku, u għall-studji speċifiċi magħmula minn speċjalisti sabiex jiġu mfassla u implimentati programmi ta' taħriġ,

— korsijiet ta' taħriġ professjonali li jqajmu kuxjenza dwar kwistjonijiet relatati mal-persuni b'diżabilità u miżuri ta' taħriġ b'konnessjoni mal-ugwaljanza fl-opportunitajiet u fil-pariri dwar il-karrieri, speċjalment fir-rigward tal-profili tal-ħiliet,

— nefqiet għall-missjonijiet.

L-ammont ta' dhul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 6 2 ***Missjonijiet***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
432 500	432 500	391 911,—

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għat-trasport, il-ħlas ta' allowance għas-sussistenza ta' kuljum, kif ukoll in-nefqiet addizzjonali jew eċċezzjonali li jkunu saru waqt missjoni.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 10 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 71 tagħhom u Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 6 3 ***Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni***

1 6 3 0 Servizzi soċjali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
32 000	32 000	33 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— bħala parti minn politika interistituzzjonali favur persuni b'diżabilità li jaqgħu taħt il-kategoriji li ġejjin:

  — uffiċjali u aġenti temporanji fis-servizz,

  — il-konjuġi għall-Uffiċjali u l-aġenti temporanji fis-servizz,

  — it-tfal dipendenti kollha kif imfisser fir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

— ir-rimbors, skont il-limitu massimu tal-baġit, meta d-drittijiet (entitlements) nazzjonali mogħtija fil-pajjiż ta' residenza jew ta' oriġini jkunu ntużaw kollha, tal-infiq (mhux mediku) rikonoxxut bħala neċessarju li jirriżulta minn diżabilità li huwa ġġustifikat b'evidenza dokumentata u li mhuwiex rifuż mill-Iskema Konġunta ta' Assigurazzjoni għall-Mard,

— azzjoni li ttieħdet fir-rigward għall-Uffiċjali u l-aġenti l-oħra li jsibu rwieħhom f'sitwazzjonijiet partikolarment diffiċli,

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 3 *(ikompli)*

1 6 3 0 *(ikompli)*

— l-interventi ta' natura medikosoċjali (pereżempju, l-għajnuniet għall-familja, il-kura tat-tfal morda, l-għajnuna psikoloġika jew il-medjazzjoni),

— il-lista ta' spejjeż tas-servizz soċjali.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(3)u l-Artikolu 76 tagħhom.

1 6 3 2 Kuntatti soċjali bejn membri tal-persunal u miżuri soċjali oħra

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
169 000	169 000	157 206,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tinkoraġġixxi u ssostni finanzjarjament kull inizjattiva intiża li tippromwovi r-relazzjonijiet soċjali bejn il-persunal tal-istituzzjoni u biex jiġi żviluppat il-benesseri fuq ix-xogħol.

Hija tkopri wkoll l-għoti ta' sussidju favur il-kumitat tal-persunal biex ikun jista' jieħu sehem fil-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-korpi ta' natura soċjali bħal klabbijiet, għaqdiet sportivi, attivitajiet kulturali, rikreazzjoni, eċċ.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex issostni finanzjarjament il-miżuri ta' natura soċjali adottati mill-istituzzjoni b'kollaborazzjoni stretta mal-Kumitat tal-Persunal (l-Artikolu 1e tar-Regolamenti tal-Persunal).

Hija tkopri wkoll il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex jissussidja l-promozzjoni tal-attivitajiet soċjali, sportivi, pedagoġiċi u kulturali taċ-ċentru interistituzzjonali Ewropew ta' Overijse.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-implimentazzjoni ta' pjan tat-trasport għall-persunal biex jitħeġġeġ l-użu tat-trasport pubbliku, jitnaqqas l-użu tal-karozzi individwali u tiċċekken il-marka tal-karbonju.

1 6 3 4 Servizzi mediċi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
115 000	80 000	66 000,—

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 3 *(ikompli)*

1 6 3 4 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqiet għall-operat tas-servizz mediku fit-tliet postijiet tax-xogħol, inkluż ix-xiri ta' materjal u prodotti farmaċewtiċi, eċċ., in-nefqa għal eżamijiet mediċi ta' prevenzjoni, l-infiq li ġej mill-operat tal-Kumitat għad-Diżabilità u l-infiq fuq servizzi provduti minn speċjalisti mediċi esterni meqjusa neċessarji mill-uffiċjali mediċi.

Hija tkopri wkoll l-infiq għax-xiri ta' ċerti għodod tax-xogħol meqjusa neċessarji għal raġunijiet mediċi.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 500.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 59 tagħhom u l-Artikolu 8 tal-Anness II tagħhom.

1 6 3 6 Ristoranti u l-kantins

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq tal-operat tar-ristoranti.

1 6 3 8 Ċentri għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
570 000	560 000	530 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għan-nefqiet taċ-ċentru tal-Unjoni ta' teħid ħsieb it-tfal u ta' ċentri oħra ta' teħid ħsieb it-tfal għal matul il-jum u ċentri għal wara l-iskola.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju mill-kontribuzzjonijiet tal-ġenituri huwa stmat li hu EUR 10 000.

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 4 Kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej akkreditati

1 6 4 0 Kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribuzzjoni tal-KESE għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej jew ir-rimborż lill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej imħallsa mill-Kummissjoni f'isem u għan-nom il-KESE u abbażi tal-ftehim ta' mandat u servizz iffirmat mal-Kummissjoni. Ser tkopri l-ispejjeż għat-tfal tal-persunal tal-KESE li jattendu Skola Ewropea tat-Tip II.

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

TITOLU 2

BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NFIQ VARJU GĦALL-OPERAT

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 2 0				
2 0 0	***Bini***				
2 0 0 0	Kirjiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 157 194	2 130 628	1 997 952,—	92,62
2 0 0 1	Pagamenti ta' ċnus annwali u nfiq simili				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	11 877 440	11 755 909	11 499 917,—	96,82
2 0 0 3	Akkwist ta' bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
2 0 0 5	Il-kostruzzjoni ta' bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
2 0 0 7	Sistemazzjoni fil-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	197 114	320 328	816 468,—	414,21
2 0 0 8	Infiq ieħor relatat mal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	56 852	56 775	62 078,—	109,19
2 0 0 9	Approprjazzjoni proviżorja li tkopri l-investiment fil-proprjetà tal-istituzzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 2 0 0 — Total	14 288 600	14 263 640	14 376 415,—	100,61
2 0 2	***Infiq ieħor relatat mal-bini***				
2 0 2 2	It-tindif u l-manutenzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 535 931	2 532 507	2 174 187,—	85,74
2 0 2 4	Il-konsum tal-enerġija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	792 631	792 675	460 160,—	58,05
2 0 2 6	Sigurtà u sorveljanza				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 035 451	2 052 711	1 998 457,—	98,18
2 0 2 8	Assigurazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	79 729	79 760	31 785,—	39,87
	Artikolu 2 0 2 — Total	5 443 742	5 457 653	4 664 589,—	85,69
	KAPITOLU 2 0 — TOTAL	19 732 342	19 721 293	19 041 004,—	96,50

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DATA, TAGĦMIR U GĦAMARA: XIRI, KIRI U MANUTENZJONI
KAPITOLU 2 3 — INFIQ AMMINISTRATTIV KURRENTI
KAPITOLU 2 5 — ATTIVITAJIET OPERATTIVI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 2 1				
2 1 0	***Tagħmir, nefqiet għall-operat u servizzi relatati mal-ipproċessar ta' data u t-telekomunikazzjonijiet***				
2 1 0 0	Ix-xiri, l-isservisjar u l-manutenzjoni ta' tagħmir u software, u xogħol relatat				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 547 711	1 514 025	1 603 137,—	103,58
2 1 0 2	Għajnuna minn barra b'rabta mal-operat, l-iżvilupp, u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' software				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 901 512	1 881 843	2 033 836,—	106,96
2 1 0 3	Telekomunikazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 368 304	1 376 959	1 324 454,—	96,80
	Artikolu 2 1 0 — Total	4 817 527	4 772 827	4 961 427,—	102,99
2 1 2	***Għamara***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	173 628	231 188	99 493,—	57,30
2 1 4	***Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	980 073	948 008	988 393,—	100,85
2 1 6	***Vetturi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	130 060	90 000	84 485,—	64,96
	KAPITOLU 2 1 — TOTAL	6 101 288	6 042 023	6 133 798,—	100,53
	KAPITOLU 2 3				
2 3 0	***Kartolerija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	184 859	213 444	162 916,—	88,13
2 3 1	***Tariffi finanzjarji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	6 000	6 000	4 500,—	75,00
2 3 2	***Nefqiet legali u danni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	95 000	85 000	105 270,—	110,81
2 3 6	***Servizzi postali u ħlasijiet marbuta mal-kunsinna***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	102 000	125 000	81 862,—	80,26
2 3 8	***Infiq amministrattiv ieħor***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	129 418	122 446	133 397,—	103,07
	KAPITOLU 2 3 — TOTAL	517 277	551 890	487 945,—	94,33
	KAPITOLU 2 5				
2 5 4	***Laqgħat, konferenzi, kungressi, seminars u avvenimenti oħra***				
2 5 4 0	Infiq varju għal-laqgħat interni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	227 430	227 430	256 892,—	112,95

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 5 — ATTIVITAJIET OPERATTIVI *(ikompli)*
KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
2 5 4	*(ikompli)*				
2 5 4 2	Infiq għall-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'avvenimenti				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	587 745	587 745	492 435,—	83,78
2 5 4 4	Nefqiet għall-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	75 000	74 000	30 767,—	41,02
2 5 4 6	Spejjeż relatati mal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni għall-ospitalità u r-rappreżentazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	129 000	139 000	60 000,—	46,51
2 5 4 8	Interpretazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	8 370 578	8 459 349	7 105 000,—	84,88
	Artikolu 2 5 4 — Total	9 389 753	9 487 524	7 945 094,—	84,61
	KAPITOLU 2 5 — TOTAL	9 389 753	9 487 524	7 945 094,—	84,61
	KAPITOLU 2 6				
2 6 0	***Kommunikazzjoni, informazzjoni u pubblikazzjonijiet***				
2 6 0 0	Kommunikazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	815 500	845 500	757 326,—	92,87
2 6 0 2	Pubblikazzjonijiet u l-promozzjoni tagħhom				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	468 000	470 000	476 294,—	101,77
2 6 0 4	Il-Ġurnal Uffiċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	395 000	430 000	306 439,—	77,58
	Artikolu 2 6 0 — Total	1 678 500	1 745 500	1 540 059,—	91,75
2 6 2	***Akkwist ta' tagħrif, dokumentazzjoni u arkivjar***				
2 6 2 0	Studji, riċerka u seduti				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	155 000	155 000	87 862,—	56,69
2 6 2 2	Infiq għad-dokumentazzjoni u għal-librerija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	165 700	165 700	145 337,—	87,71
2 6 2 4	Infiq għall-arkivjar u ħidma relatata				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	90 805	87 884	42 238,—	46,52
	Artikolu 2 6 2 — Total	411 505	408 584	275 437,—	66,93
	KAPITOLU 2 6 — TOTAL	2 090 005	2 154 084	1 815 496,—	86,87
	Titolu 2 — Total	**37 830 665**	**37 956 814**	**35 423 337,—**	**93,64**

TITOLU 2

BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NFIQ VARJU GĦALL-OPERAT

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI

Kummenti

Kull darba li l-approprjazzjoni tkun maħsuba sabiex tkopri nfiq relatat max-xiri jew il-konklużjoni ta' kuntratt għall-forniment ta' tagħmir jew għall-proviżjoni ta' servizzi, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet li jkunu ġabu.

Bażi ġuridika

Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), b'mod partikolari l-Artikolu 60 tiegħu.

2 0 0 Bini

2 0 0 0 Kirjiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 157 194	2 130 628	1 997 952,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-kera ta' bini u ħlasijiet ta' kiri għal-laqgħat li jinżammu f'bini li mhuwiex okkupat b'mod permanenti.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 0 0 1 Pagamenti ta' ċnus annwali u nfiq simili

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
11 877 440	11 755 909	11 499 917,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti ta' ċnus annwali u nfiq ieħor simili dovut mill-istituzzjoni minħabba l-obbligazzjonijiet tagħha ta' ċnus u xiri.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 0 *(ikompli)*

2 0 0 3 Akkwist ta' bini

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-akkwist ta' proprjetà immobbli. Is-sussidji li jirrigwardaw l-artijiet u l-iżvilupp tagħhom jiġu trattati skont ir-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 0 0 5 Il-kostruzzjoni ta' bini

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex jilqa' l-approprjazzjoni possibbli għall-kostruzzjoni ta' bini.

2 0 0 7 Sistemazzjoni fil-bini

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
197 114	320 328	816 468,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-twettiq ta' xogħlijiet ta' sistemazzjoni, li jinkludu nefqiet speċifiċi bħal mogħdija ta' kejbils u sigurtà u xogħol relatat mar-ristoranti eċċ., kif ukoll infiq ieħor marbut ma' din is-sistemazzjoni, speċjalment l-onorarji tal-periti jew tal-inġiniera, eċċ.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 0 0 8 Infiq ieħor relatat mal-bini

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
56 852	56 775	62 078,—

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 0 *(ikompli)*

2 0 0 8 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-infiq relatat mal-bini li mhuwiex speċifikament previst f'Artikoli oħra ta' dan il-kapitolu, speċjalment għall-assistenza teknika u arkitettonika marbuta ma' studji u l-preparazzjoni u l-monitoraġġ tax-xogħol ta' manutenzjoni u xogħlijiet oħra fil-bini,

— spejjeż għall-adattament tal-bini b'konnessjoni mal-aċċess tal-impjegati u l-viżitaturi b'diżabilità fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kif ġie identifikat minn eżerċizzju ta' awditjar dwar l-aċċess għal nies b'diżabilità, li diġà hemm ftehim dwaru,

— ħlas għall-użu tas-servizzi pubbliċi.

2 0 0 9 Approprjazzjoni proviżorja li tkopri l-investiment fil-proprjetà tal-istituzzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull investiment fil-proprjetà tal-istituzzjoni.

Hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal intestaturi oħra bi qbil mar-Regolament Finanzjarju.

2 0 2 ***Infiq ieħor relatat mal-bini***

2 0 2 2 It-tindif u l-manutenzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 535 931	2 532 507	2 174 187,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-tindif u l-manutenzjoni tal-bini, tal-lifts, tas-sistemi tat-tishin u tal-arja kkundizjonata, tal-bibien li jirreżistu n-nar, kif ukoll għas-sistemi għall-qerda tal-ġrieden, għat-tibjid mill-ġdid u għal xogħol ta' tiswija, u l-manutenzjoni tad-dehra minn barra tal-bini u l-ambjenti tagħhom, inkluż n-nefqiet marbuta mal-istudji, l-analiżi, l-awtorizzazzjonijiet, u l-konformità mal-istandards tal-iskema ta' Treġija u Verifika Ekoloġiċi (EMAS), eċċ.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 5 000.

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 2 *(ikompli)*

2 0 2 4 Il-konsum tal-enerġija

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
792 631	792 675	460 160,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri b'mod partikolari n-nefqiet għall-konsum tal-ilma, il-gass, l-elettriku u tas-sistema tat-tisħin.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 0 2 6 Sigurtà u sorveljanza

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
2 035 451	2 052 711	1 998 457,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex essenzjalment tkopri n-nefqiet għat-tħaris u s-sorveljanza tal-bini.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 0 2 8 Assigurazzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
79 729	79 760	31 785,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet tal-poloz tal-assigurazzjoni.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 10 000.

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DATA, TAGĦMIR U GĦAMARA: XIRI, KIRI U MANUTENZJONI

Kummenti

Kull darba l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri infiq relatat max-xiri jew il-konklużjoni ta' kuntratt għall-forniment ta' tagħmir jew għall-proviżjoni ta' servizzi, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet li huma ġabu.

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DATA, TAGĦMIR U GĦAMARA: XIRI, KIRI U MANUTENZJONI *(ikompli)*

2 1 0 Tagħmir, nefqiet għall-operat u servizzi relatati mal-ipproċessar ta' data u t-telekomunikazzjonijiet

2 1 0 0 Ix-xiri, l-isservisjar u l-manutenzjoni ta' tagħmir u software, u xogħol relatat

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 547 711	1 514 025	1 603 137,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nfiq għax-xiri, l-kiri, l-kura u l-manutenzjoni ta' materjal u "software" tal-istituzzjoni u xogħlijiet relatati.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 1 0 2 Għajnuna minn barra b'rabta mal-operat, l-iżvilupp, u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' software

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 901 512	1 881 843	2 033 836,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża ta' assistenza minn barra minn fornituri ta' servizzi u konsulenti ta' proċessar ta' data b'rabta mal-operat taċ-ċentru ta' proċessar ta' data u n-netwerk, il-produzzjoni u l-manutenzjoni ta' applikazzjonijiet, l-appoġġ għall-utenti, inklużi l-Membri, it-twettiq ta' studji, u t-tfassil u l-input ta' dokumentazzjoni teknika.

L-ammont ta' dħul assenjat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

2 1 0 3 Telekomunikazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 368 304	1 376 959	1 324 454,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-abbonamenti u t-tariffi tal-kejbil u tar-radju (telefonija fissa u mobbli, televiżjoni) kif ukoll il-ħlasijiet relatati man-netwerks għat-trażmissjoni tad-data u mas-servizzi telematiċi. Hija tkopri wkoll il-kofinanzjament tat-tagħmir għall-membri u d-delegati, li permezz tiegħu dawn ikunu jistgħu jirċievu d-dokumenti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew f'format elettroniku.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DATA, TAGĦMIR U GĦAMARA: XIRI, KIRI U MANUTENZJONI *(ikompli)*

2 1 2 Għamara

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
173 628	231 188	99 493,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara inkluż ix-xiri ta' għamara ergonomika u t-tibdil ta' għamara mkagħbra u mkissra u magni tal-uffiċċju.

B'rabta max-xogħlijiet tal-arti, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kemm in-nefqiet tal-akkwist u x-xiri ta' materjal speċifiku u l-infiq kurrenti relatata magħhom fost l-oħrajn it-tqegħid fi gwarnić, ir-restawr, it-tindif, l-assigurazzjoni kif ukoll in-nefqiet tat-trasport meta jkun hemm bżonn.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 5 000.

2 1 4 Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
980 073	948 008	988 393,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi, speċjalment:

— it-tagħmir u l-installazzjonijiet tekniċi diversi, fissi jew mobbli, relatati mal-pubblikazzjoni, l-arkivjar, is-sigurtà, ir-ristoranti u l-bini, eċċ.,

— it-tagħmir b'mod partikolari għall-istampar, għall-arkivjar, għas-servizz telefoniku, għar-ristoranti, għall-ħwienet tal-persunal, għas-sigurtà, għall-konferenzi, għas-settur awdjoviżiv, eċċ.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 35 000.

2 1 6 Vetturi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
130 060	90 000	84 485,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-manutenzjoni, l-użu, it-tiswija ta' vetturi (flotta ta' karozzi u roti) u l-kiri ta' karozzi, taksis, kowċis, trakkijiet, bix-xufier u mingħajr xufier, inkluż il-poloz tal-assigurazzjoni meħtieġa.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 4 000.

KAPITOLU 2 3 — INFIQ AMMINISTRATTIV KURRENTI

2 3 0 Kartolerija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
184 859	213 444	162 916,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri ta' karti, envelops, provvisti għall-uffiċċju, provvisti għall-istampar u għall-ħwienet tax-xogħol tal-fotokopis u n-nefqa għal xogħol ta' stampar li jsir barra.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 10 000.

2 3 1 Tariffi finanzjarji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 000	6 000	4 500,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tariffi bankarji (kummissjonijiet, aġġji, tariffi diversi) u tariffi finanzjarji oħra, inklużi n-nefqiet anċillari għall-iffinanzjar tal-bini.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 100.

2 3 2 Nefqiet legali u danni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
95 000	85 000	105 270,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż kollha li jiġu mill-involviment tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew f'każijiet quddiem il-qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali, l-ispejjeż għas-servizzi legali u x-xiri ta' xogħlijiet legali u tagħmir, u kull nefqa oħra legali, spejjeż tal-qorti jew ta' barra mill-qorti li s-Servizz Legali jikkontribwixxi lejhom,

— id-danni, l-imgħax kif ukoll id-djun relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — INFIQ AMMINISTRATTIV KURRENTI *(ikompli)*

2 3 6 Servizzi postali u ħlasijiet marbuta mal-kunsinna

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
102 000	125 000	81 862,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tariffi postali, l-ipproċessar u l-kunsinna ta' oġġetti permezz tas-servizzi postali jew permezz ta' kumpaniji privati tal-ġarr.

2 3 8 Infiq amministrattiv ieħor

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
129 418	122 446	133 397,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-assigurazzjoni mhux speċifikament imsemmija f'Punt ieħor,

— ix-xiri u l-kura tal-uniformijiet tal-uxxieri, tax-xufiera u l-haddiema tar-rilokazzjonijiet, tal-ħaddiema fis-servizzi mediċi u dawk f'diversi servizzi tekniċi,

— l-ispejjeż kollha relatati max-xogħlijiet ta' rilokazzjoni u manutenzjoni li jsiru minn kumpaniji ta' rilokazzjoni jew minn persunal temporanju appuntat minn aġenziji esterni,

— spejjeż varji għall-operat bħax-xiri tal-iskedi tal-ferroviji u tal-linji tal-ajru, il-pubblikazzjoni ta' notifiki ta' bejgħ ta' tagħmir second hand fil-gazzetti, eċċ.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 500.

KAPITOLU 2 5 — ATTIVITAJIET OPERATTIVI

2 5 4 Laqgħat, konferenzi, kungressi, seminars u avvenimenti oħra

2 5 4 0 Infiq varju għal-laqgħat interni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
227 430	227 430	256 892,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqiet relatati max-xorb, u ta' kultant ikliet ħfief jew ikliet servuti waqt laqgħat interni.

KAPITOLU 2 5 — ATTIVITAJIET OPERATTIVI *(ikompli)*

2 5 4 *(ikompli)*

2 5 4 0 *(ikompli)*

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 5 4 2 Infiq għall-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'avvenimenti

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
587 745	587 745	492 435,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqiet, inklużi spejjeż ta' rappreżentazzjoni kif ukoll l-infiq ta' parteċipazzjoni ta' parteċipanti esterni, relatati ma' (a) avvenimenti organizzati mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (b) kontribuzzjonijiet globali fil-każ li dan l-avveniment jiġi organizzat ma' partijiet terzi u (c) spejjeż marbuta mas-sottokuntrattar tal-organizzazzjoni jew parti mill-organizzazzjoni ta' avveniment.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll infiq li ġej minn (a) żjarat minn delegati ta' gruppi b'interess soċjoprofessjonali fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, (b) il-parteċipazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fl-attivitajiet tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili u (c) l-attivitajiet tal-Assoċjazzjoni tal-ex Membri tal-Kumitat.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu: p.m.

2 5 4 4 Nefqiet għall-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
75 000	74 000	30 767,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri spejjeż għall-operat tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI), ħlief għall-ispejjeż għall-ivvjaġġar u allowances tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u d-delegati tas-CCMI.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 5 4 6 Spejjeż relatati mal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni għall-ospitalità u r-rappreżentazzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
129 000	139 000	60 000,—

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 5 — ATTIVITAJIET OPERATTIVI *(ikompli)*

2 5 4 *(ikompli)*

2 5 4 6 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri spejjeż relatati mal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni għall-ospitalità u r-rappreżentazzjoni.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 5 4 8 Interpretazzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
8 370 578	8 459 349	7 105 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-infiq għas-servizzi tal-interpreti (kemm dawk indipendenti kif ukoll dawk offruti minn xi istituzzjoni oħra) pprovduti lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, inklużi l-onorarji, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-allowance għas-sussistenza tagħhom.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI

2 6 0 ***Kommunikazzjoni, informazzjoni u pubblikazzjonijiet***

2 6 0 0 Kommunikazzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
815 500	845 500	757 326,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta mal-inizjattivi ta' komunikazzjoni u l-informazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kemm jekk huma relatati mal-iskopijiet kif ukoll mal-attivitajiet tal-Kumitat, attivitajiet ta' informazzjoni mmirati lejn il-pubbliku ġenerali, jew organizzazzjonijiet soċjoprofessjonali, rappurtaġġ mill-mezzi tax-xandir tal-konferenzi, kungressi u seminars jew l-organizzazzjoni u r-rappurtaġġ mill-mezzi tax-xandir ta' avvenimenti pubbliċi importanti, inizjattivi kulturali jew attivitajiet oħra varji tal-Kumitat, inkluż il-premju għas-soċjetà ċivili organizzata. Hija tkopri wkoll il-materjali, is-servizzi, oġġetti għall-konsum u provvisti marbuta ma' dawn l-avvenimenti.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI *(ikompli)*

2 6 0 *(ikompli)*

2 6 0 2 Pubblikazzjonijiet u l-promozzjoni tagħhom

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
468 000	470 000	476 294,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqiet tal-pubblikazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fuq il-mezzi kollha tax-xandir biex tippromwovi l-pubblikazzjonijiet u l-informazzjoni ġenerali;

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 50 000.

2 6 0 4 Il-Ġurnal Uffiċjali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
395 000	430 000	306 439,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' stampar għall-pubblikazzjonijiet f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kif ukoll ta' pustaġġ u nefqiet assoċjati.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 125 000.

2 6 2 ***Akkwist ta' tagħrif, dokumentazzjoni u arkivjar***

2 6 2 0 Studji, riċerka u seduti

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
155 000	155 000	87 862,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-seduti mal-esperti fl-oqsma speċifiċi u l-kuntratti għal studji ma' esperti kwalifikati u ma' istituti ta' riċerka.

2 6 2 2 Infiq għad-dokumentazzjoni u għal-librerija

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
165 700	165 700	145 337,—

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI *(ikompli)*

2 6 2 *(ikompli)*

2 6 2 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— it-tkabbir u t-tiġdid ta' xogħlijiet ta' riferenza ġenerali u l-aġġornament tal-volum ta' kotba tal-librerija,

— l-abbonament f'ġurnali, perjodiċi, u aġenziji ta' tagħrif u l-pubblikazzjoni tagħhom u s-servizzi online, inklużi d-drittijiet tal-awtur għar-riproduzzjoni u t-tixrid permezz tal-kitba jew elettronikament ta' dawn l-abbonamenti u l-kuntratti tas-servizz għall-analiżi tal-istampa u artikoli meħudin mill-istampa,

— l-abbonamenti jew il-kuntratti tas-servizzi għall-forniment ta' taqsiriet u ta' analiżi tal-kontenut ta' perjodiċi jew il-ħżin fuq mezzi optiċi ta' artikoli meħudin minn dawn il-perjodiċi,

— l-użu ta' bażijiet ta' data esterni ta' dokumenti u ta' statistiċi, (minbarra materjal tal-kompjuters u nefqiet għat-telekomunikazzjoni),

— l-obbligi li jassumi l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fil-qafas tal-kooperazzjoni internazzjonali u/jew interistituzzjonali,

— ix-xiri jew il-kiri ta' materjali speċjali, inkluż il-faċilitajiet u/jew is-sistemi elettriċi, elettroniċi jew informatiċi għall-librerija, għad-dokumentazzjoni u sistemi u tagħmir multi-medjatiku, kif ukoll ta' servizzi esterni għall-akkwist, l-iżvilupp, l-installazzjoni, l-użu u l-manutenzjoni ta' dawn il-faċilitajiet u sistemi,

— in-nefqiet għas-servizzi marbuta mal-attivitajiet tal-librerija b'mod partikolari dawk provduti lill-utenti tagħha (tiftix, analiżi), is-sistema tal-amministrazzjoni tal-kwalità, eċċ.,

— il-materjal u t-tagħmir għal-legatura u għall-konservazzjoni għal-librerija, għad-dokumentazzjoni u għal-librerija tal-midja,

— in-nefqiet, inklużi għall-materjal għall-pubblikazzjonijiet interni (brochures, studji, eċċ.) inkluż tagħmir għall-komunikazzjoni (bullettini, vidjos, CD-ROMs, eċċ.),

— ix-xiri ta' dizzjunarji u glossarji u xogħlijiet oħra għas-servizzi lingwistiċi.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 500.

2 6 2 4 Infiq għall-arkivjar u ħidma relatata

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
90 805	87 884	42 238,—

KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI *(ikompli)*

2 6 2 *(ikompli)*

2 6 2 4 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqiet għal-legatura ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u diversi brochures,

— in-nefqa għas-servizz tal-arkivjar estern, inkluż l-għażla, il-klassifikazzjoni u r-riklassifikazzjoni, in-nefqa tas-servizzi tal-arkivjar, ix-xiri u t-trasferiment tal-arkivji fuq diversi mezzi (mikrofilm, diski, cassettes, eċċ.), ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' materjali speċjali (elettriċi, elettroniċi, u kompjuterizzati) u n-nefqa għall-pubblikazzjoni fuq il-mezzi kollha tax-xandir (brochures, CD-ROMs, eċċ.).

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 500.

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

TITOLU 10

INFIQ IEĦOR

KAPITOLU 10 0 — APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI
KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA
KAPITOLU 10 2 — RIŻERVA GĦALL-AKKWIST TA' BINI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 10 0	p.m.	433 750	0,—	
	KAPITOLU 10 0 — TOTAL	p.m.	433 750	0,—	
	KAPITOLU 10 1	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 2	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 10 — Total	**p.m.**	**433 750**	**0,—**	
	GRAN TOTAL	**130 171 475**	**129 055 970**	**122 947 165,—**	**94,45**

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

TITOLU 10

INFIQ IEĦOR

KAPITOLU 10 0 — APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	433 750	0,—

KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU 10 2 — RIŻERVA GĦALL-AKKWIST TA' BINI

— l-allokazzjonijiet pagabbli taħt ir-Regolamenti tal-Persunal, ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3518/85 jew ir-Regolament (KE, Euratom, KEFA) Nru 2688/95,

— il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem lejn assikurazzjoni kontra l-mard għar-reċipjenti ta' dan l-allokazzjoni,

— l-impatt tad-differenzi fis-salarji applikabbli lejn diversi allokazzjonijiet.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3518/85 tat-12 ta' Diċembru 1985 li jintroduċi miżuri speċjali biex jittermina s-servizz ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej bħala riżultat tal-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugal (ĠU L 335, 13.12.1985, p. 56) u r-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 2688/95 tas-17 ta' Novembru 1995 li jintroduċi miżuri speċjali biex jittermina is-servizz ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej bħala riżultat tal-adeżjoni tal-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja (ĠU L 280, 23.11.1995, p. 1).

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'mod partikolari l-Artikoli 64 u 72 tagħhom.

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI

1 4 0 ***Persunal ieħor u persuni esterni***

1 4 0 0 Persunal ieħor

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
487 502	407 502	348 639,32

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi l-aktar intenzjonata biex tkopri dan li ġej:

— ir-rimunerazzjoni ta' persunal ieħor li jinkludi persunal lokali u b'kuntratt u esperti speċjali (fil-kuntest tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea), il-kontribuzzjonijiet varji ta' min iħaddem għal skemi tas-sigurtà soċjali u l-impatt tad-differenzi fis-salarji applikabbli għar-rimunerazzjoni ta' dan il-persunal,

— ħlas lill-persunal taħt l-arranġament għal proviżjoni ta' servizzi u, f' każijiet speċjali, l-ingaġġ ta' aġenti tal-persunal temporanji.

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 0 *(ikompli)*

1 4 0 0 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 4 0 4 Borż ta' taħriġ għall-gradwati, għotjiet u skambju ta' uffiċjali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
162 000	155 000	87 551,13

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— allokazzjoni, spejjeż relatati ma' vjaġġar u missjoni, u assikurazzjoni kontra aċċidenti u mard waqt il-korsijiet,

— spejjeż li jqumu miċ-ċaqliq ta' persunal bejn l-Ombudsman u s-settur pubbliku fl-Istati Membri u pajjiżi oħra speċifikati fir-regoli.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li tikkonċerna l-borż ta' taħriġ u d-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li tikkonċerna uffiċjali internazzjonali, nazzjonali u reġjonali jew lokali ssekondati għall-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew.

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

1 6 1 ***Infiq relatat mal-management tal-persunal***

1 6 1 0 Nfiq fuq reklutaġġ

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
5 000	5 000	2 120,23

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— spejjeż rigward l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet provduti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/621/KE u spejjeż ta' vjaġġar u sussistenza għal applikanti li ġew imsejħa għal-intervisti u eżamijiet mediċi,

L-OMBUDSMAN EWROPEW

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 1 *(ikompli)*

1 6 1 0 *(ikompli)*

— l-ispejjeż għall-organizzazzjoni tal-proċeduri biex jintgħażlu uffiċjali u persunal ieħor.

F'każijiet ġustifikati u fejn hemm bżonn u wara konsultazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal, din l-approprjazzjoni tista' tiġi utilizzata għal kompetizzjonijiet organizzati unikament mill-istituzzjoni stess.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikoli 27 sa 31 u 33 u l-Anness III tagħhom.

Deċiżjoni 2002/620/KE tal-25 ta' Lulju 2002 tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti ta l-Awdituri, Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Ombudsman Ewropew tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53) u Deċiżjoni 2002/621/KE tal-25 ta' Lulju 2002 tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarji Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni u r-rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew fuq l-organizzazzjoni u l-operat tal-Uffiċċju għall-Għażla tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

1 6 1 2 Aktar taħriġ

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
95 000	55 000	52 563,54

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqa għat-taħriġ għat-titjib tal-ħiliet tal-persunal u tal-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-istituzzjoni,

— tkopri nfiq fuq spejjeż ta' trasport, il-pagament ta' allokazzjoni ta' ħlas ta' kuljum relatata ma' missjoni u spejjeż addizzjonali jew eċċezzjonali li jsiru waqt ir-rappreżentazzjoni ta' missjoni, li jinkludu spejjeż addizzjonali relatati ma' riservazzjonijiet ta' biljetti (minbarra l-Artikolu 3 0 0).

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 24a tiegħu.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 3 Miżuri li jassistu l-persunal tal-istituzzjoni

1 6 3 0 Benessri Soċjali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— għall-kategoriji ta' persuni li ġejjin, bħala parti mir-regolament interistituzzjonali biex tassiti l-persuni b'diżabilità:

  — uffiċjali u persunal temporanju f'impjiegi attivi,

  — konjuġi ta' uffiċjali u persunal temporanju f'impjieg attiv,

  — it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

  ħlas lura, skont il-limiti tal-baġit u ladarba kwalunkwe ħlasijiet nazzjonali li jkunu intitolati għalih fil-pajjiż ta' residenza jew tal-oriġini jkunu eżawsti, ta' nfiq mhux medikali li jitqies neċessarju, li jirriżulta minn diżabilità, ikun ġustifikat, u ma jkunx kopert mill-Iskema ta' Assikurazzjoni Aġġunta tas-Saħħa,

— azzjoni meħuda fir-rispett ta' uffiċjali u aġenti oħra li qegħdin f'sitwazzjonijiet partikolarment diffiċli.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(3), u l-Artikolu 76 tagħhom.

Id-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew tal-15 ta' Jannar 2004 li taddotta r-regoli dwar l-assistenza soċjali għal uffiċjali u aġenti oħra tal-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew.

1 6 3 2 Kuntratti Soċjali bejn il-membri tal-persunal u miżuri soċjali oħra

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 000	6 000	5 705,18

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tinkoraġġixxi u tipprovdi għajnuna finanzjarja lejn skemi li jippromwovu kuntratti soċjali bejn persunal b'nazzjonalitajiet differenti, eżempji sussidji lil għaqdiet soċjali, assoċjazzjonijiet, attivitajiet kulturali, eċċ. u biex issir kontribuzzjoni għal spejjeż ta' attivitajiet organizzati mill-kumitat tal-persunal (kulturali, attivitajiet leġġeri, ikliet, eċċ.).

Din tkopri wkoll il-parteċipazzjoni finanzjarja f'attivitajiet interistituzzjonali soċjali.

L-OMBUDSMAN EWROPEW

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 5 Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni

1 6 5 0 L-Iskejjel Ewropej

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
275 000	255 000	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-kontribuzzjoni tal-Ombudsman Ewropew lill-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej, jew

— ir-rimbors lill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni lill-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej imħallas mill-Kummissjoni f'isem u għan-nom l-Ombudsman Ewropew u abbażi tal-Ftehim ta' Mandat u Servizz iffirmat mal-Kummissjoni.

Din tkopri l-ispiża għat-tfal tal-persunal tal-Ombudsman Ewropew irreġistrati fi Skola Ewropea tat-Tip II.

Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 4886 tal-1 ta' Awwissu 2013 (ĠU C 222, 2.8.2013, p. 8).

L-OMBUDSMAN EWROPEW

TITOLU 2

BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NFIQ GĦAL OPERAT IEĦOR

KAPITOLU 2 0 — BINI U NFIQ ASSOĊJAT
KAPITOLU 2 1 — IPPROĊESSAR TAD-DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA: XIRI, KIRI, U MANUTENZJONI
KAPITOLU 2 3 — INFIQ AMMINISTRATTIV KURRENTI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 2 0				
2 0 0	***Bini***				
2 0 0 0	Kera				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	860 000	749 000	715 000,—	83,14
	Artikolu 2 0 0 — Total	860 000	749 000	715 000,—	83,14
	KAPITOLU 2 0 — TOTAL	860 000	749 000	715 000,—	83,14
	KAPITOLU 2 1				
2 1 0	***Tagħmir, spejjeż operattivi u servizzi relatati mal-proċess tad-dejta u telekomunikazzjonijiet***				
2 1 0 0	Xiri, manutenzjoni ta' tagħmir u software, u xogħol relatat				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	200 000	133 000	75 457,58	37,73
2 1 0 1	Xiri, manutenzjoni ta' tagħmir relatat mat-telekomunikazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 2 1 0 — Total	200 000	133 000	75 457,58	37,73
2 1 2	***Għamara***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	15 000	15 000	15 000,—	100,00
2 1 6	***Vetturi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	19 000	19 000	19 000,—	100,00
	KAPITOLU 2 1 — TOTAL	234 000	167 000	109 457,58	46,78
	KAPITOLU 2 3				
2 3 0	***Spejjeż tal-operat***				
2 3 0 0	Stationery, fornimenti tal-uffiċċju u konsumabbli oħrajn				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	12 000	18 000	10 752,30	89,60
2 3 0 1	Posta fuq korrispondenza u spejjeż ta' konsenji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	7 000	12 000	4 632,88	66,18

L-OMBUDSMAN EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — INFIQ AMMINISTRATTIV KURRENTI *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
2 3 0	*(ikompli)*				
2 3 0 2	Telekomunikazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	6 000	7 000	4 524,01	75,40
2 3 0 3	Imposti finanzjarji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	500	500	30,70	6,14
2 3 0 4	Infiq ieħor				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 500	4 000	2 851,80	81,48
2 3 0 5	Spejjeż legali u danni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 000	15 000	0,—	0
	Artikolu 2 3 0 — Total	34 000	56 500	22 791,69	67,03
2 3 1	***Traduzzjoni u interpretazzjoni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	315 000	445 000	389 500,—	123,65
2 3 2	***Sapport għall-attivitajiet***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	95 000	95 000	49 845,11	52,47
	KAPITOLU 2 3 — TOTAL	444 000	596 500	462 136,80	104,08
	Titolu 2 — Total	**1 538 000**	**1 512 500**	**1 286 594,38**	**83,65**

TITOLU 2

BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NFIQ GĦAL OPERAT IEĦOR

KAPITOLU 2 0 — BINI U NFIQ ASSOĊJAT

2 0 0 Bini

2 0 0 0 Kera

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
860 000	749 000	715 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata bħala ħlas f'somma sħiħa lill-Parlament Ewropew għall-uffiċini li l-Parlament Ewropew jipprovdi lill-Ombudsman Ewropew fil-bini tagħhom ġewwa Strasburgu u Brussell. Din tkopri l-kera u ħlas ieħor relatat ma' assikurazzjoni, ilma, dawl, heating, tindif u manutenzjoni, sigurtà u sorveljanza u kif ukoll infiq ieħor fuq il-bini li jinkludi, tibdil, tiswija jew rinnovazzjoni tal-uffiċini konċernati.

Bażi ġuridika

Arranġament amministrattiv bejn l-Ombudsman u l-Parlament Ewropew.

KAPITOLU 2 1 — IPPROĊESSAR TAD-DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA: XIRI, KIRI, U MANUTENZJONI

Kummenti

B'konnessjoni mal-akkwist pubbliku, l-istituzzjoni ser tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fuq il-pattijiet kuntrattwali li kull waħda minnhom kisbet.

2 1 0 Tagħmir, spejjeż operattivi u servizzi relatati mal-proċess tad-dejta u telekomunikazzjonijiet

2 1 0 0 Xiri, manutenzjoni ta' tagħmir u software, u xogħol relatat

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
200 000	133 000	75 457,58

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nfiq fuq:

— l-akkwist, kera, manutenzjoni ta' tagħmir u żvilupp ta' software,

— assistenza b'konnessjoni mal-operat u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-ipproċessar tad-dejta,

L-OMBUDSMAN EWROPEW

KAPITOLU 2 1 — IPPROĊESSAR TAD-DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA: XIRI, KIRI, U MANUTENZJONI *(ikompli)*

2 1 0 *(ikompli)*

2 1 0 0 *(ikompli)*

— operazzjonijiet tal-proċess tad-dejta fdati lil terza persuni u nfiq ieħor fuq is-servizz tal-proċess tad-dejta,

— ix-xiri, il-kiri, iż-żamma u l-manutenzjoni tat-tagħmir ta' telekomunikazzjoni u spejjeż oħra li jirrigwardaw it-telekomunikazzjoni (netwerks tax-xandir, switchboards tat-telefon, handsets u tagħmir simili, magni tal-fax, sistemi tat-telex, spejjeż ta' stallazzjoni, eċċ.).

L-ammont ta' dħul assenjat skont Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat għal EUR 1 000.

2 1 0 1 Xiri, manutenzjoni ta' tagħmir relatat mat-telekomunikazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nfiq fuq il-kiri u manutenzjoni ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni u nfiq ieħor relatat ma' telekomunikazzjoni (network tat-trażmissjoni, switchboard tat-telefon, telefones u tagħmir simili, magna tal-fax, sistemi tat-telex, spejjeż ta' installazzjoni, eċċ.).

2 1 2 ***Għamara***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
15 000	15 000	15 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-akkwist, kiri, manutenzjoni u tiswija ta' għamara, li tinkludi l-akkwist ta' għamara ergonomika, it-tibdil ta' għamara mkissra u li tinsab fi stat mhux tajjeb u magni tal-uffiċċju.

2 1 6 ***Vetturi***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
19 000	19 000	19 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri l-akkwist, manutenzjoni, użu u tiswija tal-vetturi (vetturi tas-servizz) u l-kiri ta' vetturi, taxis, coaches u trakkijiet, inkluż u mingħajr xufiera, li jinkludu l-kopertura ta' assigurazzjoni u l-pagament ta' multi eventwali.

KAPITOLU 2 3 — INFIQ AMMINISTRATTIV KURRENTI

2 3 0 Spejjeż tal-operat

Kummenti

B'konnessjoni mal-akkwist pubbliku, l-istituzzjoni ser tikkonsulta ma' istituzzjonijiet oħra fuq it-termini kuntrattwali miksuba.

2 3 0 0 Stationery, fornimenti tal-uffiċċju u konsumabbli oħrajn

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
12 000	18 000	10 752,30

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri l-infiq ta' karti, enveloppi, fornimenti tal-uffiċċju, fornimenti għall-ħanut ta' stampar u workshops ta' riproduzzjoni, eċċ.

L-ammont ta' dhul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat għal EUR 1 000.

2 3 0 1 Posta fuq korrispondenza u spejjeż ta' konsenji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
7 000	12 000	4 632,88

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri spejjeż għal posta, proċessar u konsenji bis-servizz tal-posta jew kumpaniji ta' konsenja privati.

2 3 0 2 Telekomunikazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
6 000	7 000	4 524,01

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri abbonamenti u spejjeż għal kajbil u komunikazzjonijiet bir-radio (telefonija fissa u mobbli, u televiżjoni) kif ukoll infiq fuq networks tat-trażmissjoni tad-dejta u servizzi telematiċi.

2 3 0 3 Imposti finanzjarji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
500	500	30,70

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri spejjeż bankarji (kummissjoni, agios u spejjeż oħra) u spejjeż finanzjarji oħra, li jinkludu spejjeż konnessi ma' ffinanzjar tal-bini.

L-OMBUDSMAN EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — INFIQ AMMINISTRATTIV KURRENTI *(ikompli)*

2 3 0 *(ikompli)*

2 3 0 3 *(ikompli)*

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 10 000.

2 3 0 4 Infiq ieħor

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
3 500	4 000	2 851,80

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri:

— assikurazzjoni mhux speċifikament provduta f'oġġett ieħor,

— spejjeż operattivi oħra, bħal xiri tal-pjan ta' ħinijiet ta' trains u ajruplani, il-pubblikazzjoni ta' avviżi ta' bejgħ ta' tagħmir mhux ġdid ġewwa gazzetti, eċċ.,

— kontijiet ta' Stampar fi Brussell u Strasburgu.

2 3 0 5 Spejjeż legali u danni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
5 000	15 000	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż li jirriżultaw mill-involviment tal-Ombudsman f'każijiet li jitressqu quddiem il-qrati tal-Unjoni u dawk nazzjonali, l-ispiża tas-servizzi legali, u kwalunkwe spiża oħra legali, fil-qorti jew barra l-qorti,

— id-danni, l-interessi u kwalunkwe dejn relatat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament Finanzjarju,

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq l-EUR 1 000.

2 3 1 ***Traduzzjoni u interpretazzjoni***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
315 000	445 000	389 500,—

KAPITOLU 2 3 — INFIQ AMMINISTRATTIV KURRENTI *(ikompli)*

2 3 1 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tas-servizzi supplimentari kollha, b'mod partikolari t-traduzzjoni u l-ittajpjar tar-rapport annwali u dokumenti oħra, interpreti kuntrattwali u okkażjonali u spejjeż oħra assoċjati.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 5 000.

2 3 2 ***Sapport għall-attivitajiet***

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
95 000	95 000	49 845,11

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-ispejjeż maniġerjali globali, pagabbli lill-Parlament Ewropew biex ikopri l-ispejjeż tal-ħin ta' xogħol tal-impjegati lill-Parlament Ewropew talli jipprovdi servizzi ġenerali bħal kontabbiltà, rendikont intern, servizz mediku, eċċ.

Din hija intiża wkoll biex tkopri l-ispejjeż tal-għoti ta' servizzi interistituzzjonali li ma jkunux diġà koperti minn linja oħra baġitarja.

L-OMBUDSMAN EWROPEW

TITOLU 3

INFIQ RIŻULTAT MINN FUNZJONIJIET ĠENERALI MĦARRĠA MILL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI
KAPITOLU 3 2 — GĦELM U INFORMAZZJONI: AKKWIST, ARKIVJU, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
KAPITOLU 3 3 — STUDJI U SUSSIDJI OĦRA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	***Infiq għal missjonijiet mill-persunal***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	157 000	157 000	145 000,—	92,36
3 0 2	***Spejjeż ta' rappreżentazzjoni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	7 000	10 000	1 664,30	23,78
3 0 3	***Laqgħat b'mod ġenerali***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	47 000	36 000	24 650,91	52,45
3 0 4	***Laqgħat Interni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	27 000	35 000	25 889,80	95,89
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	238 000	238 000	197 205,01	82,86
	KAPITOLU 3 2				
3 2 0	***Akkwist ta' informazzjoni u għelm***				
3 2 0 0	Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	8 000	10 000	4 999,61	62,50
3 2 0 1	Nefqa fuq ir-riżorsi tal-arkivji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	15 000	15 000	15 000,—	100,00
	Artikolu 3 2 0 — Total	23 000	25 000	19 999,61	86,95
3 2 1	***Produzzjoni u disseminazzjoni***				
3 2 1 0	Komunikazzjoni u Pubblikazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	219 000	310 000	189 150,63	86,37
	Artikolu 3 2 1 — Total	219 000	310 000	189 150,63	86,37
	KAPITOLU 3 2 — TOTAL	242 000	335 000	209 150,24	86,43
	KAPITOLU 3 3				
3 3 0	***Studji u sussidji***				
3 3 0 0	Studji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	17 800	2 800	2 700,—	15,17

KAPITOLU 3 3 — STUDJI U SUSSIDJI OĦRA *(ikompli)*
KAPITOLU 3 4 — INFIQ RELATAT MAL-FUNZJONI TAL-OMBUDSMAN

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
3 3 0	*(ikompli)*				
3 3 0 1	Ir-relazzjonijiet mal-Ombudsman nazzjonali/reġjonali u entitajiet simili oħra u appoġġ għall-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsman				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	22 620,10	
	Artikolu 3 3 0 — Total	17 800	2 800	25 320,10	142,25
	KAPITOLU 3 3 — TOTAL	17 800	2 800	25 320,10	142,25
	KAPITOLU 3 4				
3 4 0	***Infiq relatat mal-funzjoni tal-Ombudsman***				
3 4 0 0	Infiq ieħor				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 500	1 500	2 100,—	140,00
	Artikolu 3 4 0 — Total	1 500	1 500	2 100,—	140,00
	KAPITOLU 3 4 — TOTAL	1 500	1 500	2 100,—	140,00
	Titolu 3 — Total	**499 300**	**577 300**	**433 775,35**	**86,88**

L-OMBUDSMAN EWROPEW

TITOLU 3

INFIQ RIŻULTAT MINN FUNZJONIJIET ĠENERALI MĦARRĠA MILL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI

3 0 0 Infiq għal missjonijiet mill-persunal

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
157 000	157 000	145 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri nfiq fuq spejjeż ta' trasport, il-pagament ta' allokazzjoni ta' ħlas ta' kuljum relatata ma' missjoni u spejjeż addizzjonali jew eċċezzjonali li jsiru waqt ir-rappreżentazzjoni ta' missjoni, li jinkludu spejjeż addizzjonali relatati ma' riservazzjonijiet ta' biljetti.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 5 000.

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 u l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tagħhom.

3 0 2 Spejjeż ta' rappreżentazzjoni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
7 000	10 000	1 664,30

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri spejjeż relatati mal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni fejn jikkonċerna riċevimenti, spejjeż ta' rappreżentazzjoni u x-xiri ta' oġġetti, għall-iskop biex jiġu offruti, li jirrappreżentaw lill-Ombudsman.

3 0 3 Laqgħat b'mod ġenerali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
47 000	36 000	24 650,91

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri l-ivvjaġġar, spejjeż ta' sussistenza u f' każ ta' inċidenti, lill-esperti u persuni oħra mistiedna biex jieħdu sehem f'kumitati, gruppi ta' studju jew laqgħat ta' xogħol, kif ukoll spejjeż konċernati (kiri ta' kmamar, bżonn ta' interpretazzjoni, eċċ.).

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI *(ikompli)*

3 0 4 Laqgħat Interni

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
27 000	35 000	25 889,80

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri l-ispejjeż relatati mal-organizzazzjoni tal-laqgħat interni tal-istituzzjoni.

KAPITOLU 3 2 — GĦELM U INFORMAZZJONI: AKKWIST, ARKIVJU, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI

3 2 0 Akkwist ta' informazzjoni u għelm

3 2 0 0 Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
8 000	10 000	4 999,61

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-estensjoni u tiġdid tas-sezzjoni ġenerali u ż-żamma tal-istokk tal-librerija aġġornat,

— abbonamenti għall-gazzetti u perjodiċi u aġenziji tal-aħbarijiet u tal-pubblikazzjonijiet tagħhom, li jinkludu ħlas tal-*copyrights* għar-riproduzzjoni u disseminazzjoni ta' dan imsemmi hawn fuq, bil-miktub u/jew bil-forma elettronika u kuntratti għas-servizzi tal-istampa u artikoli,

— abbonamenti jew kuntratti għas-servizzi għal-proviżjoni ta' summarji u analiżi tal-kontenut tal-perjodiċi jew il-ħażna ta' artikoli bl-optical media meħuda minn dawn il-perjodiċi,

— l-użu estern ta' databases dokumentarji u statistiċi (hardware tal-kompjuter u ħlas għat-telekomunikazzjoni aċċettat),

— l-akkwist jew il-kiri ta' librerija speċjali, materjal ta' dokumentazzjoni u tal-media li jinkludu faċilitajiet u sistemi tal-kompjuter elettriċi u elettroniċi, kif ukoll servizz minn barra għall-akkwist, żvilupp, installazzjoni, użu u manutenzjoni ta' dawn il-faċilitajiet u sistemi,

— l-ispiża għas-servizzi relatati ma' attivitajiet li jikkonċernaw il-librerija, b'mod partikolari negozjar mal-konsumaturi (mistoqsijiet, analiżi) u sistema maniġerjali ta' kwalità, eċċ.,

— tagħmir li jgħaqqad u jippreserva xogħol tal-librerija, dokumentazzjoni u librerija tal-media,

— l-akkwist ta' dizzjunarji, glossarji u xogħol ieħor għas-servizzi tal-Ombudsman Ewropew.

L-OMBUDSMAN EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — GĦELM U INFORMAZZJONI: AKKWIST, ARKIVJU, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI *(ikompli)*

3 2 0 *(ikompli)*

3 2 0 1 Nefqa fuq ir-riżorsi tal-arkivji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
15 000	15 000	15 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispiża ta' servizzi esterni għall-operazzjoni ta' arkivjar, li tinkludi l-għażla, filing u refiling fid-depożitorji, l-ispiża tas-servizzi ta' arkivjar, l-akkwist u l-użu ta' riżorsi ta' arkivji fuq media sostituta (microfilms, discs, cassettes, eċċ.), l-akkwist, kiri u manutenzjoni ta' faċilitajiet speċjali (elettroniċi, kompjuterizzati u elettriċi) u nfiq fuq pubblikazzjonijiet dwar il-media kollha (fuljetti, CD-ROM, eċċ.),

— l-ispiża ta l-ipproċessar tal-karti tal-Ombudsman li ġew akkumulati waqt l-eżerċizzju tal-ħidma fl-uffiċċju u li ġew mogħtija lura fil-forma ta' donazzjonijiet legali, lill-Parlament Ewropew, lill-Arkivji Storiċi tal-Unjoni Ewropea (HAEU) jew lill-assoċjazzjoni jew fondazzjoni taħt ir-regoli stabbiliti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43), u l-miżuri ta' implimentazzjoni adottati mill-Uffiċċju tal-Ombudsman.

3 2 1 ***Produzzjoni u disseminazzjoni***

3 2 1 0 Komunikazzjoni u Pubblikazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
219 000	310 000	189 150,63

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nfiq fuq pubblikazzjoni u informazzjoni, u b'mod partikolari:

— spejjeż ta' stampar tal-pubblikazzjonijiet f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

— l-ispiża ta' stampar u riproduzzjoni, fil-lingwi uffiċjali, ta' pubblikazzjonijiet varji (rapport annwali, eċċ.),

— materjal stampat (b'metodi tradizzjonali u elettroniċi) biex jippromwovu informazzjoni dwar l-Ombudsman (pubbliċità u miżuri biex issir promozzjoni dwar il-prinċipju tal-Ombudsman Ewropew lill-pubbliku in ġenerali),

— spejjeż oħra konnessi mal-politika ta' informazzjoni tal-istituzzjoni (symposia, seminars, parteċipazzjoni f'eventi pubbliċi, eċċ.).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 1 000.

KAPITOLU 3 3 — STUDJI U SUSSIDJI OĦRA

3 3 0 Studji u sussidji

3 3 0 0 Studji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
17 800	2 800	2 700,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri l-iffinanzjar ta' studji u/jew servejs li ġew mogħtija bħala kuntratt lill-esperti kwalifikati u istituti ta' riċerka, kif ukoll l-ispejjeż ta' pubblikazzjoni ta' dawn l-istudji u spejjeż oħra assoċjati magħhom.

3 3 0 1 Ir-relazzjonijiet mal-Ombudsman nazzjonali/reġjonali u entitajiet simili oħra u appoġġ għall-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsman

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	22 620,10

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri nfiq magħmul biex issir promozzjoni fir-relazzjonijiet u biex tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Ombudsman nazzjonali/reġjonali u korpi oħra simili.

Tista' tkopri b'mod partikolari, kontribuzzjonijiet finanzjarji għal proġetti fl-attivitajiet tan-Network Ewropew tal-Ombudsman (minbarra l-Partita 3 2 1 0).

Hi wkoll intenzjonata biex tkopri kull kontribuzzjoni relatata ma' gruppi ta' viżitaturi għand l-Ombudsman.

KAPITOLU 3 4 — INFIQ RELATAT MAL-FUNZJONI TAL-OMBUDSMAN

3 4 0 Infiq relatat mal-funzjoni tal-Ombudsman

3 4 0 0 Infiq ieħor

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1 500	1 500	2 100,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri nfiq li jirriżulta min-natura speċjali tad-dmirijiet tal-Ombudsman bħal relazzjonijiet ma' Ombudsman nazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali ta' Ombudsman u abbonamenti għal organizzazzjonijiet internazzjonali.

L-OMBUDSMAN EWROPEW

TITOLU 10

INFIQ IEĦOR

KAPITOLU 10 0 — APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI
KAPITOLU 10 1 — RISERVA TA' KONTINĠENZA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 10 0	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 10 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**	
	GRAN TOTAL	**10 658 951**	**10 346 105**	**9 647 512,07**	**90,51**

L-OMBUDSMAN EWROPEW

TITOLU 10

INFIQ IEĦOR

KAPITOLU 10 0 — APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Bażi ġuridika

Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

KAPITOLU 10 1 — RISERVA TA' KONTINĠENZA

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi intenzjonata biex tkopri nfiq li jirriżulta minn deċiżjonijiet baġitarji meħuda waqt is-sena finanzjarja (infiq li ma jistax jiġi stmat).

L-OMBUDSMAN EWROPEW

PERSUNAL

Taqsima VIII — Ombudsman Ewropew

Grupp ta' funzjoni u gradi	2016		2015	
	Postijiet għal xogħol permanenti	Postijiet għal xogħol temporanju	Postijiet għal xogħol permanenti	Postijiet għal xogħol temporanju
AD 16		1	1	
AD 15	2		2	
AD 14	1		1	
AD 13	4		4	
AD 12		1		1
AD 11	1	1	1	1
AD 10	3	2	3	2
AD 9	3	1	3	
AD 8	2	1	2	2
AD 7	5	1	3	1
AD 6	7		8	
AD 5	2	1	2	1
Total AD	30	9	30	8
AST 11				
AST 10				
AST 9				
AST 8		2		2
AST 7	1	1	1	1
AST 6	5		2	
AST 5	2	3	5	3
AST 4	3	3	3	3
AST 3	4	1	4	1
AST 2			1	1
AST 1	1		1	
Total AST	16	10	17	11
AST/SC 6				
AST/SC 5				
AST/SC 4				
AST/SC 3	1			
AST/SC 2				
AST/SC 1				
AST/SC total	1			
Total komplessiv	**47**	**19**	**47**	**19**
Persunal totali	**66**		**66**	

TAQSIMA IX

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

DĦUL

Kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tan-nefqa tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għas-sena finanzjarja 2016

Intestatura	Ammont
Nefqa	9 288 043
Riżorsi proprji	– 972 000
Kontribuzzjoni dovuta	**8 316 043**

RIŻORSI PROPRJI

TITOLU 4

MIXXELLANJA TA' TAXXI, IMPOSTI U MIŻATI TAL-UNJONI

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-REMUNERAZZJONI
KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	***Rikavat mit-taxxa fuq is-salarji, l-pagi u l-allokazzjonijiet tal-membri tal-istituzzjoni, għall-Uffiċjali u tal-aġenti l-oħra***	495 000	497 000	383 011,20	77,38
4 0 3	***Ħlasijiet tal-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament***	p.m.	p.m.	0,13	
4 0 4	***Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-Membri tal-istituzzjoni, għall-Uffiċjali u ta' aġenti oħra f'impjieg attiv***	83 000	81 000	72 176,49	86,96
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	578 000	578 000	455 187,82	78,75
	KAPITOLU 4 1				
4 1 0	***Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni***	394 000	381 000	325 035,78	82,50
4 1 1	***Trasferimenti jew rifużjonijiet tad-drittijiet għall-pensjoni mill-ħaddiema***	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	394 000	381 000	325 035,78	82,50
	Titolu 4 — Total	**972 000**	**959 000**	**780 223,60**	**80,27**

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

TITOLU 4

MIXXELLANJA TA' TAXXI, IMPOSTI U MIŻATI TAL-UNJONI

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-REMUNERAZZJONI

4 0 0 Rikavat mit-taxxa fuq is-salarji, l-pagi u l-allokazzjonijiet tal-membri tal-istituzzjoni, għall-Uffiċjali u tal-aġenti l-oħra

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
495 000	497 000	383 011,20

Bażi ġuridika

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

4 0 3 Ħlasijiet tal-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-membri tal-istituzzjoni, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,13

Bażi ġuridika

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MIR-REMUNERAZZJONI *(ikompli)*

4 0 3 *(ikompli)*

Ir-Regoli tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b-mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

4 0 4 ***Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-Membri tal-istituzzjoni, għall-Uffiċjali u ta' aġenti oħra f'impjieg attiv***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
83 000	81 000	72 176,49

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tiegħu.

KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI

4 1 0 ***Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
394 000	381 000	325 035,78

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(2) tiegħu.

4 1 1 ***Trasferimenti jew rifużjonijiet tad-drittijiet għall-pensjoni mill-ħaddiema***

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Bażi ġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4, l-Artikolu 11(2) u (3), u l-Artikolu 48 tal-Anness VIII tiegħu.

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

TITOLU 9

DĦUL MIXXELLANJU

KAPITOLU 9 0 — DĦUL MIXXELLANJU

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 9 0				
9 0 0	***Dħul mixxellanju***	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 9 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 9 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**	
	GRAN TOTAL	**972 000**	**959 000**	**780 223,60**	**80,27**

TITOLU 9

DĦUL MIXXELLANJU

KAPITOLU 9 0 — DĦUL MIXXELLANJU

9 0 0 Dħul mixxellanju

Sena finanzjarja 2016	Sena finanzjarja 2015	Sena finanzjarja 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirċievi dħul mixxelanju.

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

NEFQA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2016 u 2015) u eżitu (2014)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
1	**INFIQ RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI**			
1 0	MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI	889 066	998 083	815 564,57
1 1	PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI	5 200 046	4 981 725	4 625 724,03
	Titolu 1 — Total	**6 089 112**	**5 979 808**	**5 441 288,60**
2	**BINI, TAGĦMIR U NFIQ RELATAT MAT-TĦADDIM TAL-ISTITUZZJONI**			
2 0	BINI, TAGĦMIR U NFIQ RELATAT MAT-TĦADDIM TAL-ISTITUZZJONI	2 445 750	2 314 436	2 321 000,—
	Titolu 2 — Total	**2 445 750**	**2 314 436**	**2 321 000,—**
3	**BORD EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-*DATA***			
3 0	NEFQA B'RABTA MAL-FUNZJONAMENT TAL-BORD	753 181	511 173	0,—
	Titolu 3 — Total	**753 181**	**511 173**	**0,—**
10	**INFIQ IEĦOR**			
10 0	APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI	p.m.	p.m.	0,—
10 1	RIŻERVA TA' KONTINĠENZA	p.m.	p.m.	0,—
	Titolu 10 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**
	GRAN TOTAL	**9 288 043**	**8 805 417**	**7 762 288,60**

TITOLU 1

INFIQ RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI
KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
	KAPITOLU 1 0				
1 0 0	***Remunerazzjoni, allokazzjonijiet u drittijiet oħra tal-membri***				
1 0 0 0	Remunerazzjoni u allokazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	640 940	627 689	588 087,43	91,75
1 0 0 1	Drittijiet marbuta mad-dħul fi u t-tluq mis-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	—	130 000,—	
1 0 0 2	Allokazzjonijiet proviżorji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	163 732	296 000	0,—	0
1 0 0 3	Pensjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	38 083,14	
1 0 0 4	Approprjazzjoni proviżorja				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 1 0 0 — Total	804 672	923 689	756 170,57	93,97
1 0 1	***Infiq ieħor relatat mal-Membri***				
1 0 1 0	Taħriġ tal-persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	25 000	15 000	0,—	0
1 0 1 1	Missjonijiet, ivvjaġġar fuq xogħol u infiq inċidentali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	59 394	59 394	59 394,—	100,00
	Artikolu 1 0 1 — Total	84 394	74 394	59 394,—	70,38
	KAPITOLU 1 0 — TOTAL	889 066	998 083	815 564,57	91,73
	KAPITOLU 1 1				
1 1 0	***Remunerazzjoni, allokazzjonijiet u drittijiet oħra għall-Uffiċjali u l-aġenti temporanji***				
1 1 0 0	Remunerazzjoni u allokazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 328 815	4 105 808	3 507 731,96	81,03
1 1 0 1	Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, mat-trasferiment u mat-tluq mis-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	50 000	50 000	10 000,—	20,00
1 1 0 2	Ħin supplementari imħallas				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
1 1 0 3	Għotjiet għal assistenza speċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	—	0,—	

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014	% 2014/2016
1 1 0	*(ikompli)*				
1 1 0 4	Allokazzjonijiet u kontribuzzjonijiet mixxellanji mat-tmiem bikri mis-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
1 1 0 5	Approprjazzjoni proviżorja				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	—	0,—	
	Artikolu 1 1 0 — Total	4 378 815	4 155 808	3 517 731,96	80,34
1 1 1	***Aġenti oħra***				
1 1 1 0	Persunal b'kuntratt				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	272 070	251 756	727 183,02	267,28
1 1 1 1	Spiża relatata ma' apprendistati u skambju ta' persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	179 428	179 428	99 428,—	55,41
1 1 1 2	Servizzi u xogħol li għandu jingħata b'kuntratt lil aġenti esterni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	51 202	51 202	2 703,80	5,28
	Artikolu 1 1 1 — Total	502 700	482 386	829 314,82	164,97
1 1 2	***Infiq ieħor relatat mal-persunal***				
1 1 2 0	Spejjeż għall-missjonijiet, spejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż oħra anċillari				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	132 398	157 398	112 686,—	85,11
1 1 2 1	Spejjeż għar-reklutaġġ				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	6 789	6 789	14 211,—	209,32
1 1 2 2	Taħriġ tal-persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	78 500	78 500	78 500,—	100,00
1 1 2 3	Servizz soċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
1 1 2 4	Servizz mediku				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	14 844	14 844	7 422,—	50,00
1 1 2 5	Ċentru tal-Unjoni ta' tfal ħsieb it-tfal u ċentri oħrajn ta' tfal ħsieb it-tfal matul il-jum u ċentri ta' wara l-iskola				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	80 000	80 000	60 000,—	75,00
1 1 2 6	Relazzjonijiet bejn il-membri tal-persunal u interventi soċjali oħrajn				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	6 000	6 000	5 858,25	97,64
	Artikolu 1 1 2 — Total	318 531	343 531	278 677,25	87,49
	KAPITOLU 1 1 — TOTAL	5 200 046	4 981 725	4 625 724,03	88,96
	Titolu 1 — Total	**6 089 112**	**5 979 808**	**5 441 288,60**	**89,36**

TITOLU 1

INFIQ RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI

1 0 0 Remunerazzjoni, allokazzjonijiet u drittijiet oħra tal-membri

1 0 0 0 Remunerazzjoni u allokazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
640 940	627 689	588 087,43

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-finanzjament tas-salarji u l-allokazzjonijiet tal-membri, kif ukoll l-impatt tal-koefiċenti ta' korrezzjoni applikabbli għar-remunerazzjoni u għall-parti tal-emolumenti trasferiti lejn pajjiż ieħor minn dak tal-impjieg,

— il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni (0,87 %) lejn l-assigurazzjoni kontra r-riskji ta' inċident u ta' mard professjonali,

— il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni (3,4 %) lejn l-assigurazzjoni kontra l-mard,

— l-għotjiet għat-twelid,

— l-allokazzjonijiet f'każ ta' mewt.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1).

1 0 0 1 Drittijiet marbuta mad-dħul fi u t-tluq mis-servizz

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	—	130 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' ivvjaġġar tal-membri (inklużi tal-familji tagħhom) hekk kif jidħlu fis-servizz jew iħallu s-servizz, l-allokazzjonijiet ta' installazzjoni jew ta' installazzjoni mill-ġdid hekk kif jidħlu fi jew iħallu istituzzjoni u r-rimborż tal-ispejjeż relatati mat-traslokazzjoni hekk kif jidħlu fi jew iħallu l-istituzzjoni.

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 0 0 *(ikompli)*

1 0 0 1 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu.

1 0 0 2 Allokazzjonijiet proviżorji

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
163 732	296 000	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allokazzjonijiet proviżorji, l-allokazzjonijiet tal-familja kif ukoll il-koefiċenti korrettiv applikat fir-rigward tal-pajjiżi ta' residenza ta' membri preċedenti tal-istituzzjoni.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu.

1 0 0 3 Pensjonijiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	38 083,14

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pensjonijiet għall-irtir u l-koefiċenti korrettiv applikat fir-rigward tal-pajjiżi ta' residenza ta' membri tal-istituzzjoni kif ukoll il-pensjonijiet tar-romol u tal-iltiema u l-koefiċenti korrettiv applikat fir-rigward tal-pajjiżi ta' residenza tagħhom.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikoli 8, 9, 15 u 18 tiegħu.

KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 0 0 *(ikompli)*

1 0 0 4 Approprjazzjoni proviżorja

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-effett ta' kwalunkwe aġġustament fir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet li jista' jsir mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

Din l-approprjazzjoni hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha lejn intestaturi oħra f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

1 0 1 ***Infiq ieħor relatat mal-Membri***

1 0 1 0 Taħriġ tal-persunal

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
25 000	15 000	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq relatat mal-korsijiet tal-lingwi, seminars u korsijiet ta' taħriġ professjonali.

1 0 1 1 Missjonijiet, ivvjaġġar fuq xogħol u infiq inċidentali

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
59 394	59 394	59 394,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' ivvjaġġar, l-allokazzjonijiet ta' sussistenza ta' kuljum matul missjoni u spejjeż addizzjonali jew eċċezzjonali li jsiru matul missjoni.

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 0 1 *(ikompli)*

1 0 1 1 *(ikompli)*

Bażi ġuridika

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu.

KAPITOLU 1 1 — PERSUNAL TAL-ISTITUZZJONI

1 1 0 ***Remunerazzjoni, allokazzjonijiet u drittijiet oħra għall-Uffiċjali u l-aġenti temporanji***

1 1 0 0 Remunerazzjoni u allokazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2016	Approprjazzjonijiet 2015	Eżitu 2014
4 328 815	4 105 808	3 507 731,96

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— is-salarji ta' bażi għall-Uffiċjali u l-aġenti temporanji,

— l-allokazzjonijiet għall-familja, inklużi l-allokazzjonijiet għall-kap tal-familja, l-allokazzjonijiet għat-tfal dipendenti u l-allokazzjonijiet għall-edukazzjoni,

— l-allokazzjoni għall-espatrijazzjoni u r-residenza barranija,

